Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16345/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0383 (COD)

EF 398
ECOFIN 1673
CODEC 2033

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 943 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, Nru 648/2012, Nru 600/2014, Nru 909/2014, 2015/2365, 2019/1156, 2021/23, 2022/858, 2023/1114, Nru 1060/2009, 2016/1011, 2017/2402, 2023/2631 u 2024/3005 fir-rigward tal-iżvilupp ulterjuri tal-integrazzjoni u s-superviżjoni tas-suq kapitali fl-Unjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 943 final.

Mehmuż: COM(2025) 943 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.12.2025
COM(2025) 943 final

2025/0383 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, Nru 648/2012, Nru 600/2014, Nru 909/2014, 2015/2365, 2019/1156, 2021/23, 2022/858, 2023/1114, Nru 1060/2009, 2016/1011, 2017/2402, 2023/2631 u 2024/3005 fir-rigward tal-iżvilupp ulterjuri tal-integrazzjoni u s-superviżjoni tas-suq kapitali fl-Unjoni

{SEC(2025) 943 final} - {SWD(2025) 943 final} - {SWD(2025) 944 final}

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

It-tiġdid tal-ekonomija tal-UE u t-tisħiħ tal-pożizzjoni internazzjonali tagħha huma ċentrali għall-mandat tal-Kummissjoni Ewropea. Kif ġie ddikjarat fir-rapporti ta' Draghi u Letta[1] u fil-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni 2024-2029,[2]hija meħtieġa azzjoni urġenti biex tittejjeb il-prestazzjoni ekonomika u biex jiġi żgurat li l-UE tkun tista' tiddeċiedi l-futur tagħha stess. Il-Boxxla għall-Kompetittività[3] tistabbilixxi pjan komprensiv biex issaħħaħ l-ekonomija tal-UE u tisfrutta l-potenzjal tagħha, bl-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (SIU, Savings and Investments Union) taġixxi bħala faċilitatur ewlieni għal dan il-pjan. F'Marzu 2025, il-Kummissjoni żvelat l-istrateġija tal-SIU tagħha.[4] Din għandha l-għan li tagħmilha aktar faċli għaċ-ċittadini biex ikabbru l-ġid tagħhom billi jinvestu fis-swieq kapitali, iżidu l-kapaċità ta' investiment fl-UE, u jintegraw is-swieq kapitali tal-UE. Billi tneħħi l-ostakli fis-swieq finanzjarji u tiffaċilita l-flussi ta' kapital transfruntieri, l-istrateġija tal-SIU tista' tappoġġa l-ekonomija tal-UE, tistimula l-ħolqien tal-impjiegi, u ssaħħaħ il-kompetittività.

Il-ħtieġa ta' azzjoni urġenti ġiet rikonoxxuta b'mod wiesa' fl-ogħla livell politiku, inkluż f'dikjarazzjonijiet u sejħiet għal azzjoni mill-Parlament Ewropew[5], il-Kunsill Ewropew[6], il-Grupp tal-Euro[7], is-Summit taż-Żona tal-Euro[8], u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)[9]. Il-Fond Monetarju Internazzjonali ("FMI")[10] u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp

---

1 E. Letta "Report on the Future of the Single Market". Disponibbli hawn: https://single-market-economy.ec.europa.eu/news/enrico-lettas-report-future-single_market-2024-04-10_en; Mario Draghi, 'The Future of European Competitiveness,' 2025. https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness/draghi-report_mt

2 Linji gwida politiċi 2024-2029 | Il-Kummissjoni Ewropea. https://commission.europa.eu/document/e6cd4328-673c-4e7a-8683-f63ffb2cf648_mt

3 COM(2025) 30 final. https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness/competitiveness-compass_mt

4 Strateġija għall-unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti biex jissaħħu l-opportunitajiet finanzjarji għaċ-ċittadini u n-negozji tal-UE - Finanzi

5 https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-10-2025-0185_MT.pdf

6 https://www.consilium.europa.eu/media/zoljulqg/euco-conclusions-20240417-18-mt.pdfhttps://www.consilium.europa.eu/media/35xl4gbr/european-council-conclusions-mt.pdf

7 https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/03/11/statement-of-the-eurogroup-in-inclusive-format-on-the-future-of-capital-markets-union/

8 "*Aħna nissottolinjaw is-sens ta' urġenza u r-responsabbiltà kondiviża għal progress rapidu u deċiżiv f'Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti b'enfasi partikolari fuq l-Unjoni tas-Swieq Kapitali biex jiġi mobilizzat it-tfaddil u jiġi sfruttat il-finanzjament tal-investimenti meħtieġa biex tiġi appoġġata l-kompetittività tal-UE".* Ara l-laqgħa tas-Summit tal-Euro (l-20 ta' Marzu 2025) – Dikjarazzjoni – il-paġna 1, https://www.consilium.europa.eu/media/ce3fkikz/20250320-euro-summit-statement-en.pdf

9 Bank Ċentrali Ewropew: "Capital markets union: a deep dive". Rivedut f'Mejju 2025. Disponibbli hawn: https://www.ecb.europa.eu/pub/pdf/scpops/ecb.op369~246a103ed8.mt.pdf?503a501a41fd4b4659d3b0616c405190

10 Fond Monetarju Internazzjonali: "A Recovery Short of Europe's Full Potential", 24 ta' Ottubru 2024. Disponibbli hawn: https://www.imf.org/en/Publications/REO/EU/Issues/2024/10/24/regional-economic-outlook-Europe-october-2024

Ekonomiċi ("OECD", Organisation for Economic Cooperation and Development)[11] appellaw ukoll għal azzjoni biex jiġu indirizzati l-ostakli li fadal għall-integrazzjoni tas-suq finanzjarju.

L-implimentazzjoni tal-SIU teħtieġ miżuri politiċi komprensivi li se jkollhom impatt fuq diversi aspetti tas-sistema finanzjarja tal-UE, b'approċċ olistiku li jinkludi kemm is-swieq kapitali kif ukoll is-settur bankarju. Dawn il-miżuri huma miġbura f'erba' pilastri interkonnessi: (i) iċ-ċittadini u t-tfaddil, (ii) l-investimenti u l-finanzjament, (iii) l-integrazzjoni u tas-suq u l-iskala; u (iv) superviżjoni effiċjenti. Din l-inizjattiva leġiżlattiva tiffoka fuq l-integrazzjoni tas-suq u l-iskala, u s-superviżjoni effiċjenti.

Din l-inizjattiva leġiżlattiva tiffoka fuq l-ostakli li jirriżultaw min-nuqqas ta' armonizzazzjoni tar-regoli u l-approċċi superviżorji tal-UE li jirriżultaw fil-frammentazzjoni u fil-prestazzjoni aħar minn dik mistennija tas-swieq kapitali tal-UE. Dawn l-ostakli jfixklu l-isforzi mmexxija mis-suq biex jespandu n-negozju u jibnu l-kapaċitajiet fis-suq uniku kollu permezz ta' attivitajiet transfruntieri. Dawn ifixklu wkoll l-użu ta' teknoloġiji diġitali innovattivi fi tliet oqsma li huma essenzjali għall-funzjonament bla xkiel u effiċjenti tas-swieq kapitali tal-UE, jiġifieri n-negozjar, il-postnegozjar u l-immaniġġjar tal-assi.

Minkejja l-armonizzazzjoni tal-oqfsa regolatorji u l-eżistenza ta' passaporti tas-servizzi finanzjarji, il-frammentazzjoni persistenti bħala riżultat ta' dawn l-ostakli tillimita l-benefiċċji potenzjali tas-suq uniku tal-UE. Dawn l-ostakli jirriżultaw minn differenzi fl-approċċi regolatorji, li spiss jirriflettu l-użu ta' diskrezzjonijiet fit-traspożizzjoni u fl-interpretazzjoni tad-direttivi tal-UE u approċċi varji għas-superviżjoni. Dawn l-ostakli jikkumplikaw bla bżonn l-attivitajiet transfruntieri tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji. B'riżultat ta' dan, jew ma jistgħux jibbenefikaw bis-sħiħ minn ekonomiji ta' skala u effiċjenza operazzjonali mtejba jew ma hemm l-ebda inċentiv suffiċjenti għalihom biex jiffaċilitaw l-investimenti transfruntieri. Dan iżid il-kostijiet, idewwem iż-żmien għas-suq, jirrestriġi l-għażla tal-prodotti u tas-servizzi finanzjarji disponibbli għan-negozji u għall-pubbliku, u jagħmel dawk il-prodotti u s-servizzi aktar għaljin.

Din l-inizjattiva tenfasizza wkoll l-importanza tal-iżviluppi teknoloġiċi u l-innovazzjoni fis-settur finanzjarju. L-ostakli regolatorji qed ixekklu l-adozzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ta' ġenerazzjoni aktar ġdida, bħat-teknoloġija ta' reġistru distribwit (DLT, distributed ledger technology) u t-tokenizzazzjoni tal-istrumenti finanzjarji. Dawn it-teknoloġiji għandhom il-potenzjal li jtejbu s-servizzi finanzjarji għan-nies u għan-negozji.

Il-prattiki superviżorji diverġenti jistgħu jaġixxu wkoll bħala ostaklu għall-integrazzjoni tas-suq kapitali, peress li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji li joperaw bejn il-fruntieri jridu jimmaniġġjaw rekwiżiti differenti fis-suq uniku kollu. Din il-frammentazzjoni tal-prattiki superviżorji toħloq kostijiet addizzjonali, aktar kumplessità u inċertezza legali għall-operaturi, speċjalment dawk li beħsiebhom jagħmlu negozju u jinvestu madwar l-UE. L-inċertezza legali u l-kundizzjonijiet mhux ekwi li din toħloq jagħmlu lill-UE destinazzjoni ta' investiment inqas attraenti.

Objettivi tal-proposta

[11] OECD, Economic Surveys: European Union and Euro Area 2025, Lulju 2025, Disponibbli hawn: https://www.oecd.org/content/dam/oecd/en/publications/reports/2025/07/oecd-economic-surveys-european-union-and-euro-area-2025_af6b738a/5ec8dcc2-en.pdf

L-objettiv ġenerali ta' din l-inizjattiva huwa li tintegra s-swieq kapitali tal-UE u ttejjeb il-funzjonament tas-suq uniku tal-UE fis-servizzi finanzjarji għall-benefiċċju tal-investituri, tan-negozji u tal-ekonomija usa' tal-UE. Dan jikkontribwixxi għall-objettiv ewlieni tal-SIU li tippermetti aċċess għal firxa usa' ta' opportunitajiet finanzjarji għall-investituri u għan-negozji u li timmobilizza t-tfaddil għal investiment produttiv.

L-inizjattiva se tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-objettiv ġenerali permezz tal-objettivi speċifiċi li ġejjin.

Tiġi żgurata aktar integrazzjoni tas-suq u effetti ta' skala

L-emendi proposti għandhom l-għan li jneħħu l-ostakli għall-integrazzjoni fis-setturi ewlenin tan-negozjar, tal-postnegozjar u tal-immaniġġjar tal-assi, u jtejbu l-kapaċità tal-atturi tas-suq li joperaw b'mod aktar bla xkiel madwar l-Istati Membri, u b'hekk jippermettu l-integrazzjoni tas-suq u l-iskala. Dan se jrawwem il-kompetizzjoni, filwaqt li jiżgura li l-benefiċċji fuq skala kbira jiġu mgħoddija b'mod effettiv lill-utenti finali.

Tiġi permessa s-superviżjoni integrata

Superviżjoni aktar effiċjenti u armonizzata hija essenzjali biex jiġu integrati s-swieq kapitali tal-UE. Hekk kif isir progress lejn integrazzjoni aktar profonda tas-suq kapitali, huwa kruċjali li l-qafas superviżorju tal-UE jevolvi id f'id. Għalhekk, l-inizjattiva għandha l-għan li tindirizza n-nuqqasijiet u l-ineffiċjenzi fil-qafas superviżorju attwali, billi tindirizza l-inkonsistenzi u l-kumplessitajiet li jirriżultaw minn approċċi superviżorji nazzjonali frammentati. Għandha l-għan li tagħmel is-superviżjoni aktar effettiva, aktar favorevoli għall-attivitajiet transfruntieri, u aktar reattiva għar-riskji emerġenti, filwaqt li tnaqqas il-piżijiet bla bżonn fuq id-ditti. Għal ċerti entitajiet sinifikanti u transfruntieri fl-oqsma tan-negozjar u tal-postnegozjar, u għal entitajiet f'oqsma ġodda bħall-forniturи ta' servizzi tal-kriptoassi, l-ippuljar tas-superviżjoni fil-livell tal-UE jista' jippromwovi l-integrazzjoni tas-suq u funzjonament aktar effiċjenti tas-swieq kapitali. Għal gruppi kbar tal-immaniġġjar tal-assi u fondi ta' investiment, il-konverġenza u l-koordinazzjoni aktar b'saħħithom tas-superviżjoni fil-livell tal-UE se jneħħu l-ostakli u jżidu l-attivitajiet transfruntieri. B'mod ġenerali, l-inizjattiva għandha l-għan li ssaħħaħ l-użu u l-effettività tal-għodod ta' konverġenza superviżorja tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority), u tintroduċi għodod ġodda, u b'hekk tappoġġa suq uniku għas-servizzi finanzjarji.

Tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni

L-emendi proposti għandhom ukoll l-għan li jneħħu l-ostakli regolatorji għall-innovazzjoni bbażata fuq id-DLT, bil-ħsieb li jinħoloq qafas li jippermetti l-użu ta' teknoloġiji ġodda fil-forniment ta' servizzi finanzjarji. Sabiex l-innovazzjoni tirnexxi, kemm ir-Reġim Pilota tad-DLT kif ukoll il-ġabra ta' regoli standard għandhom jippermettu lill-industrija tuża d-DLT biex iġġib soluzzjonijiet effiċjenti fis-suq, filwaqt li tiżgura li r-riskji assoċjati jiġu mmitigati. Bit-tneħħija ta' dawn l-ostakli, l-emendi proposti għandhom ukoll l-għan li jżidu l-kompetizzjoni fil-qasam tas-servizzi tan-negozjar u tal-postnegozjar, li se jwasslu għal eżiti tas-suq imtejba u jtejbu l-effiċjenza tas-suq kapitali.

Tinkiseb is-simplifikazzjoni

Ir-rieżami ta' fajls leġiżlattivi speċifiċi jippreżenta opportunità biex jiġu ssimplifikati billi jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi. Il-pakkett għandu l-għan li jirrazzjonalizza r-rekwiżiti

regolatorji, u jagħmel l-attivitajiet transfruntieri aktar kosteffettivi. Is-simplifikazzjoni hija segwita b'diversi modi: iċ-ċaqliq ta' ċerti dispożizzjonijiet minn direttivi għal regolamenti; ir-restrizzjoni tal-ambitu għal miżuri ta' "gold-plating" imposti fil-livell nazzjonali; l-irfinar tal-awtonomizzazzjonijiet tal-Livell 2; ir-razzjonalizzazzjoni tal-arranġamenti superviżorji li jikkoinċidu, li jiswew ħafna flus u li huma ineffiċjenti; u b'mod aktar ġenerali jitneħħew l-ostakli fl-oqfsa tal-UE u dawk nazzjonali għall-operaturi tas-suq u l-investituri.

Il-pakkett dwar l-integrazzjoni tas-suq u s-superviżjoni jinkludi tliet proposti leġiżlattivi, jiġifieri: proposti għal Regolament Prinċipali u Direttiva Prinċipali li jemendaw diversi biċċiet eżistenti ta' leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-suq kapitali, u proposta għal Regolament dwar il-Finalità tas-Saldu, li jemenda d-Direttiva dwar il-Kollateral Finanzjarju u jħassar id-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-emendi proposti f'dan il-pakkett huma konsistenti mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Dawn għandhom l-għan li jrawmu integrazzjoni tas-suq aktar b'saħħitha u jiksbu titjib fl-effiċjenza billi: (i) ineħħu l-ostakli għall-attività transfruntiera u l-innovazzjoni, (ii) iżidu l-konverġenza regolatorja u superviżorja; u (iii) isaħħu l-kapaċità superviżorja fis-setturi rilevanti. Dawn l-emendi huma konsistenti mal-għanijiet tal-kompetizzjoni, tal-funzjonament effiċjenti tas-suq uniku fis-servizzi finanzjarji, u tal-promozzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi madwar l-UE, mingħajr ma jiġu kompromessi l-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq jew il-protezzjoni tal-investituri. Dan jiżgura li s-suq finanzjarju tal-UE jibqa' sikur u attraenti globalment. L-implimentazzjoni ta' dawn l-emendi bħala pakkett tippermetti li tiġi żgurata l-konsistenza fil-leġiżlazzjonijiet settorjali li qed jiġu rieżaminati. L-emendi proposti jfittxu wkoll li jindirizzaw in-nuqqasijiet u l-ineffiċjenzi fil-qafas superviżorju attwali billi jindirizzaw l-inkonsistenzi u l-kumplessitajiet li jirriżultaw minn approċċi superviżorji nazzjonali frammentati.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti mal-objettiv ewlieni tal-istrateġija tal-SIU, u dan huwa li din tippermetti aċċess għal firxa usa' ta' opportunitajiet finanzjarji għall-investituri u għan-negozji, u b'hekk timmobilizza t-tfaddil għal investiment produttiv. Din il-proposta hija interkonnessa ma' inizjattivi oħra inklużi fl-istrateġija tal-SIU, pereżempju l-inizjattivi dwar il-pensjonijiet, dwar iż-żieda fil-parteċipazzjoni bl-imnut fis-swieq kapitali, u dwar il-finanzjament ibbażat fuq is-suq tal-ekonomija reali. Dawn l-inizjattivi huma mfassla biex isaħħu lil xulxin u jikkontribwixxu b'mod kollettiv għall-għanijiet ġenerali. Miżuri oħra fl-istrateġija tal-SIU, bħall-istrateġija tal-litteriżmu finanzjarju, ir-rakkomandazzjoni dwar il-kontijiet tat-tfaddil u tal-investiment, il-miżura biex jiġu promossi l-investimenti fl-ekwità, inkluż permezz ta' programmi leġiżlattivi, u l-miżuri dwar il-pensjonijiet supplimentari se jkunu inqas effettivi jekk l-ostakli għal aktar integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-UE ma jitneħħewx u jkomplu jimponu kostijiet għoljin fuq l-investituri u n-negozji.

Il-proposta hija konsistenti wkoll mal-politika tal-UE biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa, l-istrateġija deskritta fil-Boxxla għall-Kompetittività, l-istrateġija għas-suq uniku, l-istrateġija tal-UE għan-negozji ġodda u għan-negozji li qed jespandu, u l-Komunikazzjoni dwar Ewropa Aktar Sempliċi u Rapida.

L-emendi proposti se jagħtu spinta lill-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE, u b'hekk jgħinu biex jiġu ffinanzjati l-prijoritajiet tal-UE. Huma se jagħmlu dan, b'mod partikolari: (i) billi

jkomplu jarmonizzaw ir-regoli; (ii) jagħmluha aktar faċli għaċ-ċentri tan-negozjar, l-infrastrutturi tas-swieq finanzjarji u l-fondi ta' investiment biex joperaw u jipprovdu servizzi bejn il-fruntieri, u b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet għall-parteċipanti kollha fis-suq; u (iii) fir-rigward tal-innovazzjoni, billi jiżguraw li r-Reġim Pilota tad-DLT, li huwa mfassal biex jappoġġa l-innovazzjoni bbażata fuq id-DLT fis-servizzi finanzjarji, u l-leġiżlazzjoni dwar il-postnegozjar jibqgħu adegwati għall-iskop tal-innovazzjoni.

Dan il-pakkett huwa konsistenti wkoll mal-aġenda ta' simplifikazzjoni tal-Kummissjoni u mal-istrateġija għas-suq uniku, u se jikkontribwixxi għalihom. Se jagħmel dan, b'mod partikolari: (i) billi jarmonizza u jissimplifika wħud mir-regoli applikabbli għall-fondi ta' negozjar, tal-postnegozjar u ta' investiment; u (ii) billi jmexxi parti mir-rekwiżiti applikabbli għal dawk is-setturi minn Direttivi għal Regolamenti.

Billi jneħħu l-ostakli għal aktar integrazzjoni tas-swieq kapitali, il-miżuri taħt din l-inizjattiva jikkomplementaw inizjattivi oħra tal-UE, bħat-28 reġim. Billi tissimplifika l-offerta transfruntiera ta' servizzi tan-negozjar, tal-postnegozjar u tal-immaniġġjar tal-assi, u b'hekk tissimplifika l-aċċess għas-swieq pubbliċi, din l-opzjoni ttejjeb il-kapaċità tal-kumpaniji li joperaw taħt it-28 reġim li jisfruttaw il-benefiċċji ta' suq kapitali tal-UE aktar integrat b'mod aktar effettiv.

Fl-aħħar nett, din l-inizjattiva hija konformi mal-istrateġija tal-Kummissjoni għall-finanzi diġitali[12], li tappoġġa l-varar ta' teknoloġiji ġodda fis-servizzi finanzjarji, billi tadatta b'mod ambizzjuż ir-regoli eżistenti biex takkomoda teknoloġiji ġodda, bħad-DLT.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jagħti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-kompetenza li jadottaw miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri relatati mal-istabbiliment u mal-funzjonament tas-suq intern. L-Artikolu 114 tat-TFUE jippermetti lill-UE tieħu miżuri biex telimina l-ostakli eżistenti għall-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali u tipprevjeni li jitfaċċaw ostakli bħal dawn. Dan jinkludi ostakli li jagħmluha diffiċli għall-operaturi ekonomiċi, inklużi l-investituri, biex jieħdu vantaġġ sħiħ mill-benefiċċji tas-suq intern.

L-emendi jikkontribwixxu għall-funzjonament korrett u sikur tas-suq uniku, jissalvagwardjaw il-kompetizzjoni u jippreservaw l-inċentivi għall-innovazzjoni. Konsegwentement, il-bażi legali xierqa hija l-Artikolu 114 tat-TFUE.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Skont l-Artikolu 4 tat-TFUE, l-azzjoni tal-UE biex jitlesta s-suq intern trid tiġi vvalutata fid-dawl tal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-azzjoni fil-livell tal-UE għandha tittieħed biss meta l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom u għalhekk ikunu jeħtieġu azzjoni fil-livell tal-UE.

[12] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52020DC0591

L-emendi proposti jikkonformaw mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Dawn għandhom l-għan li jindirizzaw l-ostakli eżistenti għall-forniment transfruntier ta' servizzi li jipprevjenu l-ħolqien ta' suq uniku ġenwin għall-kapital.

L-azzjoni nazzjonali waħedha ma tistax issolvi dawn l-isfidi. Id-diversità tal-oqfsa legali, tat-tradizzjonijiet superviżorji u tal-istrutturi tas-suq tal-Istati Membri tfisser li r-riformi mwettqa individwalment ma jwasslux għall-konverġenza meħtieġa tal-istandards regolatorji u superviżorji u tal-prattiki tas-suq. Għalhekk hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-UE biex jitneħħew dawk l-ostakli, tissaħħaħ l-integrazzjoni tas-suq u tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tas-suq.

- **Proporzjonalità**

L-inizjattiva tinvolvi rieżami wiesa' tar-regoli dwar in-negozjar, il-postnegozjar, l-immaniġġjar tal-assi u l-fondi ta' investiment biex jiġu armonizzati u razzjonalizzati r-rekwiżiti għan-negozji. Dan jinkludi t-tnaqqis ta' xi rekwiżiti għal gruppi transfruntieri u servizzi pprovduti fuq bażi transfruntiera, taħt liċenzja waħda. Fiż-żona tas-saldu, l-interkonnettività bejn id-depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs, central securities depositories) titjieb ukoll. Ir-rieżami jinkludi wkoll emendi għal-leġiżlazzjoni dwar il-postnegozjar biex jagħmilha aktar teknoloġikament newtrali, u għar-Reġim Pilota tad-DLT (DLTPR, DLT Pilot Regime), biex jiġu estiżi l-kamp ta' applikazzjoni u l-iskala tiegħu, u biex isir aktar flessibbli u proporzjonat. Il-fondi ta' investiment jiksbu aċċess immedjat u sħiħ għas-suq uniku mal-awtorizzazzjoni, li jippermettilhom joperaw b'mod aktar effiċjenti bejn il-fruntieri. Dwar is-superviżjoni, l-emendi għandhom l-għan li jsaħħu l-użu u l-effettività tal-għodod u s-setgħat ta' konverġenza superviżorja, b'enfasi fuq l-ESMA u l-governanza tagħha. Is-setgħat superviżorji jiġu ttrasferiti wkoll lill-ESMA għall-infrastrutturi tas-suq l-aktar sinifikanti u transfruntieri (kontropartijiet ċentrali, CSDs u ċentri tan-negozjar) u għall-fornituri kollha ta' servizzi tal-kriptoassi (CASPs, Crypto-Asset Service Providers). L-ESMA jkollha wkoll rwol imsaħħaħ fit-trawwim ta' konverġenza superviżorja għall-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS, Undertakings for Collective Investment in Transferable Securities) u fondi ta' investiment alternattivi (AIFs, Alternative Investment Funds) ikkummerċjalizzati fuq bażi transfruntiera.

Sal-punt li d-diverġenzi fl-applikazzjoni tar-regoli tal-UE kif ukoll id-differenzi bejn il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri joħolqu ineffiċjenzi u piżijiet għas-suq, l-emendi se joħolqu applikazzjoni aktar armonizzata u proporzjonata tar-regoli tal-UE għall-attivitajiet transfruntieri.

- **Għażla tal-istrument**

Qed jiġi propost li l-miżuri jiġu implimentati permezz ta' proposta għal Regolament li jemenda l-atti li ġejjin: ir-Regolament dwar is-Swieq tal-Istrumenti Finanzjarji (MiFIR, Markets in Financial Instruments Regulation), ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR, European Market Infrastructure Regulation), ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli (CSDR, Central Securities Depository Regulation), ir-Regolament dwar id-Distribuzzjoni Transfruntiera (CBDR, Cross-Border Distribution Regulation), ir-Regolament dwar ir-Reġim Pilota tad-DLT, ir-Regolament dwar is-Swieq fil-Kriptoassi u r-Regolament dwar l-ESMA. Sabiex jiġi żgurat allinjament xieraq mal-emendi sostantivi f'dawk ir-Regolamenti, se jsiru wkoll emendi għar-Regolament dwar it-Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli u r-Regolament dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Kontropartijiet Ċentrali (CCP, Central Counterparts). Regolament huwa l-aktar strument legali xieraq minħabba li l-emendi proposti huma interkonnessi u huma parti minn sforz

politiku usa' biex jinħoloq suq uniku għall-kapital billi jiġu armonizzati r-regoli u jitneħħew l-ostakli għall-attivitajiet transfruntieri fis-setturi finanzjarji li jiffurmaw is-sinsla tal-finanzjament tas-swieq kapitali. Il-kombinament tal-emendi f'pakkett leġiżlattiv tgħin biex jiġi żgurat li t-test ġenerali jkun konsistenti.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Bħalissa, ma hemm l-ebda soluzzjoni effettiva biex jiġi żgurat il-forniment transfruntier ta' servizzi fis-setturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-pakkett jew li huma mxekkla minn regoli nazzjonali diverġenti. Barra minn hekk, ir-regoli tal-UE jeħtieġ li jiġu aġġornati biex ikun aktar faċli li jiġu pprovduti servizzi finanzjarji bl-użu ta' teknoloġiji ġodda, b'mod partikolari d-DLT, li jistgħu jtejbu l-effiċjenza tas-swieq kapitali.

Prattiki superviżorji mhux allinjati u għodod u setgħat ta' konverġenza superviżorja dgħajfa fil-livell tal-UE jaggravaw dawn il-kwistjonijiet. Dawn l-ostakli jwasslu għal ineffiċjenzi tas-suq, ekonomiji ta' skala limitati, likwidità mnaqqsa fis-swieq kapitali, żieda fil-kostijiet għall-investituri, aċċess ristrett għal bażi usa' ta' investituri bejn il-fruntieri, u kostijiet kapitali ogħla għall-kumpaniji tal-UE, li fl-aħħar mill-aħħar jimminaw il-produttività u l-kompetittività tal-ekonomija tal-UE.

Fil-qasam tan-negozjar, ir-regoli li jirregolaw iċ-ċentri tan-negozjar ma humiex kompletament armonizzati, u huma soġġetti għal ċertu grad ta' diskrezzjoni nazzjonali. L-opportunitajiet ta' passaportar għas-swieq regolati ma humiex spjegati b'mod espliċitu, u dan iħalli lok għall-Istati Membri biex jistabbilixxu rekwiżiti addizzjonali fil-liġijiet nazzjonali tagħhom. Id-differenzi fit-traspożizzjoni fil-liġijiet nazzjonali u l-possibbiltà ta' gold-plating addizzjonali mill-Istati Membri jagħmlu x-xenarju regolatorju ġenerali kumpless, b'mod partikolari għal entitajiet jew gruppi transfruntieri. Dan joħloq inċertezza legali u kundizzjonijiet mhux ekwi fost l-Istati Membri, u jipprevjeni l-ħolqien ta' strutturi ta' negozjar li joperaw f'diversi Stati Membri. Sabiex jiġu indirizzati l-ostakli marbuta mal-frammentazzjoni superviżorja, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar is-Swieq tal-Istrumenti Finanzjarji għandhom jiġu emendati biex tiġi introdotta superviżjoni diretta fil-livell tal-UE ta' ċerti ċentri tan-negozjar.

Fil-qasam tal-postnegozjar, is-swieq tas-saldu jeħtieġ li jkunu aktar integrati u jeħtieġ li jsir użu akbar mit-Target2-Securities (T2S) biex tiġi ffaċilitata l-attività transfruntiera mill-emittenti, is-CSDs u l-investituri. Għalkemm is-saldu huwa rregolat minn Regolament (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), għad hemm ostakli regolatorji għas-saldu transfruntier. Pereżempju, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tista' timponi restrizzjonijiet addizzjonali fuq il-libertà tal-ħruġ lil hinn minn dawk inklużi fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli. Barra minn hekk, il-qafas ta' passaportar, maħsub biex jiffaċilita l-operazzjonijiet transfruntieri, huwa meqjus għali u ta' piż għas-CSDs. Ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli ma jqisx b'mod adegwat il-gruppi tal-infrastruttura tas-suq minn perspettiva operazzjonali, regolatorja u superviżorja. Dan jagħmilha diffiċli għalihom biex jaħsdu l-benefiċċji tal-konsolidazzjoni u jiksbu ekonomiji ta' skala. Għalhekk hemm bżonn li jiġu armonizzati r-rekwiżiti għan-negozji transfruntiera u biex jiġu razzjonalizzati r-rekwiżiti u titnaqqas il-kumplessità operazzjonali fl-infrastrutturi tas-saldu tal-UE (jiġifieri s-CSDs, inklużi l-kostijiet tat-T2S mgħoddija mis-CSDs), biex tinkiseb l-effiċjenza u jitnaqqsu l-kostijiet. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar id-Depożitorji

Ċentrali tat-Titoli jeħtieġ li jiġi emendat biex isir aktar teknoloġikament newtrali u jindirizza l-inċertezza legali dwar kunċetti, definizzjonijiet u rekwiżiti ewlenin li ma żammewx il-pass mal-avvanzi teknoloġiċi. Sabiex jiġu indirizzati l-ostakli marbuta mal-frammentazzjoni superviżorja, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli għandhom jiġu emendati biex tiġi introdotta superviżjoni diretta fil-livell tal-UE ta' ċerti infrastrutturi tal-postnegozjar.

Fil-qasam tal-immaniġġjar tal-assi, il-kummerċjalizzazzjoni tal-fondi tal-Impriżi ta' Investiment Kollettiv f'Titoli Trasferibbli (UCITS) u tal-Fondi ta' Investiment Alternattiv (AIFs) hija prinċipalment regolata minn Direttivi, li jippermettu diskrezzjonijiet nazzjonali f'ħafna oqsma. Il-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-UCITS u tal-AIFs bħalissa tieħu ħafna ħin u hija diffiċli mil-lat amministrattiv biex tiġi mmaniġġjata. Ħafna Stati Membri għandhom rekwiżiti speċifiċi għall-pajjiż għal komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni u divulgazzjonijiet fid-dokumentazzjoni tal-fond, kif ukoll rekwiżiti amministrattivi u operazzjonali speċifiċi (bħal regoli ta' kummerċjalizzazzjoni addizzjonali, tariffi regolatorji, obbligi ta' rapportar, u rekwiżiti ta' preżenza fiżika lokali). Dawn ixekklu l-iżvilupp ta' passaport effettiv tal-UE għall-fondi ta' investiment fl-Unjoni. Barra minn hekk,ir-Regolament dwar id-Distribuzzjoni Transfruntiera (is-CBDR) jirrikonoxxi li l-Istati Membri għandhom regoli differenti dwar it-tariffi u l-imposti regolatorji u jipprovdi opzjonalità dwar il-verifika *ex ante* tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni. Għalhekk hemm bżonn li jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-prattiki nazzjonali diverġenti fil-kummerċjalizzazzjoni tal-fondi madwar l-Unjoni, kif ukoll li r-regoli relatati mad-distribuzzjoni transfruntiera tal-fondi jiġu ppreżentati b'mod aktar effiċjenti, jiġifieri fl-istess test legali, sabiex titrawwem armonizzazzjoni akbar fil-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-UCITS u tal-AIFs. Dan l-approċċ jinvolvi emendi għas-CBDR u t-trasferiment ta' ċerti dispożizzjonijiet (b'emendi) mid-Direttivi 2009/65/KE u 2011/61/UE fis-CBDR. Sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni superviżorja u tittejjeb il-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, għandu jissaħħaħ ir-rwol tal-ESMA fl-indirizzar tal-ostakli transfruntieri u fir-riżoluzzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet nazzjonali domiċiljari u dawk ospitanti.

Fil-qasam tal-innovazzjoni, hemm żewġ ostakli ewlenin relatati mal-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq id-DLT fl-Ewropa. L-ewwel nett, ir-Regolament dwar ir-Reġim Pilota tad-DLT ipoġġi piż regolatorju kbir fuq in-negozji ż-żgħar u n-negozji ġodda, b'mod partikolari minħabba d-dipendenza fuq rekwiżiti estensivi fir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli u d-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, li jistgħu ma jkunux adattati sew għaż-żieda gradwali tal-operazzjonijiet u tal-karatteristiċi speċifiċi tad-DLT. Ir-Regolament dwar ir-Reġim Pilota tad-DLT jimponi wkoll limitazzjonijiet stretti fuq l-ambitu u l-iskala tal-attivitajiet tal-parteċipanti fir-reġim pilota. Huwa jagħmel dan, pereżempju, billi jintroduċi limiti aggregati għall-attività ta' infrastruttura li topera skont ir-Regolament u jirrestrinġi t-tip u d-daqs tal-ħruġ tal-assi li jistgħu jiġu intermedjati skont ir-Regolament. Barra minn hekk, il-parteċipanti fis-suq ma għandhomx ċarezza dwar il-prospetti fit-tul għar-Reġim Pilota tad-DLT, minħabba n-natura sperimentali tiegħu u l-limitazzjonijiet taż-żmien stabbiliti fir-Regolament. It-tieni, lil hinn min-nuqqasijiet tal-qafas Ewropew imfassal apposta għad-DLT, l-oqfsa regolatorji standard (mhux tad-DLTPR), b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni dwar il-postnegozjar bħalissa ma jipprovdux ċertezza legali għal dawk li jixtiequ jużaw id-DLT barra mid-DLTPR. Dawn l-inċertezzi jżidu r-riskji u l-kostijiet tal-konformità għall-parteċipanti fis-suq li jixtiequ jesploraw mudelli ta' negozju innovattivi.

Dwar is-superviżjoni, hemm żewġ kwistjonijiet ewlenin. L-ewwel nett, is-superviżjoni tal-entitajiet finanzjarji titwettaq fil-biċċa l-kbira fil-livell nazzjonali. Dan jirriżulta f'xenarju superviżorju frammentat li joħloq ostakli għall-attivitajiet transfruntieri minħabba l-

applikazzjoni diverġenti tad-dritt tal-UE u prattiki, approċċi u rekwiżiti superviżorji diverġenti. L-azzjonijiet ta' infurzar, bħall-każijiet ta' ksur, jistgħu jindirizzaw każijiet speċifiċi ta' nuqqas ta' konformità, u r-reviżjonijiet bejn il-pari għandhom l-għan li jsaħħu l-konverġenza superviżorja, iżda ma humiex biżżejjed biex jindirizzaw il-kwistjonijiet sottostanti ta' prattiki superviżorji mhux allinjati. It-tieni, hemm mandati u għodod limitati disponibbli fil-livell tal-UE biex tiġi infurzata l-applikazzjoni konsistenti tar-regoli tal-UE u jiġi adottat approċċ superviżorju unifikat tas-suq uniku. L-użu ta' għodod ta' konverġenza superviżorja jibqa' sporadiku. Dawn għandhom limitazzjonijiet, ma jintużawx b'mod konsistenti u jistgħu jkunu diffiċli biex jintużaw minħabba restrizzjonijiet proċedurali, u nuqqas ta' infurzabbiltà.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-attivitajiet ta' konsultazzjoni li ġejjin għenu biex jissawwar il-kontenut ta' din il-proposta:

- Il-Kummissjoni Ewropea "Call for evidence on the Savings and Investments Union: Fostering integration and scale and more efficient supervision in EU capital markets", mit-8 ta' Mejju sal-5 ta' Ġunju 2025;
- Konsultazzjoni mmirata tal-Kummissjoni Ewropea dwar "Integration of EU capital markets" mill-15 ta' April sal-10 ta' Ġunju 2025.

Is-sejħa għall-evidenza ġġenerat 53 tweġiba minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati. L-assoċjazzjonijiet ta' impriżi ffurmaw l-akbar grupp, li jammonta għal 62,3 % tat-tweġibiet, u li jirrappreżenta l-industriji tal-investiment, tal-banek u tal-immaniġġjar tal-assi. Il-kumpaniji u l-impriżi, primarjament mis-settur finanzjarju, ammontaw għal 20,8 %. Il-membri individwali tal-pubbliku ammontaw għal 9,4 % tat-tweġibiet, filwaqt li kategoriji oħra, inklużi kmamar tal-kummerċ, assoċjazzjonijiet professjonali u ditti konsultattivi, ammontaw għal 5,7 %, u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs, Non-Governmental Organisations) ammontaw għal 1,9 %.

L-għan tas-sejħa għall-evidenza kien li (i) tiġbor il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar l-ostakli li jipprevjenu lill-infrastrutturi kummerċjali u tal-postnegozjar tal-UE milli jaħsdu l-benefiċċji ta' suq uniku verament bla xkiel; (ii) teżamina jekk l-ambjent regolatorju u superviżorju attwali huwiex adattat għas-swieq kapitali u b'mod partikolari għall-operaturi tas-suq b'attivitajiet transfruntieri b'saħħithom jew li joperaw f'setturi ġodda jew emerġenti; u (iii) tirrieżamina s-sett ta' għodod tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej biex tivvaluta l-oqsma fejn l-effettività u l-effiċjenza ta' dan is-sett ta' għodod jistgħu jissaħħu u jittejbu.

Fil-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati, kien hemm qbil ġenerali dwar il-ħtieġa ta' swieq kapitali aktar integrati u konverġenza superviżorja msaħħa. Dan kien akkumpanjat minn sejħa kondiviża għas-simplifikazzjoni, il-proporzjonalità u ċ-ċertezza legali. Il-partijiet ikkonċernati rrikonoxxew b'mod wiesa' li ekosistema finanzjarja aktar integrata u effiċjenti ttejjeb il-kompetittività tal-Ewropa, ittejjeb l-aċċess għall-finanzi, u tespandi l-opportunitajiet ta' investiment. Madankollu, huma saħqu li r-riformi jridu jibqgħu bbilanċjati, trasparenti u inklużivi, filwaqt li juru benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini u għall-ekonomija reali. Il-livell ta' appoġġ għaċ-ċentralizzazzjoni tas-superviżjoni fil-livell tal-UE varja b'mod sinifikanti fost il-partijiet ikkonċernati. L-assoċjazzjonijiet ta' impriżi u l-kumpaniji kellhom it-tendenza li jippreferu progress inkrementali fi ħdan l-istruttura istituzzjonali attwali, filwaqt li l-NGOs u xi membri tal-pubbliku kienu favur sorveljanza aktar b'saħħitha fil-livell tal-UE biex jiġu żgurati l-konsistenza u l-akkontabbiltà.

Minbarra s-sejħa għall-evidenza, il-konsultazzjoni mmirata dwar "L-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-UE" ġabret fehmiet minn grupp wiesa' ta' partijiet ikkonċernati dwar diversi aspetti tas-swieq kapitali tal-UE. Il-kwestjonarju online kien strutturat f'żewġ partijiet. Il-Parti 1 kopriet is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż tal-qafas regolatorju tal-UE fis-setturi tan-negozjar, tal-postnegozjar u tal-immaniġġjar tal-assi, l-ostakli għall-operazzjonijiet transfruntieri fl-ispazju tan-negozjar u għall-approfondiment tal-likwidità fis-swieq kapitali tal-UE, u l-ostakli għall-forniment transfruntier ta' servizzi ta' postnegozjar. Il-Parti 2 kienet tinkludi mistoqsijiet dwar: l-ostakli transsettorjali fis-setturi tan-negozjar u tal-postnegozjar (eż. relatati mal-innovazzjoni, is-sinerġiji tal-gruppi, il-ħruġ ta' strumenti finanzjarji); ostakli għall-forniment transfruntier ta' servizzi tal-immaniġġjar tal-assi u fondi ta' investiment; u l-ostakli marbuta speċifikament mas-superviżjoni.

B'kollox, 297 parti kkonċernata wieġbu għall-konsultazzjoni mmirata permezz tas-sit web tal-Kummissjoni. Il-maġġoranza tal-kontribuzzjonijiet ġew minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi (31 %) u kumpaniji jew entitajiet ta' impriżi (27 %), segwiti mill-awtoritajiet pubbliċi (12 %). Ingħata kontribut addizzjonali mill-NGOs (4 %), miċ-ċittadini tal-UE (3 %), mit-trade unions (2 %), u minn organizzazzjoni waħda tal-konsumaturi. Għalhekk, il-konsultazzjoni attirat firxa varjata ta' rispondenti mill-industrija, inklużi l-parteċipanti fis-suq, l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u l-awtoritajiet pubbliċi.

B'mod parallel, saru laqgħat bilaterali ma' partijiet ikkonċernati magħżula biex jingħabar kontribut addizzjonali u jiġi esplorat tħassib speċifiku aktar fil-fond. Il-Kummissjoni introduċiet ukoll diversi aspetti tar-rieżami f'laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u l-attachés tas-servizzi finanzjarji tal-Istati Membri f'Ottubru u Novembru 2025.

Ir-riżultati tas-sejħa għall-evidenza u l-konsultazzjoni mmirata ġew ikkunsidrati fil-proposta u l-Kummissjoni fittxet li tqis l-interessi differenti espressi tal-partijiet ikkonċernati. L-aktar oqsma sinifikanti fejn ir-rispondenti identifikaw lok għal titjib ġew eżaminati u ġew inklużi fil-proposta. Dawn jinkludu sejħiet għal qafas regolatorju aktar proporzjonat, sempliċi u armonizzat li jnaqqas il-piżijiet u jelimina l-ostakli fl-oqsma tan-negozjar, tal-postnegozjar u tad-distribuzzjoni transfruntiera tal-fondi ta' investiment, kif ukoll iżid l-effiċjenza u l-konverġenza tas-superviżjoni tal-entitajiet finanzjarji.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Meta kienet qed tħejji din l-inizjattiva, il-Kummissjoni kkonsultat diversi studji u sorsi ta' informazzjoni. F'Settembru 2024, il-Kummissjoni organizzat diskussjoni madwar mejda dwar il-konsolidazzjoni fis-settur tal-fondi ta' investiment u l-infrastruttura tan-negozjar u tal-postnegozjar mal-partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi, u l-esperti f'dawk is-setturi. Il-Kummissjoni organizzat ukoll diskussjoni ta' sensibilizzazzjoni bilaterali separata mal-partijiet ikkonċernati ewlenin u sessjonijiet ta' ħidma mal-industrija. L-istudji użati għat-tħejjija ta' din il-proposta ġew referenzjati fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta u li tiddokumenta l-ostakli li dan il-pakkett qed jipprova jindirizza.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

F'konformità mal-politika ta' Regolamentazzjoni Aħjar, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt tal-alternattivi ta' politika. Lil hinn mill-opzjoni li ma tittieħed l-ebda azzjoni mill-UE (Xenarju ta' referenza – Opzjoni 1), ġew identifikati żewġ pakketti ta' opzjonijiet ta' politika bbażati fuq sejħa għall-evidenza, konsultazzjoni mmirata, impenji oħra tal-partijiet ikkonċernati, studju dwar il-konsolidazzjoni u t-tnaqqis tal-frammentazzjoni fl-infrastrutturi tan-negozjar u tal-postnegozjar fl-Ewropa, studju tal-ostakli għaż-żieda fil-fondi li jinvestu

f'kumpaniji innovattivi u ta' tkabbir u l-ixprunaturi tagħha, rieżamijiet tal-letteratura, u inizjattivi u rapporti preċedenti li jiddokumentaw l-aktar ostakli sinifikanti għall-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-UE li ilhom jeżistu għal diversi snin u li għadhom ma ġewx indirizzati bis-sħiħ.

L-Opzjoni 1 hija x-xenarju ta' referenza li ma jsir xejn. L-Opzjoni 2 tinvolvi rieżami wiesa' tal-kotba tar-regoli tan-negozjar, tal-postnegozjar u tal-immaniġġjar tal-assi biex jiġu armonizzati u razzjonalizzati r-rekwiżiti għall-operazzjonijiet tan-negozji, inkluż it-tnaqqis ta' xi rekwiżiti fi ħdan il-gruppi u għas-servizzi pprovduti fuq bażi transfruntiera, taħt liċenzja unika. Fiż-żona tas-saldu, l-interkonnettività bejn id-depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs, central securities depositories) titjieb ukoll.

L-Opzjoni 2 tkun tinkludi wkoll emendi għal-leġiżlazzjoni dwar il-postnegozjar biex issir aktar teknoloġikament newtrali kif ukoll għar-Reġim Pilota tad-DLT (DLTPR, DLT pilot regime) biex issir espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u l-iskala tiegħu. Il-fondi ta' investiment jiksbu aċċess immedjat u sħiħ għas-suq uniku mal-awtorizzazzjoni, u l-gruppi tal-immaniġġjar tal-assi jkunu jistgħu joperaw b'mod aktar effiċjenti bejn il-fruntieri. Dwar is-superviżjoni, l-Opzjoni 2 għandha l-għan li ssaħħaħ l-użu u l-effettività tal-għodod u s-setgħat ta' konverġenza superviżorja, b'enfasi fuq l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authorities) u l-governanza tagħha. Din l-opzjoni tinvolvi wkoll it-trasferiment tas-setgħat superviżorji lill-ESMA għall-aktar infrastrutturi sinifikanti (kontropartijiet ċentrali, CSDs u ċentri tan-negozjar) u għall-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi (CASPs, crypto-asset service providers) u biex l-ESMA tikkoordina s-superviżjoni ta' maniġers tal-assi u fondi ta' investiment kbar.

L-Opzjoni 3 tibni fuq l-Opzjoni 2 iżda hija aktar estensiva b'elementi addizzjonali biex jiġi stabbilit suq integrat, bħal, pereżempju, konnessjoni obbligatorja bejn iċ-ċentri tan-negozjar sinifikanti, l-obbligu ta' rabtiet bejn is-CSDs, il-ħolqien ta' awtorizzazzjoni fil-livell tal-grupp għall-maniġers tal-assi, flessibbiltà sħiħa fid-DLTPR, is-superviżjoni diretta tal-infrastrutturi mill-ESMA, il-maniġers tal-assi u l-CASPs kollha.

L-analiżi tivvaluta l-opzjonijiet fir-rigward ta' tliet objettivi: (i) li jiġu abilitati aktar l-integrazzjoni tas-suq u l-effetti ta' skala; (ii) li tiġi abilitata aktar is-superviżjoni integrata; u (iii) li tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni. Dan juri li l-elementi addizzjonali fl-Opzjoni 3 jimplikaw kostijiet ogħla għas-setturi u għas-superviżuri, li jegħlbu l-benefiċċji potenzjali. Barra minn hekk, din l-opzjoni hija inqas koerenti ma' inizjattivi oħra ta' politika tal-UE u jista' jkollha konsegwenzi mhux intenzjonati fuq il-kompetizzjoni u fuq ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja.

Il-valutazzjoni tikkonkludi li l-Opzjoni 2 hija l-pakkett ta' politika ppreferut peress li twassal għal benefiċċji sinifikanti ta' integrazzjoni filwaqt li tibqa' proporzjonata f'termini ta' kostijiet u sussidjarjetà. Din tikkombina armonizzazzjoni estensiva tar-rekwiżiti fl-oqfsa rilevanti tan-negozjar, tal-postnegozjar u tal-immaniġġjar tal-assi u t-tneħħija tal-ostakli għall-attivitajiet transfruntieri, b'għodod u setgħat ta' konverġenza superviżorja aktar b'saħħithom u superviżjoni fil-livell tal-UE tal-aktar infrastrutturi sinifikanti. Dawn l-aspetti jsaħħu lil xulxin. L-armonizzazzjoni tar-regoli f'dan il-pakkett tiffaċilita t-trasferiment tas-superviżjoni ta' xi operaturi u swieq għal-livell tal-UE u, fil-każ tal-CASPs, għall-entitajiet kollha, u tippermetti infurzar aħjar tal-ġabra unika tar-regoli.

Billi jitneħħew l-ostakli regolatorji bla bżonn għall-integrazzjoni, il-miżuri taħt din l-opzjoni jiffaċilitaw il-piżijiet regolatorji u l-kumplessità operazzjonali, u b'hekk itejbu l-effiċjenza tal-forniment ta' servizzi bejn il-fruntieri u jrawmu l-integrazzjoni tas-suq. Il-kostijiet tal-

implimentazzjoni jaqgħu prinċipalment fuq l-infrastrutturi u l-awtoritajiet nazzjonali. Din l-opzjoni tkun teħtieġ ukoll riżorsi sinifikanti u l-iżvilupp tal-infrastruttura fl-ESMA, bil-maġġoranza tagħha tkun iffinanzjata mit-tariffi. Iżda dawn il-kostijiet kollha huma mistennija li jingħelbu bit-titjib fl-effiċjenza u bis-simplifikazzjoni fuq terminu medju. L-inizjattiva tnaqqas l-inċertezza legali għall-emittenti u għall-investituri, tnaqqas il-kostijiet tal-konformità u ttejjeb il-prevedibbiltà. Aktar flessibbiltà fir-Reġim Pilota tad-DLT u bidliet fil-leġiżlazzjoni settorjali biex issir aktar kompatibbli mad-DLT jinkoraġġixxu użu akbar ta' din it-teknoloġija. Konverġenza superviżorja aktar b'saħħitha u qafas superviżorju aktar integrat joħolqu kundizzjonijiet ekwi, jillimitaw l-arbitraġġ regolatorju u jnaqqsu l-piż amministrattiv relatat mal-attivitajiet transfruntieri.

L-inizjattiva se tiffaċilita l-aċċess tal-investituri għal firxa wiesgħa ta' opportunitajiet ta' investiment u se tippermetti lill-kumpaniji jiġġeneraw il-kapital bejn il-fruntieri, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, Small and Medium-sized Enterprises). Għalhekk se tikkontribwixxi biex jittejjeb il-mod kif nimmobilizzaw il-kapital fl-Ewropa u tippermetti li tinħoloq l-ekosistema ta' finanzjament it-tajba sabiex jiġu appoġġati l-prijoritajiet strateġiċi tal-UE u l-ekonomija tagħna ssir aktar b'saħħitha u aktar kompetittiva.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ħareġ valutazzjoni pożittiva tal-valutazzjoni tal-impatt wara l-ewwel opinjoni negattiva. Sabiex jiġu indirizzati l-kummenti mqajma mill-Bord, il-valutazzjoni tal-impatt ġiet riveduta sabiex: (i) tiċċara r-raġunament għall-ambitu tal-inizjattiva u r-rwol tagħha fi ħdan l-istrateġija usa' tal-SIU, inkluża l-interazzjoni tagħha ma' inizjattivi oħra; (ii) tirrazzjonalizza t-taqsimiet dwar id-definizzjoni tal-problema u l-ixprunaturi tal-problema; (iii) ittejjeb l-ispjegazzjonijiet relatati mal-innovazzjoni bbażata fuq id-DLT; (iv) tiċċara l-loġika tal-intervent u l-objettivi. It-test ġie rivedut ukoll biex tissaħħaħ l-analiżi tal-kobor tal-problemi, abbażi ta' inputs kwantitattivi addizzjonali riċevuti mill-partijiet ikkonċernati u ta' studji eżistenti oħra, biex jiġu vvalutati aħjar il-kostijiet/benefiċċji. It-test huwa wkoll aktar trasparenti dwar il-limitazzjoni fid-disponibbiltajiet tad-data u l-fatturi barra mill-ambitu li jagħmlu l-immudellar robust sħiħ tal-kostijiet u l-benefiċċji mhux possibbli. Il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati ġew riflessi wkoll b'mod aktar komprensiv permezz tat-test, u l-impatt tal-miżuri proposti fuq gruppi differenti ta' partijiet ikkonċernati ġie rifless aħjar.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-miżuri proposti se jtaffu l-piżijiet regolatorji u l-kumplessità operazzjonali, u b'hekk itejbu l-effiċjenza tal-forniment ta' servizzi bejn il-fruntieri u jrawmu l-integrazzjoni tas-suq. Il-kostijiet tal-implimentazzjoni se jaqgħu prinċipalment fuq l-infrastrutturi u l-awtoritajiet nazzjonali. L-ESMA se teħtieġ ukoll riżorsi sinifikanti u l-iżvilupp tal-infrastruttura. Iżda dawn il-kostijiet kollha huma mistennija li jingħelbu bit-titjib fl-effiċjenza u bis-simplifikazzjoni fuq terminu medju. L-inizjattiva se tnaqqas l-inċertezza legali għall-emittenti u għall-investituri, se tnaqqas il-kostijiet tal-konformità u se ttejjeb il-prevedibbiltà. Aktar flessibbiltà fir-Reġim Pilota tad-DLT u bidliet fil-leġiżlazzjoni settorjali biex issir aktar kompatibbli mad-DLT se jħeġġu użu akbar ta' din it-teknoloġija. Konverġenza superviżorja aktar b'saħħitha u qafas superviżorju aktar integrat se joħolqu kundizzjonijiet ekwi u jnaqqsu l-piż amministrattiv relatat mal-attivitajiet transfruntieri. Is-simplifikazzjoni se tinkiseb b'diversi modi: it-tranżizzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet minn direttivi għal regolamenti; l-eliminazzjoni tal-ambitu għal miżuri ta' "gold-plating" imposti fil-livell nazzjonali; ir-razzjonalizzazzjoni tal-arranġamenti superviżorji li jikkoinċidu, li jiswew ħafna flus u li huma ineffiċjenti; u b'mod aktar ġenerali t-tneħħija tal-ostakli fl-oqfsa tal-UE u dawk nazzjonali għall-operaturi u għall-investituri tas-suq. Bil-ħsieb li jiġi ssimplifikat il-qafas regolatorju u

jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji u amministrattivi, din il-proposta tirfina s-setgħat tal-Livell 2 billi tħassar u taġġorna s-setgħat inklużi dawk li, wara l-konsultazzjonijiet mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, tqiesu mhux essenzjali għall-funzjonament effettiv tad-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-atti bażiċi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, f'din il-proposta, fittxet li tillimita kemm jista' jkun l-għadd ta' awtonomizzazzjonijiet tal-Livell 2.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt li jiġu pprovduti servizzi fi kwalunkwe Stat Membru (l-Artikolu 15(2), il-libertà ta' intrapriża (l-Artikolu 16), id-dritt għall-proprjetà (l-Artikolu 17), l-aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali biex tiġi promossa l-koeżjoni soċjali u territorjali fl-Unjoni (l-Artikolu 36), u l-protezzjoni tal-konsumatur (l-Artikolu 38).

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-impatt finanzjarju u baġitarju ta' dan il-pakkett huwa spjegat fid-dettall fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva annessa mar-Regolament Prinċipali. Tinkludi wkoll l-impatti finanzjarji u baġitarji tad-Direttiva Prinċipali.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-progress lejn il-kisba tal-objettivi speċifiċi abbażi tal-lista mhux eżawrjenti ta' indikaturi elenkati fit-Taqsima 9 tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha. Il-lista tiffoka fuq l-indikaturi għal kull settur, iżda se jiġu mmonitorjati wkoll indikaturi usa' biex jitkejjel l-impatt usa' fuq is-suq, anke jekk dawk jistgħu jiġu attribwiti inqas direttament għal din l-inizjattiva. Dawn l-indikaturi jinkludu miżuri li jivvalutaw l-aċċess għall-kapital u għall-istrutturi ta' finanzjament korporattiv jew il-livell ta' parteċipazzjoni tal-investitur bl-imnut fis-suq kapitali.

L-evalwazzjoni *ex post* tal-miżuri leġiżlattivi l-ġodda kollha hija prijorità għall-Kummissjoni. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jirrieżaminaw l-outputs, ir-riżultati u l-impatti ta' din l-inizjattiva ladarba l-istrument legali jkun daħal fis-seħħ. Wara 5 snin, il-Kummissjoni se twettaq l-evalwazzjoni li jmiss tal-emendi li jinsabu f'din il-proposta, f'konformità mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

L-ebda dokument ta' spjegazzjoni ma jitqies meħtieġ.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Dan ir-Regolament Prinċipali jikkonsisti f'emendi għal:

- Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 (ir-Regolament dwar l-ESMA; l-Artikolu 1);
- ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 (EMIR; l-Artikolu 2);
- ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 (MiFIR; l-Artikolu 3);

- ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (CSDR; l-Artikolu 4);
- ir-Regolament (UE) 2015/2365 (SFTR; l-Artikolu 5);
- ir-Regolament (UE) 2019/1156 (CBDR; l-Artikolu 6);
- ir-Regolament (UE) 2021/23 (CCPRRR; l-Artikolu 7);
- ir-Regolament (UE) 2022/858 (DLTPR; l-Artikolu 8);
- ir-Regolament (UE) 2023/1114 (MiCA; l-Artikolu 9);
- ir-Regolament (KE) 1060/2009 (ir-Regolament dwar is-CRA; l-Artikolu 10);
- ir-Regolament (UE) 2016/1011 (ir-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji; l-Artikolu 11);
- ir-Regolament (UE) 2017/2402 (ir-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni; l-Artikolu 12);
- ir-Regolament (UE) 2023/2631 (ir-Regolament dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej; l-Artikolu 13); u
- r-Regolament (UE) 2024/3005 (ir-Regolament dwar il-Klassifikazzjonijiet ESG; l-Artikolu 14).

Artikolu 1 – Emendi tar-Regolament dwar l-ESMA

L-emendi proposti għar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 (ir-Regolament dwar l-ESMA) għandhom l-għan li jsaħħu l-mandat, il-governanza u l-finanzjament tal-ESMA biex tiġi żgurata superviżjoni aktar konsistenti, trasparenti u responsabbli madwar l-UE. Dan se joħloq kundizzjonijiet aħjar għall-integrazzjoni tas-suq, jiġġenera kisbiet fl-effiċjenza u jżid il-fiduċja tal-investituri fis-suq uniku.

F'termini ta' kompiti u setgħat, l-emendi proposti jadottaw approċċ doppju: (i) proposta għat-trasferiment tas-setgħat superviżorji lill-ESMA għal entitajiet tal-infrastruttura tas-suq u CASPs sinifikanti; u (ii) emendi biex jiżdiedu l-użu u l-effettività tal-għodod ta' konverġenza superviżorja. Dawn il-bidliet huma sostnuti minn rieżami tal-arranġamenti ta' governanza u finanzjament tal-ESMA biex jiġi żgurat li t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell tal-UE jkun sempliċi, indipendenti u effiċjenti u li jkunu disponibbli riżorsi xierqa biex jiġu implimentati l-objettivi l-ġodda.

Kompiti u setgħat ġenerali

L-emendi tal-**Artikoli 1, 4 u 8** għandhom l-għan li jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u jipprovdu definizzjonijiet aġġornati biex jirriflettu r-responsabbiltajiet superviżorji diretti l-ġodda. Il-bidliet iġibu wkoll il-mandat tal-ESMA f'konformità mal-objettivi tal-promozzjoni tal-innovazzjoni, is-superviżjoni xprunata mid-data u l-infurzar effettiv.

L-**Artikolu 8a** l-ġdid dwar **id-dmir ta' kooperazzjoni** jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-ESMA u l-awtoritajiet. L-għan huwa li jiġu promossi kollaborazzjoni akbar, kondiviżjoni tal-informazzjoni, u appoġġ reċiproku u li jinħoloq qafas għal kooperazzjoni strutturata iżda flessibbli bejn l-ESMA u awtoritajiet kompetenti jew rilevanti oħra. B'mod partikolari, dan jiżgura li l-ESMA tkun tista' twettaq il-kompiti superviżorji diretti tagħha mingħajr xkiel, b'mod effettiv u proporzjonat, filwaqt li tissalvagwardja l-indipendenza tagħha. Qed jiġi propost li l-ESMA tistabbilixxi **arranġamenti prattiċi flessibbli għall-kooperazzjoni**, imfassla għal setturi u kompiti speċifiċi, u ggwidati mill-prinċipji tal-effiċjenza, il-proporzjonalità u l-fiduċja reċiproka. Dawn l-arranġamenti jistgħu

jinkludu timijiet superviżorji konġunti, spezzjonijiet konġunti, jew koordinazzjoni operazzjonali. Dawn għandhom jippermettu aġġustamenti gradwali maż-żmien. L-arranġamenti għall-kooperazzjoni għandhom jipprijoritizzaw is-superviżjoni effettiva u effiċjenti fir-riżorsi, il-kontinwità u l-konsistenza tal-eżiti superviżorji, u r-rispett għar-responsabbiltajiet statutorji u r-riżorsi ta' awtoritajiet oħra. L-Artikolu 8a l-ġdid se jippermetti lill-ESMA u lil awtoritajiet oħra jaħdmu flimkien b'mod aktar effettiv, filwaqt li jisfruttaw l-għarfien espert u r-riżorsi kollettivi tagħhom biex jindirizzaw l-isfidi kumplessi li qed tiffaċċja s-sistema finanzjarja tal-UE. Dan, min-naħa tiegħu, se jikkontribwixxi għal suq finanzjarju Ewropew aktar integrat, stabbli u prosperu.

Sabiex tiġi żgurata superviżjoni effettiva, l-emendi tal-**Artikolu 9a** jwessgħu l-ambitu tas-setgħa tal-ESMA li toħroġ "ittri ta' ebda azzjoni" biex tkopri ċirkostanzi speċifiċi fejn l-applikazzjoni ta' att leġiżlattiv tqajjem kwistjonijiet sinifikanti għall-parteċipanti fis-suq. L-għan huwa li jiġu pprovduti ċarezza u gwida lill-parteċipanti fis-suq u jitnaqqas ir-riskju ta' applikazzjoni inkonsistenti tad-dritt tal-UE.

L-emendi tal-**Artikoli 10 u 15** jagħtu lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta att delegat jew ta' implimentazzjoni emendatorju anke jekk l-ESMA ma tipprovdix abbozz. Dan jindirizza lakuna attwali fil-qafas proċedurali għall-adozzjoni ta' standards tekniċi. L-emendi proposti jistabbilixxu wkoll proċedura għas-sospensjoni temporanja ta' standards regolatorji jew ta' implimentazzjoni (jew partijiet minnhom) taħt kundizzjonijiet speċifiċi. Dawn il-proċeduri għandhom l-għan li jagħmlu s-setgħat regolatorji tal-ESMA aktar flessibbli u adattabbli u għandhom jippermettu lill-Kummissjoni ttejjeb it-tfassil tar-regoli u żżid ir-rispons għal żviluppi ġodda tas-suq, u b'hekk tiżgura l-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji.

L-emendi tal-**Artikoli 8(2), 17 u 19(4)** jiċċaraw li, f'konformità mas-sentenza Corneli,[13] l-ESMA trid tapplika d-dritt tal-Unjoni. Dan jinkludi liġijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttivi tal-UE, li għandhom jiġu interpretati b'mod li jkun konsistenti ma' dawk id-Direttivi.

L-Artikolu 17aa jagħti lill-ESMA setgħa ġdida fil-qasam tal-konverġenza superviżorja biex tirrikjedi li awtorità kompetenti titlob l-opinjoni tagħha f'każijiet fejn reviżjoni bejn il-pari jew investigazzjoni jkunu identifikaw nuqqasijiet superviżorji serji. Barra minn hekk, l-ESMA se jkollha s-setgħa li tirrikjedi li jittieħdu azzjonijiet korrettivi fil-pront u effettivi biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet superviżorji. L-għan ta' din il-miżura l-ġdida ta' salvagwardja huwa li tippermetti lill-ESMA taġixxi f'każijiet fejn il-prodotti jew l-entitajiet jingħataw aċċess għas-suq tal-UE mingħajr superviżjoni adegwata jew fejn l-arbitraġġ regolatorju jimmina s-sistema tal-passaport.

L-Artikolu 19a jintroduċi pjattaformi ta' kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, li se jtejbu l-kooperazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet transfruntieri. Dan jibni fuq l-esperjenza ta' suċċess bi pjattaformi simili skont id-Direttiva Solvenza II. Dawn il-pjattaformi se jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni, jipproponu soluzzjonijiet u jippromwovu kultura ta' kollaborazzjoni. L-ESMA se jkollha s-setgħa li ssolvi kwalunkwe tilwim.

L-Artikoli 28a u 28b jipprevedu li jiġi stabbilit mekkaniżmu għar-rikonoxximent reċiproku ta' multi amministrattivi u assistenza bl-irkupru tagħhom f'kuntest transfruntier. L-għan huwa li jiġi ffaċilitat l-infurzar tar-regoli fis-suq uniku, b'kuntrast mas-sitwazzjoni attwali, li fiha l-irkupru tal-multi f'ġuriżdizzjoni oħra huwa kumpless ħafna jew saħansitra impossibbli.

---

13 https://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf;jsessionid=B54F40B5C7801E9DFE7713D203D58677?text=&docid=302484&pageIndex=0&doclang=MT&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=9588492

Setgħat superviżorji

Sabiex tiġi żgurata superviżjoni effettiva u konsistenti fis-setturi kollha, qed jiġi propost li jiddaħħal **Kapitolu IIa ġdid** li jikkonsolida s-setgħat proċedurali tal-ESMA kif attwalment stabbiliti fil-leġiżlazzjoni settorjali f'qafas uniku u transsettorjali. Dan il-qafas jirrazzjonalizza r-regoli għat-talbiet għal informazzjoni, l-investigazzjonijiet, l-ispezzjonijiet fuq il-post, il-miżuri superviżorji, u l-penali, filwaqt li jissalvagwardja d-drittijiet tad-difiża, il-privileġġ professjonali legali, u l-protezzjoni ġudizzjarja. Billi jistabbilixxi sett konsistenti u uniformi ta' setgħat proċedurali, ir-Regolament iżid iċ-ċertezza legali, jippromwovi l-konverġenza u l-effiċjenza superviżorji, u jgħin lill-ESMA teżerċita r-responsabbiltajiet superviżorji diretti tagħha b'mod responsabbli. Dawn is-setgħat huma mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe setgħa aktar speċifika jew differenti stabbilita f'Atti oħra tal-UE.

Finanzjament

Sabiex jiġi żgurat li l-attivitajiet superviżorji tal-ESMA jiġu ffinanzjati b'mod ġust u trasparenti, ir-Regolament jipproponi li jiġu armonizzati l-prinċipji li jirregolaw it-tariffi imposti fuq il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-ESMA (**l-Artikolu 39n**). Ir-Regolament jikkonsolida l-prinċipji li bħalissa huma mxerrda fil-leġiżlazzjoni settorjali sabiex jiġi stabbilit qafas unifikat għall-kalkolu tat-tariffi, għall-ambitu u għat-trasparenza. L-emendi proposti jippromwovu ċ-ċertezza legali u t-trasparenza kemm għall-entitajiet eżistenti kif ukoll għal dawk ġodda, u b'hekk jippermettulhom jantiċipaw u jippjanaw aħjar għat-tariffi superviżorji. L-emendi proposti fl-aħħar mill-aħħar jgħinu lill-ESMA tissorvelja u tirregola b'mod effettiv is-settur finanzjarju.

L-ESMA emendat ukoll ir-Regolament (UE) 2015/2365 biex dan isir konformi mal-bidliet fit-tariffi imposti fuq il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji.

Governanza

Din il-proposta tipprevedi struttura ta' governanza aktar effettiva għall-ESMA. Din tissostitwixxi l-Bord Maniġerjali attwali b'**Bord Eżekuttiv** b'membri full-time indipendenti (l-Artikoli 44a u 46a) u taġġusta l-kompożizzjoni tal-Bord tas-Superviżuri (l-Artikolu 40). Il-proposta tiċċara r-responsabbiltajiet rispettivi ta' dawn iż-żewġ bordijiet (l-Artikoli 43 u 46a). Il-Bord Eżekuttiv se jikkonsisti mill-president u minn ħames membri full-time, b'esperjenzi superviżorji diversi, u, kollettivament, fehim xieraq tas-setturi taħt is-superviżjoni tal-ESMA. Il-membri se jinħatru fi proċess li jinvolvi lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dawn se jkunu soġġetti għal regoli stretti dwar il-kunflitt ta' interess u l-mandat tagħhom se jkun limitat għal 5 snin bil-possibbiltà ta' estensjoni ta' sentejn. L-Artikolu 46a jistabbilixxi l-kompiti tal-Bord Eżekuttiv, li se jkun prinċipalment responsabbli għad-deċiżjonijiet relatati mas-superviżjoni diretta tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji. Il-Bord Eżekuttiv se jkollu wkoll firxa ta' setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet, inkluż fuq awtoritajiet kompetenti individwali dwar ċerti kwistjonijiet mhux regolatorji, bħas-soluzzjoni ta' tilwim, kwistjonijiet relatati ma' ksur tad-dritt tal-UE u rieżamijiet indipendenti. Dan se jikkontribwixxi għal teħid ta' deċiżjonijiet aktar effettiv li jiżgura bilanċ tajjeb bejn l-ispeċifiċitajiet nazzjonali u l-interessi komuni tal-UE. Il-Bord Eżekuttiv se jassumi r-responsabbiltajiet tal-Bord Maniġerjali għat-tħejjija tal-programmi ta' ħidma u l-baġit tal-ESMA, u l-attivitajiet tal-Bord Maniġerjali se jieqfu. Ir-referenzi eżistenti kollha għall-Bord Maniġerjali se jiġu sostitwiti b'referenzi għall-Bord Eżekuttiv. Il-membri tal-Bord Eżekuttiv, inkluż il-president, se jkollhom vot wieħed kull wieħed u l-president se jkollu vot deċiżiv.

Il-**Bord tas-Superviżuri** jibqa' l-korp ewlieni tal-ESMA inkarigat mill-gwida ġenerali u mit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet regolatorji u dwar il-konverġenza superviżorja. L-emendi proposti għall-Artikolu 40 ibiddlu l-kompożizzjoni tal-Bord tas-Superviżuri biex

jinkludu l-membri full-time tal-Bord Eżekuttiv. Il-Bord tas-Superviżuri se jkun jista' joġġezzjona għad-deċiżjonijiet superviżorji ewlenin meħuda mill-Bord Eżekuttiv fi żmien 10 ijiem, jew 48 siegħa f'każijiet urġenti. Il-Bord Eżekuttiv jista' jitlob opinjonijiet mill-Bord tas-Superviżuri dwar kwistjonijiet superviżorji u għandu jirrapporta lill-Bord tas-Superviżuri dwar l-attivitajiet superviżorji tiegħu darbtejn fis-sena. Fil-kapaċità tagħhom bħala membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri, il-membri tal-Bord Eżekuttiv se jġibu l-għarfien espert tagħhom lill-Bord tas-Superviżuri u jivvutaw dwar kwistjonijiet ġenerali ta' konverġenza superviżorja.

Artikolu 2 – Emendi tar-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew

Superviżjoni ta' CCPs sinifikanti

L-Artikoli 22a sa 22c il-ġodda huma introdotti biex jagħtu lill-ESMA superviżjoni diretta fuq CCPs sinifikanti, jispeċifikaw id-dettalji kollha rigward il-proċessi biex CCP tiġi ddeterminata bħala CCP sinifikanti mill-ESMA, jispeċifikaw is-setgħat attribwiti lill-ESMA fuq CCPs sinifikanti u jintroduċu dispożizzjoni rigward it-tariffi superviżorji imposti mill-ESMA fuq CCPs li tissorvelja. L-Artikolu 12 huwa emendat biex jagħti lill-ESMA s-setgħa li timponi penali. Ġie introdott ukoll Anness V ġdid biex jipprovdi lista ta' każijiet ta' ksur li għalihom l-ESMA tista' timponi multi. L-Artikolu 2 huwa emendat biex jadatta d-definizzjoni ta' "awtorità kompetenti" u jintroduċi definizzjonijiet ġodda tat-termini "CCP sinifikanti", "awtorità kompetenti tas-CCP" u "awtorità nazzjonali kompetenti". Barra minn hekk, l-Artikolu 22 huwa emendat biex jipprovdi lill-Istati Membri bl-opzjoni li jaħtru lill-ESMA bħala l-awtorità kompetenti tas-CCP anke għas-CCPs inqas sinifikanti tagħhom. Sabiex jiġi żgurat li dawn id-definizzjonijiet ikunu konsistenti f'partijiet relatati tar-Regolament u sabiex jirriflettu l-awtorità superviżorja tal-ESMA fuq CCPs sinifikanti, ġew introdotti wkoll emendi għar-Regolament (UE) 2021/23.

L-Artikoli 14, 17 18, 20 huma adattati biex jabolixxu l-kulleġġi tas-CCPs sinifikanti u jaġġustaw id-diversi proċeduri ħalli jqisu r-rwol il-ġdid tal-ESMA, pereżempju billi jneħħu l-ħtieġa tal-opinjonijiet tal-ESMA meta jkunu involuti CCPs sinifikanti u biex jipprovdu għall-abolizzjoni tal-Kumitat Superviżorju tas-CCPs.

Barra minn hekk, l-Artikolu 23 huwa emendat biex iżid dispożizzjonijiet dwar il-kollaborazzjoni tal-ESMA mal-"awtoritajiet rilevanti għal CCPs sinifikanti". Din il-bidla hija akkumpanjata mill-introduzzjoni ta' definizzjoni ġdida tat-terminu "awtoritajiet rilevanti għal CCPs sinifikanti" fl-Artikolu 2, u Artikolu 22d ġdid biex tiġi pprovduta lista dettaljata ta' awtoritajiet rilevanti għal tali CCPs. Barra minn hekk, l-Artikoli 17c, 20, 23 u 24 huma emendati biex iqisu dan it-terminu l-ġdid fil-proċeduri u l-flussi ta' informazzjoni relatati.

L-Artikolu 89 huwa emendat biex jallinja d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali għas-CCPs li kienu diġà awtorizzati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju.

Superviżjoni ta' CCPs inqas sinifikanti

L-Artikolu 2 huwa emendat biex jintroduċi definizzjoni ta' "CCP inqas sinifikanti". L-Artikolu 18 huwa emendat biex l-ESMA ssir l-uniku president tal-kulleġġi għas-CCPs inqas sinifikanti. Barra minn hekk, l-Artikoli 24a, 24d u 25c huma emendati u l-Artikoli 24e u 90 jitħassru biex jirriflettu l-bidliet fil-governanza interna tal-ESMA, b'mod partikolari l-introduzzjoni tal-Bord Eżekuttiv il-ġdid tal-ESMA u t-tneħħija tal-Kumitat Superviżorju tas-CCPs.

Proċessi ta' aċċess miftuħ u ta' interoperabbiltà

L-Artikoli 7, 8 u 54 huma emendati biex jagħtu lill-ESMA d-dritt li tarbitra t-talbiet għal aċċess għal CCP u t-talbiet għal aċċess għal ċentru tan-negozjar u biex tapprova t-talbiet għal arranġamenti tal-interoperabbiltà.

Artikolu 3 – Emendi tar-Regolament dwar is-Swieq fl-Infrastruttura Finanzjarja

Iċ-ċentri tan-negozjar bħalissa huma ssorveljati fuq bażi nazzjonali. Pilastru ewlieni ta' din il-proposta huwa t-trasferiment lill-ESMA tal-kompetenzi superviżorji għaċ-ċentri tan-negozjar sinifikanti u l-Operaturi tas-Suq Pan-Ewropej (PEMOs, Pan-European Market Operators) (u ċ-ċentri tan-negozjar mħaddma mill-PEMOs). Ċentru tan-negozjar jitqies bħala sinifikanti jekk ikun importanti għall-ekonomija tal-UE jew jekk, minbarra li jkun sinifikanti fid-daqs, ikollu dimensjoni transfruntiera sinifikanti. Il-proposta tagħti lill-ESMA s-setgħat meħtieġa biex twettaq il-kompiti superviżorji tagħha, għalkemm ċerti setgħat ta' sorveljanza tas-suq jibqgħu fil-livell nazzjonali u jingħataw lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza.

Minħabba l-importanza tal-prossimità għall-ekosistemi tas-suq lokali, l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jżommu r-responsabbiltajiet fil-livell lokali biex jiżguraw l-integrità tas-suq taċ-ċentri tan-negozjar sinifikanti jew taċ-ċentri tan-negozjar operati minn PEMO. Madankollu, dawk ir-responsabbiltajiet ikunu limitati għas-superviżjoni tan-negozjar ordnat u tal-monitoraġġ tal-abbuż tas-suq u ma jestendux għall-obbligi imposti direttament fuq iċ-ċentri tan-negozjar.

Armonizzazzjoni tar-regoli applikabbli għaċ-ċentri tan-negozjar

Id-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva II dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji) tistabbilixxi r-regoli għall-awtorizzazzjoni u l-operat taċ-ċentri tan-negozjar. Madankollu, il-fatt li dawk ir-regoli ġew stabbiliti f'Direttiva wassal biex id-dritt tal-Unjoni jiġi traspost u interpretat b'mod differenti. Dan irriżulta wkoll f'ħafna Stati Membri li adottaw miżuri addizzjonali f'oqsma mhux strettament armonizzati skont id-Direttiva, bħar-rekwiżiti prudenzjali għas-swieq regolati. Il-ħolqien ta' "ġabra unika tar-regoli" għaċ-ċentri tan-negozjar huwa prekundizzjoni għal superviżjoni effettiva fil-livell tal-UE. Għalhekk, il-proposta ddaħħal Titolu Ia ġdid fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 (ir-Regolament dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji) biex tarmonizza aktar ir-regoli għaċ-ċentri tan-negozjar u tneħħi r-regoli nazzjonali li jfixklu l-funzjonament tas-suq uniku. Għadd sinifikanti tal-miżuri ġew ittrasferiti direttament mid-Direttiva II dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, iżda t-Titolu Ia l-ġdid jispeċifika wkoll il-qafas applikabbli f'oqsma li qabel tħallew għad-diskrezzjoni nazzjonali.

Barra minn hekk, it-Titolu Ia l-ġdid propost jiċċara t-tipi ta' attivitajiet transfruntieri li suq regolat jista' jwettaq abbażi tal-liċenzja individwali tiegħu. Għalhekk dan jiċċara wkoll li mhux biss is-swieq regolati għandhom ikunu jistgħu jipprovdu arranġamenti li jippermettu l-aċċess għaċ-ċentru tagħhom minn Stati Membri oħra (permezz ta' "skrins tan-negozjar"), kif diġà previst fid-Direttiva II dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, iżda għandhom ikunu jistgħu jipprovdu wkoll servizzi marbuta ma': (i) l-ammissjoni għan-negozjar ta' titoli fiċ-ċentru tagħhom; u (ii) l-ammissjoni ta' membri ġodda minn Stati Membri oħra. Dan jiċċara wkoll li s-swieq regolati jistgħu jagħmlu dan jew billi jistabbilixxu fergħa jew, mingħajr fergħa, permezz tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-suq uniku kollu tal-UE. Il-faċilitajiet multilaterali tan-negozjar u l-faċilitajiet organizzati tan-negozjar għandhom l-istess drittijiet.

Fl-aħħar nett, il-proposta għandha l-għan li tiffaċilita l-allokazzjoni tar-riżorsi u tal-funzjonijiet fi ħdan grupp. Għalhekk, it-Titolu Ia jiċċara li l-allokazzjoni ta' riżorsi lil entità fl-istess grupp jew id-dipendenza fuq tali entità biex twettaq ċerti funzjonijiet ma għandiex titqies bħala esternalizzazzjoni għall-fini tar-Regolament dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji. Dan jiċċara wkoll li l-pożizzjoni ġeografika ta' entità li lilha jiġu allokati r-riżorsi

jew li fuqha wieħed joqgħod biex iwettaq ċerti funzjonijiet ma għandhiex tkun rilevanti għall-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti tal-konformità taċ-ċentru tan-negozjar mar-rekwiżiti organizzazzjonali tiegħu.

Ħolqien ta' status ta' "Operatur tas-Suq Pan-Ewropew"

Il-proposta toħloq status ġdid ta' "Operatur tas-Suq Pan-Ewropew" (PEMO), u dan jippermetti l-operat ta' diversi ċentri tan-negozjar f'aktar minn Stat Membru wieħed abbażi ta' liċenzja waħda. Jekk PEMO jieħu f'idejh ċentri tan-negozjar eżistenti, il-proposta tipprevedi li l-awtorizzazzjoni(jiet) individwali li taħthom joperaw dawk iċ-ċentri jitqiesu nulli ladarba tinħareġ l-awtorizzazzjoni l-ġdida tal-PEMO. It-Titolu Ia l-ġdid jistabbilixxi l-proċedura ta' awtorizzazzjoni fid-dettall u r-rekwiżiti applikabbli għall-PEMOs. Il-proposta tiċċara wkoll li PEMO għandu jkun responsabbli biex jiżgura li ċ-ċentri tan-negozjar li jopera jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli għas-swieq regolati, il-faċilitajiet multilaterali tan-negozjar jew il-faċilitajiet organizzati tan-negozjar, kif xieraq. Fl-aħħar nett, għal oqsma tal-liġi li għadhom ma humiex armonizzati (eż. il-liġi tat-taxxa) jew li għadhom ma humiex kompletament armonizzati (eż. regoli dwar it-trasparenza) skont id-dritt tal-UE, il-proposta tiċċara li, għal kull ċentru tan-negozjar, il-PEMO għandu japplika l-liġi tal-Istat Membru fejn dak iċ-ċentru tan-negozjar jitqies li jinsab jew li huwa operat, u li l-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali rilevanti għandha tkun dik tal-Istat Membru fejn ċentru operat minn PEMO jitqies li jinsab jew li huwa operat. Barra minn hekk, huwa ċċarat li, meta PEMO jieħu f'idejh l-operat ta' ċentru tan-negozjar li jkun diġà ġie awtorizzat, dak iċ-ċentru tan-negozjar għandu jitqies li jinsab jew li huwa operat fl-Istat Membru fejn kien inizjalment awtorizzat.

Aċċess miftuħ

Skont din il-proposta, ir-regoli li skonthom ċentru tan-negozjar ikollu aċċess għas-servizzi ta' CCP (l-Artikolu 35 tar-Regolament dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji) u li skonthom CCP ikollu aċċess għall-informazzjoni dwar in-negozjar ta' ċentru tan-negozjar (l-Artikolu 36 tar-Regolament dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji) jiġu razzjonalizzati biex jiġi żgurat li tali aċċess ma jiddewwimx mingħajr ġustifikazzjoni u li l-aċċess jiġi rrifjutat biss meta jkun hemm riskji sistemiċi sinifikanti jew riskji għall-funzjonament ordnat tas-swieq. Barra minn hekk, il-prattika tas-suq magħrufa bħala "ikklerjar preferut" tkun ipprojbita meta żewġ partijiet jagħżlu li jikklerjaw f'CCPs differenti li jkunu diġà ngħataw aċċess għal ċentru tan-negozjar partikolari u jkunu diġà stabbilew arranġamenti tal-interoperabbiltà.

Titjib tat-tape konsolidat

Skont ir-Regolament attwali dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, it-tape konsolidat għall-ishma u għall-fondi nnegozjati fil-borża ma jipprovdix informazzjoni dwar l-identità taċ-ċentru tan-negozjar li joffri l-aħjar prezz tat-talba u tal-offerta jew dwar il-profondità tal-portafoll tan-negozjar. Minħabba l-importanza ta' din l-informazzjoni għall-utenti tat-tape konsolidat, il-proposta żżidha mat-tape. Il-proposta ttejjeb ukoll it-trasparenza dwar il-kwotazzjonijiet minn internalizzaturi sistematiċi għal ordnijiet li joriġinaw minn klijenti bl-imnut.

Artikolu 4 – Emendi tar-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli

Modernizzazzjoni tal-qafas regolatorju għas-servizzi tas-CSD

L-Artikolu 2 tar-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli huwa emendat sabiex jippermetti l-forniment ta' servizzi tas-CSD bl-użu tad-DLT. B'mod speċifiku, id-definizzjonijiet eżistenti ta' "entrata fil-kotba", "flus kontanti" u "kontijiet tat-titoli" huma emendati u jiżdiedu d-definizzjonijiet ta' "teknoloġija ta' reġistru distribwit" u "token tal-flus

elettroniċi". Bl-istess mod, l-Artikolu 30 relatat mal-esternalizzazzjoni huwa emendat biex ikopri l-forniment ta' servizzi tas-CSD bl-użu tad-DLT u ġie introdott Artikolu ġdid (l-Artikolu 45a) dwar ir-riskji relatati mal-użu tad-DLT barra minn arranġament ta' esternalizzazzjoni. Fl-aħħar nett, il-qafas stabbilit fit-Titolu IV għas-saldu tal-parti ta' flus ta' tranżazzjoni ta' titoli huwa emendat biex jippermetti s-saldu, taħt kundizzjonijiet speċifiċi, b'ċerti tokens tal-flus elettroniċi awtorizzati skont ir-Regolament dwar is-Swieq fil-Kriptoassi.

Superviżjoni ta' CSDs sinifikanti

L-Artikolu 11 tas-CSDR huwa emendat biex jagħti lill-ESMA awtorità superviżorja diretta fuq CSDs sinifikanti u jiżdied l-Artikolu 11a ġdid biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għad-determinazzjoni ta' liema CSDs tal-UE huma "sinifikanti". Peress li l-ESMA se ssir is-superviżur dirett ta' CSDs sinifikanti, l-Artikolu 2 huwa emendat biex jaġġusta d-definizzjoni ta' "awtorità kompetenti", u tiżdied definizzjoni ġdida ta' "awtorità nazzjonali kompetenti". L-Artikolu 10 huwa emendat biex jirrifletti r-rwol il-ġdid tal-ESMA bħala superviżur. It-Titolu V dwar is-sanzjonijiet huwa emendat ukoll biex jirrifletti r-rwol il-ġdid tal-ESMA, u Anness II ġdid jelenka l-każijiet ta' ksur li għalih l-ESMA tista' timponi sanzjonijiet.

L-Artikolu 24a huwa emendat biex jabolixxi l-kulleġġi għal CSDs sinifikanti u l-Artikoli 15, 16, 17, 19, 20, 21, 21a, 22b, 27b, 60 u 62 huma emendati biex jaġġustaw id-diversi proċeduri biex iqisu r-rwol il-ġdid tal-ESMA. Dan jinkludi, pereżempju, it-tneħħija tal-ħtieġa ta' opinjoni mill-ESMA fejn ikunu involuti CSDs sinifikanti. L-Artikolu 10 jipprovdi wkoll aktar dettalji dwar is-setgħat superviżorji u ta' sorveljanza tal-ESMA fuq CSDs sinifikanti.

Minħabba s-setgħat il-ġodda tal-ESMA fuq CSDs sinifikanti, Artikolu 25a ġdid jistabbilixxi l-qafas għat-tariffi superviżorji li jistgħu jiġu imposti mill-ESMA.

Integrazzjoni tas-servizzi tas-CSD

L-Artikolu 14 huwa emendat biex jipprovdi dispożizzjonijiet aktar dettaljati dwar il-kooperazzjoni bejn l-ESMA, l-awtoritajiet rilevanti, u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

L-Artikolu 2 huwa emendat biex jintroduċi definizzjoni tat-terminu "ċentru tas-CSD", u Artikolu 48a ġdid jistabbilixxi l-proċedura għall-ESMA biex tiddetermina liema CSDs tal-UE jitqiesu bħala ċentri tas-CSD. Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji kollha maħruġa fis-CSDs tal-UE, l-Artikolu 48a jintroduċi rekwiżit għaċ-ċentri tas-CSDs biex jistabbilixxu konnessjonijiet reċiproċi ma' ċentri oħra tas-CSDs, u għas-CSDs li ma humiex ċentri biex jistabbilixxu konnessjonijiet reċiproċi ma' ċentru tas-CSDs.

Biex jiġu integrati aktar is-CSDs tal-UE, l-Artikolu 40 huwa emendat biex jirrikjedi li s-CSDs tal-UE li jsaldaw il-parti ta' flus tat-tranżazzjonijiet tagħhom f'munita disponibbli fuq pjattaforma integrata tal-UE jikkonnettjaw direttament ma' dik il-pjattaforma u jippermettu lill-parteċipanti tagħhom isaldaw il-parti ta' flus f'kontijiet miftuħa fuq dik il-pjattaforma.

L-Artikolu 54 huwa emendat biex jiġu llaxkati r-rekwiżiti li japplikaw meta CSD ikun jixtieq jaħtar istituzzjoni ta' kreditu biex tipprovdi servizzi anċillari ta' tip bankarju, speċifikament meta l-parti ta' flus tiġi saldata f'muniti mhux tal-UE.

L-Artikolu 19a jiżdied biex jintroduċi proċess simplifikat għall-esternalizzazzjoni tas-servizzi ewlenin fi ħdan grupp ta' CSDs.

Titjib tar-reġim tal-passaportar tas-CSD

Bil-għan li jitneħħew l-ostakli li fadal għall-passaportar tas-servizzi tas-CSD fl-UE, l-Artikolu 23 huwa emendat biex jirrikjedi biss notifika *ex post* meta CSD tal-UE jibda joffri s-servizzi

tiegħu lill-emittenti stabbiliti fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru tal-awtorizzazzjoni tas-CSD.

Artikolu 6 – Emendi tar-Regolament dwar id-Distribuzzjoni Transfruntiera

Il-bidliet proposti għar-Regolament (UE) 2019/1156 (ir-Regolament dwar id-Distribuzzjoni Transfruntiera) għandhom l-għan li jneħħu l-ostakli għall-operazzjonijiet transfruntieri tal-fondi ta' investiment u jsaħħu s-setgħat tal-ESMA biex trawwem kultura superviżorja komuni u tikkoordina aħjar l-attivitajiet bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti domiċiljari u dawk ospitanti.

Armonizzazzjoni tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni

L-Artikolu 4 tar-Regolament dwar id-Distribuzzjoni Transfruntiera huwa emendat biex jiċċara li l-Maniġers tal-Fondi ta' Investiment Alternattiv (AIFMs), tal-Fond Ewropew ta' Kapital ta' Riskju (EuVECA, European Venture Capital Fund) u tal-Fond ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropew (EuSEF, European Social Entrepreneurship Fund) u l-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti dwar il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni jiġu ssodisfati anke meta l-funzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni tiġi ddelegata lil parti terza. Madankollu, meta l-kummerċjalizzazzjoni titwettaq minn distributuri terzi li jaġixxu f'isimhom stess sabiex l-AIFMs u l-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS ma jibqgħux fil-kontroll tal-funzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni, l-AIFMs u l-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS ma humiex soġġetti għar-rekwiżiti dwar il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni. Huwa speċifikat ukoll li l-Istati Membri ospitanti ma jistgħu jimponu l-ebda rekwiżit addizzjonali fuq il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni apparti dawk stabbiliti fl-Artikolu 4. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tispeċifika l-format u l-kontenut tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni.

L-Artikoli 5, 6, 8, 11 u 13 tar-Regolament dwar id-Distribuzzjoni Transfruntiera jitħassru biex jitnaqqsu l-prattiki nazzjonali diverġenti dwar il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni u l-pagament ta' tariffi u imposti regolatorji.

L-Artikolu 7 tar-Regolament dwar id-Distribuzzjoni Transfruntiera huwa sostitwit b'Artikolu 7 ġdid li jispeċifika li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti ma għandhomx jirrikjedu notifika minn qabel tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni, iżda meta jemmnu li l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4, huma jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-maniġer tal-AIFM, tal-EuVECA jew tal-EuSEF jew lill-UCITS biex jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jipprevjenu jew jippenalizzaw aktar irregolaritajiet. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti jistgħu jkomplu jirreferu l-kwistjoni lill-ESMA jekk ma jkunux sodisfatti bl-azzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti domiċiljari.

Żieda fit-trasparenza dwar it-tariffi u l-imposti applikati mill-Istati Membri ospitanti

L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/1156 huwa emendat biex jagħti mandat lill-ESMA sabiex tippubblika u żżomm informazzjoni aġġornata dwar it-tariffi regolatorji u l-bidliet imposti mill-awtoritajiet kompetenti ospitanti lill-maniġers tal-AIFMs, tal-EuVECA, tal-EuSEF u lill-UCITS li jikkummerċjalizzaw AIFs jew UCITS fit-territorji tagħhom, inklużi l-livell u l-frekwenza ta' dawk it-tariffi u l-modalitajiet tal-pagament tagħhom.

Titjib tar-reġim tal-passaportar għall-UCITS u għall-AIFs

L-Artikolu 12 tar-Regolament dwar id-Distribuzzjoni Transfruntiera huwa mħassar u ssostitwit b'setgħa ġdida għall-ESMA li tiżviluppa pjattaforma tad-data li tkun tinkludi informazzjoni dwar l-AIFs u l-UCITS ikkkumerċjalizzati fuq bażi transfruntiera, id-dokumentazzjoni pprovduta bħala parti min-notifika tal-kummerċjalizzazzjoni tagħhom u kwalunkwe bidla fiha, u denotifiki tal-arranġamenti tal-kummerċjalizzazzjoni.

L-eks Kapitolu XI tad-Direttiva 2009/65/KE u l-Artikoli 30a, 31, 32 u 32a tad-Direttiva 2011/61/UE li jirregolaw il-kummerċjalizzazzjoni tal-UCITS u tal-AIFs tal-UE mmaniġġjati minn AIFMs tal-UE madwar l-Unjoni huma importati fir-Regolament (UE) 2019/1156 u emendati biex jottimizzaw il-proċeduri ta' notifiki u denotifiki ta' kummerċjalizzazzjoni u jiffaċilitaw il-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-AIFs u tal-UCITS. B'mod partikolari, ir-Regolament (UE) 2019/1156 huwa kkomplementat biex jippermetti lill-UCITS u lill-AIFMs jikkummerċjalizzaw fondi fi Stat Membru għajr l-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom, billi jindikaw tali intenzjoni fl-applikazzjoni tagħhom għall-awtorizzazzjoni u għat-trażmissjoni bħala parti mid-dokumentazzjoni tal-awtorizzazzjoni tagħhom marbuta mal-kummerċjalizzazzjoni tal-UCITS jew tal-AIFs fi Stati Membri oħra (eż. komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni, id-dokument tat-tagħrif ewlieni għall-investitur, il-prospett, ir-rapport annwali). Mal-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS jew tal-AIFM għandhom jittrażmettu dik l-informazzjoni lill-pjattaforma tad-data tal-ESMA u l-UCITS jew l-AIFM jistgħu jaċċessaw is-swieq tal-Istati Membri indikati fl-applikazzjoni tagħhom għall-awtorizzazzjoni mid-data ta' dik it-trażmissjoni. Ir-Regolament (UE) 2019/1156 huwa kkomplementat ukoll biex jintroduċi proċeduri speċifiċi meta jkun hemm bidliet fl-ambitu tan-notifika ta' kummerċjalizzazzjoni inizjali, inklużi bidliet fl-Istati Membri li fihom l-unitajiet jew l-ishma tal-UCITS jew tal-AIFs għandhom jiġu kkummerċjalizzati.

L-Artikolu 32a preċedenti tad-Direttiva 2011/61/UE u l-Artikolu 93a preċedenti tad-Direttiva 2009/65/KE huma importati fir-Regolament (UE) 2019/1156 u huma emendati biex jissimplifikaw id-denotifika tal-arranġamenti magħmula għall-kummerċjalizzazzjoni tal-unitajiet jew l-ishma tal-UCITS jew tal-AIFs. Tneħħiet il-projbizzjoni eżistenti ta' 36 xahar ta' prekummerċjalizzazzjoni tal-unitajiet jew tal-ishma tal-AIFs tal-UE bi strateġiji ta' investiment simili fl-Istat Membru identifikat fid-denotifika.

Superviżjoni tal-UCITS u tal-AIFs ikkummerċjalizzati madwar l-UE

Ir-Regolament dwar id-Distribuzzjoni Transfruntiera huwa kkomplementat biex jispeċifika s-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti ospitanti tal-AIFM u tal-UCITS fir-rigward tal-AIFs u tal-UCITS ikkummerċjalizzati fit-territorji tagħhom. Ir-Regolament (UE) 2019/1156 huwa ssupplimentat aktar biex jagħti s-setgħa lill-ESMA tidentifika u twettaq azzjonijiet biex tindirizza azzjonijiet superviżorji diverġenti, duplikattivi, żejda u defiċjenti li jfixklu l-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-AIFs tal-UE ġestiti minn AIFM tal-UE u tal-UCITS madwar l-Unjoni. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar id-Distribuzzjoni Transfruntiera huwa emendat biex jagħti lill-ESMA s-setgħa li tintervjeni meta l-awtoritajiet nazzjonali ma japplikawx b'mod effettiv ir-regoli tal-Unjoni, jew li tissospendi direttament il-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-AIFs u tal-UCITS f'ċerti każijiet.

Fl-aħħar nett, ir-Regolament dwar id-Distribuzzjoni Transfruntiera huwa ssupplimentat biex jiċċara li l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jirreferu lill-ESMA kwalunkwe nuqqas ta' qbil dwar valutazzjonijiet, azzjonijiet, jew ommissjonijiet, li l-ESMA għandha

ssolvi f'konformità mas-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 8 – Emendi tar-Regolament dwar ir-Reġim Pilota tad-DLT tal-UE

Din il-proposta temenda wkoll ir-Reġim Pilota tad-DLT (ir-Regolament (UE) 2022/858) biex iżżid l-flessibbiltà u l-proporzjonalità tar-reġim, kif ukoll l-iskala u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u biex tindirizza t-tħassib dwar id-durabbiltà tar-reġim billi tneħħi l-limiti ta' żmien tal-permessi mogħtija skont il-proġett pilota.

Espansjoni u titjib tal-flessibbiltà tal-ambitu tal-istrumenti eliġibbli u l-iskala tal-attivitajiet

L-Artikolu 2 huwa emendat biex jintroduċi kunċetti ġodda. Fost l-oħrajn, l-infrastruttura tan-negozjar fir-Reġim Pilota issa tissejjaħ ċentru tan-negozjar (TV, Trading Venue) tad-DLT (TV tad-DLT) biex tirrifletti li jkun possibbli li jiġu operati kemm sistema kummerċjali multilaterali kif ukoll faċilità organizzata tan-negozjar taħt ir-Reġim Pilota. L-Artikolu 3 huwa emendat biex jagħmel limiti attwali aktar flessibbli tar-reġim pilota, kemm fuq it-tip ta' strumenti finanzjarji li huma eliġibbli kif ukoll fuq l-iskala tal-attività li tista' titwettaq f'dawn l-istrumenti. Għall-iskala tal-attivitajiet, il-proposta żżomm valur tas-suq aggregat massimu totali tal-istrumenti finanzjarji kollha tad-DLT li jistgħu jiġu ammessi għan-negozjar jew irreġistrati f'infrastruttura tas-suq DLT iżda tgħollih għal EUR 100 biljun. Fl-aħħar nett, jitneħħa l-livell limitu speċifiku għall-prodott.

Ħolqien ta' reġim simplifikat għal infrastrutturi iżgħar tas-suq DLT

L-Artikolu 3 huwa emendat aktar u jiżdied Artikolu 7a ġdid biex jiġi introdott reġim simplifikat għall-operaturi ta' infrastrutturi iżgħar tad-DLT li jipprovdu servizzi tas-CSD sakemm jibqgħu taħt il-livell limitu ta' mhux aktar minn EUR 10 biljun tal-valur tas-suq totali tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT irreġistrati. Ir-reġim simplifikat ikun jinkludi regoli li huma adattati għall-iskala tal-attivitajiet imwettqa minn operaturi iżgħar. Skont l-attivitajiet li jippjanaw li jwettqu, l-applikanti għar-reġim simplifikat ikunu meħtieġa li jkollhom awtorizzazzjoni sottostanti biex ikunu eliġibbli, bħal CASP, CSD jew liċenzja ta' ditta ta' investiment. L-entitajiet li joperaw taħt ir-reġim simplifikat ikunu soġġetti għal subsett speċifikat ta' dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li jirriżultaw f'approċċ aktar proporzjonat u bbażat fuq il-prinċipji għar-regolamentazzjoni tal-forniment fuq skala żgħira ta' servizzi tas-CSD.

Espansjoni tal-ambitu tal-entitajiet eliġibbli

L-Artikolu 4 huwa emendat biex jespandi l-ambitu tal-entitajiet li jistgħu joperaw TV tad-DLT u sistema tan-negozjar u s-saldu (TSS, Trading and Settlement System) tad-DLT (TSS tad-DLT) biex jinkludi wkoll, minbarra d-ditti ta' investiment u s-CSDs, CASPs li huma awtorizzati joperaw pjattaforma ta' negozjar tal-kriptoassi. Il-CASPs li jitħallew joperaw infrastruttura tas-suq DLT, isiru soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-regoli tal-UE dwar in-negozjar u l-postnegozjar (ir-Regolament (UE) Nru 600/2014, id-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 909/2014) filwaqt li jibbenefikaw minn eżenzjonijiet immirati u ġustifikabbli bħal operaturi oħra tal-infrastrutturi tas-suq DLT.

Eżenzjonijiet addizzjonali fir-rigward tal-applikanti li joperaw TV tad-DLT u sistemi tas-saldu tad-DLT (SS tad-DLT)

L-Artikoli 4a u 5a l-ġodda huma introdotti biex joffru lill-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq DLT il-possibbiltà li jiksbu, taħt ċerti kundizzjonijiet stretti, eżenzjonijiet minn firxa wiesgħa ta' dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/65/UE, ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 u r-

Regolament (UE) Nru 909/2014 meta dawn ikunu nstabu li huma inkompatibbli jew sproporzjonati ħafna mal-użu tad-DLT. Qabel ma jagħtu eżenzjonijiet minn dispożizzjonijiet speċifiċi, l-awtoritajiet kompetenti jridu jitolbu opinjoni mhux vinkolanti mill-ESMA.

Regoli speċifiċi għall-operaturi ta' SS tad-DLT li jissaldaw il-pagamenti bl-użu ta' flus ta' bank kummerċjali u tokens tal-flus elettroniċi

L-Artikolu 5 huwa emendat biex jippermetti lill-operaturi ta' SS tad-DLT jiddeżinjaw istituzzjonijiet ta' kreditu għas-saldu ta' pagamenti fi flus ta' bank kummerċjali li jissodisfaw ir-rekwiżiti prudenzjali u kapitali tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 iżda li jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom f'attivitajiet oħra lil hinn mill-forniment ta' servizzi anċillari ta' tip bankarju tal-fini tas-saldu. Fir-rigward tas-saldu tal-pagamenti f'tokens tal-flus elettroniċi, huwa ċċarat li l-biċċa l-kbira tas-servizzi anċillari bankarji li jinvolvu tokens tal-flus elettroniċi għandhom jiġu pprovduti mill-istess tip ta' istituzzjonijiet ta' kreditu bħal dawk li jistgħu jsaldaw il-pagamenti fi flus tal-bank kummerċjali.

Forniment ta' servizzi individwali tas-CSD, skemi ta' saldu u interoperabbiltà bejn l-infrastrutturi tas-suq DLT

L-Artikoli l-ġodda 10a sa 10f huma introdotti biex, l-ewwel nett, jippermettu regolamentazzjoni speċifika għas-servizz ta' żewġ servizzi ewlenin ta' CSD, is-servizz ta' nutar u ta' manutenzjoni ċentrali, u, it-tieni, biex jintroduċu mudell ġdid għas-saldu li jiddependi fuq id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT b'aċċess għall-flus tal-bank ċentrali. Dawn l-artikoli jiżguraw ukoll superviżjoni komprensiva ta' dawn il-modi ġodda biex jiġu pprovduti s-servizzi ewlenin tas-CSD. Kemm in-nutar tad-DLT kif ukoll is-servizzi ta' manutenzjoni ċentrali tad-DLT jistgħu jiġu pprovduti minn ditta ta' investiment, suq regolat, istituzzjoni ta' kreditu, CSD, jew CASP li jiksbu permess speċifiku biex jipprovdu dak is-servizz, malli juru l-konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament (UE) Nru 909/2014. Konsegwentement, se jkun possibbli li jinħarġu u jiġu rreġistrati strumenti finanzjarji tad-DLT barra minn CSD, madankollu, dawn l-istrumenti se jkunu meħtieġa li jiġu saldati b'infrastruttura tas-suq regolata. Barra minn hekk, is-saldu tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT se jkun possibbli bejn id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jkollhom aċċess għall-kontijiet tal-flus tal-bank ċentrali. Dawn id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT se jkollhom ikunu parti minn skema ta' saldu, li hija sett ta' regoli u proċeduri miftiehma bejn il-parteċipanti għas-saldu ta' strumenti finanzjarji tad-DLT, u li trid tiġi vvalutata u awtorizzata minn qabel mill-ESMA. L-iskema ta' saldu u d-detenturi tal-kontijiet tad-DLT parteċipanti se jkollhom jikkonformaw ma' għadd ta' rekwiżiti li jiżguraw eżiti ta' saldu robusti u jirrapportaw regolarment lill-ESMA.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 10g il-ġdid jirrikjedi li l-entitajiet attivi fil-katina tal-valur tal-postnegozjar fir-Reġim Pilota, u lil hinn minnha, jistabbilixxu standards tekniċi li jappoġġaw l-interoperabbiltà bejn l-infrastrutturi tas-suq DLT, b'obbligu li jirrapportaw dwar il-ħidma tagħhom lill-ESMA. Filwaqt li tqis l-isforzi tal-industrija, l-ESMA hija meħtieġa tipprovdi lill-Kummissjoni b'parir tekniku dwar l-appoġġ għall-interoperabbiltà bejn l-infrastrutturi tas-suq DLT.

Artikolu 9 – Emendi tar-Regolament dwar is-Swieq fil-Kriptoassi

Trasferiment tas-superviżjoni tal-forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi

L-emendi tar-Regolament dwar is-Swieq fil-Kriptoassi (UE) 2023/1114 (MiCA) ifittxu li jittrasferixxu l-awtorizzazzjoni, il-monitoraġġ u s-superviżjoni tal-forniturі kollha ta' servizzi tal-kriptoassi ("CASPs", crypto-asset service providers) mill-awtoritajiet nazzjonali

kompetenti lill-ESMA. F'dan ir-rigward, id-definizzjonijiet fl-Artikolu 3 u d-dispożizzjonijiet tat-Titoli V u VI (l-Artikoli 59-92) tar-Regolament MiCA huma emendati biex l-ESMA ssir responsabbli għall-awtorizzazzjoni, il-monitoraġġ u s-superviżjoni tal-forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi, inklużi d-dispożizzjonijiet relatati mal-abbuż tas-suq għas-settur tal-kriptoassi.

Trattament ta' ċerti entitajiet finanzjarji li jipprovdu servizzi tal-kriptoassi

Ċerti ditti soġġetti għal atti leġiżlattivi tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji diġà jitħallew jipprovdu s-servizzi tal-kriptoassi kollha jew xi wħud minnhom mingħajr ma jkunu meħtieġa jiksbu awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi skont il-MiCA. Dawn l-entitajiet se jkomplu jiġu ssorveljati għall-attivitajiet tal-kriptoassi tagħhom mill-awtoritajiet kompetenti li tawhom awtorizzazzjoni skont atti oħra tal-Unjoni. Madankollu, jekk il-forniment ta' servizzi tal-kriptoassi jsir l-attività ewlenija ta' dawk l-entitajiet, dawn jiġu ttrattati bħala forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi u s-superviżjoni għall-attivitajiet kollha tagħhom tiġi ttrasferita lill-ESMA. Sabiex tissodisfa dan id-dmir, huwa previst li l-ESMA għandha tistabbilixxi ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti li awtorizzaw lil dawk l-entitajiet skont atti leġiżlattivi oħra tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji. Abbażi tal-ftehim ta' kooperazzjoni, dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu appoġġ u assistenza lill-ESMA fis-superviżjoni tal-attivitajiet li ma humiex koperti mir-Regolament (UE) 2023/1114. Peress li diġà hemm sistema ċentralizzata ta' superviżjoni bankarja, li tiżgura l-integrazzjoni u l-konsistenza fis-superviżjoni, ma għandu jkun hemm l-ebda trasferiment ta' setgħat superviżorji meta l-entità li tipprovdi servizzi tal-kriptoassi tkun istituzzjoni ta' kreditu.

Setgħat superviżorji tal-ESMA

Sabiex tissodisfa d-dmirijiet superviżorji tagħha skont il-MiCA, inkluża l-investigazzjoni ta' każijiet ta' ksur tar-regoli dwar l-abbuż tas-suq, l-emenda tintroduċi taqsima ġdida dwar is-setgħat u l-kompetenzi superviżorji tal-ESMA fit-Titolu VII (l-Artikoli 138a – 138j). Din iż-żieda hija akkumpanjata minn Anness VII ġdid, li jelenka l-każijiet ta' ksur possibbli tad-dispożizzjonijiet fit-Titoli V u VI għall-forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi u persuni oħra. L-ESMA se tiddependi fuq is-setgħat superviżorji l-ġodda introdotti fir-Regolament (UE) 1095/2010 u s-setgħat speċifiċi għas-settur introdotti fil-Kapitolu 6 il-ġdid tat-Titolu VII. Tali setgħat jinkludu s-setgħa li jitwettqu spezzjonijiet fuq il-post, li jittieħdu miżuri superviżorji u li jiġu imposti multi. L-ESMA għandha s-setgħa li tieħu firxa ta' miżuri superviżorji, inkluż, iżda mhux limitat għal, li tirrikjedi li l-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jtemm il-ksur, jissospendi l-forniment ta' servizzi tal-kriptoassi, u jirtira l-awtorizzazzjoni taħt ċerti kundizzjonijiet.

Kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħra u assistenza fit-twettiq tal-kompiti

L-ESMA għandha s-setgħa li tiskambja informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi sabiex twettaq ir-responsabbiltajiet superviżorji tagħha b'mod effettiv, kif ukoll tikkoopera ma' awtoritajiet rilevanti oħra u mal-Awtorità Bankarja Ewropea (l-Artikoli 138c -138f).

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Sabiex jiġi evitat tfixkil għall-forniturі eżistenti ta' servizzi tal-kriptoassi, l-emenda tintroduċi dispożizzjonijiet tranżizzjonali (l-Artikolu 143a) biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bla xkiel tas-superviżjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-ESMA u trażmissjoni bla xkiel tal-fajls u tad-dokumenti ta' ħidma mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti lill-ESMA. Huwa

previst ukoll perjodu tranżizzjonali għall-applikanti li l-applikazzjoni tagħhom għal awtorizzazzjoni tas-CASP bħalissa qed tiġi vvalutata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti iżda ma ġietx konkluża.

L-Artikolu 5 u l-Artikoli 10 sa 14 - Emendi tar-Regolament dwar it-Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli, ir-Regolament dwar l-Aġenziji ta' Klassifikazzjoni tal-Kreditu, ir-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji, ir-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni, ir-Regolament dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u r-Regolament dwar il-Klassifikazzjonijiet ESG

L-emendi introdotti fl-Artikoli 5 u 10 sa 14 jirrazzjonalizzaw il-qafas superviżorju u ta' infurzar applikabbli għar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet, għall-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, għall-amministraturi tal-parametri referenzjarji, għar-repożitorji tat-titolizzazzjoni, għar-rieżaminaturi esterni għall-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u għall-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG billi jallinjaw ir-reġimi proċedurali tagħhom mal-qafas superviżorju orizzontali l-ġdid stabbilit skont ir-Regolament dwar l-ESMA. Għadd kbir ta' dispożizzjonijiet proċedurali speċifiċi għas-settur—b'mod partikolari dawk li jirregolaw is-setgħat investigattivi, il-multi, il-ħlasijiet perjodiċi ta' penali, u l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet relatati—jitħassru u jiġu sostitwiti b'referenzi għas-sett ta' għodod konsolidat fl-Artikoli 39a sa 39m tar-Regolament (UE) 1095/2010. Din il-bidla tneħħi regoli proċedurali duplikattivi u xi kultant inkonsistenti inkorporati f'atti settorjali individwali u tissostitwihom b'sett uniku, koerenti u prevedibbli ta' proċeduri superviżorji. Fl-istess ħin, l-atti jiġu aġġornati biex jiġi żgurat li l-ESMA żżomm is-setgħat kollha meħtieġa sabiex tissorvelja l-entitajiet rilevanti, inkluża s-setgħa li tissospendi l-użu tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu, timponi multi, jew teżerċita sorveljanza fuq ir-rieżaminaturi esterni, filwaqt li d-dispożizzjonijiet dwar l-iffissar tat-tariffi jiġu armonizzati permezz ta' reġim trażversali bbażat fuq il-fatturat. Kollettivament, dawn l-emendi jnaqqsu l-frammentazzjoni, itejbu ċ-ċarezza legali u l-effiċjenza operazzjonali, u jiżguraw li s-superviżjoni transsettorjali tiġi eżerċitata taħt qafas proċedurali unifikat, filwaqt li jippreservaw regoli speċifiċi għas-settur fejn dawn jibqgħu essenzjali.

2025/0383 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, Nru 648/2012, Nru 600/2014, Nru 909/2014, 2015/2365, 2019/1156, 2021/23, 2022/858, 2023/1114, Nru 1060/2009, 2016/1011, 2017/2402, 2023/2631 u 2024/3005 fir-rigward tal-iżvilupp ulterjuri tal-integrazzjoni u s-superviżjoni tas-suq kapitali fl-Unjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[14],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-istrateġija tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (SIU, Savings and Investments Union) hija parti mill-istrateġija tal-Kummissjoni biex tipprovdi viżjoni tal-Unjoni bħala mutur ekonomiku. Għal dak il-għan, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit suq uniku għas-servizzi finanzjarji billi jiġu indirizzati l-ineffiċjenzi tas-suq li jirriżultaw mill-frammentazzjoni u li jinħolqu s-swieq kapitali Ewropej verament integrati li huma aċċessibbli għaċ-ċittadini u n-negozji kollha madwar l-Unjoni. Huwa importanti wkoll li l-potenzjal tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni jiġi sfruttat billi jiġi pprovdut aċċess għal finanzjament aktar effiċjenti bbażat fuq is-suq kapitali u billi jiġu ffaċilitati l-flussi kapitali transfruntieri, li min-naħa tagħhom jenħtieġ li jappoġġaw l-ekonomija tal-Unjoni, jistimulaw il-ħolqien tal-impjiegi u jsaħħu l-kompetittività.

(2) Huwa meħtieġ li jitrawwem suq kapitali bla xkiel fl-UE kollha billi jissaħħaħ il-qafas superviżorju u tiġi indirizzata l-frammentazzjoni regolatorja, u b'hekk tiġi żgurata integrazzjoni aħjar tas-swieq kapitali madwar l-Unjoni. B'mod partikolari, filwaqt li l-integrazzjoni tas-swieq kapitali fl-Unjoni fl-aħħar mill-aħħar jenħtieġ li tkun proċess immexxi mis-suq, ċerti ostakli li jirriżultaw b'mod partikolari mill-qafas leġiżlattiv tal-Unjoni jistgħu jostakolaw il-progress. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tiffoka biex tneħħi l-ostakli fis-setturi tan-negozjar, tal-postnegozjar u tal-immaniġġjar tal-assi, kif ukoll l-ostakli li jfixklu l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda. Hekk kif l-integrazzjoni tas-

[14] ĠU C , , p. .

suq ġiet approfondita, huwa kruċjali wkoll li l-qafas superviżorju tal-Unjoni jevolvi f'konformità ma' dan.

(3) Fil-kuntest tal-objettiv politiku li tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji u li titwettaq implimentazzjoni aktar effettiva u effiċjenti tal-politiki tal-Unjoni, il-Kummissjoni, wara li kkonsultat lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, lill-AMLA, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, fl-1 ta' Ottubru 2025 bagħtet ittra li tneħħi l-prijoritizzazzjoni tas-setgħat mhux essenzjali għall-funzjonament effettiv tal-leġiżlazzjonijiet tal-Livell 1. Għal dawk is-setgħat mhux prijoritizzati fejn il-Kummissjoni tkun meħtieġa legalment li taġixxi ("għandha + data") iċ-ċarezza legali għall-partijiet ikkonċernati tissaħħaħ meta l-att bażiku jiġi emendat ukoll.

(4) L-iżvilupp ta' suq kapitali tal-Unjoni aktar profond u integrat, kif previst fil-Komunikazzjoni tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, jeħtieġ superviżjoni konsistenti u effettiva fl-Istati Membri kollha. Il-prattiki superviżorji nazzjonali diverġenti joħolqu inċertezza legali, iżidu l-kost tal-attività transfruntiera u jifframmentaw is-suq uniku għas-servizzi finanzjarji, u b'hekk ifixklu l-integrazzjoni tas-suq u l-allokazzjoni effiċjenti tal-kapital. Biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ il-konverġenza superviżorja u, fejn xieraq, li l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ("ESMA") tiġi fdata b'kompiti u setgħat addizzjonali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni u s-sorveljanza effettiva tal-entitajiet b'rilevanza transfruntiera sinifikanti.

(5) Għal dak il-għan, l-ESMA jenħtieġ li tingħata kompetenzi addizzjonali u l-qafas ta' governanza u finanzjament tagħha jenħtieġ li jissaħħaħ biex jiġi promoss teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti, responsabbli u effiċjenti fil-livell tal-Unjoni u biex jiġi żgurat li l-ESMA jkollha biżżejjed riżorsi biex tissodisfa r-responsabbiltajiet estiżi tagħha. It-trasferiment ta' setgħat superviżorji diretti lill-ESMA fir-rigward ta' entitajiet sinifikanti fil-qasam tal-infrastruttura tas-suq u lill-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi (CASPs), flimkien ma' għodod ta' konverġenza superviżorja msaħħa, jenħtieġ li jikkontribwixxi għal suq kapitali aktar integrat, kompetittiv u reżiljenti li jagħti eżiti aħjar għall-investituri, għad-ditti u għall-ekonomija usa'.

(6) Skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([15]), l-ESMA għandha taġixxi fi ħdan is-setgħat mogħtija lilha minn firxa ta' atti leġiżlattivi tal-Unjoni, inklużi diversi Direttivi u Regolamenti elenkati fihom. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni finanzjarja tal-Unjoni, jenħtieġ li l-ESMA tapplika l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-direttivi b'mod konsistenti mad-dritt tal-Unjoni b'tali mod li tirrispetta s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni,

(7) Barra minn hekk, l-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament jipprevedi wkoll li l-ESMA għandha taġixxi fi ħdan is-setgħat mogħtija minn kwalunkwe att ieħor tal-Unjoni li jkun legalment vinkolanti li jassenja kompiti lill-ESMA. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-ambitu tar-responsabbiltajiet u tal-kompiti tal-ESMA jestendi awtomatikament għal kwalunkwe leġiżlazzjoni sussegwenti tal-Unjoni li tagħti setgħat jew funzjonijiet lill-ESMA.

---

[15] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. *84–119,* ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj

(8) Sabiex tiġi riflessa l-estensjoni progressiva tar-responsabbiltajiet diretti superviżorji, investigattivi, ta' infurzar u oħrajn tal-ESMA f'setturi differenti tas-sistema finanzjarja, huwa meħtieġ li tiġi introdotta definizzjoni ta' parteċipanti fis-swieq finanzjarji li huma taħt is-superviżjoni tal-ESMA. Dik id-definizzjoni jenħtieġ li tinkludi l-parteċipanti kollha fis-swieq finanzjarji li għalihom tkun ingħatat is-setgħat lill-ESMA. Dik id-definizzjoni jenħtieġ li tiżgura l-konsistenza u ċ-ċarezza fl-applikazzjoni tas-setgħat superviżorji tal-ESMA, irrispettivament mill-istrument legali li minnu joħorġu dawk is-setgħat, u tiffaċilita l-istabbiliment ta' arranġamenti proċedurali u organizzattivi komuni għas-superviżjoni u għall-infurzar.

(9) Sabiex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tar-responsabbiltajiet superviżorji diretti tagħha, jenħtieġ li l-ESMA tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni strutturati iżda flessibbli ma' awtoritajiet oħra. Tali kooperazzjoni jenħtieġ li tkopri firxa ta' sitwazzjonijiet, li jikkorrispondu għar-rwol li qed jevolvi tal-ESMA. Tali arranġamenti jenħtieġ li jipprovdu, l-ewwel nett, għal każijiet fejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu għadhom responsabbli għal ċerti entitajiet jew attivitajiet iżda ma jibqgħux inkarigati mis-superviżjoni ta' ċerti entitajiet wara t-teħid ta' setgħat superviżorji diretti mill-ESMA, u b'hekk jirrikjedu soluzzjonijiet tranżizzjonali biex jiġu żgurati l-kontinwità u t-trasferiment ordnat tar-responsabbiltajiet. It-tieni, jenħtieġ li dawk l-arranġamenti ta' kooperazzjoni jkopru każijiet fejn, flimkien mas-setgħat superviżorji diretti tal-ESMA, awtoritajiet oħra tal-Unjoni jew nazzjonali, għalkemm ma jkunux qed jaġixxu jew ikunu aġixxew bħala awtoritajiet kompetenti, ikollhom għarfien espert jew drittijiet għal konsultazzjoni rilevanti skont id-dritt tal-Unjoni, bħall-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward tal-kontropartijiet ċentrali. It-tielet, jenħtieġ li dawk l-arranġamenti ta' kooperazzjoni jkopru każijiet fejn il-kompiti ma jiġux ittrasferiti lill-ESMA, bħas-sorveljanza tas-suq għaċ-ċentri tan-negozjar. Biex tindirizza dawn is-sitwazzjonijiet differenti u, b'mod partikolari, biex tiżgura tranżizzjoni bla xkiel, l-Awtorità jenħtieġ li jkollha l-flessibbiltà li tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni adattati għas-settur ikkonċernat, in-natura tal-kompiti u l-grad ta' involviment meħtieġ. Tali arranġamenti jistgħu jvarjaw minn kooperazzjoni strutturali mill-qrib, inkluż l-istabbiliment ta' timijiet superviżorji konġunti jew it-twettiq ta' spezzjonijiet konġunti, għal forom aktar laxki ta' koordinazzjoni operazzjonali u, progressivament, għal azzjoni superviżorja aktar awtonoma mill-Awtorità hekk kif tiżviluppa l-kapaċità tagħha. Dawk l-arranġamenti ta' kooperazzjoni jenħtieġ li jippermettu wkoll l-aġġustamenti gradwali tagħhom maż-żmien u, fejn xieraq, l-istabbiliment ta' preżenzi lokali tal-Awtorità fl-Istati Membri. Dawk l-arranġamenti ta' kooperazzjoni jenħtieġ li jippromwovu wkoll superviżjoni effettiva u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, jiżguraw il-kontinwità u l-konsistenza tal-eżiti superviżorji, u jqisu kif xieraq ir-responsabbiltajiet statutorji u r-riżorsi ta' awtoritajiet oħrajn. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni tkun iggwidata mill-prinċipji tal-effiċjenza, tal-proporzjonalità, tal-fiduċja reċiproka u tal-*bona fide*, u jenħtieġ li tippromwovi l-użu effettiv tar-riżorsi filwaqt li tissalvagwardja l-indipendenza u l-akkontabbiltà tal-ESMA għat-twettiq tal-kompiti tagħha. Sabiex tiġi riflessa l-akkumulazzjoni progressiva tal-kapaċità superviżorja tal-ESMA u sabiex jiġi żgurata li tassumi b'mod sħiħ u effettiv il-kompiti superviżorji tagħha, jenħtieġ li l-arranġamenti ta' kooperazzjoni jkunu soġġetti għal rieżami regolari mill-ESMA.

(10) F'ċerti ċirkostanzi, eżenzjonijiet temporanji jew arranġamenti tranżizzjonali oħra skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji jistgħu jiskadu qabel id-dħul fis-seħħ jew l-implimentazzjoni sħiħa ta' dispożizzjonijiet ġodda jew emendati li jintroduċu eżenzjoni permanenti, qafas ta' sostituzzjoni, jew trattament regolatorju ġdid. Barra minn hekk, jistgħu jseħħu żviluppi sinifikanti fis-suq li jagħmlu l-

konformità ma' rekwiżiti speċifiċi skont il-liġi eżistenti tal-Unjoni temporanjament sproporzjonata, imprattikabbli mil-lat operattiv, jew ta' piż bla bżonn fid-dawl tal-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq u l-objettivi regolatorji sottostanti. Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-kontinwità regolatorja, u biex jiġi evitat tfixkil bla bżonn tas-suq, huwa xieraq li jiġi previst li l-ittra biex ma titteħidx azzjoni kif stabbilita fl-Artikolu 9a tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tista' tapplika wkoll f'każijiet fejn (i) tinħoloq lakuna regolatorja matul l-introduzzjoni gradwali ta' rekwiżiti ġodda, jew (ii) kundizzjonijiet eċċezzjonali tas-suq iwasslu għal piżijiet ta' konformità sproporzjonati għall-parteċipanti fis-suq.

(11) Biex tappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet u tiffaċilita l-pjattaformi ta' kollaborazzjoni l-ġodda, l-Awtorità jenħtieġ li tiżviluppa pjattaforma teknoloġika korrispondenti biex tiffaċilita l-ġbir, il-ħżin, l-aċċess għad-data u l-informazzjoni u l-ipproċessar tagħhom. Dik il-pjattaforma tad-data jenħtieġ li tikkontribwixxi għal governanza tad-data ta' kwalità għolja konsistenti mal-prinċipji FAIR (Findable, Accessible, Interoperable, Reusable) (Traċċabbli, Aċċessibbli, Interoperabbli, Tista' Tintuża mill-Ġdid) u tinkludi wkoll it-teknoloġija superviżorja u għodod oħra biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' analiżi u monitoraġġ tal-awtoritajiet rilevanti.

(12) Fil-kapaċità tagħha bħala proċessur ta' data personali, jenħtieġ li l-Aġenzija timplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex tiżgura s-sigurtà, id-disponibbiltà, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-software u tal-infrastruttura tal-IT tal-pjattaforma u li l-ipproċessar ta' data personali fil-kuntest tal-iffaċilitar tal-aċċess għall-informazzjoni, u l-iskambju tagħha fuq il-pjattaforma ikunu konformi mad-dritt tal-Unjoni li jistabbilixxi l-obbligi għall-ġbir u għall-iskambju ta' dik id-data u f'konformità mal-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data. Meta l-Aġenzija jkollha l-obbligu li tipproċessa data personali skont atti oħra tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Aġenzija tissodisfa l-obbligi tagħha bħala kontrollur fir-rigward ta' dik l-informazzjoni.

(13) Fid-dawl tas-setgħat u tal-kompetenza tal-ESMA fuq kategorija wiesgħa ta' entitajiet u biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv u konsistenti tas-setgħat superviżorji tagħha fis-setturi kollha, huwa xieraq li fir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 jiġi razzjonalizzat u kkonsolidat il-qafas proċedurali għall-eżerċizzju tal-għodod superviżorji meħtieġa biex l-Awtorità twettaq il-kompiti tagħha. Dawk is-setgħat, li bħalissa huma mifruxa f'diversi atti settorjali tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu sostitwiti, sa fejn ikun possibbli, minn qafas orizzontali uniku applikabbli għall-entitajiet kollha taħt is-superviżjoni diretta tal-Awtorità. Dak il-qafas orizzontali jenħtieġ li jipprovdi sett koerenti ta' regoli proċedurali li jirregolaw it-talbiet tal-ESMA għal informazzjoni, investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post, kif ukoll l-adozzjoni ta' miżuri superviżorji, multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali. Tali talbiet għall-informazzjoni u l-aċċess għaliha, inkluż matul investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post, jistgħu jinkludu data personali sa fejn ikun rilevanti u meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tal-Awtorità, u kwalunkwe pproċessar ta' tali data jenħtieġ li jikkonforma mar-regoli applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari l-prinċipji tan-neċessità, tal-proporzjonalità u tal-limitazzjoni tal-iskop. Barra minn hekk, jenħtieġ li dak il-qafas orizzontali jiżgura rispett sħiħ għad-drittijiet tad-difiża u għall-privileġġ professjonali legali, u jipprevedi protezzjoni ġudizzjarja xierqa, inkluż ir-rieżami tad-deċiżjonijiet tal-ESMA mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Billi tistabbilixxi tali qafas proċedurali b'mod koerenti u uniformi u tabolixxi dispożizzjonijiet proċedurali speċifiċi għas-settur, jenħtieġ li l-Unjoni ssaħħaħ iċ-ċertezza legali, tippromwovi l-konverġenza u l-effiċjenza superviżorji, u tappoġġa l-eżerċizzju effettiv u responsabbli tar-responsabbiltajiet superviżorji diretti tal-ESMA. Sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni

jew l-inkonsistenza regolatorja, jiġi żgurat li l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha b'mod effettiv, tiġi ppreservata l-koerenza tal-acquis tal-Unjoni u jiġi rrispettat il-prinċipju li permezz tiegħu regoli speċifiċi jieħdu preċedenza fuq ir-regoli ġenerali, fejn il-leġiżlazzjoni settorjali jkun fiha dispożizzjonijiet speċifiċi mfassla għas-setgħat proċedurali tal-Awtorità f'setturi jew f'oqsma partikolari, jenħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet ikomplu japplikaw u, fejn xieraq, jipprevalu fuq is-setgħat ġenerali stabbiliti f'dak ir-Regolament.

(14) Is-superviżjoni u l-kooperazzjoni effettivi fost l-awtoritajiet kompetenti fil-kuntest tal-forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji huma essenzjali biex jiġu protetti l-investituri u jitrawmu l-fiduċja u l-kunfidenza fis-sistema finanzjarja fl-Unjoni. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-ESMA tkun mgħammra b'għodod ta' konverġenza superviżorja msaħħa, inklużi mekkaniżmi biex jiġu indirizzati l-fallimenti superviżorji u għodod biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni u jiġi solvut it-tilwim bejn l-awtoritajiet kompetenti biex jiġi żgurat li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jkunu soġġetti għal superviżjoni ta' kwalità għolja.

(15) Sabiex jiġu indirizzati l-fallimenti superviżorji ppruvati fl-approvazzjoni ta' prodotti, servizzi jew entitajiet finanzjarji li joperaw madwar l-Unjoni, huwa meħtieġ li l-ESMA tkun tista' teżiġi lil awtorità kompetenti titlob l-opinjoni tagħha qabel ma tagħti l-approvazzjoni meta reviżjoni bejn il-pari jew investigazzjoni tiżvela fallimenti fis-superviżjoni li jistgħu jipperikolaw l-integrità tas-swieq finanzjarji, l-istabbiltà finanzjarja, jew il-protezzjoni tal-investituri. Ir-reviżjoni bejn il-pari jew il-proċess ta' investigazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 22(4) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, jipprovdi qafas robust u trasparenti għall-identifikazzjoni ta' fallimenti superviżorji u għat-teħid ta' azzjoni korrettiva. L-opinjoni tal-ESMA jenħtieġ li tipprovdi saff addizzjonali ta' skrutinju u sorveljanza, filwaqt li tiżgura li l-prodotti u s-servizzi finanzjarji, u l-entitajiet li joperaw fl-Unjoni jissodisfaw l-ogħla standards ta' superviżjoni. Sabiex jiġi evitat li l-prodotti, is-servizzi jew l-entitajiet jidħlu fis-suq tal-UE mingħajr superviżjoni adegwata, huwa meħtieġ li l-ESMA tkun tista' teżiġi fl-opinjoni tagħha li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu azzjonijiet korrettivi biex jindirizzaw kwalunkwe nuqqas fis-superviżjoni identifikat mill-ESMA.

(16) Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju regolari u strutturat ta' informazzjoni, jiġu proposti soluzzjonijiet, u tissaħħaħ il-kooperazzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi u r-riskji komuni, u biex jiġi appoġġat l-għan ġenerali ta' superviżjoni konsistenti u effettiva, huwa meħtieġ li jiġu previsti pjattaformi ta' kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti. Tali pjattaformi jenħtieġ li jkunu flessibbli, biex b'hekk jippermettu lill-ESMA tibda jew twieġeb għal talbiet mill-awtoritajiet kompetenti, u jenħtieġ li ma jippreġudikawx il-mandati u r-responsabbiltajiet superviżorji eżistenti ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti. Dawk il-pjattaformi ta' kollaborazzjoni jenħtieġ li jippromwovu wkoll it-trasparenza, l-akkontabbiltà, u kultura ta' konformità fost il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, bl-ESMA teżerċita s-setgħat tagħha biex issolvi t-tilwim u tiżgura l-konformità mad-dritt tal-Unjoni.

(17) Minħabba n-nuqqas ta' mekkaniżmu għar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet amministrattivi, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom diffikultajiet sinifikanti fl-infurzar tal-irkupru ta' multi amministrattivi f'kuntest transfruntier. Sabiex jiġu żgurati l-infurzar effettiv tar-regoli u l-funzjonament tajjeb tas-suq uniku fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, huwa meħtieġ li jiġi introdott mekkaniżmu għar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet li jimponu multa amministrattiva u għall-assistenza fl-eżekuzzjoni ta' talbiet għall-irkupru ta' tali multa u tali mekkaniżmu jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka. Għal dak il-għan, ir-

raġunijiet għal rifjut li tiġi eżegwita t-talba għall-irkupru ta' multa amministrattiva jenħtieġ li jkunu limitati għall-minimu meħtieġ.

(18) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti u trasparenti għall-finanzjament tal-attivitajiet superviżorji tal-ESMA, huwa meħtieġ li jiġu armonizzati u kkonsolidati l-prinċipji li jirregolaw l-impożizzjoni ta' tariffi fuq entitajiet taħt il-kompetenza tal-ESMA, li bħalissa huma stabbiliti separatament fil-leġiżlazzjoni settorjali li tagħti setgħat superviżorji diretti lill-ESMA. L-istabbiliment ta' prinċipji komuni dwar l-ambitu, il-kalkolu u t-trasparenza ta' tali tariffi jenħtieġ li jippromwovi kundizzjonijiet ekwi fost l-entitajiet fis-setturi kollha, jiżgura l-applikazzjoni proporzjonali tal-kostijiet superviżorji, u jipprovdi ċertezza legali kemm għall-entitajiet eżistenti kif ukoll għal dawk ġodda li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-ESMA. Dawk it-tariffi jenħtieġ li jkopru l-kostijiet kollha mġarrba mill-ESMA fit-twettiq tal-kompiti superviżorji tagħha, inklużi, iżda mhux limitati għal, il-kostijiet tax-xogħol ta' konverġenza superviżorja fis-settur rilevanti, l-iżvilupp, l-operat u l-manutenzjoni tal-għodod u s-sistemi tal-IT meħtieġa għas-superviżjoni diretta, kif ukoll il-kost deprezzat ta' tali sistemi u infrastruttura relatata. L-ESMA jenħtieġ li tkun iffinanzjata b'mod xieraq. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi stabbilit li l-ESMA jenħtieġ li tiġi ffinanzjata 50 % mill-fondi tal-Unjoni u 50 % permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, magħmula f'konformità mal-ponderazzjoni tal-voti stabbilita fl-Artikolu 3(3) tal-Protokoll (Nru 36) dwar id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-kompiti l-ġodda previsti għall-ESMA minn dan ir-Regolament li ma humiex iffinanzjati minn tariffi.

(19) Fid-dawl tal-kompetenzi ġodda futuri tal-ESMA, l-istruttura ta' governanza tagħha jenħtieġ li tiġi adattata kif xieraq. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv u imparzjali tal-ESMA, jeħtieġ li tissaħħaħ il-governanza tagħha billi jiġi introdott Bord Eżekuttiv indipendenti b'membri full-time, li jenħtieġ li jtejjeb il-kapaċità tagħha li tieħu deċiżjonijiet rapidi u orjentati lejn l-Unjoni, b'mod partikolari għas-superviżjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji. Il-Bord Eżekuttiv, magħmul mill-President u minn ħames membri indipendenti full-time b'diversi esperjenzi superviżorji u għarfien espert fis-setturi taħt is-superviżjoni tal-ESMA, jenħtieġ li jkun responsabbli għad-deċiżjonijiet indirizzati lill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji fi kwistjonijiet superviżorji. Il-Bord Eżekuttiv jenħtieġ li jkun responsabbli wkoll għal deċiżjonijiet indirizzati lil awtorità kompetenti waħda jew lil għadd limitat ta' awtoritajiet kompetenti, inklużi soluzzjonijiet ta' tilwim, ksur tad-dritt tal-Unjoni, u reviżjonijiet bejn il-pari. Dawn id-deċiżjonijiet huma attribwiti lill-Bord Eżekuttiv biex iżid l-aġilità u r-reattività tat-teħid tad-deċiżjonijiet u biex jiżgura li d-deċiżjonijiet iqisu interess Ewropew komuni. Il-Bord Eżekuttiv jenħtieġ li jassumi wkoll il-kompetenza tal-Bord Maniġerjali attwali fit-tħejjija tal-programmi ta' ħidma u l-baġit tal-ESMA. Dan jenħtieġ li jiżgura deċiżjonijiet effettivi, imparzjali u orjentati lejn l-UE. Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-kontroll demokratiku, il-membri full-time tal-Bord Eżekuttiv jenħtieġ li jinħatru mill-Kunsill, abbażi ta' lista mqassra mfassla mill-Kummissjoni u proposta mill-Bord tas-Superviżuri, wara l-approvazzjoni mill-Parlament Ewropew.

(20) Sabiex tiġi żgurata diviżjoni ċara tar-responsabbiltajiet u kontrolli u bilanċi effettivi, jenħtieġ li l-Bord tas-Superviżuri jibqa' l-korp ewlieni tal-ESMA għad-deċiżjonijiet regolatorji u l-konverġenza superviżorja. Sabiex tissaħħaħ id-dimensjoni tal-Unjoni fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fi ħdan il-Bord tas-Superviżuri, il-kompożizzjoni tiegħu jenħtieġ li tiġi aġġustata biex tinkludi l-membri full-time tal-Bord Eżekuttiv bħala membri votanti għad-deċiżjonijiet superviżorji. Sabiex jiġi żgurat approċċ ibbilanċjat u l-kunsiderazzjoni tal-perspettivi nazzjonali, il-Bord tas-Superviżuri

jenħtieġ li jkollu s-setgħa li joġġezzjona għal deċiżjonijiet superviżorji ewlenin meħuda mill-Bord Eżekuttiv fi żmien 10 ijiem (jew 48 siegħa f'każijiet urġenti), filwaqt li l-Bord Eżekuttiv jenħtieġ li jkun meħtieġ jirrapporta lill-Bord tas-Superviżuri darbtejn fis-sena dwar l-attivitajiet superviżorji tiegħu u jenħtieġ li jkun jista' jitlob opinjonijiet dwar kwistjonijiet superviżorji.

(21) Huwa meħtieġ li l-klawżola ta' rieżami tar-Regolament (UE) 1095/2010 tiġi razzjonalizzata u allinjata mar-rekwiżiti ta' evalwazzjoni eżistenti għall-aġenziji, kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni Konġunta u Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE minn Lulju 2012, li jipprevedu evalwazzjonijiet perjodiċi kull 5 snin minflok 3 snin. Ir-rieżamijiet immirati previsti f'dak ir-Regolament, li jibdew 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ, jissostitwixxu l-evalwazzjonijiet u jippermettu lill-Kummissjoni tivvaluta l-aspetti rilevanti tal-prestazzjoni tal-ESMA wara li jkun għadda perjodu ta' żmien adegwat. Dan l-approċċ huwa konsistenti mal-objettiv li jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji u li jiġi promoss qafas regolatorju aktar immirat u effettiv, li jippermetti deċiżjonijiet infurmati dwar simplifikazzjonijiet u titjib potenzjali.

(22) Il-kontropartijiet ċentrali ("CCPs", central counterparties) fl-Unjoni bħalissa huma awtorizzati u ssorveljati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom huma stabbiliti, f'kooperazzjoni mal-ESMA u mal-kulleġġi tas-CCPs. Minkejja l-progress miksub s'issa fl-armonizzazzjoni tal-attività superviżorja għas-CCPs fl-Unjoni, għad hemm prattiki superviżorji diverġenti għas-CCPs fost dawk l-awtoritajiet nazzjonali madwar l-Unjoni, li joħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi fost is-CCPs fl-Unjoni. Dan iżid il-kumplessità tal-qafas tas-CCPs tal-Unjoni u jpoġġi piż addizzjonali u kostijiet addizzjonali fuq is-CCPs fl-Unjoni, inkluż meta mqabbla mas-CCPs tal-Grad 2 taħt superviżjoni diretta mill-ESMA. Bl-iżvilupp ta' swieq kapitali tal-Unjoni aktar profondi u aktar likwidi taħt l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, dawk il-kundizzjonijiet mhux ekwi jistgħu jżidu r-riskju ta' arbitraġġ regolatorju u l-inċentivi għalih, li min-naħa tiegħu jista' jwassal għal kwistjonijiet ta' stabbiltà finanzjarja. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti prudenzjali, organizzazzjonali u tal-libertà ta' intrapriża għas-CCPs fl-Unjoni jiġu applikati b'mod uniformi, b'mod partikolari għas-CCPs b'attività tal-ikklerjar sostanzjali, is-CCPs b'dimensjoni transfruntiera materjali, u s-CCPs li huma parti minn grupp li jinkludi infrastrutturi oħra tas-suq li huma ssorveljati mill-ESMA, jenħtieġ li jiġu ssorveljati mill-ESMA, abbażi tal-għarfien espert u l-esperjenza tagħha fl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.[16] Is-CCPs b'attività tal-ikklerjar baxxa u b'pożizzjoni aktar domestika, meqjusa inqas sinifikanti, jenħtieġ li jkomplu jibbenefikaw mis-superviżjoni tal-awtoritajiet lokali b'familjarità akbar mas-swieq domestiċi.[17]

(23) Sabiex jiġi ddeterminat liema CCPs awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jenħtieġ li jitqiesu sinifikanti u għalhekk soġġetti għal superviżjoni mill-ESMA, huwa meħtieġ li jiġu pprovduti kriterji ċari u oġġettivi, li jenħtieġ li jirriflettu l-attivitajiet u r-riskji tas-CCPs ikkonċernati. Bil-għan ta' simplifikazzjoni u li jiġi

[16] Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj).

[17] Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj).

evitat piż amministrattiv bla bżonn, CCP eżistenti ddeterminata bħala sinifikanti fi stadju aktar tard, jenħtieġ li ma tiġix awtorizzata mill-ġdid.

(24) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jagħmlu superviżjoni ta' CCPs inqas sinifikanti jenħtieġ li jkollhom kooperazzjoni aktar b'saħħitha mal-ESMA biex jiżguraw approċċ konsistenti għas-superviżjoni u b'hekk jiżguraw kundizzjonijiet ekwi għas-CCPs. F'każ li jkunu jixtiequ jagħmlu dan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-opzjoni li jiddeżinjaw lill-ESMA bħala l-awtorità kompetenti għal CCPs inqas sinifikanti stabbiliti fil-ġuriżdizzjonijiet tagħhom. Barra minn hekk, jekk CCP li qabel kienet sinifikanti ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet biex titqies bħala tali, jenħtieġ li jingħata perjodu ta' tranżizzjoni suffiċjenti lill-awtorità nazzjonali kompetenti biex din tkun tista' tħejji ruħha qabel ma tassumi formalment ir-responsabbiltajiet superviżorji għal dik is-CCP. Inkella, jenħtieġ li l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun tista' tħalli s-superviżjoni ta' din is-CCP li qabel kienet sinifikanti f'idejn l-ESMA. Barra minn hekk, sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u kundizzjonijiet ekwi bejn CCPs sinifikanti u inqas sinifikanti, jenħtieġ li l-ESMA tkun ukoll l-awtorità responsabbli għall-awtorizzazzjoni tal-arranġamenti tal-interoperabbiltà u għall-presidenza tal-kulleġġi għal CCPs inqas sinifikanti. L-arranġamenti superviżorji l-ġodda għas-CCPs fl-Unjoni, b'mod partikolari r-rwol tal-ESMA bħala awtorità kompetenti għal CCPs sinifikanti, jenħtieġ li jiġu riflessi fir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.[18]

(25) Jenħtieġ li l-ESMA tikkoopera mill-qrib mal-korpi responsabbli għas-sorveljanza tas-CCPs awtorizzati fl-Unjoni u mal-awtoritajiet b'esperjenza fis-superviżjoni tas-CCPs, u tuża l-esperjenza tagħhom, biex tibbenefika mill-għarfien ta' dawk il-korpi. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-ESMA tiżviluppa arranġamenti ta' kooperazzjoni komprensivi ma' dawk il-korpi u l-awtoritajiet, inkluża l-awtorità nazzjonali kompetenti fl-Istat Membru li fih tkun stabbilita s-CCP ikkonċernata, il-Bank Ċentrali Ewropew, banek ċentrali oħra tal-ħruġ tal-aktar muniti rilevanti tal-Unjoni li s-CCP tipproċessa, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni taċ-ċentri tan-negozjar u d-depożitorji ċentrali tat-titoli moqdija mis-CCP, u l-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-aktar membri tal-ikklerjar attivi. Dawk l-arranġamenti jenħtieġ li jistabbilixxu l-modalitajiet speċifiċi u l-arranġamenti operazzjonali kemm fis-superviżjoni kontinwa kif ukoll f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

(26) Ir-responsabbiltajiet superviżorji l-ġodda mogħtija lill-ESMA u l-bidliet fl-istruttura organizzazzjonali interna tal-ESMA, inkluża t-tneħħija tal-Kumitat Superviżorju tas-CCPs, li l-kompiti tiegħu jenħtieġ li jiġu assenjati lill-Bord Eżekuttiv li għadu kif ġie stabbilit, jenħtieġ li jiġu riflessi fir-Regolament (UE) Nru 648/2012. Minħabba l-istatus uniku ta' CCPs ta' pajjiżi terzi, id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-proċeduri li japplikaw għalihom jenħtieġ li jibqgħu fir-Regolament (UE) Nru 648/2012 minflok jiġu ttrasferiti għar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. Barra minn hekk, meta jitqiesu dawk il-bidliet, biex jiġu ssimplifikati aktar l-istruttura organizzazzjonali u l-arranġamenti ta' ħidma futuri, u biex jitneħħa l-piż bla bżonn, jenħtieġ li CCPs sinifikanti ma jkunux meħtieġa jkollhom kulleġġ. Bl-istess mod, minħabba r-

[18] Ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 806/2014 u (UE) 2015/2365 u d-Direttivi 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2007/36/KE, 2014/59/UE u (UE) 2017/1132 (ĠU L 22, 22.1.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/23/oj).

responsabbiltajiet superviżorji l-ġodda tal-ESMA għal CCPs sinifikanti, jenħtieġ li jitneħħew ir-rekwiżiti għall-opinjonijiet tal-ESMA fir-rigward ta' dawk is-CCPs. L-arranġamenti superviżorji għal CCPs inqas sinifikanti jenħtieġ li jibqgħu fil-biċċa l-kbira kif kienu peress li dawk is-CCPs għandhom ambitu aktar domestiku u jenħtieġ li jibbenefikaw mill-għarfien u l-kompetenza esperta lokali tal-awtoritajiet nazzjonali.

(27) Ir-Regolament (UE) 2024/791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] emenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20] biex jitneħħew l-ostakli għall-emerġenza ta' tapes konsolidati f'bonds, ishma u fondi negozjati fil-borża ("ETFs", Exchange-Traded Funds) u derivattivi OTC. Għal sehem jew ETF partikolari fi kwalunkwe kronogramma partikolari, il-fornitur tat-tape konsolidat huwa meħtieġ jiddissemina l-aħjar prezz tat-talba u tal-offerta Ewropew ("EBBO", European Best Bid and Offer) u l-volum disponibbli b'dawk il-prezzijiet madwar l-Unjoni. Madankollu, it-tape konsolidat ma jiżvelax l-identità taċ-ċentru tan-negozjar tal-EBBO, peress li ma jattribwix il-volumi li huma disponibbli fl-EBBO lil ċentri tan-negozjar individwali, u lanqas ma jinkludi data dwar l-offerti lil hinn mill-EBBO u l-volumi li jakkumpanjawh. Dan jillimita b'mod sinifikanti l-valur miżjud tat-tape konsolidat, u jċaħħad lill-utenti tiegħu mill-kapaċità li jillokalizzaw il-volumi disponibbli fl-EBBO u minn stampa rappreżentattiva tal-profondità tal-likwidità li hija disponibbli għan-negozjar. Għalhekk, biex tkompli tissaħħaħ l-attraenza tiegħu, it-tape konsolidat għall-ishma u għall-ETFs jenħtieġ li joffri stampa aktar fil-fond tal-interessi tan-negozjar, li tkopri l-aħjar ħames prezzijiet tax-xiri u tal-bejgħ, bil-volumi disponibbli b'dawk il-prezzijiet, u l-indikazzjoni taċ-ċentru tan-negozjar individwali li fih dawk il-volumi huma disponibbli.

(28) Il-prezz tal-għeluq tal-jum ta' negozjar huwa essenzjali għas-swieq tal-ekwità peress li jipprovdi prezz ta' referenza ewlieni, tipikament użat għall-valwazzjoni tal-fondi, tal-ETFs u tal-parametri referenzjarji. Il-biċċa l-kbira tad-drabi, il-prezz tal-għeluq jinkiseb mill-irkant tal-għeluq li jseħħ fiċ-ċentru tan-negozjar fejn it-titoli kienu ammessi għall-ewwel darba għan-negozjar (il-"borża primarja"). Il-proporzjon ta' volumi ta' ekwità nnegozjati fl-irkant tal-għeluq żdied b'mod sinifikanti maż-żmien. Madankollu, il-kompetizzjoni fis-segment tal-irkant tal-għeluq għadha limitata, bl-irkanti tal-għeluq tal-borża primarja xorta jaqbdu l-akbar sehem tan-negozjar tal-irkant tal-għeluq. Barra minn hekk, dik is-sitwazzjoni tqajjem tħassib dwar ir-reżiljenza, peress li inċidenti, inkluż qtugħ, fuq il-boroż primarji jista' jkollhom impatt dirett fuq il-kapaċità tal-parteċipanti fis-suq li jivvalutaw l-assi tagħhom. Sabiex titrawwem il-kompetizzjoni fis-segment tal-prezzijiet tal-għeluq u sabiex jiġi żgurat li l-parteċipanti fis-suq ikunu jistgħu jiddependu fuq prezz tal-għeluq li jkun alternattiv għall-prezz tal-irkant tal-għeluq prodott mill-borża primarja, huwa meħtieġ li l-fornitur tat-tape konsolidat għall-ishma u l-ETFs jintalab ixerred prezz tal-għeluq ponderat skont il-volum li jirriżulta mill-irkanti tal-għeluq kollha operati minn ċentri tan-negozjar li huma kontributuri tad-data. Jenħtieġ li l-ESMA toħroġ rakkomandazzjonijiet biex

---

19 Ir-Regolament (UE) 2024/791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 fir-rigward tat-tisħiħ tat-trasparenza tad-data, l-eliminazzjoni ta' ostakli għall-emerġenza ta' tapes konsolidati, l-ottimizzazzjoni tal-obbligi ta' negozjar u l-projbizzjoni li jiġi riċevut pagament għall-fluss tal-ordnijiet (ĠU L, 2024/791, 8.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/791/oj).

20 Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/600/oj).

tispeċifika l-metodoloġija li t-tape konsolidat jenħtieġ li japplika biex jiġi ddeterminat il-prezz tal-għeluq ponderat skont il-volum.

(29) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] fiha regoli armonizzati dwar l-awtorizzazzjoni u l-operat taċ-ċentri tan-negozjar. Madankollu, it-traspożizzjoni ta' dik id-Direttiva wasslet għal rekwiżiti nazzjonali diverġenti. Barra minn hekk, l-Istati Membri kkomplementaw id-dispożizzjonijiet trasposti b'rekwiżiti nazzjonali f'każijiet fejn id-Direttiva ma stabbiliet l-ebda rekwiżit. Dak l-approċċ irriżulta f'kundizzjonijiet mhux ekwi, fil-frammentazzjoni tas-suq uniku, u f'żieda fil-piż u fil-kostijiet għall-operaturi taċ-ċentri tan-negozjar li jinsabu f'diversi Stati Membri u, eventwalment, għall-emittenti u għall-investituri finali li jservu. Għalhekk huwa meħtieġ qafas aktar uniformi biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi, jiġi evitat arbitraġġ regolatorju potenzjali, u jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' attivitajiet bejn il-fruntieri. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu ttrasferiti rekwiżiti dwar l-awtorizzazzjoni u l-operat ta' swieq regolati u dwar l-operat minn ditta ta' investiment jew operatur tas-suq ta' faċilità multilaterali tan-negozjar ("MTF", Multilateral Trading Facility) jew faċilità organizzata tan-negozjar ("OTF", Organised Trading Facility) mid-Direttiva 2014/65/UE għar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u li dawk id-dispożizzjonijiet jiġu kkomplementati aktar, b'mod partikolari biex jiġu introdotti regoli armonizzati fl-oqsma li qabel kienu soġġetti għal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

(30) Ir-rekwiżiti organizzazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 19(3) u fl-Artikolu 47 tad-Direttiva 2014/65/UE ma jqisux jekk operatur tas-suq jew ditta ta' investiment li topera ċentru tan-negozjar hijiex parti minn grupp. B'mod partikolari, kwalunkwe arranġament intragrupp għall-allokazzjoni tar-riżorsi jew tal-funzjonijiet bejn l-entitajiet tal-grupp jiġi ttrattat bl-istess mod bħal arranġament ta' esternalizzazzjoni li jsir ma' entitajiet barra mill-grupp. Dak l-approċċ jonqos milli jirrikonoxxi l-emerġenza ta' gruppi transfruntieri ta' ċentri tan-negozjar u, b'riżultat ta' dan, jillimita l-kapaċità ta' dawk il-gruppi li jgawdu sinerġiji ta' gruppi u jibbenefikaw minn ekonomiji ta' skala, u b'hekk joħloq ostakli għall-allokazzjoni transfruntiera tar-riżorsi u funzjonijiet fi ħdan grupp. Barra minn hekk, l-allokazzjoni tar-riżorsi fi ħdan grupp, fejn l-entitajiet kollha huma soġġetti għall-istess kontrolli u proċeduri interni, għandha livell aktar baxx ta' riskju meta mqabbla mal-esternalizzazzjoni lil partijiet esterni. Madankollu, l-approċċ attwali ma jagħmilx distinzjoni suffiċjenti bejn ir-riskji assoċjati mal-allokazzjoni tar-riżorsi intragrupp u mal-esternalizzazzjoni esterna. Għalhekk, ir-rekwiżiti organizzazzjonali għaċ-ċentri tan-negozjar jenħtieġ li jiġu ssimplifikati għaċ-ċentri tan-negozjar li huma parti minn grupp u li għandhom l-intenzjoni li jiddependu fuq ir-riżorsi jew fuq it-twettiq ta' funzjoni minn entità oħra li hija parti mill-istess grupp u li tinsab fl-Unjoni. Jenħtieġ li tali arranġamenti tal-grupp ma jitqisux bħala esternalizzazzjoni għall-fini tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet biex tiġi żgurata superviżjoni effettiva. Ċentru tan-negozjar li jiddependi fuq ir-riżorsi ta' funzjoni minn entità oħra li hija parti mill-istess grupp, jew fuq it-twettiq ta' din il-funzjoni, jenħtieġ li madankollu jibqa' kompletament responsabbli għat-twettiq tal-obbligi tiegħu skont ir-Regolament (UE) Nru 600/2014. Minħabba ż-żieda fir-riskji superviżorji, arranġament intragrupp li jinvolvi entità li tinsab barra mill-Unjoni xorta jenħtieġ li jitqies bħala esternalizzazzjoni.

[21] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349–496, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj).

(31) L-Artikolu 53(6) tad-Direttiva 2014/65/UE jistabbilixxi d-dritt għal suq regolat awtorizzat fi Stat Membru wieħed li jipprovdi arranġamenti xierqa fit-territorju ta' Stati Membri oħra sabiex jiffaċilita l-aċċess għal dak is-suq, u n-negozjar fih, minn membri jew parteċipanti remoti stabbiliti f'dawk l-Istati Membri l-oħra. Id-Direttiva 2014/65/UE ma tirregolax espressament drittijiet oħra ta' passaportar għal swieq regolati, inkluża l-possibbiltà li jiġu stabbiliti fergħat fi Stati Membri oħra. In-nuqqas ta' dispożizzjoni espliċita wassal għal interpretazzjonijiet diverġenti fir-rigward ta' jekk suq regolat jistax jistabbilixxi fergħa fi Stat Membru ieħor u fir-rigward tal-attivitajiet li suq regolat jista' jwettaq taħt ir-reġim tal-passaportar. Huwa importanti li tissaħħaħ iċ-ċarezza tar-reġim tal-passaportar għas-swieq regolati billi jsir aktar espliċitu li s-swieq regolati jkunu jistgħu jipprovdu mingħajr xkiel l-attività, li għaliha jkunu ġew awtorizzati madwar l-Unjoni permezz tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew permezz tad-dritt ta' stabiliment. Dak jinkludi, minbarra l-forniment ta' arranġamenti xierqa biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal dak is-suq regolat, u n-negozjar fih, minn membri jew parteċipanti remoti stabbiliti fi Stat Membru ieħor, attivitajiet relatati mal-ammissjoni ta' membri jew parteċipanti f'dak is-suq regolat u attivitajiet relatati mal-ammissjoni ta' strumenti finanzjarji għan-negozjar f'dak is-suq regolat. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn iċ-ċentri tan-negozjar kollha, l-istess reġim tal-passaportar jenħtieġ li japplika għall-operaturi tas-suq u għad-ditti ta' investiment li joperaw MTF jew OTF.

(32) Id-Direttiva 2014/65/UE bħalissa tirrikjedi li kull suq regolat fl-Unjoni jkun soġġett għal awtorizzazzjoni individwali. Minn dan isegwi li l-operaturi tas-suq li għandhom l-intenzjoni li joperaw swieq regolati fi Stati Membri differenti jistgħu jagħmlu dan biss billi jitolbu awtorizzazzjoni, għal kull suq regolat individwali li huma għandhom l-intenzjoni li joperaw, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, li hija wkoll responsabbli għas-superviżjoni kontinwa ta' dak is-suq. Dan wassal għas-sitwazzjoni fejn diversi Stati Membri kienu introduċew liġijiet nazzjonali biex jirrikjedu, bħala kundizzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' suq regolat, li l-operatur tas-suq ikun entità legali stabbilita fl-Istat Membru fejn suq regolat ifittex awtorizzazzjoni. Minħabba f'hekk, il-gruppi li joperaw swieq regolati f'diversi Stati Membri ma jistgħux jirrazzjonalizzaw l-istruttura organizzazzjonali u r-relazzjonijiet superviżorji tagħhom, peress li huma obbligati jżommu diversi entitajiet taħt superviżjoni fi Stati Membri differenti. Dan iżid b'mod sinifikanti l-kostijiet u l-kumplessità tal-operat tas-swieq regolati fi Stati Membri differenti. Sabiex jitneħħew l-ostakli u jitnaqqsu l-kostijiet operazzjonali għall-gruppi transfruntieri, huwa meħtieġ li titneħħa l-possibbiltà li l-Istati Membri jirrikjedu l-istabbiliment ta' entità legali separata fit-territorji tagħhom bħala kundizzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' suq regolat. Barra minn hekk, biex jiġi ffaċilitat aktar l-operat transfruntier tas-swieq regolati, ġie introdott qafas ġdid li jippermetti lill-persuni legali li jixtiequ joperaw aktar minn ċentru tan-negozjar wieħed f'aktar minn Stat Membru wieħed jagħmlu dan abbażi ta' awtorizzazzjoni unika bħala operatur tas-suq pan-Ewropew ("PEMO", Pan-European Market Operator) mogħtija mill-ESMA. Jenħtieġ li dak il-qafas il-ġdid ma jissostitwix ir-reġim eżistenti tal-awtorizzazzjoni u l-operat għas-swieq regolati. Minflok, jenħtieġ li japplika fuq bażi volontarja għal dawk l-entitajiet li jixtiequ joperaw taħt awtorizzazzjoni unika.

(33) L-awtorizzazzjoni ta' PEMO jenħtieġ li telenka ċ-ċentri tan-negozjar kollha li l-PEMO huwa awtorizzat li jopera. PEMO li jkollu l-ħsieb li jopera ċentri tan-negozjar addizzjonali jenħtieġ li jfittex estensjoni tal-awtorizzazzjoni oriġinali tiegħu. Sabiex jiġi żgurat li l-arranġamenti superviżorji ta' PEMO jiġu ssimplifikati b'mod effettiv, jenħtieġ li l-PEMO ma jkunx meħtieġ ifittex awtorizzazzjoni individwali għaċ-ċentri

tan-negozjar li jopera fl-Istati Membri fejn jinsabu jew joperaw dawk iċ-ċentri tan-negozjar. Bl-istess mod, meta PEMO jsir l-operatur ta' ċentru tan-negozjar eżistenti, l-awtorizzazzjoni mogħtija lil dak is-suq regolat speċifiku, jew, fil-każ ta' MTFs jew OTFs, lill-operatur tas-suq jew lid-ditta ta' investiment għall-fini tal-operat ta' dak iċ-ċentru tan-negozjar, jenħtieġ li titqies bħala revokata mad-dħul fis-seħħ tal-awtorizzazzjoni għall-PEMO jew tal-awtorizzazzjoni estiża li jkun fiha l-lista emendata taċ-ċentri tan-negozjar li dak il-PEMO jopera.

(34) Skont il-liġijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali, it-territorju fejn ikun jinsab jew ikun operat ċentru tan-negozjar spiss jintuża bħala l-kriterju biex tiġi ddeterminata l-liġi nazzjonali li jenħtieġ li tapplika għal oqsma li ma jkunux irregolati direttament mid-dritt tal-Unjoni, u biex tiġi identifikata l-awtorità kompetenti. Dan jinkludi d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li tistabbilixxi rekwiżiti fir-rigward tal-iżvelar ta' informazzjoni perjodika u kontinwa dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma diġà ammessi għall-kummerċ f'suq regolat li jinsab jew li jopera fi Stat Membru, u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li skontu l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma meħtieġa jiżguraw li fit-territorju tagħhom jiġu applikati dispożizzjonijiet dwar l-abbuż tas-suq dwar l-azzjonijiet kollha mwettqa fir-rigward ta' strumenti ammessi għall-kummerċ jew kummerċjalizzati f'suq regolat, MTF jew OTF li joperaw fit-territorju tagħhom. PEMO se jopera, kemm jekk permezz tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u kemm jekk permezz tal-istabbiliment ta' fergħa, ċentri tan-negozjar f'diversi Stati Membri fuq il-bażi ta' liċenzja unika li tingħata lill-PEMO nnifsu u mhux liċ-ċentri tan-negozjar li jopera. Fin-nuqqas ta' awtorizzazzjoni individwali għal kull ċentru tan-negozjar operat minn PEMO, u meta jitqies li l-PEMO se jopera ċ-ċentri kollha permezz ta' entità legali waħda stabbilita fi Stat Membru wieħed u li topera b'mod transfruntier, huwa meħtieġ li l-PEMO jiddetermina, għal kull ċentru tan-negozjar li jopera, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu dak iċ-ċentru tan-negozjar għandu jitqies li jinsab jew li huwa operat. Din id-determinazzjoni jenħtieġ li tiddependi fuq kif il-PEMO jagħżel li jikkummerċjalizza ċ-ċentru tan-negozjar tiegħu lil kumpaniji li jkunu qed ifittxu ammissjoni għall-kummerċ f'dak iċ-ċentru tan-negozjar jew lil membri jew parteċipanti ammessi f'dak iċ-ċentru tan-negozjar. Jenħtieġ li l-liġijiet nazzjonali ta' dak l-Istat Membru japplikaw għall-kwistjonijiet kollha relatati man-negozjar mhux regolat mid-dritt tal-Unjoni direttament applikabbli, fejn dik l-applikazzjoni tkun dipendenti fuq is-sitwazzjoni jew l-operat ta' ċentru tan-negozjar. Sabiex tiġi żgurata l-prevedibbiltà legali, f'każijiet fejn PEMO jsir l-operatur ta' ċentru tan-negozjar li diġà huwa awtorizzat, huwa meħtieġ li jkun mitlub li tali ċentru tan-negozjar jitqies li jinsab jew li huwa operat fl-Istat Membru fejn kien awtorizzat inizjalment.

(35) L-ESMA vvalutat l-attività ta' negozjar tad-derivattivi tar-rati tal-imgħax. Mill-valutazzjoni deher li l-ftehimiet tar-rata forward u l-iswaps abbażi tar-rata tal-imgħax f'munita unika huma ġeneralment illikwidi. Sabiex jiġi żgurat li d-derivattivi tar-rati tal-imgħax l-aktar standardizzati u likwidi biss ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' trasparenza, huwa meħtieġ li jiġu esklużi l-ftehimiet tar-rati forward u l-iswaps abbażi tar-rati tal-imgħax f'munita unika mir-rekwiżiti ta' trasparenza.

(36) L-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jirrikjedi li l-internalizzaturi sistematiċi li jinnegozjaw f'daqsijiet li jistgħu jaslu sa u jinkludu darbtejn id-daqs standard tas-suq jippubblikaw il-kwotazzjonijiet tad-ditti fuq bażi regolari u kontinwa matul is-sigħat normali tan-negozjar fir-rigward ta' dawk l-ishma, l-irċevuti depożitarji, l-ETFs, iċ-ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra nnegozjati f'ċentru tan-negozjar, li għalihom huma internalizzaturi sistematiċi u li għalihom hemm suq

likwidu. L-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jirrikjedi li l-internalizzaturi sistematiċi jeżegwixxu l-ordnijiet li jirċievu mill-klijenti tagħhom fir-rigward ta' dawk l-istrumenti bil-prezzijiet ikkwotati fil-ħin meta rċevew l-ordni. Dak l-Artikolu jippermetti wkoll lill-internalizzaturi sistematiċi jeżegwixxu l-ordnijiet tal-klijenti bi prezz aħjar dment li l-prezz jaqa' f'firxa pubblika qrib il-kundizzjonijiet tas-suq. Sabiex tissaħħaħ il-formazzjoni tal-prezzijiet għall-ordnijiet bl-imnut, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li, meta internalizzatur sistematiku jeżegwixxi l-ordni ta' klijent bl-imnut, indikata speċifikament bħala tali, bi prezz li jkun aħjar mill-prezz ikkwotat, dak l-internalizzatur sistematiku immedjatament, u fi kwalunkwe każ qabel l-eżekuzzjoni, jaġġorna l-prezz ikkwotat biex jirrifletti dak it-titjib fil-prezz. Barra minn hekk, l-internalizzaturi sistematiċi jenħtieġ li jkunu obbligati jittrażmettu lit-tape konsolidat għall-ishma u l-ETFs id-data li jippubblikaw skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 biex jippermettu lit-tape konsolidat jiddissemina, għal sehem partikolari jew ETF, flimkien mal-aħjar offerti għal kotba tal-ordnijiet kontinwi, separatament, l-aħjar ħames kwotazzjonijiet tal-offerti madwar l-Unjoni ppubblikati minn internalizzaturi sistematiċi bl-indikazzjoni tal-internalizzatur sistematiku individwali fejn dawk jiġu offruti. Dawk il-ħames kwotazzjonijiet tal-aħjar offerti jenħtieġ li jikkorrispondu għall-ħames kwotazzjonijiet tal-aħjar offerti fil-kwotazzjonijiet kollha għal sehem partikolari jew ETF ippubblikati fl-Unjoni minn internalizzaturi sistematiċi differenti.

(37) L-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jirrikjedi li d-ditti ta' investiment li, jew f'isimhom stess jew f'isem il-klijenti, jikkonkludu tranżazzjonijiet f'derivattivi OTC kif imsemmi fl-Artikolu 8a(2) ta' dak ir-Regolament, jippubblikaw il-volum u l-prezz ta' dawk it-tranżazzjonijiet u ż-żmien meta ġew konklużi permezz ta' Arranġament ta' Pubblikazzjoni Approvat ("APA", Approved Publication Arrangement). Sabiex jiġi minimizzat il-piż għad-ditti ta' investiment u sabiex tiġi evitata l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni qarrieqa, jenħtieġ li d-ditti ta' investiment ma jkunux meħtieġa jippubblikaw permezz ta' APA t-tranżazzjonijiet f'derivattivi OTC li jikkonkludu f'ċentru tan-negozjar ta' pajjiż terz, dment li ċ-ċentru tan-negozjar ta' pajjiż terz (i) jopera sistema multilaterali, (ii) ikun soġġett għal awtorizzazzjoni, superviżjoni kontinwa u infurzar f'konformità mal-qafas legali u superviżorju tal-pajjiż terz, u (iii) ikun soġġett għal dispożizzjonijiet ta' trasparenza tal-postnegozjar li skonthom it-tranżazzjonijiet konklużi f'dak iċ-ċentru tan-negozjar jiġu ppubblikati malajr kemm jista' jkun wara li tkun ġiet eżegwita t-tranżazzjoni jew, f'sitwazzjonijiet definiti b'mod ċar, wara perjodu ta' differiment. Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u grad għoli ta' konverġenza superviżorja fl-Unjoni, jenħtieġ li l-ESMA tippubblika u taġġorna regolarment lista ta' ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi li jitqiesu li jissodisfaw il-kriterji kollha. Id-ditti ta' investiment li jikkonkludu tranżazzjonijiet f'derivattivi OTC f'ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-kriterji kollha jenħtieġ li jkunu meħtieġa jagħmlu dawk it-tranżazzjonijiet pubbliċi fl-Unjoni permezz ta' APA.

(38) L-Artikoli 57 u 58 tad-Direttiva 2014/65/UE jistabbilixxu regoli fir-rigward tan-negozjar ta' derivattivi ta' komoditajiet, kwoti tal-emissjonijiet, u derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet. Uħud minn dawk ir-regoli huma applikabbli għaċ-ċentri tan-negozjar. Peress li r-regoli dwar l-operat taċ-ċentri tan-negozjar huma ttrasferiti mid-Direttiva 2014/65/UE għar-Regolament (UE) Nru 600/2014, huwa xieraq li r-Regolament (UE) Nru 600/2014 jiġi emendat biex jiġi żgurat li dawk ir-regoli jiġu inklużi f'dak ir-Regolament.

(39) L-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jipprevedu l-kundizzjonijiet, li skonthom iċ-ċentri tan-negozjar jistgħu jaċċessaw is-servizzi ta' kontroparti ċentrali ("CCP", Central Counterparty), u li skonthom is-CCPs jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni dwar in-negozjar ta' ċentru tan-negozjar. Dawk il-kriterji wrew li huma inkwadrati b'mod mhux xieraq u b'hekk iħallu raġunijiet għal rifjuti mhux ġustifikati jew dewmien fl-għoti tal-aċċess. Barra minn hekk, l-involviment sistematiku tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jagħmel il-proċeduri eċċessivament kumplessi u ta' piż. Għalhekk huwa xieraq li dawk il-kundizzjonijiet għall-aċċess jiġu rieżaminati biex jiġi żgurat li r-rifjuti jseħħu biss f'każijiet limitati soġġetti għall-kundizzjonijiet speċifiċi u ġustifikati, biex jiġi żgurat li jiġi evitat id-dewmien fl-għoti tal-aċċess, u li l-ESMA tkun involuta biss fil-każ ta' kunflitti bejn il-partijiet. Barra minn hekk, iċ-ċentri tan-negozjar bħalissa jistgħu jipprekludu żewġ parteċipanti fis-suq li jwettqu tranżazzjoni fiċ-ċentru tagħhom milli jagħżlu liberament CCPs differenti, anke meta dawk is-CCPs ikunu stabbilew arranġamenti ta' interoperabbiltà skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, u għalhekk ikunu teknikament kapaċi jikklerjaw dawk it-tranżazzjonijiet b'mod effiċjenti. Tali prattiki tas-suq jipprevjenu l-isfruttament sħiħ tas-sinerġiji li jistgħu jinsiltu mill-arranġamenti tal-interoperabbiltà u jżidu l-kostijiet tan-negozjar u tal-ikklerjar għall-parteċipanti fis-suq. Sabiex jiġi ffaċilitat l-ikklerjar interoperabbli, huwa għalhekk meħtieġ li ċ-ċentri tan-negozjar jiġu pprojbiti milli jipprevjenu l-aċċess għall-informazzjoni dwar in-negozjar tagħhom għal tranżazzjonijiet li jinvolvu żewġ kontropartijiet li għażlu li jikklerjaw tranżazzjoni eżegwita fiċ-ċentru tagħhom permezz ta' żewġ CCPs differenti li stabbilew arranġamenti tal-interoperabbiltà.

(40) Skont it-Titolu VI tad-Direttiva 2014/65/UE, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bħalissa huma responsabbli għas-sorveljanza taċ-ċentri tan-negozjar fl-Unjoni. Fl-20 ta' Marzu 2025[22], il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet fejn appella għat-titjib tal-effiċjenza tas-superviżjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni u għat-tnaqqis tal-frammentazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, ir-rapporti ta' Draghi u ta' Letta[23] appellaw għal superviżjoni aktar integrata fil-livell tal-Unjoni. Sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni u titrawwem il-konsistenza fl-eżiti superviżorji biex jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investiment, huwa xieraq li l-ESMA tingħata setgħat superviżorji diretti għal ċentri tan-negozjar sinifikanti b'dimensjoni transfruntiera importanti. L-ESMA jenħtieġ li jkollha wkoll setgħat superviżorji diretti fuq il-PEMOs. Sabiex jiġi ddeterminat x'jenħtieġ li jinftiehem minn "ċentri tan-negozjar sinifikanti", huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet speċifiċi. Sabiex jiġu evitati superviżuri multipli għal entitajiet fl-istess grupp, huwa meħtieġ ukoll li jiġi żgurat li l-entitajiet kollha li joperaw ċentri tan-negozjar fl-istess grupp isiru soġġetti għal superviżjoni mill-ESMA, ladarba kwalunkwe entità fi ħdan dak il-grupp tissodisfa l-kundizzjonijiet biex tkun ċentru tan-negozjar sinifikanti. Bl-istess mod, l-entitajiet kollha li joperaw ċentri tan-negozjar fil-grupp, li fihom mill-inqas CCP jew CSD wieħed ikun soġġett għal superviżjoni mill-ESMA, jenħtieġ li jsiru wkoll soġġetti għal superviżjoni mill-ESMA.

(41) Sabiex l-ESMA tiżgura sorveljanza effettiva fuq il-PEMOs u ċ-ċentri tan-negozjar sinifikanti, jenħtieġ li l-ESMA jkollha s-setgħat superviżorji meħtieġa, inklużi s-setgħat li twettaq investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post, li timponi multi jew

---

22 Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (20 ta' Marzu 2025) – Konklużjonijiet

23 The Draghi Report on Competitiveness, Settembru 2024
Enrico Letta – Much more than a market, April 2024

ħlasijiet perjodiċi ta' penali biex ittemm ksur tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, u li titlob l-informazzjoni meħtieġa. Sabiex jiġi żgurat li l-ESMA twettaq b'mod adegwat id-dmirijiet superviżorji tagħha fuq il-PEMOs u ċ-ċentri tan-negozjar sinifikanti, huwa importanti li l-ESMA twettaq tali dmirijiet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza. Sabiex jiġu evitati approċċi superviżorji ineffiċjenti li jirriżultaw minn superviżjoni doppja, l-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jenħtieġ li jkun limitat għas-setgħat u għall-kompiti mogħtija lilhom b'mod espliċitu mir-Regolament (UE) Nru 600/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE.

(42) Meta titqies il-prossimità ġeografika tas-superviżuri nazzjonali mal-ekosistemi lokali, huwa meħtieġ, għal ċentri tan-negozjar u PEMOs sinifikanti, li r-responsabbiltà għas-sorveljanza tas-swieq u tal-emittenti, tibqa' f'idejn l-awtoritajiet li huma kompetenti fil-livell nazzjonali. Għalhekk, filwaqt li l-ESMA jenħtieġ li tkun responsabbli għall-infurzar tar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 fir-rigward ta' ċentri tan-negozjar u PEMOs sinifikanti u, fejn rilevanti, ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva 2014/65/UE, inkluż fir-rigward tal-valutazzjoni ta' sistemi u kontrolli effettivi li għandhom l-għan li jipprevjenu u jidentifikaw l-abbuż tas-suq jew il-valutazzjoni ta' parametri għat-twaqqif tan-negozjar, l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jenħtieġ li jżommu xi setgħat biex jippermettu lil dawk l-awtoritajiet iwettqu kompiti ta' sorveljanza tas-suq jew iwettqu dmirijiet meħtieġa għall-preservazzjoni tal-integrità tas-suq. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jinkludu r-riċeviment ta' data dwar it-tranżazzjonijiet, il-possibbiltà li tintalab data dwar il-kotba tal-ordnijiet, jew l-adozzjoni ta' miżuri urġenti biex jiġi impost waqfien temporanju fin-negozjar f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew jiġu sospiżi l-istrumenti finanzjarji min-negozjar. Meta jeżerċitaw is-setgħat tagħhom, l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib mal-ESMA.

(43) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali fir-rigward tas-sorveljanza superviżorja tal-operaturi taċ-ċentri tan-negozjar, jenħtieġ li l-ESMA ssir l-awtorità kompetenti għaċ-ċentri tan-negozjar rilevanti kollha, inklużi dawk operati mid-ditti ta' investiment. Minn dan isegwi li l-ESMA jenħtieġ li tiġi fdata bl-awtorizzazzjoni u bis-superviżjoni tad-ditti ta' investiment f'każ li jkunu jixtiequ jkunu awtorizzati esklużivament biex joperaw MTFs jew OTFs rilevanti. Id-ditti ta' investiment li simultanjament joperaw MTFs jew OTFs, li huma soġġetti għas-superviżjoni tal-ESMA, u jwettqu attivitajiet oħra ta' investiment jew jipprovdu servizzi oħra ta' investiment jenħtieġ li jibqgħu taħt superviżjoni nazzjonali għal dawk is-servizzi u l-attivitajiet l-oħra ta' investiment. Sabiex jiġi żgurat li dawk id-ditti ta' investiment iżommu punt wieħed tad-dħul u ta' kuntatt ma' awtorità superviżorja unika meta jfittxu awtorizzazzjoni, huwa meħtieġ li jiġi introdott qafas speċifiku għall-awtorizzazzjoni ta' dawk id-ditti ta' investiment. Meta dawk id-ditti ta' investiment ikunu jixtiequ li inizjalment ikunu awtorizzati jwettqu servizzi oħra ta' investiment flimkien mal-operat ta' MTFs jew OTFs, l-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu bbażati dawk id-ditti ta' investiment applikanti jenħtieġ li tiġi fdata bl-awtorizzazzjoni, meta jitqies li l-awtorizzazzjoni tagħhom tkopri wkoll servizzi oħra li ma humiex taħt is-superviżjoni tal-ESMA. Madankollu, f'dawk il-każijiet, biex jiġi żgurat li l-ESMA tkun tista' twettaq dmirijietha bħala awtorità kompetenti għaċ-ċentri tan-negozjar rilevanti, jenħtieġ li tipprovdi lill-awtorità nazzjonali kompetenti b'opinjoni vinkolanti dwar l-awtorizzazzjoni taċ-ċentri tan-negozjar. L-awtorità nazzjonali kompetenti kkonċernata jenħtieġ li ma tawtorizzax lid-ditti ta' investiment applikanti joperaw MTFs jew OTFs f'każ ta' opinjoni negattiva mill-ESMA. L-istess approċċ jenħtieġ li jiġi segwit f'każ li ditta ta' investiment, oriġinarjament awtorizzata li tipprovdi servizzi oħra ta' investiment, tkun tixtieq testendi l-awtorizzazzjoni tagħha għall-operat ta' MTFs jew

OTFs li huma soġġetti għas-superviżjoni tal-ESMA. F'każ ta' opinjoni negattiva mill-ESMA, jenħtieġ li l-estensjoni tal-awtorizzazzjoni ma tingħatax mill-awtorità nazzjonali kompetenti. Fl-aħħar nett, meta ditta ta' investiment awtorizzata mill-ESMA biex topera esklużivament MTFs jew OTFs tfittex li testendi l-awtorizzazzjoni tagħha għal servizzi oħra ta' investiment, l-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun ibbażata d-ditta ta' investiment jenħtieġ li toħroġ opinjoni vinkolanti lill-ESMA dwar il-forniment tas-servizzi ta' investiment addizzjonali. F'każ ta' opinjoni negattiva, jenħtieġ li l-ESMA ma testendix l-awtorizzazzjoni.

(44) Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċentri tan-negozjar ikunu soġġetti għall-aktar mudell superviżorju xieraq, huwa importanti li jiġi stabbilit proċess li bih iċ-ċentri tan-negozjar meqjusa sinifikanti jitqiegħdu taħt is-superviżjoni tal-ESMA, filwaqt li tiġi introdotta l-possibbiltà li ċ-ċentri tan-negozjar li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex ikunu "sinifikanti" jerġgħu lura għas-superviżjoni nazzjonali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-ESMA tidentifika liema ċentri tan-negozjar jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jikkwalifikaw bħala sinifikanti, u jenħtieġ li timmonitorja regolarment jekk iċ-ċentri tan-negozjar għadhomx jissodisfaw dawk il-kundizzjonijiet maż-żmien. Sabiex jiġi żgurat li l-bidla ta' mudell superviżorju sseħħ mingħajr xkiel u mingħajr ma tikkawża piż eċċessiv għaċ-ċentri tan-negozjar, huwa importanti li jiġu stabbiliti skeda ta' żmien xierqa u pjan ta' tranżizzjoni superviżorja, żviluppati permezz ta' kollaborazzjoni bir-reqqa bejn l-ESMA u l-awtorità superviżorja nazzjonali kkonċernata. Sabiex tipprovdi ċarezza lill-parteċipanti fis-suq, jenħtieġ li l-ESMA tistabbilixxi u taġġorna regolarment ukoll lista taċ-ċentri tan-negozjar sinifikanti kollha taħt is-superviżjoni tagħha u tippubblikaha fuq is-sit web tagħha.

(45) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] jistabbilixxi rekwiżiti standardizzati għas-saldu ta' strumenti finanzjarji u regoli dwar l-organizzazzjoni u l-kondotta ta' depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs, Central Securities Depositories) biex jiġi promoss saldu sikur, effiċjenti u bla xkiel.

(46) Fl-2025, il-Kummissjoni kkonsultat lill-partijiet ikkonċernati rigward il-fehmiet tagħhom dwar l-ostakli għall-integrazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-infrastrutturi tal-postnegozjar b'mod ġenerali, u dwar l-ostakli għall-forniment ta' servizzi transfruntieri fil-qasam tal-postnegozjar b'mod partikolari. Il-feedback indika li l-partijiet ikkonċernati jappoġġaw u jqisu rilevanti l-objettiv tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li jippromwovi saldu sikur, effiċjenti u bla xkiel tal-istrumenti finanzjarji, iżda ssottolinja l-ħtieġa li dak ir-Regolament jiġi adattat għall-innovazzjoni teknoloġika filwaqt li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta bejn il-forniturі ta' servizzi ta' saldu.

(47) Jenħtieġ li l-kunċetti użati u r-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 909/2014 ma jfixklux l-użu ta' kwalunkwe teknoloġija partikolari, inkluża t-teknoloġija ta' reġistru distribwit (DLT, Distributed Ledger Technology). Sabiex jitqiesu l-innovazzjoni u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda fil-forniment ta' servizzi tas-CSD, b'mod partikolari meta dawk is-servizzi jiġu pprovduti bl-użu tad-DLT, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 909/2014 jiġi emendat biex jiġi żgurat li d-definizzjonijiet, il-kunċetti u r-rekwiżiti kollha jiġu aġġornati sabiex ikunu jistgħu jiġu applikati għal

[24] Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/909/oj).

sitwazzjonijiet li fihom CSD jipprovdi s-servizzi tiegħu bl-użu tad-DLT. Huwa ugwalment meħtieġ li jiġi żgurat li ċerti assi tokenizzati, inklużi tokens tal-flus elettroniċi, ikunu jistgħu jintużaw bħala mezz ta' pagament meta jiġu saldati tranżazzjonijiet ta' titoli jew biex jitħallsu penali għal fallimenti tas-saldu.

(48) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 909/2014 iqis l-iżviluppi fid-DLT fil-forniment ta' servizzi tas-CSD sabiex l-entitajiet awtorizzati skont ir-reġim pilota previst fir-Regolament (UE) 2022/858[25] ikunu jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 ladarba jkunu kibru aktar minn dak ir-reġim. Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 909/2014 jippermetti wkoll lis-CSDs stabbiliti fl-Unjoni li jkollhom l-intenzjoni, mill-bidu nett, li jipprovdu servizzi tas-CSD fir-rigward ta' titoli bbażati fuq id-DLT li l-valur tagħhom jaqbeż il-livelli limiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2022/858, li jfittxu awtorizzazzjoni direttament skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014.

(49) Meta jitqiesu l-volumi u l-valuri sinifikanti tat-tranżazzjonijiet ta' titoli saldati mill-internalizzaturi tas-saldu, huwa importanti li jissaħħaħ il-monitoraġġ tar-riskji legali u operazzjonali potenzjali relatati ma' dik l-attività. Għalhekk, jenħtieġ li tiżdied il-granularità tar-rekwiżiti ta' rappurtar tal-volum u tal-valur għall-internalizzaturi tas-saldu u jenħtieġ li tiġi inkluża l-informazzjoni dwar il-fallimenti tas-saldu fir-rapporti biex jiġi ffaċilitat tali monitoraġġ tar-riskju. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-parteċipanti fis-suq ikunu jistgħu jqabblu l-prezzijiet tas-servizzi tas-saldu pprovduti mill-internalizzaturi tas-saldu mal-prezzijiet ta' dawk is-servizzi pprovduti mis-CSDs, jenħtieġ li l-internalizzaturi tas-saldu jiddivulgaw il-prezzijiet u t-tariffi tagħhom lill-klijenti tagħhom.

(50) Is-CSDs fl-Unjoni huma awtorizzati u ssorveljati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom huma stabbiliti, f'kooperazzjoni ma' kulleġġ tas-superviżuri fejn dawk is-CSDs joffru servizzi ta' importanza sostanzjali f'żewġ Stati Membri ospitanti jew aktar. Minkejja l-progress li sar s'issa, għad hemm prattiki superviżorji diverġenti għas-CSDs fost dawk l-awtoritajiet nazzjonali, li joħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi fost is-CSDs fl-Unjoni u jżidu l-kostijiet u l-piż għas-CSDs u għall-gruppi ta' CSDs li joperaw u li jfittxu li joperaw b'mod transfruntier. Bl-iżvilupp ta' swieq kapitali tal-Unjoni aktar profondi u aktar likwidi taħt l-SIU, dawk il-kundizzjonijiet mhux ekwi jżidu r-riskju ta' arbitraġġ regolatorju li jista' jwassal għal kwistjonijiet ta' stabbiltà finanzjarja. Sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti prudenzjali, organizzazzjonali u tal-libertà ta' intrapriża għas-CSDs stabbiliti fl-Unjoni jiġu applikati b'mod uniformi, b'mod partikolari għas-CSDs b'attività ta' saldu sostanzjali, is-CSDs b'dimensjoni transfruntiera materjali, u s-CSDs li huma parti minn grupp li jinkludi infrastrutturi oħra tas-suq li huma ssorveljati mill-ESMA, jenħtieġ li jiġu ssorveljati mill-ESMA, abbażi tal-għarfien espert u l-esperjenza tagħha fl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

(51) Sabiex jiġi ddeterminat liema CSDs awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jenħtieġ li jkunu soġġetti għal superviżjoni mill-ESMA, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji ċari u oġġettivi għall-identifikazzjoni tagħhom, inklużi kriterji bbażati fuq id-daqs u l-attività transfruntiera. Bil-għan li jiġi ssimplifikat u evitat piż

[25] Ir-Regolament (UE) 2022/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 909/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE (ĠU L 151, 2.6.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/858/oj).

amministrattiv bla bżonn, CSD li jkun diġà ġie awtorizzat jenħtieġ li ma jiġix awtorizzat mill-ġdid mill-ESMA ladarba jsir sinifikanti.

(52) Minħabba r-rwol ċentrali tas-CSDs fis-swieq tat-titoli, il-konnessjoni tagħhom ma' infrastrutturi oħra tas-swieq finanzjarji u l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-volum ta' tranżazzjonijiet ta' saldu fis-CSDs fl-Unjoni jseħħ fi flus tal-bank ċentrali, jenħtieġ li l-ESMA tiżviluppa arranġamenti ta' kooperazzjoni profondi u komprensivi ma' awtoritajiet oħra, b'mod partikolari mal-BĊE u banek ċentrali oħra li joħorġu l-aktar muniti rilevanti tal-Unjoni li s-CSDs isaldaw fihom. Tali arranġamenti ta' kooperazzjoni jenħtieġ li jkopru l-involviment mill-qrib ta' dawk l-awtoritajiet l-oħra fis-superviżjoni ta' kuljum ta' CSDs sinifikanti u jenħtieġ li jinkludu arranġamenti għal avvenimenti regolari, bħal spezzjonijiet fuq il-post, u avvenimenti *ad hoc*, bħal sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

(53) L-emendi għar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, u b'mod partikolari l-bidliet fl-istruttura organizzazzjonali interna tal-ESMA u l-bidla fir-responsabbiltajiet superviżorji, jenħtieġ li jiġu riflessi fir-Regolament (UE) Nru 909/2014. Barra minn hekk, filwaqt li titqies il-bidla fir-responsabbiltajiet superviżorji, l-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-istruttura ta' governanza tal-ESMA, u biex tiġi evitata kwalunkwe assenjazzjoni duplikata tal-kompiti bejn l-ESMA u l-kulleġġ superviżorju, jenħtieġ li s-CSDs sinifikanti ma jibqgħux ikunu meħtieġa jkollhom kulleġġ.

(54) Għall-kuntrarju tas-CSDs sinifikanti, is-CSDs inqas sinifikanti ma għandhomx attivitajiet transfruntieri sostanzjali. Għalhekk dawn jenħtieġ li jibqgħu taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom. L-arranġamenti superviżorji għas-CSDs inqas sinifikanti jenħtieġ li fil-biċċa l-kbira jibqgħu kif kienu. Madankollu, biex jiġi żgurat approċċ superviżorju konsistenti għal dawk is-CSDs, huwa meħtieġ li tiġi prevista kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn dawk l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti flimkien mal-ESMA. F'każ li jkunu jixtiequ jagħmlu dan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-opzjoni li jiddeżinjaw lill-ESMA bħala l-awtorità kompetenti għal CSDs inqas sinifikanti stabbiliti fil-ġuriżdizzjonijiet tagħhom. Barra minn hekk, jekk CSD li qabel kien sinifikanti ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet biex jitqies bħala tali, jenħtieġ li jingħata perjodu ta' tranżizzjoni suffiċjenti lill-awtorità nazzjonali kompetenti biex din tkun tista' tħejji ruħha qabel ma tassumi formalment ir-responsabbiltajiet superviżorji għal dik is-CSD. Inkella, jenħtieġ li l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun tista' tħalli s-superviżjoni ta' din is-CSD li qabel kienet sinifikanti f'idejn l-ESMA. Barra minn hekk, sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u kundizzjonijiet ekwi bejn CSDs sinifikanti u inqas sinifikanti, jenħtieġ li l-ESMA tkun ukoll l-awtorità responsabbli għall-awtorizzazzjoni ta' arranġamenti tal-interoperabbiltà bħal, fil-kuntest tas-servizzi tas-CSD, konnessjonijiet interoperabbli. Għal dawn il-finijiet, jenħtieġ li l-ESMA tkun responsabbli wkoll biex tippresjedi l-kulleġġi għal CSDs inqas sinifikanti.

(55) Sabiex timmodernizza l-iskambju ta' informazzjoni u tippermetti proċeduri aktar rapidi, jenħtieġ li l-ESMA tistabbilixxi u żżomm bażi tad-data ċentrali elettronika fil-forma ta' pjattaforma. L-awtoritajiet u l-korpi kompetenti rilevanti kollha msemmija fir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jenħtieġ li jkollhom aċċess għal tali pjattaforma għall-informazzjoni li hija pertinenti għall-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħhom. L-entitajiet soġġetti għar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-informazzjoni u d-dokumentazzjoni li jkunu ppreżentaw u għal kwalunkwe dokumentazzjoni li tkun indirizzata lilhom. Sabiex tiġi żgurata l-kondiviżjoni rapida u effiċjenti tal-informazzjoni u tad-dokumentazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru

909/2014, jenħtieġ li l-bażi tad-data ċentrali tintuża biex jiġu kondiviżi kemm jista' jkun informazzjoni u dokumentazzjoni.

(56) Sabiex gruppi ta' CSDs ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-konsolidazzjoni tagħhom, ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jenħtieġ li jippermetti lis-CSDs li huma parti minn grupp jesternalizzaw is-servizzi ewlenin tagħhom lil CSDs li huma parti mill-istess grupp. Barra minn hekk, jenħtieġ li sitwazzjonijiet fejn CSD jixtieq jipprovdi s-servizzi ewlenin tiegħu billi juża soluzzjoni tad-DLT li żviluppa ma jitqisux bħala esternalizzazzjoni iżda pjuttost bħala estensjoni tal-awtorizzazzjoni tas-CSD.

(57) Ir-rekwiżit li tiġi żgurata l-integrità tal-ħruġ tat-titoli japplika bl-istess mod għas-CSDs konvenzjonali u għas-CSDs li jużaw id-DLT. Għas-CSDs li jużaw id-DLT, jenħtieġ li r-regoli jqisu l-modi speċifiċi li bihom taħdem id-DLT billi jippermettu li jitwettqu miżuri ta' rikonċiljazzjoni xierqa min-nodi li jivverifikaw li l-għadd ta' titoli li jikkostitwixxu ħruġ ta' titoli jew parti minn ħruġ ta' titoli ppreżentat lis-CSD ikun ugwali għas-somma ta' titoli rreġistrati fil-kontijiet ta' titoli tal-parteċipanti tas-sistema ta' saldu tat-titoli operata mis-CSD.

(58) Is-CSDs jenħtieġ li jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ mill-funzjonalità offruta minn infrastruttura ta' saldu komuni li toffri saldu tat-titoli bi flus tal-bank ċentrali, b'mod partikolari fejn tali infrastruttura ta' saldu komuni tipprevedi għodod għall-ottimizzazzjoni tal-likwidità u tippromwovi saldu sikur u effiċjenti, inkluż bejn il-fruntieri. Sabiex jagħtu lill-parteċipanti tagħhom il-possibbiltà li jsaldaw it-tranżazzjonijiet ta' titoli tagħhom f'dik l-infrastruttura ta' saldu komuni, is-CSDs li joffru saldu f'muniti disponibbli f'tali infrastruttura ta' saldu komuni jenħtieġ li jkunu meħtieġa jikkonnettjaw direttament magħha. Ir-rekwiżit sabiex jiġu konnessi ma' infrastruttura ta' saldu komuni jenħtieġ li jqis l-iżviluppi teknoloġiċi fil-qasam tas-saldu tal-flus tal-bank ċentrali.

(59) Ir-Regolament (UE) 1114/2023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] jistabbilixxi qafas għall-ħruġ sikur fl-Unjoni ta' tokens tal-flus elettroniċi. Sabiex tiġi appoġġata l-innovazzjoni fis-saldu ta' titoli, jenħtieġ li s-CSDs fl-Unjoni jkunu jistgħu jsaldaw il-pagamenti ta' tranżazzjonijiet ta' titoli f'tokens tal-flus elettroniċi, soġġett għal salvagwardji xierqa. Dik il-possibbiltà jenħtieġ li tkun disponibbli kemm għas-CSDs li huma awtorizzati jipprovdu servizzi anċillari ta' tip bankarju kif ukoll għas-CSDs li ma humiex. Is-CSDs li ma humiex awtorizzati jipprovdu servizzi anċillari ta' tip bankarju jenħtieġ li jkunu jistgħu jsaldaw il-pagamenti f'tokens tal-flus elettroniċi, fi kwalunkwe munita, permezz ta' kontijiet miftuħa ma' CSDs li huma awtorizzati jipprovdu servizzi anċillari ta' tip bankarju jew permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjoni ta' kreditu, soġġett għal-livell limitu ddeterminat mill-EBA għas-saldu ta' pagamenti fi flus ta' bank kummerċjali.

(60) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jistabbilixxi regoli għall-istabbiliment u għaż-żamma ta' arranġamenti ta' konnessjoni stabbiliti bejn is-CSDs. Sabiex jitrawwem il-forniment ta' servizzi transfruntieri, l-aċċess għal CSD ieħor fl-Unjoni permezz ta' konnessjoni standard jenħtieġ li jiġi ffaċilitat u l-proċess relatat għandu jiġi ssimplifikat. Barra minn hekk, bil-għan li titrawwem aktar integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni, is-CSDs jenħtieġ li jkunu meħtieġa jistabbilixxu għadd minimu ta'

[26] Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj).

konnessjonijiet bilaterali. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li l-għadd ta' konnessjonijiet li CSD jkun meħtieġ jistabbilixxi irid jiddependi fuq is-sinifikat tas-CSD.

(61) Dan ir-Regolament emendatorju jintroduċi emendi mmirati għar-Regolament (UE) 2019/1156 bil-għan li jitneħħew l-ostakli għall-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-AIFs u tal-UCITS, jiġu armonizzati r-regoli dwar il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni u jissaħħu s-setgħat tal-ESMA biex trawwem kultura superviżorja komuni u tikkoordina aħjar l-attivitajiet fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti domiċiljari u ospitanti.

(62) Il-kummerċjalizzazzjoni tal-AIFs u tal-UCITS mhux dejjem titwettaq mill-maniġer tal-AIFM, tal-EuVECA jew tal-EuSEF, jew mill-kumpanija maniġerjali tal-UCITS direttament iżda minn distributur wieħed jew aktar f'isem dawk il-maniġers jew f'isimhom stess. L-arranġamenti li permezz tagħhom distributur jaġixxi f'isem il-maniġer tal-AIFM, tal-EuVECA jew tal-EuSEF, jew tal-kumpanija maniġerjali tal-UCITS jenħtieġ li jitqiesu bħala arranġamenti ta' delega soġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/61/UE, ir-Regolament (UE) 345/2013, ir-Regolament (UE) 346/2013 u d-Direttiva 2009/65/KE rigward id-delega. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza legali, ir-Regolament (UE) 2019/1156 huwa emendat biex jiċċara li meta l-funzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni tiġi ddelegata lil parti terza li taġixxi f'isem il-maniġer tal-AIFM, tal-EuVECA jew tal-EuSEF, u l-kumpanija maniġerjali tal-UCITS, din tal-aħħar tibqa' responsabbli biex tiżgura li l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni mħejjija u indirizzati lill-investituri jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament. Min-naħa l-oħra, meta distributur jaġixxi f'ismu stess u jikkummerċjalizza AIF jew UCITS skont id-Direttiva 2014/65/UE jew permezz ta' prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni tal-ħajja f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/97, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/61/UE u d-Direttiva 2009/65/KE rigward id-delega ma japplikawx. Ir-Regolament (UE) 2019/1156 huwa għalhekk emendat biex jiċċara li f'dawk il-każijiet fejn il-funzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni titwettaq minn distributur wieħed jew aktar li jaġixxu f'isimhom stess, dawk id-distributuri (u mhux l-AIFM jew il-kumpanija maniġerjali tal-UCITS) huma responsabbli biex jiżguraw li l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni li jħejju u jindirizzaw lill-investituri jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

(63) Biex jitnaqqas id-dewmien bla bżonn u l-prattiki superviżorji diverġenti u biex tiġi ffaċilitata l-kummerċjalizzazzjoni bla xkiel tal-AIFs u tal-UCITS fis-Suq Uniku, huwa xieraq li r-Regolament (UE) 2019/1156 jipprojbixxi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti milli jirrikjedu n-notifika ta' komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni bħala kundizzjoni minn qabel għall-kummerċjalizzazzjoni tal-AIFs u tal-UCITS fit-territorju tagħhom. Sabiex jiġu protetti l-investituri fl-Istat Membru ospitanti u jittejbu l-kooperazzjoni u l-effettività superviżorji, meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jkollhom raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni ma jkunux konformi mar-Regolament (UE) 2019/1156 jew mal-atti delegati rilevanti tal-Kummissjoni, huma jżommu d-dritt li jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-maniġer tal-AIFM, tal-EuVECA jew tal-EuSEF jew lill-UCITS biex jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jipprevjenu jew jippenalizzaw aktar irregolaritajiet. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti jistgħu jkomplu jirreferu l-kwistjoni lill-ESMA jekk ma jkunux sodisfatti bl-azzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti domiċiljari.

(64) Sabiex jiġu żgurati livelli għoljin ta' trasparenza dwar it-tariffi jew l-imposti li jimponu l-awtoritajiet kompetenti ospitanti għat-twettiq ta' dmirijiethom fir-rigward tal-AIFs u tal-UCITS kummerċjalizzati fit-territorju tagħhom u biex jiġi ffaċilitat l-irkupru ta' dawk it-tariffi jew l-imposti, jenħtieġ li l-ESMA tippubblika informazzjoni aġġornata dwar l-ammont ta' tariffi jew imposti applikati minn kull awtorità kompetenti ospitanti, il-frekwenza tagħhom u l-modalitajiet tal-pagament tagħhom. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tat-tariffi jew tal-imposti applikati mill-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li l-ESMA, kull sentejn, tanalizza jekk tali tariffi jew imposti humiex konsistenti mal-kost ġenerali relatat mat-twettiq tal-funzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti u tippreżenta rapport lill-Kummissjoni fuq dik il-bażi.

(65) Sabiex tiġi ffaċilitata l-kummerċjalizzazzjoni tal-AIFs u tal-UCITS madwar l-Unjoni u sabiex jiġu ottimizzati l-interazzjonijiet u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri domiċiljari u dawk ospitanti, huwa xieraq u meħtieġ li l-ESMA tistabbilixxi "punt uniku ta' servizz" għall-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-AIFs u tal-UCITS, li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jittrażmettu u jiskambjaw b'mod faċli informazzjoni u dokumentazzjoni dwar in-notifiki ta' kummerċjalizzazzjoni. Għalhekk huwa essenzjali li l-ESMA tiżviluppa pjattaforma tad-data għan-notifiki u għad-denotifiki ta' kummerċjalizzazzjoni li tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti kollha. L-UCITS u l-AIFMs jenħtieġ li jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa għall-kummerċjalizzazzjoni tal-AIFs u tal-UCITS madwar l-Unjoni, inkluża kwalunkwe emenda tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom, u dan tal-aħħar min-naħa tiegħu jittrażmettihom lill-ESMA permezz ta' dik il-pjattaforma tad-data. L-awtoritajiet kompetenti ospitanti rilevanti kollha jenħtieġ li jkollhom aċċess immedjat u dirett għall-informazzjoni u għad-dokumentazzjoni b'rabta mal-UCITS u mal-AIFs ikkummerċjalizzati fit-territorju tagħhom permezz tal-pjattaforma tad-data. Il-pjattaforma tad-data se tissimplifika u tħaffef il-proċedura ta' passaportar għall-UCITS u għall-AIFMs, filwaqt li tippermetti aċċess immedjat għas-Suq Uniku mal-awtorizzazzjoni tagħhom, kif ukoll iżżid it-trasparenza u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti. Biex tiffinanzja n-nefqa relatata mal-proċedura l-ġdida ta' passaportar, inkluż is-sehem xieraq tal-kostijiet tal-manutenzjoni tal-pjattaforma tad-data li tintuża għal dak il-għan, jenħtieġ li l-ESMA titlob tariffa lill-UCITS u lill-AIFMs meta jagħmlu użu mill-passaportar ibbażat fuq il-proċedura ta' awtorizzazzjoni. L-istruttura tat-tariffi jenħtieġ li tkun proporzjonata man-numru ta' Stati Membri ospitanti li fihom jiġu kkummerċjalizzati l-unitajiet tal-UCITS jew tal-AIFs.

(66) Sabiex jiġu żgurati implimentazzjoni konsistenti u armonizzazzjoni akbar tar-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni u tal-proċeduri ta' notifika madwar l-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/61/UE u tad-Direttiva 2009/65/KE fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-AIFs tal-UE ġestiti mill-AIFMs tal-UE ma' investituri professjonali u l-kummerċjalizzazzjoni tal-UCITS madwar l-Unjoni huma ttrasferiti għar-Regolament (UE) 2019/1156.

(67) L-AIFMs tal-UE li jikkummerċjalizzaw AIFs tal-UE ma' investituri professjonali, u l-UCITS li jikkummerċjalizzaw l-unitajiet tagħhom madwar l-Unjoni, diġà huma awtorizzati u soġġetti għal salvagwardji regolatorji u rekwiżiti prudenzjali stretti. Madankollu, il-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-UCITS u tal-AIFs għadha mxekkla minn proċeduri ta' notifika twal kif ukoll rekwiżiti nazzjonali u prattiki amministrattivi diverġenti, inklużi obbligi relatati mat-traduzzjonijiet, il-ħatra ta' aġenti lokali u skadenzi nazzjonali differenti. Dawk id-diverġenzi jxekklu l-

funzjonament tas-suq intern, peress li l-UCITS u l-AIFs iridu jinnavigaw taħlita ta' regoli u proċessi nazzjonali meta joperaw f'diversi Stati Membri. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu razzjonalizzati l-proċeduri ta' notifika u ta' denotifika ta' kummerċjalizzazzjoni, jitqassru l-ħinijiet tal-ipproċessar u jitneħħew ir-rekwiżiti nazzjonali li joħolqu ostakli għall-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-fondi ta' investiment. Għal dak il-għan, ir-Regolament (UE) 2019/1156 huwa emendat biex jippermetti lill-UCITS u lill-AIFMs, fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni tagħhom, jinnotifikaw lill-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom bl-intenzjoni tagħhom li jikkummerċjalizzaw unitajiet jew ishma ta' UCITS jew AIFs fi Stati Membri oħra permezz ta' proċedura simplifikata. Ladarba l-Istat Membru ta' domiċilju jkun irċieva l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa permezz tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, jenħtieġ li jittrażmettiha lill-pjattaforma tad-data tal-ESMA. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tkun awtomatikament aċċessibbli għall-Istati Membri ospitanti u, mill-mument tat-trażmissjoni tagħha lill-pjattaforma tad-data, l-UCITS u l-AIFs jenħtieġ li jgawdu aċċess mhux ristrett għas-swieq ta' dawk l-Istati Membri.

(68) Bl-istess mod, id-denotifika tal-arranġamenti ta' kummerċjalizzazzjoni jenħtieġ li tkun soġġetta għall-proċedura simplifikata, u dan tippermetti lill-UCITS u lill-AIFMs jinnotifikaw l-intenzjoni tagħhom li jtemmu l-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni fi Stat Membru ospitanti lill-awtorità kompetenti domiċiljari tagħhom, li min-naħa tagħha tinnotifika lill-Istati Membri ospitanti rilevanti u lill-ESMA permezz tal-pjattaforma tad-data.

(69) Għalkemm ir-rekwiżit ta' preżenza fiżika bħala prekundizzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-UCITS u tal-AIFs fi Stat Membru ospitanti huwa pprojbit, l-Istati Membri spiss jirrikjedu, permezz tal-prattika tas-suq jew b'xi mod ieħor, il-ħatra ta' aġent lokali biex iwettaq ċerti kompiti lokalment. Prattiki bħal dawn jimminaw il-funzjonament tas-Suq Uniku u jiġġeneraw kostijiet u kumplessità bla bżonn għall-fondi kkummerċjalizzati madwar l-Unjoni. Għalhekk huwa neċessarju li jiġi ċċarat li l-Istati Membri ospitanti jenħtieġ li ma jimponux, permezz tal-prattika tas-suq jew b'xi mod ieħor, xi forma ta' obbligu ta' preżenza fiżika lokali fuq l-UCITS u l-AIFs ikkummerċjalizzati fit-territorju tagħhom, anke meta tali preżenza ma tkunx formalment prekundizzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni iżda toħloq piżijiet addizzjonali jew tqiegħed dawk il-fondi fi żvantaġġ meta mqabbla mal-fondi domestiċi.

(70) Sabiex tiġi żgurata armonizzazzjoni akbar fl-eżerċizzju tas-setgħat superviżorji mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari u ospitanti, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/61/UE u tad-Direttiva 2009/65/KE dwar is-setgħat superviżorji fuq l-UCITS u l-AIFs ikkummerċjalizzati madwar l-Unjoni jenħtieġ li jiġu ttrasferiti għar-Regolament (UE) 2019/1156. Sabiex tiġi promossa kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti domiċiljari u dawk ospitanti u biex jiġi żgurat li kwalunkwe nuqqas ta' qbil potenzjali jiġi solvut b'mod effiċjenti u mingħajr ma jinħolqu ostakli għall-kummerċjalizzazzjoni tal-UCITS u tal-AIFs fl-Unjoni, huwa neċessarju li jiġi ċċarat li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti jenħtieġ li jirreferu lill-ESMA kwalunkwe kwistjoni ta' nuqqas ta' qbil mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS jew tal-AIFM, jew każijiet fejn l-Istat Membru ospitanti jqis li l-kummerċjalizzazzjoni ta' UCITS jew ta' AIF jenħtieġ li tiġi pprojbita fit-territorju tiegħu. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-ESMA ssolvi l-kwistjoni f'konformità mas-setgħat tagħha li tindirizza kwistjonijiet transfruntieri.

(71) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tas-Suq Uniku għall-fondi ta' investiment u jitneħħew l-ostakli superviżorji li jimpedixxu l-eżerċizzju transfruntier tal-liġijiet tal-

passaportar, jenħtieġ li l-ESMA tingħata s-setgħa li tidentifika u tindirizza każijiet ta' prattiki superviżorji diverġenti, duplikattivi, żejda jew defiċjenti li jfixklu l-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-UCITS u tal-AIFs jew każijiet fejn il-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-UCITS jew tal-AIFs ma tikkonformax mad-dritt tal-Unjoni. F'dawk il-każijiet, jenħtieġ li l-ESMA timplimenta proċess ta' eskalazzjoni, billi tibda bl-involviment mal-awtoritajiet kompetenti u mal-partijiet ikkonċernati, trawwem kollaborazzjoni akbar bejniethom u, fejn meħtieġ, tuża s-setgħat ta' konverġenza u ta' intervent tagħha sabiex ir-restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq l-attivitajiet transfruntieri jew il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-UE jiġu rimedjati fil-ħin u b'mod effettiv. Għall-istess raġunijiet, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li, jekk dawk il-problemi jippersistu minkejja dan il-proċess ta' eskalazzjoni, jenħtieġ li l-ESMA mbagħad teżerċita s-setgħat tagħha li tniedi proċeduri ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, li tissospendi l-liġi li tikkummerċjalizza l-UCITS jew il-AIFs fuq bażi transfruntiera f'konformità mal-Artikolu 17aaa tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, li torganizza medjazzjoni vinkolanti f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 jew li torganizza pjattaformi ta' kollaborazzjoni f'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, fejn xieraq, sabiex tirrimedja b'mod effettiv dawk il-problemi.

(72) Sabiex jiġu żgurati superviżjoni konsistenti u kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirreferu lill-ESMA kwalunkwe nuqqas ta' qbil dwar valutazzjonijiet, azzjonijiet, jew ommissjonijiet f'oqsma fejn ir-Regolament (UE) 2019/1156 jirrikjedi koordinazzjoni, sabiex l-ESMA tkun tista' tintervjeni bl-użu tas-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

(73) Huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2021/23 biex jitqies ir-rwol il-ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur ta' CCPs sinifikanti u l-abolizzjoni tal-kulleġġi għal dawk is-CCPs.

(74) Billi r-Regolament (UE) 2022/858 ġie adottat biex jippromwovi l-adozzjoni tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit (DLT, Distributed Ledger Technology) fis-settur finanzjarju, billi jipprevedi reġim pilota tal-UE li jippermetti lill-parteċipanti fis-suq jesperimentaw bl-użu tad-DLT għan-negozjar u s-saldu ta' strumenti finanzjarji. Wara 3 snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament, l-adozzjoni tiegħu għadha moderata, b'għadd limitat ta' applikanti approvati, minkejja interess dejjem akbar fis-suq fl-użu tad-DLT għas-servizzi finanzjarji. F'konformità mal-objettiv stabbilit fil-prijoritajiet għall-kisba tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investiment li jittejbu l-interoperabbiltà, l-interkonnessjoni u l-effiċjenza tal-infrastrutturi tan-negozjar u tal-postnegozjar tal-UE, jidher iġġustifikat li jiġi rieżaminat l-istabbiliment regolatorju attwali tar-Regolament (UE) 2022/858 biex jiġi żgurat li r-Regolament Pilota tad-DLT ikun aktar kapaċi li jakkumpanja ditti regolati li jixtiequ jisfruttaw id-DLT għan-negozjar u għall-postnegozjar. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, ir-rieżami jinkludi b'mod ġenerali żewġ settijiet ta' emendi: l-ewwel nett, dawk li għandhom l-għan li jżidu l-flessibbiltà u l-proporzjonalità tal-qafas u, it-tieni nett, dawk li għandhom l-għan li jestendu l-iskala u l-ambitu tiegħu.

(75) Id-DLT tintuża, fost l-oħrajn, għall-ħruġ, ir-reġistrazzjoni u t-trasferiment ta' strumenti finanzjarji. Bħala tali, fejn l-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali xieraq jiġi implimentat mill-utenti tagħha, din ma tagħmilx l-istrumenti finanzjarji mmaniġġjati permezz tad-DLT intrinsikament aktar riskjużi mill-istrumenti ġestiti abbażi ta' teknoloġiji oħra li jkunu funzjonalment analogi. Għalhekk, l-ambitu tal-assi eliġibbli u

tal-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar f'infrastruttura tas-suq DLT, jew li għandhom jiġu rreġistrati f'infrastruttura tas-suq DLT skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġi estiż biex ikopri l-istrumenti finanzjarji kollha, irrispettivament mit-tip tagħhom, soġġett għall-applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-investituri.

(76) Ir-Regolament (UE) 2022/858 jistabbilixxi diversi limiti għall-iskala tal-attivitajiet imwettqa skont ir-Reġim Pilota, b'limiti għad-daqs tal-ħruġ u għall-kapitalizzazzjoni tas-suq tal-assi eliġibbli għar-Reġim Pilota tad-DLT (limiti massimi speċifiċi għall-assi), u limitu massimu aggregat li jillimita l-valur totali tal-istrumenti finanzjarji intermedjati minn infrastruttura tas-suq tad-DLT ta' EUR 6 biljun. Dawk il-livelli limiti ta' attività għamluha diffiċli għal ċerti parteċipanti kbar fis-suq biex jużaw il-qafas Pilota għall-attività tagħhom u jiżviluppaw mudelli ta' negozju fuq skala kbira. Għalhekk, jenħtieġ li l-limiti massimi kollha speċifiċi għall-assi jiġu rtirati, filwaqt li l-limitu massimu aggregat jenħtieġ li jiżdied għal EUR 100 biljun. Sabiex jiġu mmitigati r-riskji minn żieda fl-attività, dawk il-bidliet jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn żidiet immirati fir-rekwiżiti prudenzjali għal dawk il-parteċipanti tar-Reġim Pilota li jipprovdu servizzi tas-CSD li jixtiequ jibbenefikaw minn livelli limiti ogħla. Fl-istess ħin, biex ikun aktar faċli għall-kumpaniji innovattivi żgħar li jużaw ir-Reġim Pilota tad-DLT għall-attivitajiet tagħhom, jenħtieġ li jiġi stabbilit reġim simplifikat li jinkludi obbligi li huma proporzjonati għar-riskju u d-daqs ta' dawk il-kumpaniji. Ir-reġim simplifikat jenħtieġ li jkun miftuħ għall-operaturi ta' TSS tad-DLT jew ta' SS tad-DLT meta l-valur tas-suq aggregat tal-istrumenti finanzjarji kollha tad-DLT li huma jipprovdu ma jaqbiżx l-EUR 10 biljun fil-mument tal-ammissjoni għall-kummerċ jew tar-reġistrazzjoni inizjali ta' strument finanzjarju ġdid tad-DLT.

(77) Ir-Regolament (UE) 2022/858 jillimita t-tipi ta' entitajiet eliġibbli li jistgħu jipparteċipaw fir-Reġim Pilota, li jridu jkunu jew ċentri tan-negozjar awtorizzati skont id-Direttiva 2014/65 jew CSDs. Dak l-approċċ jeskludi entitajiet finanzjarji regolati li għandhom interess u esperjenza fl-organizzazzjoni tan-negozjar u tat-trasferimenti ta' assi diġitali biex jipparteċipaw fir-Reġim Pilota, jiġifieri l-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi (CASP, Crypto-Assets Services Providers) li joperaw pjattaformi ta' negozjar. Għalhekk, jenħtieġ li dawk il-CASPs jitħallew, skont ċerti kundizzjonijiet u soġġett għall-konformità tagħhom mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fid-Direttiva 2014/65, fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 u fir-Regolament (UE) Nru 909/2014, kif applikabbli, jiksbu permess speċifiku biex joperaw ċentru tan-negozjar (TV, trading venue) tad-DLT (TV tad-DLT) jew sistema tan-negozjar u s-saldu (TSS, trading and settlement system) tad-DLT (TSS tad-DLT). Għaldaqstant, ir-regoli stabbiliti għall-entitajiet li jħaddmu infrastruttura tas-suq DLT jenħtieġ li japplikaw għall-CASPs.

(78) Ir-Regolament (UE) 2022/858 jagħti lill-parteċipanti tiegħu l-possibbiltà li jitolbu eżenzjonijiet minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-leġiżlazzjoni settorjali. Madankollu, ċerti dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni settorjali jistgħu jiġu identifikati bħala inkompatibbli mad-DLT biss mill-applikanti għar-Reġim Pilota nfushom, peress li jiżviluppaw il-mudelli ta' negozju tagħhom u japplikaw għal permess biex joperaw infrastruttura tas-suq DLT, jew wara li jiksbu l-permess. Sabiex tiġi żgurata l-flessibbiltà tar-reġim Pilota fl-appoġġ tal-innovazzjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jitħallew jilqgħu talbiet għal eżenzjonijiet minn dispożizzjonijiet li jappartjenu għall-partijiet speċifikati tal-leġiżlazzjoni settorjali taħt ċerti kundizzjonijiet. Jenħtieġ li tali talbiet ikunu bbażati fuq ġustifikazzjoni ċara mill-operaturi tat-TV tad-DLT jew tal-SS tad-DLT li l-eżenzjoni meħtieġa hija inkompatibbli jew sproporzjonata mal-użu tad-DLT, u jenħtieġ li jkunu akkumpanjati,

fejn xieraq, b'miżuri ta' kumpens li jistgħu jilħqu l-objettiv tad-dispożizzjoni li għaliha tintalab l-eżenzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-konverġenza superviżorja bejn l-awtoritajiet kompetenti li jagħtu l-eżenzjonijiet, jenħtieġ li l-ESMA tkun involuta mill-qrib fl-ilqugħ tat-talbiet billi toħroġ opinjonijiet mhux vinkolanti dwar it-talbiet u l-valutazzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet kompetenti.

(79) Is-sejbien ta' soluzzjonijiet robusti għas-saldu tal-parti ta' flus fi flus ta' bank kummerċjali jista' jkun aktar diffiċli fis-suq emerġenti tal-infrastrutturi tas-suq DLT. Sabiex jappoġġaw lill-operaturi ta' SS tad-DLT jew ta' TSS tad-DLT biex isibu soluzzjonijiet effiċjenti għall-ipproċessar ta' pagamenti ta' flus ta' bank kummerċjali fis-sistemi tas-saldu tagħhom, jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddeżinjaw istituzzjonijiet ta' kreditu li l-attivitajiet bankarji tagħhom ma jkunux limitati għas-CSDs iżda jikkonformaw b'xi mod ieħor mat-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 909/2014. Barra minn hekk, biex tiżdied iċ-ċertezza legali għall-proġetti eżistenti żviluppati taħt ir-Reġim Pilota, is-saldu fi flus ta' bank kummerċjali eżegwit minn ditta ta' investiment li topera TSS tad-DLT jenħtieġ li jiġi rikonoxxut b'mod espliċitu, dment li jimmonitorja b'mod suffiċjenti r-riskji li jirriżultaw mill-mudell ta' saldu tagħha.

(80) Peress li t-tokens tal-flus elettroniċi tfaċċaw bħala wieħed mill-aktar mezzi użati ta' saldu bbażat fuq id-DLT, jenħtieġ li tiġi pprovduta aktar ċarezza legali għall-użu tat-tokens tal-flus elettroniċi fir-Reġim Pilota. Sabiex jiġi rikonoxxut li r-Regolament (UE) 2023/1114, adottat wara r-Regolament (UE) 2022/858, jirregola s-servizzi ta' kustodja tat-tokens tal-flus elettroniċi, jenħtieġ li jiġi speċifikat li l-kontijiet tal-flus tat-tokens tal-flus elettroniċi għall-iskop ta' saldu jistgħu jiġu pprovduti minn sett ta' istituzzjonijiet finanzjarji regolati kif xieraq, inklużi l-CASPs. Madankollu, jenħtieġ li jiġi stabbilit li l-biċċa l-kbira tas-servizzi anċillari tat-tip bankarju fir-rigward tat-tokens tal-flus elettroniċi, għajr il-forniment ta' kontijiet tal-flus u l-ipproċessar tal-pagamenti, jistgħu jiġu pprovduti biss minn istituzzjonijiet ta' kreditu. Barra minn hekk, biex jiġi promoss l-użu ta' tokens tal-flus elettroniċi denominati f'muniti tal-Unjoni u biex is-suq jiġi protett mir-riskju tal-kambju, jenħtieġ li s-saldu tal-pagamenti għall-assi denominati f'muniti tal-Unjoni jitwettaq f'tokens tal-flus elettroniċi li jirreferenzjaw il-muniti tal-UE. Sabiex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' stablecoins denominati f'euro, l-infrastrutturi tas-suq DLT jenħtieġ li jiġu mħeġġa joffru saldu f'tokens tal-flus elettroniċi denominati f'euro, anke jekk l-istrument finanzjarju li jiġi saldat ikun denominat f'munita mhux tal-UE.

(81) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li n-negozji ż-żgħar li jfittxu li jinnovaw ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li huma proporzjonati għad-daqs u għar-riskju tagħhom. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-operaturi ta' SS tad-DLT jew ta' TSS tad-DLT li jibbenefikaw mir-reġim simplifikat, fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tas-CSD, ikunu soġġetti biss għal dawk id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li huma essenzjali biex jiġi żgurat il-forniment sikur u robust ta' servizzi tas-CSD, filwaqt li ma jiġix stabbilit standard ta' konformità oneruż. Għall-istess raġuni, u biex jiġi żgurat li r-regolamenti delegati adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 isiru proporzjonati għar-riskju u għad-daqs tan-negozji ż-żgħar li joperaw taħt ir-reġim simplifikat, jenħtieġ li l-ESMA tingħata struzzjonijiet biex temenda dawk ir-regolamenti delegati għall-ħtiġijiet tar-reġim simplifikat. Sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti applikabbli għall-parteċipanti tar-Reġim Pilota jsiru aktar stretti hekk kif jiżdiedu l-iskala tan-negozji u r-riskji għalihom, l-infrastrutturi tas-suq DLT li jixtiequ jagħmlu tranżizzjoni mir-reġim simplifikat għar-reġim regolari jenħtieġ li jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, kif adattati mir-Regolament (UE) 2022/858 u kif issir deroga minnhom permezz tal-istess

Regolament. Minħabba n-novità tar-reġim simplifikat għall-attivitajiet tas-sistema tas-saldu tad-DLT (SS tad-DLT) jew tas-sistema tan-negozjar u s-saldu tad-DLT (TSS tad-DLT) introdotta f'dan ir-regolament, u biex tiġi żgurata l-konverġenza superviżorja mill-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li l-ESMA tingħata l-mandat li toħroġ linji gwida dwar l-implimentazzjoni ta' dak ir-reġim simplifikat.

(82) Ir-reġistri distribwiti jaġixxu bħala pjattaformi li fuqhom l-intermedjarji finanzjarji jistgħu jipprovdu servizzi finanzjarji b'mod sinkronizzat. Sabiex il-parteċipanti fis-suq ikunu jistgħu jisfruttaw in-natura tal-pjattaforma tar-reġistri distribwiti, jenħtieġ li r-Reġim Pilota jagħmilha possibbli għall-entitajiet finanzjarji eliġibbli li jiksbu permess speċifiku biex iwettqu servizz individwali tas-CSD fit-territorju tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li persuna ġuridika li tkun awtorizzata bħala ditta ta' investiment, suq regolat, istituzzjoni ta' kreditu, CSD, jew CASP titħalla twettaq is-servizz notarili tad-DLT jew is-servizz ta' manutenzjoni ċentrali tad-DLT skont ir-Reġim Pilota. Sabiex jiġi żgurat li dawn is-servizzi jiġu pprovduti f'konformità mal-istandards stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 909/2014, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tad-DLT, in-nutara tad-DLT u d-detenturi tal-kontijiet tad-DLT jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-regolament li jirregolaw l-applikazzjoni tan-nutar u tas-servizz ta' manutenzjoni ċentrali u r-rekwiżiti addizzjonali għall-infrastrutturi tas-suq DLT stabbiliti fir-Regolament (UE) 2022/858.

(83) Jenħtieġ li l-istrumenti finanzjarji tad-DLT maħruġa u ssalvagwardjati min-nutar tad-DLT u mid-detenturi tal-kontijiet tad-DLT barra minn CSD jiġu saldati biss permezz ta' SS tad-DLT, TSS tad-DLT jew CSD li joperaw biss skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014. Barra minn hekk, minħabba n-natura sperimentali ta' dan il-mudell għall-forniment distribwit ta' servizzi tas-CSD, il-valur tas-suq tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT maħruġa u ssalvagwardjati min-nutara tad-DLT u mid-detenturi tal-kontijiet tad-DLT jenħtieġ li jkun limitat billi l-operaturi ta' SS tad-DLT, TSS tad-DLT jew CSD li joperaw biss skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jitħallew jaċċettaw saldu sa EUR 10 biljun ta' valur tas-suq ta' tali strumenti, li jenħtieġ li jiżdied għal EUR 30 biljun ta' valur tas-suq għal titoli trasferibbli maħruġa mill-SMEs.

(84) Sabiex tiġi riflessa n-natura distribwita tar-rwoli u tar-responsabbiltajiet li hija possibbli skont ir-Reġim Pilota bil-ħolqien tal-funzjoni tan-nutar tad-DLT u tad-detentur tal-kont tad-DLT, jenħtieġ li jiġi ċċarat li meta, għal strument finanzjarju partikolari tad-DLT, nutar tad-DLT jew detentur tal-kont tad-DLT jipprovdi servizzi ewlenin ta' CSD b'mod konġunt ma' SS tad-DLT, TSS tad-DLT jew CSD li jopera biss skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014, jenħtieġ li l-SS tad-DLT, it-TSS tad-DLT jew is-CSD li joperaw biss skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 ma jkunux responsabbli għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 909/2014 li jiġu rilaxxati min-nutar tad-DLT jew minn detentur tal-kont tad-DLT.

(85) Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza fis-suq dwar il-forniment konġunt ta' servizzi tas-CSD, jenħtieġ li l-ESMA ddaħħal l-informazzjoni dwar kull nutar tad-DLT u s-servizzi ta' manutenzjoni ċentrali tad-DLT imħaddma minn SS tad-DLT, TSS tad-DLT jew CSD speċifiku li joperaw biss skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 fir-reġistru tas-CSD miżmum skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

(86) Barra minn hekk, minħabba li r-reġistri distribwiti jippermettu lill-utenti tiegħu jissinkronizzaw u jawtomatizzaw l-operazzjonijiet b'mod aktar faċli, ir-Reġim Pilota jenħtieġ li jippermetti lill-parteċipanti fis-suq jesperimentaw b'mudell ta' negozju ġdid li ma jinvolvix operatur uniku ta' sistema ta' saldu, iżda pjuttost jiddependi fuq entitajiet regolati li huma meħtieġa b'mod individwali u konġunt, permezz tal-

istabbiliment ta' skema ta' saldu, biex jiġu żgurati eżiti tas-saldu robusti. Minħabba n-natura sperimentali tagħhom, dawn il-mudelli ta' negozju jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-istess livelli limiti bħal dawk applikabbli għall-infrastrutturi tas-suq DLT li jissaldaw l-istrumenti finanzjarji tad-DLT maħruġa u ssalvagwardjati min-nutara tad-DLT u mid-detenturi tal-kontijiet tad-DLT. Barra minn hekk, biex ikomplu jiġu mmitigati r-riskji li jirriżultaw minn dan il-mudell ta' negozju ġdid, jenħtieġ li l-parteċipanti eliġibbli għall-iskemi ta' saldu jkunu biss detenturi tal-kontijiet tad-DLT, is-saldu jenħtieġ li jitwettaq permezz ta' kontijiet tal-flus tal-bank ċentrali ġestiti minn dawk id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT, u jenħtieġ li jiġi saldat fuq bażi ta' "konsenja kontra ħlas". Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-iskema ta' saldu, jenħtieġ li l-parteċipanti tagħha jiżguraw saldu sikur, effiċjenti u bla xkiel, protezzjoni tal-assi tal-klijenti u l-immaniġġjar tar-riskju robust tal-operazzjonijiet. B'mod partikolari, biex jiġi żgurat l-immaniġġjar robust tar-riskji tal-kreditu u tal-likwidità li jirriżultaw mill-forniment ta' servizzi bankarji lill-klijenti tagħhom, jenħtieġ li d-detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jipparteċipaw fl-iskema jikkonformaw ma' sett ta' rekwiżiti prudenzjali fuq bażi kontinwa. Sabiex tiġi żgurata din il-konformità, jenħtieġ li l-iskema ta' saldu tiġi awtorizzata u ssorveljata mill-ESMA, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tad-detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jipparteċipaw fl-iskema.

(87) Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tas-servizzi ta' CSD tad-DLT fl-Istati Membri kollha, jenħtieġ li n-nutara tad-DLT u d-detenturi tal-kontijiet tad-DLT jitħallew jipprovdu servizzi tas-CSD fl-Unjoni kollha, mingħajr ma jkunu meħtieġa jkollhom preżenza fiżika fit-territorju ta' Stat Membru ospitanti sakemm jissottomettu lista tal-Istati Membri li fihom beħsiebhom jipprovdu servizzi tas-CSD lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom, li din umbagħad tintalab tikkondividi din il-lista mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti rilevanti u mal-ESMA qabel ma n-nutar tad-DLT jew id-detentur tal-kont tad-DLT ikun jista' jibda jipprovdi servizzi tas-CSD f'dawk l-Istati Membri ospitanti.

(88) Sabiex jiġi żgurat li l-infrastrutturi tas-suq DLT ma jifframmentawx l-infrastruttura tan-negozjar u tal-postnegozjar tal-Unjoni u li jiffurmaw parti minn suq kapitali integrat tal-infrastrutturi tas-suq DLT li jipparteċipaw fir-Reġim Pilota, kif ukoll partijiet interessati oħra, jenħtieġ li jiffurmaw grupp tal-industrija għall-fini tal-istabbiliment ta' standards tal-industrija li jiffaċilitaw is-saldu ta' strumenti finanzjarji tad-DLT bejn l-infrastrutturi tas-suq DLT. Filwaqt li tibni fuq il-ħidma ta' dak il-grupp tal-industrija, l-ESMA jenħtieġ li tipprovdi pariri tekniċi lill-Kummissjoni dwar l-appoġġ għall-interoperabbiltà bejn l-infrastrutturi tas-suq DLT.

(89) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kulleġġi tas-superviżuri biex tiġi żgurata s-superviżjoni effiċjenti tal-mudelli ta' negozju ġodda għas-servizzi tas-CSD permessi skont ir-Reġim Pilota u l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni meħtieġa bejn is-superviżuri kollha li dawk il-mudelli ta' negozju jistgħu jinvolvu. L-ewwel nett, jenħtieġ li l-kulleġġi tas-superviżuri jiġu stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 24a tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 meta SS tad-DLT jew TSS tad-DLT li joperaw taħt ir-reġim regolari jipprovdu servizzi tas-CSD u jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu. Sabiex jiġi żgurat l-involviment komprensiv tal-awtoritajiet rilevanti kollha, l-awtoritajiet kompetenti tan-nutar tad-DLT jew tad-detentur tal-kont tad-DLT li jkun involut fil-forniment tas-servizzi tas-CSD u tal-EBA, fejn jintużaw tokens tal-flus elettroniċi għas-saldu tal-pagamenti, jenħtieġ li jitħallew jissieħbu fil-kulleġġ tas-superviżuri. It-tieni, jenħtieġ li l-ESMA tistabbilixxi u tippresjedi wkoll kulleġġ tas-superviżuri għall-iskemi ta' saldu, li jinkludi l-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti tad-

detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jipparteċipaw fl-iskema ta' saldu u l-bank ċentrali fl-Unjoni tal-munita li tintuża jew li se tintuża għas-saldu ta' pagamenti fi flus fl-iskema ta' saldu. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tan-nutara tad-DLT li jipparteċipaw fl-iskema ta' saldu jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-kulleġġ fuq talba.

(90) Sabiex titneħħa kwalunkwe ambigwità fir-rigward tal-vijabbiltà fit-tul tar-Reġim Pilota, jenħtieġ li l-limiti ta' żmien għad-durata tal-permessi mogħtija f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/858 ma jibqgħux japplikaw.

(91) Swieq tal-kriptoassi integrati sew jiddependu fuq oqfsa superviżorji kkoordinati biex joperaw b'mod effiċjenti, filwaqt li superviżjoni aktar ċentralizzata tista', min-naħa tagħha, tippromwovi integrazzjoni tas-suq aktar profonda. Iċ-ċentralizzazzjoni tas-setgħat u tal-kapaċitajiet superviżorji fil-livell tal-Unjoni, inkluż bit-trasferiment tar-responsabbiltajiet superviżorji diretti fil-qasam tal-forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi hija element kritiku biex tiġi żviluppata aktar id-dinamika ta' tisħiħ reċiproku bejn l-integrazzjoni tas-suq u l-allinjament superviżorju.

(92) Minħabba li l-forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi huma qasam ġdid ta' attività finanzjarja li reċentement biss ġie taħt superviżjoni u minħabba li huwa importanti li tiġi żgurata konsistenza superviżorja mill-bidu nett, jenħtieġ li l-ESMA teżerċita dik is-superviżjoni ċentralizzata, u b'hekk tiggarantixxi kundizzjonijiet ekwi. Is-servizzi tal-kriptoassi huma wkoll qasam iddominat minn żieda fl-attività transfruntiera mwettqa bl-użu ta' mezzi elettroniċi u teknoloġija ġdida. Għalhekk, jenħtieġ li r-riskji jiġu mmonitorjati u indirizzati b'mod komprensiv u konsistenti. Jenħtieġ li s-sorveljanza ċentralizzata tiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-istandards u tar-regoli, timmitiga l-lakuni superviżorji bejn il-ġuriżdizzjonijiet u tindirizza l-impatt sproporzjonat li falliment potenzjali tal-forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi jista' jkollu fuq l-ekosistema tal-kriptoassi tal-Unjoni. Is-superviżjoni ċentralizzata jenħtieġ li tfisser li l-periklu tal-frammentazzjoni superviżorja mhux se jimmaterjalizza.

(93) Fil-ġlieda kontra l-abbuż tas-suq tal-kriptoassi ammessi għall-kummerċ jew li tkun saret talba għalihom għall-ammissjoni għall-kummerċ, is-sorveljanza ċentralizzata tas-suq mill-ESMA u s-setgħat ta' investigazzjoni għal każijiet transfruntiera jenħtieġ li jiksbu ekonomiji ta' skala, jegħlbu l-kwistjoni ta' aċċess frammentat għad-data, inaqqsu d-dipendenza fuq il-kooperazzjoni internazzjonali u fl-aħħar mill-aħħar jagħtu lill-ESMA perspettiva aħjar dwar strateġiji kumplessi li jseħħu bejn il-ġuriżdizzjonijiet.

(94) F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-ESMA tkun responsabbli għall-awtorizzazzjoni u għas-superviżjoni tal-forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi u għall-monitoraġġ kontinwu tal-abbuż tas-suq fis-settur tal-kriptoassi.

(95) Ċerti ditti soġġetti għal atti leġiżlattivi tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji diġà jistgħu jipprovdu s-servizzi tal-kriptoassi kollha jew xi whud minnhom mingħajr ma jkunu meħtieġa jiksbu awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi skont ir-Regolament (UE) 2023/1114. Jenħtieġ li dawn l-entitajiet tkompli ssirilhom superviżjoni għall-attivitajiet tal-kriptoassi tagħhom mill-awtoritajiet kompetenti li jkunu tawhom awtorizzazzjoni skont atti oħra tal-Unjoni. Madankollu, meta l-forniment ta' servizzi tal-kriptoassi jsir l-attività ewlenija ta' dawk l-entitajiet, jenħtieġ li dawn jiġu ttrattati bħala forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi u s-superviżjoni għall-attivitajiet kollha tagħhom jenħtieġ li tiġi ttrasferita lill-ESMA. Sabiex tissodisfa dan id-dmir, jenħtieġ li l-ESMA tistabbilixxi ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti li awtorizzaw lil dawk l-entitajiet skont atti leġiżlattivi oħra tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji. Abbażi tal-ftehim ta' kooperazzjoni, dawk l-awtoritajiet

kompetenti għandhom jipprovdu appoġġ u assistenza lill-ESMA fis-superviżjoni tal-attivitajiet li ma humiex koperti mir-Regolament (UE) 2023/1114.

(96) Peress li diġà hemm sistema ċentralizzata ta' superviżjoni bankarja fl-Unjoni fil-forma tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, li tiżgura l-integrazzjoni u l-konsistenza fis-superviżjoni tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda trasferiment ta' setgħat superviżorji meta l-entità li tipprovdi servizzi tal-kriptoassi tkun istituzzjoni ta' kreditu.

(97) Sabiex tissorvelja l-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi, jenħtieġ li l-ESMA jkollha s-setgħat li tissospendi jew tipprojbixxi l-forniment ta' servizz tal-kriptoassi, li tirtira l-awtorizzazzjoni ta' fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi, li tinvestiga każijiet ta' ksur tar-regoli dwar l-abbuż tas-suq, li titlob informazzjoni, li twettaq spezzjonijiet u investigazzjonijiet fuq il-post, li tieħu miżuri superviżorji u li timponi multi. Meta tiddetermina t-tip u l-livell ta' penali amministrattiva jew miżura amministrattiva oħra, l-ESMA jenħtieġ li tqis iċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inklużi l-gravità u d-durata tal-ksur u jekk dan twettaqx b'mod intenzjonat. Sabiex twettaq id-dmirijiet superviżorji tagħha, jenħtieġ li l-ESMA tikkoopera u tkun assistita minn awtoritajiet kompetenti oħra kif ukoll mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tad-[Direttiva (UE) 2015/849].

(98) Jenħtieġ li l-ESMA timponi tariffi fuq il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi biex tkopri l-kostijiet tagħha għas-superviżjoni, inkluż għall-ispejjeż ġenerali, u l-kost tat-twettiq tas-sorveljanza tas-suq biex jiġi evitat l-abbuż tas-suq. Jenħtieġ li t-tariffa tkun proporzjonata għad-daqs tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi. Sabiex jiġi evitat tfixkil għall-fornituri eżistenti ta' servizzi tal-kriptoassi, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi li jkunu ġew awtorizzati skont ir-Regolament (UE) 2023/1114 u għall-applikanti li l-applikazzjoni tagħhom għal awtorizzazzjoni ta' fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi qed tiġi vvalutata kurrentement mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, huwa xieraq ukoll li jiġu stabbiliti miżuri tranżizzjonali ċari għat-trażmissjoni ta' fajls u dokumenti ta' ħidma mill-awtoritajiet kompetenti lill-ESMA.

(99) Sabiex jiġi evitat tfixkil għall-fornituri eżistenti ta' servizzi tal-kriptoassi, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni ta' fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi minn awtorità kompetenti tibqa' valida fl-Unjoni kollha wara t-tranżizzjoni tas-setgħat superviżorji mill-awtoritajiet kompetenti għall-ESMA.

(100) Sabiex jiġu ssodisfati l-objettivi tar-Regolament (UE) 1095/2010, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' regoli ta' proċedura għall-eżerċizzju tas-setgħa tal-ESMA li timponi tariffi, għall-impożizzjoni ta' multi u proċedura tas-saldu, inklużi d-drittijiet tad-difiża, id-divulgazzjoni u l-effetti tas-saldu. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-effettività tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tat-tariffi li għandhom jitħallsu lill-ESMA għas-superviżjoni ta' CCPs sinifikanti, il-kwistjonijiet li għalihom dawk it-tariffi huma dovuti, il-kalkolu tal-ammont ta' dawk it-tariffi, u l-mod li bih dawk it-tariffi għandhom jitħallsu, u fir-rigward tal-emendar tal-lista ta' każijiet ta' ksur li għalihom l-ESMA tista' timponi miżuri superviżorji fuq CCPs sinifikanti. Barra minn hekk, sabiex jiġu żgurati l-effettività u l-applikazzjoni konsistenti tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata

lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tat-tariffi li għandhom jitħallsu mill-operaturi taċ-ċentri tan-negozjar li huma soġġetti għal superviżjoni mill-ESMA, fir-rigward tal-kundizzjonijiet u tal-metodoloġiji użati biex jiġi ddeterminat jekk ċentru tan-negozjar jenħtieġx li jitqies sinifikanti, u fir-rigward tal-kundizzjonijiet li skonthom ċentru tan-negozjar jew CCP jenħtieġ li tagħti aċċess għas-servizzi tagħha. B'mod parallel, sabiex tiġi żgurata l-effettività tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tat-tip ta' tariffi li għandhom jitħallsu lill-ESMA għas-superviżjoni ta' CSDs sinifikanti, il-kwistjonijiet li għalihom dawk it-tariffi huma dovuti, il-kalkolu tal-ammont ta' dawk it-tariffi u l-mod li bih għandhom jitħallsu; l-emendar tal-lista ta' każijiet ta' ksur li għalihom l-ESMA tista' timponi miżuri superviżorji; l-ispeċifikazzjoni ulterjuri tar-rekwiżiti applikabbli għall-parteċipazzjoni f'CSD, u l-emenda tal-kundizzjonijiet li taħthom CSD għandu jkun soġġett għall-obbligu li jistabbilixxi konnessjonijiet bilaterali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-livelli limiti ta' attività stabbiliti fir-Regolament (UE) 2022/858 ikunu jistgħu jiġu mmodifikati fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq u t-tagħlimiet tal-politika mir-reġim pilota stabbilit minn dak l-att, is-setgħa li jiġu adottati atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adattament ta' dawk il-livelli limiti, fost l-oħrajn, għall-kundizzjonijiet tas-suq u għar-riskji possibbli għall-istabbiltà finanzjarja. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-effettività tar-Regolament (UE) 2023/1114, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni ulterjuri tat-tip u tal-kalkolu tal-ammont ta' tariffi superviżorji li l-ESMA tista' titlob lill-forniturи ta' servizzi tal-kriptoassi. Fl-aħħar nett, biex tiġi żgurata applikazzjoni ordnata tad-dispożizzjonijiet ittrasferiti mid-Direttiva 2014/65/UE għar-Regolament (UE) 600/2014, huwa xieraq li jiġi żgurat li l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni li ġew adottati abbażi tas-setgħat stabbiliti fid-Direttiva 2014/65/UE li għandhom jiġu ttrasferiti għar-Regolament (UE) 600/2014, ikomplu japplikaw. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li temenda dawk l-atti delegati u ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 10(4a) jew 15(4a) tar-Regolament (UE) 1095/1010. B'mod partikolari, huwa importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[27]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(101) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tad-dispożizzjonijiet rilevanti skont ir-Regolament (UE) Nru 600/2014, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta, f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE u l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, standards tekniċi regolatorji żviluppati mill-ESMA relatati mal-awtorizzazzjoni ta' swieq regolati u ta' PEMOs, u mal-operat ta' ċentri tan-negozjar. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata armonizzazzjoni konsistenti tal-istandards, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta, f'konformità mal-Artikolu 290

[27] Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

tat-TFUE u mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28] u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, standards tekniċi regolatorji żviluppati mill-Awtorità Bankarja Ewropea ("EBA", European Banking Authority) u mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ("ESMA", European Securities and Markets Authority) fir-rigward tal-proċeduri għall-kalkolu tal-kriterji għall-istabbiliment tas-sinifikat ta' CSD u s-sett ta' data li CSDs tal-UE għandhom jirrapportaw lill-ESMA għal tali kalkolu; il-miżuri li għandhom jiġu stabbiliti mis-CSDs u mill-parteċipanti fis-suq biex jipprevjenu l-fallimenti tas-saldu u biex iżidu l-effiċjenza tas-saldu tas-swieq kapitali tal-Unjoni; il-kundizzjonijiet li skonthom arranġament ta' esternalizzazzjoni għandu jitqies bħala l-esternalizzazzjoni tas-servizzi ewlenin tas-CSD; il-miżuri li għandhom jiġu implimentati mis-CSDs biex jimmitigaw ir-riskji speċifiċi li jirriżultaw mill-forniment ta' servizzi tas-CSD bl-użu tad-DLT; u l-miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji u r-rekwiżiti prudenzjali fir-rigward tas-saldu fi flus ta' bank kummerċjali u f'tokens tal-flus elettroniċi. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata armonizzazzjoni konsistenti fit-tariffi li l-ESMA għandha titlob lill-UCITS u l-AIFMs b'konnessjoni mal-proċedura ta' passaportar u mal-manutenzjoni tal-pjattaforma tad-data, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' miżuri li jispeċifikaw it-tip, l-ammont, il-frekwenza u l-modalitajiet li jirregolaw il-pagament ta' dawk it-tariffi. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata armonizzazzjoni konsistenti fil-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni disponibbli għall-investituri, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tispeċifika l-kontenut u l-format tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. Fl-aħħar nett, biex jiġu identifikati r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li jenħtieġ li japplikaw għall-fornituri tan-nutar tad-DLT u tas-servizz ta' manutenzjoni tal-kontijiet ċentrali tad-DLT, u jiġu adattati għall-użu tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit u għall-ispeċifiċitajiet tal-mudelli ta' negozju li jinvolvu n-nutara tad-DLT u d-detenturi tal-kontijiet tad-DLT, jenħtieġ li l-ESMA tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tissupplimenta d-dispożizzjonijiet tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

(102) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni żviluppati mill-ESMA fir-rigward tal-formoli, tal-mudelli u tal-proċeduri standard għad-divulgazzjoni tat-tariffi u tal-prezzijiet mis-CSDs u mill-internalizzaturi tas-saldu. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

[28] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea).

(103) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, Nru 648/2012, Nru 600/2014, Nru 909/2014, 2015/2365, 2019/1156, 2021/23, 2022/858, 2023/1114, 1060/2009, 2016/1011, 2017/2402, 2023/2631 u 2024/3005 jiġu emendati skont dan.

(104) Huwa meħtieġ li l-ESMA tingħata biżżejjed żmien biex tħejji għar-rwol superviżorju l-ġdid tagħha, li jinvolvi bidliet fil-governanza tagħha. Għalhekk, jenħtieġ li l-emendi għar-Regolamenti (UE) 1095/2010, 2015/2365, 2019/1156, 2021/23, 2022/858, 2023/1114, (UE) Nru 1060/2009, 2016/1011, 2017/2402, 2023/2631, 2024/3005 jibdew japplikaw minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu, sabiex il-Bord Eżekuttiv ikun jista' jkun operattiv u jassumi b'mod effettiv il-kompiti assenjati lilu, jenħtieġ li l-proċedura tal-għażla u tal-ħatra għall-membri tal-Bord Eżekuttiv tibda tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(105) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-emendi għar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, jenħtieġ li l-emendi għar-Regolament (UE) Nru 648/2012 japplikaw 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu, sabiex l-ESMA tkun tista' tibda tivvaluta jekk CCP hijiex CCP sinifikanti qabel ma jibdew japplikaw l-obbligi fuq CCPs sinifikanti, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet relatati ma' dik il-valutazzjoni jibdew japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Sabiex l-ESMA tkun tista' ddaħħal gradwalment ir-responsabbiltajiet superviżorji l-ġodda u tistabbilixxi l-kapaċità u l-oqfsa ta' kooperazzjoni meħtieġa, l-emendi għar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li huma relatati mas-superviżjoni ta' CSDs sinifikanti jenħtieġ li japplikaw 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu, sabiex l-ESMA tkun tista' tibda tivvaluta jekk CSD huwiex CSD sinifikanti qabel ma jibdew japplikaw l-obbligi fuq CSDs sinifikanti, id-dispożizzjonijiet relatati ma' dik il-valutazzjoni jenħtieġ li japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(106) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u jiġi evitat tfixkil fl-istabbiliment tat-tape konsolidat għall-ishma u għall-ETFs mill-ewwel fornitur ta' tape konsolidat (CTP, consolidated tape provider) awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 27db tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, l-emendi għal dak ir-Regolament li huma relatati mat-tape konsolidat għall-ishma u għall-ETFs jenħtieġ li japplikaw minn [*OP daħħal id-data = il-jum wara l-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' 5 snin imsemmi fl-Artikolu 27da tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 fir-rigward tas-CTP għall-ishma u għall-ETFs*]. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-emendi għar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, jenħtieġ li l-emendi għar-Regolament (UE) Nru 600/2014 li jirrigwardaw is-setgħat tal-ESMA jibdew japplikaw 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Sabiex l-ESMA jkollha biżżejjed żmien biex tħejji t-trasferiment mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-kompetenzi u d-dmirijiet fir-rigward taċ-ċentri tan-negozjar rilevanti, jenħtieġ li l-ESMA ssir l-awtorità kompetenti għall-entitajiet ikkonċernati 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(107) Ir-Regolament jintroduċi rekwiżiti vinkolanti għas-servizzi pubbliċi diġitali transfruntieri skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/903. Għalhekk tlestiet valutazzjoni tal-interoperabbiltà. Il-kapitolu dwar id-Dimensjonijiet Diġitali tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja u Diġitali Leġiżlattiva jikkostitwixxi r-rapport riżultanti. Dan se jiġi ppubblikat ukoll fuq il-Portal Ewropa Interoperabbli wara l-adozzjoni tal-Att.

(108) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29] u ta opinjoni fi [XX].

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010

Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 3b li ġej:

"3b. L-Awtorità għandha teżerċita setgħat fuq ċerti parteċipanti fis-swieq finanzjarji, f'konformità ma' dan ir-Regolament u ma' atti oħra tal-Unjoni. Tali setgħat għandhom jinkludu, meta mogħtija b'dan ir-Regolament u b'atti oħra tal-Unjoni, ir-reġistrazzjoni, l-awtorizzazzjoni, ir-rikonoxximent, is-superviżjoni kontinwa, l-investigazzjoni inkluża s-setgħa li jitwettqu spezzjonijiet fuq il-post, u l-infurzar fir-rigward ta' dawk l-entitajiet."

(b) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) jitjieb l-operat tas-suq intern, inkluż b'mod partikolari livell sod, effikaċi u konsistenti ta' regolamentazzjoni, superviżjoni u infurzar,"

(2) il-punt (c) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(c) jissaħħu l-koordinazzjoni superviżorja internazzjonali u l-iskambju ta' informazzjoni;"

(3) il-punt li ġej (h) huwa miżjud:

"(h) jiġu appoġġati l-integrazzjoni tas-swieq fl-Unjoni u l-innovazzjoni fis-settur finanzjarju."

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-paragrafi 4a u 4b li ġejjin:

"4a. Fuq talba tal-Kunsill, il-President għandu jipparteċipa f'sessjoni tal-Kunsill dwar il-prestazzjoni tal-Awtorità. Il-President għandu jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-Kunsill u jwieġeb kwalunkwe mistoqsija mill-membri tiegħu, kull meta jintalab jagħmel dan.

4b. Meta jirrappreżenta lill-Awtorità quddiem il-Kunsill jew il-Parlament Ewropew skont il-paragrafi 4 u 4a, il-President jista' jkun akkumpanjat minn membru wieħed jew aktar tal-Bord Eżekuttiv.;";

(b) il-paragrafu 5 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

---

[29] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

"5. Il-President għandu jirrapporta bil-miktub dwar l-attivitajiet tal-Awtorità lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill meta jintalab jagħmel dan u mill-inqas 15-il jum qabel jagħmel id-dikjarazzjoni tiegħu imsemmija fil-paragrafi 4 u 4a.";

(3) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (3), il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) awtoritajiet kompetenti jew awtoritajiet superviżorji kif definiti, dażinjati jew speċifikati fil-leġiżlazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(2);"

(b) jiżdiedu l-punti (4), (5) u (6) li ġejjin:

"(4) "parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità" tfisser kwalunkwe parteċipant fis-swieq finanzjarji li għalih l-Awtorità tkun ingħatat setgħat superviżorji, investigattivi, ta' infurzar jew kwalunkwe setgħa oħra skont dan ir-Regolament u atti oħra tal-Unjoni;

(5) "awtorità applikanti" tfisser awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tkun adottat deċiżjoni li timponi multa amministrattiva fuq persuna fiżika jew ġuridika għal ksur li jkun seħħ fil-ġuriżdizzjoni tagħha u li titlob l-assistenza ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor fl-irkupru ta' dik il-multa f'konformità mal-Artikoli 28a u 28b;

(6) "awtorità rikjesta" tfisser awtorità kompetenti li tintalab tassisti fl-irkupru ta' multa amministrattiva fil-ġuriżdizzjoni tagħha stess mill-awtorità applikanti f'konformità mal-Artikoli 28a u 28b.";

(4) fl-Artikolu 6, il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Bord Eżekuttiv, li għandu jwettaq il-kompiti stipulati fl-Artikolu 46a;";

(5) it-titolu tal-Kapitolu II huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KOMPITI U SETGĦAT ĠENERALI TAL-AWTORITÀ"

(6) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt (aa) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(aa) li tiżviluppa u żżomm aġġornat manwal ta' superviżjoni tal-Unjoni dwar is-superviżjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji fl-Unjoni u l-infurzar tar-regoli li jirregolaw l-attività tagħhom li għandu jistabbilixxi l-aħjar prattiki u metodoloġiji u proċessi ta' kwalità għolja u jqis, fost l-oħrajn, il-prattiki ta' negozju u l-mudelli ta' negozju u d-daqs tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u tas-swieq;";

(2) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) li tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti, b'mod partikolari billi tikkontribwixxi lejn kultura superviżorja u ta' infurzar komuni, tiżgura applikazzjoni konsistenti, effiċjenti u effikaċi tal-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), timpedixxi l-arbitraġġ regolatorju, trawwem u timmonitorja l-indipendenza superviżorja, timmedja u ssolvi nuqqasijiet ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti, tiżgura s-superviżjoni effikaċi u konsistenti tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u l-infurzar tar-regoli li jirregolaw l-attività tagħhom, tiżgura funzjonament koerenti tal-kulleġġi tas-superviżuri jew forom oħra ta' kooperazzjoni superviżorja u tieħu azzjonijiet, fost l-oħrajn, f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;";

(3) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(e) li torganizza u twettaq reviżjonijiet bejn il-pari tal-awtoritajiet kompetenti u, f’dak il-kuntest, toħroġ linji gwida u rakkomandazzjonijiet u tidentifika l-aħjar prattiki, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-konsistenza fl-eżiti superviżorji u ta’ infurzar;”

(4) il-punt (ia) huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“(ia) li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta’ strateġija komuni tal-Unjoni dwar id-data finanzjarja u tiżgura skambju effiċjenti ta’ informazzjoni fl-Unjoni;”

(5) jiddaħħal il-punt (iaa) li ġej:

“(iaa) li tiżviluppa f’kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, is-SESF u, fejn rilevanti, korpi, aġenziji jew istituzzjonijiet Ewropej oħra, teknoloġija superviżorja jew għodod oħra biex ittejjeb il-kapaċitajiet ta’ analiżi u monitoraġġ;”

(6) jiżdiedu l-punti (l), (m) u (n) li ġejjin:

“(l) li twettaq id-dmirijiet superviżorji tagħha u teżerċita setgħat fir-rigward tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità f’konformità ma’ dan ir-Regolament u ma’ leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni;

(m) li twettaq is-superviżjoni prudenzjali tal-kontropartijiet ċentrali u tad-depożitorji ċentrali tat-titoli meta teżerċita s-setgħat tagħha skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 u r-Regolament (UE) Nru 909/2014*, u fir-rigward tagħhom, li tikkoopera mal-Bank Ċentrali Ewropew u mal-banek ċentrali rilevanti l-oħra tal-ħruġ tal-muniti tal-Unjoni;

(n) li tivvaluta r-reżiljenza tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni, kif ukoll ir-riskji li jirriżultaw minn attivitajiet transfruntieri tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità, inklużi r-riskji minħabba l-interkonnettività, l-interkonnessjonijiet jew ir-riskji tal-konċentrazzjoni, meta twettaq dmirijiet superviżorji f’konformità ma’ dan ir-Regolament jew ma’ atti oħra tal-Unjoni.”;

---

*Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1–72 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/909/oj

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-kliem introduttorju huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“Biex taqdi l-kompiti mniżżlin fil-paragrafu 1, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat stipulati f’dan ir-Regolament u għandha tapplika l-liġijiet rilevanti kollha tal-Unjoni, u fejn dan id-dritt tal-Unjoni jkun jikkonsisti f’Direttivi, il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi dawk id-Direttivi interpretata b’mod konsistenti miegħu, b’mod partikolari sabiex:”;

(2) il-punt (f) huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“(f) tieħu deċiżjonijiet individwali indirizzati lill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, fil-każijiet speċifiċi msemmija fl-Artikolu 17(6), fl-Artikolu 17aaa, fl-Artikolu 18(4) u fl-Artikolu 19(4);”;

(3) il-punt (ga) jitħassar;

(4) jiżdiedu l-punti (k) u (l) li ġejjin:

“(k) tieħu deċiżjonijiet individwali indirizzati lill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji meta teżerċita kompiti superviżorji diretti u tadotta miżuri superviżorji, investigattivi

u ta' infurzar kif imsemmi fil-Kapitolu IIa ta' dan ir-Regolament u atti oħra tal-Unjoni;";

(l) twettaq valutazzjonijiet u toħroġ parir tekniku fuq talba;";

(7) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

"Artikolu 8a
Dmir ta' kooperazzjoni

1. L-Awtorità għandha twettaq il-kompiti tagħha f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti u awtoritajiet nazzjonali oħra, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew il-korpi tal-Unjoni li huma rilevanti skont il-leġiżlazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) (minn hawn 'il quddiem "l-awtoritajiet"). L-Awtorità għandha tkun responsabbli għall-funzjonament effettiv u konsistenti tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet filwaqt li tiżgura li tiżviluppa u żżomm il-kapaċità meħtieġa biex twettaq il-kompiti tagħha b'mod indipendenti.

2. Kemm l-Awtorità kif ukoll l-awtoritajiet għandhom ikunu soġġetti għal dmir ta' kooperazzjoni *in bona fide* u obbligu ta' skambju ta' informazzjoni biex jeżerċitaw il-kompiti tagħhom b'mod effettiv. Meta teżerċita l-kompiti tagħha, l-Awtorità tista' tieħu mill-għarfien espert u l-għarfien tal-awtoritajiet, inkluża l-esperjenza superviżorja tagħhom u l-fehim tal-ispeċifiċitajiet ekonomiċi, organizzattivi u kulturali. Fejn xieraq u mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà u għall-akkontabbiltà tal-Awtorità għall-kompiti mogħtija lilha b'dan ir-Regolament u l-leġiżlazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(2), l-awtoritajiet għandhom ikunu responsabbli biex jassistu lill-Awtorità, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-arranġamenti stabbiliti f'dan l-Artikolu. Dan jista' jinkludi appoġġ fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni ta' atti relatati mal-kompiti msemmija fl-Artikolu 8(1), il-punt (l), inkluża assistenza f'attivitajiet ta' verifika jew fit-twettiq ta' kompiti operazzjonali speċifiċi. L-awtoritajiet għandhom isegwu l-istruzzjonijiet mogħtija mill-Awtorità meta jagħtu appoġġ u jwettqu kompiti skont dawn l-arranġamenti.

3. Għall-fini tat-twettiq tal-kompiti skont l-Artikolu 8(1), il-punt (l), u mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti speċifiċi previsti f'atti oħra tal-Unjoni, l-Awtorità għandha tistabbilixxi, taħt ir-responsabbiltà ġenerali tagħha, u wara li tikkonsulta mal-awtoritajiet, l-arranġamenti prattiċi għall-kooperazzjoni.

4. L-Awtorità għandha tagħmel tajjeb għal kwalunkwe kost imġarrab mill-awtoritajiet, b'rabta mal-kooperazzjoni prevista skont dan l-Artikolu, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor.

5. L-arranġamenti prattiċi għall-kooperazzjoni għandhom jiddefinixxu l-modalitajiet ta' appoġġ, il-proċeduri u l-proċessi, inklużi l-limiti ta' żmien, għall-kooperazzjoni bejn l-Awtorità u l-awtoritajiet u għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipji li ġejjin:

(a) jistgħu jitfasslu jew jiġu aġġustati għas-settur ikkonċernat, għan-natura tal-kompiti superviżorji u għall-intensità tal-kooperazzjoni inkluż l-organizzazzjoni, il-funzjonament u l-parteċipazzjoni fil-kooperazzjoni;

(b) għandhom jippermettu soluzzjonijiet tranżizzjonali biex jiżguraw il-kontinwità u t-trasferiment bla xkiel tar-responsabbiltajiet mill-awtoritajiet lill-Awtorità u mill-Awtorità lill-awtoritajiet;

(c) għandhom jippromwovu l-effiċjenza kemm f'termini ta' ħin kif ukoll ta' riżorsi u għandhom iqisu kif xieraq l-implikazzjonijiet tar-riżorsi u l-kosteffiċjenza;

(d) għandhom ikunu proporzjonati u għandhom iqisu kif xieraq ir-responsabbiltajiet tagħhom u r-riżorsi statutorji tal-awtoritajiet;

(e) għandhom jiġu stabbiliti u segwiti mingħajr preġudizzju għall-kapaċità tal-Awtorità li twettaq b'mod effettiv, awtonomu u konsistenti l-kompiti mogħtija lilha b'dan ir-Regolament u b'atti oħra tal-Unjoni;

(f) għandhom jiżguraw flussi ta' informazzjoni bla xkiel u siguri, inklużi salvagwardji ta' kunfidenzjalità u t-trattament ta' informazzjoni ta' partijiet terzi;

(g) għandhom jistabbilixxu modalitajiet operazzjonali jew organizzattivi fir-rigward tal-kompiti superviżorji diretti tal-Awtorità, inkluż, fejn meħtieġ, arranġamenti bħal timijiet konġunti, kooperazzjoni f'investigazzjonijiet, spezzjonijiet fuq il-post jew attivitajiet ta' implimentazzjoni;

(h) fejn xieraq, jistgħu jipprevedu l-istabbiliment ta' preżenzi lokali tal-Awtorità fl-Istati Membri;

(i) huma jistgħu jiddeterminaw il-modalitajiet għall-kalkolu u għar-rimborż ta' kwalunkwe kost imġarrab mill-awtoritajiet, filwaqt li jqisu d-differenzi bejn is-setturi, in-natura tal-attività sorveljata jew tal-kompiti mwettqa.

6. L-arranġamenti prattiċi għall-kooperazzjoni għandhom jiġu approvati mill-Bord Eżekuttiv. Il-Bord Eżekuttiv għandu jiżgura wkoll l-implimentazzjoni tagħhom u l-awtoritajiet għandhom, f'każijiet fejn l-ESMA tkun qed teżerċita kompiti superviżorji diretti, isegwu l-istruzzjonijiet mogħtija mill-Bord Eżekuttiv meta jwettqu l-kompiti stabbiliti fl-arranġamenti.

7. L-arranġamenti prattiċi għall-kooperazzjoni stabbiliti skont dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal rieżami perjodiku mill-Awtorità, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet, biex jiġu żgurati l-effettività, il-proporzjonalità u l-konsistenza kontinwi tagħhom mal-kapaċità superviżorja li qed tevolvi tal-Awtorità u mad-dritt tal-Unjoni."

(8) L-Artikolu 9a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(1) il-kliem introduttorju huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-Awtorità għandha tieħu l-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu biss f'ċirkostanzi urġenti u mhux previsti meta tqis li l-applikazzjoni ta' wieħed mill-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), jew ta' kwalunkwe att delegat jew ta' implimentazzjoni bbażat fuq dawk l-atti leġiżlattivi, tista' tqajjem kwistjonijiet sinifikanti, għal waħda mir-raġunijiet li ġejjin:";

(2) jiżdiedu l-punti (d) u (e) li ġejjin:

"(d) meta eżenzjoni temporanja jew dispożizzjoni, miżura jew arranġament tranżizzjonali stabbilit f'wieħed mill-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) jiskadi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet ġodda jew emendati li jistabbilixxu eżenzjoni permanenti jew qafas regolatorju ġdid;

(e) meta żviluppi sinifikanti tas-suq iwasslu għal piż sproporzjonat ta' konformità ma' rekwiżit speċifiku stabbilit f'wieħed mill-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).";

(b) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (d) u (e), l-Awtorità għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b’opinjoni dwar kwalunkwe azzjoni li tqis xierqa, fil-forma ta’ proposta leġiżlattiva ġdida jew proposta għal att delegat jew ta’ implimentazzjoni ġdid, u dwar l-urġenza li, fil-ġudizzju tal-Awtorità, tkun marbuta mal-kwistjoni. L-Awtorità għandha tippubblika l-opinjoni tagħha.”;

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“4. Meta, abbażi tal-informazzjoni riċevuta, b’mod partikolari mill-awtoritajiet kompetenti, l-Awtorità tqis li kwalunkwe wieħed mill-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), jew kwalunkwe att delegat jew ta’ implimentazzjoni bbażat fuq dawk l-atti leġiżlattivi, iqajjem kwistjonijiet sinifikanti relatati mal-fiduċja tas-suq, mal-protezzjoni tal-klijenti jew tal-investituri, mal-funzjonament ordnat u mal-integrità tas-swieq finanzjarji jew tas-swieq tal-komoditajiet, jew mal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew ta’ parti minnha fl-Unjoni, hija għandha, mingħajr dewmien żejjed, tibgħat rendikont dettaljat bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni dwar il-kwistjonijiet li tqis li jeżistu. L-Awtorità tista’ tipprovdi lill-Kummissjoni b’opinjoni dwar kwalunkwe azzjoni li tqis xierqa, fil-forma ta’ proposta leġiżlattiva ġdida jew proposta għal att delegat jew ta’ implimentazzjoni ġdid, u dwar l-urġenza tal-kwistjoni. L-Awtorità għandha tippubblika l-opinjoni tagħha.”;

(9) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. Meta l-Awtorità ma tkunx ippreżentat abbozz ta’ standard tekniku regolatorju fil-limitu ta’ żmien stabbilit fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) jew l-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ma jistabbilux tali limitu ta’ żmien, il-Kummissjoni tista’ titlob tali abbozz f’limitu ta’ żmien ġdid. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iskeda ta’ żmien il-ġdida. L-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, meta jasal il-waqt, meta ma tkunx se tikkonforma mal-limitu ta’ żmien il-ġdid.”;

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3. Meta l-Awtorità ma tissottomettix abbozz ta’ standard tekniku regolatorju lill-Kummissjoni fil-limiti ta’ żmien f’konformità mal-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista’ tadotta standard tekniku regolatorju permezz ta’ att delegat mingħajr abbozz mill-Awtorità.”;

(c) jiżdiedu l-paragrafi 5 u 6 li ġejjin:

“5. Meta l-Kummissjoni tkun tal-fehma li huma meħtieġa emendi għal standard tekniku regolatorju, hija għandha tibgħat ittra lill-Awtorità, fejn tispjega r-raġunijiet u l-kontenut ta’ kwalunkwe emenda meħtieġa. L-ittra għandu jkun fiha limitu ta’ żmien għas-sottomissjoni ta’ abbozz ta’ standard tekniku regolatorju. L-Awtorità għandha tissottometti abbozz rivedut ta’ standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni għall-adozzjoni skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1. Meta l-Awtorità ma tkunx ippreżentat abbozz ta’ standard tekniku regolatorju fil-limitu ta’ żmien stabbilit fl-ittra mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista’ tadotta emendi għall-istandard tekniku regolatorju mingħajr abbozz mill-Awtorità permezz ta’ att delegat skont l-Artikolu 290 tat-TFUE.

6. Fejn ikun hemm il-ħtieġa li tiġi indirizzata theddida immedjata għall-protezzjoni tal-investituri, għall-funzjonament ordnat u għall-integrità tas-swieq finanzjarji, l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew parti minnha fl-Unjoni, jew il-kompetizzjoni ġusta bejn ditti bbażati fl-Unjoni u dawk ibbażati f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni tista' tissospendi standard tekniku regolatorju fuq inizjattiva tagħha stess, mingħajr abbozz mill-Awtorità, permezz ta' att delegat skont l-Artikolu 290 tat-TFUE. Fit-tħejjija ta' tali att delegat, il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-Awtorità jew titlob il-kontribut tagħha.

Il-Kummissjoni tista' tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija f'dan il-paragrafu bl-użu tal-proċedura ta' urġenza. Meta tuża l-proċedura ta' urġenza, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istandards tekniċi regolatorji adottati, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza. Dawk l-istandards għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-istandards tekniċi regolatorji adottati fi żmien xahar mid-data tan-notifika tal-istandard tekniku regolatorju adottat mill-Kummissjoni u jekk tiġi espressa oġġezzjoni, il-Kummissjoni għandha tħassar l-istandards tekniċi regolatorji immedjatament wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni.

Is-sospensjoni tad-dispożizzjonijiet ta' standard tekniku regolatorju għandha tkun temporanja u limitata għal perjodu massimu ta' 12-il xahar, li jista' jiġġedded darba. L-Awtorità għandha tirrieżamina l-att delegat imsemmi f'dan il-paragrafu u għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tas-sospensjoni mill-inqas xahrejn qabel l-iskadenza tas-sospensjoni, inkluża valutazzjoni ta' jekk is-sospensjoni tibqax meħtieġa.";

(10) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta l-Awtorità ma tkunx ippreżentat abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) jew l-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ma jistabbilux tali limitu ta' żmien, il-Kummissjoni tista' titlob tali abbozz f'limitu ta' żmien ġdid. L-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, meta jasal il-waqt, li ma hijiex se tikkonforma mal-limitu ta' żmien il-ġdid.";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta l-Awtorità ma tippreżentax abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fil-limiti ta' żmien f'konformità mal-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tadotta standard tekniku ta' implimentazzjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni mingħajr abbozz mill-Awtorità.";

(c) jiżdiedu l-paragrafi 5 u 6 li ġejjin:

"5. Meta l-Kummissjoni tkun tal-fehma li jkunu meħtieġa emendi għal standard tekniku ta' implimentazzjoni, hija għandha tibgħat ittra lill-Awtorità, fejn tispjega r-raġunijiet u l-kontenut ta' kwalunkwe emenda meħtieġa. L-ittra għandu jkun fiha limitu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni. L-Awtorità għandha tissottometti abbozz rivedut ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni għall-adozzjoni skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1. Meta l-Awtorità ma tkunx ippreżentat abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ittra mill-Kummissjoni,

il-Kummissjoni tista' tadotta standard tekniku ta' implimentazzjoni mingħajr abbozz mill-Awtorità permezz ta' att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-TFUE.

6. Meta jkun hemm il-ħtieġa li tiġi indirizzata theddida immedjata għall-protezzjoni tal-investituri, għall-funzjonament ordnat u għall-integrità tas-swieq finanzjarji, għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew parti minnha fl-Unjoni, jew għall-kompetizzjoni ġusta bejn id-ditti bbażati fl-Unjoni u dawk ibbażati f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni tista' tissospendi standard tekniku ta' implimentazzjoni fuq inizjattiva tagħha stess, mingħajr abbozz mill-Awtorità, permezz ta' att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-TFUE. Fit-tħejjija ta' tali att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-Awtorità jew titlob il-kontribut tagħha.

Is-sospensjoni tad-dispożizzjonijiet ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni għandha tkun temporanja u limitata għal perjodu massimu ta' 12-il xahar, li jista' jiġġedded darba. L-Awtorità għandha tirrieżamina l-att ta' implimentazzjoni msemmi f'dan il-paragrafu u għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tas-sospensjoni mill-inqas xahrejn qabel l-iskadenza tas-sospensjoni, inkluża valutazzjoni ta' jekk is-sospensjoni tibqax meħtieġa.";

(11) l-Artikolu 16b jitħassar.

(12) L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. Fuq talba minn awtorità kompetenti waħda jew aktar, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq, jew fuq inizjattiva tagħha stess, inkluż meta din tkun ibbażata fuq informazzjoni sostanzjata sew minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, u wara li tinforma lill-awtorità kompetenti kkonċernata, l-Awtorità għandha tiddeskrivi kif biħsiebha tipproċedi bil-każ u għandha tinvestiga l-allegat ksur jew nuqqas ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li jkun seħħ ksur jew nuqqas ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u l-awtorità kompetenti kkonċernata ma tkunx diġà ħadet miżuri adegwati biex tindirizza l-allegat ksur jew nuqqas ta' applikazzjoni.";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Meta l-investigazzjoni tikkonkludi li l-awtorità kompetenti ma tkunx qed tikkonforma mad-dritt tal-Unjoni, l-Awtorità għandha, mhux aktar tard minn 4 xhur mill-bidu tal-investigazzjoni tagħha, tindirizza rakkomandazzjoni lill-awtorità kompetenti kkonċernata li tistabbilixxi l-azzjoni meħtieġa għall-konformità mad-dritt tal-Unjoni. L-Awtorità għandha, mill-aktar fis possibbli, tikkondividi r-rakkomandazzjoni tagħha mal-Kummissjoni.";

(c) il-paragrafu 6 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"6. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 tat-TFUE, meta awtorità kompetenti ma tikkonformax mal-opinjoni formali msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu fil-perjodu speċifikat fiha, u meta jkun meħtieġ sabiex tirrimedja fil-ħin għal tali nuqqas ta' konformità sabiex iżżomm jew treġġa' lura l-kundizzjonijiet newtrali tal-kompetizzjoni fis-suq jew tiżgura l-funzjonament ordnat u l-integrità tas-sistema finanzjarja, l-Awtorità għandha, meta r-rekwiżiti rilevanti tal-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament ikunu applikabbli direttament għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, inklużi r-rekwiżiti fil-liġi nazzjonali li jittrasponu direttivi interpretati b'mod konsistenti magħhom, tadotta

deċiżjoni individwali indirizzata lil parteċipant fis-swieq finanzjarji fejn titolbu jieħu l-azzjoni kollha meħtieġa sabiex jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont id-dritt tal-Unjoni, inkluż il-waqfien ta' kwalunkwe prattika.

Id-deċiżjoni tal-Awtorità għandha tkun f'konformità mal-opinjoni formali maħruġa mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 4.";

(d) jiżdied il-paragrafu 9 li ġej:

"9. Għall-fini tat-twettiq tad-dmirijiet tal-Kummissjoni, u fuq talba tagħha, l-awtoritajiet kompetenti u l-Awtorità għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni u bid-dokumenti kollha meħtieġa fil-pussess tagħhom."

(13) jiddaħħal l-Artikolu 17aa li ġej:

"Artikolu 17aa

Nuqqas fis-superviżjoni dwar l-approvazzjoni ta' prodotti, servizzi jew entitajiet finanzjarji

1. Meta reviżjoni bejn il-pari jew inkjesta skont l-Artikolu 22(4) tiżvela li awtorità kompetenti tista' tkun qed tonqos milli tissorvelja b'mod effettiv lill-parteċipanti fis-suq fis-settur soġġett għar-reviżjoni bejn il-pari jew inkjesta, u li tali nuqqas superviżorju jista' jipperikola l-integrità tas-swieq finanzjarji, l-istabbiltà finanzjarja jew il-protezzjoni tal-investituri, l-Awtorità tista' teżiġi li awtorità kompetenti titlob l-opinjoni tagħha qabel ma tagħti approvazzjoni għal prodotti, servizzi, attivitajiet jew entitajiet finanzjarji f'dak is-settur.

Mingħajr preġudizzju għas-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 35, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-Awtorità bl-informazzjoni meħtieġa biex tieħu deċiżjoni dwar kif l-atti msemmija fl-Artikolu 1(2), u meta dak id-dritt tal-Unjoni jkun magħmul minn Direttivi, il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi dawk id-Direttivi, interpretata b'mod konsistenti miegħu, jiġu applikati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Jekk l-Awtorità tkun teħtieġ informazzjoni addizzjonali, hija tista' titlobha wkoll direttament mingħand awtoritajiet kompetenti oħra wara li tinforma lill-awtorità kompetenti kkonċernata. Id-destinatarju ta' tali talba għandu jipprovdi lill-Awtorità b'informazzjoni ċara, preċiża u kompluta mingħajr dewmien żejjed.

2. Qabel ma tirrikjedi lill-awtorità kompetenti kkonċernata titlob l-opinjoni tagħha qabel ma tagħti approvazzjoni lil prodotti, servizzi, attivitajiet jew entitajiet finanzjarji u meta tqis li dan ikun meħtieġ u proporzjonat, l-Awtorità għandha timpenja ruħha mal-awtorità kompetenti kkonċernata biex tindirizza n-nuqqasijiet superviżorji identifikati u tilħaq soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku. L-Awtorità tista' tipproponi azzjonijiet korrettivi li għandhom jittieħdu mill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' prodotti, servizzi, attivitajiet jew entitajiet finanzjarji eżistenti li jkunu ġew affettwati min-nuqqasijiet superviżorji identifikati.

Meta t-tentattivi biex tinstab tali soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ naħat ma jirnexxux, l-Awtorità għandha tirrikjedi lill-awtorità kompetenti titlob l-opinjoni tagħha qabel ma tagħti l-approvazzjoni lil prodotti, servizzi, attivitajiet jew entitajiet finanzjarji. L-Awtorità għandha tipprovdi spjegazzjoni komprensiva għad-deċiżjoni tagħha, inkluża analiżi dettaljata tan-nuqqasijiet superviżorji identifikati u r-raġunament għar-rekwiżit tagħha għal opinjoni. L-Awtorità tista' tippubblika wkoll dik l-ispjegazzjoni u għandha tirreġistra r-rekwiżit għal opinjoni fir-reġistru miżmum mill-Awtorità, skont l-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) u meta dan id-dritt

tal-Unjoni jkun jikkonsisti f'Direttivi, il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi dawk id-Direttivi interpretata b'mod konsistenti miegħu.

3. Meta jkun ġie stabbilit rekwiżit li tintalab l-opinjoni tal-Awtorità qabel ma tingħata l-approvazzjoni għal prodotti, servizzi, attivitajiet jew entitajiet finanzjarji, l-awtorità kompetenti għandha tissottometti proposta dettaljata għall-approvazzjoni tal-prodott, servizz, attività jew entità finanzjarja soġġetta għall-opinjoni tal-Awtorità, inkluża ġustifikazzjoni bir-reqqa għall-proposta u għad-dokumentazzjoni ta' sostenn rilevanti kollha.

Fi żmien 15-il jum ta' xogħol, l-Awtorità għandha toħroġ l-opinjoni tagħha, li għandha tinkludi spjegazzjoni dettaljata għal kwalunkwe oġġezzjoni jew tħassib li jista' jkollha fir-rigward tal-proposta. Jekk l-Awtorità tonqos milli toħroġ l-opinjoni tagħha fil-perjodu ta' żmien speċifikat, l-awtorità kompetenti tista' tadotta l-proposta mingħajr opinjoni. L-awtorità kompetenti għandha, fi żmien 15-il jum ta' xogħol minn meta tirċievi l-opinjoni, tinforma lill-Awtorità bil-passi li tkun ħadet jew li jkun beħsiebha tieħu biex timplimenta l-opinjoni. Meta l-awtorità kompetenti ma tkunx ħadet il-passi meħtieġa biex timplimenta l-opinjoni, l-Awtorità għandha tieħu deċiżjoni skont il-paragrafu 4.

4. Id-deċiżjoni tal-Awtorità meħuda skont il-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, tista' tinkludi azzjonijiet korrettivi li għandhom jiġu implimentati mill-awtorità kompetenti, li jistgħu jinkludu azzjonijiet fir-rigward ta' prodotti, servizzi, attivitajiet jew entitajiet finanzjarji eżistenti li jkunu ġew affettwati min-nuqqasijiet superviżorji identifikati. Jekk l-azzjonijiet korrettivi ma jiġux implimentati sal-iskadenza speċifikata mill-Awtorità, l-Awtorità għandha tieħu deċiżjoni li teżiġi lill-awtorità kompetenti tirrevoka jew temenda deċiżjoni li tkun adottat jew tagħmel użu mis-setgħat li għandha skont id-dritt tal-Unjoni. L-Awtorità għandha tinnotifika d-deċiżjoni lill-awtoritajiet kompetenti ospitanti rilevanti meta jiġu pprovduti l-prodotti, is-servizzi jew l-attivitajiet finanzjarji kkonċernati mid-deċiżjoni. Id-deċiżjoni tal-Awtorità għandha tkun vinkolanti fuq l-awtorità kompetenti kkonċernata u għandha tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti ospitanti jieħdu miżuri xierqa biex jissospendu l-forniment ta' tali prodotti, servizzi jew attivitajiet fit-territorju tagħhom.";

(14) Jiddaħħal l-Artikolu 17aaa li ġej:

"Artikolu 17aaa

Sospensjoni tad-drittijiet għall-forniment ta' servizzi fuq bażi transfruntiera

1. Meta l-Awtorità jkollha raġunijiet validi biex tqis li entità awtorizzata skont id-dritt tal-Unjoni li tipprovdi s-servizzi jew l-attivitajiet, li għalihom tkun awtorizzata, fuq bażi transfruntiera tkun wettqet ksur serju tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament jew fi kwalunkwe att tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 1(2) jew tal-obbligi stabbiliti fid-dispożizzjonijiet adottati skont id-dritt tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) li jista' jipperikola l-integrità tas-swieq finanzjarji, l-istabbiltà finanzjarja jew il-protezzjoni tal-investituri, hija għandha tirreferi dawk is-sejbiet lill-awtorità kompetenti li tkun tat l-awtorizzazzjoni lil dik l-entità. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-Awtorità b'informazzjoni ċara, preċiża u kompluta li turi li ma seħħx l-allegat ksur, jew, meta l-awtorità kompetenti taqbel mas-sejbiet tal-Awtorità, tistabbilixxi l-miżuri li jkunu diġà ġew adottati minn dik l-awtorità kompetenti biex twaqqaf il-ksur. Dik l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta fi skeda ta' żmien raġonevoli stabbilita mill-Awtorità.

2. Meta, minkejja l-informazzjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti skont il-paragrafu 1, l-Awtorità jibqa' jkollha raġunijiet raġonevoli biex tqis li l-ksur jippersisti, l-Awtorità għandha, fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi l-informazzjoni skont il-paragrafu 1 jew mill-iskadenza tal-perjodu msemmi f'dak il-paragrafu, tieħu deċiżjoni li tirrikjedi li dik l-awtorità kompetenti tordna lill-entità rilevanti tissospendi l-forniment ta' servizzi jew attivitajiet fuq bażi transfruntiera.

3. Meta l-awtorità kompetenti rilevanti ma tikkonformax mad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 fi żmien jumejn ta' xogħol, l-Awtorità għandha tadotta, fi żmien 5 ijiem ta' xogħol, deċiżjoni li tirrikjedi li l-entità rilevanti tissospendi l-forniment tagħha ta' servizzi jew attivitajiet fuq bażi transfruntiera. Fl-istess ħin, l-Awtorità għandha tinforma lill-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kollha tal-Istati Membri fejn l-entità tkun ipprovdiet is-servizzi jew l-attivitajiet tagħha b'dik id-deċiżjoni. Dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li d-deċiżjoni tal-Awtorità tiġi applikata fit-territorji rispettivi tagħhom.

4. Meta l-entità rilevanti tkun adottat il-miżuri korrettivi kollha meħtieġa biex twaqqaf il-ksur, hija għandha tipprovdi lill-Awtorità u lill-awtorità kompetenti tagħha l-informazzjoni meħtieġa biex tivvaluta l-effettività ta' dawk il-miżuri.

5. L-Awtorità għandha, fi żmien 15-il jum ta' xogħol minn meta tirċievi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, tivvaluta, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti li tkun tat l-awtorizzazzjoni lill-entità, l-effettività tal-miżuri korrettivi, kif ukoll tinnotifika lill-entità rilevanti u lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha jekk il-miżuri korrettivi humiex biżżejjed, f'liema każ għandha tirrevoka d-deċiżjoni preċedenti tagħha indirizzata lill-entità rilevanti. Malli tirċievi dik in-notifika mill-Awtorità, l-entità rilevanti tista' terġa' tibda tipprovdi s-servizzi u l-attivitajiet transfruntieri tagħha fl-Unjoni.

6. Sabiex twettaq il-kompiti kkonferiti lill-Awtorità skont dan l-Artikolu, l-Awtorità tista' tindirizza talba għall-informazzjoni li tkun debitament ġustifikata u motivata lil kwalunkwe parteċipant fis-swieq finanzjarji, awtorità nazzjonali kompetenti jew kwalunkwe persuna rilevanti oħra.

7. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għal każijiet fejn l-Awtorità tkun l-awtorità kompetenti ta' entità.";

(15) l-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fir-rigward tal-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) kif ukoll fis-sitwazzjoni stabbilita skont l-Artikolu 28b(6), u mingħajr preġudizzju għas-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 17, l-Awtorità tista' tassisti lill-awtoritajiet kompetenti biex jilħqu qbil f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 sa 4 ta' dan l-Artikolu f'waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fuq talba ta' awtorità kompetenti kkonċernata waħda jew aktar fejn awtorità kompetenti ma taqbilx mal-proċedura jew mal-kontenut ta' azzjoni, azzjoni proposta, jew inattività ta' awtorità kompetenti oħra;

(b) fuq l-inizjattiva tagħha stess, fejn abbażi ta' raġunijiet oġġettivi, in-nuqqas ta' qbil jista' jiġi ddeterminat bejn l-awtoritajiet kompetenti.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jonqsu milli jilħqu ftehim fil-faži ta' konċiljazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità għandha tieħu deċiżjoni li tesiġi lil dawk l-awtoritajiet jieħdu azzjoni speċifika, jew joqogħdu lura minn ċerta azzjoni, sabiex isolvu l-kwistjoni, u jiżguraw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni. Id-deċiżjoni tal-Awtorità għandha tkun vinkolanti fuq l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. Id-deċiżjoni tal-Awtorità tista' tirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jirrevokaw jew jemendaw deċiżjoni li jkunu adottaw jew li jagħmlu użu mis-setgħat li jkollhom skont id-dritt rilevanti tal-Unjoni.";

(c) il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 tat-TFUE, meta awtorità kompetenti ma tikkonformax mad-deċiżjoni tal-Awtorità, u b'hekk tonqos milli tiżgura li parteċipant fis-swieq finanzjarji jikkonforma mar-rekwiżiti li japplikaw direttament għalih bis-saħħa tal-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, u meta dan id-dritt tal-Unjoni jkun jikkonsisti minn Direttivi, il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi dawk id-Direttivi interpretata b'mod konsistenti miegħu, l-Awtorità tista' tadotta deċiżjoni individwali indirizzata lil dak il-parteċipant fis-swieq finanzjarji li teżiġi li jieħu kull azzjoni meħtieġa biex jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont id-dritt tal-Unjoni, inkluż il-waqfien minn kwalunkwe prattika.";

(16) jiddaħħal l-Artikolu 19a li ġej:

"Artikolu 19a

Pjattaformi ta' kollaborazzjoni

1. Fil-każ ta' tħassib ġustifikat dwar l-effetti negattivi fuq l-investituri, l-istabbiltà finanzjarja jew fil-każ li jkollha raġunijiet raġonevoli biex tissuspetta kwistjoni ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni, jew l-eżistenza ta' prattiki superviżorji diverġenti jew defiċjenti relatati mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, biex twettaq l-attivitajiet tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jew il-libertà tal-istabbiliment previsti fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), l-Awtorità tista', fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' awtorità kompetenti rilevanti waħda jew aktar, tistabbilixxi u tikkoordina pjattaforma ta' kollaborazzjoni biex issaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni, tipproponi soluzzjonijiet u ttejjeb il-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

Jekk pjattaforma ta' kollaborazzjoni tiġi stabbilita fuq talba ta' awtorità kompetenti, dik l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-Awtorità u lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti l-oħra dwar it-tħassib ġustifikat tagħha msemmi fil-paragrafu 1.

2. L-istabbiliment ta' pjattaforma ta' kollaborazzjoni skont il-paragrafu 1 huwa mingħajr preġudizzju għall-mandat superviżorju tal-awtoritajiet kompetenti previst fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 35, fuq talba tal-Awtorità jew ta' kwalunkwe awtorità kompetenti, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa fil-ħin biex jippermettu l-funzjonament xieraq tal-pjattaforma ta' kollaborazzjoni.

4. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil fi ħdan il-pjattaforma dwar il-proċedura jew dwar il-kontenut ta' azzjoni li għandha tittieħed, jew nuqqas ta' azzjoni, fir-rigward ta' parteċipant fis-suq u fejn ikun hemm tħassib serju dwar l-impatti ta' sitwazzjoni

msemmija fil-paragrafu 1, l-Awtorità tista' titlob lill-awtorità kompetenti twettaq spezzjoni fuq il-post skont l-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2). L-awtorità kompetenti għandha tniedi l-ispezzjoni fuq il-post mingħajr dewmien u għandha tistieden lill-Awtorità u lil awtoritajiet kompetenti rilevanti oħra kkonċernati biex jipparteċipaw fiha.

5. Meta żewġ awtoritajiet kompetenti rilevanti jew aktar ta' pjattaforma ta' kollaborazzjoni ma jaqblux dwar il-kontenut ta' azzjoni li għandha tittieħed, jew nuqqas ta' azzjoni, fir-rigward ta' parteċipant fis-suq jew dwar il-kondiviżjoni tal-informazzjoni skont dan l-Artikolu, l-Awtorità tista' teżerċita s-setgħa mogħtija lilha skont l-Artikolu 19(1).";

(17) fl-Artikolu 21(2), jitħassar it-tieni subparagrafu.;

(18) fl-Artikolu 22(4), it-tieni subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Wara inkjesta mwettqa skont l-ewwel subparagrafu, il-Bord Eżekuttiv jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa għal azzjoni lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.";

(19) l-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, bil-kunsens tal-awtorità li tkun ingħatat id-delega, jiddelegaw kompiti jew responsabbiltajiet lill-Awtorità jew lil awtoritajiet kompetenti oħrajn soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 1a, sa 1e li ġejjin:

"1a. Awtorità kompetenti tista' tiddelega kompiti jew responsabbiltajiet superviżorji speċifiċi lill-Awtorità, fejn dan ikun meħtieġ għat-twettiq xieraq ta' kwalunkwe kompitu jew responsabbiltà superviżorja bħal din.

1b. Qabel id-delega ta' kompitu jew responsabbiltà superviżorja lill-Awtorità, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-Awtorità. Tali konsultazzjoni għandha tikkonċerna:

(a) l-ambitu tal-kompitu jew tar-responsabbiltà li għandha tiġi ddelegata;

(b) l-iskeda ta' żmien għat-twettiq tal-kompitu jew tar-responsabbiltà li għandha tiġi ddelegata;

(c) it-trażmissjoni tal-informazzjoni meħtieġa mill-awtorità kompetenti u lill-awtorità kompetenti.

1c. L-Awtorità għandha teżerċita kwalunkwe kompitu jew responsabbiltà delegata f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu IIa, atti rilevanti oħra tal-Unjoni u soġġett għal kwalunkwe kundizzjoni miftiehma mal-awtorità kompetenti.

1d. L-awtorità kompetenti għandha tirrimborża lill-Awtorità għall-kostijiet imġarrba bħala riżultat tat-twettiq tal-kompiti jew tar-responsabbiltajiet delegati.

1e. L-awtorità kompetenti għandha tirrevedi d-delega msemmija fil-paragrafu 1a f'intervalli xierqa. Delega ta' kompiti jew responsabbiltajiet superviżorji tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin.";

(20) jiddaħħlu l-Artikoli 28a u 28b li ġejjin:

"Artikolu 28a

Assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jassistu lil xulxin fl-irkupru ta' multi amministrattivi imposti għall-ksur ta' kwalunkwe dispożizzjoni stabbilita fl-atti msemmija fl-Artikolu 1(2), meta l-multa amministrattiva trid tiġi rkuprata fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru għajr l-Istat Membru fejn tkun inħarġet dik il-multa.

2. Meta d-deċiżjoni li timponi l-multa amministrattiva fuq il-persuna fiżika jew ġuridika kkonċernata fl-Istat Membru tal-awtorità applikanti tkun saret finali u infurzabbli u l-multa ma tkunx tħallset, l-awtorità rikjesta għandha, fuq talba tal-awtorità applikanti, tassisti fl-irkupru tal-ammonti relatati fil-ġuriżdizzjoni tagħha stess.

3. It-talba msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi trażmessa lill-awtorità rikjesta permezz ta' formola diġitali li għandu jkun fiha l-elementi kollha li ġejjin:

   (a) l-isem, l-indirizz u dettalji oħra ta' kuntatt tal-awtorità rikjesta;

   (b) l-isem, l-indirizz magħruf tad-destinatarju tad-deċiżjoni li timponi l-multa amministrattiva, u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra għall-identifikazzjoni tad-destinatarju;

   (c) sommarju tal-fatti u taċ-ċirkostanzi rilevanti li jwasslu għall-adozzjoni tad-deċiżjoni li timponi l-multa amministrattiva;

   (d) sommarju tad-deċiżjoni li timponi l-multa amministrattiva u kopja tagħha;

   (e) informazzjoni dwar l-infurzabbiltà tad-deċiżjoni u d-data meta d-deċiżjoni saret finali u infurzabbli;

   (f) l-ammont tal-multa li għandha titħallas;

   (g) il-perjodu li fih għandu jitwettaq l-infurzar, bħal skadenzi statutorji jew perjodi ta' preskrizzjoni;

   (h) informazzjoni li turi l-isforzi raġonevoli magħmula mill-awtorità applikanti biex tinforza d-deċiżjoni fil-ġuriżdizzjoni tagħha stess, inkluż in-nuqqas aċċertat ta' assi suffiċjenti li jappartjenu lill-persuna fiżika jew ġuridika kkonċernata li jippermettu l-infurzar tal-multa amministrattiva;

   (i) informazzjoni skont liema l-persuna fiżika jew ġuridika kkonċernata jkollha biżżejjed assi fl-Istat Membru tal-awtorità rikjesta biex tippermetti l-infurzar tal-multa amministrattiva.

4. L-awtorità applikanti għandha tibgħat il-formola diġitali lill-awtorità rikjesta bil-lingwa uffiċjali, jew b'waħda mil-lingwi uffiċjali, tal-Istat Membru tal-awtorità rikjesta, sakemm l-awtorità rikjesta u l-awtorità applikanti ma jaqblux li l-formola diġitali tista' tintbagħat b'lingwa oħra.

   Fejn ikun meħtieġ skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tal-awtorità rikjesta, l-awtorità applikanti għandha tipprovdi traduzzjoni tad-deċiżjoni li timponi l-multa fil-lingwa uffiċjali, jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali, tal-Istat Membru tal-awtorità rikjesta, sakemm l-awtorità rikjesta u l-awtorità applikanti ma jaqblux li tali traduzzjoni tista' tiġi pprovduta f'lingwa differenti.

Artikolu 28b

Prinċipji ġenerali applikabbli għall-infurzar ta' deċiżjonijiet li jimponu multi amministrattivi

1. It-talba għal assistenza fl-irkupru ta' multi amministrattivi mibgħuta f'konformità mal-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 28a għandha tikkostitwixxi l-unika bażi legali għall-miżuri ta' infurzar meħuda mill-awtorità rikjesta mingħajr ma tkun meħtieġa ebda formalità, suppliment jew sostituzzjoni ulterjuri. L-awtorità rikjesta għandha, malli tirċeviha, tieħu l-miżuri kollha meħtieġa minnufih għall-infurzar tagħha skont ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti mil-liġi nazzjonali tagħha, sakemm l-awtorità rikjesta ma tinvokax il-paragrafu 4. L-awtorità rikjesta għandha tinforma lill-awtorità applikanti bid-diliġenza dovuta dwar kwalunkwe azzjoni li tkun ħadet dwar it-talba għall-irkupru.

2. L-ammont irkuprat mill-infurzar tad-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa amministrattiva għandu jmur għand l-Istat Membru tal-awtorità applikanti fil-munita tiegħu stess, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn l-Istat Membru tal-awtorità applikanti u l-Istat Membru tal-awtorità rikjesta. L-awtorità rikjesta għandha, jekk ikun meħtieġ għall-irkupru, tikkonverti l-multa amministrattiva fil-munita tal-Istat Membru tagħha bir-rata tal-kambju ta' referenza tal-euro ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew li tapplika fid-data meta ġiet imposta l-multa amministrattiva.

3. L-awtorità rikjesta tista' tirkupra l-kostijiet kollha mġarrba fir-rigward tal-azzjonijiet meħuda kif imsemmi fil-paragrafu 1 mill-multa li tkun ġabret f'isem l-awtorità applikanti, inklużi l-kostijiet tat-traduzzjoni, lavorattivi u amministrattivi, irrispettivament mill-eżitu tal-proċedimenti ta' rkupru.

4. L-awtorità rikjesta tista' tirrifjuta li tinforza d-deċiżjoni tal-awtorità applikanti li timponi multa amministrattiva biss jekk tkun stabbiliet kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

   (a) it-talba ma tissodisfax ir-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 28a;

   (b) id-deċiżjoni ma tkunx għadha infurzabbli skont il-liġi tal-Istat Membru tal-awtorità rikjesta minħabba li jkun għadda ż-żmien.

   (c) l-infurzar tad-deċiżjoni jmur kontra l-prinċipju ta' *ne bis in idem*;

   (d) ikun hemm raġunijiet raġonevoli li juru li l-eżekuzzjoni tat-talba tkun manifestament kuntrarja għall-ordni pubbliku fl-Istat Membru li fih tintalab l-eżekuzzjoni.

5. L-Artikolu 28b u l-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jipprekludu l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI([30]) ftehimiet jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali bejn l-Istati Membri sa fejn tali ftehimiet jew arranġamenti jgħinu biex jissimplifikaw jew jiffaċilitaw aktar il-proċeduri għall-infurzar ta' multi amministrattivi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 28a.

[30] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2005/214/oj

6. L-Awtorità għandha tħeġġeġ u tiffaċilita l-assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-infurzar ta' multi amministrattivi imposti barra mill-ġuriżdizzjonijiet tagħhom f'konformità mal-Artikolu 28a u ma' dan l-Artikolu.

Meta l-awtorità rikjesta tirrifjuta li tassisti lill-awtorità applikanti f'konformità mal-Artikolu 28a u ma tiġi stabbilita l-ebda waħda mir-raġunijiet skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, għandu japplika l-Artikolu 17.

Meta l-awtorità rikjesta tirrifjuta li tassisti lill-awtorità applikanti billi tinvoka waħda mir-raġunijiet skont il-paragrafu 4, l-ittri (a) sa (c) ta' dan l-Artikolu, l-Awtorità tista' tassisti lill-awtoritajiet kompetenti biex jilħqu ftehim, jekk ikun xieraq, f'konformità mal-proċedura stabbilita skont l-Artikolu 19.

7. L-Awtorità għandha tiżviluppa l-format elettroniku tal-formola diġitali msemmija fl-Artikolu 28a, il-paragrafu 3.";

(21) l-Artikolu 29 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Kultura superviżorja u ta' infurzar komuni";

(b) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(1) l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-Awtorità għandu jkollha rwol attiv fil-bini ta' kultura superviżorja u ta' infurzar komuni tal-Unjoni u prattiki superviżorji u ta' infurzar konsistenti, kif ukoll biex jiġu żgurati proċeduri uniformi u approċċi konsistenti madwar l-Unjoni.";

(2) il-punt (ab) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ab) l-istabbiliment ta' gruppi ta' koordinazzjoni f'konformità mal-Artikolu 45b biex tiġi promossa l-konverġenza superviżorja u ta' infurzar u jiġu identifikati l-aħjar prattiki;"

(3) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-kontribut għall-iżvilupp ta' standards superviżorji u ta' infurzar ta' kwalità għolja u uniformi, inklużi standards ta' rapportar, u standards internazzjonali tal-kontabbiltà f'konformità mal-Artikolu 1(3);"

(c) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għall-fini li tiġi stabbilita kultura superviżorja komuni, l-Awtorità għandha tiżviluppa u żżomm manwal superviżorju aġġornat tal-Unjoni dwar is-superviżjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u tal-infurzar tar-regoli li jirregolaw l-attivitajiet tagħhom fl-Unjoni, li jqis kif xieraq in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji, il-prattiki tan-negozju, il-mudelli ta' negozju u d-daqs tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tas-swieq, inklużi l-bidliet minħabba l-innovazzjoni teknoloġika, tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u tas-swieq. Il-manwal superviżorju tal-Unjoni għandu jistabbilixxi l-aħjar prattiki u għandu jispeċifika metodoloġiji u proċessi ta' kwalità għolja. Meta awtorità kompetenti tiddeċiedi li ma tikkonformax mal-manwal superviżorju tal-Unjoni jew ma' elementi sostanzjali tiegħu, hija għandha tikkomunika dan il-fatt lill-Awtorità u tipprovdi r-raġunijiet tagħha għal dan.";

(d) jiżdied il-paragrafu (3) li ġej:

"3. L-Awtorità għandha tibgħat mistoqsijiet li jeħtieġu l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni lill-Kummissjoni. L-Awtorità għandha tippubblika kwalunkwe tweġiba pprovduta mill-Kummissjoni.";

(22) l-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-Awtorità għandha tistabbilixxi kumitati ta' reviżjoni bejn il-pari *ad hoc*, li għandhom ikunu magħmula minn persunal tal-Awtorità u minn membri tal-awtoritajiet kompetenti. Il-kumitati ta' reviżjoni bejn il-pari għandhom ikunu ppreseduti minn membru tal-persunal tal-Awtorità. Il-President, wara sejħa miftuħa għall-parteċipazzjoni, għandu jipproponi l-president u l-membri ta' kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari li għandu jiġi approvat mill-Bord Eżekuttiv. Il-proposta għandha titqies bħala approvata ħlief jekk, fi żmien 10 ijiem minn meta l-President ikun ipproponiha, il-Bord Eżekuttiv jadotta deċiżjoni li jirrifjutaha.";

(b) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Awtorità għandha tipproduċi rapport li jistabbilixxi r-riżultati tar-reviżjoni bejn il-pari. Dak ir-rapport ta' reviżjoni bejn il-pari għandu jitħejja mill-kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari u jiġi adottat mill-Bord Eżekuttiv. Meta jkun qed jabbozza dak ir-rapport, il-kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari għandu jikkonsulta lill-Bord Eżekuttiv sabiex tinżamm il-konsistenza ma' rapporti oħra ta' reviżjoni bejn il-pari u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi. Il-Bord Eżekuttiv għandu jivvaluta b'mod partikolari jekk il-metodoloġija ġietx applikata bl-istess mod. Ir-rapport għandu jispjega u jindika l-miżuri ta' segwitu meqjusa xierqa, proporzjonati u meħtieġa bħala riżultat tar-reviżjoni bejn il-pari. Dawk il-miżuri ta' segwitu jistgħu jiġu adottati fil-forma ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 16 u opinjonijiet skont l-Artikolu 29(1), il-punt (a), u l-Artikolu 17aa.";

(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-Awtorità għandha tagħmel rapport ta' segwitu wara sentejn mill-pubblikazzjoni tar-rapport ta' reviżjoni bejn il-pari. Ir-rapport ta' segwitu għandu jitħejja mill-kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari u adottat mill-Bord Eżekuttiv. Meta jkun qed jabbozza dak ir-rapport, il-kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari għandu jikkonsulta lill-Bord Eżekuttiv sabiex tinżamm il-konsistenza ma' rapporti oħra ta' segwitu. Ir-rapport ta' segwitu għandu jinkludi valutazzjoni tal-adegwatezza u l-effettività tal-azzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti li huma soġġetti għar-reviżjoni bejn il-pari b'risposta għall-miżuri ta' segwitu tar-rapport ta' reviżjoni bejn il-pari, iżda ma għandux ikun limitat biss għal dan.";

(d) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta pjan ta' ħidma għar-reviżjoni bejn il-pari għas-sentejn li ġejjin, li għandu fost l-oħrajn jirrifletti t-tagħlimiet meħuda mill-proċessi preċedenti ta' reviżjoni bejn il-pari u d-diskussjonijiet tal-gruppi ta' koordinazzjoni msemmija fl-Artikolu 45b. Il-pjan ta' ħidma għar-reviżjoni bejn il-pari għandu jikkostitwixxi parti separata mill-programm ta' ħidma annwali u pluriennali. Dan għandu jiġi ppubblikat. F'każ ta' urġenza jew avvenimenti mhux previsti, l-Awtorità tista' tiddeċiedi li twettaq reviżjonijiet bejn il-pari addizzjonali.";

(23) l-Artikolu 33 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Awtorità tista' tiżviluppa kuntatti u tidħol f'arranġamenti amministrattivi ma' awtoritajiet regolatorji u superviżorji ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali bl-għan li trawwem kooperazzjoni superviżorja internazzjonali, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u/jew ta' persunal.

Qabel ma tidħol f'negozjati dwar kwalunkwe arranġament amministrattiv imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-Awtorità għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-miktub bl-intenzjoni tagħha li tagħmel dan, filwaqt li tinkludi l-ambitu u l-objettivi previsti ta' tali arranġament.

Skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-arranġamenti amministrattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu u li għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li jirregolaw is-segretezza professjonali u jqisu kif xieraq il-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, l-Awtorità tista' b'mod partikolari tiskambja informazzjoni u dokumenti biex tappoġġa l-identifikazzjoni, il-monitoraġġ u l-mitigazzjoni tar-riskji transfruntieri, inklużi r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja u l-integrità tas-suq.

L-arranġamenti amministrattivi msemmija fis-subparagrafi preċedenti ma għandhomx joħolqu obbligi legali fir-rigward tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u lanqas ma għandhom iżommu lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom milli jidħlu f'arranġamenti bilaterali jew multilaterali ma' dawk il-pajjiżi terzi.

(b) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) u l-arranġamenti amministrattivi konklużi skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Awtorità għandha tikkoopera, fejn possibbli, mal-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi li r-reġimi regolatorji u superviżorji tagħhom ikunu ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti.";

(2) fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(b) sa fejn ikun meħtieġ għas-segwitu ta' tali deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza, il-proċeduri li jikkonċernaw il-koordinazzjoni ta' attivitajiet superviżorji inklużi, fejn meħtieġ u prevista f'atti oħra tal-Unjoni, speċjonijiet fuq il-post.";

(3) l-aħħar subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-Awtorità għandha tinforma lill-Kummissjoni meta awtorità rilevanti ta' pajjiż terz tirrifjuta li tikkonkludi tali arranġamenti amministrattivi jew meta tirrifjuta li tikkoopera b'mod effettiv.";

(24) fl-Artikolu 35, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Fuq it-talba tal-Awtorità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-Awtorità, mingħajr dewmien żejjed, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex twettaq il-kompiti assenjati lilha minn dan ir-Regolament u minn atti oħra tal-Unjoni, dment li jkollhom aċċess legali għall-informazzjoni rilevanti. Meta awtorità kompetenti tirrifjuta li tipprovdi l-informazzjoni mitluba, hija għandha turi li l-informazzjoni ma tistax tiġi kondiviża legalment mal-Awtorità.";

(25) jiddaħħal l-Artikolu 35c li ġej:

"Artikolu 35c

Pjattaforma tad-data

1. L-Awtorità għandha tistabbilixxi u żżomm pjattaforma tad-data biex tiffaċilita l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar tal-informazzjoni u l-aċċess għaliha kif previst f'dan ir-Regolament jew f'atti oħra tal-Unjoni li jawtorizzaw l-użu ta' din il-pjattaforma.

2. Il-pjattaforma tad-data għandha tinkludi teknoloġija superviżorja u għodod rilevanti oħra biex jittejbu l-kapaċitajiet ta' analiżi u monitoraġġ u tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet.

3. L-Awtorità għandha tiżgura li l-pjattaforma tkun iddisinjata u mħaddma bl-aktar mod effiċjenti u tevita fejn possibbli duplikazzjoni fil-ġbir ta' data u tiżgura l-akkuratezza u l-interoperabbiltà tad-data.

4. L-Awtorità għandha tiżgura li l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar ta' kwalunkwe data fuq il-pjattaforma u l-aċċess għaliha jikkonformaw mal-obbligi tas-segretezza professjonali u tal-kunfidenzjalità stabbiliti fl-Artikolu 70 ta' dan ir-Regolament u fi kwalunkwe att applikabbli ieħor tal-Unjoni.

5. L-Awtorità għandha tkun responsabbli b'mod partikolari biex tiżgura s-sigurtà, id-disponibbiltà, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-software u tal-infrastruttura tal-IT tal-pjattaforma.

6. Meta d-data personali tiġi pproċessata fil-pjattaforma tad-data, l-Awtorità għandha tipproċessaha biss sa fejn ikun meħtieġ biex jiġu ffaċilitati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar tal-informazzjoni sottomessa u l-aċċess għaliha f'konformità mal-atti tal-Unjoni applikabbli msemmija fil-paragrafu 1.";

(26) l-Artikolu 39 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Awtorità għandha taġixxi f'konformità mal-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu meta tadotta deċiżjonijiet skont l-Artikoli 17, 17aa, 17aaa, 18, 19 u 19a."

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Id-deċiżjonijiet li tieħu l-Awtorità skont l-Artikoli 17, 17aa, 17aaa, 18, 19 jew 19a għandhom jiġu ppubblikati. Il-pubblikazzjoni għandha tiddivulga l-identità tal-awtorità kompetenti jew tal-parteċipant fis-swieq finanzjarji kkonċernat u l-kontenut ewlieni tad-deċiżjoni, ħlief meta tali pubblikazzjoni tkun f'kunflitt mal-interess leġittimu ta' dawk il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, jew mal-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom, jew tista' tipperikola serjament il-funzjonament ordnat u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha tal-Unjoni jew ta' parti minnha."

(27) Jiddaħħal il-kapitolu IIa li ġej:

"KAPITOLU IIa

SETGĦAT TAL-AWTORITÀ FUQ IL-PARTEĊIPANTI FIS-SWIEQ FINANZJARJI TAĦT IS-SUPERVIŻJONI TAL-AWTORITÀ

Artikolu 39a

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-parteċipanti kollha fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor f'dan il-Kapitolu. Madankollu, ma għandux japplika għal kontropartijiet ċentrali rikonoxxuti skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

2. Jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu jkunu f'kunflitt ma' dispożizzjoni ta' att ieħor tal-Unjoni li jirregola aspetti speċifiċi tas-setgħat proċedurali tal-Awtorità f'settur jew qasam speċifiku, id-dispożizzjoni tal-att tal-Unjoni l-ieħor għandha tipprevali u għandha tapplika għal dak is-settur jew qasam speċifiku. Is-setgħat mogħtija lill-Awtorità, lill-uffiċjali tagħha jew lil persuni oħra awtorizzati minnha ma għandhomx jintużaw biex jirrikjedu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni jew dokumenti li huma soġġetti għall-privileġġ professjonali legali.

Artikolu 39b

Talbiet għal informazzjoni

1. Għall-fini tal-eżerċitar tal-kompiti tagħha, l-Awtorità tista' titlob lill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità, lill-persuni involuti fl-attivitajiet tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità jew affettwati minnhom, lill-partijiet terzi relatati, lill-partijiet terzi li lilhom il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità jkunu esternalizzaw funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali u lill-persuni li b'xi mod ieħor ikunu relatati jew konnessi mill-qrib u b'mod sostanzjali mal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità jew mal-attivitajiet tagħhom u lil kwalunkwe persuna oħra kif previst f'atti oħra tal-Unjoni, biex jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex twettaq dmirijietha skont dan ir-Regolament u atti oħra tal-Unjoni.

2. Meta tibgħat talba sempliċi għal informazzjoni skont il-paragrafu 1, l-Awtorità għandha tirreferi għal dan l-Artikolu bħala l-bażi legali għat-talba, tiddikjara l-iskop tat-talba, tispeċifika l-informazzjoni meħtieġa, u tistabbilixxi terminu li fih għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni u tinforma dwar il-multi possibbli f'każ ta' tweġibiet skorretti jew qarrieqa.

3. Meta titlob l-informazzjoni skont il-paragrafu 1 permezz ta' deċiżjoni, l-Awtorità għandha:

   (a) tirreferi għal dan l-Artikolu bħala l-bażi legali għat-talba;

   (b) tiddikjara l-iskop tat-talba;

   (c) tispeċifika l-informazzjoni meħtieġa;

   (d) tistabbilixxi terminu li fih għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni;

   (e) tindika l-possibbiltà ta' ħlasijiet perjodiċi ta' penali jekk tingħata informazzjoni mhux kompluta;

   (f) tinforma dwar il-possibbiltà ta' multi f'każ ta' tweġibiet skorretti jew qarrieqa;

   (g) tinforma lid-destinatarji dwar id-drittijiet ta' appell skont dan ir-Regolament.

4. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jew ir-rappreżentanti tagħhom u, fil-każ ta' persuni ġuridiċi jew assoċjazzjonijiet mingħajr personalità ġuridika, il-persuni awtorizzati biex jirrappreżentawhom bil-liġi jew bil-kostituzzjoni jew mandat tagħhom, għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba.

5. L-Awtorità għandha, mingħajr dewmien, tibgħat kopja tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 3 lill-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru fejn il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 u kkonċernati mit-talba għall-informazzjoni jkunu domiċiljati jew stabbiliti.

Artikolu 39c

Investigazzjonijiet

1. Għall-fini tal-eżerċitar tal-kompiti tagħha, l-Awtorità tista' twettaq l-investigazzjonijiet kollha meħtieġa tal-persuni msemmija fl-Artikolu 39b(1). Qabel ma tibda investigazzjoni skont dan l-Artikolu, l-Awtorità għandha tadotta deċiżjoni biex twettaq investigazzjoni. Id-Deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-iskop tal-investigazzjoni, id-data li fiha għandha tibda, u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti skont dan ir-Regolament u atti oħra tal-Unjoni meta l-persuni kkonċernati ma jissottomettux ruħhom għall-investigazzjoni, ir-rimedji legali disponibbli skont dan ir-Regolament u d-dritt għal rieżami tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

2. L-Awtorità għandha tingħata s-setgħa li:

   (a) teżamina rekords, data, proċeduri u materjal ieħor rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħha irrispettivament mill-mezz li fuqu jkunu maħżuna;

   (b) tieħu jew tikseb kopji ċċertifikati ta', jew estratti minn, tali rekords, data, proċeduri u materjal ieħor;

   (c) issejjaħ u titlob lil kwalunkwe persuna msemmija fl-Artikolu 39b(1) jew lil rappreżentanti jew membri tal-persunal tagħha għal spjegazzjonijiet orali jew bil-miktub dwar fatti jew dokumenti relatati mas-suġġett u l-iskop tal-ispezzjoni u żżomm rekord tat-tweġibiet;

   (d) tintervista lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra li tagħti l-kunsens tagħha li tiġi intervistata sabiex tiġbor informazzjoni relatata mas-suġġett ta' investigazzjoni;

   (e) titlob rekords tat-telefown u tat-traffiku tad-data.

3. L-Awtorità tista' tawtorizza lill-uffiċjali tagħha u lil persuni oħra biex iwettqu l-investigazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1. Dawn għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom meta jipproduċu awtorizzazzjoni bil-miktub li tispeċifika s-suġġett u l-iskop tal-investigazzjoni. Dik l-awtorizzazzjoni għandha tindika wkoll il-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 39g jekk ma jiġux prodotti r-rekords, id-data, il-proċeduri jew kwalunkwe materjal ieħor meħtieġ, jew jekk ma jingħatawx it-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru lill-persuni msemmija fl-Artikolu 39b(1) jew jekk ma jkunux kompluti, u l-multi previsti f'dan ir-Regolament u f'atti oħra tal-Unjoni, meta t-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru lill-persuni msemmija fl-Artikolu 39b(1) ikunu skorretti jew qarrieqa.

4. Fi żmien xieraq qabel l-investigazzjoni, l-Awtorità għandha tinforma lill-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru fejn tkun se ssir l-investigazzjoni. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti kkonċernata għandhom, fuq talba tal-Awtorità, jassistu lill-Awtorità fit-twettiq ta' dmirijietha. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti kkonċernata jistgħu jattendu wkoll l-investigazzjonijiet fuq talba tagħha.

5. Jekk talba għar-rekords tat-telefown jew tat-traffiku tad-data msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (e), tkun tirrikjedi l-awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja skont ir-regoli nazzjonali, għandu jsir rikors għal tali awtorizzazzjoni. Jista' jsir rikors għal tali awtorizzazzjoni anke bħala miżura kawtelatorja.

6. Meta jsir rikors għall-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 5, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali għandha tivverifika li d-deċiżjoni tal-Awtorità tkun awtentika u tivvaluta li l-miżuri koerċittivi previsti la jkunu arbitrarji u lanqas eċċessivi wara li tkun qieset is-suġġett tal-investigazzjonijiet. Fil-valutazzjoni tagħha tal-proporzjonalità tal-miżuri koerċittivi, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali tista' titlob lill-Awtorità għal spjegazzjonijiet dettaljati, b'mod partikolari rigward ir-raġunijiet li jkollha l-Awtorità biex tissuspetta li seħħ ksur ta' dan ir-Regolament jew ta' atti oħra tal-Unjoni fil-kompetenza tagħha u s-serjetà tal-ksur suspettat u n-natura tal-involviment tal-persuna soġġetta għall-miżuri koerċittivi. Madankollu, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali ma għandhiex tirrieżamina l-ħtieġa tal-investigazzjoni jew tirrikjedi li tingħata l-informazzjoni fil-fajl tal-Awtorità. Il-legalità tad-deċiżjoni tal-Awtorità għandha tkun soġġetta għal rieżami mill-Qorti tal-Ġustizzja biss skont il-proċedura stabbilita f'dan ir-Regolament.

Artikolu 39d

Spezzjonijiet fuq il-post

1. Għall-fini tal-eżerċitar tal-kompiti tagħha, l-Awtorità tista' twettaq spezzjonijiet fuq il-post fil-bini tal-persuni msemmija fl-Artikolu 39b(1). Qabel ma tibda l-ispezzjoni fuq il-post, l-Awtorità għandha tadotta deċiżjoni biex twettaq spezzjoni fuq il-post. Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-iskop tal-ispezzjoni, id-data li fiha għandha tibda u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti skont dan ir-Regolament u atti oħra tal-Unjoni għall-persuni li ma jissottomettux ruħhom għall-ispezzjoni, ir-rimedji legali disponibbli skont dan ir-Regolament u d-dritt għal rieżami tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja. Meta t-twettiq u l-effiċjenza xierqa tal-ispezzjoni jkunu jirrikjedu dan, l-Awtorità tista' twettaq l-ispezzjoni fuq il-post mingħajr preavviż lill-persuni soġġetti għall-ispezzjoni.

2. L-uffiċjali tal-Awtorità u persuni oħra awtorizzati minnha biex iwettqu spezzjoni fuq il-post jistgħu jidħlu fi kwalunkwe bini tan-negozju u art tal-persuni ġuridiċi soġġetti għal deċiżjoni ta' investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u għandu jkollhom is-setgħat kollha stipulati fl-Artikolu 39c. Għandu jkollhom ukoll is-setgħa li jissiġillaw kwalunkwe bini tan-negozju u l-kotba jew ir-rekords għall-perjodu tal-ispezzjoni, u sal-grad meħtieġ għal dak l-iskop.

3. L-uffiċjali tal-Awtorità u persuni oħra awtorizzati minnha biex iwettqu spezzjoni fuq il-post għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom billi jipproduċu awtorizzazzjoni bil-miktub li tispeċifika s-suġġett u l-iskop tal-ispezzjoni, u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 39g għan-nuqqas ta' sottomissjoni għall-ispezzjoni.

4. Fi żmien xieraq qabel l-ispezzjoni, l-Awtorità għandha tinforma lill-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru fejn għandha ssir l-investigazzjoni u lill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità dwar id-deċiżjoni li ssir spezzjoni fuq il-post.

5. L-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru fejn għandha titwettaq l-ispezzjoni għandha, fuq talba tal-Awtorità, tassisti b'mod attiv lill-Awtorità. Għal dak l-għan, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tgawdi s-setgħat stabbiliti

fil-paragrafu 2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tattendi wkoll l-ispezzjonijiet fuq il-post fuq talba tagħha.

6. L-Awtorità tista' wkoll titlob lill-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru biex twettaq kompiti investigattivi speċifiċi u spezzjonijiet fuq il-post kif previst f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 39c f'isimha. Għal dak l-għan, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tgawdi l-istess setgħat bħall-Awtorità kif stabbilit f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 39c.

7. Meta l-Awtorità ssib li l-persuna soġġetta għall-ispezzjoni topponi spezzjoni ordnata skont dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tipprovdilha l-assistenza meħtieġa, filwaqt li titlob, fejn xieraq, l-assistenza tal-pulizija jew ta' awtorità tal-infurzar ekwivalenti, sabiex l-Awtorità tkun tista' twettaq spezzjoni fuq il-post.

8. Jekk l-ispezzjoni fuq il-post prevista fil-paragrafu 1 jew l-assistenza prevista fil-paragrafu 7 tkun teħtieġ awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja skont ir-regoli nazzjonali, għandu jsir rikors għal tali awtorizzazzjoni. Jista' jsir rikors għal tali awtorizzazzjoni anke bħala miżura kawtelatorja.

9. Meta jsir rikors għall-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 8, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali għandha tivverifika li d-deċiżjoni tal-Awtorità tkun awtentika u tivvaluta li l-miżuri koerċittivi previsti la jkunu arbitrarji u lanqas eċċessivi wara li tkun qieset is-suġġett tal-ispezzjoni. Fil-valutazzjoni tagħha tal-proporzjonalità tal-miżuri koerċittivi, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali tista' titlob lill-Awtorità għal spjegazzjonijiet dettaljati, b'mod partikolari rigward ir-raġunijiet li jkollha l-Awtorità biex tissuspetta li seħħ ksur ta' dan ir-Regolament jew ta' atti oħra tal-Unjoni fil-kompetenza tagħha u s-serjetà tal-ksur suspettat u n-natura tal-involviment tal-persuna soġġetta għall-miżuri koerċittivi. Madankollu, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali ma għandhiex tirrieżamina l-ħtieġa tal-ispezzjoni jew titlob li tingħata l-informazzjoni fil-fajl tal-Awtorità. Il-legalità tad-deċiżjoni tal-Awtorità għandha tkun soġġetta għal rieżami mill-Qorti tal-Ġustizzja biss skont il-proċedura stabbilita f'dan ir-Regolament.

Artikolu 39e

Regoli proċedurali għal miżuri superviżorji u għal multi

1. Meta l-Awtorità ssib li hemm indikazzjonijiet serji tal-eżistenza ta' fatti li jistgħu jikkostitwixxu każ jew każijiet ta' ksur ta' dan ir-Regolament jew ta' atti oħra tal-Unjoni fil-kompetenza tagħha, hija għandha tniedi investigazzjoni f'konformità mal-Artikolu 39c u taħtar uffiċjal tal-investigazzjoni indipendenti fi ħdan l-Awtorità biex jinvestiga l-kwistjoni. L-uffiċjal tal-investigazzjoni ma għandux ikun involut jew ma għandux ikun ġie involut fis-superviżjoni diretta jew indiretta tal-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità kkonċernat u għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu indipendentement mill-Bord Eżekuttiv.

2. L-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jinvestiga l-każijiet ta' ksur allegati, filwaqt li jqis kwalunkwe kumment ippreżentat mill-persuni soġġetti għal investigazzjoni, u għandu jissottometti fajl komplut bis-sejbiet lill-Bord Eżekuttiv. Sabiex iwettaq il-kompiti, l-uffiċjal tal-investigazzjoni jista' jeżerċita s-setgħa li jitlob informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 39b u li jwettaq investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post f'konformità mal-Artikoli 39c u 39d. Meta juża dawk is-setgħat, l-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jikkonforma mal-Artikolu 39a.

Matul l-investigazzjoni, l-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jkollu aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni kollha miġbura mill-Awtorità fl-attivitajiet superviżorji tagħha.

3. Meta jlesti l-investigazzjoni u qabel ma jippreżenta l-fajl bis-sejbiet lill-Bord Eżekuttiv, l-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jagħti lill-persuni soġġetti għal investigazzjoni l-opportunità li jinstemgħu rigward il-materji li jkunu qed jiġu investigati. L-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jibbaża s-sejbiet biss fuq fatti li dwarhom il-persuni soġġetti għal investigazzjoni kellhom l-opportunità li jikkummentaw.

Id-drittijiet tad-difiża tal-persuni kkonċernati għandhom jiġu rispettati bis-sħiħ matul l-investigazzjonijiet skont dan l-Artikolu.

4. Meta jissottometti l-fajl bis-sejbiet lill-Bord Eżekuttiv, l-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jinnotifika dak il-fatt lill-persuni soġġetti għal investigazzjoni. Il-persuni soġġetti għal investigazzjoni għandhom ikunu intitolati li jkollhom aċċess għall-fajl, soġġett għall-interess leġittimu ta' persuni oħra fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl ma għandux jestendi għal informazzjoni kunfidenzjali li taffettwa lil partijiet terzi.

5. Abbażi tal-fajl li jkun fih is-sejbiet tal-uffiċjal tal-investigazzjoni u, meta jintalab mill-persuni kkonċernati, wara li jkun sema' lill-persuni soġġetti għal investigazzjoni, il-Bord Eżekuttiv għandu jiddeċiedi jekk il-persuni li kienu soġġetti għal investigazzjoni wettqux wieħed jew aktar mill-każijiet ta' ksur investigati, u f'dan il-każ, jieħu miżura superviżorja f'konformità ma' dan ir-Regolament u mal-atti rilevanti tal-Unjoni u jimponi multa f'konformità ma' dan ir-Regolament u mal-atti rilevanti tal-Unjoni.

6. L-uffiċjal tal-investigazzjoni ma għandux jipparteċipa fid-deliberazzjonijiet tal-Bord Eżekuttiv jew b'xi mod ieħor jintervjeni fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Bord Eżekuttiv.

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 75a, aktar regoli ta' proċedura għall-eżerċizzju tas-setgħa li jiġu imposti multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali, inklużi dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tad-difiża, dispożizzjonijiet temporali, u l-ġbir ta' multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali, u għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni għall-impożizzjoni u l-eżekuzzjoni tal-penali.

8. L-Awtorità għandha tirreferi materji għall-prosekuzzjoni kriminali lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti meta, fit-twettiq ta' dmirijietha skont dan ir-Regolament jew atti oħra tal-Unjoni, issib li jkun hemm indikazzjonijiet serji tal-eżistenza possibbli ta' fatti li jistgħu jikkostitwixxu reati kriminali. Barra minn hekk, l-Awtorità għandha żżomm lura milli timponi multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali meta sentenza finali preċedenti f'kawża li tirriżulta minn fatti identiċi, jew minn fatti li jkunu sostanzjalment l-istess, tkun ingħatat bħala riżultat ta' proċedimenti kriminali skont id-dritt nazzjonali.

Artikolu 39f

Multi

1. Meta, f'konformità mal-Artikolu 39e(5), il-Bord Eżekuttiv isib li parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità jkun kiser, intenzjonalment jew

b'negliġenza, dan ir-Regolament jew att rilevanti ieħor tal-Unjoni fil-kompetenza tal-Awtorità, għandu jadotta deċiżjoni li timponi multa f'konformità mal-paragrafu 2.

Ksur għandu jitqies li twettaq intenzjonalment jekk l-Awtorità ssib fatturi oġġettivi li juru li l-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità aġixxa deliberatament biex iwettaq il-ksur.

2. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'atti oħra tal-Unjoni applikabbli għal settur jew qasam speċifiku, il-multa ma għandhiex taqbeż:

(a) fil-każ ta' persuna ġuridika, EUR 1 000 000, jew, fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali skont ir-rata tal-kambju ta' referenza tal-euro ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew applikabbli fid-data meta tiġi imposta l-multa.

(b) jew 10 % tal-fatturat annwali tal-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità soġġett għal investigazzjoni kkonċernat fis-sena kontabilistika preċedenti, skont liema jkun l-ogħla;

(c) fil-każ ta' persuna fiżika, EUR 500 000, jew, fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali skont ir-rata tal-kambju ta' referenza tal-euro ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew applikabbli fid-data meta ġiet imposta l-multa.

3. Meta tiddetermina l-livell ta' multa skont il-paragrafu 1, l-Awtorità għandha tqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 39g(2).

4. Minkejja l-paragrafu 3, meta l-persuna ġuridika tkun kisbet benefiċċju finanzjarju dirett jew indirett mill-ksur, l-ammont tal-multa għandu jkun mill-inqas ugwali għal dak il-benefiċċju.

Artikolu 39g

Ħlasijiet perjodiċi ta' penali

1. Il-Bord Eżekuttiv jista' b'deċiżjoni jimponi ħlas perjodiku ta' penali sabiex iġiegħel:

(a) lill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità jtemmu ksur, f'konformità ma' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 39h(1), il-punt (d);

(b) lil persuna msemmija fl-Artikolu 39b(1) tipprovdi informazzjoni kompluta li tkun ġiet rikjesta b'deċiżjoni skont l-Artikolu 39b;

(c) lil persuna msemmija fl-Artikolu 39b(1) tissottometti ruħha għal investigazzjoni, tipproduċi rekords, data u proċeduri kompluti jew kwalunkwe materjal ieħor meħtieġ jew timla u tikkoreġi informazzjoni oħra pprovduta f'investigazzjoni mnedija b'deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 39c;

(d) lil persuna msemmija fl-Artikolu 39b(1) tissottometti ruħha għal spezzjoni fuq il-post ordnata b'deċiżjoni skont l-Artikolu 39d.

2. Pagament perjodiku ta' penali għandu jkun effettiv u proporzjonat u dissważiv. Il-pagament perjodiku ta' penali għandu jiġi impost fuq bażi ta' kuljum sakemm il-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità jew il-persuna kkonċernata tikkonforma mad-deċiżjoni rilevanti msemmija fil-paragrafu 1.

3. Minkejja l-paragrafu 2, l-ammont ta' pagament perjodiku ta' penali għandu jkun ta' 3 % tal-fatturat medju ta' kuljum fis-sena kontabilistika preċedenti jew, fil-każ ta' persuni fiżiċi, 2 % tal-introjtu medju ta' kuljum fis-sena kalendarja preċedenti. Dan

għandu jiġi kkalkolat mid-data stipulata fid-deċiżjoni li timponi l-pagament perjodiku ta' penali.

4. Pagament perjodiku ta' penali jista' jiġi impost għal perjodu ta' mhux aktar minn 6 xhur wara n-notifika tad-deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv.

Artikolu 39h

Miżuri superviżorji

1. Meta, f'konformità mal-Artikolu 39e(4), l-Awtorità ssib li parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità jkun wettaq ksur ta' dan ir-Regolament jew ta' atti rilevanti oħra tal-Unjoni fil-kompetenza tagħha, inkluż fejn elenkat f'Anness ta' atti rilevanti oħra tal-Unjoni fil-kompetenza tagħha, hija għandha tadotta deċiżjoni biex tieħu waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin kif xieraq għas-settur jew il-qasam rilevanti skont dan ir-Regolament jew, fejn previst, fil-limiti tas-setgħat tagħha skont il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni:

   (a) tirtira, skont is-settur li fih jopera l-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità, ir-reġistrazzjoni, ir-rikonoxximent jew l-awtorizzazzjoni tal-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità;

   (b) tipprojbixxi lill-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità milli jwettaq l-attivitajiet skont dan ir-Regolament jew atti rilevanti oħra tal-Unjoni madwar l-Unjoni, sakemm jintemm il-ksur;

   (c) tirrikjedi l-waqfien temporanju jew permanenti ta' kwalunkwe prattika jew imġiba li l-Awtorità tqis li tmur kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u ta' atti rilevanti oħra tal-Unjoni;

   (d) tissospendi r-reġistrazzjoni, ir-rikonoxximent jew l-awtorizzazzjoni tal-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità;

   (e) tirrikjedi li l-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità jtemm il-ksur;

   (f) timponi multi skont l-Artikolu 39f;

   (g) timponi ħlasijiet perjodiċi ta' penali skont l-Artikolu 39g;

   (h) toħroġ avviż pubbliku;

   (i) tirrikjedi t-tneħħija ta' persuna fiżika mill-bord maniġerjali ta' parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità;

   (j) tirrikjedi l-iffriżar jew is-sekwestru tal-assi, jew it-tnejn li huma;

   (k) tirrikjedi li jsiru verifiki jew investigazzjonijiet minn awdituri jew esperti;

   (l) tadotta kwalunkwe tip ta' miżura biex tiżgura li l-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità, ikompli jikkonforma mar-rekwiżiti legali.

2. L-Awtorità għandha tirtira r-reġistrazzjoni, l-awtorizzazzjoni jew ir-rikonoxximent ta' parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor f'atti oħra tal-Unjoni li għandhom jieħdu preċedenza:

(a) il-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità jkun irrinunzja b'mod espliċitu għar-reġistrazzjoni, l-awtorizzazzjoni jew ir-rikonoxximent jew ma jkunx għamel użu mir-reġistrazzjoni, l-awtorizzazzjoni jew ir-rikonoxximent fi żmien 36 xahar minn meta tkun ingħatat ir-reġistrazzjoni, l-awtorizzazzjoni jew ir-rikonoxximent;

(b) il-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità jkun kiseb ir-reġistrazzjoni, l-awtorizzazzjoni jew ir-rikonoxximent billi għamel dikjarazzjonijiet foloz jew bi kwalunkwe mezz irregolari ieħor;

(c) il-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità ma jkunx baqa' jissodisfa l-kundizzjonijiet li taħthom kien irreġistrat, awtorizzat jew rikonoxxut.

Meta l-Awtorità tirtira r-reġistrazzjoni, l-awtorizzazzjoni jew ir-rikonoxximent tal-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità, hija għandha tagħti raġunjiet sħaħ fid-deċiżjoni tagħha.

L-irtirar għandu jkollu effett immedjat.

Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-miżura għandha tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva u l-Awtorità għandha tqis in-natura u s-serjetà tal-ksur, filwaqt li tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) id-durata u l-frekwenza tal-ksur;

(b) jekk ir-reat finanzjarju ġiex ikkawżat jew iffaċilitat mill-ksur jew jekk huwiex attribwibbli b'xi mod ieħor għalih;

(c) jekk il-ksur ikunx twettaq b'intenzjoni jew b'negliġenza;

(d) il-grad ta' responsabbiltà għall-ksur;

(e) is-saħħa finanzjarja tal-persuna responsabbli għall-ksur, kif indikat mill-fatturat totali tal-persuna ġuridika responsabbli jew mill-introjtu annwali u l-assi netti tal-persuna fiżika responsabbli;

(f) l-impatt tal-ksur fuq l-interessi tal-investituri;

(g) l-importanza tal-profitti miksuba jew tat-telf evitat mill-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità responsabbli għall-ksur jew tat-telf għall-partijiet terzi kkawżat mill-ksur, sa fejn dan ikun jista' jiġi ddeterminat;

(h) il-livell ta' kooperazzjoni mal-Awtorità tal-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità responsabbli għall-ksur, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li tiġi żgurata r-restituzzjoni tal-profitti miksuba jew tat-telf evitat minn dik il-persuna;

(i) każijiet ta' ksur preċedenti ta' dan ir-Regolament jew ta' atti rilevanti oħra tal-Unjoni mill-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità responsabbli għall-ksur;

(j) kwalunkwe miżura meħuda wara l-ksur mill-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità responsabbli għall-ksur biex tiġi evitata r-repetizzjoni tiegħu.

3. Meta l-Awtorità jkollha raġunijiet raġonevoli biex tissuspetta li parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tagħha jista' jkun qed jinvolvi ruħu, jew ikun se jinvolvi ruħu, f'imġiba li tista' tammonta għal ksur skont dan ir-Regolament jew atti rilevanti oħra tal-Unjoni taħt il-kompetenza tagħha, hija tista' tadotta b'deċiżjoni

kwalunkwe waħda mill-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (b), (h), (j), (k) u (l) aġġustata kif xieraq għall-użu f'sitwazzjonijiet li jinvolvu biss każijiet ta' ksur suspettati, li jkun għadhom ma ġewx stabbiliti.

4. Mingħajr dewmien żejjed, l-Awtorità għandha tinnotifika kwalunkwe azzjoni meħuda skont il-paragrafi 1 u 4 lill-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità responsabbli għall-ksur u għandha tikkomunikaha lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istat Membru u lill-Kummissjoni. Hija għandha tiddivulga pubblikament kwalunkwe azzjoni bħal din fuq is-sit web tagħha fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 jew 4.

Id-divulgazzjoni lill-pubbliku msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi dawn li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni li tafferma d-dritt tal-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità responsabbli għall-ksur li jappella d-deċiżjoni;

(b) fejn rilevanti, dikjarazzjoni li tafferma li jkun tressaq appell u li tispeċifika li tali appell ma għandux effett sospensiv;

(c) dikjarazzjoni li tasserixxi li l-Bord tal-Appell tal-Awtorità jista' jissospendi l-applikazzjoni tad-deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 60(3) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 39i

Sanzjonijiet u miżuri amministrattivi kontra persuni fiżiċi

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal persuni fiżiċi li:

(a) ikunu membri tal-korp maniġerjali, maniġers superjuri, jew detenturi ta' funzjonijiet ewlenin tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità f'konformità mal-atti leġiżlattivi rilevanti msemmija fl-Artikolu 1(2);

(b) jeżerċitaw influwenza sinifikanti fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet jew il-profil tar-riskju ta' tali parteċipanti fis-swieq finanzjarji; jew

(c) ikunu involuti b'mod ieħor f'attivitajiet regolati soġġetti għas-superviżjoni tal-Awtorità.

2. Skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 39h, l-Awtorità għandha timponi sanzjonijiet amministrattivi jew miżuri oħra fuq persuna msemmija fil-paragrafu 1 meta jiġi stabbilit li dik il-persuna:

(a) naqset milli tikkonforma mal-istandards professjonali, inklużi dawk relatati mal-integrità, il-kompetenza u d-diliġenza dovuta; jew

(b) kienet involuta f'imġiba li timmina l-immaniġġjar sod u prudenti tal-entità taħt superviżjoni.

3. Is-sanzjonijiet u l-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 jistgħu jinkludu:

(a) multi amministrattivi f'konformità mal-Artikolu 39f;

(b) projbizzjoni temporanja jew permanenti milli jiġu eżerċitati funzjonijiet maniġerjali fil-parteċipanti fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità f'konformità mal-atti leġiżlattivi rilevanti msemmija fl-Artikolu 1(2);

(c) is-sospensjoni jew l-irtirar tal-awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' attivitajiet regolati;

(d) dikjarazzjonijiet pubbliċi li jidentifikaw il-persuna responsabbli u n-natura tal-ksur, meta din il-pubblikazzjoni titqies li hija meħtieġa mill-Awtorità biex tipproteġi l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji jew biex tiżgura l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament jew ta' atti oħra tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2), dment li l-pubblikazzjoni tkun iġġustifikata kif xieraq u tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jiġu żgurati dawk l-objettivi.

Artikolu 39j

Smigħ tal-persuni kkonċernati

1. Qabel ma jieħu kwalunkwe deċiżjoni skont l-Artikoli 39k, 39h u 39i, il-Bord Eżekuttiv għandu jagħti lill-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità jew lill-persuna soġġetta għall-proċedimenti l-opportunità li tinstema' dwar is-sejbiet tal-Awtorità. Il-Bord Eżekuttiv għandu jibbaża d-deċiżjonijiet tiegħu biss fuq sejbiet li dwarhom il-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità jew il-persuna soġġetta għall-proċedimenti kellha l-opportunità li tikkummenta.

2. L-ewwel paragrafu ma għandux japplika jekk tkun meħtieġa azzjoni urġenti biex tiġi evitata ħsara sinifikanti u imminenti lis-sistema finanzjarja. F'dan il-każ, il-Bord Eżekuttiv jista' jadotta deċiżjoni interim u għandu jagħti lill-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità jew lill-persuna kkonċernata l-opportunità li tinstema' malajr kemm jista' jkun wara li jieħu d-deċiżjoni tiegħu.

3. Id-drittijiet tad-difiża tal-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità jew tal-persuni soġġetti għall-proċedimenti għandhom jiġu rrispettati bis-sħiħ matul il-proċedimenti. Huma għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għall-fajl tal-Awtorità, soġġett għall-interess leġittimu ta' persuni oħra fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl ma għandux jestendi għal informazzjoni kunfidenzjali jew għad-dokumenti preparatorji tal-Awtorità.

Artikolu 39k

Divulgazzjoni, natura, eżekuzzjoni u allokazzjoni ta' multi u ta' ħlasijiet perjodiċi ta' penali

1. L-awtorità għandha tiddivulga lill-pubbliku kull multa u pagament perjodiku ta' penali li jkunu ġew imposti skont l-Artikoli 39f, 39g u 39i, ħlief jekk tali divulgazzjoni lill-pubbliku tipperikola serjament is-swieq finanzjarji jew tikkawża dannu sproporzjonat lill-partijiet involuti. Din id-divulgazzjoni ma għandhiex tinkludi data personali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

2. Il-multi u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali imposti skont l-Artikoli 39f, 39g u 39i għandhom ikunu ta' natura amministrattiva.

3. Id-deċiżjonijiet dwar multi, ħlasijiet perjodiċi ta' penali imposti skont l-Artikoli 39f, 39g u 39i għandhom ikunu eżegwibbli.

L-eżekuzzjoni għandha tkun irregolata mir-regoli tal-proċedura ċivili fis-seħħ fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu titwettaq l-eżekuzzjoni. L-ordni għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li jiġu imposti multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali għandha tiġi mehmuża

ma' dik id-deċiżjoni mingħajr il-ħtieġa ta' formalità oħra għajr il-verifika tal-awtenticità tad-deċiżjoni mill-awtorità ddeżinjata minn kull Stat Membru għal dak l-għan u mgħarrfa lill-Awtorità u lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Meta dik il-formalità tkun tlestiet, l-awtorità ddeżinjata mill-Istat Membru tista' tipproċedi bl-eżekuzzjoni f'konformità mad-dritt nazzjonali, billi tressaq il-kwistjoni direttament quddiem il-korp kompetenti.

L-eżekuzzjoni tista' tiġi sospiża biss b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, il-qrati tal-Istat Membru kkonċernat għandu jkollhom ġuriżdizzjoni fuq ilmenti li l-eżekuzzjoni tkun qed titwettaq b'mod illegali.

4. L-ammonti tal-multi u tal-ħlasijiet perjodiċi ta' penali għandhom jiġu allokati lill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 39l

Ftehim

1. Meta l-Awtorità tieħu deċiżjoni skont l-Artikolu 39e(5) tista' tikkonkludi proċedimenti ta' eżekuzzjoni permezz ta' ftehim mal-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, soġġett għal termini li jiżguraw l-effettività, il-proporzjonalità u d-deterrenza.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 75a li jispeċifikaw il-proċedura ta' ftehim, inklużi d-drittijiet tad-difiża, il-pubblikazzjoni u l-effetti tal-ftehimiet.

3. Matul l-investigazzjoni tiegħu, l-uffiċjal tal-investigazzjoni indipendenti jista' jesplora l-possibbiltà ta' ftehim mal-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità jew mal-persuna soġġetta għal investigazzjoni, jekk l-uffiċjal iqis li l-każ jista' jkun adattat għal ftehim. Jekk il-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità jew il-persuna soġġetta għal investigazzjoni taqbel li jkun hemm ftehim, il-multa oriġinali meqjusa li ġiet imposta mill-Awtorità tista' titnaqqas.

4. Parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità jew kwalunkwe persuna soġġetta għal investigazzjoni tista' titlob li tiġi kkunsidrata l-possibbiltà ta' ftehim. Tali talba ma għandhiex tobbliga lill-Awtorità tidħol f'diskussjonijiet dwar ftehim jew li tilħaq ftehim. L-uffiċjal tal-investigazzjoni indipendenti għandu jivvaluta t-talba fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, inklużi s-serjetà u n-natura tal-allegat ksur, u jista' jibda diskussjonijiet dwar ftehim meta jqis li l-każ jista' jkun adattat għal ftehim.

Artikolu 39m

Stħarriġ ġudizzjarju mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġuriżdizzjoni illimitata biex tagħmel stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet li permezz tagħhom l-Awtorità tkun imponiet multa jew pagament perjodiku ta' penali skont dan ir-Regolament jew atti oħra tal-Unjoni fejn applikabbli. Hija tista' tannulla, tnaqqas jew iżżid il-multa jew il-ħlas perjodiku ta' penali impost.

Artikolu 39n

Tariffi superviżorji

1. L-Awtorità għandha timponi tariffi fuq il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità għal kwalunkwe kost li l-Awtorità tkun se ġġarrab fit-twettiq tal-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament u l-atti rilevanti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2).

2. It-tariffi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikopru l-kostijiet amministrattivi li l-Awtorità tkun se ġġarrab fl-attivitajiet tagħha fir-rigward tar-reġistrazzjoni, l-awtorizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni, ir-rikonoxximent, l-eżekuzzjoni, is-superviżjoni, u f'attivitajiet oħra relatati mas-superviżjoni, b'mod partikolari l-konverġenza superviżorja u l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-għodod, inkluż il-kost deprezzat, għal dawk il-finijiet kif applikabbli għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità.

3. Meta l-Awtorità tkun talbet assistenza jew appoġġ fit-twettiq ta' kompiti superviżorji lil awtorità kompetenti f'konformità ma' dan ir-Regolament u ma' atti oħra tal-Unjoni, it-tariffi għandhom ikopru wkoll ir-rimborż ta' kwalunkwe kost li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jġarrbu fit-twettiq ta' dawk il-kompiti.

4. It-tariffi superviżorji għandhom ikunu proporzjonati għall-fatturat annwali tal-parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità kkonċernat.

5. B'deroga mill-paragrafu 4, il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità jistgħu jiġu eżentati mill-obbligu li jħallsu tariffa jew jistgħu jkunu soġġetti għal tariffa mnaqqsa, fissa, limitata jew temporanja, kif xieraq.

6. L-Awtorità għandha tipprovdi lil kull parteċipant fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità l-informazzjoni li tispjega kif ġiet ikkalkulata t-tariffa msemmija fil-paragrafu 1.

7. Fuq bażi annwali, l-Awtorità għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha rapport dwar it-trasparenza tat-tariffi li jistabbilixxi l-kategoriji ta' parteċipanti fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità u l-metodoloġija applikata għall-allokazzjoni tal-kost.

8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 75a billi tispeċifika aktar it-tip ta' tariffi, il-materji li għalihom huma dovuti t-tariffi, l-ammont tat-tariffi u l-mod kif għandhom jitħallsu.

9. Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji msemmija fl-Artikolu 4(1) kif speċifikat f'atti oħra tal-Unjoni.";

(28) l-Artikolu 40 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiddaħħal il-punt ba li ġej:

"(ba) ħames membri indipendenti tal-Bord Eżekuttiv;";

(b) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Kull waħda mill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun responsabbli għan-nomina ta' membru supplenti ta' livell għoli mill-awtorità tagħha, li jista' jissostitwixxi lill-membru tal-Bord tas-Superviżuri msemmi fil-paragrafu 1(b), meta dik il-persuna ma tkunx tista' tattendi.";

(29) l-Artikolu 41 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Il-Bord tas-Superviżuri fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba tal-President jista' jistabbilixxi kumitati interni għal kompiti speċifiċi attribwiti lilu. Il-Bord tas-Superviżuri jista' jipprevedi d-delega ta' ċerti kompiti u deċiżjonijiet definiti b'mod ċar lill-kumitati interni, lill-Bord Eżekuttiv, lid-Direttur Eżekuttiv jew lill-President.

Meta kumitat intern jiddiskuti materji fir-rigward ta' kontroparti ċentrali jew depożitorju ċentrali tat-titoli, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali rilevanti l-oħra tal-ħruġ tal-muniti tal-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jkunu membri mingħajr vot.";

(30) l-Artikolu 43 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jiggwida l-ħidma tal-Awtorità u għandu jkun inkarigat mit-teħid tad-deċiżjonijiet f'konformità mal-Artikoli 9a sa 16a ta' dan ir-Regolament. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta d-deċiżjonijiet kollha tal-Awtorità, inklużi dawk speċifikament attribwiti lilu fl-atti l-oħra tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Bord Eżekuttiv f'konformità mal-Artikolu 46a. Jekk applikabbli, il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta l-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, il-linji gwida u d-deċiżjonijiet tal-Awtorità, u joħroġ il-pariri msemmija fil-Kapitolu II, abbażi ta' proposta tal-kumitat intern rilevanti, tal-President, jew tal-Bord Eżekuttiv, kif applikabbli.";

(b) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta, qabel it-30 ta' Settembru ta' kull sena, abbażi ta' proposta mill-Bord Eżekuttiv, il-programm ta' ħidma tal-Awtorità għas-sena sussegwenti, u għandu jibagħtu għall-informazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.";

(c) il-paragrafu 5 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta, abbażi ta' proposta mill-Bord Eżekuttiv, ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Awtorità, inkluż dwar il-qadi tad-dmirijiet tal-President, u għandu jibgħat dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sal-15 ta' Ġunju ta' kull sena. Ir-rapport għandu jiġi ppubblikat.";

(31) l-Artikolu 44 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(1) it-tielet subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Il-President u l-ħames membri indipendenti tal-Bord Eżekuttiv ma għandhomx jivvutaw fuq id-deċiżjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu.";

(2) jitħassru r-raba' u l-ħames subparagrafi;

(3) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Fir-rigward tad-deċiżjonijiet speċifikati fl-Artikolu 44b(2), b'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Bord tas-Superviżuri għandu jiddeċiedi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri votanti tiegħu.";

(b) fil-paragrafu 4, jitħassar l-ewwel subparagrafu.

(32) it-titolu tat-Taqsima 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Bord Eżekuttiv"

(33) jiddaħħal l-Artikolu 44a li ġej:

"Artikolu 44a

Kompożizzjoni u ħatra tal-Bord Eżekuttiv

1. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun magħmul minn:

   (a) il-President tal-Awtorità

   (b) Ħames membri indipendenti u full-time

   Meta l-Bord Eżekuttiv iwettaq il-kompiti msemmija fl-Artikolu [46a(8)], rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jkollu d-dritt jipparteċipa fid-dibattiti u għandu jkollu aċċess għad-dokumenti relatati ma' dawk il-kompiti.

   Id-Direttur Eżekuttiv u l-Viċi President tal-Awtorità għandhom jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv mingħajr id-dritt tal-vot.

2. Meta jiġu ddeliberati d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1, il-punt l, fir-rigward ta' entità taħt superviżjoni diretta, il-membru tal-Bord tas-Superviżuri mill-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-entità rilevanti jista' jipparteċipa fid-deliberazzjonijiet matul il-laqgħat rilevanti tal-Bord Eżekuttiv.

   Meta jiġu diskussi materji superviżorji fir-rigward ta' kontroparti ċentrali jew depożitorju ċentrali tat-titoli, rappreżentant tal-BĊE għandu jkollu d-dritt li jattendi d-diskussjoni.

   L-osservaturi speċifikati fis-subparagrafi 1 u 2 ma għandhomx ikunu preżenti waqt il-votazzjoni wara tali deliberazzjonijiet.

   Il-Bord Eżekuttiv jista' jiddeċiedi li jdaħħal osservaturi oħra fid-deliberazzjonijiet.

3. Il-membri tal-Bord Eżekuttiv imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandhom jintgħażlu abbażi tal-mertu, il-ħiliet, l-għarfien, l-integrità, l-esperjenza rikonoxxuta fil-qasam tas-superviżjoni tas-swieq finanzjarji, u kwalifiki rilevanti oħra, wara proċedura tal-għażla miftuħa li għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni għandha tħejji lista mqassra ta' kandidati għall-pożizzjoni ta' membri tal-Bord Eżekuttiv imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b). Il-Parlament Ewropew jista' jorganizza seduti ta' smigħ tal-kandidati inklużi f'dik il-lista mqassra.

   Il-Bord tas-Superviżuri għandu jippreżenta proposta għad-deżinjazzjoni tal-membri tal-Bord Eżekuttiv imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), lill-Parlament Ewropew, abbażi tal-lista mqassra mħejjija mill-Kummissjoni. Wara l-approvazzjoni ta' dik il-proposta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex jaħtar dawk il-membri tal-Bord Eżekuttiv. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

4. Matul il-proċess tal-ħatra, għandhom jitqiesu l-prinċipji tal-bilanċ bejn il-ġeneri u dak ġeografiku sa fejn ikun possibbli. Il-membri tal-Bord Eżekuttiv għandhom jirrappreżentaw tipi differenti ta' esperjenzi superviżorji, inkluż fis-superviżjoni prudenzjali, u, sa fejn ikun possibbli, għandu jkollhom kollettivament fehim xieraq tas-setturi li fihom l-Awtorità teżerċita kompiti superviżorji diretti.

5. Il-mandat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jkun ta' 5 snin. Matul it-12-il xahar ta' qabel it-tmiem tal-mandat tagħhom ta' 5 snin, il-Bord tas-Superviżuri jew kumitat iżgħar magħżul minn fost il-membri

tal-Bord tas-Superviżuri, li jinkludi rappreżentant tal-Kummissjoni, għandu jwettaq valutazzjoni ta' dawk il-membri tal-Bord Eżekuttiv. Il-valutazzjoni għandha tqis evalwazzjoni tal-prestazzjoni ta' kull membru tal-Bord Eżekuttiv u l-kompiti u l-isfidi futuri tal-Awtorità. Abbażi tal-valutazzjoni, il-Bord tas-Superviżuri jista' jipproponi lill-Parlament Ewropew biex jestendi l-mandat tagħhom għal sentejn. Tali estensjoni tista' tingħata darba biss. Wara l-approvazzjoni tal-proposta tal-Bord mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex jestendi l-mandat tal-membru jew membri tal-Bord Eżekuttiv ikkonċernati.

6. L-ebda individwu ma jista' jservi għal aktar minn 7 snin fi rwol ta' President, Direttur Eżekuttiv, jew membru indipendenti tal-Bord Eżekuttiv. Il-kariga preċedenti fi rwol wieħed għandha tgħodd għal-limitu tal-mandat għal rwol ieħor irrispettivament mill-ordni tal-pożizzjonijiet okkupati.

(34) jiddaħħal l-Artikolu 44b li ġej:

Artikolu 44b

Teħid ta' deċizjonijiet

1. Id-deċiżjonijiet tal-Bord Eżekuttiv għandhom jiġu adottati b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu filwaqt li jsir sforz biex jintlaħaq kunsens. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. Meta l-voti jkunu ndaqs, il-President għandu jkollu l-vot deċiżiv.

2. Deċiżjoni f'konformità mal-Artikoli 17(3) u (6), 17aa, 17aaa, 18(3) u (4), 22(4), l-Artikolu 30(4) u (8), l-Artikolu 39h(a), (b), (f), (g), (i), l-Artikolu 39i, u l-Artikolu 65 u kwalunkwe deċiżjoni bbażata fuq leġiżlazzjoni settorjali li tirreferi għal dan il-paragrafu, għandha titqies li ġiet adottata ħlief jekk il-Bord tas-Superviżuri joġġezzjona f'perjodu li għandu jiġi ddefinit fir-regoli ta' proċedura iżda li ma jaqbiżx perjodu massimu ta' 10 ijiem ta' xogħol, sakemm ma jkunx debitament ġustifikat mill-kumplessità tad-deċiżjoni u maqbul miż-żewġ Bordijiet. F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, il-perjodu msemmi hawn fuq ma għandux ikun ta' aktar minn 48 siegħa.

3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jkollu d-dritt li jivvota dwar il-materji msemmija fl-Artikolu 63. F'każ li l-Kummissjoni tqajjem tħassib serju dwar proposta għal deċiżjoni ppreżentata lill-Bord Eżekuttiv dwar materji relatati mar-Regolament Qafas Finanzjarju u r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, il-Bord Eżekuttiv għandu jipposponi l-adozzjoni tad-deċiżjoni. Fi żmien 15-il jum, il-Bord Eżekuttiv għandu jirrieżaminaha u jadottaha, possibbilment emendata, fit-tieni qari b'maġġoranza ta' żewġ terzi, inkluż ir-rappreżentant tal-Kummissjoni fejn applikabbli. Il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta u jippubblika r-regoli ta' proċedura tiegħu.";

(35) jitħassru l-Artikolu 45 u l-Artikolu 45a;

(36) fl-Artikolu 45b, il-paragrafi 1, 2 u 3 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. Il-Bord Eżekuttiv jista' jistabbilixxi gruppi ta' koordinazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' awtorità kompetenti dwar suġġetti definiti li għalihom jista' jkun hemm bżonn ta' koordinazzjoni filwaqt li jitqiesu żviluppi speċifiċi tas-suq. Il-Bord Eżekuttiv għandu jistabbilixxi gruppi ta' koordinazzjoni dwar suġġetti definiti fuq talba ta' ħames membri tal-Bord tas-Superviżuri.

2. L-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha għandhom jipparteċipaw fil-gruppi ta' koordinazzjoni u għandhom jipprovdu, f'konformità mal-Artikolu 35, l-informazzjoni meħtieġa lill-gruppi ta' koordinazzjoni sabiex dawn ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti ta' koordinazzjoni tagħhom f'konformità mal-mandat tagħhom. Il-ħidma tal-gruppi ta' koordinazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti u kwalunkwe sejba identifikata mill-Awtorità.

3. Il-gruppi għandhom ikunu ppreseduti minn membru tal-Bord Eżekuttiv. Kull sena, il-membru rispettiv tal-Bord Eżekuttiv inkarigat mill-grupp ta' koordinazzjoni għandu jirrapporta lill-Bord tas-Superviżuri dwar l-elementi ewlenin tad-diskussjonijiet u s-sejbiet u, fejn rilevanti, jissuġġerixxi segwitu regolatorju jew reviżjoni bejn il-pari fil-qasam rispettiv. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Awtorità dwar kif ikunu qiesu l-ħidma tal-gruppi ta' koordinazzjoni fl-attivitajiet tagħhom.";

(37) jiddaħħal l-Artikolu 45c li ġej:

"Artikolu 45c

Kumitati interni

1. Il-Bord Eżekuttiv, fuq inizjattiva tiegħu stess, fuq talba tal-President jew fejn speċifikat f'atti oħra tal-Unjoni, jista' jistabbilixxi kumitati interni għal kompiti speċifiċi attribwiti lilu. Il-Bord Eżekuttiv jista' jipprevedi d-delega ta' ċerti kompiti u deċiżjonijiet definiti b'mod ċar lill-kumitati interni, lid-Direttur Eżekuttiv jew lill-President.

Meta kumitat intern jiddiskuti materji superviżorji fir-rigward ta' kontroparti ċentrali jew depożitorju ċentrali tat-titoli, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali rilevanti l-oħra tal-ħruġ tal-muniti tal-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jkunu membri mingħajr vot.";

(38) l-Artikolu 46 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 46

Indipendenza tal-Bord Eżekuttiv

1. Il-membri tal-Bord Eżekuttiv għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u oġġettiv fl-interess uniku tal-Unjoni kollha kemm hi u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet mill-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni, minn xi gvern jew minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor.

L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni u kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor ma għandhomx ifittxu li jinfluwenzaw lill-membri tal-Bord Eżekuttiv fit-twettiq tal-kompiti tagħhom.

2. Jekk membru tal-Bord Eżekuttiv imsemmi fl-Artikolu 40, il-paragrafu 1, il-punt (ba), ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-qadi ta' dmirijietu jew ikun instab ħati ta' mġiba ħażina serja, il-Kunsill jista', filwaqt li jaġixxi fuq inizjattiva tiegħu stess jew wara proposta mill-Parlament Ewropew, jadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex ineħħi lil dak il-membru tal-Bord Eżekuttiv mill-kariga. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

3. Matul perjodu ta' 18-il xahar wara li ma jibqgħux fil-kariga, l-eks membri tal-Bord Eżekuttiv, inkluż il-President tal-Awtorità, għandhom ikunu pprojbiti milli jinvolvu ruħhom f'attività okkupazzjonali bi qligħ ma':

(a) entità taħt superviżjoni diretta mill-Awtorità;

(b) kwalunkwe entità oħra, meta dan l-aġir iwassal jew jista' jwassal għal kunflitt mal-interessi leġittimi tal-Awtorità.

Fir-regoli tiegħu għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 46a(8), il-punt d), il-Bord Eżekuttiv għandu jispeċifika ċ-ċirkostanzi li fihom jeżisti jew jista' jiġi ppreċepit li jeżisti tali kunflitt ta' interess."

(39) Jiżdied l-Artikolu 46a:

"Artikolu 46a

Kompiti tal-Bord Eżekuttiv

1. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-ippjanar u l-eżekuzzjoni ġenerali tal-kompiti mogħtija lill-Awtorità f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Il-Bord Eżekuttiv jista' jeżamina, jagħti opinjoni u jagħmel proposta dwar il-materji kollha li għandhom jiġu deċiżi mill-Bord tas-Superviżuri.

3. Il-Bord Eżekuttiv jista' jitlob lill-Bord tas-Superviżuri għal opinjoni dwar il-materji superviżorji kollha. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fil-laqgħa tiegħu li jkun imiss wara t-talba jew kif miftiehem mal-Bord Eżekuttiv.

4. Il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta deċiżjonijiet f'konformità mal-Kapitolu IIa u jwettaq kompiti superviżorji fir-rigward ta' parteċipanti individwali fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-Awtorità skont dan ir-Regolament u atti oħra tal-Unjoni.

5. Il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta d-deċiżjonijiet skont l-Artikolu 9(5), l-Artikolu 17(3) u (6), l-Artikolu 17aa, l-Artikolu 17aaa, l-Artikolu 18(3) u (4), l-Artikolu 19, l-Artikolu 19a(1) u (4), l-Artikolu 22(4), u l-Artikolu 30. Barra minn hekk, il-Bord Eżekuttiv għandu jwettaq kompiti jew jieħu miżuri fir-rigward tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti individwali u tal-parteċipanti individwali fis-swieq finanzjarji li ma jkunux taħt is-superviżjoni tal-Awtorità, fejn speċifikat f'dan ir-Regolament jew f'atti oħra tal-Unjoni. .

B'deroga mill-ewwel subparagrafu fil-każijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/23, id-deċiżjonijiet ibbażati fuq l-Artikolu 19 għandhom jittieħdu mill-Bord tas-Superviżuri.

6. Il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta l-arranġamenti ta' ħidma f'konformità mal-Artikolu 8a(4).

7. Il-Bord Eżekuttiv għandu jippreżenta briefing kull sentejn lill-Bord tas-Superviżuri dwar materji superviżorji.

8. Barra minn hekk, il-Bord Eżekuttiv għandu jkollu l-kompiti li ġejjin:

(a) il-Bord Eżekuttiv għandu jipproponi programm ta' ħidma annwali u pluriennali, għall-adozzjoni mill-Bord tas-Superviżuri;

(b) il-Bord Eżekuttiv għandu jeżerċita s-setgħat baġitarji tiegħu f'konformità mal-Artikoli 63 u 64;

(c) il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta l-pjan ta' politika tal-Awtorità dwar il-persunal u, skont l-Artikolu 68(2), il-miżuri ta' implimentazzjoni meħtieġa tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn' il quddiem "ir-Regolamenti tal-Persunal");

(d) il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta regoli għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri tiegħu;

(e) il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta d-dispożizzjonijiet speċjali dwar id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-Awtorità, f'konformità mal-Artikolu 72;

(f) il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta u jippubblika r-regoli ta' proċedura tiegħu;

(g) il-Bord Eżekuttiv għandu jaħtar u jneħħi l-membri tal-Bord tal-Appell f'konformità mal-Artikolu 58(3) u (5), filwaqt li jqis kif xieraq proposta mill-Bord tas-Superviżuri.

9. Il-membri tal-Bord Eżekuttiv għandhom jippubblikaw il-laqgħat kollha organizzati u kwalunkwe ospitalità riċevuta. L-ispejjeż għandhom jiġu rreġistrati pubblikament f'konformità mar-Regolamenti dwar il-Persunal.";

(40) jitħassar l-Artikolu 47;

(41) l-Artikolu 48 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tielet u r-raba' subparagrafi huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"Il-President għandu jkun responsabbli biex jistabbilixxi l-aġenda tal-Bord Eżekuttiv, li għandha tiġi adottata mill-Bord Eżekuttiv, u għandu jippresjedi l-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv.

Il-President jista' jistieden lill-Bord Eżekuttiv jikkunsidra li jistabbilixxi grupp ta' koordinazzjoni f'konformità mal-Artikolu 45b."

(b) fil-paragrafu 2, it-tielet subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Il-Bord Eżekuttiv għandu jeleġġi wkoll, minn fost il-membri tiegħu, Viċi President li għandu jwettaq il-funzjonijiet tal-President fl-assenza tal-President."

(c) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-mandat tal-President għandu jkun ta' 5 snin u jista' jiġi estiż darba għal sentejn.";

(d) fil-paragrafu 4, l-aħħar sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta tal-Bord tas-Superviżuri u bl-assistenza tal-Kummissjoni, u filwaqt li jqis l-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, jista' jestendi l-mandat tal-President darba għal sentejn.";

(e) jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. L-ebda individwu ma jista' jservi aktar minn 7 snin li fihom kellu rwol ta' President, Direttur Eżekuttiv, jew membru indipendenti tal-Bord Eżekuttiv. Il-kariga preċedenti fi rwol wieħed għandha tgħodd għal-limitu ta' żmien għal rwol ieħor irrispettivament mill-ordni tal-pożizzjonijiet okkupati."

(42) L-Artikolu 51 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ta' 5 snin u jista' jiġi estiż darba għal sentejn.";

(b) fil-paragrafu 4, l-aħħar sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Il-Bord tas-Superviżuri, filwaqt li jqis l-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba għal sentejn.",

(c) jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. L-ebda individwu ma jista' jservi aktar minn 7 snin li fihom kellu rwol ta' President, Direttur Eżekuttiv, jew membru indipendenti tal-Bord Eżekuttiv. Il-kariga preċedenti fi rwol wieħed għandha tgħodd għal-limitu tal-mandat għal rwol ieħor irrispettivament mill-ordni tal-pożizzjonijiet okkupati.";

(43) fl-Artikolu 52, l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għar-rwoli rispettivi tal-Bord Eżekuttiv u tal-Bord tas-Superviżuri fir-rigward tal-kompiti tad-Direttur Eżekuttiv, id-Direttur Eżekuttiv la għandu jfittex u lanqas jieħu struzzjonijiet mill-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni, minn xi gvern ta' Stat Membru jew minn xi korp pubbliku jew privat ieħor.";

(44) fl-Artikolu 53, il-paragrafi 1 u 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun inkarigat mis-sorveljanza tal-operazzjonijiet ta' kuljum tal-Awtorità u jiżgura li l-objettivi u d-deċiżjonijiet tagħha jiġu implimentati kif xieraq. Huwa għandu jassisti lill-Bord Eżekuttiv u lill-Bord tas-Superviżuri fl-istabbiliment tad-direzzjoni strateġika għall-Awtorità. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jħejji x-xogħol tal-Bord Eżekuttiv dwar materji speċifikati fl-Artikolu 46a(7).

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tal-Awtorità taħt il-gwida tal-Bord tas-Superviżuri u taħt il-kontroll tal-Bord Eżekuttiv."

(45) fl-Artikolu 57, il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Kull sottokumitat għandu jkollu president. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'atti oħra tal-Unjoni, il-president għandu jkun wieħed mill-individwi msemmija fl-Artikolu 55(1) jew wieħed mir-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, li għandu jkun ukoll osservatur fil-Kumitat Konġunt.";

(46) l-Artikolu 58 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Żewġ membri tal-Bord tal-Appell u żewġ membri supplenti għandhom jinħatru mill-Bord Eżekuttiv tal-Awtorità minn lista mqassra proposta mill-Kummissjoni, wara sejħa pubblika għal espressjonijiet ta' interess ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u wara konsultazzjoni mal-Bord tas-Superviżuri.";

(b) il-paragrafu 5 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"5. Membru tal-Bord tal-Appell maħtur mill-Bord Eżekuttiv tal-Awtorità ma għandux jitneħħa matul il-mandat tiegħu, ħlief jekk ikun instab ħati ta' mġiba ħażina serja u l-Bord Eżekuttiv jieħu deċiżjoni għal dak l-għan wara li jkun ikkonsulta mal-Bord tas-Superviżuri."

(47) fl-Artikolu 59, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-membri tal-Bord tal-Appell għandhom ikunu indipendenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. Huma ma għandhom ikunu marbutin b'ebda istruzzjoni. Huma ma għandhom iwettqu l-ebda dmir ieħor fir-rigward tal-Awtorità, tal-Bord Eżekuttiv tagħha jew tal-Bord tas-Superviżuri tagħha.";

(48) fl-Artikolu 60, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, inklużi l-awtoritajiet kompetenti, tista' tappella kontra kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-Awtorità f'konformità ma' dan ir-Regolament jew ma' atti oħra tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) li tkun indirizzata lil dik il-persuna, jew kontra deċiżjoni li, għalkemm fil-forma ta' deċiżjoni indirizzata lil persuna oħra, tikkonċerna direttament u individwalment lil dik il-persuna.";

(49) fl-Artikolu 62, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (c) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(c) kwalunkwe tariffa mħallsa lill-Awtorità fil-każijiet speċifikati f'dan ir-Regolament u fl-istrumenti rilevanti tad-dritt tal-Unjoni;";

(b) jiżdied il-punt (f) li ġej:

"(f) finanzjament possibbli tal-Unjoni fil-forma ta' ftehimiet ta' kontribuzzjoni jew għotjiet *ad hoc* f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-Awtorità msemmija fl-Artikolu 65 u mad-dispożizzjonijiet tal-istrumenti rilevanti li jappoġġaw il-politiki tal-Unjoni.";

(50) l-Artikolu 63 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1, 2 u 3 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal abbozz provviżorju ta' dokument uniku ta' programmazzjoni tal-Awtorità għat-3 snin finanzjarji ta' wara li jistabbilixxi d-dħul u n-nefqa stmati, kif ukoll informazzjoni dwar il-persunal, mill-programmazzjoni annwali u pluriennali tagħha u għandu jgħaddih lill-Bord Eżekuttiv u lill-Bord tas-Superviżuri, flimkien mal-pjan ta' stabbiliment.

2. Il-Bord tas-Superviżuri għandu, abbażi tal-abbozz li jkun ġie approvat mill-Bord Eżekuttiv, jadotta l-abbozz tad-dokument uniku ta' programmazzjoni għat-3 snin finanzjarji ta' wara.

3. Id-dokument uniku ta' programmazzjoni għandu jintbagħat mill-Bord Eżekuttiv lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri sal-31 ta' Jannar.";

(b) il-paragrafu 7 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"7. Il-Bord Eżekuttiv għandu, mingħajr dewmien żejjed, jinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-intenzjoni tiegħu li jimplimenta kwalunkwe proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-finanzjament tal-baġit tiegħu, b'mod partikolari kwalunkwe proġett relatat mal-proprjetà, bħall-kiri jew ix-xiri ta' bini."

(51) fl-Artikolu 64, il-paragrafu 8 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"8. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat tweġiba lill-Qorti tal-Awdituri għall-osservazzjonijiet ta' din tal-aħħar sat-30 ta' Settembru u għandu jibgħat ukoll kopja ta' dik it-tweġiba lill-Bord tas-Superviżuri, lill-Bord Eżekuttiv u lill-Kummissjoni.";

(52) fl-Artikolu 65, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Awtorità għandhom jiġu adottati mill-Bord Eżekuttiv wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.";

(53) l-Artikolu 68 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea u r-regoli adottati b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni għall-fini tal-applikazzjoni tagħhom għandhom japplikaw għall-persunal tal-Awtorità, inkluż id-Direttur Eżekuttiv tagħha, il-President tagħha u l-membri tal-Bord Eżekuttiv.";

(b) il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Bord Eżekuttiv, bi qbil mal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni meħtieġa, f'konformità mal-arranġamenti previsti fl-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal.";

(c) il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta dispożizzjonijiet li jippermettu li esperti nazzjonali mill-Istati Membri jiġu ssekondati lill-Awtorità.";

(54) fl-Artikolu 70, il-paragrafu 2a huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2a. Il-Bord Eżekuttiv u l-Bord tas-Superviżuri għandhom jiżguraw li l-individwi li jipprovdu kwalunkwe servizz, direttament jew indirettament, b'mod permanenti jew okkażjonali, relatat mal-kompiti tal-Awtorità, inklużi uffiċjali u persuni oħra awtorizzati mill-Bord Eżekuttiv u mill-Bord tas-Superviżuri jew maħtura mill-awtoritajiet kompetenti għal dak l-għan, ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali ekwivalenti għal dawk fil-paragrafi 1 u 2.

L-istess rekwiżiti għas-segretezza professjonali għandhom japplikaw ukoll għall-osservaturi li jattendu l-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv, u tal-Bord tas-Superviżuri u li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Awtorità.";

(55) fl-Artikolu 72, il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta miżuri prattiċi għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.";

(56) fl-Artikolu 73, il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Bord Eżekuttiv għandu jiddeċiedi dwar l-arranġamenti lingwistiċi interni għall-Awtorità.";

(57) fl-Artikolu 74, l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-arranġamenti meħtieġa dwar l-akkomodazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-Awtorità fl-Istat Membru fejn tkun tinsab is-sede tagħha u l-faċilitajiet li għandhom ikunu magħmula disponibbli minn dak l-Istat Membru, kif ukoll ir-regoli speċifiċi applikabbli f'dak l-Istat Membru għall-persunal tal-Awtorità u għall-membri tal-familji tagħhom, għandhom jiġu stabbiliti fi Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali bejn l-Awtorità u dak l-Istat Membru li huma jkunu kkonkludew wara li tkun inkisbet l-approvazzjoni tal-Bord Eżekuttiv."

(58) Jiddaħħal il-Kapitolu VIIa li ġej:

“KAPITOLU VIIa

ATTI DELEGATI

Artikolu 75a

Eżerċizzju ta’ delega

1. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemmija fl-Artikoli 39e u 39n ta’ dan ir-Regolament għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv bażiku].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija f’dan ir-Regolament tista’ tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f’data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta’ kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti ddeżinjati minn kull Stat Membru f’konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta’ April 2016 dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b’xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”;

(59) l-Artikolu 81 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“1. “Sa [PO jekk jogħġbok daħħal id-data: 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ], u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-esperjenza miksuba bħala riżultat tal-operat tal-Awtorità u tal-proċeduri u l-kompiti stabbiliti f’dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jevalwa, fost affarijiet oħra:

(a) il-livell ta’ akkontabbiltà u trasparenza tal-Awtorità inkluż dwar l-użu tar-riżorsi tagħha;

(b) l-effettività u l-konverġenza fil-prattiki superviżorji;

(c) l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet fil-qasam tas-superviżjoni diretta inkluż jekk ikunx xieraq li l-Awtorità tiġi fdata b’aktar responsabbiltajiet superviżorji;

(d) il-mudell ta’ governanza;

(e) jekk ir-riżorsi tal-Awtorità biex twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha humiex adegwati;

(f) il-funzjonament tal-Kumitat Konġunt;

(g) l-applikazzjoni tal-klawsola ta' salvagwardja stabbilita fl-Artikolu 38;

(h) ir-rwol tal-Awtorità fir-rigward tar-riskju sistemiku;

(i) jekk huwiex xieraq li tiġi ssimplifikata u msaħħa l-arkitettura tas-SESF sabiex tiżdied il-koerenza bejn il-livelli makro u mikro u bejn l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE).

Ir-rapport u kwalunkwe proposta li takkumpanjah, kif xieraq, għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.";

(b) jitħassru l-paragrafi 2 sa 3.

Artikolu 2

Emendi tar-Regolament (UE) Nru 648/2012

Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-punti (1a) u (1b) li ġejjin:

"(1a) "CCP sinifikanti' tfisser kontroparti ċentrali awtorizzata skont l-Artikolu 14 li tikkwalifika bħala sinifikanti skont l-Artikolu 22a(1);

(1b) "CCP inqas sinifikanti" tfisser kontroparti ċentrali awtorizzata skont l-Artikolu 14 li ma hijiex CCP sinifikanti;";

(b) il-punt (13) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(13) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità kompetenti msemmija fil-leġiżlazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu, il-punt (8), l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 10(5), l-awtorità kompetenti nazzjonali jew, l-awtorità kompetenti tas-CCP;";

(c) jiddaħħlu l-punti (13a), (13b) u (13c) li ġejjin:

"(13a) "awtorità kompetenti tas-CCP" tfisser l-awtorità kompetenti nazzjonali għal CCPs inqas sinifikanti jew l-ESMA għal CCPs sinifikanti;

(13b) "awtorità nazzjonali kompetenti" tfisser l-awtorità nazzjonali tal-Istat Membru li fih CCP tkun stabbilita, iddeżinjata skont l-Artikolu 22(1);

(13c) "awtorità rilevanti" tfisser kwalunkwe awtorità msemmija fl-Artikolu 22d;";

(d) il-punt (31) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(31) "entità ta' bonds koperti" tfisser l-emittent ta' bonds koperti jew l-aggregazzjoni ta' kopertura ta' bond kopert;",

(e) jiżdied il-punt (32) li ġej:

"(32) "bażi tad-data ċentrali" tfisser il-bażi tad-data ċentrali stabbilita mill-ESMA skont l-Artikolu 17c.";

(f) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

Għall-finijiet tal-Artikolu 5(1), l-Artikolu 6(1) il-punt (f), l-Artikolu 14(4), l-Artikolu 17(3a), l-Artikolu 17(3b), it-tielet subparagrafu, (4) u (5), l-Artikolu 21(3), l-ewwel subparagrafu, (4) it-tielet subparagrafu, (4a) u (5), l-Artikolu 27(3), l-Artikolu 28(1), (4) u (5), l-Artikolu 29(1) u (3), l-Artikolu 30(1) sa (5), l-Artikolu 31(1) sa (8), l-Artikolu 32(1) ħlief għall-aħħar żewġ referenzi fit-tielet subparagrafu, l-Artikolu 32(2) sa (6), l-Artikolu 32(7) ħlief għat-tieni sal-aħħar referenza, l-Artikolu 35(1), (2)

u (3), l-Artikolu 37(1a) u (2), l-Artikolu 38(1), (3) u (5), l-Artikolu 41(2), l-Artikolu 45a(1) u (2), l-Artikolu 48(3), l-Artikolu 49(1), (1d) u (1g), it-terminu "awtorità kompetenti" għandu jinqara bħala "awtorità kompetenti tas-CCP".";

(2) l-Artikolu 6a huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, qabel it-talba msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-BERS u lill-awtoritajiet kompetenti tas-CCP.";

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-membri tal-ikklerjar u l-awtoritajiet kompetenti tas-CCP jistgħu jitolbu li l-ESMA tippreżenta talba għal sospensjoni tal-obbligu tal-ikklerjar lill-Kummissjoni.";

(c) fil-paragrafu 8, it-tielet subparagrafu, it-tieni sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-BERS u lill-awtoritajiet kompetenti tas-CCP.";

(3) fl-Artikolu 6b(1), l-ewwel subparagrafu, il-parti introduttorja hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Meta CCP tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31], l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP iddeżinjata skont l-Artikolu 3(1) ta' dak ir-Regolament jew l-awtorità kompetenti tas-CCP tista', fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni ta' membru tal-ikklerjar tas-CCP taħt riżoluzzjoni, titlob li l-Kummissjoni tissospendi l-obbligu tal-ikklerjar imsemmi fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament għall-klassijiet speċifiċi ta' derivattivi OTC jew għal tip speċifiku ta' kontroparti meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:";

(4) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"1. CCP li tkun ġiet awtorizzata biex tikklerja kuntratti tad-derivattivi OTC għandha taċċetta li tikklerja tali kuntratti fuq bażi nondiskriminatorja u trasparenti, inkluż fir-rigward ta' rekwiżiti ta' kollateral, u tariffi għall-konnettività inizjali u għall-aċċess irrispettivament miċ-ċentru tan-negozjar li fih tiġi eżegwita tranżazzjoni.";

(b) il-paragrafi minn 2 sa 6 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"2. Ċentru tan-negozjar li jfittex li jaċċessa s-servizz ta' CCP relatat mal-ikklerjar ta' kuntratti tad-derivattivi OTC għandu jissottometti t-talba tiegħu lis-CCP. It-talba għandha tispeċifika l-kuntratti tad-derivattivi OTC li għalihom ikun qed jintalab l-

[31] Ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 806/2014 u (UE) 2015/2365 u d-Direttivi 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2007/36/KE, 2014/59/UE u (UE) 2017/1132 (ĠU L 22, 22.1.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/23/oj)."

ikklerjar. Iċ-ċentru tan-negozjar għandu jinforma lill-ESMA, lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-awtorità kompetenti taċ-ċentru tan-negozjar dwar din it-talba.

3. Is-CCP għandha tipprovdi tweġiba bil-miktub li tippermetti jew tiċħad l-aċċess liċ-ċentru tan-negozjar fi żmien 3 xhur mill-wasla tat-talba msemmija fil-paragrafu 2.

4. Is-CCP tista' tiċħad talba għal aċċess biss meta tali aċċess ikun jaffettwa l-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq jew jikkawża riskju sistemiku, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tar-riskju soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 7.

Is-CCP ma għandhiex tiċħad talba minħabba telf possibbli ta' dħul fir-rigward tagħha stess jew ta' entità oħra li tappartjeni għall-istess grupp.

Meta s-CCP tonqos milli tipprovdi tweġiba bil-miktub liċ-ċentru tan-negozjar fil-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 3, l-ESMA tista' tinnotifika lis-CCP u titlob informazzjoni addizzjonali mis-CCP.

Meta ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li l-kundizzjonijiet għaċ-ċaħda tat-talba kif imsemmija fil-paragrafu 7 huma ssodisfati, l-ESMA tista' toħroġ deċiżjoni li tirrikjedi lil dik is-CCP tagħti aċċess għas-servizzi tagħha fi żmien xahar min-notifika ta' dik id-deċiżjoni.

Meta s-CCP tiċħad l-aċċess liċ-ċentru tan-negozjar, it-tweġiba bil-miktub għandha tipprovdi spjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għall-aċċess miċħud, abbażi tal-valutazzjoni komprensiva tar-riskju msemmija fl-ewwel subparagrafu. Is-CCP għandha immedjatament wara li tipprovdi t-tweġiba bil-miktub liċ-ċentru tan-negozjar, u bil-miktub, tinforma lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 2 b'dik id-deċiżjoni.

5. Meta s-CCP tkun ċaħdet l-aċċess, iċ-ċentru tan-negozjar jista' jissottometti lment lill-ESMA.

L-ESMA għandha tivvaluta r-raġunijiet għall-aċċess miċħud u, fi żmien xahar mid-data tal-ilment, tipprovdi liċ-ċentru tan-negozjar bi tweġiba motivata. L-ESMA tista' tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 2. Meta l-ESMA tikkonkludi li r-rifjut tas-CCP li tagħti aċċess ma jkunx ġustifikat, meta ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li l-kundizzjonijiet għaċ-ċaħda tat-talba kif imsemmi fil-paragrafu 7 huma ssodisfati, l-ESMA għandha toħroġ deċiżjoni li tirrikjedi lis-CCP tagħti aċċess għas-servizzi tagħha fi żmien xahar min-notifika ta' dik id-deċiżjoni.

6. CCP li tagħti aċċess liċ-ċentru tan-negozjar għandha tiżgura li tali aċċess ikun kompletament operattiv fi żmien 3 xhur mid-data tat-tweġiba pożittiva għat-talba għal aċċess.";

(c) jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:

"7. Il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 rigward it-trattament nondiskriminatorju f'termini ta' kif il-kuntratti nnegozjati f'dak iċ-ċentru tan-negozjar jiġu ttrattati f'termini ta' rekwiżiti ta' kollateral u netting ta' kuntratti ekonomikament ekwivalenti u marġinazzjoni inkroċjata ma' kuntratti korrelatati kklerjati mill-istess CCP, u r-riskji speċifiċi li għandhom jitqiesu mis-CCPs meta jwettqu valutazzjoni tar-riskju komprensiva kif imsemmi fil-paragrafu 4, għandhom jiġu speċifikati aktar mill-atti delegati adottati skont l-Artikolu 36(6) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

Meta jwettqu valutazzjoni komprensiva tar-riskju kif imsemmi fil-paragrafi 4 u 5, is-CCP u l-ESMA, rispettivament, għandhom iqisu l-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti mill-atti delegati adottati skont l-Artikolu 36(4) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.";

(5) l-Artikolu 8 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

Artikolu 8

Aċċess għal ċentru tan-negozjar

"1. Ċentru tan-negozjar għandu, fuq talba, jipprovdi feeds dwar in-negozjar fuq bażi nondiskriminatorja u trasparenti lil kwalunkwe CCP li tkun ġiet awtorizzata tikklerja kuntratti tad-derivattivi OTC innegozjati f'dak iċ-ċentru tan-negozjar, inkluż fir-rigward tat-tariffi għall-konnettività inizjali u għall-aċċess.";

2. CCP li jkollha l-ħsieb li taċċessa s-servizz ta' ċentru tan-negozjar relatat mal-kuntratti tad-derivattivi OTC għandha tippreżenta formalment it-talba tagħha liċ-ċentru tan-negozjar. Is-CCP għandha tinforma lill-ESMA, lill-awtoritajiet kompetenti taċ-ċentru tan-negozjar u lill-awtorità kompetenti tas-CCP dwar dik it-talba.

3. Iċ-ċentru tan-negozjar għandu jipprovdi tweġiba bil-miktub lis-CCP fi żmien 3 xhur minn meta jirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 2, li tippermetti jew tiċħad l-aċċess.

4. Iċ-ċentru tan-negozjar jista' jiċħad talba għall-aċċess biss meta tali aċċess jaffettwa l-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq jew jikkawża riskju sistemiku, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tar-riskju soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 7.

Iċ-ċentru tan-negozjar ma għandux jiċħad talba minħabba telf possibbli ta' dħul fir-rigward tiegħu stess jew ta' entità oħra li tappartjeni għall-istess grupp.

Iċ-ċentru tan-negozjar ma għandux jirrestrinġi l-aċċess għal feeds speċifiċi dwar in-negozjar għar-raġuni li l-kontropartijiet għal tranżazzjoni speċifika ma jkunux għażlu l-istess CCP, meta s-CCPs tal-għażla tagħhom ikunu diġà daħlu f'arranġament tal-interoperabbiltà skont l-Artikolu 51.

Meta ċ-ċentru tan-negozjar jonqos milli jipprovdi tweġiba bil-miktub lis-CCP fit-terminu msemmi fil-paragrafu 3, l-ESMA tista' tinnotifika liċ-ċentru tan-negozjar u titlob informazzjoni addizzjonali.

Meta ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li l-kundizzjonijiet għaċ-ċaħda tat-talba kif imsemmija fil-paragrafu 7 huma ssodisfati, l-ESMA tista' toħroġ deċiżjoni li tirrikjedi lil dak iċ-ċentru tan-negozjar jagħti aċċess għas-servizzi tiegħu fi żmien xahar min-notifika tad-deċiżjoni.

Meta ċ-ċentru tan-negozjar jiċħad l-aċċess, it-tweġiba bil-miktub għandha tipprovdi spjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għall-aċċess miċħud, abbażi tal-valutazzjoni komprensiva tar-riskju msemmija fl-ewwel subparagrafu. Iċ-ċentru tan-negozjar għandu immedjatament wara li jipprovdi t-tweġiba bil-miktub lis-CCP, u bil-miktub, jinforma lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 2 b'dik id-deċiżjoni.

5. Meta ċ-ċentru tan-negozjar ikun ċaħad l-aċċess, is-CCP tista' tissottometti lment lill-ESMA.

L-ESMA għandha tivvaluta r-raġunijiet għall-aċċess miċħud u, fi żmien xahar mid-data tal-ilment, tipprovdi lis-CCP bi tweġiba motivata. L-ESMA tista' tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 2 meta tħejji t-tweġiba tagħha. Meta l-ESMA tikkonkludi li r-rifjut taċ-ċentru tan-negozjar li jagħti aċċess ma jkunx ġustifikat, meta ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li l-kundizzjonijiet għaċ-ċaħda tat-talba kif imsemmi fil-paragrafu 7 huma ssodisfati, l-ESMA għandha toħroġ deċiżjoni li tirrikjedi liċ-ċentru tan-negozjar jagħti aċċess għall-feeds dwar in-negozjar tiegħu fi żmien xahar mid-data tan-notifika ta' dik id-deċiżjoni.

6. Ċentru tan-negozjar li jagħti aċċess lis-CCP għandu jiżgura li l-aċċess ikun kompletament operattiv fi żmien 3 xhur minn meta jirċievi t-tweġiba pożittiva għat-talba għal aċċess.

7. Meta jwettqu valutazzjoni komprensiva tar-riskju kif imsemmi fil-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu, iċ-ċentru tan-negozjar u l-ESMA, rispettivament, għandhom iqisu l-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti mill-atti delegati adottati skont l-Artikolu 36(6) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.";

(6) fl-Artikolu 12, jiddaħħal il-paragrafu 1b li ġej:

"1b. L-ESMA għandu jkollha s-setgħa li timponi multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali applikabbli għal CCPs sinifikanti li jkunu kisru r-regoli skont dan it-Titolu f'konformità mal-Kapitolu IIa tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiżgura li dawk ir-regoli jiġu implimentati. Barra minn hekk, l-ESMA għandha timponi multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali fuq is-CCPs sinifikanti soġġetti għall-obbligu ta' rapportar skont l-Artikolu 9 meta d-dettalji rrapportati jkun fihom ripetutament żbalji sistematiċi evidenti.";

(7) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni tkun beħsiebha tipprovdi servizzi tal-ikklerjar bħala CCP, hija għandha tapplika għal awtorizzazzjoni mal-awtorità kompetenti tas-CCP, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17.";

(8) l-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22a(6), is-CCP applikanti għandha tissottometti applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 14(1) jew applikazzjoni għal estensjoni ta' awtorizzazzjoni eżistenti kif imsemmi fl-Artikolu 15(1).";

(b) fil-paragrafu 3c, it-tielet subparagrafu, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Meta l-awtorità kompetenti tas-CCP ma tikkonformax jew ma jkollhiex l-intenzjoni li tikkonforma ma' opinjoni tal-ESMA jew ma' kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni inkluża fiha, il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lill-Bord tas-Superviżuri.";

(9) l-Artikolu 17b huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti ta' CCP għandha tippreżenta talba għal opinjoni:

(a) mill-ESMA, skont l-Artikolu 23a(2), meta l-awtorità kompetenti tas-CCP jkollha l-ħsieb li tadotta deċiżjoni, rapport jew miżura oħra fir-rigward tal-Artikoli 7, 8, 20, 21, 29 sa 33, 35, 36, 37 u 41;

(b) mill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, skont l-Artikolu 19, meta l-awtorità kompetenti tas-CCP jkollha l-ħsieb li tadotta deċiżjoni, rapport jew miżura oħra fir-rigward tal-Artikoli 20, 21, 30, 31, 32, 35, 37, 41, 49 u 51.";

(b) fil-paragrafu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-ESMA tista', fir-rigward tal-Artikoli 7, 8, 29 sa 33, 35, 36 u 41, tadotta opinjoni f'konformità mal-Artikolu 23a u l-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (bc), dwar dak l-abbozz ta' deċiżjoni, rapport jew miżura oħra meta tali opinjoni tkun meħtieġa għall-promozzjoni tal-applikazzjoni konsistenti u koerenti ta' artikolu rilevanti; u";

(c) fil-paragrafu 4, it-tielet subparagrafu, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għall-fini tal-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), ta' dan l-Artikolu, meta l-awtorità kompetenti tas-CCP ma tikkonformax jew ma jkollhiex l-intenzjoni li tikkonforma mal-opinjoni tal-ESMA jew ma' kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni inkluża fiha, il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lill-Bord tas-Superviżuri.";

(10) l-Artikolu 17c huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ESMA għandha tistabbilixxi u żżomm bażi tad-data ċentrali f'konformità mal-Artikolu 35c tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. B'mod separat għal kull CCP, l-awtorità kompetenti tas-CCP, l-awtoritajiet rilevanti tas-CCP u l-ESMA kif ukoll il-membri tal-kulleġġ tas-CCP msemmi fl-Artikolu 18, fejn meħtieġ skont artikolu rilevanti ("riċevituri rreġistrati"), għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni u d-dokumenti kollha msemmija fil-paragrafu 2 irreġistrati fil-bażi tad-data ċentrali għal dik is-CCP fejn rilevanti jew meħtieġ għat-twettiq ta' dmirijiethom. CCP għandu jkollha aċċess għall-bażi tad-data ċentrali fir-rigward tal-informazzjoni u d-dokumenti li tkun issottomettiet lil dik il-bażi tad-data ċentrali jew tad-dokumenti trażmessi lilha permezz ta' dik il-bażi tad-data ċentrali minn kwalunkwe wieħed mir-riċevituri rreġistrati. Riċevituri oħra għandhom ukoll jissottomettu u jkollhom aċċess għal ċerti dokumenti jew informazzjoni speċifiċi, fejn speċifikat skont dan ir-Regolament, li jkunu rreġistrati fil-bażi tad-data ċentrali. L-ESMA għandha tiżgura li l-bażi tad-data ċentrali twettaq il-funzjonijiet skont dan l-Artikolu. L-ESMA għandha tagħmel disponibbli l-informazzjoni kondiviża permezz tal-bażi tad-data ċentrali skont dan ir-Regolament lil kwalunkwe awtorità rilevanti għall-fini tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u r-Regolament (UE) [.../... dwar il-finalità tas-saldu], fejn rilevanti jew meħtieġ għat-twettiq ta' dmirijietha.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Is-CCPs u r-riċevituri rreġistrati għandhom itellgħu fil-bażi tad-data ċentrali, f'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumenti kollha, inklużi l-applikazzjonijiet, id-deċiżjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, l-informazzjoni, it-talbiet, il-mistoqsijiet, it-tweġibiet u n-notifiki, imsemmija f'dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

Konferma tar-riċevuta għandha tintbagħat permezz tal-bażi tad-data ċentrali fi żmien jumejn tax-xogħol mis-sottomissjoni tal-informazzjoni jew tad-dokumenti.

L-ESMA għandha tiżgura li l-bażi tad-data tippermetti data rreġistrata tad-DLT, inkluż il-qari tad-data on-chain u l-aċċess għal tali data.";

(c) jitħassru l-paragrafi 3, 4, 5 u 7;

(11) l-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22a(6), fi żmien 30 jum kalendarju mis-sottomissjoni tan-notifika msemmija fl-Artikolu 17(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), jew qabel tmiem il-perjodu ta' adattament kif imsemmi fl-Artikolu 22a(7), l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tistabbilixxi kulleġġ biex tiffaċilita l-eżerċizzju tal-kompiti msemmija fl-Artikoli 15, 17, 17a, 20, 21, 30, 31, 32, 35, 37, 41, 49 u 51. Dak il-kulleġġ għandu jkun ippresedut u ġestit mill-ESMA (il-'president')."

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-ESMA";

(c) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Il-President għandu jiddeċiedi d-dati tal-laqgħat tal-kulleġġ u jistabbilixxi l-aġenda ta' tali laqgħat.";

(d) fil-paragrafu 5, it-tielet subparagrafu, titħassar l-aħħar sentenza;

(12) fl-Artikolu 20, il-paragrafi 3 u 4 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"3. Qabel ma l-awtorità kompetenti tas-CCP tieħu deċiżjoni li tirtira l-awtorizzazzjoni kollha tas-CCP jew parti minnha, inkluż għal servizz jew attività tal-ikklerjar waħda jew aktar fi klassi waħda jew aktar ta' derivattivi, titoli, strumenti finanzjarji oħra jew strumenti mhux finanzjarji skont il-paragrafu 1, hija għandha tieħu wieħed mill-passi li ġejjin:

(a) għal CCP inqas sinifikanti, hija għandha, f'konformità mal-Artikolu 17b, titlob l-opinjoni tal-ESMA u tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 dwar il-ħtieġa li tirtira l-awtorizzazzjoni kollha tas-CCP jew parti minnha;

(b) għal CCP sinifikanti, hija għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet rilevanti ta' dik is-CCP dwar il-ħtieġa li tirtira l-awtorizzazzjoni kollha tas-CCP jew parti minnha.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika meta tkun meħtieġa deċiżjoni urġenti.

4. Għal CCPs inqas sinifikanti, l-ESMA, jew kwalunkwe membru tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, u għal CCPs sinifikanti, kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet rilevanti, tista', fi kwalunkwe ħin, titlob li l-awtorità kompetenti tas-CCP teżamina jekk is-CCP baqgħetx konformi mal-kundizzjonijiet li skonthom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni.";

(13) fl-Artikolu 21(1), il-parti introduttorja hija ssostitwita b'dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tagħmel mill-inqas dan kollu li ġej fir-rigward ta' CCP:";

(14) l-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"**Awtoritajiet kompetenti ddeżinjati mill-Istati Membri**";

(b) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Kull Stat Membru għandu jiddeżinja awtorità kompetenti nazzjonali waħda jew diversi awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex iwettqu l-kompiti u d-dmirijiet stabbiliti skont dan ir-Regolament għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' CCPs inqas sinifikanti stabbiliti jew li għandhom jiġu stabbiliti fit-territorju tiegħu u l-funzjonijiet ta' appoġġ u assistenza msemmija fl-Artikolu 23(3). Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-ESMA b'dan.
Meta Stat Membru jaħtar aktar minn awtorità kompetenti nazzjonali waħda f'konformità mal-ewwel subparagrafu, huwa għandu jiddetermina r-rwoli rispettivi u għandu jaħtar awtorità unika li tkun responsabbli għall-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni mal-Kummissjoni, mal-ESMA, mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra, mal-EBA u mal-membri rilevanti tas-SEBĊ, fejn imsemmi speċifikament f'dan ir-Regolament.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22a(1), Stat Membru jista' jaħtar lill-ESMA bħala l-awtorità kompetenti għal CCP waħda jew għal diversi CCPs inqas sinifikanti stabbiliti fit-territorju tiegħu. Meta jeżerċita din l-opzjoni, l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, lill-ESMA u lill-awtorità nazzjonali kompetenti b'dan permezz tal-bażi tad-data ċentrali.";

(d) il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-awtorità nazzjonali kompetenti jkollha s-setgħat superviżorji u investigattivi meħtieġa biex teżerċita l-funzjonijiet tagħha.";

(e) il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4. L-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha lista tal-awtoritajiet kompetenti tas-CCP għal kull CCP, iddeżinjata f'konformità ma' dan l-Artikolu jew identifikati f'konformità mal-Artikolu 22a(1).";

(15) jiddaħħlu l-Artikoli 22a sa 22e li ġejjin:

"Artikolu 22a

Awtorità kompetenti ta' CCPs sinifikanti

1. L-ESMA għandha tkun l-awtorità kompetenti tas-CCP ta' CCPs sinifikanti u twettaq il-kompiti u l-obbligi superviżorji stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tagħhom.

2. CCP għandha titqies sinifikanti meta tissodisfa mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-interess miftuħ medju ta' tranżazzjonijiet ta' titoli, inklużi tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, derivattivi nnegozjati fil-borża jew strumenti mhux finanzjarji kklerjati mis-CCP fuq perjodu ta' sena qabel il-valutazzjoni jkun aktar minn EUR 100 biljun;

(b) il-medja tan-nozzjonali gross pendenti tat-tranżazzjonijiet tad-derivattivi OTC ikklerjati mis-CCP fuq perjodu ta' sena qabel il-valutazzjoni tkun aktar minn EUR 500 biljun;

(c) ir-rekwiżit tal-marġni inizjali aggregat medju u l-kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza għal kontijiet miżmuma mill-membri tal-ikklerjar tas-CCP, ikkalkulati fuq bażi netta fil-livell tal-kont tal-membru tal-ikklerjar, fuq perjodu ta' sena qabel il-valutazzjoni, ikun aktar minn EUR 25 biljun;

(d) tkun tappartjeni għall-istess grupp bħal wieħed jew waħda minn dawn li ġejjin:

(i) CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14 jew CCP tal-Grad 2;

(ii) CSD jew ċentru tan-negozjar li għalih l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti.

(e) l-Istat Membru fejn tkun stabbilita s-CCP jkun ħatar lill-ESMA bħala l-awtorità kompetenti tas-CCP f'konformità mal-paragrafu 1a tal-Artikolu 22, meta din id-deżinjazzjoni tapplika għal dik is-CCP.

L-ESMA għandha tiddetermina jekk CCP tissodisfax il-kundizzjonijiet biex tikkwalifika bħala sinifikanti f'konformità ma' dan l-Artikolu.

3. L-ESMA għandha tivvaluta, mill-inqas kull 12-il xahar, jekk kwalunkwe CCP awtorizzata tissodisfax mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2.

4. Meta l-ESMA tkun iddeterminat li CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament tissodisfa mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dik is-CCP għandha tikkwalifika bħala CCP sinifikanti. Meta s-CCP ma tkunx għadha taħt superviżjoni mill-ESMA, l-ESMA tista' tistabbilixxi perjodu ta' adattament potenzjali li ma għandux jaqbeż is-6 xhur, li warajh is-CCP għandha tibda tiġi ssorveljata mill-ESMA.

5. L-ESMA għandha tinnotifika lis-CCP kkonċernata, lill-awtorità nazzjonali kompetenti tagħha, lill-awtoritajiet rilevanti, lill-BĊE, meta CCP tikklerja strumenti finanzjarji u mhux finanzjarji denominati f'euro, u lill-banek ċentrali tal-ħruġ tal-muniti l-oħra l-aktar rilevanti tal-Unjoni, meta CCP tikklerja strumenti finanzjarji u mhux finanzjarji denominati f'munita għajr l-euro, bl-eżitu tad-determinazzjoni u bi kwalunkwe perjodu ta' adattament imsemmi fil-paragrafu 4 fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data ta' dik id-determinazzjoni.

6. Qabel ma persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni tapplika għal awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 17, hija għandha titlob lill-ESMA permezz tal-bażi tad-data ċentrali tiddetermina jekk tissodisfax xi waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

L-ESMA tista' titlob aktar informazzjoni mingħand dik il-persuna ġuridika għal dak l-għan. Il-persuna ġuridika għandha tipprovdi l-informazzjoni mitluba sal-iskadenza stabbilita mill-ESMA. L-ESMA għandha tiddetermina jekk tali persuna ġuridika tissodisfax xi waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta tirċievi l-informazzjoni rilevanti kollha.

Meta l-ESMA tkun iddeterminat li l-persuna ġuridika tissodisfa mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dik il-persuna ġuridika għandha tikkwalifika bħala sinifikanti u għandha tiġi ssorveljata mill-ESMA, li għandha tkun responsabbli għall-awtorizzazzjoni ta' din l-entità f'konformità mal-Artikolu 17.

Meta l-ESMA tkun iddeterminat li l-persuna ġuridika ma tissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, din għandha tikkwalifika bħala inqas sinifikanti u għandha tiġi ssorveljata mill-awtoritajiet

nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru, kif imsemmi fl-Artikolu 22(1), fejn tkun stabbilita l-persuna ġuridika. Dawk l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom ikunu responsabbli għall-awtorizzazzjoni tas-CCP f'konformità mal-Artikolu 17. L-ESMA għandha tinforma, permezz tal-bażi tad-data ċentrali, lill-persuna ġuridika, lill-awtorità kompetenti nazzjonali tal-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-persuna ġuridika u lill-BĊE fejn l-entità legali jkollha l-ħsieb li tikklerja strumenti finanzjarji u mhux finanzjarji denominati f'euro, jew lill-banek ċentrali tal-ħruġ tal-muniti l-aktar rilevanti tal-Unjoni, għajr l-euro, tal-istrumenti finanzjarji u mhux finanzjarji li l-persuna ġuridika jkollha l-ħsieb li tikklerja, bl-eżitu tad-determinazzjoni tagħha fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data ta' dik id-determinazzjoni.

7. Meta l-ESMA tiddetermina li CCP li qabel kienet determinata bħala sinifikanti ma tkun issodisfat l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 għall-aħħar 36 xahar, hija għandha tiddetermina li s-CCP ma għandhiex tibqa' tikkwalifika bħala CCP sinifikanti. L-ESMA għandha tinnotifika minnufih lis-CCP kkonċernata, lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħha, lill-BĊE, meta CCP tikklerja strumenti finanzjarji u mhux finanzjarji denominati f'euro, u lill-banek ċentrali tal-ħruġ tal-muniti l-aktar rilevanti l-oħra tal-Unjoni, meta CCP tikklerja strumenti finanzjarji u mhux finanzjarji denominati f'munita oħra għajr l-euro, b'dik id-determinazzjoni. Dik id-determinazzjoni għandha tidħol fis-seħħ wara perjodu ta' adattament li għandu jiġi ddeterminat mill-ESMA, u li ma għandux jaqbeż l-24 xahar. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tistabbilixxi kulleġġ skont l-Artikolu 18 qabel tmiem il-perjodu ta' adattament.

8. L-ESMA għandha, mingħajr dewmien żejjed, tistabbilixxi u tippubblika fuq is-sit web tagħha l-lista ta' CCPs sinifikanti u żżommha aġġornata.

9. L-ESMA għandha timponi tariffi fuq CCPs sinifikanti għat-twettiq tal-kompiti u d-dmirijiet superviżorji tagħha stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' CCPs sinifikanti u f'konformità mal-att delegat adottat skont il-paragrafu 10.

10. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 82 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika t-tariffi msemmija fil-paragrafu 9, billi tistabbilixxi:

(a) it-tipi ta' tariffi;

(b) il-materji li għalihom huma dovuti t-tariffi;

(c) il-metodu tal-kalkolu tat-tariffi; u

(d) l-mod li bih għandhom jitħallsu t-tariffi.

Artikolu 22b

Dispożizzjonijiet speċifiċi għal CCPs sinifikanti

1. B'deroga mill-Artikolu 18, l-ebda kulleġġ ma għandu jiġi stabbilit għal CCPs sinifikanti. Meta jkun ġie stabbilit kulleġġ skont l-Artikolu 18 għal CCP li ssir sinifikanti, dan il-kulleġġ għandu jiġi xolt sa mhux aktar tard minn sena wara li s-CCP tkun ikkwalifikat bħala CCP sinifikanti.

Fir-rigward ta' CCP sinifikanti, il-proċeduri msemmija fl-Artikoli 7e, 15a, 17, 17a, 17c, 20, 21, 24, 30, 31, 32, 35, 37, 41 u 49 għandhom japplikaw mingħajr ma jiġi inkluż il-kulleġġ.

2. B'deroga mill-Artikoli 6a, 6b, 17, 17a, 17c, 20, 21, 24, 28, 29, 31, 32, 35, 38, 41, 48, 49 u 49a, kwalunkwe rekwiżit għal CCP jew awtorità kompetenti ta' CCP biex tinteraġixxi mal-ESMA jew biex l-ESMA tinteraġixxi ma' CCP jew ma' awtorità kompetenti ta' CCP imsemmija f'dawk l-Artikoli ma għandux japplika fir-rigward ta' CCPs sinifikanti.

3. L-Artikolu 17b ma għandux japplika fir-rigward ta' CCPs sinifikanti.

Artikolu 22c

Setgħat tal-ESMA fuq CCPs sinifikanti skont dan ir-Regolament

1. L-ESMA għandha tkun responsabbli għat-twettiq ta' dmirijietha skont dan ir-Regolament għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' CCPs sinifikanti.

2. L-ESMA għandha tiżgura fuq bażi kontinwa l-konformità ta' CCPs sinifikanti mal-Artikoli 7, l-Artikolu 7e, l-Artikolu 8, l-Artikoli 14 sa 17c, l-Artikolu 20, l-Artikolu 21, u l-Artikolu 24 u mat-Titoli IV u V.

3. L-ESMA għandha tingħata s-setgħat meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha fuq CCPs sinifikanti skont dan ir-Regolament u skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-ESMA għandha tuża dawn is-setgħat, fuq CCPs sinifikanti u fejn speċifikat skont dan ir-Regolament, fuq partijiet relatati, inkluż biex:

(a) tissorvelja l-konformità tas-CCPs sinifikanti mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(b) tadotta deċiżjonijiet u twettaq valutazzjonijiet superviżorji u tieħu miżuri fir-rigward tal-Artikoli 7, l-Artikolu 7e, l-Artikolu 8, l-Artikoli 14 sa 17c, l-Artikolu 20, l-Artikolu 21, l-Artikolu 24 u t-Titoli IV u V;

(c) titlob lis-CCPs sinifikanti, u lill-partijiet terzi relatati li lilhom dawk is-CCPs ikunu esternalizzaw funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali, biex jipprovdu, fit-terminu previst fit-talba, l-informazzjoni jew id-data rilevanti kollha sabiex l-ESMA tkun tista' timmonitorja l-forniment ta' servizzi u attivitajiet tal-ikklerjar ta' dawk is-CCPs u twettaq il-kompiti u d-dmirijiet tal-ESMA skont dan ir-Regolament. Ir-riċevitur ta' tali talba għandu jipprovdi lill-ESMA bl-informazzjoni kollha mitluba mill-ESMA fit-terminu pprovdut. It-talba għall-informazzjoni tista' tkun ta' natura perjodika jew ta' darba;

(d) tirrikjedi li l-awdituri ta' CCPs sinifikanti jipprovdu informazzjoni jew data;

(e) tadotta deċiżjoni li timponi multi, meta CCP sinifikanti tkun wettqet, intenzjonalment jew b'negliġenza, wieħed mill-każijiet ta' ksur elenkati fl-Anness V. Tali multi għandhom ikunu sad-doppju tal-ammont tal-profitti miksuba jew tat-telf evitat minħabba l-ksur meta dan ikun jista' jiġi ddeterminat, jew sa 10 % tal-fatturat annwali totali, ta' persuna ġuridika fis-sena kontabilistika preċedenti u jistgħu jqisu fatturi aggravanti jew ta' mitigazzjoni f'konformità mal-koeffiċjenti rilevanti stabbiliti fl-Anness IV;

(f) tadotta deċiżjoni li tirrikjedi li CCP sinifikanti ttemm ksur elenkat fl-Anness V.

4. Barra minn hekk, għall-fini tat-twettiq tal-kompiti tagħha rigward CCPs sinifikanti, l-ESMA għandu jkollha s-setgħat li tieħu l-miżuri temporanji stabbiliti fit-tieni subparagrafu fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-ESMA tkun kisbet evidenza li tissuġġerixxi li l-entità tikser, jew x'aktarx tikser ir-rekwiżiti li jirregolaw l-operazzjonijiet tagħha fit-3 xhur li ġejjin;

(b) l-ESMA jkollha evidenza li l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati mill-entità ma jiżgurawx l-immaniġġjar sod u l-kopertura tar-riskji tagħha.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-ESMA għandu jkollha, b'mod partikolari, is-setgħat li tieħu l-miżuri temporanji li ġejjin:

(a) tirrikjedi li l-arranġamenti, il-proċessi, il-mekkaniżmi u l-istrateġiji tal-entità jiġu aġġustati kif xieraq biex jiġu żgurati l-immaniġġjar sod u l-kopertura tar-riskji tagħha;

(b) tirrikjedi li s-CCP sinifikanti ssejjaħ laqgħa tal-azzjonisti tagħha jew, jekk is-CCP sinifikanti tonqos milli tikkonforma ma' dak ir-rekwiżit, issejjaħ il-laqgħa hi stess. Fiż-żewġ każijiet l-ESMA għandha tistabbilixxi l-aġenda, inklużi d-deċiżjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati għall-adozzjoni mill-azzjonisti;

(c) tirrikjedi li l-entitajiet jippreżentaw pjan biex jirrestawraw il-konformità mar-rekwiżiti superviżorji u jistabbilixxu skadenza għall-implimentazzjoni tiegħu, inkluż titjib fl-ambitu u fl-iskadenza ta' dak il-pjan;

(d) tirrestrinġi jew tillimita n-negozju, l-operazzjonijiet jew in-network tal-entità, jew titlob iċ-ċessjoni ta' attivitajiet li joħolqu riskji eċċessivi għas-solidità tagħha;

(e) tirrikjedi li s-CCP jimmitiga r-riskju relatat mal-ksur jew mal-ksur probabbli tar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament u r-riskji relatati inerenti fl-attivitajiet, fil-prodotti u fis-sistemi tal-entità;

(f) timponi rekwiżiti ta' rapportar addizzjonali jew aktar frekwenti;

(g) tirrikjedi divulgazzjoni addizzjonali;

(h) tirrikjedi s-sospensjoni tal-membri mill-korp maniġerjali ta' entitajiet li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti li jirregolaw l-operazzjonijiet tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Id-deċiżjonijiet tal-ESMA għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom huma bbażati.

5. L-ESMA għandha tirrifjuta jew sussegwentement tirtira l-ħatra tal-persuna jew tal-persuni msemmija fl-Artikolu 27 jekk ma tkunx sodisfatta li l-persuna tkun ta' reputazzjoni tajba biżżejjed, jew jekk ikun hemm raġunijiet oġġettivi u dimostrabbli biex wieħed jemmen li l-ħatra jew il-bidliet proposti jkunu ta' theddida għall-immaniġġjar sod u prudenti tal-entità, il-kunsiderazzjoni adegwata tal-interess tal-klijenti u l-integrità tas-suq.

6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 biex temenda l-lista ta' każijiet ta' ksur skont l-Anness V fejn meħtieġ biex jitqiesu l-emendi għar-rekwiżiti dwar is-CCPs skont dan ir-Regolament u b'mod partikolari kif stabbilit fl-Artikolu 7, l-Artikolu 9, l-Artikolu 16 t-Titoli IV u V jew fejn meħtieġ biex jiġi żgurat li l-każijiet ta' ksur skont l-Anness III jikkorrispondu għar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament u b'mod partikolari kif stabbilit fl-Artikolu 7, l-Artikolu 9, l-Artikolu 16 u t-Titoli IV u V.

Artikolu 22d

Awtoritajiet rilevanti għal CCPs sinifikanti

L-entitajiet li ġejjin għandhom ikunu involuti fl-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni mwettqa mill-awtorità kompetenti tas-CCP ta' CCP sinifikanti u jissejħu awtoritajiet rilevanti għal tali CCP:

(a) l-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun stabbilita s-CCP sinifikanti;

(b) l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-membri tal-ikklerjar, tas-CCP sinifikanti, li huma stabbiliti fit-tliet Stati Membri bl-akbar kontribuzzjonijiet għall-fond tal-inadempjenza msemmi fl-Artikolu 42 ta' dan ir-Regolament fuq bażi aggregata fuq perjodu ta' sena, inkluż, fejn rilevanti, il-BĊE fil-qafas tal-kompiti li jikkonċernaw is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fi ħdan il-mekkaniżmu superviżorju uniku kkonferit lilu f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013;

(c) l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni taċ-ċentri tan-negozjar servuti mis-CCP sinifikanti;

(d) l-awtoritajiet kompetenti li jagħmlu superviżjoni tad-depożitorji ċentrali tat-titoli li magħhom tkun marbuta s-CCP sinifikanti;

(e) il-BĊE meta s-CCP sinifikanti tikklerja jew ikollha l-ħsieb li tikklerja strumenti finanzjarji u mhux finanzjarji denominati f'euro;

(f) il-banek ċentrali tal-ħruġ tal-muniti l-aktar rilevanti tal-Unjoni għajr l-euro, tal-istrumenti finanzjarji u mhux finanzjarji kklerjati jew li għandhom jiġu kklerjati mis-CCP sinifikanti.

Artikolu 22e

Konsultazzjoni mal-banek ċentrali tal-ħruġ rigward CCPs sinifikanti

1. Fir-rigward tal-valutazzjonijiet superviżorji mwettqa fir-rigward tal-Artikoli 41, 44, 46, 49, 50, 54 u d-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu skonthom fir-rigward ta' CCPs sinifikanti, il-Bord Eżekuttiv għandu jikkonsulta lill-banek ċentrali tal-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 22d, il-punti (e) u (f), qabel ma jiffinalizza l-valutazzjoni tiegħu. Kull bank ċentrali tal-ħruġ jista' jwieġeb. Meta l-bank ċentrali tal-ħruġ jiddeċiedi li jwieġeb, dan għandu jagħmel hekk fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi l-abbozz ta' deċiżjoni. F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, dak il-perjodu ma għandux jaqbeż l-24 siegħa. Meta bank ċentrali tal-ħruġ jipproponi emendi jew joġġezzjona għal valutazzjonijiet relatati ma' deċiżjonijiet jew abbozzi tagħhom skont l-Artikoli 41, 44, 46, 49, 50 u 54, dan għandu jipprovdi r-raġunijiet kollha u fid-dettall, bil-miktub. Mal-konklużjoni tal-perjodu għall-konsultazzjoni, il-Bord Eżekuttiv għandu debitament jikkunsidra t-tweġiba u kwalunkwe emenda proposta mill-banek ċentrali tal-ħruġ u jipprovdi l-valutazzjoni tiegħu lill-bank ċentrali tal-ħruġ.

2. Meta l-Bord Eżekuttiv ma jirriflettix l-emendi proposti minn bank ċentrali tal-ħruġ fid-deċiżjoni tiegħu, il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lil dak il-bank ċentrali tal-ħruġ bil-miktub filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet kollha tiegħu għaliex ma qiesx l-emendi proposti minn dak il-bank ċentrali tal-ħruġ, filwaqt li jipprovdi spjegazzjoni għal kwalunkwe devjazzjoni minn dawk l-emendi.";

(16) fl-Artikolu 23, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Għal kull CCP sinifikanti, l-ESMA u l-awtoritajiet rilevanti għandhom jistabbilixxu arranġamenti ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 8a tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, inkluż fir-rigward tas-superviżjoni diretta tas-CCP mill-ESMA. Tali arranġamenti għandhom jirriflettu d-distribuzzjoni tal-kompetenzi u r-responsabbiltajiet skont dan ir-Regolament u jfasslu modalitajiet prattiċi ta' kooperazzjoni bil-ħsieb li l-ESMA teżerċita l-kompetenzi u r-responsabbiltajiet tagħha fir-rigward ta' CCPs sinifikanti. B'mod partikolari, tali arranġamenti jistgħu jkopru l-appoġġ u l-assistenza mill-awtoritajiet rilevanti, kif rilevanti, fir-rigward ta' dawn kollha li ġejjin:

(a) it-twettiq ta' kompiti superviżorji fuq CCP sinifikanti, inklużi investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post;

(b) it-tħejjija ta' deċiżjonijiet, rapporti jew miżuri oħra skont dan ir-Regolament fir-rigward tas-CCP sinifikanti, inkluż fejn speċifikat skont l-Artikoli 14, 15, 17, 17a, 20, 21, 24, 30, 31, 32, 35, 37, 41, 49, 49a u 51;

(c) kwalunkwe kompitu superviżorju biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja u jiġu mmonitorjati r-reżiljenza operazzjonali u l-imġiba fis-suq tas-CCP sinifikanti, inkluż l-ittestjar tal-istress;

(d) l-indirizzar ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza fir-rigward tas-CCP sinifikanti.";

(17) l-Artikolu 23a huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Kooperazzjoni superviżorja bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-ESMA fir-rigward ta' CCPs inqas sinifikanti**";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu l-abbozzi ta' deċiżjonijiet, rapporti jew miżuri oħra tagħhom lill-ESMA għall-opinjoni tagħha qabel ma jadottaw kwalunkwe att jew miżura skont l-Artikoli 7, 8 u 14, l-Artikolu 15(1), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 21, l-Artikoli 29 sa 33 u l-Artikoli 35, 36, 37, 41 u, ħlief meta tkun meħtieġa deċiżjoni urġenti, l-Artikolu 20.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissottomettu wkoll abbozzi ta' deċiżjonijiet lill-ESMA għall-opinjoni tagħha qabel ma jadottaw kwalunkwe att ieħor jew miżura oħra f'konformità mad-dmirijiet tagħhom taħt l-Artikolu 22(1). Kwalunkwe opinjoni, deċiżjoni, input, validazzjoni jew miżura oħra mill-ESMA għandha tittieħed f'konformità mal-Artikolu 46a tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(18) l-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Kwalunkwe awtorità msemmija f'dan ir-Regolament li ssir taf bi kwalunkwe sitwazzjoni ta' emerġenza relatata ma' CCP għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tas-CCP, lill-ESMA, lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18, lill-membri rilevanti tas-SEBĊ, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet rilevanti tas-CCPs sinifikanti mingħajr dewmien żejjed dwar is-sitwazzjoni ta' emerġenza, inkluż:";

(b) il-paragrafi minn 2 sa 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. F'sitwazzjoni ta' emerġenza, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta u aġġornata mingħajr dewmien żejjed sabiex il-membri tal-kulleġġ imsemmija fl-Artikolu 18 jew l-awtoritajiet rilevanti tas-CCPs sinifikanti, kif applikabbli, ikunu jistgħu janalizzaw

l-impatt ta' dik is-sitwazzjoni ta' emerġenza b'mod partikolari fuq il-membri tal-ikklerjar tagħhom u l-klijenti tagħhom. Il-membri tal-kulleġġ imsemmija fl-Artikolu 18 jew l-awtoritajiet rilevanti tas-CCPs sinifikanti, kif applikabbli, jistgħu jgħaddu l-informazzjoni lill-korpi pubbliċi responsabbli għall-istabbiltà finanzjarja tas-swieq tagħhom, soġġett għall-obbligu tas-segretezza professjonali stabbilit fl-Artikolu 83. L-obbligu tas-segretezza professjonali f'konformità mal-Artikolu 83 għandu japplika għal dawk il-korpi li jirċievu dik l-informazzjoni.

3. Fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza f'CCP waħda jew aktar li jkollha jew li x'aktarx ikollha effetti destabbilizzanti fuq is-swieq transfruntieri, il-Bord Eżekuttiv għandu jikkoordina l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ddeżinjati skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2021/23 u l-kulleġġi msemmija fl-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament jew l-awtoritajiet rilevanti tas-CCPs sinifikanti, kif applikabbli, biex jibnu rispons koordinat għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza relatati ma' CCP u jiżguraw kondiviżjoni effettiva tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti, il-kulleġġi msemmija fl-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni.

4. F'sitwazzjoni ta' emerġenza, ħlief meta awtorità ta' riżoluzzjoni tkun qed tieħu jew tkun ħadet azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' CCP skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/23, jistgħu jissejħu l-laqgħat *ad hoc* li ġejjin sabiex jiġu kkoordinati t-tweġibiet tal-awtoritajiet kompetenti:

(a) laqgħat *ad hoc* tal-Bord Eżekuttiv, imsejħa mill-President tiegħu fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' żewġ membri tal-Bord Eżekuttiv jew tal-Bord tas-Superviżuri;

(b) laqgħat *ad hoc* mal-awtoritajiet rilevanti għal CCPs sinifikanti, imsejħa mill-Bord Eżekuttiv.;"

(c) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (f) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(f) kwalunkwe membru tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 li ma jkunx diġà kopert mill-punti (a) sa (d) ta' dan il-paragrafu;"

(ii) jiżdied il-punt (g) li ġej:

"kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet rilevanti ta' CCPs sinifikanti, li ma tkunx diġà koperta mill-punti (a) sa (e).";

(c) il-paragrafu 6 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"6. Meta tissejjaħ laqgħa *ad hoc* skont il-paragrafu 4, il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lill-EBA, lill-EIOPA, lill-BERS, lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u lill-Kummissjoni b'dan u għandhom ukoll jiġu mistiedna jipparteċipaw f'dik il-laqgħa fuq talba tagħhom.

Meta ssir laqgħa wara sitwazzjoni ta' emerġenza kif speċifikat fil-paragrafu 1, il-punt (c), il-Bord Eżekuttiv għandu jistieden lill-banek ċentrali tal-ħruġ rilevanti biex jipparteċipaw f'dik il-laqgħa.";

(d) il-paragrafu 8 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"8. L-ESMA tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 indirizzati lil awtorità kompetenti waħda jew aktar li

jirrakkomandawlhom jadottaw deċiżjonijiet superviżorji temporanji jew permanenti f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 u fit-Titoli IV u V ta' dan ir-Regolament biex jiġu evitati jew mitigati l-effetti negattivi sinifikanti fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. L-ESMA tista' toħroġ tali rakkomandazzjonijiet biss meta aktar minn CCP awtorizzata waħda f'konformità mal-Artikolu 14 tkun affettwata jew meta avvenimenti madwar l-Unjoni kollha jkunu qegħdin jiddestabbilizzaw is-swieq transfruntieri kklerjati.";

(19) fil-Kapitolu 3A, it-titolu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"**Kompiti superviżorji fir-rigward tas-CCPs**";

(20) l-Artikolu 24a huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"**Kompiti superviżorji fir-rigward tas-CCPs**";

(b) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ESMA f'konformità mal-Artikolu 46a tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 għandha tieħu kwalunkwe deċiżjoni u twettaq kwalunkwe kompitu fdat lilha skont dan ir-Regolament, u b'mod partikolari kif stabbilit fil-paragrafi 10 u 11 ta' dan l-Artikolu.";

(c) jitħassru l-paragrafi 2 sa 6;

(d) il-paragrafu 7 huwa emendat kif ġej:

(i) il-parti introduttorja hija ssostitwita b'dan li ġej;

"Fir-rigward tas-CCPs, l-ESMA għandha:";

(ii) jitħassru l-punti (a), (b), (ba);

(iii) il-punt (bc) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(bc) fir-rigward ta' CCPs inqas sinifikanti, tadotta opinjonijiet f'konformità mal-Artikoli 17 u 17b, twettaq validazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 49 u tadotta deċiżjonijiet f'konformità mal-Artikolu 49a u, fir-rigward ta' CCPs sinifikanti, tieħu kwalunkwe deċiżjoni jew miżura oħra f'konformità mal-Artikolu 22c;";

(iv) jitħassar il-punt (be);

(e) jitħassru l-paragrafi 8 u 9;

(f) il-paragrafi 10 u 11 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"10. Il-Bord Eżekuttiv għandu, fir-rigward ta' CCPs ta' pajjiżi terzi, jieħu deċiżjonijiet u jwettaq il-kompiti fdati lill-ESMA fl-Artikoli 25, 25a, 25b, 25f sa 25q u 85(6).

11. Il-Bord Eżekuttiv għandu, fir-rigward ta' CCPs ta' pajjiżi terzi, jikkondividi mal-kulleġġ tas-CCP ta' pajjiżi terzi msemmi fl-Artikolu 25c l-aġendi tal-laqgħat tiegħu qabel ma jsiru dawk il-laqgħat, il-minuti tal-laqgħat tiegħu, l-abbozzi sħaħ tad-deċiżjonijiet li jippjana li jadotta u d-deċiżjonijiet finali li jkun adotta";

(g) jitħassru l-paragrafi 12 u 13;

(21) fl-Artikolu 24b, il-paragrafi 2 u 3 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"2. Meta l-Bord Eżekuttiv ma jirriflettix fid-deċiżjoni tiegħu l-emendi proposti minn bank ċentrali tal-ħruġ, il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lil dak il-bank ċentrali tal-ħruġ bil-miktub filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet kollha tiegħu għaliex ma qiesx l-emendi proposti minn dak il-bank ċentrali tal-ħruġ, u jipprovdi spjegazzjoni għal kwalunkwe devjazzjoni minn dawk l-emendi.

3. Fir-rigward ta' deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu skont l-Artikoli 25(2c) u 85(6), il-Bord Eżekuttiv għandu jfittex il-qbil tal-banek ċentrali tal-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 25(3), il-punt (f), għall-materji relatati mal-muniti maħruġa minnhom. Għandu jitqies li kull bank ċentrali tal-ħruġ ikun qabel, ħlief jekk il-bank ċentrali tal-ħruġ jipproponi emendi jew joġġezzjona fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mit-trażmissjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni. Meta bank ċentrali tal-ħruġ jipproponi emendi jew joġġezzjona għal abbozz ta' deċiżjoni, dan għandu jipprovdi r-raġunijiet kollha u fid-dettall, bil-miktub. Meta bank ċentrali tal-ħruġ jipproponi emendi fir-rigward ta' materji relatati mal-munita maħruġa minnu, id-deċiżjoni għandha tiġi emendata fir-rigward ta' dawk il-materji. Meta bank ċentrali tal-ħruġ joġġezzjona fir-rigward ta' materji relatati mal-munita maħruġa minnu, dawk il-materji ma għandhomx jiġu inklużi fid-deċiżjoni.";

(22) jitħassar l-Artikolu 24c;

(23) l-Artikolu 24d huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 24d

Teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan il-Bord Eżekuttiv fir-rigward ta' CCPs ta' pajjiżi terzi

Meta l-Bord Eżekuttiv jieħu deċiżjonijiet jew miżuri oħra skont l-Artikoli 25(2), 25(2a), 25(2b), 25(2c), 25(5), 25p, 85(6), 89(3b) u, għal CCPs tal-Grad 2, anke f'konformità mal-Artikoli 25a, 25b, 25f sa 25o, 25q, 41, 44, 46, 50 u 54, il-Bord Eżekuttiv għandu jieħu tali deċiżjonijiet u miżuri fi żmien 10 ijiem tax-xogħol.

Meta l-Bord Eżekuttiv jieħu deċiżjonijiet jew jieħu miżuri oħra skont l-Artikoli għajr dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu, inkluż l-Artikolu 22c, huwa għandu jieħu tali deċiżjonijiet u miżuri fi żmien 3 ijiem tax-xogħol.";

(24) jitħassar l-Artikolu 24e;

(25) l-Artikolu 25c huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-President tal-Bord Eżekuttiv, li għandu jippresjedi l-kulleġġ";

(b) fil-paragrafu 2, jitħassar il-punt (b);

(c) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej;

"3. Il-membri tal-kulleġġ jistgħu jitolbu li l-Bord Eżekuttiv jiddiskuti materji speċifiċi fir-rigward ta' CCP stabbilita f'pajjiż terz. Talba bħal din għandha ssir bil-miktub u għandha tinkludi motivazzjoni dettaljata għat-talba. Il-Bord Eżekuttiv għandu jqis kif xieraq tali talbiet u jipprovdi tweġiba xierqa.";

(26) l-Artikolu 54 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1, 2 u 3 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. Arranġament tal-interoperabbiltà, jew kwalunkwe bidla materjali f'arranġament tal-interoperabbiltà approvat skont it-Titolu V għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-ESMA.

2. L-ESMA għandha tagħti l-approvazzjoni tal-arranġament tal-interoperabilità biss meta s-CCPs involuti jkunu ġew awtorizzati jikklerjaw skont l-Artikolu 17 jew ikunu ġew rikonoxxuti skont l-Artikolu 25 jew awtorizzati skont sistema nazzjonali ta' awtorizzazzjoni li kienet teżisti minn qabel għal perjodu ta' mill-inqas 3 snin, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 52 ikunu ssodisfati u l-kundizzjonijiet tekniċi għall-ikklerjar ta' tranżazzjonijiet skont it-termini tal-arranġament jippermettu funzjonament mingħajr xkiel u ordnat tas-swieq finanzjarji u l-arranġament ma jxekkilx l-effettività tas-superviżjoni.

3. Meta l-ESMA tqis li r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2 ma jkunux issodisfati, hija għandha tipprovdi spjegazzjonijiet bil-miktub dwar il-kunsiderazzjonijiet tar-riskju tagħha lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra u lis-CCPs involuti.";

(b) jitħassar il-paragrafu 4;

(c) fil-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-ESMA, wara li tikkonsulta mal-membri tas-SEBĊ u l-BERS, għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar ir-rekwiżiti għas-CCPs biex jimmaniġġjaw b'mod adegwat ir-riskji li jirriżultaw mill-arranġamenti tal-interoperabbiltà. Għal dak l-għan, l-ESMA għandha tivvaluta jekk id-dispożizzjonijiet inklużi fihom humiex xierqa fil-każ ta' arranġamenti tal-interoperabbiltà li jkopru t-tipi kollha ta' prodotti jew kuntratti, inklużi kuntratti tad-derivattivi u strumenti mhux finanzjarji.";

(27) jitħassru l-Artikoli 60 sa 63;

(28) l-Artikolu 64 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 64

Miżuri superviżorji

Meta, fit-twettiq ta' dmirijietha skont dan ir-Regolament, l-ESMA ssib li hemm indikazzjonijiet serji tal-eżistenza possibbli ta' fatti li jistgħu jikkostitwixxu wieħed jew aktar mill-każijiet ta' ksur elenkati fl-Anness I, l-ESMA għandha tieħu azzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 39e tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(29) fl-Artikolu 65, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta l-ESMA ssib li repożitorju tat-tranżazzjonijiet ikun wettaq, intenzjonalment jew b'negliġenza, wieħed mill-każijiet ta' ksur elenkati fl-Anness I, din għandha tieħu azzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 39f tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 billi tadotta deċiżjoni li timponi multa f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(30) jitħassru l-Artikoli 66 sa 69;

(31) fl-Artikolu 72, il-paragrafi 1 u 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-ESMA għandha timponi tariffi fuq ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet f'konformità ma' dan ir-Regolament, mal-Artikolu 39n tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u f'konformità mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 3.

2. L-ammont ta’ kwalunkwe tariffa imposta fuq repożitorju tat-tranżazzjonijiet għandu jkun proporzjonat għall-fatturat tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet ikkonċernat u t-tip ta’ reġistrazzjoni u superviżjoni eżerċitati mill-ESMA.”;

(32) l-Artikolu 73 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 73

Miżuri superviżorji mill-ESMA

Meta l-ESMA ssib li repożitorju tat-tranżazzjonijiet ikun wettaq wieħed mill-każijiet ta’ ksur elenkati fl-Anness I, din għandha tieħu deċiżjoni jew diversi deċiżjonijiet minn dawk imsemmija fl-Artikolu 39h tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(33) fl-Artikolu 74(1), it-tieni sentenza hija ssostitwita b’dan li ġej:

“Tali kompiti superviżorji speċifiċi jistgħu, b’mod partikolari, jinkludu s-setgħa li jitwettqu talbiet għal informazzjoni u li jitwettqu investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post f’konformità mal-Artikoli 39b sa 39d tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(34) l-Artikolu 82 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

“2a. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemmija fl-Artikolu 22a(10) u fl-Artikolu 22c(6) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ żmien indeterminat minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju].”;

(b) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“3. Id-delega ta’ setgħa msemmija fl-Artikolu 1(6), l-Artikolu 3(5), l-Artikolu 4(3a), l-Artikolu 7a(7), l-Artikolu 11(3a), l-Artikolu 11(12a), l-Artikolu 22a(10), l-Artikolu 22c(6), l-Artikolu 25(2a), l-Artikolu 25(6a), l-Artikolu 25a(3), l-Artikolu 25d(3), l-Artikolu 25i(7), l-Artikolu 25o, l-Artikolu 70 l-Artikolu 72(3) tista’ tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f’data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.”;

(c) il-paragrafu 6 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 1(6), l-Artikolu 3(5), l-Artikolu 4(3a), l-Artikolu 7a(7), l-Artikolu 11(3a), l-Artikolu 11(12a), l-Artikolu 22a(10), l-Artikolu 22c(6), l-Artikolu 25(2a), l-Artikolu 25(6a), l-Artikolu 25a(3), l-Artikolu 25d(3), l-Artikolu 25i(7), l-Artikolu 25o, l-Artikolu 70 jew l-Artikolu 72(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw fi żmien 3 xhur min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi 3 xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”;

(35) fl-Artikolu 84, il-paragrafi 1 u 2 huma ssostitwiti b’dan li ġej:

“1. L-awtoritajiet kompetenti, l-ESMA, u awtoritajiet xierqa oħra għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jipprovdu lil xulxin bl-informazzjoni meħtieġa biex iwettqu dmirijiethom.

2. L-awtoritajiet kompetenti, l-ESMA, awtoritajiet oħra u korpi oħra jew persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirċievu informazzjoni kunfidenzjali fil-qadi ta' dmirijiethom skont dan ir-Regolament għandhom jużawha biss matul il-qadi ta' dmirijiethom.";

(36) fl-Artikolu 88(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) CCPs awtorizzati li joffru servizzi jew attivitajiet fl-Unjoni li huma stabbiliti fl-Unjoni, u s-servizzi jew l-attivitajiet li huma awtorizzati li jipprovdu jew iwettqu, inklużi l-klassijiet ta' strumenti finanzjarji jew strumenti mhux finanzjarji koperti mill-awtorizzazzjoni tagħhom;";

(37) fl-Artikolu 89, jiżdied il-paragrafu 14 li ġej:

"14. Wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi tal-Artikolu 24a, il-President tal-Kumitat Superviżorju tas-CCPs u l-membri indipendenti maħtura f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/2099 għandhom ikomplu jikkontribwixxu għall-ħidma tal-ESMA relatata mas-superviżjoni u r-regolamentazzjoni tas-CCPs sa tmiem il-mandat tagħhom jew sakemm jiddeċiedu li jirriżenjaw volontarjament, skont liema data tiġi l-ewwel.";

(38) jitħassar l-Artikolu 90;

(39) l-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(40) L-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 huwa sostitwit bl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Emendi tar-Regolament (UE) Nru 600/2014

Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdiedu l-punti (h) sa (j) li ġejjin:

"(h) l-awtorizzazzjoni, l-operat u s-superviżjoni taċ-ċentri tan-negozjar, inklużi ċentri tan-negozjar sinifikanti;

(i) l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-Operaturi tas-Suq Pan-Ewropew ("PEMO", Pan-European Market Operators);

(j) il-kontrolli tal-immaniġġjar tal-pożizzjonijiet u rapportar tal-pożizzjonijiet għaċ-ċentri tan-negozjar.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Dan ir-Regolament japplika għad-ditti ta' investiment, awtorizzati skont id-Direttiva 2014/65/UE u għall-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati skont id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* meta jipprovdu servizzi ta' investiment u/jew iwettqu attivitajiet ta' investiment, għall-operaturi tas-suq u għall-PEMOs, inkluż kwalunkwe ċentru tan-negozjar li joperaw.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. It-Titolu VI ta' dan ir-Regolament japplika wkoll għas-CSDs, is-CCPs, faċilitajiet tal-ikklerjar oħra u persuni bi drittijiet proprjetarji għall-punti referenzjarji.";

(d) il-paragrafu 5b huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"5b. Is-sistemi multilaterali kollha għandhom joperaw jew skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu Ia, il-Kapitolu 1, ta' dan ir-Regolament dwar is-swieq regolati jew f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Titolu Ia, il-Kapitolu 2, ta' dan ir-Regolament dwar l-MTFs jew l-OTFs.

---

* Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338. ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/36/oj).";

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (8a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(8a) "suq tat-tkabbir tal-SMEs" tfisser MTF li hija reġistrata bħala suq tat-tkabbir tal-SMEs f'konformità mal-Artikolu 2y;";

(ii) jiddaħħal il-punt (8b) li ġej:

"(8b) "intrapriżi żgħar u ta' daqs medju" jew "SME" tfisser kumpaniji li kellhom kapitalizzazzjoni tas-suq medja ta' inqas minn EUR 200 000 000 fuq il-bażi ta' kwotazzjonijiet ta' tmiem is-sena għat-3 snin kalendarji preċedenti;";

(iii) il-punt (10) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(10) "operatur tas-suq" tfisser persuna jew persuni li jimmaniġġjaw u/jew joperaw in-negozju ta' suq regolat;";

(iv) jiddaħħal il-punt (10a) li ġej:

"(10a) "operatur tas-suq pan-Ewropew" jew "PEMO" tfisser persuna jew persuni li jimmaniġġjaw u/jew joperaw aktar minn ċentru tan-negozjar wieħed f'aktar minn Stat Membru wieħed, u li huwa awtorizzat u jiffunzjona f'konformità mal-Kapitolu 3 tat-Titolu Ia ta' dan ir-Regolament;";

(v) il-punti (13) sa (16) huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"(13) "suq regolat" tfisser sistema multilaterali operata u/jew ġestita minn operatur tas-suq jew PEMO, li tiġbor flimkien jew tiffaċilita l-ġbir flimkien ta' interessi multipli ta' bejgħ u xiri minn partijiet terzi fl-istrumenti finanzjarji – fis-sistema u f'konformità mar-regoli mhux diskrezzjonali tagħha – b'mod li jirriżulta f'kuntratt, fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar skont ir-regoli u/jew is-sistemi tagħha;

(14) "faċilità multilaterali tan-negozjar" jew "MTF" (multilateral trading facility) tfisser sistema multilaterali, operata minn ditta ta' investiment jew operatur tas-suq jew PEMO, li tiġbor flimkien interessi multipli ta' xiri u bejgħ minn partijiet terzi fi strumenti finanzjarji — fis-sistema u f'konformità mar-regoli mhux diskrezzjonali tagħha — b'mod li jirriżulta f'kuntratt;

(15) “faċilità organizzata tan-negozjar” jew “OTF” (organised trading facility) tfisser sistema multilaterali li ma hijiex suq regolat jew MTF u li fiha interessi multipli ta’ xiri u bejgħ minn partijiet terzi f’bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti ta’ emissjonijiet jew derivattivi jistgħu jinteraġixxu fis-sistema b’mod li jirriżulta f’kuntratt;

(16) “ċentru tan-negozjar” tfisser suq regolat, MTF jew OTF;”;

(vi) jiddaħħlu l-punti (16b) sa (16d) li ġejjin:

“(16b) “ċentru tan-negozjar sinifikanti” tfisser ċentru tan-negozjar meqjus sinifikanti f’konformità mal-Artikolu 38fa;

(16c) “grupp” tfisser grupp kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (34), tad-Direttiva 2014/65/UE;

(16d) “aċċess elettroniku dirett” tfisser aċċess elettroniku dirett kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (41), tad-Direttiva 2014/65/UE;”;

(vii) il-punt (18) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(18) “awtorità kompetenti” tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) awtorità kompetenti kif definita fl-Artikolu 4(1), il-punt (26), tad-Direttiva 2014/65/UE;

(b) l-ESMA, fil-każijiet stabbiliti fl-Artikolu 38fa u fl-Artikoli 2q(1), 2r(1), u 2t(1);

(c) l-ESMA, għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-fornituri ta’ servizzi ta’ rapportar tad-data, bl-eċċezzjoni ta’ dawk il-mekkaniżmi ta’ rapportar approvati (ARMs, approved reporting mechanisms) u l-arranġamenti ta’ pubblikazzjoni approvati (APAs, approved publication arrangements) b’deroga f’konformità mal-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu;”;

(viii) jiddaħħal il-punt (18a) li ġej:

“(18a) “awtorità nazzjonali ta’ sorveljanza” tfisser l-awtorità ddeżinjata skont l-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Istat Membru fejn jinsab jew jopera ċentru tan-negozjar, u fejn l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 38fa;”;

(ix) il-punt (20) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(20) “fergħa” tfisser post tan-negozju għajr l-uffiċċju prinċipali li jkun parti minn ditta ta’ investiment jew suq regolat, li ma jkollu l-ebda personalità ġuridika u li jipprovdi s-servizzi jew l-attività li għalihom tkun ġiet awtorizzata d-ditta ta’ investiment jew is-suq regolat; il-postijiet kollha tan-negozju stabbiliti fl-istess Stat Membru minn ditta ta’ investiment jew suq regolat bil-kwartieri ġenerali fi Stat Membru ieħor għandhom jitqiesu bħala fergħa waħda;”;

(x) jiddaħħal il-punt (20a) li ġej:

"(20a) "parteċipazzjoni kwalifikanti" tfisser parteċipazzjoni diretta jew indiretta f'operatur tas-suq li tirrappreżenta 10 % jew aktar tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot, kif stabbilit fl-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet rigward l-aggregazzjoni tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 12(4) u (5) ta' dik id-Direttiva, jew li tagħmilha possibbli li tiġi eżerċitata influwenza sinifikanti fuq l-immaniġġjar tal-operatur tas-suq li fih teżisti dik il-parteċipazzjoni;";

(xi) il-punt (31) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(31) "CCP" tfisser CCP kif iddefinita fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;";

(xii) jiddaħħal il-punt (31a) li ġej:

"(31a) "depożitorju ċentrali tat-titoli" jew "CSD" tfisser depożitorju ċentrali tat-titoli kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 909/2014;";

(xiii) il-punt (36b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(36b) "data ewlenija tas-suq" tfisser:

(a) id-data kollha li ġejja dwar sehem jew ETF partikolari fi kwalunkwe kronogramma partikolari:

(i) għal reġistri tal-ordnijiet kontinwi, l-aħjar ħames talbiet u offerti bil-volum korrispondenti tagħhom;

(ii) għas-sistemi ta' negozjar bi rkant, il-prezz li bih l-algoritmu tan-negozjar ikun issodisfat l-aħjar u l-volum potenzjalment eżegwit b'dak il-prezz mill-parteċipanti f'dik is-sistema;

(iia) għall-internalizzaturi sistematiċi, l-aqwa ħames kwotazzjonijiet tat-talba u tal-offerta ppubblikati skont l-Artikolu 14 bil-volum korrispondenti tagħhom;

(iii) il-prezz tat-tranżazzjoni u l-volum eżegwit b'dak il-prezz;

(iiia) il-prezz tal-għeluq ponderat skont il-volum li jirriżulta mill-irkanti tal-għeluq kollha operati miċ-ċentri tan-negozjar li huma kontributuri tad-data;

(iv) għat-tranżazzjonijiet, it-tip ta' sistema ta' negozjar u l-eżenzjonijiet u d-differimenti applikabbli;

(v) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tas-suq li jidentifika b'mod uniku ċ-ċentru tan-negozjar u, għaċ-ċentri tal-eżekuzzjoni oħra, il-kodiċi ta'

identifikazzjoni li jidentifika t-tip ta' ċentru tal-eżekuzzjoni;

(vi) l-identifikatur tal-istrument standardizzat li japplika fiċ-ċentri tal-eżekuzzjoni kollha;

(vii) l-informazzjoni tal-kronogramma dwar dan li ġej, kif applikabbli:

(1) l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni u kwalunkwe emenda tagħha;

(2) id-dħul tal-aħjar ħames talbiet u offerti fir-reġistru tal-ordnijiet;

(3) l-indikazzjoni, f'sistema ta' negozjar bi rkant, tal-prezzijiet jew tal-volumi,

(4) il-pubblikazzjoni miċ-ċentri tan-negozjar tal-elementi elenkati fil-punti (1), (2) u (3);

(5) id-dħul tal-aqwa ħames kwotazzjonijiet tat-talba u tal-offerta mill-internalizzatur sistematiku;

(6) it-tixrid tad-data ewlenija tas-suq;

(b) id-data kollha li ġejja dwar bond jew derivattiv OTC partikolari fi kwalunkwe kronogramma partikolari:

(i) il-prezz tat-tranżazzjoni u l-kwantità jew id-daqs eżegwit b'dak il-prezz;

(ii) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tas-suq li jidentifika b'mod uniku ċ-ċentru tan-negozjar u, għaċ-ċentri tal-eżekuzzjoni oħra, il-kodiċi ta' identifikazzjoni li jidentifika t-tip ta' ċentru tal-eżekuzzjoni;

(iii) għall-bonds, l-identifikatur tal-istrument standardizzat li japplika għaċ-ċentri tal-eżekuzzjoni kollha;

(iv) għad-derivattivi OTC, id-data ta' referenza ta' identifikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 27(1), it-tieni subparagrafu;

(v) l-informazzjoni tal-kronogramma dwar dan li ġej:

(1) l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni u kwalunkwe emenda tagħha;

(2) il-pubblikazzjoni tat-tranżazzjoni miċ-ċentri tan-negozjar;

(3) it-tixrid tad-data ewlenija tas-suq;

(vi) it-tip ta' sistema ta' negozjar u l-eżenzjonijiet u d-differimenti applikabbli;";

(xiv) jiżdiedu l-punti (51) sa (54) li ġejjin:

"(51) "esternalizzazzjoni" tfisser arranġament ta' kwalunkwe forma bejn entità li hija ditta ta' investiment, operatur tas-suq jew PEMO li jopera ċentru tan-negozjar u fornitur tas-servizzi li permezz tiegħu dak il-fornitur tas-servizzi jwettaq proċess, servizz jew attività fir-rigward ta' dak iċ-ċentru tan-negozjar li kieku kienet titwettaq minn dik l-entità nnifisha;

(52) "negozjar matched principal" tfisser tranżazzjoni fejn il-faċilitatur jinterponi lilu nnifsu bejn ix-xerrej u l-bejjiegħ għat-tranżazzjoni b'tali mod li qatt ma jkun espost għar-riskju tas-suq waqt l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni, biż-żewġ naħat eżegwiti simultanjament, u fejn it-tranżazzjoni tiġi konkluża bi prezz fejn il-faċilitatur ma jagħmel l-ebda profitt jew telf, għajr kummissjoni, tariffa jew imposta ddivulgata qabel għat-tranżazzjoni;

(53) "negozjar algoritmiku" tfisser negozjar algoritmiku kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (39), tad-Direttiva 2014/65/UE;

(54) "negozjar algoritmiku bi frekwenza għolja" tfisser negozjar algoritmiku bi frekwenza għolja kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (40), tad-Direttiva 2014/65/UE.";

(b) jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. L-ESMA għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet biex tispeċifika l-metodoloġija għall-kalkolu tal-prezz tal-għeluq ponderat skont il-volum kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt 36b(a)(iiia), f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

---

* Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2004/109/oj).";

(3) jiddaħħal it-Titolu Ia li ġej:

"TITOLU Ia

ĊENTRI TAN-NEGOZJAR

KAPITOLU 1

Rekwiżiti għas-swieq regolati

Artikolu 2a

Awtorizzazzjoni ta' suq regolat u l-liġi applikabbli

1. Kwalunkwe sistema li taqa' taħt id-definizzjoni ta' suq regolat għandha tikseb awtorizzazzjoni qabel ma tibda l-attivitajiet tagħha mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun tinsab jew topera, jew mill-ESMA fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 38fa.

2. Suq regolat għandu jiġi awtorizzat mill-awtorità kompetenti meta:

(a) kemm l-operatur tas-suq kif ukoll is-suq regolat li l-operatur tas-suq ikun beħsiebu jopera jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu;

(b) l-operatur tas-suq ikun persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni.

3. L-operatur tas-suq għandu jwettaq kompiti relatati mal-organizzazzjoni u l-operat tas-suq regolat taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsab jew jiġi operat is-suq regolat, jew tal-ESMA fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 38fa, u, fejn espressament previst minn dan ir-Regolament, tal-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza. L-operatur tas-suq jista' jwettaq attivitajiet anċillari li jkunu marbuta mal-operat ta' suq regolat.

L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda rekwiżit addizzjonali fuq l-awtorizzazzjoni u l-operat tas-swieq regolati għajr dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.

4. L-operatur tas-suq għandu jkun responsabbli biex jiżgura li huwa u s-suq regolat li jopera jikkonformaw f'kull ħin mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

5. L-operatur tas-suq għandu jkun intitolat jeżerċita d-drittijiet li jikkorrispondu għas-suq regolat li jopera skont dan ir-Regolament.

6. Operatur tas-suq għandu, mingħajr dewmien żejjed, jinforma lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe bidla sostantiva li taffettwa l-konformità mal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

7. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jew tad-Direttiva 2014/57/UE, id-dritt pubbliku li jirregola n-negozjar imwettaq skont is-sistemi tas-suq regolat għandu jkun dak tal-Istat Membru fejn jinsab jew jopera s-suq regolat.

Artikolu 2b

Proċeduri għall-għoti u r-rifjut ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' swieq regolati

1. L-operatur tas-suq applikant għandu jissottometti applikazzjoni li tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tikkonferma li l-operatur tas-suq ikun implimenta, fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni inizjali tas-suq regolat, l-arranġamenti kollha meħtieġa biex jiżgura li kemm l-operatur tas-suq kif ukoll is-sistemi tas-suq regolat li l-operatur tas-suq ikun beħsiebu jopera jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu, inkluż programm ta' operazzjonijiet li jistabbilixxi, fost l-oħrajn, it-tipi ta' servizzi previsti u l-istruttura organizzazzjonali.

2. L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni hijiex kompluta fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta tirċievi l-applikazzjoni.

Meta l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tinforma bil-miktub lill-applikant dwar l-informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta u tistabbilixxi skadenza sa meta l-operatur tas-suq għandu jipprovdi informazzjoni addizzjonali.

Wara li tivvaluta li l-applikazzjoni hija kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-operatur tas-suq kif xieraq.

3. L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-konformità tal-operatur tas-suq u tas-sistemi tas-suq regolat li l-operatur tas-suq ikun beħsiebu jopera ma' dan il-Kapitolu fi żmien 6 xhur minn meta tirċievi applikazzjoni kompluta. Hija għandha tadotta deċiżjoni motivata li tagħti jew tirrifjuta l-awtorizzazzjoni u għandha tinnotifika lill-operatur tas-suq applikant kif xieraq fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mill-adozzjoni. Hija għandha tinnotifika wkoll lill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza.

Artikolu 2c

Irtirar tal-awtorizzazzjoni

1. L-awtorità kompetenti tista' tirtira l-awtorizzazzjoni maħruġa lil suq regolat meta dan:

(a) ma jużax l-awtorizzazzjoni fi żmien 12-il xahar, jirrinunzja espressament għall-awtorizzazzjoni jew ma jkunx opera fis-6 xhur preċedenti;

(b) ikun kiseb l-awtorizzazzjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz jew permezz ta' kwalunkwe mezz irregolari ieħor;

(c) ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni;

(d) ikun kiser serjament u sistematikament dan ir-Regolament.

2. Meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, hija għandha tinnotifika lill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza mingħajr dewmien żejjed, bid-deċiżjoni li tirtira l-awtorizzazzjoni ta' suq regolat.

Artikolu 2d

Rekwiżiti għall-korp maniġerjali ta' operatur tas-suq

1. Il-membri kollha tal-korp maniġerjali ta' operatur tas-suq għandhom dejjem ikunu ta' reputazzjoni tajba biżżejjed, u jkollhom biżżejjed għarfien, ħiliet u esperjenza biex iwettqu dmirijiethom. Il-kompożizzjoni ġenerali tal-korp maniġerjali għandha tirrifletti firxa adegwatament wiesgħa ta' esperjenza.

2. Il-membri tal-korp maniġerjali għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-membri kollha tal-korp maniġerjali għandhom jiddedikaw biżżejjed ħin biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom fl-operatur tas-suq. L-għadd ta' direttorati li membru tal-korp maniġerjali jista' jkollu, fi kwalunkwe entità legali, fl-istess waqt għandu jqis iċ-ċirkostanzi individwali u n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-operatur tas-suq.

Sakemm ma jkunux qed jirrappreżentaw l-Istat Membru li fih ikun stabbilit l-operatur tas-suq, il-membri tal-korp maniġerjali ta' operaturi tas-suq li jkunu sinifikanti f'dawk li huma d-daqs, l-organizzazzjoni interna u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom, ma għandux ikollhom karigi fl-istess ħin li jaqbżu aktar minn wieħed mill-kombinamenti li ġejjin:

(i) direttorat eżekuttiv wieħed ma' żewġ direttorati mhux eżekuttivi;

(ii) erba' direttorati mhux eżekuttivi.

Direttorati eżekuttivi jew mhux eżekuttivi fi ħdan l-istess grupp jew f'impriżi fejn l-operatur tas-suq ikollu parteċipazzjoni kwalifikanti għandhom jitqiesu li jkunu direttorat wieħed.

L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza lill-membri tal-korp maniġerjali biex ikollhom direttorat mhux eżekuttiv ieħor. Meta l-ESMA ma tkunx l-awtorità kompetenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw regolarment lill-ESMA dwar tali awtorizzazzjonijiet.

Id-direttorati f'organizzazzjonijiet li ma jsegwux objettivi predominantament kummerċjali għandhom ikunu eżenti mil-limitazzjoni fuq l-għadd ta' direttorati li jista' jkollu membru ta' korp maniġerjali.

(b) Il-korp maniġerjali għandu jkollu għarfien, ħiliet u esperjenza kollettivi adegwati biex ikun jista' jifhem l-attivitajiet tal-operatur tas-suq, inklużi r-riskji ewlenin.

(c) Kull membru tal-korp maniġerjali għandu jaġixxi b'onestà, integrità u indipendenza fil-ħsieb biex jivvaluta u jikkontesta b'mod effettiv id-deċiżjonijiet tal-maniġment superjuri fejn meħtieġ u biex jissorvelja u jwettaq monitoraġġ effettiv fuq it-teħid ta' deċizjonijiet.

3. L-operaturi tas-suq għandhom jiddedikaw riżorsi umani u finanzjarji adegwati għall-induzzjoni u t-taħriġ tal-membri tal-korp maniġerjali.

4. Meta, skont il-liġi nazzjonali, il-korp maniġerjali jkollu kompetenza fil-proċess tal-għażla u l-ħatra ta' kwalunkwe wieħed mill-membri tiegħu, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta jekk, b'kont meħud tad-daqs u l-organizzazzjoni interna tal-operatur tas-suq, kif ukoll in-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tiegħu, l-operatur tas-suq għandux jistabbilixxi kumitat tan-nomina magħmul minn membri tal-korp maniġerjali li ma jwettqu l-ebda funzjoni eżekuttiva fl-operatur tas-suq ikkonċernat.

Meta jiġi stabbilit, il-kumitat tan-nomina għandu jwettaq dan li ġej:

(a) jidentifika u jirrakkomanda kandidati li jridu jiġu approvati mill-korp maniġerjali jew mil-laqgħa ġenerali, sabiex jimlew il-postijiet battala fil-korp maniġerjali. Meta jagħmel dan, il-kumitat tan-nomina għandu jevalwa l-bilanċ tal-għarfien, il-ħiliet, id-diversità u l-esperjenza tal-korp maniġerjali. Barra minn hekk, il-kumitat għandu jħejji deskrizzjoni tar-rwoli u l-kapaċitajiet għal ħatra partikolari, u jivvaluta l-impenn tal-ħin mistenni. Barra minn hekk, il-kumitat tan-nomina għandu jiddeċiedi dwar mira għar-rappreżentazzjoni tal-ġeneru sottorappreżentat fil-korp maniġerjali u jħejji politika dwar kif jiżdied l-għadd tal-ġeneru sottorappreżentat fil-korp maniġerjali sabiex tintlaħaq dik il-mira;

(b) għandu jivvaluta perjodikament, u tal-inqas darba f'sena, l-istruttura, id-daqs, il-kompożizzjoni u l-prestazzjoni tal-korp maniġerjali u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-korp maniġerjali fir-rigward ta' kwalunkwe bidla;

(c) għandu jivvaluta perjodikament, u tal-inqas darba f'sena, l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza tal-membri individwali tal-korp maniġerjali u tal-korp maniġerjali f'daqqa, u jirrapporta kif xieraq lill-korp maniġerjali;

(d) jirrieżamina perjodikament il-politika tal-korp maniġerjali għall-għażla u n-nomina tal-maniġment superjuri u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-korp maniġerjali.

Fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, il-kumitat tan-nomina għandu, sa fejn ikun possibbli u fuq bażi kontinwa, iqis il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-teħid ta'

deċiżjonijiet mill-korp maniġerjali ma jkun iddominat mill-ebda individwu jew grupp żgħir ta' individwi b'mod li jkun ta' ħsara għall-interessi tal-operatur tas-suq inġenerali.

Fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, il-kumitat tan-nomina għandu jkun jista' juża kwalunkwe forma ta' riżorsi li jqis xierqa, inkluż parir estern.

5. L-operaturi tas-suq u l-kumitati tan-nomina rispettivi tagħhom għandhom jingaġġaw sett wiesa' ta' kwalitajiet u kompetenzi meta jirreklutaw membri fil-korp maniġerjali u, għal dak l-għan, għandhom jistabbilixxu politika li tippromwovi d-diversità fil-korp maniġerjali.

6. Il-korp maniġerjali ta' operatur tas-suq għandu jiddefinixxi u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-arranġamenti ta' governanza li jiżguraw l-immaniġġjar effettiv u prudenti ta' organizzazzjoni, inkluża s-segregazzjoni tad-dmirijiet fl-organizzazzjoni u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, u b'mod li jippromwovi l-integrità tas-suq.

Il-korp maniġerjali għandu jimmonitorja u jivvaluta perjodikament l-effettività tal-arranġamenti ta' governanza tal-operatur tas-suq u jieħu passi xierqa biex jindirizza kwalunkwe nuqqas.

Membri tal-korp maniġerjali għandu jkollhom aċċess adegwat għall-informazzjoni u d-dokumenti li huma meħtieġa biex jissorveljaw u jimmonitorjaw it-teħid ta' deċiżjonijiet mill-maniġment.

7. L-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta l-awtorizzazzjoni meta ma tkunx sodisfatta li l-membri tal-korp maniġerjali tal-operatur tas-suq għandhom reputazzjoni tajba biżżejjed, biżżejjed għarfien, ħiliet u esperjenza u jiddedikaw biżżejjed ħin biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom, jew meta jkun hemm raġunijiet oġġettivi u evidenti biex temmen li l-korp maniġerjali tal-operatur tas-suq jista' jkun ta' theddida għall-immaniġġjar effettiv, sod u prudenti tiegħu u għall-kunsiderazzjoni adegwata tal-integrità tas-suq.

Fil-proċess tal-awtorizzazzjoni ta' suq regolat, il-persuna jew il-persuni li effettivament jidderieġu n-negozju u l-operazzjonijiet ta' suq regolat ieħor diġà awtorizzat fl-Unjoni jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1.

Meta l-imġiba ta' membru tal-korp maniġerjali ta' operatur tas-suq x'aktarx li tkun ta' preġudizzju għall-immaniġġjar effettiv, sod u prudenti tiegħu u għall-kunsiderazzjoni adegwata tal-integrità tas-suq, l-awtorità kompetenti għandha tieħu miżuri xierqa, li jistgħu jinkludu t-tneħħija ta' dak il-membru mill-korp maniġerjali.

8. Operatur tas-suq għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti bl-ismijiet tal-membri kollha tal-korp maniġerjali tiegħu u bi kwalunkwe bidla fil-membri tiegħu, flimkien mal-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi vvalutat jekk l-operatur tas-suq jikkonformax mal-paragrafi 1 sa 6.

9. L-ESMA għandha toħroġ linji gwida dwar dan li ġej:

(a) il-kunċett ta' dedikazzjoni ta' ħin suffiċjenti minn membru tal-korp maniġerjali biex iwettaq il-funzjonijiet ta' dak il-membru, fir-rigward taċ-ċirkostanzi individwali u n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-operatur tas-suq;

(b) il-kunċett ta' għarfien, ħiliet u esperjenza kollettivi adegwati tal-korp maniġerjali kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b);

(c) il-kunċetti ta' onestà, integrità u indipendenza tal-ħsieb ta' membru tal-korp maniġerjali kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (c);

(d) il-kunċett ta' riżorsi umani u finanzjarji adegwati ddedikati għall-induzzjoni u għat-taħriġ tal-membri tal-korp maniġerjali kif imsemmi fil-paragrafu 3;

(e) il-kunċett ta' diversità li għandha titqies fl-għażla tal-membri tal-korp maniġerjali kif imsemmi fil-paragrafu 5.

Artikolu 2e

Rekwiżiti relatati ma' persuni li jeżerċitaw influwenza sinifikanti fuq l-immaniġġjar tas-suq regolat

1. Il-persuni li jkunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw, direttament jew indirettament, influwenza sinifikanti fuq l-immaniġġjar tas-suq regolat għandhom ikunu xierqa.

2. L-operatur tas-suq tas-suq regolat għandu:

(a) jipprovdi lill-awtorità kompetenti b'informazzjoni dwar is-sjieda tal-operatur tas-suq u jippubblikaha, u, fejn rilevanti, għal swieq regolati awtorizzati skont id-Direttiva 2014/65/UE kif applikabbli qabel [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], is-sjieda tas-suq regolat, u b'mod partikolari, l-identità u l-iskala tal-interessi ta' kwalunkwe parti f'pożizzjoni li teżerċita influwenza sinifikanti fuq il-maniġment;

(b) jinforma lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe trasferiment tas-sjieda li jwassal għal bidla fl-identità tal-persuni li jeżerċitaw influwenza sinifikanti fuq l-operat tas-suq regolat, u jippubblikah.

3. L-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta li tapprova l-bidliet proposti fl-interessi kontrollanti tal-operatur tas-suq u, fejn rilevanti, tas-suq regolat, meta jkun hemm raġunijiet oġġettivi u evidenti biex temmen li dawn jistgħu jheddu l-immaniġġjar sod u prudenti tas-suq regolat.

Jekk isiru bidliet fl-interessi kontrollanti tal-operatur tas-suq u, fejn rilevanti, tas-suq regolat, minkejja l-oppożizzjoni tal-awtorità kompetenti, dik l-awtorità kompetenti għandha tkun tista' tordna l-annullament tal-voti korrispondenti mitfugħa.

4. Meta l-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jeżerċitaw influwenza li x'aktarx tkun ta' preġudizzju għall-immaniġġjar sod u prudenti ta' suq regolat, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri xierqa biex ittemm dik is-sitwazzjoni. Tali miżuri jistgħu jinkludu rikorsi għal ordnijiet ġudizzjarji, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kontra d-diretturi u dawk responsabbli mill-maniġment, u s-sospensjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot marbuta mal-ishma miżmuma mill-azzjonisti jew mill-membri inkwistjoni.

5. L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda rekwiżit addizzjonali għat-trasferimenti tas-sjieda li jwasslu għal bidliet fl-interessi kontrollanti tal-operatur tas-suq u, fejn rilevanti, tas-suq regolat.

Artikolu 2f

Rekwiżiti organizzazzjonali

1. L-operaturi tas-suq għandhom jiżguraw li suq regolat li joperaw:

(a) ikollu arranġamenti biex jidentifika b'mod ċar u jimmaniġġja l-konsegwenzi negattivi potenzjali, għall-operat tas-suq regolat jew għall-membri jew il-parteċipanti tiegħu, ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess bejn l-interess tas-suq regolat, l-operatur tas-suq u s-sidien tiegħu, u l-funzjonament tajjeb tas-suq regolat, u b'mod partikolari meta tali kunflitti ta' interess jistgħu jkunu ta' preġudizzju għat-twettiq ta' kwalunkwe funzjoni delegata lis-suq regolat mill-awtorità kompetenti;

(b) ikun mgħammar b'mod adegwat biex jimmaniġġja r-riskji li jkun espost għalihom, inkluż biex jimmaniġġja r-riskju tal-ICT f'konformità mal-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2022/2554, biex jimplimenta arranġamenti u sistemi xierqa għall-identifikazzjoni ta' riskji sinifikanti għall-operat tiegħu, u biex jistabbilixxi miżuri effettivi biex jimmitiga dawk ir-riskji;

(c) ikollu regoli u proċeduri trasparenti u mhux diskrezzjonali li jipprevedu negozjar ġust u ordnat u jistabbilixxu kriterji oġġettivi għall-eżekuzzjoni effiċjenti tal-ordnijiet;

(d) ikollu arranġamenti effettivi biex jiffaċilita l-finalizzazzjoni effiċjenti u f'waqtha tat-tranżazzjonijiet eżegwiti skont is-sistemi tiegħu;

(e) ikollu disponibbli, meta jingħata l-awtorizzazzjoni u fuq bażi kontinwa, biżżejjed riżorsi finanzjarji sabiex jiffaċilita l-funzjonament ordnat tiegħu, filwaqt li jitqiesu n-natura u l-kobor tat-tranżazzjonijiet konklużi fis-suq u l-firxa u l-grad tar-riskji li għalihom ikun espost;

(f) ikollu arranġamenti fis-seħħ biex jiżgura li jissodisfa l-istandards tal-kwalità tad-data skont l-Artikolu 22b;

(g) ikollu mill-inqas tliet membri jew utenti materjalment attivi, li kull wieħed minnhom ikollu l-opportunità li jinteraġixxi mal-oħra kollha fir-rigward tal-formazzjoni tal-prezzijiet.

Meta, għall-finijiet ta' konformità mar-rekwiżiti skont l-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b), (d), u (f), operatur tas-suq juża r-riżorsi ta' entità oħra li tinsab fl-Unjoni li tappartjeni għall-istess grupp bħal dak l-operatur tas-suq, jew ikun jiddependi fuq funzjonijiet li twettaq hi, id-dipendenza fuq dik l-entità ma għandhiex tikkostitwixxi esternalizzazzjoni għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1a. Il-post fl-Unjoni tal-entità li tuża r-riżorsi jew twettaq funzjonijiet għall-konformità minn operatur tas-suq mar-rekwiżiti msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b), (d), u (f), ma għandux ikun rilevanti fil-valutazzjoni ta' dik il-konformità mill-awtorità kompetenti.

1a. Id-dipendenza ta' operatur tas-suq fuq entità oħra li tinsab fl-Unjoni u li tappartjeni għall-istess grupp bħal dak l-operatur tas-suq ma għandhiex tikkostitwixxi esternalizzazzjoni skont il-paragrafu 1, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-operatur tas-suq u entità oħra fil-grupp li se tuża r-riżorsi tagħha jew li se twettaq funzjonijiet għal dak is-suq regolat ikunu stabbilew

arranġamenti biex jiżguraw li dik l-entità fl-istess grupp tikkoopera mal-awtorità kompetenti u, fejn rilevanti, mal-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza tas-suq regolat b'rabta ma' dak l-użu tar-riżorsi jew ma' dak it-twettiq tal-funzjonijiet;

(b) l-operatur tas-suq ikun stabbilixxa mekkaniżmi adegwati biex jidentifika b'mod ċar u jimmaniġġja l-konsegwenzi negattivi potenzjali, għall-operat tas-suq regolat jew għall-membri jew il-parteċipanti tiegħu, ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess bejn is-suq regolat, l-operatur tas-suq u entità oħra fil-grupp li tkun se tuża r-riżorsi tagħha jew twettaq funzjonijiet għal dak is-suq regolat.

Meta jużaw ir-riżorsi ta' entità oħra fl-istess grupp jew jiddependu fuq it-twettiq ta' funzjonijiet minnha, l-operaturi tas-suq għandhom jibqgħu kompletament responsabbli għat-twettiq tal-obbligi kollha tagħhom skont dan ir-Regolament u skont id-Direttiva 2014/65/UE.

L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda rekwiżit addizzjonali għall-użu tar-riżorsi ta' entità oħra li tinsab fl-Unjoni fi ħdan l-istess grupp bħall-operatur tas-suq jew għad-dipendenza fuq it-twettiq tal-funzjonijiet minnha, skont il-paragrafu 1.

2. L-operaturi tas-suq ma għandhomx jeżegwixxu ordnijiet tal-klijenti kontra l-kapital proprjetarju, jew jinvolvu ruħhom f'negozjar matched principal fi kwalunkwe wieħed mis-swieq regolati li joperaw.

Artikolu 2g

Reżiljenza tas-sistemi, interrutturi taċ-ċirkwit u negozjar elettroniku

1. L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat jistabbilixxi u jżomm ir-reżiljenza operazzjonali tiegħu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2022/2554 biex jiżgura li s-sistemi tan-negozjar tiegħu jkunu reżiljenti, ikollhom biżżejjed kapaċità biex jittrattaw mal-ogħla volumi ta' ordnijiet u ta' messaġġi, ikunu kapaċi jiżguraw negozjar ordnat f'kundizzjonijiet ta' stress serju tas-suq, ikunu ttestjati bis-sħiħ biex jiżguraw li tali kundizzjonijiet jiġu ssodisfati u jkunu soġġetti għal arranġamenti effettivi ta' kontinwità tal-operat, inklużi politika u pjanijiet ta' kontinwità tal-operat tal-ICT u pjanijiet ta' rispons u rkupru tal-ICT stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2022/2554, biex jiżgura l-kontinwità tas-servizzi tiegħu jekk ikun hemm xi falliment tas-sistemi tan-negozjar tiegħu.

2. L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat ikollu fis-seħħ:

(a) ftehimiet bil-miktub mad-ditti kollha ta' investiment li jfittxu li jiksbu strateġija ta' ġenerazzjoni tas-suq dwar is-suq regolat;

(b) skemi li jiżguraw li għadd suffiċjenti ta' ditti ta' investiment jipparteċipaw fi ftehimiet bħal dawn li jirrikjedu li jippubblikaw kwotazzjonijiet sodi bi prezzijiet kompetittivi b'mod li jipprovdu likwidità lis-suq fuq bażi regolari u prevedibbli, meta tali rekwiżit ikun xieraq għan-natura u l-iskala tan-negozjar f'dak is-suq regolat.

3. Il-ftehim bil-miktub imsemmi fil-paragrafu 2 għandu minn tal-inqas jispeċifika:

(a) l-obbligi tad-ditta ta' investiment fir-rigward tal-provvediment tal-likwidità u fejn applikabbli kwalunkwe obbligu ieħor li jirriżulta mill-parteċipazzjoni fl-iskema msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b);

(b) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 39a, kwalunkwe inċentiv f'termini ta' ribassi jew mod ieħor offrut mis-suq regolat lil ditta ta' investiment sabiex tipprovdi likwidità lis-suq fuq bażi regolari u prevedibbli u, fejn applikabbli, kwalunkwe dritt ieħor dovut lid-ditta ta' investiment bħala riżultat tal-parteċipazzjoni fl-iskema msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b).

L-operatur tas-suq tas-suq regolat għandu jimmonitorja u jinforza l-konformità tad-ditti ta' investiment mar-rekwiżiti ta' tali ftehimiet vinkolanti bil-miktub. L-operatur tas-suq tas-suq regolat għandu jinforma lill-awtorità kompetenti dwar il-kontenut tal-ftehim vinkolanti bil-miktub u għandu, fuq talba, jipprovdi kull informazzjoni ulterjuri meħtieġa lill-awtorità kompetenti biex din tkun tista' tkun sodisfatta bil-konformità tas-suq regolat ma' dan il-paragrafu. Meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, l-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza tista' titlob lill-ESMA tikkondividi l-kontenut tal-ftehimiet vinkolanti bil-miktub rilevanti għall-attività superviżorja ta' dik l-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza.

4. L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat ikollu fis-seħħ sistemi, proċeduri u arranġamenti effettivi biex jirrifjuta ordnijiet li jaqbżu l-livelli limiti predeterminati tal-volumi u tal-prezzijiet jew li jkunu żbaljati b'mod ċar.

5. L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat ikun kapaċi jwaqqaf jew jillimita temporanjament in-negozjar f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew fil-każ ta' moviment sinifikanti tal-prezz fi strument finanzjarju f'dak is-suq jew f'suq relatat matul perjodu qasir u, f'każijiet eċċezzjonali, ikun kapaċi jikkanċella, ivarja jew jikkoreġi kwalunkwe tranżazzjoni. L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat jistabbilixxi l-parametri kkalibrati kif xieraq għall-waqfien jew għal-limitazzjoni tan-negozjar b'mod li jqis il-likwidità tal-klassijiet u s-subklassijiet differenti tal-assi, in-natura tal-mudell tas-suq u t-tipi ta' utenti, u li jkun biżżejjed biex jiġi evitat tfixkil sinifikanti fl-ordni tan-negozjar.

L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat jirrapporta l-parametri għall-waqfien tan-negozjar u kwalunkwe bidla materjali f'dawk il-parametri lill-awtorità kompetenti b'mod konsistenti u komparabbli. Meta l-awtorità kompetenti ma tkunx l-ESMA, l-awtorità kompetenti għandha tirrapporta dawk il-parametri lill-ESMA. Meta suq regolat li jkun materjali f'termini ta' likwidità f'dak l-istrument finanzjarju jwaqqaf in-negozjar, fi kwalunkwe Stat Membru, l-operatur tas-suq ta' dak is-suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat ikollu s-sistemi u l-proċeduri meħtieġa fis-seħħ biex jinnotifika lill-awtorità kompetenti tiegħu, lill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza tiegħu u lill-ESMA, meta l-ESMA ma tkunx l-awtorità kompetenti tiegħu. L-awtorità kompetenti u, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, l-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza għandhom imbagħad jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kollha u, fejn rilevanti, lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza fl-Unjoni sabiex ikunu jistgħu jikkoordinaw rispons għas-suq kollu u jiddeterminaw jekk ikunx xieraq li jitwaqqaf in-negozjar

f'ċentri oħra li fihom jiġi nnegozjat l-istrument finanzjarju sakemm jerġa' jibda n-negozjar fis-suq oriġinali.

L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat jiddivulga pubblikament fuq is-sit web tiegħu informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi li jwasslu għall-waqfien jew għal-limitazzjoni tan-negozjar u dwar il-prinċipji għall-istabbiliment tal-parametri tekniċi ewlenin użati biex dan isir.

Meta suq regolat ma jwaqqafx jew ma jillimitax in-negozjar kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, minkejja l-fatt li moviment sinifikanti fil-prezz fi strument finanzjarju jew strumenti finanzjarji relatati jkun wassal għal kundizzjonijiet diżordinati tan-negozjar f'suq wieħed jew aktar, l-awtorità kompetenti jew, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, l-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza għandha tkun tista' tieħu miżuri xierqa biex tistabbilixxi mill-ġdid il-funzjonament normali tas-swieq, inkluż billi tuża s-setgħat superviżorji msemmija fl-Artikolu 69(2), il-punti (m) sa (p) tad-Direttiva 2014/65/UE. L-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza għandha tinnotifika lill-ESMA bil-miżuri meħuda mingħajr dewmien żejjed.

6. L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat ikollu fis-seħħ sistemi, proċeduri u arranġamenti effettivi, inkluż li jirrikjedi li l-membri jew il-parteċipanti jwettqu ttestjar xieraq tal-algoritmi u li jipprovdi ambjenti li jiffaċilitaw tali ttestjar f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u IV tar-Regolament (UE) 2022/2554, biex jiżgura li s-sistemi ta' negozjar algoritmiku ma jkunux jistgħu joħolqu jew jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet diżordinati tan-negozjar fis-suq u biex jimmaniġġja kwalunkwe kundizzjoni diżordinata ta' negozjar li tirriżulta minn tali sistemi ta' negozjar algoritmiku, inklużi sistemi biex jillimitaw il-proporzjon ta' ordnijiet mhux eżegwiti għal tranżazzjonijiet li jistgħu jiddaħħlu fis-sistema minn membru jew parteċipant, biex ikun jista' jnaqqas il-fluss tal-ordnijiet jekk ikun hemm riskju li tintlaħaq il-kapaċità tas-sistema tiegħu u biex jillimita u jinforza l-fluttwazzjoni minima fil-prezzijiet li tista' tiġi eżegwita fis-suq.

7. L-operatur tas-suq ta' suq regolat li jippermetti aċċess elettroniku dirett għandu jiżgura li s-suq regolat ikollu fis-seħħ sistemi, proċeduri u arranġamenti effettivi biex jiżgura li l-membri jew il-parteċipanti jitħallew jipprovdu aċċess elettroniku dirett biss jekk ikunu ditti ta' investiment awtorizzati skont id-Direttiva 2014/65/UE jew istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati skont id-Direttiva 2013/36/UE, li jiġu stabbiliti u applikati kriterji xierqa rigward l-idoneità tal-persuni li lilhom jista' jingħata tali aċċess u li l-membru jew il-parteċipant ikun responsabbli għall-ordnijiet u n-negozju eżegwiti bl-użu ta' dak is-servizz fir-rigward tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat jistabbilixxi standards xierqa rigward il-kontrolli tar-riskju u l-livelli limiti għan-negozjar permezz ta' tali aċċess u għandu jkun kapaċi jiddistingwi u jekk meħtieġ iwaqqaf l-ordnijiet jew in-negozjar minn persuna li tuża aċċess elettroniku dirett separatament minn ordnijiet jew negozjar ieħor mill-membru jew mill-parteċipant.

L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat ikollu arranġamenti fis-seħħ biex jissospendi jew itemm il-provvista ta' aċċess elettroniku dirett minn membru jew parteċipant lil klijent f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dan il-paragrafu.

8. L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li r-regoli tas-suq regolat dwar is-servizzi ta' kolokazzjoni jkunu trasparenti, ġusti u mhux diskriminatorji.

9. L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat ikollu strutturi ta' tariffi inklużi tariffi ta' eżekuzzjoni, tariffi anċillari u kwalunkwe ribass li jkunu trasparenti, ġusti u mhux diskriminatorji u li ma joħolqux inċentivi biex isiru, jiġu mmodifikati jew ikkanċellati ordnijiet jew biex jiġu eżegwiti tranżazzjonijiet b'mod li jikkontribwixxi għal kundizzjonijiet diżordinati tan-negozjar jew abbuż tas-suq. B'mod partikolari, l-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat jimponi obbligi ta' ġenerazzjoni tas-suq f'ishma individwali jew f'basket ta' ishma adattat bi skambju għal kwalunkwe ribass li jingħata.

Suq regolat jista' jaġġusta t-tariffi tiegħu għal ordnijiet ikkanċellati skont it-tul ta' żmien li matulu tkun inżammet l-ordni u jikkalibra t-tariffi għal kull strument finanzjarju li japplikaw għalih.

Suq regolat jista' jimponi tariffa ogħla għal ordni magħmula u sussegwentement ikkanċellata milli għal ordni li tiġi eżegwita, u jimponi tariffa ogħla fuq il-parteċipanti li jagħmlu proporzjon għoli ta' ordnijiet ikkanċellati għal ordnijiet eżegwiti u fuq dawk li joperaw teknika ta' negozjar algoritmiku bi frekwenza għolja sabiex jirrifletti l-piż addizzjonali fuq il-kapaċità tas-sistema.

10. L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat ikun kapaċi jidentifika, permezz ta' senjalar minn membri jew parteċipanti, ordnijiet iġġenerati minn negozjar algoritmiku, l-algoritmi differenti użati għall-ħolqien ta' ordnijiet u l-persuni rilevanti li jibdew dawk l-ordnijiet. Dik l-informazzjoni għandha tkun disponibbli fuq talba għall-awtoritajiet kompetenti u, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, għall-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza.

L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat jipprovdi lill-awtorità kompetenti jew, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, lill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza, id-data relatata mar-reġistru tal-ordnijiet jew jagħti lill-awtorità kompetenti jew, fejn rilevanti lill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza, aċċess għar-reġistru tal-ordnijiet, fuq talba, sabiex tkun tista' timmonitorja n-negozjar. L-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza għandha, minnaħa tagħha, tirrapporta dik id-data lill-ESMA, fuq talba.

Artikolu 2h

Fluttwazzjonijiet minimi fil-prezzijiet

1. L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat jadotta reġimi ta' fluttwazzjonijiet minimi fil-prezzijiet fl-ishma, irċevuti tad-depożitarji, fondi nnegozjati fil-borża, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra u fi kwalunkwe strument finanzjarju ieħor li għalih jiġu żviluppati standards tekniċi regolatorji f'konformità mal-Artikolu 2zg(3), il-punt (k). L-applikazzjoni ta' fluttwazzjonijiet minimi fil-prezzijiet ma għandhiex twaqqaf lis-swieq regolati milli jqabblu ordnijiet fuq skala kbira fil-punt nofsani fil-prezzijiet attwali tat-talba u tal-offerta.

2. Ir-reġimi ta' fluttwazzjonijiet minimi fil-prezzijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom:

(a) ikunu kalibrati biex jirriflettu l-profil tal-likwidità tal-istrument finanzjarju fi swieq differenti u l-firxa medja bejn it-talba u l-offerta, filwaqt li titqies ix-xewqa li jiġu permessi prezzijiet raġonevolment stabbli mingħajr ma jiġi llimitat it-tnaqqis ulterjuri tal-firxiet;

(b) jadattaw il-fluttwazzjoni minima fil-prezzijiet għal kull strument finanzjarju b'mod xieraq.

Fir-rigward ta' ishma b'numru internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli (ISIN, International Securities Identification Number) maħruġ barra miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), jew ishma li jkollhom ISIN taż-ŻEE u li jkunu nnegozjati f'ċentru ta' pajjiż terz fil-munita lokali jew f'munita mhux taż-ŻEE, kif imsemmi fl-Artikolu 23(1), il-punt (a), li għalihom iċ-ċentru li huwa l-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità jkun f'pajjiż terz, is-swieq regolati jistgħu jipprevedu l-istess fluttwazzjoni minima fil-prezzijiet li tapplika f'dak iċ-ċentru.

Artikolu 2i

Ammissjoni ta' strumenti finanzjarji għan-negozjar

1. L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat ikollu regoli ċari u trasparenti rigward l-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għan-negozjar.

Dawn ir-regoli għandhom jiżguraw illi kwalunkwe strument finanzjarju ammess għan-negozjar f'suq regolat ikun kapaċi jiġi nnegozjat b'mod ġust, ordnat u effiċjenti u, fil-każ tat-titoli trasferibbli, li dawn ikunu jistgħu jiġu nnegozjati liberament.

L-Istati Membri ma għandhomx jirrestringu l-ambitu tal-istrumenti finanzjarji li jistgħu jiġu ammessi għan-negozjar f'suq regolat għar-raġuni li tali strumenti ma għandhomx ikunu disponibbli għal investituri mhux professjonali fil-ġuriżdizzjoni tagħhom.

2. Fil-każ tad-derivattivi, ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw b'mod partikolari illi d-disinn tal-kuntratt tad-derivattivi jippermetti l-ipprezzar ordnat tagħhom kif ukoll l-eżistenza ta' kundizzjonijiet effettivi ta' saldu.

3. Minbarra l-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, l-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat jistabbilixxi u jżomm arranġamenti effettivi biex jivverifika li l-emittenti ta' titoli trasferibbli li huma ammessi għan-negozjar fis-suq regolat jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-obbligi ta' divulgazzjoni inizjali, kontinwi jew *ad hoc*.

L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat jistabbilixxi arranġamenti li jiffaċilitaw l-aċċess tal-membri jew tal-parteċipanti tiegħu għall-informazzjoni li tkun ġiet ippubblikata skont id-dritt tal-Unjoni.

4. L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat jistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa għar-rieżami regolari tal-konformità mar-rekwiżiti ta' ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji li huwa jammetti għan-negozjar.

5. Titolu trasferibbli li jkun ġie ammess għan-negozjar f'suq regolat jista' sussegwentement jiġi ammess għan-negozjar fi swieq regolati oħra, anke mingħajr il-kunsens tal-emittent u f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti

tar-Regolament (UE) 2017/1129. L-emittent għandu jiġi informat mis-suq regolat dwar il-fatt illi t-titoli tiegħu ikunu qegħdin jiġu nnegozjati f'dak is-suq regolat. L-emittent ma għandu jkun soġġett għall-ebda obbligu li jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 3 direttament lil kwalunkwe suq regolat li jkun ammetta t-titoli tiegħu għan-negozjar mingħajr il-kunsens tiegħu.

Artikolu 2j

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-ammissjoni ta' ishma għan-negozjar

1. L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat jirrikjedi li l-kapitalizzazzjoni tas-suq prevedibbli tal-kumpanija li għall-ishma tagħha tintalab l-ammissjoni għan-negozjar jew, jekk din ma tkunx tista' tiġi vvalutata, il-kapital u r-riżervi ta' dik il-kumpanija, inkluż il-profitt u t-telf, mill-aħħar sena finanzjarja, għandhom ikunu mill-inqas EUR 1 000 000 jew ammont ekwivalenti f'munita nazzjonali li mhijiex l-euro.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-ammissjoni għan-negozjar ta' ishma funġibbli ma' ishma diġà ammessi għan-negozjar.

3. Meta, bħala riżultat ta' aġġustament tal-ammont ekwivalenti f'munita nazzjonali li mhijiex l-euro, il-kapitalizzazzjoni tas-suq espressa fil-munita nazzjonali tibqa' għal perjodu ta' sena mill-inqas 10 % aktar, jew mill-inqas 10 % inqas, minn EUR 1 000 000, l-operatur tas-suq għandu, fi żmien 12-il xahar wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu, jiżgura li s-suq regolat jaġġusta r-regoli tiegħu biex jikkonforma mal-paragrafu 1.

4. L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat jirrikjedi li mill-inqas 10 % tal-kapital sottoskritt rappreżentat mill-klassi ta' ishma kkonċernata mill-applikazzjoni għall-ammissjoni għan-negozjar ikun miżmum mill-pubbliku fil-mument tal-ammissjoni għan-negozjar.

5. B'deroga mill-paragrafu 4, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li s-swieq regolati jistabbilixxu, fil-mument tal-ammissjoni, mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin għal applikazzjoni għall-ammissjoni tal-ishma għan-negozjar:

(a) għadd suffiċjenti ta' ishma jkun miżmum mill-pubbliku;

(b) l-ishma jkunu miżmuma minn għadd suffiċjenti ta' azzjonisti;

(c) il-valur tas-suq tal-ishma miżmuma mill-pubbliku jirrappreżenta livell suffiċjenti ta' kapital sottoskritt fil-klassi tal-ishma kkonċernati.

6. Meta tintalab ammissjoni għan-negozjar għal ishma funġibbli ma' ishma diġà ammessi għan-negozjar, is-swieq regolati għandhom jivvalutaw, biex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 4, jekk ikunx tqassam għadd suffiċjenti ta' ishma lill-pubbliku fir-rigward tal-ishma kollha maħruġa u mhux biss fir-rigward tal-ishma funġibbli ma' ishma diġà ammessi għan-negozjar.

Artikolu 2k

Sospensjoni u tneħħija ta' strumenti finanzjarji min-negozjar f'suq regolat

1. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-awtorità kompetenti jew, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, tal-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza skont l-Artikolu 69(2) tad-Direttiva 2014/65/UE li titlob is-sospensjoni jew it-tneħħija

ta’ strument finanzjarju min-negozjar, operatur tas-suq jista’ jissospendi jew ineħħi min-negozjar strument finanzjarju li ma jibqax konformi mar-regoli tas-suq regolat ħlief jekk tali sospensjoni jew tneħħija aktarx tikkawża ħsara sinifikanti lill-interessi tal-investituri jew lill-funzjonament ordnat tas-suq.

2. Operatur tas-suq li jissospendi jew ineħħi strument finanzjarju min-negozjar għandu jissospendi jew ineħħi wkoll id-derivattivi kif imsemmi fit-Taqsima C, il-punti (4) sa (10), tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/KE li jkunu relatati jew referenzjati ma’ dak l-istrument finanzjarju fejn meħtieġ biex jappoġġa l-objettivi tas-sospensjoni jew tat-tneħħija tal-istrument finanzjarju sottostanti. L-operatur tas-suq għandu jippubblika s-sospensjoni jew it-tneħħija tal-istrument finanzjarju u ta’ kwalunkwe derivattiv relatat u jikkomunikaha lill-awtorità kompetenti tiegħu u, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, lill-awtorità nazzjonali ta’ sorveljanza tiegħu.

L-operaturi tas-suq li joperaw swieq regolati oħra, u l-operaturi tas-suq u d-ditti ta’ investiment li joperaw MTFs, OTFs u internalizzaturi sistematiċi, li jinnegozjaw l-istess strument finanzjarju kif imsemmi fil-paragrafu 1 jew derivattivi kif imsemmi fit-Taqsima C, il-punti (4) sa (10), tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/KE li jkunu relatati jew referenzjati mal-istrument finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1, malli jsiru jafu b’tali sospensjoni jew tneħħija u mingħajr dewmien żejjed, għandhom jissospendu jew ineħħu wkoll dak l-istrument finanzjarju jew derivattivi min-negozjar, meta s-sospensjoni jew it-tneħħija tkun dovuta għal suspett ta’ abbuż tas-suq, offerta ta’ akkwiżizzjoni jew in-nuqqas ta’ divulgazzjoni ta’ informazzjoni privileġġata dwar l-emittent jew l-istrument finanzjarju li jikser l-Artikoli 7 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, ħlief jekk l-awtorità kompetenti jew, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, l-awtorità nazzjonali ta’ sorveljanza tqis li s-sospensjoni jew it-tneħħija tista’ tikkawża ħsara sinifikanti lill-interessi tal-investituri jew lill-funzjonament ordnat tas-suq.

L-operaturi tas-suq, id-ditti ta’ investiment u l-internalizzaturi sistematiċi msemmija fis-subparagrafu preċedenti għandhom jippubblikaw is-sospensjoni jew it-tneħħija tal-istrument finanzjarju u ta’ kwalunkwe derivattiv relatat. Dan il-paragrafu japplika wkoll meta titneħħa s-sospensjoni min-negozjar ta’ strument finanzjarju jew ta’ derivattivi kif imsemmi fit-Taqsima C, il-punti (4) sa (10), tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/KE li jkunu relatati jew referenzjati ma’ dak l-istrument finanzjarju.

Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll meta d-deċiżjoni li jiġi sospiż jew jitneħħa min-negozjar strument finanzjarju jew derivattivi kif imsemmi fit-Taqsima C, il-punti (4) sa (10), tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/KE li jkunu relatati jew referenzjati ma’ dak l-istrument finanzjarju tittieħed mill-awtorità kompetenti jew, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, mill-awtorità nazzjonali ta’ sorveljanza skont l-Artikolu 69(2), il-punti (m) u (n), tad-Direttiva 2014/65/UE.

Artikolu 2l

Aċċess għal suq regolat

1. L-operatur tas-suq ta’ suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm regoli trasparenti u mhux diskriminatorji, ibbażati fuq kriterji oġġettivi, li jirregolaw l-aċċess għas-suq regolat jew is-sħubija fih.

2. Ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw kwalunkwe obbligu għall-membri jew għall-parteċipanti li jirriżulta:

(a) mill-kostituzzjoni u l-amministrazzjoni tas-suq regolat;

(b) mir-regoli relatati mat-tranżazzjonijiet fis-suq;

(c) mill-istandards professjonali imposti fuq il-persunal tad-ditti ta' investiment jew tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu qed joperaw fis-suq;

(d) mill-kundizzjonijiet stabbiliti, għal membri jew għal parteċipanti oħra li mhumiex id-ditti ta' investiment u l-istituzzjonijiet ta' kreditu, skont il-paragrafu 3;

(e) mir-regoli u l-proċeduri għall-ikklerjar u s-saldu tat-tranżazzjonijiet konklużi fis-suq regolat.

3. Is-swieq regolati jistgħu jdaħħlu bħala membri jew parteċipanti ditti ta' investiment, istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati skont id-Direttiva 2013/36/UE, u persuni oħra li:

(a) ikunu ta' reputazzjoni tajba biżżejjed;

(b) ikollhom livell suffiċjenti ta' kapaċità, kompetenza u esperjenza fin-negozjar;

(c) ikollhom, fejn ikun applikabbli, arranġamenti organizzazzjonali adegwati;

(d) ikollhom riżorsi suffiċjenti għar-rwol li jridu jwettqu, filwaqt li jitqiesu l-arranġamenti finanzjarji differenti li s-suq regolat seta' stabbilixxa sabiex jiggarantixxi s-saldu adegwat tat-tranżazzjonijiet.

3a. Meta jaċċettaw bħala membri jew parteċipanti persuni li diġà jkunu membri jew parteċipanti ta' suq regolat ieħor, is-swieq regolati għandhom iqisu li dawk il-persuni jikkonformaw mal-paragrafu 3, il-punt (a), mingħajr ebda valutazzjoni ulterjuri. Is-swieq regolati għandhom iqisu wkoll li dawk il-persuni jikkonformaw mal-paragrafu 2, il-punt (c), jew mal-paragrafu 3, il-punti (b) u (c), kif applikabbli, mingħajr ebda valutazzjoni ulterjuri, meta jitolbu li jsiru membri jew parteċipanti fir-rigward tan-negozjar fi klassi ta' strumenti finanzjarji li għalihom diġà jkunu membri jew parteċipanti f'suq regolat ieħor.

4. Għat-tranżazzjonijiet konklużi f'suq regolat, il-membri u l-parteċipanti ma humiex obbligati japplikaw għal xulxin l-obbligi stipulati fl-Artikoli 24, 25, 27 u 28 tad-Direttiva 2014/65/UE. Madankollu, il-membri jew il-parteċipanti tas-suq regolat għandhom japplikaw l-obbligi previsti fl-Artikoli 24, 25, 27 u 28 tad-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward tal-klijenti tagħhom meta, huma u jaġixxu f'isem il-klijenti tagħhom, jeżegwixxu l-ordnijiet tagħhom f'suq regolat.

5. Ir-regoli dwar l-aċċess għal suq regolat jew is-sħubija jew il-parteċipazzjoni fih għandhom jipprevedu l-parteċipazzjoni diretta jew remota ta' ditti ta' investiment u ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. Dawk ir-regoli ma għandhomx jiddiskriminaw bejn parteċipazzjoni diretta jew remota jew jimponu restrizzjonijiet addizzjonali fuq kwalunkwe forma ta' parteċipazzjoni.

6. L-operaturi tas-suq għandhom jikkomunikaw fuq bażi regolari l-lista tal-membri jew tal-parteċipanti tas-swieq regolati li joperaw lill-awtorità kompetenti u, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, lill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza.

Artikolu 2m

Notifika ta' emendi għar-regoli tas-suq regolat

1. Operatur tas-suq għandu jinnotifika kwalunkwe emenda għar-regoli tas-suq regolat li jopera lill-awtorità kompetenti mill-inqas 30 jum qabel ma dik l-emenda tidħol fis-seħħ.

2. L-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li tirrikjedi li operatur tas-suq jemenda r-regoli tas-suq regolat li jopera meta ssib li dawk ir-regoli ma jikkonformawx mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament.

Artikolu 2n

Monitoraġġ tal-konformità mar-regoli tas-suq regolat u ma' obbligi legali oħra

1. L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat jistabbilixxi u jżomm arranġamenti u proċeduri effettivi inklużi r-riżorsi meħtieġa għall-monitoraġġ regolari tal-konformità tal-membri jew tal-parteċipanti tiegħu mar-regoli tiegħu. Is-swieq regolati għandhom jimmonitorjaw l-ordnijiet mibgħuta inklużi l-kanċellazzjonijiet u t-tranżazzjonijiet imwettqa mill-membri jew mill-parteċipanti tagħhom skont is-sistemi tagħhom sabiex jidentifikaw każijiet ta' ksur ta' dawk ir-regoli, kundizzjonijiet diżordinati tan-negozjar jew kondotta li tista' tindika mġiba li hija pprojbita skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 jew tfixkil fis-sistema fir-rigward ta' strument finanzjarju u għandhom jużaw ir-riżorsi meħtieġa biex jiżguraw li tali monitoraġġ ikun effettiv.

2. L-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tiegħu u, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, lill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza, dwar każijiet ta' ksur sinifikanti tar-regoli tiegħu jew kundizzjonijiet diżordinati tan-negozjar jew kondotta li tista' tindika mġiba pprojbita skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 jew tfixkil fis-sistema b'rabta ma' strument finanzjarju.

L-awtorità kompetenti jew, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, l-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza għandha tikkomunika l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-ESMA u lill-awtoritajiet ddeżinjati tal-Istati Membri l-oħra f'konformità mal-Artikolu 67(1) tad-Direttiva 2014/65/UE.

Fir-rigward ta' kondotta li tista' tindika mġiba li hija pprojbita skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014, l-awtorità kompetenti jew, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, l-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza għandha tkun konvinta li tali mġiba qed isseħħ jew seħħet qabel ma tinnotifika lill-awtoritajiet ddeżinjati tal-Istati Membri l-oħra f'konformità mal-Artikolu 67(1) tad-Direttiva 2014/65/UE.

Meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, l-ESMA għandha tqis kif xieraq l-informazzjoni riċevuta skont dan il-paragrafu, b'mod partikolari meta tivvaluta ksur potenzjali tal-paragrafu 1 mis-suq regolat. L-ESMA tista' tirrikjedi li l-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza tissottometti kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa għall-fini ta' din il-valutazzjoni.

Meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, f'każijiet fejn awtorità nazzjonali ta' sorveljanza tqis li l-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu ma tkunx ġiet ipprovduta jew ma tkunx ġiet ipprovduta f'waqtha mill-operatur tas-suq, dik l-awtorità għandha tinforma lill-ESMA. L-ESMA għandha tivvaluta, fi żmien 20 jum tax-xogħol, jekk l-operatur tas-suq ikunx kiser l-obbligi tiegħu skont l-ewwel subparagrafu, u tieħu l-miżuri xierqa.

3. L-operatur tas-suq għandu jipprovdi l-informazzjoni rilevanti mingħajr dewmien żejjed lill-awtorità kompetenti għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-abbuż tas-suq fis-suq regolat u jipprovdi assistenza sħiħa lil din tal-aħħar fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-abbuż tas-suq li jseħħ fis-sistemi tas-suq regolat jew permezz tagħhom.

Meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti tas-suq regolat, f'każijiet fejn awtorità kompetenti għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-abbuż tas-suq f'tali suq regolat tqis li l-informazzjoni jew l-assistenza msemmija f'dan il-paragrafu ma tkunx ġiet ipprovduta jew ma tkunx ġiet ipprovduta f'waqtha, dik l-awtorità għandha tinforma lill-ESMA. L-ESMA għandha tivvaluta, fi żmien 20 jum tax-xogħol, jekk l-operatur tas-suq ikunx kiser l-obbligi tiegħu skont l-ewwel subparagrafu, u tieħu l-miżuri xierqa.

Artikolu 2o

Attività transfruntiera ta' swieq regolati

1. Suq regolat awtorizzat jista' jwettaq liberament l-attività tiegħu fl-Unjoni, permezz tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew permezz tal-istabbiliment ta' fergħa. Dawk l-attivitajiet għandhom jinkludu mill-inqas:

(a) il-provvediment ta' arranġamenti xierqa sabiex jiġu ffaċilitati l-aċċess għal dak is-suq regolat u n-negozjar fih minn membri remoti jew parteċipanti stabbiliti fi kwalunkwe Stat Membru;

(b) attivitajiet relatati mal-ammissjoni ta' membri jew parteċipanti f'dak is-suq regolat;

(c) attivitajiet relatati mal-ammissjoni ta' strumenti finanzjarji għan-negozjar f'dak is-suq regolat.

2. L-operatur tas-suq ta' suq regolat awtorizzat, jew ta' suq regolat li jkun applika għal awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 2b li jkun beħsiebu jwettaq l-attività tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, għandu jiżgura li s-suq regolat jikkomunika lill-awtorità kompetenti tiegħu l-Istat Membru li fih ikun beħsiebu jwettaq l-attività tiegħu. L-awtorità kompetenti għandha tikkomunika dik l-informazzjoni lill-awtorità ddeżinjata skont l-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Istat Membru fejn is-suq regolat ikun beħsiebu jwettaq l-attività tiegħu, fi żmien 7 ijiem tax-xogħol. Meta l-ESMA ma tkunx l-awtorità kompetenti, l-ESMA tista' titlob aċċess għal dik l-informazzjoni f'konformità mal-proċedura u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-awtorità kompetenti tas-suq regolat għandha, fuq talba tal-awtorità ddeżinjata skont l-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Istat Membru fejn is-suq regolat ikun beħsiebu jwettaq jew iwettaq l-attività tiegħu, u, mingħajr dewmien żejjed, tikkomunika l-identità tal-membri jew tal-parteċipanti tas-suq regolat li jkunu stabbiliti f'dak l-Istat Membru.

Meta s-suq regolat jistabbilixxi fergħa, l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi:

(a) il-kompiti li se jitwettqu mill-fergħa;

(b) l-istruttura organizzazzjonali tal-fergħa;

(c) l-indirizz fl-Istat Membru fejn is-suq regolat għandu l-intenzjoni li jistabbilixxi fergħa;

(d) l-ismijiet ta' dawk responsabbli mill-immaniġġjar tal-fergħa.

3. Fil-każ ta' bidla fi kwalunkwe dettall ikkomunikat f'konformità mal-paragrafu 2, l-operatur tas-suq ta' suq regolat għandu jiżgura li s-suq regolat javża dik il-bidla lill-awtorità kompetenti tiegħu bil-miktub mill-inqas 7 ijiem tax-xogħol qabel ma jimplimenta l-bidla. Dik l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika dik il-bidla lill-awtorità ddeżinjata skont l-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Istat Membru fejn is-suq regolat iwettaq l-attività tiegħu.

4. L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda rekwiżit legali jew amministrattiv ulterjuri fir-rigward tal-attività transfruntiera tas-swieq regolati fit-territorju tagħhom.

KAPITOLU 2

Rekwiżiti għall-MTFs u għall-OTFs

Artikolu 2p

Rekwiżit għall-awtorizzazzjoni għall-MTFs u għall-OTFs operati minn operatur tas-suq

Awtorità kompetenti għandha tawtorizza operatur tas-suq jopera MTF jew OTF soġġetta għall-verifika minn qabel tal-konformità tiegħu mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

Artikolu 2q

Awtorizzazzjoni, superviżjoni kontinwa u rtirar tal-awtorizzazzjoni tad-ditti ta' investiment biex joperaw MTFs jew OTFs

1. Meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 38fa għal ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera ċentru tan-negozjar sinifikanti, u meta ditta ta' investiment applikanti tappartjeni għall-istess grupp bħal dik id-ditta ta' investiment jew dak l-operatur tas-suq li jopera ċentru tan-negozjar sinifikanti, l-ESMA għandha tingħata s-setgħa li tawtorizza lil dik id-ditta ta' investiment applikanti meta tkun beħsiebha twettaq esklussivament l-operat ta' MTF jew OTF, jew it-tnejn li huma.

2. L-ESMA għandha tirrieżamina b'mod regolari l-konformità tad-ditta ta' investiment awtorizzata f'konformità mal-paragrafu 1 mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u mat-Titolu II tad-Direttiva 2014/65/UE.

3. L-ESMA tista' tirtira l-awtorizzazzjoni maħruġa lil ditta ta' investiment f'konformità mal-paragrafu 1 meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-irtirar stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/65/UE.

4. Għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilha b'dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tapplika d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2014/65/UE tal-Istat Membru ta' domiċilju ta' dik id-ditta ta' investiment, interpretati b'mod konsistenti mad-dritt tal-Unjoni.

5. Meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 38fa għal ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera ċentru tan-negozjar sinifikanti, ditta ta' investiment applikanti li tappartjeni għall-istess grupp bħal dik id-ditta ta' investiment jew dak l-operatur tas-suq li jopera ċentru tan-negozjar sinifikanti u li tkun tixtieq awtorizzazzjoni biex tipprovdi servizzi ta' investiment jew twettaq attivitajiet ta' investiment, inkluż iżda mhux biss l-operat ta' MTF jew OTF, għandha tissottometti talba għal awtorizzazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħha.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha mingħajr dewmien żejjed tibgħat lill-ESMA dik it-talba u kwalunkwe informazzjoni pprovduta mid-ditta ta' investiment sabiex tikseb awtorizzazzjoni biex topera MTF jew OTF.

L-ESMA għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-operat ta' MTF jew OTF tkunx kompluta fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi l-applikazzjoni.

Meta l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-ESMA għandha tistabbilixxi skadenza sa meta d-ditta ta' investiment għandha tipprovdi informazzjoni addizzjonali.

Wara li tivvaluta li l-applikazzjoni tkun kompluta, l-ESMA għandha tinnotifika lid-ditta ta' investiment kif xieraq.

L-ESMA għandha, fi żmien 60 jum tax-xogħol minn meta tirċievi l-applikazzjoni kompluta, toħroġ opinjoni dwar l-awtorizzazzjoni għall-operat ta' MTF jew OTF u tibgħat dik l-opinjoni mingħajr dewmien żejjed lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tadotta deċiżjoni motivata li tagħti jew tiċħad l-awtorizzazzjoni abbażi tal-opinjoni mibgħuta mill-ESMA u għandha tinnotifika lid-ditta ta' investiment kif xieraq fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mill-adozzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta l-awtorizzazzjoni għall-operat ta' MTF jew OTF meta l-ESMA tagħti opinjoni negattiva.

6. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tista' tirtira l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti, meta l-ESMA tinnotifikaha li l-operat ta' MTF jew OTF jissodisfa xi waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/65/UE. Meta l-awtorità kompetenti tirtira l-awtorizzazzjoni, hija għandha tinforma lid-ditta ta' investiment kif xieraq.

7. Il-paragrafi 1 sa 6 għandhom japplikaw ukoll għal ditta ta' investiment li tappartjeni għall-istess grupp bħal CCP jew CSD li huwa soġġett għas-superviżjoni mill-ESMA.

8. Il-paragrafi 1 sa 7 għandhom japplikaw minn meta l-ESMA ssir l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 38fa.

Artikolu 2r

Estensjoni tal-awtorizzazzjoni għal ditti ta' investiment li diġà joperaw MTFs jew OTFs

1. Ditta ta' investiment awtorizzata mill-ESMA skont l-Artikolu 2q(1) u li tkun tixtieq awtorizzazzjoni biex testendi n-negozju tagħha għal servizzi jew

attivitajiet ta' investiment addizzjonali jew servizzi anċillari mhux previsti fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni inizjali għandha tissottometti talba għall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni tagħha lill-ESMA.

2. Meta t-talba msemmija fil-paragrafu 1 tikkonċerna servizzi jew attivitajiet ta' investiment għajr l-operat ta' MTF jew OTF, l-ESMA għandha mingħajr dewmien żejjed tibgħat dik it-talba u kwalunkwe informazzjoni pprovduta mid-ditta ta' investiment għal dak l-għan lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tad-ditta ta' investiment.

L-awtorità kompetenti msemmija fis-subparagrafu 1 għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tkunx kompluta fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi l-applikazzjoni.

Meta l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi skadenza sa meta d-ditta ta' investiment għandha tipprovdi informazzjoni addizzjonali.

Wara li tivvaluta li l-applikazzjoni tkun kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lid-ditta ta' investiment kif xieraq.

L-awtorità kompetenti għandha toħroġ opinjoni dwar l-estensjoni tal-awtorizzazzjoni fi żmien 60 jum tax-xogħol minn meta tirċievi l-applikazzjoni kompluta u tibgħat dik l-opinjoni mingħajr dewmien żejjed lill-ESMA.

L-ESMA għandha tadotta deċiżjoni motivata li tagħti jew tirrifjuta l-awtorizzazzjoni abbażi tal-opinjoni mibgħuta mill-awtorità kompetenti u għandha tinnotifika lid-ditta ta' investiment kif xieraq fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mill-adozzjoni. L-ESMA għandha tirrifjuta l-estensjoni tal-awtorizzazzjoni meta l-awtorità kompetenti tagħti opinjoni negattiva.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2q(3), l-ESMA għandha tirtira l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 2q fir-rigward tas-servizzi jew l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tad-ditta ta' investiment tipprovdi opinjoni motivata li tikkonkludi li xi waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/65/UE hija ssodisfata fir-rigward tas-servizzi jew l-attivitajiet ta' investiment imsemmija fil-paragrafu 1. Meta l-ESMA tirtira l-awtorizzazzjoni, hija għandha tinforma lid-ditta ta' investiment kif xieraq.

4. Meta twettaq il-kompiti kkonferiti lilha b'dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tapplika d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2014/65/UE tal-Istat Membru ta' domiċilju ta' dik id-ditta ta' investiment, interpretati b'mod konsistenti mad-dritt tal-Unjoni.

5. Il-paragrafi 1 sa 4 għandhom japplikaw minn meta l-ESMA ssir l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 38fa.

Artikolu 2s

Estensjoni tal-awtorizzazzjoni għal ditti ta' investiment li beħsiebhom joperaw MTFs jew OTFs

1. Meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 38fa għal ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera ċentru tan-negozjar sinifikanti, ditta ta' investiment applikanti li tappartjeni għall-istess grupp bħal dik id-ditta ta' investiment jew dak l-operatur tas-suq li jopera ċentru tan-negozjar sinifikanti u li tkun tixtieq testendi l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex topera MTF jew OTF,

għandha tissottometti talba għal estensjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħha.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha mingħajr dewmien tibgħat lill-ESMA dik it-talba u kwalunkwe informazzjoni pprovduta mid-ditta ta' investiment għal dak l-għan.

L-ESMA għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tkunx kompluta fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi l-applikazzjoni.

Meta l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-ESMA għandha tistabbilixxi skadenza sa meta d-ditta ta' investiment għandha tipprovdi informazzjoni addizzjonali.

Wara li tivvaluta li l-applikazzjoni tkun kompluta, l-ESMA għandha tinnotifika lid-ditta ta' investiment kif xieraq.

L-ESMA għandha toħroġ opinjoni dwar l-estensjoni tal-awtorizzazzjoni fi żmien 60 jum tax-xogħol minn meta tirċievi l-applikazzjoni kompluta, u tibgħat dik l-opinjoni mingħajr dewmien żejjed lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tadotta deċiżjoni motivata li tagħti jew tiċħad l-awtorizzazzjoni abbażi tal-opinjoni mibgħuta mill-ESMA u għandha tinnotifika lid-ditta ta' investiment kif xieraq fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mill-adozzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta l-estensjoni tal-awtorizzazzjoni meta l-ESMA tagħti opinjoni negattiva.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/65/UE, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tirtira l-awtorizzazzjoni għall-operat ta' MTF jew OTF, meta l-ESMA tipprovdi opinjoni motivata li tikkonkludi li l-operat ta' MTF jew OTF jissodisfa xi waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/65/UE. Meta l-awtorità kompetenti tirtira l-awtorizzazzjoni, hija għandha tinforma lid-ditta ta' investiment kif xieraq.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw ukoll għal ditta ta' investiment li tappartjeni għall-istess grupp bħal CCP jew CSD li jkun soġġett għas-superviżjoni mill-ESMA, meta dik id-ditta ta' investiment tkun tixtieq testendi l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex topera MTF jew OTF.

4. Il-paragrafi 1 sa 3 għandhom japplikaw minn meta l-ESMA ssir l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 38fa.

Artikolu 2t

Superviżjoni kontinwa

1. Għad-ditti ta' investiment awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 2q(5), l-Artikolu 2r u l-Artikolu 2s, l-ESMA għandha tagħmel rieżami regolari tal-konformità tad-ditta ta' investiment mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan it-Titolu u, għall-aspetti li huma rilevanti għall-operat ta' MTF jew OTF, mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Istat Membru ta' domiċilju ta' dik id-ditta ta' investiment interpretati b'mod konsistenti mad-dritt tal-Unjoni.

2. Għad-ditti ta' investiment awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 2q(5), l-Artikolu 2r u l-Artikolu 2s, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta'

domiċilju tad-ditta ta' investiment għandha tagħmel rieżami regolari tal-konformità tad-ditta ta' investiment mar-rekwiżiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati fl-implimentazzjoni tat-Titolu II tad-Direttiva 2014/65/UE mill-Istat Membru ta' domiċilju ta' dik id-ditta ta' investiment.

3. Biex tiġi żgurata awtorizzazzjoni effettiva u effiċjenti u superviżjoni kontinwa tad-ditti ta' investiment f'konformità mal-Artikolu 2q(5), l-Artikolu 2r, u l-Artikolu 2s, l-ESMA u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tad-ditta ta' investiment għandhom jistabbilixxu arranġament ta' kooperazzjoni.

4. Il-paragrafi 1 sa 3 għandhom japplikaw minn meta l-ESMA ssir l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 38fa.

Artikolu 2u

Konformità tal-MTF jew tal-OTF mar-regoli u ma' obbligi legali oħra

1. Id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw MTF jew OTF għandhom jistabbilixxu regoli u proċeduri trasparenti għal negozjar ġust u ordnat u jistabbilixxu kriterji oġġettivi għall-eżekuzzjoni effiċjenti tal-ordnijiet. Għandu jkollhom arranġamenti għall-immaniġġjar sod tal-operazzjonijiet tekniċi tal-faċilità, inkluż l-istabbiliment ta' arranġamenti ta' kontinġenza effettivi biex ilaħħqu mar-riskji ta' tfixkil tas-sistemi.

2. Id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw MTF jew OTF għandhom jistabbilixxu regoli trasparenti rigward il-kriterji għad-determinazzjoni tal-istrumenti finanzjarji li jistgħu jiġu nnegozjati skont is-sistemi tagħha.

Fejn applikabbli, id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw MTF jew OTF għandhom jipprovdu biżżejjed informazzjoni disponibbli pubblikament biex l-utenti tagħhom ikunu jistgħu jiffurmaw ġudizzju dwar l-investiment u li tqis kemm in-natura tal-utenti kif ukoll it-tipi ta' strumenti nnegozjati, jew għandhom ikunu sodisfatti li hemm aċċess għaliha.

3. Id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw MTF jew OTF għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 2f(1), il-punti (a), (f) u (g), l-Artikolu 2g, l-Artikolu 2h, l-Artikolu 2l(1), l-Artikolu 2m(1), l-Artikolu 2n(1), l-Artikolu 2n(2), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 2n(3), l-ewwel subparagrafu, u għandu jkollhom fis-seħħ is-sistemi, il-proċeduri u l-arranġamenti effettivi kollha meħtieġa biex jagħmlu dan.

4. L-Artikolu 2m(2), l-Artikolu 2n(2), it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames subparagrafi, u l-Artikolu 2n(3), it-tieni subparagrafu, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fir-rigward tad-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw MTF jew OTF.

5. Id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw MTF jew OTF għandhom jinfurmaw b'mod ċar lill-membri jew lill-parteċipanti tagħhom dwar ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għas-saldu tat-tranżazzjonijiet eżegwiti f'dik il-faċilità. Id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw MTF jew OTF għandhom jistabbilixxu l-arranġamenti meħtieġa biex jiffaċilitaw is-saldu effiċjenti tat-tranżazzjonijiet konklużi skont is-sistemi ta' dik l-MTF jew OTF.

6. Meta titolu trasferibbli li jkun ġie ammess għan-negozjar f'suq regolat jiġi nnegozjat ukoll f'MTF jew OTF mingħajr il-kunsens tal-emittent, l-emittent ma għandu jkun soġġett għall-ebda obbligu relatat mad-divulgazzjoni finanzjarja inizjali, kontinwa jew *ad hoc* fir-rigward ta' dik l-MTF jew OTF.

7. Kwalunkwe ditta ta' investiment u operatur tas-suq li joperaw MTF jew OTF għandhom jikkonformaw immedjatament ma' kwalunkwe struzzjoni mill-awtorità kompetenti tagħhom jew, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, mill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza tagħhom skont l-Artikolu 69(2) tad-Direttiva 2014/65/UE biex jissospendu jew ineħħu strument finanzjarju min-negozjar.

8. Id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw MTF jew OTF għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti b'deskrizzjoni dettaljata tal-funzjonament tal-MTF jew tal-OTF, inkluż, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2z(1), (4) u (5), kwalunkwe rabta ma' jew parteċipazzjoni minn suq regolat, MTF, OTF jew internalizzatur sistematiku li jkun proprjetà tal-istess ditta ta' investiment jew operatur tas-suq, u lista tal-membri, il-parteċipanti u/jew l-utenti tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni lill-ESMA u, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza fuq talba.

Artikolu 2v

Sospensjoni u tneħħija ta' strumenti finanzjarji min-negozjar fuq MTF jew OTF

1. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-awtorità kompetenti jew, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, tal-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza li titlob is-sospensjoni jew it-tneħħija ta' strument finanzjarju min-negozjar skont l-Artikolu 69(2) tad-Direttiva 2014/65/UE, ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera MTF jew OTF jista' jissospendi jew ineħħi min-negozjar strument finanzjarju fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 2k(1).

2. L-Artikolu 2k(2) għandu japplika *mutatis mutandis* fil-każ fejn ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera MTF jew OTF jissospendi jew ineħħi min-negozjar strument finanzjarju u d-derivattivi kif imsemmi fit-Taqsima C, il-punti (4) sa (10), tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/KE li jkunu relatati jew referenzjati ma' dak l-istrument finanzjarju.

Artikolu 2w

Attività transfruntiera ta' MTFs u OTFs

L-Artikolu 2o għandu japplika *mutatis mutandis* fir-rigward ta' ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera MTF jew OTF.

Artikolu 2x

Rekwiżiti speċifiċi għall-MTFs

1. Id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw MTF, minbarra li għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2014/65/UE u ta' dan ir-Regolament, għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw regoli mhux diskrezzjonali għall-eżekuzzjoni tal-ordnijiet fis-sistema.

2. Meta jikkonformaw mal-Artikolu 2l(1), id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw MTF għandhom jiżguraw li r-regoli li jirregolaw l-aċċess għal MTF jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2l(3).

Meta jaċċettaw bħala membri jew parteċipanti persuni li diġà jkunu membri jew parteċipanti ta' suq regolat ieħor jew MTF oħra, id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw MTF għandhom iqisu li dawk il-persuni jikkonformaw mal-Artikolu 2l(3), il-punt (a), mingħajr ebda valutazzjoni ulterjuri. Id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw MTF għandhom iqisu wkoll li dawk il-persuni jikkonformaw mal-Artikolu 2l(3), il-punti (b) u (c), mingħajr ebda valutazzjoni ulterjuri, meta jitolbu li jsiru membri jew parteċipanti fir-rigward tan-negozjar fi klassi ta' strumenti finanzjarji li għalihom diġà jkunu membri jew parteċipanti ta' suq regolat ieħor jew MTF oħra.

3. Id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw MTF għandu jkollhom:

(a) arranġamenti biex ikunu mgħammra b'mod adegwat biex jimmaniġġjaw ir-riskji li għalihom tkun esposta, biex jimplimentaw arranġamenti u sistemi xierqa biex jidentifikaw ir-riskji sinifikanti kollha għall-operat tagħha, u biex jistabbilixxu miżuri effettivi biex jimmitigaw dawk ir-riskji;

(b) arranġamenti biex jiffaċilitaw il-finalizzazzjoni effiċjenti u f'waqtha tat-tranżazzjonijiet eżegwiti skont is-sistemi tagħha; u

(c) għandu jkollhom disponibbli, fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni u fuq bażi kontinwa, biżżejjed riżorsi finanzjarji biex jiffaċilitaw il-funzjonament ordnat tagħhom, filwaqt li jqisu n-natura u l-firxa tat-tranżazzjonijiet konklużi fis-suq u l-firxa u l-grad tar-riskji li għalihom ikunu esposti.

Meta, għall-finijiet ta' konformità mar-rekwiżiti skont il-punti (a), u (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera MTF juża r-riżorsi ta' entità oħra li tinsab fl-Unjoni li tappartjeni għall-istess grupp bħal dik id-ditta ta' investiment jew dak l-operatur tas-suq, jew ikun jiddependi fuq funzjonijiet li twettaq hi, id-dipendenza fuq dik l-entità ma għandhiex tikkostitwixxi esternalizzazzjoni għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3a. Il-post fl-Unjoni tal-entità li tuża r-riżorsi jew twettaq funzjonijiet għall-konformità tal-operatur tas-suq mar-rekwiżiti skont il-punti (a), u (b), tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux ikun rilevanti fil-valutazzjoni ta' dik il-konformità mill-awtorità kompetenti.

3a. Id-dipendenza ta' ditta ta' investiment jew ta' operatur tas-suq li jopera MTF fuq entità oħra li tinsab fl-Unjoni u li tappartjeni għall-istess grupp bħal dik id-ditta ta' investiment jew dak l-operatur tas-suq ma għandhiex tikkostitwixxi esternalizzazzjoni skont il-paragrafu 3, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq li jopera MTF u entità oħra fil-grupp li se tuża r-riżorsi tagħha jew li se twettaq funzjonijiet għal dik id-ditta ta' investiment jew dak l-operatur tas-suq ikunu stabbilew arranġamenti biex jiżguraw li dik l-entità fl-istess grupp tikkoopera mal-awtorità kompetenti tad-ditta ta' investiment jew tal-operatur tas-suq li jopera MTF b'rabta ma' dak l-użu tar-riżorsi jew ma' dak it-twettiq tal-funzjonijiet;

(b) id-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq li jopera MTF ikun stabbilixxa mekkaniżmi adegwati biex jidentifika b'mod ċar u jimmaniġġja l-konsegwenzi negattivi potenzjali, għall-operat tal-MTF jew għall-membri jew il-parteċipanti tiegħu, ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess bejn id-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq li jopera MTF u entità oħra fil-grupp li tkun se tuża r-riżorsi tagħha jew twettaq funzjonijiet għal dik l-MTF.

Meta jużaw ir-riżorsi ta' entità oħra fl-istess grupp jew jiddependu fuq it-twettiq ta' funzjonijiet minnha, id-ditti ta' investiment jew l-operaturi tas-suq li joperaw MTF għandhom jibqgħu kompletament responsabbli għat-twettiq tal-obbligi kollha tagħhom skont dan ir-Regolament u skont id-Direttiva 2014/65/UE.

L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda rekwiżit addizzjonali għall-użu tar-riżorsi jew għad-dipendenza fuq it-twettiq tal-funzjonijiet, skont il-paragrafu 3, minn entità oħra li tinsab fl-Unjoni fl-istess grupp bħad-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq li jopera MTF.

4. L-Artikoli 24, 25, l-Artikolu 27(1), (2) u (4) sa (10) u l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2014/65/UE ma għandhomx japplikaw għat-tranżazzjonijiet konklużi skont ir-regoli li jirregolaw MTF bejn il-membri jew il-parteċipanti tagħha jew bejn l-MTF u l-membri jew il-parteċipanti tagħha fir-rigward tal-użu tal-MTF. Madankollu, il-membri tal-MTF jew il-parteċipanti fiha għandhom jikkonformaw mal-obbligi previsti fl-Artikoli 24, 25, 27 u 28 tad-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward tal-klijenti tagħhom meta, huma u jaġixxu f'isem il-klijenti tagħhom, jeżegwixxu l-ordnijiet tagħhom permezz tas-sistemi ta' MTF.

5. Id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw MTF ma għandhomx jeżegwixxu ordnijiet tal-klijenti billi jużaw il-kapital proprjetarju, jew jinvolvu ruħhom f'negozjar matched principal.

Artikolu 2y

Swieq tat-tkabbir tal-SMEs

1. L-operatur ta' MTF jista' japplika mal-awtorità kompetenti tiegħu biex l-MTF, jew segment tagħha, jiġi rreġistrat bħala suq tat-tkabbir tal-SMEs.

2. L-awtorità kompetenti tista' tirreġistra l-MTF, jew segment tagħha, bħala suq tat-tkabbir tal-SMEs jekk l-awtorità kompetenti tirċievi applikazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1 u tkun sodisfatta li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 jkunu ssodisfati fir-rigward tal-MTF, jew li l-kundizzjonijiet fil-paragrafu 3a huma ssodisfati fir-rigward ta' segment tal-MTF.

3. L-MTFs għandhom jiżguraw li:

(a) mill-inqas 50 % tal-emittenti li l-istrumenti finanzjarji tagħhom jiġu ammessi għan-negozjar fuq l-MTF ikunu SMEs meta l-MTF tiġi rreġistrata bħala suq tat-tkabbir tal-SMEs u fi kwalunkwe sena kalendarja minn dakinhar 'il quddiem;

(b) jiġu stabbiliti kriterji xierqa għall-ammissjoni inizjali u kontinwa għan-negozjar ta' strumenti finanzjarji tal-emittenti fis-suq;

(c) mal-ammissjoni inizjali għan-negozjar ta' strumenti finanzjarji fis-suq ikun hemm biżżejjed informazzjoni ppubblikata biex l-investituri jkunu jistgħu jagħmlu ġudizzju infurmat dwar jekk jinvestux jew le fl-

istrumenti finanzjarji, jew permezz ta' dokument ta' ammissjoni xieraq jew prospett jekk ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/1129 ikunu applikabbli fir-rigward ta' offerta pubblika li ssir flimkien mal-ammissjoni inizjali għan-negozjar tal-istrument finanzjarju fuq l-MTF;

(d) ikun hemm rapportar finanzjarju perjodiku kontinwu xieraq minn jew f'isem emittent fis-suq, pereżempju rapporti annwali awditjati;

(e) l-emittenti fis-suq kif definiti fl-Artikolu 3(1), il-punt (21), tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, il-persuni li jwettqu responsabbiltajiet maniġerjali kif definiti fl-Artikolu 3(1), il-punt (25), tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 u l-persuni assoċjati mill-qrib magħhom kif definiti fl-Artikolu 3(1), il-punt (26), tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 ikunu jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti applikabbli għalihom skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014;

(f) informazzjoni regolatorja li tikkonċerna l-emittenti fis-suq tkun maħżuna u ppubblikata;

(g) ikun hemm sistemi u kontrolli effettivi li jkollhom l-għan li jipprevjenu u jidentifikaw l-abbuż tas-suq f'dak is-suq kif meħtieġ skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014.

3a. Is-segment rilevanti tal-MTF għandu jkun soġġett għal regoli, sistemi u proċeduri effettivi li jiżguraw li jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 u mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) is-segment tal-MTF irreġistrat bħala 'suq tat-tkabbir tal-SMEs' ikun separat b'mod ċar mis-segmenti tas-suq l-oħra operati mid-ditta ta' investiment jew mill-operatur tas-suq li jopera l-MTF, li jkun fost l-oħrajn indikat b'isem differenti, b'ġabra ta' regoli differenti, bi strateġija ta' kummerċjalizzazzjoni differenti, u b'pubbliċità differenti, kif ukoll b'allokazzjoni speċifika tal-kodiċi ta' identifikazzjoni tas-suq għas-segment irreġistrat bħala segment tas-suq tat-tkabbir tal-SMEs;

(b) it-tranżazzjonijiet magħmula fis-segment tas-suq tat-tkabbir tal-SMEs ikkonċernat ikunu distinti b'mod ċar minn attività oħra tas-suq fis-segmenti l-oħra tal-MTF;

(c) fuq talba tal-awtorità kompetenti tal-MTF, l-MTF għandha tipprovdi lista komprensiva tal-istrumenti elenkati fis-segment tas-suq tat-tkabbir tal-SMEs ikkonċernat, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni dwar l-operat tas-segment tas-suq tat-tkabbir tal-SMEs li l-awtorità kompetenti tista' titlob.

4. Il-konformità tad-ditta ta' investiment jew tal-operatur tas-suq li jopera l-MTF, jew segment tagħha, mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 u 3a hija mingħajr preġudizzju għall-konformità ta' dik id-ditta ta' investiment jew ta' dak l-operatur tas-suq ma' obbligi oħra skont dan ir-Regolament u skont id-Direttiva 2014/65/UE rilevanti għall-operat tal-MTFs. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7, id-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq li jopera l-MTF, jew segment tagħha, jista' jimponi kundizzjonijiet addizzjonali.

5. L-awtorità kompetenti ta' MTF tista' tneħħi r-reġistrazzjoni ta' MTF, jew ta' segment tagħha, bħala suq tat-tkabbir tal-SMEs fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) id-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq li jopera l-MTF, jew segment tagħha, japplika għat-tneħħija tar-reġistrazzjoni tiegħu;

(b) il-kundizzjonijiet fil-paragrafu 3 jew 3a b'rabta mal-MTF, jew ma' segment tagħha, ma jibqgħux jiġu rrispettati.

6. Jekk awtorità kompetenti ta' MTF tirreġistra jew tneħħi r-reġistrazzjoni ta' MTF, jew ta' segment tagħha, bħala suq tat-tkabbir tal-SMEs skont dan l-Artikolu, dik l-awtorità, meta ma tkunx l-ESMA, għandha mill-aktar fis possibbli tinnotifika lill-ESMA dwar dik ir-reġistrazzjoni jew it-tneħħija tar-reġistrazzjoni. L-ESMA għandha tippubblika lista tas-swieq tat-tkabbir tal-SMEs fuq is-sit web tagħha u għandha żżomm dik il-lista aġġornata.

7. Meta strument finanzjarju ta' emittent jiġi ammess għan-negozjar f'suq tat-tkabbir tal-SMEs wieħed, dak l-istrument finanzjarju jista' jiġi nnegozjat ukoll f'ċentru tan-negozjar ieħor biss meta l-emittent ikun ġie infurmat u ma jkunx oġġezzjona. Meta ċ-ċentru tan-negozjar l-ieħor ikun suq tat-tkabbir tal-SMEs ieħor jew segment ta' suq tat-tkabbir tal-SMEs, l-emittent ma għandux ikun soġġett għal kwalunkwe obbligu relatat mal-governanza korporattiva jew mad-divulgazzjoni inizjali, kontinwa jew *ad hoc*, fir-rigward ta' dak is-suq tat-tkabbir tal-SMEs l-ieħor. Meta ċ-ċentru tan-negozjar l-ieħor ma jkunx suq tat-tkabbir tal-SMEs, l-emittent għandu jiġi infurmat bi kwalunkwe obbligu li huwa se jkun soġġett għalih relatat mal-governanza korporattiva, jew mad-divulgazzjoni inizjali, kontinwa jew *ad hoc* fir-rigward taċ-ċentru tan-negozjar l-ieħor.

Artikolu 2z

Rekwiżiti speċifiċi għall-OTFs

1. Id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw OTF għandhom jistabbilixxu arranġamenti li jipprevjenu l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet tal-klijenti f'OTF bl-użu tal-kapital proprjetarju tad-ditta ta' investiment jew tal-operatur tas-suq li jopera l-OTF jew ta' kwalunkwe entità li tkun parti mill-istess grupp jew persuna ġuridika bħad-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq.

2. Id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw OTF jistgħu jinvolvu ruħhom f'negozjar matched principal f'bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u ċerti derivattivi biss meta l-klijent ikun ta l-kunsens tiegħu għall-proċess.

Id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw OTF ma għandhomx jużaw negozjar matched principal biex jeżegwixxu ordnijiet tal-klijenti f'OTF f'derivattivi li jappartjenu għal klassi ta' derivattivi li tkun ġiet iddikjarata soġġetta għall-obbligu tal-ikklerjar f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

Id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw OTF għandhom jistabbilixxu arranġamenti li jiżguraw il-konformità mad-definizzjoni ta' negozjar matched principal fl-Artikolu 4(1), il-punt (38), tad-Direttiva 2014/65/UE.

3. Id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw OTF jistgħu jinnegozjaw f'isimhom stess għajr negozjar matched principal biss fir-rigward ta' strumenti ta' dejn sovran li għalihom ma jkunx hemm suq likwidu.

4. L-operat ta' OTF u ta' internalizzatur sistematiku ma għandux iseħħ fl-istess entità legali. OTF ma għandhiex tikkonnettja ma' internalizzatur sistematiku b'mod li l-ordnijiet f'OTF u l-ordnijiet jew il-kwotazzjonijiet f'internalizzatur sistematiku jkunu jistgħu jinteraġixxu. OTF ma għandhiex tkun konnessa ma' OTF oħra b'mod li l-ordnijiet f'OTFs differenti jkunu jistgħu jinteraġixxu.

5. Ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera OTF jista' jqabbad ditta ta' investiment oħra biex twettaq ġenerazzjoni tas-suq fuq dik l-OTF fuq bażi indipendenti.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, ditta ta' investiment ma għandhiex titqies li twettaq attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq fuq OTF fuq bażi indipendenti jekk ikollha rabtiet mill-qrib mad-ditta ta' investiment jew mal-operatur tas-suq li jopera l-OTF.

6. L-eżekuzzjoni ta' ordnijiet fuq OTF għandha ssir fuq bażi diskrezzjonali.

Ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera OTF għandu jeżerċita diskrezzjoni biss fiċ-ċirkostanzi li ġejjin jew f'waħda minnhom:

(a) meta jiddeċiedi li jqiegħed jew jirtira ordni fuq l-OTF li jopera;

(b) meta jiddeċiedi li ma jqabbilx ordni speċifika ta' klijent ma' ordnijiet oħra disponibbli fis-sistemi f'waqt partikolari, sakemm dan ikun konformi mal-istruzzjonijiet speċifiċi ta' klijent u mal-obbligi tiegħu f'konformità mal-Artikolu 27.

Għas-sistema li tqabbel l-ordnijiet tal-klijenti d-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq li jopera l-OTF jista' jiddeċiedi jekk, meta u kemm minn żewġ ordnijiet jew aktar jixtieq li jqabbel fis-sistema. F'konformità mal-paragrafi 1, 2, 4 u 5 u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 fir-rigward ta' sistema li tirranġa t-tranżazzjonijiet fin-nonekwitajiet, id-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq li jopera l-OTF jista' jiffaċilita n-negozjati bejn il-klijenti sabiex jgħaqqad żewġ interessi ta' negozjar jew aktar potenzjalment kompatibbli fi tranżazzjoni.

Dak l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2u u 27 tad-Direttiva 2014/65/UE.

7. L-awtorità kompetenti tista' tirrikjedi li ditta ta' investiment jew operatur tas-suq — jew meta dik id-ditta ta' investiment jew dak l-operatur tas-suq jitlob li jiġi awtorizzat jopera OTF jew fuq bażi *ad hoc* — jagħti spjegazzjoni dettaljata għaliex is-sistema ma tikkorrispondix għal suq regolat, MTF, jew internalizzatur sistematiku u ma tistax topera bħala tali, deskrizzjoni dettaljata dwar kif se tiġi eżerċitata d-diskrezzjoni, b'mod partikolari meta ordni lill-OTF tista' tiġi rtirata u meta u kif jitqabblu żewġ ordnijiet tal-klijenti jew aktar fl-OTF. Barra minn hekk, ditta ta' investiment jew operatur tas-suq ta' OTF għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti informazzjoni li tispjega kif juża n-negozjar matched principal. L-awtorità kompetenti għandha tissorvelja l-involviment ta' ditta ta' investiment jew ta' operatur tas-suq fin-negozjar matched principal sabiex tiżgura li dan jibqa' jaqa' taħt id-definizzjoni ta' tali negozjar u li l-involviment tiegħu f'negozjar matched principal ma jwassalx għal kunflitti ta' interessi bejn id-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq u l-klijenti tiegħu.

8. L-Artikoli 24, 25, 27 u 28 tad-Direttiva 2014/65/UE għandhom japplikaw għat-tranżazzjonijiet konklużi fuq OTF.

KAPITOLU 3

Operaturi tas-Suq Pan-Ewropej

Artikolu 2za

Awtorizzazzjoni tal-Operaturi tas-Suq Pan-Ewropej

1. Kwalunkwe persuna ġuridika li beħsiebha topera aktar minn ċentru tan-negozjar wieħed f'aktar minn Stat Membru wieħed tista' tapplika mal-ESMA għall-awtorizzazzjoni bħala operatur tas-suq pan-Ewropew ("PEMO") minn [PO: jekk jogħġbok daħħal id-data minn meta l-ESMA ssir l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 38fa].

2. PEMO għandu jiġi awtorizzat mill-ESMA għall-finijiet ta' dan it-Titolu meta:

(a) il-PEMO jkun persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni; u

(b) kemm il-PEMO kif ukoll iċ-ċentri tan-negozjar li beħsiebu jopera jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan it-Titolu.

3. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tispeċifika ċ-ċentri tan-negozjar li l-PEMO huwa awtorizzat jopera u l-Istati Membri fejn dawk jinsabu jew jiġu operati. Meta PEMO awtorizzat ifittex li jestendi n-negozju tiegħu biex jopera ċentri tan-negozjar addizzjonali, huwa għandu jissottometti talba lill-ESMA għall-estensjoni ta' dik l-awtorizzazzjoni.

4. PEMO għandu jikkonforma l-ħin kollu mal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni msemmija f'dan it-Titolu. PEMO għandu, mingħajr dewmien żejjed, jinnotifika lill-ESMA dwar kwalunkwe bidla materjali fil-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, inkluża l-lista ta' ċentri tan-negozjar li jkun beħsiebu jopera.

5. L-ESMA għandha tistabbilixxi reġistru tal-PEMOs kollha fl-Unjoni. Ir-reġistru għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku u għandu jkun fih il-lista taċ-ċentri tan-negozjar kollha operati minn PEMO u l-Istati Membri fejn jinsabu jew huma operati dawk iċ-ċentri tan-negozjar. Dan għandu jiġi aġġornat fuq bażi regolari.

Artikolu 2zb

Proċeduri għall-għoti ta' awtorizzazzjoni bħala PEMO

1. Applikant li jkun qiegħed ifittex awtorizzazzjoni bħala PEMO għandu jissottometti applikazzjoni lill-ESMA. Dik l-applikazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex l-ESMA tkun tista' tivvaluta jekk il-PEMO jkunx stabbilixxa, fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni inizjali, l-arranġamenti kollha meħtieġa biex jissodisfa l-obbligi tiegħu skont dan it-Titolu.

2. L-ESMA għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tkunx kompluta fi żmien 20 jum tax-xogħol mill-irċevuta tal-applikazzjoni.

3. Meta l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-ESMA għandha tistabbilixxi skadenza sa meta l-PEMO applikant għandu jipprovdi informazzjoni addizzjonali.

Wara li tivvaluta l-applikazzjoni bħala kompluta, l-ESMA għandha tinnotifika lill-PEMO kif xieraq. Hija għandha tinnotifika wkoll lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza rilevanti.

4. L-ESMA għandha, fi żmien 6 xhur minn meta tirċievi applikazzjoni kompluta, tivvaluta l-konformità tal-PEMO u taċ-ċentri tan-negozjar li l-PEMO jkun beħsiebu jopera ma' dan it-Titolu. Hija għandha tadotta deċiżjoni motivata li tagħti jew tirrifjuta l-awtorizzazzjoni u għandha tinnotifika lill-PEMO applikant kif xieraq fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mill-adozzjoni. Hija għandha tinnotifika wkoll lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza rilevanti.

5. B'deroga mill-Artikoli 2b u 2p, iċ-ċentri tan-negozjar operati minn PEMO ma għandhomx ifittxu awtorizzazzjoni fl-Istat Membru fejn jinsabu jew joperaw skont il-Kapitolu 1 u l-Kapitolu 2 ta' dan it-Titolu.

6. F'każijiet fejn PEMO jkun beħsiebu jsir l-operatur ta' ċentru tan-negozjar li huwa operat minn operatur tas-suq jew ditta tal-investiment li hija entità legali differenti u li ma tappartjenix għall-grupp li għalih jappartjeni l-PEMO, il-PEMO għandu jissottometti, bħala parti mill-applikazzjoni tiegħu għall-awtorizzazzjoni jew it-talba tiegħu biex jestendi n-negozju tiegħu biex jopera ċentri tan-negozjar addizzjonali, dikjarazzjoni minn dak l-operatur tas-suq jew ditta tal-investiment li tikkonferma l-intenzjoni tiegħu li jittrasferixxi l-operat taċ-ċentru tan-negozjar li jopera lill-PEMO. L-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 2za(2) għandha tiġi emendata skont dan.

7. L-awtorizzazzjoni mogħtija lil suq irregolat skont l-Artikolu 2a jew lil operatur tas-suq jew ditta tal-investiment biex topera MTF jew OTF skont l-Artikolu 2p ta' dan ir-Regolament jew l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/65/UE għandha titqies bħala revokata mad-dħul fis-seħħ tal-awtorizzazzjoni jew tal-pjan emendat tal-operazzjonijiet ta' PEMO li jkopri l-operat ta' dak iċ-ċentru tan-negozjar, f'konformità mal-paragrafu 6. Awtorizzazzjoni tal-PEMO ma tistax tiġi kkombinata ma' awtorizzazzjonijiet oħra għall-operat ta' suq irregolat, MTF jew OTF fl-istess grupp.

Artikolu 2zc

Irtirar tal-awtorizzazzjoni

1. L-ESMA tista' tirtira l-awtorizzazzjoni ta' PEMO fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 2c(1).

2. Mal-irtirar tal-awtorizzazzjoni, l-ESMA għandha tinnotifika lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza rilevanti kif ukoll, fejn rilevanti, lill-awtorità ddeżinjata skont l-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Istat Membru fejn iċ-ċentri tan-negozjar operati mill-PEMO jipprovdu l-attivitajiet tagħhom.

Artikolu 2zd

Rekwiżiti għall-PEMO

1. Il-PEMO għandu jikkonforma mar-rekwiżiti kollha li japplikaw għal operatur tas-suq, skont dan ir-Regolament.

2. Il-PEMO għandu jkun responsabbli, taħt is-superviżjoni tal-ESMA u, fejn espressament previst minn dan ir-Regolament, tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza, biex jiżgura li ċ-ċentri tan-negozjar li jopera jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Il-PEMO huwa intitolat jeżerċita d-drittijiet li jikkorrispondu għas-swieq irregolati li jopera bis-saħħa ta' dan ir-Regolament.

Għaċ-ċentri tan-negozjar operati minn PEMO, ir-referenzi kollha magħmula f'dan ir-Regolament lill-awtorità kompetenti taċ-ċentru tan-negozjar għandhom jinftiehmu bħala referenza għall-ESMA.

Artikolu 2ze

Operat ta' ċentri tan-negozjar fi Stat Membru ieħor u l-liġi applikabbli

1. L-Istati Membri għandhom, mingħajr rekwiżiti legali jew amministrattivi ulterjuri, jippermettu li PEMO li jkun awtorizzat skont l-Artikolu 2za jopera ċentri tan-negozjar fit-territorju tagħhom, permezz tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew permezz tal-istabbiliment ta' fergħa, dment li l-operat ta' dawk iċ-ċentri tan-negozjar tkun koperta mill-awtorizzazzjoni tal-PEMO.

2. Il-PEMO għandu jiddetermina, fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 2zb, jew fit-talba għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 2za(3), għal kull ċentru tan-negozjar li jkun beħsiebu jopera, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ċ-ċentru tan-negozjar għandu jitqies li jinsab jew jiġi operat. F'każijiet fejn PEMO jsir l-operatur ta' ċentru tan-negozjar li diġà huwa awtorizzat, dak iċ-ċentru tan-negozjar għandu jitqies li jinsab jew li huwa operat fit-territorju tal-Istat Membru fejn dak iċ-ċentru tan-negozjar kien inizjalment awtorizzat.

Għal materji mhux koperti mid-dritt tal-Unjoni applikabbli direttament, il-liġi nazzjonali li tirregola n-negozjar imwettaq skont is-sistemi ta' ċentru tan-negozjar operat minn PEMO għandha tkun dik tal-Istat Membru fejn iċ-ċentru tan-negozjar jitqies li jinsab jew li huwa operat.

3. PEMO jista' jagħmel użu mid-drittijiet ta' passaportar skont l-Artikoli 2o u 2w fir-rigward ta' kull ċentru tan-negozjar li jopera.

KAPITOLU 4

Lista ta' ċentri tan-negozjar u setgħat

Artikolu 2zf

Lista ta' ċentri tan-negozjar

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw lill-ESMA l-lista taċ-ċentri tan-negozjar awtorizzati fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, inkluża kwalunkwe bidla fiha. L-ESMA għandha tippubblika u żżomm aġġornata lista taċ-ċentri tan-negozjar kollha, inklużi ċ-ċentri tan-negozjar li għalihom l-ESMA hija l-awtorità kompetenti, fuq is-sit web tagħha.

Artikolu 2zg

Standards tekniċi regolatorji u delega

1. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex:

(a) tispeċifika aktar l-attivitajiet anċillari msemmija fl-Artikolu 2a(3);

(b) tiddetermina l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 2b(1), l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fin-notifiki msemmija fl-Artikolu 2d(8), kif ukoll il-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għas-sottomissjoni ta' dik l-informazzjoni;

(c) tispeċifika aktar is-sitwazzjoni li fiha persuna għandha titqies li tkun f'pożizzjoni li teżerċita, direttament jew indirettament, influwenza sinifikanti fuq l-immaniġġjar tas-suq irregolat, f'konformità mal-Artikolu 2e;

(d) tispeċifika aktar ir-rekwiżiti biex tiżgura li operatur tas-suq ikollu biżżejjed riżorsi finanzjarji biex jiffaċilita l-funzjonament ordnat tas-suq irregolat li jopera, f'konformità mal-Artikolu 2f;

(e) tispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 2zb(1).

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex:

(a) temenda dan ir-Regolament billi timmodifika l-livelli limiti msemmija fl-Artikolu 2j(1) u (3) jew il-livell limitu msemmi fil-paragrafu 4 ta' dak l-Artikolu, jew kollha kemm huma, meta l-livelli limiti applikabbli jimpedixxu l-likwidità fis-swieq pubbliċi filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi finanzjarji;

(b) tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika l-lista ta' ċirkostanzi li jikkostitwixxu ħsara sinifikanti għall-interessi tal-investituri u l-funzjonament ordnat tas-suq imsemmi fl-Artikolu 2k(1) u (2);

(c) tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina ċ-ċirkostanzi li jiskattaw rekwiżit ta' informazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 2n(2);

(d) tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika aktar il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2y(3) u (3a). Dawk il-kundizzjonijiet għandhom iqisu l-ħtieġa li jinżammu livelli għoljin ta' protezzjoni tal-investituri sabiex tiġi promossa l-fiduċja tal-investituri f'dawk is-swieq, filwaqt li jiġu mminimizzati l-piżijiet amministrattivi għall-emittenti fis-suq. Għandhom iqisu wkoll li d-dereġistrazzjonijiet ma għandhomx iseħħu u lanqas ma għandhom jiġu rrifjutati reġistrazzjonijiet sempliċiment minħabba nuqqas temporanju ta' konformità mal-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 3, il-punt (a), ta' dak l-Artikolu.

3. L-ESMA tista' tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex:

(a) tispeċifika r-rekwiżiti biex jiġi żgurat li s-sistemi tan-negozjar tas-swieq irregolati jkunu reżiljenti u jkollhom kapaċità adegwata, ħlief ir-rekwiżiti relatati mar-reżiljenza operazzjonali diġitali;

(b) tispeċifika l-proporzjon imsemmi fl-Artikolu 2g(6), filwaqt li tqis fatturi bħall-valur tal-ordnijiet mhux eżegwiti fir-rigward tal-valur tat-tranżazzjonijiet eżegwiti;

(c) tispeċifika l-kontrolli li jikkonċernaw l-aċċess elettroniku dirett b'tali mod li jiżguraw li l-kontrolli applikati għall-aċċess sponsorjat ikunu mill-anqas ekwivalenti għal dawk applikati għall-aċċess dirett għas-suq;

(d) tispeċifika r-rekwiżiti biex jiġi żgurat li s-servizzi ta' kolokazzjoni u l-istrutturi tat-tariffi jkunu ġusti u mhux diskriminatorji u li l-istrutturi tat-

tariffi ma joħolqux inċentivi għal kundizzjonijiet diżordinati tan-negozjar jew abbuż tas-suq;

(e) tispeċifika d-determinazzjoni ta' fejn suq irregolat ikun materjali f'termini ta' likwidità fi strument finanzjarju;

(f) tispeċifika r-rekwiżiti biex jiġi żgurat li l-iskemi ta' ġenerazzjoni tas-suq ikunu ġusti u mhux diskriminatorji u biex jiġu stabbiliti obbligi minimi ta' ġenerazzjoni tas-suq li s-swieq irregolati jridu jipprevedu meta jfasslu skema ta' ġenerazzjoni tas-suq u l-kundizzjonijiet li taħthom ir-rekwiżit li jkun hemm fis-seħħ skema ta' ġenerazzjoni tas-suq ma jkunx xieraq, filwaqt li jitqiesu n-natura u l-iskala tan-negozjar f'dak is-suq irregolat, inkluż jekk is-suq irregolat iħallix jew jippermettix li jseħħ negozjar algoritmiku permezz tas-sistemi tiegħu;

(g) tispeċifika r-rekwiżiti biex jiġi żgurat l-ittestjar xieraq tal-algoritmi, minbarra l-ittestjar tar-reżiljenza operazzjonali diġitali, sabiex jiġi żgurat li s-sistemi ta' negozjar algoritmiku inklużi s-sistemi ta' negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja ma jkunux jistgħu joħolqu jew jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet diżordinati tan-negozjar fis-suq;

(h) tispeċifika l-prinċipji li s-swieq irregolati għandhom jikkunsidraw meta jistabbilixxu l-mekkaniżmi tagħhom biex iwaqqfu jew jillimitaw in-negozjar f'konformità mal-Artikolu 2g(5), filwaqt li jqisu l-likwidità tal-klassijiet u s-subklassijiet differenti tal-assi, in-natura tal-mudell tas-suq u t-tipi ta' utenti, u mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tas-swieq irregolati fl-istabbiliment ta' dawk il-mekkaniżmi;

(i) tispeċifika l-informazzjoni li s-swieq irregolati għandhom jiddivulgaw, inklużi l-parametri għat-twaqqif tan-negozjar li s-swieq irregolati għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti, skont l-Artikolu 2g(5);

(j) tispeċifika l-fluttwazzjonijiet minimi fil-prezzijiet jew ir-reġimi għal fluttwazzjonijiet minimi fil-prezzijiet għal ishma speċifiċi, riċevuti depożitarji, fondi nnegozjati fil-borża, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra fejn meħtieġ biex jiġi żgurat il-funzjonament ordnat tas-swieq, f'konformità mal-fatturi fl-Artikolu 2h(2) u l-prezz, il-firxiet u l-profondità tal-likwidità tal-istrumenti finanzjarji;

(k) tispeċifika l-fluttwazzjonijiet minimi fil-prezzijiet jew ir-reġimi għal fluttwazzjonijiet minimi għal strumenti finanzjarji speċifiċi għajr dawk elenkati fl-Artikolu 2h(1) meta meħtieġ biex jiġi żgurat il-funzjonament ordnat tas-swieq, f'konformità mal-fatturi fl-Artikolu 2h(2) u l-prezz, il-firxiet u l-profondità tal-likwidità tal-istrumenti finanzjarji.

(l) tispeċifika l-karatteristiċi ta' klassijiet differenti ta' strumenti finanzjarji li għandhom jitqiesu minn suq irregolat meta jiġi vvalutat jekk strument finanzjarju jinħariġx b'mod konsistenti mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2i(1), it-tieni subparagrafu, għall-ammissjoni għan-negozjar fis-segmenti differenti tas-suq li jopera;

(m) tiċċara l-arranġamenti li suq regolat huwa meħtieġ jimplimenta sabiex jiġi kkunsidrat li jkun issodisfa l-obbligu li jivverifika li l-emittent ta' titolu trasferibbli jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont id-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-obbligi ta' divulgazzjoni inizjali, kontinwi jew *ad hoc*;

(n) tiċċara l-arranġamenti li suq irregolat għandu jistabbilixxi skont l-Artikolu 2i(3) sabiex jiffaċilita l-aċċess tal-membri jew tal-parteċipanti tiegħu għall-informazzjoni li tkun saret pubblika skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni;

(o) tispeċifika l-każijiet li fihom il-konnessjoni bejn derivattiv relatat jew referenzjat ma' strument finanzjarju sospiż jew imneħħi min-negozjar u l-istrument finanzjarju oriġinali timplika li d-derivattiv għandu wkoll jiġi sospiż jew imneħħi min-negozjar, sabiex jintlaħaq l-objettiv tas-sospensjoni jew it-tneħħija tal-istrument finanzjarju sottostanti u biex jiġi żgurat li l-obbligu ta' sospensjoni jew tneħħija min-negozjar tad-derivattivi msemmi fl-Artikoli 2k(2) u 2v(2) jiġi applikat b'mod proporzjonat;

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fis-subparagrafu preċedenti skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. L-ESMA tista' tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tiddetermina:

(a) il-format u l-ħin tal-komunikazzjonijiet u l-pubblikazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 2k(2) u 2v(2);

(b) il-kontenut u l-format tad-deskrizzjoni u n-notifika msemmija fl-Artikolu 2g(10).

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fis-subparagrafu preċedenti f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(4) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4. Qabel ma tingħata eżenzjoni f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra dwar l-użu maħsub ta' kull eżenzjoni individwali u jipprovdu spjegazzjoni rigward il-funzjonament tagħha, inkluż id-dettalji taċ-ċentru tan-negozjar fejn il-prezz ta' referenza huwa stabbilit kif imsemmi fil-paragrafu 1(a). In-notifika tal-intenzjoni li tingħata eżenzjoni għandha ssir mhux anqas minn 4 xhur qabel id-data maħsuba biex tidħol fis-seħħ l-eżenzjoni. Fi żmien xahrejn wara li tirċievi n-notifika, l-ESMA għandha toħroġ opinjoni mhux vinkolanti lill-awtorità kompetenti inkwistjoni, meta tkun differenti mill-ESMA, li tivvaluta l-kompatibbiltà ta' kull eżenzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 u speċifikati fl-istandard tekniku regolatorju adottat skont il-paragrafu 6. Meta l-awtorità kompetenti tagħti eżenzjoni u awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor ma taqbilx, dik l-awtorità kompetenti tista' tirreferi l-materja lura lill-ESMA, li tista' taġixxi f'konformità mas-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. L-ESMA għandha timmonitorja l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet u għandha tissottometti rapport annwali lill-Kummissjoni dwar kif dawn jiġu applikati fil-prattika.";

(5) fl-Artikolu 7(1), ir-raba' subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Meta awtorità kompetenti li ma tkunx l-ESMA tawtorizza pubblikazzjoni differita u awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor ma taqbilx mad-differiment jew mal-applikazzjoni effettiva tal-awtorizzazzjoni mogħtija, dik l-

awtorità kompetenti tista' tirreferi l-materja lura lill-ESMA, li tista' taġixxi f'konformità mas-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(6) fl-Artikolu 8a(2), il-formulazzjoni introduttorja hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Meta japplikaw reġistru ċentrali tal-ordnijiet b'limitu jew sistema ta' negozjar b'irkant perjodiku, l-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw MTF jew OTF għandhom jippubblikaw il-prezzijiet attwali tat-talba u tal-offerta u l-intensità tal-interessi tan-negozjar b'dawk il-prezzijiet li huma rreklamati permezz tas-sistemi tagħhom fir-rigward tad-derivattivi OTC li huma ddenominati f'euro, yen Ġappuniż, dollari Amerikani jew lira sterlina, li ma humiex ftehimiet tar-rata forward jew swaps bażi tar-rata tal-imgħax ta' munita unika, u li:";

(7) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. Qabel ma tingħata eżenzjoni f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra dwar l-użu maħsub ta' kull eżenzjoni individwali u jipprovdu spjegazzjoni rigward il-funzjonament tagħhom. In-notifika tal-intenzjoni li tingħata eżenzjoni għandha ssir mhux anqas minn 4 xhur qabel id-data maħsuba biex tidħol fis-seħħ l-eżenzjoni. Fi żmien xahrejn wara li tirċievi n-notifika, l-ESMA għandha toħroġ opinjoni għall-awtorità kompetenti inkwistjoni, meta tkun differenti mill-ESMA, li fiha tivvaluta l-kompatibbiltà tal-eżenzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 u speċifikati fl-istandards tekniċi regolatorji adottati skont il-paragrafu 5. Meta awtorità kompetenti li ma tkunx l-ESMA tagħti eżenzjoni u awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor ma taqbilx, dik l-awtorità kompetenti tista' tirreferi l-materja lura lill-ESMA, li tista' taġixxi f'konformità mas-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. L-ESMA għandha timmonitorja l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet u tissottometti rapport annwali lill-Kummissjoni dwar kif dawn jiġu applikati fil-prattika.";

(b) fil-paragrafu 4, it-tielet subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Qabel ma tissospendi, jew iġġedded sospensjoni temporanja tal-obbligi msemmija fl-Artikolu 8, l-awtorità kompetenti rilevanti, meta tkun differenti mill-ESMA, għandha tinnotifika lill-ESMA bl-intenzjoni tagħha u tipprovdi spjegazzjoni. L-ESMA għandha toħroġ opinjoni lill-awtorità kompetenti hekk kif ikun prattikabbli dwar jekk, fil-fehma tagħha, is-sospensjoni jew it-tiġdid tas-sospensjoni temporanja huwiex iġġustifikat f'konformità mal-ewwel u mat-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu.";

(8) fl-Artikolu 11(2), il-ħames subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Qabel ma tissospendi jew iġġedded is-sospensjoni temporanja kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti rilevanti, meta tkun differenti mill-ESMA, għandha tinnotifika lill-ESMA bl-intenzjoni tagħha u tipprovdi spjegazzjoni. L-ESMA għandha toħroġ opinjoni lill-awtorità kompetenti hekk kif ikun prattikabbli dwar jekk fil-fehma tagħha s-sospensjoni jew it-tiġdid tas-sospensjoni temporanja huwiex iġġustifikat f'konformità mal-ewwel u r-raba' subparagrafi.";

(9) fl-Artikolu 11a(2), il-ħames subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Qabel ma tissospendi jew iġġedded is-sospensjoni temporanja kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti rilevanti, meta tkun differenti mill-ESMA, għandha tinnotifika lill-ESMA bl-intenzjoni tagħha u tipprovdi spjegazzjoni. L-ESMA għandha toħroġ opinjoni lill-awtorità kompetenti hekk kif ikun prattikabbli dwar jekk fil-fehma tagħha s-sospensjoni jew it-tiġdid tas-sospensjoni temporanja huwiex iġġustifikat f'konformità mal-ewwel u r-raba' subparagrafi.";

(10) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 7 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"7. Sabiex tiġi żgurata l-valwazzjoni effiċjenti tal-ishma, l-irċevuti depożitarji, l-ETFs, iċ-ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra u tiġi mmassimizzata l-possibbiltà tad-ditti tal-investiment li jiksbu l-aħjar negozju għall-klijenti tagħhom, l-ESMA tista' tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

(a) l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni ta' kwotazzjoni soda kif imsemmija fil-paragrafu 1;

(b) id-determinazzjoni tal-livell limitu msemmi fil-paragrafu 2, li għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-aħjar prattiki internazzjonali, il-kompetittività tad-ditti tal-Unjoni, is-sinifikat tal-impatt fuq is-suq u l-effiċjenza tal-formazzjoni tal-prezzijiet u li ma għandux ikun taħt id-doppju tad-daqs standard tas-suq;

(c) id-determinazzjoni tad-daqs minimu tal-kwotazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 3, li ma għandux jaqbeż id-90 % tal-livell limitu msemmi fil-paragrafu 2 u li ma għandux ikun anqas mid-daqs standard tas-suq;

(d) id-determinazzjoni ta' jekk il-prezzijiet jirriflettux il-kundizzjonijiet tas-suq prevalenti kif imsemmi fil-paragrafu 3;

(e) id-daqs standard tas-suq kif imsemmi fil-paragrafu 4;

(f) l-arranġamenti għall-identifikazzjoni ta' ordnijiet fil-livell tal-konsumatur kif imsemmi fl-Artikolu 15(2).

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(11) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. L-internalizzaturi sistematiċi għandhom, filwaqt li jikkonformaw mal-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/65/UE, jeżegwixxu l-ordnijiet li jirċievu mill-klijenti tagħhom fir-rigward tal-ishma, l-irċevuti tad-depożiti, l-ETFs, iċ-ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra li għalihom huma internalizzaturi sistematiċi bil-prezzijiet ikkwotati fil-ħin meta tiġi riċevuta l-ordni.

Madankollu, f'każijiet iġġustifikati, huma jistgħu jeżegwixxu dawk l-ordnijiet bi prezz aħjar dment li:

(a) il-prezz jaqa' f'firxa pubblika qrib il-kundizzjonijiet tas-suq; u

(b) fil-każ ta' ordnijiet fil-livell tal-konsumatur, immedjatament, u fi kwalunkwe każ qabel l-eżekuzzjoni, huma jaġġornaw il-kwotazzjonijiet pubbliċi tagħhom biex jirriflettu t-titjib fil-prezz.

Għall-fini tat-tieni subparagrafu, ordni fil-livell tal-konsumatur hija ordni li toriġina minn klijent fil-livell tal-konsumatur kif iddefinit fl-Artikolu 4(1), il-punt (11) tad-Direttiva 2014/65/UE u li għandha daqs sal-livell limitu msemmi fl-Artikolu 14(2), u inkluż tali livell limitu.";

(12) l-Artikolu 17a huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 17a*

Fluttwazzjonijiet minimi fil-prezzijiet għal internalizzaturi sistematiċi

1. Il-kwotazzjonijiet tal-internalizzaturi sistematiċi, it-titjib fil-prezzijiet fuq dawk il-kwotazzjonijiet u l-prezzijiet tal-eżekuzzjoni għandhom jikkonformaw mal-fluttwazzjonijiet minimi fil-prezzijiet stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 2h.

2. Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2h u fl-Artikolu 15(2) ma għandhomx jipprevjenu lill-internalizzaturi sistematiċi milli jqabblu l-ordnijiet fil-punt tan-nofs fi ħdan il-prezzijiet attwali tal-talba u tal-offerta.";

(13) fl-Artikolu 21(1) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal ditti tal-investiment li, jew f'isimhom jew f'isem il-klijenti, jikkonkludu tranżazzjonijiet f'derivattivi OTC kif imsemmi fl-Artikolu 8a(2) f'ċentru tan-negozjar ta' pajjiż terz li jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) jopera sistema jew faċilità, li fiha interessi multipli ta' xiri u bejgħ ta' partijiet terzi fi strumenti finanzjarji jkunu jistgħu jinteraġixxu;

(b) huwa soġġett għal awtorizzazzjoni f'konformità mal-qafas legali u superviżorju tal-pajjiż terz;

(c) huwa soġġett għal superviżjoni u infurzar fuq bażi kontinwa f'konformità mal-qafas legali u superviżorju tal-pajjiż terz minn awtorità kompetenti li tkun firmatarja sħiħa tal-Memorandum ta' Qbil Multilaterali tal-IOSCO dwar il-Konsultazzjoni u l-Kooperazzjoni u l-Iskambju ta' Informazzjoni;

(d) ikollu fis-seħħ reġim ta' divulgazzjoni tal-postnegozjar li jiżgura li t-tranżazzjonijiet konklużi f'dak iċ-ċentru tan-negozjar jiġu ppubblikati malajr kemm jista' jkun wara li tkun ġiet eżegwita t-tranżazzjoni jew, f'sitwazzjonijiet iddefiniti b'mod ċar, wara perjodu ta' differiment;

(e) huwa inkluż fil-lista ppubblikata mill-ESMA, skont it-tielet subparagrafu.

L-ESMA għandha tippubblika u taġġorna regolarment lista ta' ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu, il-punti (a) sa (d).";

(14) fl-Artikolu 22, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Sabiex jitwettqu kalkoli għad-determinazzjoni tar-rekwiżiti għat-trasparenza ta' qabel u tal-postnegozjar u r-reġimi tal-obbligu ta' negozjar imsemmija fl-Artikoli 3 sa 11a, 14 sa 21 u 32 li huma applikabbli għall-istrumenti finanzjarji, u sabiex jitħejjew rapporti lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 4(4), l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 9(2), l-Artikolu 11(3) u l-Artikolu 11a(1), l-ESMA u awtoritajiet kompetenti oħra jistgħu jirrikjedu informazzjoni mingħand:

(a) ċentri tan-negozjar;

(b) l-APAs; u

(c) s-CTPs.”;

(15) fl-Artikolu 22a(1) tiżdied is-sentenza li ġejja:

“L-internalizzaturi sistematiċi għandhom, fir-rigward tal-ishma u l-ETFs li jiġu nnegozjati f’ċentru tan-negozjar, jittrażmettu liċ-ċentru tad-data tas-CTP, kemm jista’ jkun teknikament qrib il-ħin reali, id-data meħtieġa skont l-Artikolu 14(1), f’konformità mar-rekwiżiti speċifikati fl-istandards tekniċi regolatorji adottati skont l-Artikolu 22b(3), il-punt (d). Dik id-data għandha tiġi trażmessa f’format armonizzat, permezz ta’ protokoll ta’ trażmissjoni ta’ kwalità għolja.”;

(16) fl-Artikolu 22b, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“1. Id-data trażmessa lis-CTP skont l-Artikolu 22a(1) u d-data mxerrda mis-CTP skont l-Artikolu 27h(1), il-punt (d), għandhom jikkonformaw mal-istandards tekniċi regolatorji adottati skont l-Artikolu 4(6), il-punt (a), l-Artikolu 7(2), il-punt (a), l-Artikolu 11(4), il-punt (a), l-Artikolu 11a(3), il-punt (a), u l-Artikolu 14(7), sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-istandards tekniċi regolatorji adottati skont il-paragrafu 3, il-punti (b) u (d), ta’ dan l-Artikolu.”;

(17) l-Artikolu 23a huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 23a*

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew

1. Mill-10 ta’ Jannar 2030, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 2y(3), il-punti (c), (d) u (f), l-Artikolu 14(6), l-Artikolu 15(1), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 27(1), l-Artikolu 34, l-Artikoli 40(5), 42(5), 44(2), 45(6) u l-Artikolu 48 ta’ dan ir-Regolament, għandha ssir aċċessibbli fuq il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew (ESAP, European Single Access Point) stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2023/2859 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*]. Il-korp tal-ġbir kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) 2023/2859 għandu jkun l-ESMA.

Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) tiġi sottomessa f’format li minnu tista’ tiġi estratta d-data kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2023/2859;

(b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:

(i) l-ismijiet kollha tad-ditta tal-investiment, tal-PEMO jew tal-operatur tas-suq li miegħu hija relatata l-informazzjoni;

(ii) meta disponibbli, l-identifikatur ta’ entità legali tad-ditta tal-investiment, tal-PEMO jew tal-operatur tas-suq kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2023/2859;

(iii) it-tip ta’ informazzjoni kif ikklassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta’ dak ir-Regolament;

(iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tinkludix data personali.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), id-ditti tal-investiment, il-PEMOs u l-operaturi tas-suq għandhom jiksbu identifikatur ta’ entità legali.

3. Sad-9 ta’ Jannar 2030, għall-fini li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 2y(3), il-punti (c), (d) u (f) ta’ dan ir-Regolament issir aċċessibbli fuq l-ESAP,

id-ditti tal-investiment, il-PEMOs u l-operaturi tas-suq għandhom jiddeżinjaw mill-anqas korp tal-ġbir wieħed kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) 2023/2859 u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.

4. Mill-10 ta' Jannar 2030, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 2v(2) għandha ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak l-iskop, il-korp tal-ġbir kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) 2023/2859 għandu jkun l-awtorità kompetenti.

Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2023/2859;

(b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:

(i) l-ismijiet kollha tad-ditta tal-investiment, tal-PEMO jew tal-operatur tas-suq li miegħu hija relatata l-informazzjoni;

(ii) meta disponibbli, l-identifikatur ta' entità legali tad-ditta tal-investiment, tal-PEMO jew tal-operatur tas-suq, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2023/2859;

(iii) it-tip ta' informazzjoni kif ikklassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;

(iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tinkludix data personali.

5. Mill-10 ta' Jannar 2030, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 2u(8) u fl-Artikolu 34b(1), il-punt (a), ta' dan ir-Regolament għandha ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak l-iskop, il-korp tal-ġbir kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) 2023/2859 għandu jkun l-ESMA.

Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2023/2859;

(b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:

(i) l-ismijiet kollha tad-ditta tal-investiment, tal-PEMO jew tal-operatur tas-suq li miegħu hija relatata l-informazzjoni;

(ii) meta disponibbli, l-identifikatur ta' entità legali tad-ditta tal-investiment, tal-PEMO jew tal-operatur tas-suq, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2023/2859;

(iii) it-tip ta' informazzjoni kif ikklassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;

(iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tinkludix data personali.

---

* Ir-Regolament (UE) 2023/2859 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2859, 20.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2859/oj).";

(18) L-Artikolu 25 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. L-operatur ta' ċentru tan-negozjar għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti jew, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, l-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza, għal mill-anqas 5 snin, id-data rilevanti relatata mal-ordnijiet kollha fl-istrumenti finanzjarji li jiġu rreklamati permezz tas-sistemi tagħhom f'format li jinqara mill-magni u bl-użu ta' mudell komuni. L-awtorità kompetenti taċ-ċentru tan-negozjar jew, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, l-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza taċ-ċentru tan-negozjar tista' titlob dik id-data fuq bażi kontinwa. Ir-rekords għandu jkun fihom id-data rilevanti kollha li tikkostittiwixxi l-karatteristiċi tal-ordni, inklużi dawk li jorbtu ordni mat-tranżazzjonijiet eżegwiti li joħorġu minn dik l-ordni u li d-dettalji tagħhom għandhom ikunu rrapportati f'konformità mal-Artikolu 26(1) u (3). L-ESMA għandha twettaq rwol ta' faċilitazzjoni u koordinazzjoni fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza skont dan il-paragrafu. Meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti taċ-ċentru tan-negozjar, hija għandu jkollha l-kapaċità li titlob lill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza aċċess għal dik l-informazzjoni, sabiex twettaq l-attivitajiet superviżorji tagħha.";

(b) fil-paragrafu 3, jitħassar it-tielet subparagrafu;

(19) l-Artikolu 26 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) fit-tieni subparagrafu, il-formulazzjoni introduttorja hija ssostitwita b'dan li ġej:

"L-awtoritajiet kompetenti għandhom, f'konformità mal-Artikolu 85 tad-Direttiva 2014/65/UE, jistabbilixxu l-arranġamenti meħtieġa sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet li ġejjin jirċievu wkoll dik l-informazzjoni:";

(ii) fit-tieni subparagrafu, il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-awtorità kompetenti tal-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità għal dawk l-istrumenti finanzjarji jew, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, l-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza;";

(iii) fit-tieni subparagrafu, il-punt (d) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(d) l-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni taċ-ċentri tan-negozjar użati jew, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, l-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza.";

(b) il-paragrafu 5 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"5. L-operatur ta' ċentru tan-negozjar għandu jirrapporta lill-awtorità kompetenti tiegħu jew, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, lill-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali tiegħu d-dettalji tat-tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji nnegozjati fuq il-pjattaforma tiegħu li jiġu eżegwiti permezz tas-sistemi tiegħu minn kwalunkwe membru, parteċipant jew utent mhux soġġett għal dan ir-Regolament f'konformità mal-paragrafi 1 u 3.";

(c) fil-paragrafu 7, il-ħames subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti għandha tirrikjedi li ċ-ċentru tan-negozjar, meta jagħmel rapporti f'isem id-ditta ta' investiment, ikollu fis-seħħ mekkaniżmi ta'

sigurtà sodi mfassla biex jiggarantixxu s-sigurtà u l-awtentikazzjoni tal-mezzi tat-trasferiment tal-informazzjoni, jimminimizzaw ir-riskju ta' korruzzjoni tad-data u aċċess mhux awtorizzat u jipprevjenu kxif ta' informazzjoni filwaqt li jżommu l-kunfidenzjalità tad-data f'kull ħin. L-awtorità kompetenti għandha tirrikjedi li ċ-ċentru tan-negozjar iżomm riżorsi adegwati u jkollu fis-seħħ faċilitajiet ta' riżerva sabiex joffri u jżomm is-servizzi tiegħu f'kull ħin.";

(d) fil-paragrafu 9, jitħassar it-tielet subparagrafu;

(20) l-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, ir-raba' subparagrafu, l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-ESMA għandha tagħti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza aċċess mingħajr dewmien żejjed għal dik id-data ta' referenza.";

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa emendat b'dan li ġej:

(i) il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jimmonitorjaw, skont l-Artikolu 26, l-attivitajiet tad-ditti tal-investiment sabiex jiżguraw li jaġixxu b'mod onest, ġust u professjonali u b'mod li jippromwovi l-integrità tas-suq, l-ESMA għandha, wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza, tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa sabiex tiżgura li:";

(ii) il-punti (c) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(c) id-data ta' referenza tal-istrument finanzjarju li waslet skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tiġi trażmessa b'mod effiċjenti u mingħajr dewmien żejjed lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti u lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza;

(d) ikun hemm mekkaniżmi effettivi fis-seħħ bejn l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti jew, meta rilevanti, l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza biex isolvu kwistjonijiet ta' twassil tad-data jew ta' kwalità tad-data.";

(c) fil-paragrafu 4, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Qabel ma tiddeċiedi li tieħu l-miżura msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-ESMA għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti jew, meta rilevanti, lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza.";

(21) fl-Artikolu 27h(1), jitħassar it-tieni subparagrafu;

(22) fl-Artikolu 27ha(2), jitħassar it-tieni subparagrafu;

(23) fl-Artikolu 31(3), l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Dawk id-ditti tal-investiment u l-operaturi tas-suq għandhom jagħmlu dawk ir-rekords disponibbli għall-awtorità kompetenti rilevanti, għall-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali rilevanti jew għall-ESMA minnufih fuq talba tagħhom.";

(24) jiddaħħlu l-Artikoli 34a u 34b li ġejjin:

"*Artikolu 34a*

Kontrolli tal-immaniġġjar tal-pożizzjonijiet f'derivattivi ta' komoditajiet u derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet

1. Ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera ċentru tan-negozjar li jinnegozja f'derivattivi ta' komoditajiet jew derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet għandu japplika kontrolli tal-immaniġġjar tal-pożizzjonijiet, inklużi setgħat għaċ-ċentru tan-negozjar biex:

(a) jissorvelja l-pożizzjonijiet ta' interess miftuħ tal-persuni;

(b) jikseb informazzjoni, inkluża d-dokumentazzjoni rilevanti kollha, minn persuni dwar id-daqs u l-iskop ta' pożizzjoni jew skopertura li jkunu daħlu għaliha, informazzjoni dwar sidien benefiċjarji jew sottostanti, kwalunkwe arranġament ta' konċertazzjoni, u kwalunkwe assi jew obbligazzjoni relatata fis-suq sottostanti, inklużi, meta xieraq, pożizzjonijiet miżmuma f'derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet jew pożizzjonijiet miżmuma f'derivattivi ta' komoditajiet li huma bbażati fuq l-istess sottostanti u li jikkondividu l-istess karatteristiċi f'ċentri tan-negozjar oħra u f'kuntratti ekonomikament ekwivalenti nnegozjati barra minn ċentru tan-negozjar permezz ta' membri u parteċipanti;

(c) jitlob li persuna tittermina jew tnaqqas pożizzjoni, fuq bażi temporanja jew permanenti, u jieħu azzjoni unilateralment biex tkun żgurata t-terminazzjoni jew it-tnaqqis tal-pożizzjoni meta l-persuna ma tikkonformax ma' tali talba; u

(d) jirrikjedi li persuna tipprovdi, fuq bażi temporanja, likwidità lura fis-suq bi prezz u volum miftiehma bil-ħsieb espliċitu li jiġu mmitigati l-effetti ta' pożizzjoni kbira jew dominanti.

L-ESMA tista' tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kontenut tal-kontrolli tal-immaniġġjar tal-pożizzjonijiet, u b'hekk tqis il-karatteristiċi taċ-ċentri tan-negozjar ikkonċernati.

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. Il-kontrolli tal-immaniġġjar tal-pożizzjonijiet għandhom ikunu trasparenti u mhux diskriminatorji, jispeċifikaw kif japplikaw għall-persuni u jqisu n-natura u l-kompożizzjoni tal-parteċipanti fis-suq u l-użu li jagħmlu mill-kuntratti sottomessi għan-negozjar.

3. Id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jopera ċ-ċentru tan-negozjar għandu jinforma lill-awtorità kompetenti tiegħu bid-dettalji tal-kontrolli tal-immaniġġjar tal-pożizzjonijiet.

Meta l-ESMA ma tkunx l-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika l-istess informazzjoni lill-ESMA, li għandha tippubblika u żżomm fuq is-sit web tagħha bażi tad-data b'sommarji tal-kontrolli tal-immaniġġjar tal-pożizzjonijiet.

Artikolu 34b

Rapportar tal-pożizzjonijiet miċ-ċentri tan-negozjar skont il-kategoriji tad-detenturi tal-pożizzjonijiet

1. Ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera ċentru tan-negozjar li jinnegozja f'derivattivi ta' komoditajiet jew f'derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet għandu:

(a) jippubblika:

(i) għal ċentri tan-negozjar fejn l-opzjonijiet huma nnegozjati, żewġ rapporti fil-ġimgħa, li minnhom wieħed jeskludi l-opzjonijiet, b'ġabra tal-pożizzjonijiet meħuda minn kategoriji differenti ta' persuni għad-derivattivi ta' komoditajiet jew id-derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet differenti nnegozjati fiċ-ċentru tan-negozjar tagħhom, li jispeċifikaw l-għadd ta' pożizzjonijiet twal u qosra ta' tali kategoriji, tibdiliet fihom mir-rapport preċedenti, il-perċentwal tat-total tal-interess miftuħ irrappreżentat minn kull kategorija, u l-għadd ta' persuni li għandhom pożizzjoni f'kull kategorija f'konformità mal-paragrafu 4;

(ii) għal ċentri tan-negozjar fejn l-opzjonijiet ma humiex innegozjati, rapport ta' kull ġimgħa dwar l-elementi stabbiliti fil-punt (i);

(b) jipprovdi lill-awtorità kompetenti jew, meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti, lill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza b'analiżi statistika kompluta tal-pożizzjonijiet miżmuma mill-persuni kollha, inklużi l-membri jew il-parteċipanti u l-klijenti tagħhom, f'dak iċ-ċentru tan-negozjar, mill-anqas fuq bażi ta' kuljum.

L-obbligu stabbilit fil-punt (a) għandu japplika biss meta kemm l-għadd ta' persuni kif ukoll il-pożizzjonijiet miftuħa tagħhom jaqbżu l-livelli limiti minimi.

Ir-rapportar tal-pożizzjoni ma għandux ikun applikabbli għal kwalunkwe titolu ieħor kif imsemmi fl-Artikolu 4(1), il-punt (44), il-punt (c), tad-Direttiva 2014/65/UE li jirrigwarda komodità jew sottostanti kif imsemmi fit-Taqsima C.10 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva.

Ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera ċentru tan-negozjar li jinnegozja f'derivattivi ta' komoditajiet jew f'derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet għandu jikkomunika r-rapporti msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), lill-awtorità kompetenti u, meta l-ESMA ma tkunx l-awtorità kompetenti, lill-ESMA. L-ESMA għandha tipproċedi bil-pubblikazzjoni ċentralizzata tal-informazzjoni inkluża f'dawk ir-rapporti.

2. Persuni li għandhom pożizzjonijiet f'derivattiv ta' komoditajiet jew derivattiv ta' kwoti tal-emissjonijiet għandhom jiġu klassifikati mid-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jopera dak iċ-ċentru tan-negozjar skont in-natura tal-kummerċ ewlieni tagħhom, wara li jqisu kwalunkwe awtorizzazzjoni applikabbli, bħala jew:

(a) ditti ta' investiment jew istituzzjonijiet ta' kreditu;

(b) fondi ta' investiment, jew impriża għal investimenti kollettivi f'titoli trasferibbli (UCITS) kif iddefinit fid-Direttiva 2009/65/KE, jew maniġer ta' fond ta' investiment alternattiv kif iddefinit fid-Direttiva 2011/61/KE;

(c) istituzzjonijiet finanzjarji oħra, inklużi impriżi tal-assigurazzjoni u impriżi ta' riassigurazzjoni kif iddefiniti fid-Direttiva 2009/138/KE, u istituzzjonijiet għall-provvista ta' pensjoni okkupazzjonali kif iddefiniti fid-Direttiva (UE) 2016/2341;

(d) impriżi kummerċjali;

(e) fil-każ ta' derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet, l-operaturi b'obbligi ta' konformità skont id-Direttiva 2003/87/KE.

Ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandhom jispeċifikaw l-għadd ta' pożizzjonijiet twal u qosra skont il-kategorija ta' persuni, kwalunkwe bidla fihom mir-rapport preċedenti, il-perċentwal tat-total ta' interess miftuħ rappreżentat minn kull kategorija, u l-għadd ta' persuni f'kull kategorija.

Ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandhom jiddifferenzjaw bejn:

(a) pożizzjonijiet identifikati bħala pożizzjonijiet li, b'mod li jista' jitkejjel oġġettivament, inaqqsu r-riskji relatati direttament ma' attivitajiet kummerċjali; u

(b) pożizzjonijiet oħra.

3. L-ESMA tista' tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tiddetermina l-format tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a).

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Fil-każ ta' derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet, ir-rapportar ma għandux jippreġudika l-obbligi ta' konformità skont id-Direttiva 2003/87/KE.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika l-livelli limiti msemmija f'dan l-Artikolu, il-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, filwaqt li tqis l-għadd totali ta' pożizzjonijiet miftuħa u d-daqs tagħhom u l-għadd totali ta' persuni li jkollhom pożizzjoni.

5. L-ESMA tista' tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-miżuri li jirrikjedu li r-rapporti kollha msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jintbagħtu lill-ESMA fi żmien speċifikat ta' kull ġimgħa, għall-pubblikazzjoni ċentralizzata tagħhom minn din tal-aħħar.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(25) it-titolu tat-Titolu VI huwa emendat kif ġej:

"**AĊĊESS MHUX DISKRIMINATORJU GĦAL ĊENTRI TAN-NEGOZJAR, CSDs U CCPs**";

(26) jiddaħħal l-Artikolu 34c li ġej:

"*Artikolu 34c*

Dritt li jiġi ddeżinjat CSD

L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom joffru lill-membri jew lill-parteċipanti kollha tagħhom id-dritt li jiddeżinjaw kwalunkwe CSD stabbilit fl-Unjoni għas-saldu ta' tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji mwettqa f'dak iċ-ċentru tan-negozjar.";

(27) l-Artikoli 35 u 36 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 35*

Aċċess mhux diskriminatorju minn ċentru tan-negozjar għal CCP

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, CCP għandha taċċetta li tikklerja l-istrumenti finanzjarji fuq bażi mhux diskriminatorja u trasparenti, inkluż fir-rigward tar-rekwiżiti tal-kollateral u t-tariffi tal-konnettività inizjali u tal-aċċess, irrispettivament miċ-ċentru tan-negozjar li fih tiġi eżegwita tranżazzjoni.

Ir-rekwiżit fl-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal derivattivi nnegozjati fil-borża.

B'mod partikolari, is-CCP għandha tiżgura li ċentru tan-negozjar ikollu d-dritt għal trattament mhux diskriminatorju ta' kuntratti nnegozjati f'dak iċ-ċentru tan-negozjar f'termini ta':

(a) rekwiżiti ta' kollateral u netting ta' kuntratti ekonomikament ekwivalenti, meta l-inklużjoni ta' tali kuntratti fl-għeluq u proċeduri oħra ta' netting ta' CCP bbażata fuq il-liġi applikabbli dwar l-insolvenza ma tkunx tipperikola l-funzjonament bla xkiel u ordnat, il-validità jew l-infurzabbiltà ta' tali proċeduri; u

(b) l-kontromarġinazzjoni ma' kuntratti korrelatati kklerjati mill-istess CCP skont mudell ta' riskju li jikkonforma mal-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

CCP tista' tirrikjedi li ċ-ċentru tan-negozjar jikkonforma mar-rekwiżiti operazzjonali u tekniċi stabbiliti mis-CCP inklużi r-rekwiżiti tal-immaniġġjar tar-riskji. Ir-rekwiżit f'dan il-paragrafu ma japplika għall-ebda kuntratt ta' derivattivi li diġà huwa soġġett għall-obbligu ta' aċċess skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

2. Ċentru tan-negozjar li jfittex li jaċċessa s-servizzi ta' CCP għandu jissottometti t-talba tiegħu lis-CCP. It-talba għandha tispeċifika l-istrumenti finanzjarji li għalihom jintalab l-ikklerjar. Iċ-ċentru tan-negozjar għandu jinforma lill-ESMA u lill-awtorità kompetenti tas-CCP u taċ-ċentru tan-negozjar, meta jkun differenti mill-ESMA, b'tali talba.

3. Is-CCP għandha tipprovdi tweġiba bil-miktub liċ-ċentru tan-negozjar fi żmien 3 xhur mill-wasla tat-talba msemmija fil-paragrafu 2, li tippermetti jew tiċħad l-aċċess.

4. Is-CCP tista' tiċħad talba għal aċċess biss meta tali aċċess ikun jaffettwa l-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq jew jikkawża riskju sistemiku, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tar-riskju soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-att delegat adottat skont l-Artikolu 36, il-paragrafu 6, il-punt (a). Is-CCP ma għandhiex tiċħad talba abbażi ta' telf possibbli ta' dħul fir-rigward tagħha stess jew ta' entità oħra li tappartjeni għall-istess grupp.

Meta s-CCP tonqos milli tipprovdi tweġiba bil-miktub liċ-ċentru tan-negozjar fil-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 3, l-ESMA tista' tinnotifika lis-CCP u titlob informazzjoni addizzjonali mis-CCP. Meta ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li l-kundizzjonijiet għaċ-ċaħda tat-talba kif stabbiliti fl-att delegat adottat skont l-Artikolu 36, il-paragrafu 6, huma ssodisfati, l-ESMA tista' toħroġ deċiżjoni li tirrikjedi lil dik is-CCP tagħti aċċess għas-servizzi tagħha fi żmien xahar min-notifika tad-deċiżjoni.

Meta s-CCP tiċħad l-aċċess, it-tweġiba bil-miktub għandha tipprovdi spjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għal aċċess miċħud, abbażi tal-valutazzjoni komprensiva tar-riskju msemmija fl-ewwel subparagrafu. Is-CCP għandha immedjatament wara li

tipprovdi t-tweġiba bil-miktub liċ-ċentru tan-negozjar, u bil-miktub, tinforma lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 2 b'dik id-deċiżjoni.

5. Meta s-CCP tkun ċaħdet l-aċċess, iċ-ċentru tan-negozjar jista' jissottometti lment lill-ESMA.

L-ESMA għandha tivvaluta r-raġunijiet għall-aċċess miċħud u, fi żmien xahar mid-data tal-ilment, tipprovdi liċ-ċentru tan-negozjar bi tweġiba motivata. L-ESMA tista' tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 2 meta tħejji t-tweġiba tagħha. Meta l-ESMA tikkonkludi li r-rifjut mis-CCP li tagħti aċċess ma jkunx iġġustifikat, meta ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li l-kundizzjonijiet għaċ-ċaħda tat-talba kif stabbiliti fl-att delegat adottat skont tal-Artikolu 36, il-paragrafu 6, huma ssodisfati, l-ESMA għandha toħroġ deċiżjoni li tirrikjedi lis-CCP tagħti aċċess għas-servizzi tagħha fi żmien xahar min-notifika ta' dik id-deċiżjoni.

CCP li tagħti aċċess għal ċentru tan-negozjar għandha tiżgura li l-aċċess ikun kompletament operazzjonali fi żmien 3 xhur mill-wasla tat-tweġiba pożittiva għat-talba għal aċċess.

Artikolu 36

Aċċess mhux diskriminatorju għal ċentri tan-negozjar mis-CCPs

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, ċentru tan-negozjar għandu, fuq talba, jipprovdi feeds tan-negozjar fuq bażi mhux diskriminatorja u trasparenti, inkluż fir-rigward tal-konnettività inizjali u t-tariffi tal-aċċess, lil kwalunkwe CCP awtorizzata jew rikonoxxuta skont dak ir-Regolament li tixtieq tikklerja tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji li jiġu konklużi f'dak iċ-ċentru tan-negozjar. Dan ir-rekwiżit ma għandux japplika għal:

(a) kwalunkwe kuntratt tad-derivattivi li jkun diġà soġġett għall-obbligi ta' aċċess stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(b) derivattivi nnegozjati fil-borża.

2. CCP li tfittex li taċċessa ċentru tan-negozjar għandha tissottometti t-talba tagħha liċ-ċentru tan-negozjar. Is-CCP għandha tinforma lill-ESMA u lill-awtorità kompetenti taċ-ċentru tan-negozjar u tas-CCP, meta differenti mill-ESMA, b'tali talba.

3. Iċ-ċentru tan-negozjar għandu jipprovdi tweġiba bil-miktub lis-CCP fi żmien 3 xhur minn meta jirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 2, li tippermetti jew tiċħad l-aċċess.

4. Iċ-ċentru tan-negozjar jista' jiċħad talba għal aċċess biss meta tali aċċess ikun jaffettwa l-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq jew jikkawża riskju sistemiku, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tar-riskju soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-att delegat adottat skont il-paragrafu 6, il-punt (a). Iċ-ċentru tan-negozjar ma għandux jiċħad talba abbażi ta' telf possibbli ta' dħul fir-rigward tiegħu stess jew ta' entità oħra li tappartjeni għall-istess grupp. Barra minn hekk, ma għandux jirrestriġi l-aċċess għal feeds kummerċjali speċifiċi għar-raġuni li l-kontropartijiet għal tranżazzjoni speċifika ma jkunux għażlu l-istess CCP, meta s-CCPs tal-għażla tagħhom ikunu diġà daħlu f'arranġament tal-interoperabbiltà skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

Meta ċ-ċentru tan-negozjar jonqos milli jipprovdi tweġiba bil-miktub lis-CCP fil-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 3, l-ESMA tista' tinnotifika liċ-ċentru tan-negozjar u titlob informazzjoni addizzjonali miċ-ċentru tan-negozjar. Meta ma jkun

hemm l-ebda indikazzjoni li l-kundizzjonijiet għaċ-ċaħda tat-talba kif stabbiliti fl-att delegat adottat skont il-paragrafu 6 huma ssodisfati, l-ESMA tista' toħroġ deċiżjoni li tirrikjedi li ċ-ċentru tan-negozjar jagħti aċċess għas-servizzi tiegħu fi żmien xahar min-notifika tad-deċiżjoni.

Meta ċ-ċentru tan-negozjar jiċħad l-aċċess, it-tweġiba bil-miktub għandha tipprovdi spjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għall-aċċess miċħud, abbażi tal-valutazzjoni komprensiva tar-riskju msemmija fl-ewwel subparagrafu. Iċ-ċentru tan-negozjar għandu immedjatament wara li jipprovdi t-tweġiba bil-miktub lis-CCP, u bil-miktub, jinforma lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 2 b'dik id-deċiżjoni.

5. Meta ċ-ċentru tan-negozjar ikun ċaħad l-aċċess, is-CCP tista' tissottometti lment lill-ESMA.

L-ESMA għandha tivvaluta r-raġunijiet għall-aċċess miċħud u, fi żmien xahar mill-ilment, tipprovdi lis-CCP bi tweġiba motivata. L-ESMA tista' tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 2 meta tħejji t-tweġiba tagħha. Meta l-ESMA tikkonkludi li r-rifjut miċ-ċentru tan-negozjar li jingħata aċċess ma huwiex iġġustifikat, meta ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li l-kundizzjonijiet għaċ-ċaħda tat-talba kif stabbiliti fl-att delegat adottat skont il-paragrafu 6 huma ssodisfati, l-ESMA għandha toħroġ deċiżjoni li tirrikjedi liċ-ċentru tan-negozjar jagħti aċċess għall-feeds tan-negozjar tiegħu fi żmien xahar min-notifika ta' dik id-deċiżjoni.

Ċentru tan-negozjar li jagħti aċċess lil CCP għandu jiżgura li l-aċċess ikun kompletament operazzjonali fi żmien 3 xhur minn meta jirċievi t-tweġiba pożittiva għat-talba għal aċċess.

6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex tissupplimenta dan ir-Regolament biex tispeċifika:

(a) ir-riskji speċifiċi li għandhom jitqiesu mis-CCPs u ċ-ċentri tan-negozjar meta jwettqu valutazzjoni tar-riskju komprensiva kif imsemmi fl-Artikolu 35(3) u fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;

(b) il-kundizzjonijiet li skonthom għandu jingħata l-aċċess minn CCP skont l-Artikolu 35, inkluża l-bażi mhux diskriminatorja u trasparenti fir-rigward tal-konnettività inizjali u t-tariffi tal-aċċess, it-tariffi tal-ikklerjar, ir-rekwiżiti kollaterali u r-rekwiżiti operazzjonali fir-rigward tal-proviżjonament ta' marġni, u l-kundizzjonijiet li skonthom għandu jingħata l-aċċess minn ċentru tan-negozjar skont dan l-Artikolu, inkluża l-bażi mhux diskriminatorja u trasparenti fir-rigward tal-konnettività inizjali u t-tariffi tal-aċċess;

(c) il-kundizzjonijiet għal trattament mhux diskriminatorju f'termini ta' kif il-kuntratti nnegozjati f'dak iċ-ċentru tan-negozjar jiġu ttrattati f'termini ta' rekwiżiti ta' kollateral u netting ta' kuntratti ekonomikament ekwivalenti u kontroproviżjonament ta' marġni ma' kuntratti korrelatati kklerjati mill-istess CCP, kif imsemmi fl-Artikolu 35.

(d) il-parametri għall-konnettività inizjali u t-tariffi tal-aċċess biex jiġi żgurat li tali tariffi ma jipprevjenux direttament jew indirettament l-aċċess effettiv għall-feeds tan-negozjar, f'konformità ma' dan l-Artikolu, jew l-aċċess effettiv għas-CCPs, f'konformità mal-Artikolu 35.";

(28) fit-Titolu VIa, it-titolu tal-Kapitolu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"*KAPITOLU 1*
Ambitu, kompetenzi u proċeduri";

(29) l-Artikoli 38a sa 38f jitħassru;

(30) jiddaħħal l-Artikolu 38fa li ġej:

"*Artikolu 38fa*
Ambitu tas-superviżjoni tal-ESMA għal ċentri tan-negozjar u PEMOs sinifikanti

1. L-ESMA għandha tkun l-awtorità kompetenti għal:

(a) PEMOs;

(b) operaturi tas-suq li joperaw mill-anqas ċentru tan-negozjar sinifikanti wieħed jew li huma parti mill-istess grupp ta' CSD jew CCP li għalih l-ESMA hija l-awtorità kompetenti skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jew ir-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(c) ditti tal-investiment li joperaw mill-anqas ċentru tan-negozjar sinifikanti wieħed jew li huma parti mill-istess grupp ta' CSD jew CCP li għalih l-ESMA hija l-awtorità kompetenti skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jew ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-operat ta' MTFs jew OTFs.

Ċentru tan-negozjar għandu jiġi kkunsidrat sinifikanti meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) iċ-ċentru tan-negozjar huwa importanti għall-ekonomija tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 38fb (1); u

(b) ċ-ċentru tan-negozjar għandu dimensjoni transfruntiera sinifikanti kif imsemmi fl-Artikolu 38fb(2).

Meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti għal PEMO, operatur tas-suq jew ditta tal-investiment skont l-ewwel subparagrafu, l-ESMA għandha tkun ukoll l-awtorità kompetenti għaċ-ċentri tan-negozjar kollha operati minn dawk l-entitajiet.

Meta l-ESMA tkun l-awtorità kompetenti skont l-ewwel subparagrafu għal ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera ċentru tan-negozjar sinifikanti, u meta dik id-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq jappartjeni għal grupp li jinkludi ċentri tan-negozjar oħra, l-ESMA għandha tkun l-awtorità kompetenti għaċ-ċentri tan-negozjar kollha, kif ukoll għall-operaturi tas-suq jew id-ditti ta' investiment li joperaw dawk iċ-ċentri tan-negozjar, li huma parti mill-grupp ta' dik id-ditta ta' investiment jew dak l-operatur tas-suq li jopera ċentru tan-negozjar sinifikanti.

L-ESMA għandha tingħata s-setgħat superviżorji, investigattivi u ta' infurzar meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha fuq l-entitajiet imsemmija f'dan il-paragrafu li għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza kif iddefiniti fl-Artikolu 2(1), il-punt (18a), għandhom ikunu responsabbli għall-monitoraġġ tal-konformità mal-Artikoli 2g(5), ir-raba' subparagrafu, l-Artikolu 2k(1) u (2), l-Artikolu 2u(7), l-Artikolu 2v(1) u (2), l-Artikolu 25(2), l-Artikolu 26(5), l-Artikolu 26(7), l-ewwel u l-aħħar subparagrafu, u l-Artikolu 34b minn entitajiet soġġetti għas-superviżjoni tal-ESMA.

L-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw is-setgħat mogħtija lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont it-Titolu VI tad-Direttiva 2014/65/UE, inkluża s-setgħa li jadottaw sanzjonijiet u miżuri amministrattivi oħra f'każ ta' każijiet ta' ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fis-subparagrafu preċedenti.";

(31) jiddaħħal l-Artikolu 38fb li ġej:

"*Artikolu 38fb*

Metodoloġija, pjanijiet tranżizzjonali u lista ta' ċentri tan-negozjar sinifikanti

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 38fa(1), ċentru tan-negozjar għandu jitqies bħala importanti għall-ekonomija tal-Unjoni meta l-proporzjon bejn il-volum tan-negozjar f'dak iċ-ċentru tan-negozjar jew, meta ċ-ċentru tan-negozjar ikun parti minn grupp, il-volum aggregat tan-negozjar fil-livell tal-grupp, u l-volum totali tan-negozjar fiċ-ċentri tan-negozjar fl-Unjoni jkun daqs jew akbar minn 5 % għal kwalunkwe waħda mill-klassijiet ta' strumenti finanzjarji li ġejjin:

(a) ishma;

(b) ETFs;

(c) bonds;

(d) derivattivi li għandhom x'jaqsmu ma' xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) ekwità;

(ii) kreditu;

(iii) rata tal-imgħax;

(iv) munita; jew

(v) komoditajiet.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 38fa(1), ċentru tan-negozjar għandu jitqies li għandu dimensjoni transfruntiera sinifikanti meta jissodisfa mill-anqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) iċ-ċentru tan-negozjar huwa parti minn grupp li jinkludi mill-anqas waħda mill-impriżi li ġejjin li hija awtorizzata topera fi Stat Membru għajr l-Istat Membru fejn jinsab jew jiġi operat dak iċ-ċentru tan-negozjar:

(i) ċentru tan-negozjar ieħor;

(ii) CSD; jew

(iii) CCP;

(b) għall-klassijiet ta' strumenti finanzjarji msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c), il-proporzjon bejn il-volum ta' negozjar fiċ-ċentru tan-negozjar f'dawk l-istrumenti finanzjarji li għalihom l-awtorità kompetenti tal-aktar suq rilevanti msemmi fl-Artikolu 26 tkun differenti mill-awtorità kompetenti taċ-ċentru tan-negozjar, u l-volum ta' negozjar totali fl-istrumenti finanzjarji kollha li jappartjenu għall-istess klassi f'dak iċ-ċentru tan-negozjar ikun daqs jew akbar minn 50 %;

(c) għall-klassijiet ta' strumenti finanzjarji msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (d), il-proporzjon bejn l-għadd ta' tranżazzjonijiet f'dak iċ-ċentru tan-negozjar

f’dawk l-istrumenti finanzjarji li għalihom mill-anqas waħda mill-kontropartijiet għat-tranżazzjoni tkun tinsab fi Stat Membru li jkun differenti minn dak fejn ikun jinsab jew jiġi operat iċ-ċentru tan-negozjar u l-għadd totali ta’ tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji kollha li jappartjenu għall-istess klassi f’dak iċ-ċentru tan-negozjar ikun daqs jew akbar minn 50 %.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 38fa (1), u l-paragrafi 1 u 2 ta’ dan l-Artikolu, ċentru tan-negozjar għandu jiġi kkunsidrat sinifikanti meta l-proporzjon bejn il-volum tan-negozjar fi kwalunkwe klassi ta’ strumenti finanzjarji, kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, f’dak iċ-ċentru tan-negozjar jew, meta ċ-ċentru tan-negozjar ikun parti minn grupp, fil-livell ta’ grupp, u l-volum totali tan-negozjar fl-Unjoni f’dik il-klassi ta’ strumenti finanzjarji jkun daqs jew akbar minn 50 %.

4. L-ESMA għandha tidentifika ċ-ċentri tan-negozjar li huma kkunsidrati sinifikanti skont il-metodoloġija stabbilita fil-paragrafi 1, 2 u 3. L-ESMA għandha tanalizza l-iżviluppi tas-suq kull 12-il xahar li jibdew minn [OP*: jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament*] biex jiġi ddeterminat jekk iċ-ċentri tan-negozjar li joperaw fl-Unjoni jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, jew il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 3.

Jekk l-ESMA tikkonkludi li ċentru tan-negozjar jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, jew il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 3, hija għandha, mingħajr dewmien żejjed, tinnotifika liċ-ċentru tan-negozjar u lill-awtorità kompetenti tiegħu b’dan. L-ESMA u l-awtorità kompetenti ta’ ċentru tan-negozjar li huwa kkunsidrat sinifikanti għandhom jistabbilixxu pjan ta’ tranżizzjoni superviżorja biex jiżguraw trasferiment bla xkiel u ordnat tal-kompetenzi u d-dmirijiet lill-ESMA. Id-data effettiva tat-trasferiment tal-kompetenzi ma għandhiex tkun aktar tard minn sena wara d-data tan-notifika mill-ESMA msemmija f’dan il-paragrafu, u fi kwalunkwe każ mhux qabel [OP: *Jekk jogħġbok daħħal id-data = sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament*].

5. L-ESMA għandha tivverifika jekk iċ-ċentri tan-negozjar taħt is-superviżjoni tagħha għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, jew il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 3, kull 12-il xahar li jibdew fis-sena ta’ wara l-ewwel sena kalendarja sħiħa wara d-data li fiha l-ESMA saret l-awtorità kompetenti għal ċentri tan-negozjar sinifikanti.

Jekk l-ESMA tikkonkludi li ċentru tan-negozjar sinifikanti ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 jew il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 3 fuq perjodu ta’ 3 snin konsekuttivi, hija għandha, mingħajr dewmien żejjed, tinnotifika liċ-ċentru tan-negozjar u lill-awtorità ta’ sorveljanza nazzjonali tagħha b’dik is-sitwazzjoni.

6. L-awtorità nazzjonali ta’ sorveljanza għandha, fi żmien 3 xhur minn meta tirċievi n-notifika msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 5, tinnotifika lill-ESMA u liċ-ċentru tan-negozjar dwar jekk iċ-ċentru tan-negozjar għandux jibqa’ taħt is-superviżjoni tal-ESMA jew isir eskluživament soġġett għas-superviżjoni nazzjonali.

Meta l-awtorità nazzjonali ta’ sorveljanza tikkonkludi li ċ-ċentru tan-negozjar għandu jkun soġġett għal superviżjoni nazzjonali, hija għandha, flimkien mal-ESMA, tħejji pjan ta’ tranżizzjoni superviżorju qabel ma tieħu f’idejha l-kompetenzi u d-dmirijiet superviżorji tal-ESMA. Il-pjan ta’ tranżizzjoni superviżorju għandu jinkludi l-arranġamenti tranżizzjonali kollha meħtieġa għat-trasferiment bla xkiel u ordnat tal-kompetenzi u d-dmirijiet bejn l-ESMA u l-awtoritajiet nazzjonali ta’

sorveljanza kif ukoll data effettiva, sa meta għandu japplika t-trasferiment ta' tali kompetenzi u dmirijiet.

L-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza għandha ssir l-awtorità kompetenti taċ-ċentru tan-negozjar fid-data effettiva tat-trasferiment tal-kompetenzi u d-dmirijiet lil dik l-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza. Sabiex it-trasferiment tas-superviżjoni jkun effettiv, l-ESMA u l-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza għandhom jaqblu formalment li l-kundizzjonijiet għal trasferiment bla xkiel u ordnat tal-kompetenzi jkunu ġew issodisfati. Id-data effettiva tat-trasferiment tal-kompetenzi ma għandhiex tkun aktar tard minn sena wara d-data tan-notifika mill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 5.

7. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi:

(a) tispeċifika l-metodoloġija għall-kalkolu tal-proporzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafi 1 sa 3, inklużi l-perjodi ta' żmien li għandhom jintużaw għal tali kalkoli, biex jiġi ddeterminat jekk ditta tal-investiment jew operatur tas-suq joperawx ċentru tan-negozjar sinifikanti;

(b) tispeċifika u tissupplimenta l-klassijiet tal-istrumenti finanzjarji msemmija fil-paragrafu 1;

(c) tispeċifika l-passi proċedurali meħtieġa, inkluż il-kontenut tal-pjanijiet superviżorji ta' tranżizzjoni msemmija fit-tieni subparagrafi tal-paragrafi 5 u 6, biex jiġi żgurat trasferiment bla xkiel u ordnat tal-kompetenzi u tad-dmirijiet.

8. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex temenda kwalunkwe wieħed mil-livelli limiti msemmija fil-paragrafu 1, il-paragrafu 2, il-punt (b), u l-paragrafu 3 fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq.

9. L-ESMA għandha tistabbilixxi lista taċ-ċentri tan-negozjar sinifikanti kollha u l-operaturi tagħhom li għandhom ikunu soġġetti għas-superviżjoni tagħha skont l-Artikolu 38fa(1) u tippubblikaha fuq is-sit web tagħha.

L-ESMA għandha taġġorna regolarment il-lista ppubblikata fuq is-sit web tagħha kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.";

(32) jiddaħħlu l-Artikoli 38fc u 38fd li ġejjin:

"*Artikolu 38fc*

Investigazzjonijiet ġenerali u setgħat superviżorji

1. Sabiex taqdi dmirijietha skont dan ir-Regolament, l-ESMA tista' twettaq, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39c tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-investigazzjonijiet meħtieġa tal-persuni li ġejjin:

(a) APA, CTP, ARM, u ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jopera ċentru tan-negozjar u li jipprovdi wkoll is-servizzi ta' APA, CTP jew ARM, meta jkunu taħt superviżjoni mill-ESMA, u l-persuni li jikkontrollawhom jew li huma kkontrollati minnhom;

(b) ditta tal-investiment, operatur tas-suq, PEMO, meta jkunu ssorveljati mill-ESMA, u l-persuni li jikkontrollawhom jew li huma kkontrollati minnhom;

(c) il-maniġers tal-persuni msemmija fil-punti (a) u (b);

(d) l-awdituri u l-konsulenti tal-persuni msemmija fil-punti (a) u (b).

Għal dak l-għan, l-ESMA għandha tkun tista' teżerċita s-setgħat imsemmija fl-Artikolu 39c tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. Minbarra s-setgħat imsemmija fl-Artikolu 39c l-Artikolu 39h(4) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, u għall-fini li twettaq dmirijietha skont dan ir-Regolament fir-rigward tad-ditti tal-investiment, l-operaturi tas-suq u l-PEMOs, l-ESMA għandha tingħata s-setgħa li:

(a) tadotta kwalunkwe tip ta' miżura biex tiżgura li d-ditti tal-investiment, l-operaturi tas-suq, il-PEMOs u persuni oħra li għalihom japplika dan ir-Regolament jew id-Direttiva 2014/65/UE jkomplu jikkonformaw mar-rekwiżiti skont dak ir-Regolament u d-Direttiva;

(b) tissospendi l-eżerċitar tad-drittijiet tal-vot marbuta mal-ishma miżmuma minn persuni li jeżerċitaw influwenza sinifikanti fuq l-immaniġġjar tas-swieq irregolati, l-operaturi tas-suq u l-PEMOs li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament;

(c) tfittex ordni ġudizzjarja għan-nullità tal-voti mitfugħa jew għall-annullament tagħhom f'każ ta' akkwist ta' bidla fl-interessi kontrollanti ta' swieq irregolati u/jew operaturi tas-suq jew PEMO bi ksur tal-Artikolu 2e;

(d) tirrikjedi li d-ditti tal-investiment, l-operaturi tas-suq u l-PEMOs jemendaw ir-regoli ta' suq irregolat, MTF jew OTF.

Artikolu 38fd

Bażi tad-data ċentrali

1. L-ESMA għandha tistabbilixxi u żżomm bażi tad-data ċentrali, f'konformità mal-Artikolu 35c tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, biex tiżgura li l-entitajiet u l-awtoritajiet li ġejjin ikunu jistgħu jissottomettu d-dokumenti tagħhom u jaċċessaw id-dokumenti tagħhom u d-dokumenti indirizzati lilhom, kif irreġistrati f'dik il-bażi tad-data:

(a) il-PEMOs;

(b) operaturi tas-suq li joperaw mill-anqas ċentru tan-negozjar sinifikanti wieħed jew li huma parti mill-istess grupp ta' CSD jew CCP li għalih l-ESMA hija l-awtorità kompetenti skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jew ir-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(c) ditti tal-investiment li joperaw mill-anqas ċentru tan-negozjar sinifikanti wieħed jew li huma parti mill-istess grupp ta' CSD jew CCP li għalih l-ESMA hija l-awtorità kompetenti skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jew ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-operat ta' MTFs jew OTFs;

(d) ċentri tan-negozjar oħra li jappartjenu għall-istess grupp bħall-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment imsemmija fil-punti (b) u (c);

(e) l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali rilevanti tal-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (d);

(f) l-ESMA;

(g) l-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti msemmija fl-Artikolu 2q sal-Artikolu 2t ta' dan ir-Regolament;

(h) kwalunkwe riċevitur ieħor, kif speċifikat skont dan ir-Regolament.

2. L-ESMA għandha tiżgura li l-bażi tad-data ċentrali twettaq il-funzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu. L-ESMA għandha tħabbar l-istabbiliment tal-bażi tad-data ċentrali fuq is-sit web tagħha.

3. L-entitajiet u l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jissottomettu l-informazzjoni li ġejja permezz tal-bażi tad-data ċentrali:

(a) kwalunkwe informazzjoni relatata mal-awtorizzazzjonijiet tal-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (d), meta dawk l-awtorizzazzjonijiet jinħarġu skont dan ir-Regolament;

(b) kwalunkwe informazzjoni jew mistoqsija sottomessa lil kwalunkwe waħda mill-entitajiet u l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jew kwalunkwe informazzjoni mitluba formalment minnhom, skont kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament u meta sottomessa jew mitluba wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(c) informazzjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet eżistenti tal-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (b) sa (d), meta maħruġa qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Meta l-informazzjoni tiġi sottomessa lill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (e) sa (g), għandha tintbagħat konferma li waslet permezz tal-bażi tad-data ċentrali fi żmien jumejn tax-xogħol minn meta tasal l-informazzjoni.

4. Meta kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (e) sa (g), tkun meħtieġa tinnotifika lil oħra bl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, dak ir-rekwiżit għan-notifika għandu jitqies konformi meta d-dokumenti jew l-informazzjoni rilevanti soġġetti għal dik in-notifika jiġu sottomessi lill-bażi tad-data, dment li r-riċevitur ta' dik in-notifika jkollu aċċess għal dawk id-dokumenti u l-informazzjoni permezz tal-bażi tad-data.

5. Il-bażi tad-data ċentrali għandha titfassal biex tinforma awtomatikament lill-entitajiet u lill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 meta jkunu saru bidliet fil-kontenut tagħha, inkluż l-applowdjar, it-tħassir jew is-sostituzzjoni ta' dokumenti, is-sottomissjoni ta' mistoqsijiet u talbiet għal informazzjoni.";

(33) l-Artikolu 38g huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 38g
Sanzjonijiet għal każijiet ta' ksur";

(b) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta l-ESMA ssib li persuna elenkata fl-Artikolu 38fc(1), il-punt (a), ma tkun ikkonformat ma' ebda wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 20 sa 22c, jew fit-Titolu IVa, hija għandha tieħu waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin:

(a) tadotta deċiżjoni li tirrikjedi lill-persuna ttemm il-ksur;

(b) tadotta deċiżjoni li timponi multi skont l-Artikolu 38g ta' dan ir-Regolament jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali skont l-Artikolu 39g tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010;

(c) toħroġ avviżi pubbliċi.";

(c) jiddaħħlu l-paragrafi 1a u 1b li ġejjin:

"1a. L-ESMA għandha tieħu waħda jew aktar mill-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1b, meta ssib li persuna elenkata fl-Artikolu 38fc(1), il-punt (b), ma tkunx ikkonformat ma' wieħed jew aktar mir-rekwiżiti stabbiliti f'dawn:

(a) l-Artikolu 2a(1), (3) u (4);

(b) l-Artikolu 2d(1) sa (6) u (8);

(c) l-Artikolu 2e(1) u (2);

(d) l-Artikolu 2f(1), (1a) u (2);

(e) l-Artikolu 2g(1) sa (4), l-Artikolu 2g(5), l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 2g(6) sa (8), l-Artikolu 2g(9), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 2g(10), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza u t-tieni sentenza, u t-tieni subparagrafu;

(f) l-Artikolu 2h(1);

(g) l-Artikolu 2i(1), l-ewwel u t-tieni subparagrafi, l-Artikolu 2i(2) sa (4), u l-Artikolu 2i(5), it-tieni sentenza;

(h) l-Artikolu 2j(1) u (4);

(i) l-Artikolu 2l(1), (2), (3), (3a), (5) u (6);

(j) l-Artikolu 2m;

(k) l-Artikolu 2n(1), l-Artikolu 2n(2), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 2n(3), l-ewwel subparagrafu;

(l) l-Artikolu 2o(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, u l-Artikolu 2o(3), l-ewwel sentenza;

(m) l-Artikolu 2q(5);

(n) l-Artikolu 2r(1);

(o) l-Artikolu 2s(1);

(p) l-Artikolu 2u(1) sa (5) u (8);

(q) l-Artikolu 2w;

(r) l-Artikolu 2x(1) sa (3), l-Artikolu 2x(3a), l-ewwel u t-tieni subparagrafi, u l-Artikolu 2x(5);

(s) l-Artikolu 2y(3),(3a) u (7);

(t) l-Artikolu 2z(1) sa (4), l-Artikolu 2z(6), l-ewwel u t-tieni subparagrafi, u l-Artikolu 2z(7), l-ewwel u t-tieni sentenzi;

(u) l-Artikolu 2za(3) u (4);

(v) l-Artikolu 2zd(1) u (2);

(w) l-Artikolu 3(1) u (3);

(x) l-Artikolu 4(3), l-ewwel subparagrafu;

(y) l-Artikolu 5;

(z) l-Artikolu 6;

(za) l-Artikolu 7(1), it-tielet subparagrafu, l-ewwel sentenza;

(zb) l-Artikolu 8(1);

(zc) l-Artikolu 8a(1) u (2);

(zd) l-Artikolu 8b;

(ze) l-Artikolu 10;

(zf) l-Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu, l-ewwel sentenza, l-Artikolu 11(1a), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 11(1b) u l-Artikolu 11(3), ir-raba' subparagrafu;

(zg) l-Artikolu 11a(1), it-tieni subparagrafu, l-ewwel sentenza, u l-Artikolu 11a(1), ir-raba' subparagrafu;

(zh) l-Artikolu 12(1);

(zi) l-Artikolu 13(1) u (2);

(zj) l-Artikolu 22(2);

(zk) l-Artikolu 22a(1) u (5) sa (8);

(zl) l-Artikolu 22b(1);

(zm) l-Artikolu 22c(1);

(zn) l-Artikolu 26(7), il-ħames subparagrafu;

(zo) l-Artikolu 27(1), l-ewwel, it-tieni u r-raba' subparagrafi;

(zp) l-Artikolu 29(1) u (2);

(zq) l-Artikolu 30(1);

(zr) l-Artikolu 31(3);

(zs) l-Artikolu 34c;

(zt) l-Artikolu 35(1), (2) u (3);

(zu) l-Artikolu 36(1), (2) u (3);

(zv) l-Artikolu 37(3);

(zw) l-Artikoli 40, 41 u 42.

1b. F'każijiet ta' każijiet ta' ksur ta' wieħed jew aktar mir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1a, l-ESMA għandha tieħu waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni pubblika, li tindika l-persuna fiżika jew ġuridika u n-natura tal-ksur;

(b) ordni li tirrikjedi lill-persuna fiżika jew ġuridika twaqqaf l-imġiba u li ma tirrepetix dik l-imġiba;

(c) fil-każ ta' ditta tal-investiment, operatur tas-suq jew PEMO taħt is-superviżjoni tal-ESMA, l-irtirar jew is-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni, jew parti minn dik l-awtorizzazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/65/UE, l-Artikolu 2c, 2q(3) jew 2zc ta' dan ir-Regolament;

(d) għad-ditti tal-investiment li ma humiex taħt is-superviżjoni esklużiva tal-ESMA, talba, indirizzata lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta'

domiċilju tad-ditta tal-investiment, biex tiġi imposta projbizzjoni temporanja jew, għal każijiet ta' ksur serji u ripetuti, projbizzjoni permanenti kontra kwalunkwe membru tal-korp maniġerjali ta' dik id-ditta tal-investiment jew kwalunkwe persuna fiżika oħra, li tinżamm responsabbli, milli teżerċita funzjonijiet maniġerjali fid-ditti tal-investiment, fl-operaturi tas-suq u fil-PEMOs;

(e) projbizzjoni temporanja jew, għal każijiet ta' ksur serji u ripetuti, projbizzjoni permanenti kontra kwalunkwe membru tal-korp maniġerjali ta' ditta tal-investiment li tkun issorveljata esklużivament mill-ESMA, minn operatur tas-suq jew minn PEMO jew minn kwalunkwe persuna fiżika oħra li tinżamm responsabbli, milli teżerċita funzjonijiet maniġerjali f'ditti tal-investiment, f'operaturi tas-suq u f'PEMOs;

(f) deċiżjoni li timponi multi skont l-Artikolu 38g ta' dan ir-Regolament jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali skont l-Artikolu 39g tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(d) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta tieħu l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 1b, l-ESMA għandha tqis in-natura u s-serjetà tal-ksur, filwaqt li tqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 39h(3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u għandha taġixxi f'konformità mal-proċedura msemmija f'dak l-Artikolu, il-paragrafu 4.";

(e) jitħassar il-paragrafu 3;

(34) l-Artikolu 38h huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ESMA għandha tadotta deċiżjoni li timponi multa f'konformità mal-paragrafu 2 jew mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta, f'konformità mal-Artikolu 39f(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, issib li:

(a) persuna msemmija fl-Artikolu 38fc(1), il-punt (a), ma tkunx ikkonformat intenzjonalment jew b'negliġenza ma' xi wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 22 sa 22c, jew fit-Titolu IVa; jew

(b) persuna msemmija fl-Artikolu 38fc(1), il-punt (b), ma tkunx ikkonformat intenzjonalment jew b'negliġenza ma' xi wieħed mir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 38g(1a).";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ammont massimu tal-multa msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandu jkun ta' EUR 200 000 jew, fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. L-ammont massimu tal-multa msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jkun:

(a) fil-każ ta' persuna ġuridika, sa EUR 5 000 000, jew fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fi [OP daħħal id-data = *id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], jew sa 10 % tal-fatturat annwali totali tal-persuna ġuridika skont l-aħħar kontijiet disponibbli approvati mill-korp maniġerjali; meta

l-persuna ġuridika tkun impriża prinċipali jew sussidjarja tal-impriża prinċipali li għandha tħejji kontijiet finanzjarji konsolidati f'konformità mad-Direttiva 2013/34/UE, il-fatturat totali annwali rilevanti għandu jkun il-fatturat totali annwali jew it-tip korrispondenti ta' introjtu f'konformità mal-atti leġiżlattivi rilevanti dwar il-kontabbiltà skont l-aħħar kontijiet konsolidati disponibbli approvati mill-korp maniġerjali tal-impriża prinċipali ewlenija;

(b) fil-każ ta' persuna fiżika, sa EUR 5 000 000, jew fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fi [OP daħħal id-data = *id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*];

(c) mill-anqas id-doppju tal-ammont tal-benefiċċju miksub mill-ksur meta dak il-benefiċċju jkun jista' jiġi ddeterminat, anke jekk jaqbeż l-ammonti massimi fil-punti (a) u (b).";

(d) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta tiddetermina l-livell ta' multa skont il-paragrafu 1, l-ESMA għandha tqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 38h(3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(35) jitħassru l-Artikoli 38i sa 38m;

(36) l-Artikolu 38n huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ESMA għandha timponi tariffi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' rapportar tad-data, id-ditti tal-investiment, l-operaturi tas-suq u l-PEMOs taħt is-superviżjoni tal-ESMA f'konformità mal-Artikolu 39n tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u f'konformità mal-atti delegati adottati skont il-paragrafi 2 u 4 ta' dan l-Artikolu.";

(b) jitħassar il-paragrafu 2;

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Għall-fornituri ta' servizzi ta' rapportar tad-data, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 50 li jissupplimenta dan ir-Regolament biex tispeċifika t-tip ta' tariffi, il-materji li għalihom huma dovuti t-tariffi, l-ammont tat-tariffi u l-mod li bih għandhom jitħallsu.";

(d) jiżdiedu l-paragrafi 4 u 5 li ġejjin:

"4. Għad-ditti tal-investiment, l-operaturi tas-suq u l-PEMOs taħt is-superviżjoni tal-ESMA, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 50 li jissupplimenta dan ir-Regolament biex tispeċifika t-tip ta' tariffi, il-materji li għalihom huma dovuti t-tariffi, l-ammont tat-tariffi u l-mod li bih għandhom jitħallsu.

5. Fir-rigward tad-ditti tal-investiment, l-operaturi tas-suq u l-PEMOs taħt is-superviżjoni tal-ESMA, meta jiġu imposti tariffi jew imposti mill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom previsti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq, tali tariffi

jew imposti għandhom ikunu konsistenti mal-kost ġenerali relatat mat-twettiq tal-funzjonijiet ta' dik l-awtorità.";

(37) jitħassar l-Artikolu 38o;

(38) l-Artikolu 50 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 1(9), l-Artikolu 2(2) u (3), l-Artikolu 2zg(1) u (2), l-Artikolu 5(10), l-Artikolu 8a(4), l-Artikolu 17(3), l-Artikolu 27(4) u (5), l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 34b(4), l-Artikolu 36(6), l-Artikolu 38fb(7) u (8), l-Artikolu 38n(3) u (4), l-Artikolu 40(8), l-Artikolu 41(8), l-Artikolu 42(7), l-Artikolu 45(10) u l-Artikolu 52(10), (14b) u (15), għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat mit-2 ta' Lulju 2014.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 1(9), l-Artikolu 2(2) u (3), l-Artikolu 2zg(1) u 2, l-Artikolu 5(10), l-Artikolu 8a(4), l-Artikolu 17(3), l-Artikolu 27(4) u (5), l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 34b(4), l-Artikolu 36(6), l-Artikolu 38fb(7) u (8), l-Artikolu 38n(3) u (4), l-Artikolu 40(8), l-Artikolu 41(8), l-Artikolu 42(7), l-Artikolu 45(10) u l-Artikolu 52(10), (14b) u (15), tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.";

(b) il-paragrafu 5 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 1(9), l-Artikolu 2(2) jew (3), l-Artikolu 2zg(1) u (2), l-Artikolu 5(10), l-Artikolu 8a(4), l-Artikolu 17(3), l-Artikolu 27(4) jew (5), l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 34b(4), l-Artikolu 36(6), l-Artikolu 38fb(7) u (8), l-Artikolu 38n(3) u (4), l-Artikolu 40(8), l-Artikolu 41(8), l-Artikolu 42(7), l-Artikolu 45(10) jew l-Artikolu 52(10), (14b) jew (15), għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien 3 xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi 3 xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(39) l-Artikolu 52 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 14 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"14. Sat-30 ta' Ġunju 2028, l-ESMA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-grupp tal-partijiet ikkonċernati esperti stabbilit skont l-Artikolu 22b(2), għandha tivvaluta d-domanda tas-suq għat-tape konsolidat għall-ishma u l-ETFs, l-impatt ta' dak it-tape konsolidat fuq il-funzjonament, l-attraenza u l-kompetittività internazzjonali tas-swieq u d-ditti tal-Unjoni, u jekk it-tape konsolidat laħaqx l-għan tiegħu li jnaqqas l-asimmetriji fl-informazzjoni bejn il-parteċipanti fis-suq u li jagħmel lill-Unjoni post aktar attraenti għall-investiment. L-ESMA għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-adegwatezza taż-żieda ta' karatteristiċi addizzjonali mat-tape konsolidat.

Abbażi ta’ dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tissottometti, meta xieraq, proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.”;

(b) fil-paragrafu 14b, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b’dan li ġej:

“Sad-29 ta’ Marzu 2029, il-Kummissjoni għandha, f’kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA, tivvaluta l-possibbiltà li testendi r-rekwiżiti tal-Artikolu 26 ta’ dan ir-Regolament għall-AIFMs kif iddefiniti fl-Artikolu 4(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2011/61/UE, u għall-kumpaniji maniġerjali, kif iddefiniti fl-Artikolu 2(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2009/65/KE, li jipprovdu servizzi u attivitajiet ta’ investiment u li jeżegwixxu tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji.”;

(c) jiżdied il-paragrafu 16 li ġej:

“16. Sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], l-ESMA għandha tissottometti rapport lill-Kummissjoni li jivvaluta l-istat tal-aċċess transfruntier għaċ-ċentri tan-negozjar mill-parteċipanti fis-suq fl-Unjoni, kif ukoll il-kostijiet imġarrba mill-parteċipanti fis-suq u mill-klijenti finali relatati man-negozjar transfruntier fl-Unjoni. B’mod partikolari, ir-rapport għandu jivvaluta l-punt sa fejn il-PEMOs implimentaw soluzzjonijiet biex jiġbru flimkien b’mod effettiv il-likwidità fiċ-ċentri tan-negozjar li joperaw.”;

(40) fl-Artikolu 54, jiddaħħlu l-paragrafi 1a u 1b li ġejjin:

“1a. Ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2014/65/UE li huma mħassra skont id-Direttiva [OP: jekk jogħġbok daħħal referenza għall-proposta għal Direttiva Emendatorja Ewlenija] għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f’konformità mat-tabella ta’ korrelazzjoni fl-Anness ta’ dan ir-Regolament.

1b. Suq irregolat jew operatur tas-suq diġà awtorizzat fl-Istat Membru li fih ikun irreġistrat jew, jekk skont il-liġi ta’ dak l-Istat Membru ma jkollux uffiċċju reġistrat, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju prinċipali tiegħu, skont id-Direttiva 2014/65/UE kif applikabbli, qabel [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], għandu jitqies li huwa awtorizzat għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament.

Operatur tas-suq diġà awtorizzat fl-Istat Membru li fih ikun irreġistrat jew, jekk skont il-liġi ta’ dak l-Istat Membru ma jkollux uffiċċju rreġistrat, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju prinċipali tiegħu, skont id-Direttiva 2014/65/UE kif applikabbli, qabel [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = *id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament*] biex jopera MTF jew OTF, għandu jitqies li huwa awtorizzat jagħmel dan għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament.”;

(41) l-Artikolu 54a huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. Meta l-ESMA tikkonkludi li ċentru tan-negozjar jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 38fb(1) u (2), jew il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 38fb(3), qabel [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = *sentejn wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendatorju*], il-kompetenzi u d-dmirijiet kollha relatati mal-attività superviżorja u ta’ infurzar fir-rigward ta’ dak iċ-ċentru tan-negozjar għandhom jiġu ttrasferiti lill-ESMA fi [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = *sentejn wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendatorju*].

Meta, bħala riżultat tal-analiżi tal-iżviluppi tas-suq imsemmija fl-Artikolu 38fb(4), l-ESMA tikkonkludi li ċentru tan-negozjar jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 38fb(1) u (2), jew il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 38fb(3), il-kompetenzi u d-dmirijiet kollha relatati mal-attività ta' superviżjoni u infurzar fir-rigward ta' dak iċ-ċentru tan-negozjar għandhom jiġu ttrasferiti lill-ESMA fid-data miftiehma bejn l-ESMA u l-awtorità kompetenti ta' dak iċ-ċentru tan-negozjar u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn sena wara d-data tan-notifika mill-ESMA msemmija fl-Artikolu 38fb(4), it-tieni subparagrafu.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ESMA tirċievi kwalunkwe fajl u dokument ta' ħidma relatat mal-attività ta' superviżjoni u infurzar li tkun għaddejja fir-rigward taċ-ċentri tan-negozjar imsemmija fl-Artikolu 38fa, inkluż kwalunkwe eżami u azzjoni ta' infurzar li jkunu għaddejjin, jew kopji ċċertifikati tagħhom, sad-data msemmija fil-paragrafu 1a.

L-ESMA tista' titlob lill-awtoritajiet kompetenti jipprovdu kwalunkwe dokument eżistenti addizzjonali relatat ma' attivitajiet superviżorji u ta' infurzar tal-passat fir-rigward taċ-ċentri tan-negozjar imsemmija fl-Artikolu 38fa. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu dawk id-dokumenti lill-ESMA mingħajr dewmien żejjed.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-assistenza u l-pariri kollha meħtieġa lill-ESMA biex jiffaċilitaw it-trasferiment effettiv u effiċjenti lejn u l-bidu tal-attività superviżorja u ta' infurzar fir-rigward taċ-ċentri tan-negozjar imsemmija fl-Artikolu 38fa mill-ESMA.";

(d) il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4. Jekk il-kompetenza superviżorja tiġi ttrasferita lill-ESMA, l-awtorità li l-kompetenza tagħha tintemm għandha tagħmel sforzi biex tlesti kwalunkwe proċedura superviżorja pendenti li tirrikjedi deċiżjoni qabel id-data li fiha għandha sseħħ il-bidla fil-kompetenza superviżorja. Meta, minkejja l-aħjar sforzi kollha mill-awtoritajiet kompetenti, ma kienx possibbli li titlesta kwalunkwe proċedura superviżorja pendenti qabel id-data tat-trasferiment effettiv tal-kompetenzi u d-dmirijiet lill-ESMA, l-ESMA għandha taġixxi bħala s-suċċessur legali tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafi 1 u 1a fi kwalunkwe proċediment amministrattiv jew ġudizzjarju li jirriżulta minn attività superviżorja u ta' infurzar segwita minn dawk l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' materji li jaqgħu taħt dan ir-Regolament.";

(e) jiddaħħal il-paragrafu 5a li ġej:

"5a. Kwalunkwe awtorizzazzjoni ta' ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jopera ċentru tan-negozjar jew kwalunkwe awtorizzazzjoni ta' suq irregolat minn awtorità kompetenti kif iddefinit fl-Artikolu 2(1), il-paragrafu (18), il-punt (a), għandha tibqa' valida wara t-trasferiment tal-kompetenzi lill-ESMA.";

(42) jiddaħħal l-Artikolu 54ab li ġej:

"*Artikolu 54ab*

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar ir-regolamenti delegati u ta' implimentazzjoni

L-atti delegati u l-istandards tekniċi regolatorji adottati skont l-Artikoli 31(4), 32(2), 32(4), 33(8), 48(12), 49(3), 49(4), 51(6), 51a(7), 52(2), 52(4), 54(4), 57(8) u 58(6) tad-Direttiva 2014/65/UE fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fi [OP*: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-jum ta' qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva ewlenija*] għandhom ikomplu japplikaw *mutatis mutandis* fir-rigward tal-Artikoli 2h, 2i, 2j, 2k, 2n, 2u, 2v, 2y, 34a u 34b ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni tista', f'konformità mal-Artikolu 50, temenda l-atti delegati msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 2zg(2) u 34b(4).

L-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikoli 18(11), 32(3), 52(3), 58(5) u 58(7) tad-Direttiva 2014/65/UE fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fi [OP*: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-jum ta' qabel id-data tad-dħul fis-*seħħ *tad-Direttiva Prinċipali*] għandhom ikomplu japplikaw *mutatis mutandis* fir-rigward tal-Artikoli 2k, 2u, 2v u 34b ta*'* dan ir-Regolament.

Meta l-Kummissjoni tikkunsidra li huma meħtieġa emendi għall-istandards tekniċi regolatorji jew għall-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel u fit-tielet subparagrafu, hija għandha ssegwi l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 10(4a) jew 15(4a) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. Dawk l-emendi għandhom jiġu adottati skont l-Artikoli 2zg(3), it-tieni subparagrafu, 2zg(4), it-tieni subparagrafu, 34a(1), it-tielet subparagrafu, 34b(3), it-tieni subparagrafu u 34b(5), it-tieni subparagrafu.";

(43) fl-Artikolu 54b, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Kwalunkwe persuna awtorizzata skont it-tifsira tad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*], li twettaq f'fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' data jew f'ċentru tan-negozjar operat minn persuna msemmija fl-Artikolu 38fa(1) il-kompitu deskritt fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*] jew l-Artikolu 73 tad-Direttiva 2009/65/KE jew kwalunkwe kompitu ieħor preskritt mil-liġi, għandu jkollha d-dmir li tirrapporta fil-pront lill-ESMA kwalunkwe fatt jew deċiżjoni li tikkonċerna dak il-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' data jew dak iċ-ċentru tan-negozjar li dik il-persuna tkun saret konxja tiegħu waqt it-twettiq ta' dak il-kompitu u li tista':

(a) tikkostitwixxi ksur materjali tal-liġijiet, tar-regolamenti jew tad-dispożizzjonijiet amministrattivi li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-awtorizzazzjoni jew li jirregolaw speċifikament it-twettiq tal-attivitajiet tal-fornitur ta' servizzi ta' rapportar tad-data jew taċ-ċentru tan-negozjar operat minn persuna msemmija fl-Artikolu 38fa(1);

(b) taffettwa l-funzjonament kontinwu tal-fornitur tas-servizzi ta' rapportar tad-data jew taċ-ċentru tan-negozjar operat minn persuna msemmija fl-Artikolu 38fa(1);

(c) twassal għar-rifjut taċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet jew għall-espressjoni ta' riżervi.

Dik il-persuna għandu jkollha wkoll id-dmir li tirrapporta kwalunkwe fatt u deċiżjoni li tagħhom il-persuna ssir konxja matul it-twettiq ta' wieħed mill-kompiti msemmija fl-ewwel subparagrafu f'impriża li jkollha rabtiet mill-qrib mal-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' data jew iċ-ċentri tan-negozjar operati minn persuna msemmija fl-Artikolu 38fa(1) li fihom tkun qiegħda twettaq dak il-kompitu.

---

* Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87. ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/43/oj).

* Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19. ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj).";

(44) L-Anness I ta' dan ir-Regolament huwa miżjud bħala Anness tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

Artikolu 4

Emendi tar-Regolament (UE) Nru 909/2014

Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Artikoli 10 sa 20, 22 sa 24a u 27, l-Artikolu 28(6), l-Artikolu 30(4) u l-Artikoli 46 u 47, l-Artikolu 48(2), (2a) u (2b), u l-Artikolu 48b, id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV u r-rekwiżiti għar-rapportar lill-awtoritajiet kompetenti jew lill-awtoritajiet rilevanti jew għall-konformità mal-ordnijiet tagħhom skont dan ir-Regolament, ma japplikawx għall-membri tas-SEBĊ, għall-korpi nazzjonali ta' Stati Membri oħra li jwettqu funzjonijiet simili jew għal korpi pubbliċi oħra inkarigati mill-immaniġġjar tad-dejn pubbliku fl-Unjoni jew li jintervjenu fih fir-rigward ta' kwalunkwe CSD li l-korpi msemmija hawn fuq jimmaniġġjaw direttament taħt ir-responsabbiltà tal-istess korp maniġerjali, li għandu aċċess għall-fondi ta' dawk il-korpi u li ma huwiex entità separata.";

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-punti (1a) u (1b) li ġejjin:

"(1a) "CSD sinifikanti" tfisser CSD awtorizzat skont l-Artikolu 16 li jikkwalifika bħala sinifikanti skont l-Artikolu 11;

"(1b) "CSD anqas sinifikanti" tfisser CSD awtorizzat skont l-Artikolu 16 li ma huwiex CSD sinifikanti;";

(b) il-punt (3) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(3) "immobilizzazzjoni" tfisser l-att ta' konċentrazzjoni tal-post tat-titoli fiżiċi u mhux fiżiċi f'CSD b'mod li jippermetti li jsiru trasferimenti sussegwenti ta' tali titoli permezz ta' entrata fil-kotba;";

(c) jiddaħħlu l-punti (4a) u (4b) li ġejjin:

"(4a) "entrata fil-kotba" tfisser rekord elettroniku, li jixhed kwalunkwe kreditu jew debitu jew bidliet oħra magħmula f'tali rekord elettroniku, meta r-rekord elettroniku u kwalunkwe bidla f'tali rekord elettroniku jistgħu jsiru bl-użu tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit;

(4b) "teknoloġija ta' reġistru distribwit" jew "DLT" tfisser teknoloġija ta' reġistru distribwit kif iddefinita fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2022/858;";

(d) jiddaħħlu l-punti (8a), (8b), (8c) u (8d) li ġejjin:

“(8a) “flus tal-bank ċentrali” tfisser obbligazzjoni ta’ bank ċentrali li tkun fil-forma ta’ depożiti miżmuma fil-bank ċentrali, inkluż f’forma tokenizzata, u li tista’ tintuża għal skopijiet ta’ saldu;

(8b) “flus ta’ bank kummerċjali” tfisser obbligazzjoni ta’ istituzzjoni ta’ kreditu li tkun fil-forma ta’ depożiti miżmuma fl-istituzzjoni ta’ kreditu, inkluż f’forma tokenizzata, u li tista’ tintuża għal skopijiet ta’ saldu;

(8c) “flus kontanti” tfisser kwalunkwe munita, inkluż meta maħruġa jew irreġistrata f’reġistru distribwit;

(8d) “token tal-flus elettroniċi” tfisser token tal-flus elettroniċi kif iddefinit fl-Artikolu 3(1), il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2023/1114;”;

(e) il-punt (9) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(9) “ordni ta’ trasferiment” tfisser ordni ta’ trasferiment kif iddefinita fl-Artikolu 2, il-punt (20), tar-[Regolament (UE) .../... dwar il-finalità tas-saldu];”;

(f) jiddaħħlu l-punti (9a) u (9b) li ġejjin:

“(9a) “trasferiment ta’ flus kontanti” jew “pagament fi flus kontanti” tfisser tranżazzjoni ta’ pagament fi flus kontanti jew f’tokens tal-flus elettroniċi;

(9b) “parti ta’ flus kontanti” tfisser fil-kuntest ta’ konsenja kontra pagament kif iddefinit fil-punt (27), it-trasferiment korrispondenti ta’ flus kontanti;”;

(g) il-punt (10) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(10) “sistema ta’ saldu tat-titoli” tfisser sistema ta’ saldu tat-titoli kif iddefinita fl-Artikolu 2, il-punt (5), tar-[Regolament (UE).../... dwar il-finalità tas-saldu] li hija ddeżinjata f’konformità mal-Artikolu 3 ta’ dak ir-Regolament u li ma tiġix operata minn kontroparti ċentrali;”;

(h) il-punt (14) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(14) “jum ta’ negozju” tfisser jum ta’ negozju kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (28), tar-[Regolament (UE) .../... dwar il-finalità tas-saldu];”;

(i) il-punt (15) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(15) “nuqqas ta’ saldu” tfisser in-nuqqas ta’ okkorrenza ta’ saldu, jew saldu parzjali ta’ tranżazzjoni ta’ titoli fid-data tas-saldu maħsuba, minħabba nuqqas ta’ titoli jew ta’ pagament u irrispettivament mill-kawża sottostanti;”;

(j) il-punt (17) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(17) “awtorità kompetenti” tfisser, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f’dan ir-Regolament, l-awtorità nazzjonali kompetenti u l-ESMA, kif iddeżinjata skont l-Artikoli 10 u 11;”;

(k) jiddaħħal il-punt (17a) li ġej:

“(17a) “awtorità nazzjonali kompetenti” tfisser l-awtorità nazzjonali tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit CSD iddeżinjat skont l-Artikolu 10(1);”;

(l) il-punt (19) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(19) “parteċipant” tfisser parteċipant kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (15), tar-[Regolament (UE) .../... dwar il-finalità tas-saldu];”;

(m) il-punt (20) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(20) “parteċipazzjoni” tfisser parteċipazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (2), l-ewwel sentenza, tad-Direttiva 2013/34/UE, jew is-sjieda, diretta jew indiretta, ta’ 20 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital ta’ impriża;”;

(n) il-punt (26) huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“(26) “inadempjenza” tfisser, fir-rigward ta’ parteċipant, sitwazzjoni fejn jinfetħu proċedimenti ta’ insolvenza, kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (23), tar-[Regolament (UE) .../... dwar il-finalità tas-saldu], kontra parteċipant jew avveniment iddefinit fir-regoli interni tas-CSD bħala li jikkostitwixxi inadempjenza;”;

(o) il-punt (28) huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“(28) “kont tat-titoli” tfisser kont jew rekord, inklużi rekords elettroniċi ċentralizzati u deċentralizzati, li fuqhom it-titoli jistgħu jiġu kkreditati, iddebitati jew irreġistrati b’xi mod ieħor biex tiġi rreġistrata bidla fir-rekord ta’ tali titoli;”;

(p) il-punt (29) huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“(29) “konnessjoni ta’ CSD” tfisser arranġament bejn CSDs fejn CSD wieħed isir parteċipant fis-sistema ta’ saldu tat-titoli ta’ CSD ieħor sabiex jiġi ffaċilitat it-trasferiment ta’ titoli mill-parteċipanti tas-CSD tal-aħħar lill-parteċipanti tas-CSD preċedenti jew arranġament fejn CSD jaċċessa CSD ieħor indirettament permezz ta’ intermedjarju. Il-konnessjonijiet tas-CSDs jinkludu konnessjonijiet standard, konnessjonijiet personalizzati, konnessjonijiet indiretti, konnessjonijiet trażmessi u konnessjonijiet interoperabbli;”;

(q) jiddaħħal il-punt (32a) li ġej:

“(32a) “konnessjoni trażmessa” tfisser konnessjoni indiretta fejn il-parti terza tkun CSD;”;

(r) jiddaħħal il-punt (33a) li ġej:

“(33a) “konnessjoni bilaterali” tfisser arranġament bejn żewġ CSDs li huwa magħmul minn żewġ konnessjonijiet li huma kemm standard kif ukoll interoperabbli, fejn kull CSD involut huwa s-CSD li jirċievi t-talba f’waħda mill-konnessjonijiet u s-CSD li jagħmel it-talba fil-konnessjoni l-oħra;”;

(s) il-punt (43) huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“(43) “aġent tas-saldu” tfisser aġent tas-saldu kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (13), tar-[Regolament (UE) .../... dwar il-finalità tas-saldu];”;

(t) jiżdiedu l-punti (51), (52), (53) u (54) li ġejjin:

“(51) “saldu gross f’ħin reali” tfisser mekkaniżmu ta’ saldu fejn flus kontanti, tokens tal-flus elettroniċi jew ordnijiet ta’ trasferiment ta’ titoli fir-rigward ta’ tranżazzjonijiet ta’ titoli tal-parteċipanti fis-sistema ta’ saldu tat-titoli jiġu eżegwiti fuq bażi ta’ tranżazzjoni bi tranżazzjoni, u fejn is-saldu tal-pretensjonijiet u l-obbligi tal-parteċipanti jseħħ mingħajr differiment u fuq bażi grossa;

(52) “messaġġ ta’ diskrepanza fis-saldu” tfisser, fil-kuntest tas-saldu ta’ tranżazzjoni tat-titoli, messaġġ mibgħut minn CSD lis-sid ta’ kont f’dak is-CSD li jinforma lil tali sid ta’ kont b’diskrepanza mal-kontroparti tiegħu fir-rigward tad-data sottomessa fl-istruzzjonijiet ta’ saldu rispettivi tiegħu;

(53) “bażi tad-data ċentrali” tfisser il-bażi tad-data ċentrali stabbilita mill-ESMA skont l-Artikolu 21a;

(54) “segregazzjoni tal-klijenti omnibus” tfisser arranġament fejn CSD iżomm rekords u kontijiet li jippermettu lil kwalunkwe parteċipant f’dak is-CSD iżomm f’kont tat-titoli wieħed it-titoli li jappartjenu għal klijenti differenti ta’ dak il-parteċipant.”;

(3) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, kwalunkwe emittent stabbilit fl-Unjoni li joħroġ jew li jkun ħareġ titoli trasferibbli li huma ammessi għan-negozjar jew innegozjati f’ċentri tan-negozjar, għandu jagħmel arranġamenti biex tali titoli jiġu rreġistrati f’forma ta’ entrata fil-kotba permezz ta’ immobilizzazzjoni jew reġistrazzjoni inizjali diretta f’forma dematerjalizzata.”;

(4) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara t-tieni subparagrafu:

“Id-ditti tal-investiment u l-klijenti professjonali tagħhom għandhom jużaw proċeduri u standards internazzjonali ta’ komunikazzjoni miftuħa għall-komunikazzjoni tal-allokazzjonijiet u l-konfermi msemmija fis-subparagrafu preċedenti.”;

(b) fil-paragrafu 2, jitħassar it-tielet subparagrafu;

(c) fil-paragrafu 4, it-tieni sentenza hija ssostitwita b’dan li ġej:

“Is-CSDs u l-parteċipanti għandhom jistabbilixxu miżuri biex jiżguraw li l-ipproċessar tal-istruzzjonijiet ta’ saldu jkun kompletament awtomatizzat. Is-CSDs għandhom jirrikjedu li l-parteċipanti jsaldaw it-tranżazzjonijiet tagħhom fid-data tas-saldu maħsuba u jistabbilixxu miżuri li jiżguraw dak ir-rekwiżit.”;

(d) fil-paragrafu 5, l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma ssostitwiti b’dan li ġej:

“5. F’kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta’ standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika dan kollu li ġej:

(a) il-miżuri għall-prevenzjoni ta’ fallimenti tas-saldu sabiex tiżdied l-effiċjenza tas-saldu u b’mod partikolari:

(i) il-miżuri li għandhom jittieħdu mid-ditti tal-investiment u l-klijenti professjonali tagħhom f’konformità mal-paragrafu 2;

(ii) id-dettalji tal-proċeduri li jiffaċilitaw is-saldu msemmi fil-paragrafu 3, li jistgħu jinkludu t-tfassil tad-daqsijiet tat-tranżazzjonijiet, is-saldu parzjali ta’ negozji li qegħdin ifallu u l-użu ta’ programmi ta’ self awtomatiku/self ipprovduti minn ċerti CSDs. Dawn il-proċeduri għandhom neċessarjament jinkludu messaġġi ta’ diskrepanza fis-saldu u rekwiżiti ta’ prokura lill-parteċipanti għal istruzzjonijiet imqabbla; u

(iii) id-dettalji tal-miżuri biex jinkoraġġixxu u jinċentivaw is-saldu f’waqtu tat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4;

(b) il-proċeduri standardizzati u l-protokolli tal-messaġġi li għandhom jiġu implimentati mid-ditti tal-investiment u l-klijenti professjonali tagħhom f’konformità mal-paragrafu 2, li għandhom jippermettu l-ipproċessar awtomatizzat tal-allokazzjonijiet u l-konfermi, u l-proċeduri u l-istandards internazzjonali għall-messaġġi u d-data ta’ referenza, imsemmija fl-Artikolu 35, li għandhom jiġu implimentati mill-emittenti, is-CSDs, u infrastrutturi oħra tas-suq sabiex jikkonformaw mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 35.

Meta tiżviluppa d-dettalji tal-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-ESMA għandha tqis it-teknoloġija użata mis-CSDs, bħad-DLT. Meta tiżviluppa d-dettalji tal-miżuri u l-proċeduri msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a)(iii), l-ESMA għandha tikkunsidra kwalunkwe aspett rilevanti għat-tranżazzjonijiet transfruntieri.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].";

(5) fl-Artikolu 7(2), it-tielet subparagrafu, it-tielet sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Il-penali fi flus ma għandhomx jiġu kkonfigurati bħala sors ta' dħul għas-CSD jew għall-parteċipanti tiegħu. Il-penali fi flus għandhom jitħallsu fi flus kontanti jew f'tokens tal-flus elettroniċi.";

(6) fl-Artikolu 7a(15), it-tieni subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-ESMA għandha tissottometti dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ottubru 2027.";

(7) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. L-internalizzaturi tas-saldu għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' stabbiliment tagħhom fuq bażi trimestrali l-volum u l-valur aggregati, diżaggregati skont it-tip ta' strument finanzjarju u t-tip ta' tranżazzjoni, tat-tranżazzjonijiet tat-titoli kollha li jsaldaw barra mis-sistemi ta' saldu tat-titoli, u r-rati korrispondenti ta' falliment tas-saldu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu, mingħajr dewmien żejjed, l-informazzjoni li jirċievu skont l-ewwel sentenza lill-ESMA permezz tal-bażi tad-data ċentrali u l-ESMA għandha tiddivulga pubblikament l-informazzjoni dwar ir-rati ta' falliment tas-saldu tas-saldu internalizzat. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw ukoll lill-ESMA dwar kwalunkwe riskju potenzjali li jirriżulta minn dik l-attività ta' saldu.";

(b) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].";

(8) l-Artikolu 10 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 10

Awtoritajiet kompetenti ddeżinjati mill-Istati Membri

1. Kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità kompetenti nazzjonali waħda jew aktar, biex twettaq il-kompiti u d-dmirijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' CSDs anqas sinifikanti stabbiliti jew li għandhom jiġu stabbiliti fit-territorju tiegħu u l-funzjonijiet ta' appoġġ u assistenza msemmija fl-Artikolu 14(3). Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-ESMA b'dan.

Meta Stat Membru jinnomina aktar minn awtorità nazzjonali kompetenti waħda f'konformità mal-ewwel subparagrafu, huwa għandu jiddetermina r-rwoli rispettivi tagħhom u għandu jinnomina awtorità waħda biex tkun responsabbli għall-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni mal-Kummissjoni,

mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra, mal-awtoritajiet rilevanti, mal-ESMA u mal-EBA, fejn imsemmi speċifikament f'dan ir-Regolament.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11(1), Stat Membru jista' jinnomina lill-ESMA bħala l-awtorità kompetenti għal CSD anqas sinifikanti wieħed jew aktar stabbiliti fit-territorju tiegħu. Meta jeżerċita din l-opzjoni, l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, lill-ESMA u lill-awtorità kompetenti nazzjonali b'dan permezz tal-bażi tad-data ċentrali.

3. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-awtorità nazzjonali kompetenti jkollha s-setgħat superviżorji u investigattivi meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha skont dan ir-Regolament.

4. L-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha lista tal-awtoritajiet kompetenti ta' kull CSD iddeżinjat f'konformità ma' dan l-Artikolu jew identifikat f'konformità mal-Artikolu 11(1).

5. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu huma mingħajr preġudizzju għas-sorveljanza mill-membri tas-SEBĊ imsemmija fl-Artikolu 12(1).";

(9) l-Artikolu 11 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 11

Awtorità kompetenti għal CSDs sinifikanti

1. L-ESMA għandha tkun l-awtorità kompetenti għal CSDs sinifikanti u twettaq il-kompiti u d-dmirijiet superviżorji stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tagħhom.

2. CSD għandu jiġi kkunsidrat sinifikanti meta jissodisfa mill-anqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 11a(1);

   (b) jappartjeni għall-istess grupp bħal mill-anqas wieħed minn dawn li ġejjin:

      (i) CSD li huwa stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru ieħor;

      (ii) CSD, CCP jew ċentru tan-negozjar li għalihom l-ESMA hija l-awtorità kompetenti;

   (c) jopera sistema ta' saldu tat-titoli rregolata mil-liġi ta' Stat Membru differenti mill-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-persuna ġuridika, meta tali sistema tkun ġiet iddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 3 tar-[Regolament (UE) .../... dwar il-finalità tas-saldu];

   (d) l-Istat Membru fejn ikun stabbilit is-CSD ikun innomina lill-ESMA bħala l-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 10(2), meta din in-nomina tapplika għal dak is-CSD.

   L-ESMA għandha tiddetermina jekk CSD jissodisfax il-kundizzjonijiet biex jikkwalifika bħala sinifikanti f'konformità ma' dan l-Artikolu.

3. L-ESMA għandha tivvaluta, mill-anqas kull 12-il xahar, jekk kwalunkwe CSD awtorizzat jissodisfax mill-anqas waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2.

4. Meta l-ESMA tkun iddeterminat li CSD awtorizzat jissodisfa mill-anqas waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, dak is-CSD għandu jikkwalifika bħala sinifikanti. Meta s-CSD ikun għadu ma ġiex taħt superviżjoni mill-ESMA, l-ESMA

tista' tistabbilixxi perjodu ta' adattament potenzjali li ma għandux jaqbeż is-6 xhur, li warajh is-CSD għandu jaqa' taħt is-superviżjoni tal-ESMA.

L-ESMA għandha tinnotifika lis-CSD ikkonċernat, lill-awtoritajiet rilevanti tiegħu u lill-awtorità nazzjonali kompetenti tiegħu dwar l-eżitu tad-determinazzjoni, u dwar kwalunkwe perjodu ta' adattament, imsemmi fit-tieni subparagrafu fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data ta' dik id-determinazzjoni.

5. Qabel ma persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni tapplika għal awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 16, hija għandha titlob lill-ESMA, permezz tal-bażi tad-data ċentrali, biex tiddetermina jekk tissodisfax mill-anqas waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

L-ESMA tista' titlob aktar informazzjoni mingħand dik il-persuna ġuridika għal dak l-għan. Il-persuna ġuridika għandha tipprovdi l-informazzjoni mitluba sal-iskadenza stabbilita mill-ESMA. L-ESMA għandha, fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta tirċievi l-informazzjoni rilevanti kollha, tiddetermina jekk il-persuna ġuridika tissodisfax mill-anqas waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu.

Meta l-ESMA tkun iddeterminat li l-persuna ġuridika tissodisfa mill-anqas waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dik il-persuna ġuridika għandha tikkwalifika bħala sinifikanti u għandha tiġi ssorveljata mill-ESMA, li għandha tkun responsabbli għall-awtorizzazzjoni ta' tali persuna ġuridika f'konformità mal-Artikolu 16.

Meta l-ESMA tkun iddeterminat li l-persuna ġuridika ma tissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dik il-persuna ġuridika għandha tikkwalifika bħala anqas sinifikanti u għandha tiġi ssorveljata mill-awtorità nazzjonali kompetenti, kif imsemmi fl-Artikolu 10(1), tal-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-persuna ġuridika. Dik l-awtorità għandha tkun responsabbli għall-awtorizzazzjoni ta' tali persuna ġuridika f'konformità mal-Artikolu 16.

L-ESMA għandha tinforma, permezz tal-bażi tad-data ċentrali, lill-persuna ġuridika, lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-persuna ġuridika u lill-awtoritajiet rilevanti dwar l-eżitu tad-determinazzjoni tagħha fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data ta' dik id-determinazzjoni.

6. Meta l-ESMA tiddetermina li CSD li qabel kien iddeterminat li huwa sinifikanti ma jkun issodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 għall-aħħar 36 xahar, hija għandha tiddetermina li s-CSD ma għandux jibqa' jikkwalifika bħala CSD sinifikanti. L-ESMA għandha tinnotifika minnufih lis-CSD ikkonċernat, lill-awtoritajiet rilevanti tiegħu u lill-awtorità nazzjonali kompetenti tiegħu dwar dik id-determinazzjoni. Dik id-determinazzjoni għandha tidħol fis-seħħ wara perjodu ta' adattament li għandu jiġi ddeterminat mill-ESMA li ma għandux jaqbeż l-24 xahar.

7. L-ESMA għandha, mingħajr dewmien żejjed, tistabbilixxi u tippubblika fuq is-sit web tagħha l-lista ta' CSDs sinifikanti, u żżommha aġġornata.

8. L-ESMA għandha timponi tariffi fuq is-CSDs sinifikanti għat-twettiq tal-kompiti u d-dmirijiet superviżorji tagħha stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' CSDs sinifikanti u f'konformità mal-att delegat adottat skont il-paragrafu 10.

9. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu huma mingħajr preġudizzju għas-sorveljanza mill-membri tas-SEBĊ imsemmija fl-Artikolu 12(1).

10. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 67 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika t-tariffi msemmija fil-paragrafu 8 billi tistabbilixxi:

(a) it-tipi ta' tariffi;

(b) il-materji li għalihom huma dovuti t-tariffi;

(c) il-metodu tal-kalkolu tal-ammont tat-tariffi; u

(d) il-mod li bih għandhom jitħallsu t-tariffi.";

(10) jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

"Artikolu 11a

Kriterji għad-determinazzjoni tas-sinifikat ta' CSD

1. Il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 11(2), il-punt (a), għandha tiġi ssodisfata meta s-CSD jissodisfa ż-żewġ kriterji li ġejjin:

   (a) jopera sistema ta' saldu li ssalda aktar minn 5 % tal-istruzzjonijiet ta' saldu skont il-valur saldat kull sena fl-Unjoni;

   (b) hija ta' importanza sostanzjali għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli u għall-protezzjoni tal-investituri f'mill-anqas tliet Stati Membri ospitanti f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2.

2. Il-kriterju stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jiġi ssodisfat meta s-CSD jissodisfa mill-anqas wieħed mill-kriterji li ġejjin fl-Istati Membri ospitanti msemmija f'dak il-punt:

   (a) il-valur tas-suq aggregat jew, meta mhux disponibbli, il-valur nominali tal-istrumenti finanzjarji maħruġa minn emittenti inkorporati fl-Istat Membru ospitanti li huma inizjalment irreġistrati jew miżmuma ċentralment f'kontijiet ta' titoli mis-CSD jirrappreżenta mill-anqas 15 % tal-valur totali tal-istrumenti finanzjarji maħruġa mill-emittenti kollha mill-Istat Membru ospitanti li huma inizjalment irreġistrati jew miżmuma ċentralment f'kontijiet ta' titoli mis-CSDs kollha awtorizzati fl-Unjoni;

   (b) il-valur tas-suq aggregat jew, meta mhux disponibbli, il-valur nominali tal-istrumenti finanzjarji miżmuma ċentralment f'kontijiet tat-titoli mis-CSD għall-parteċipanti u detenturi oħra ta' kontijiet tat-titoli mill-Istat Membru ospitanti jirrappreżenta mill-anqas 15 % tal-valur totali tal-istrumenti finanzjarji miżmuma ċentralment f'kontijiet tat-titoli mis-CSDs kollha awtorizzati fl-Unjoni għall-parteċipanti kollha u detenturi oħra ta' kontijiet tat-titoli mill-Istat Membru ospitanti;

   (c) il-valur annwali tal-istruzzjonijiet ta' saldu relatati ma' tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji maħruġa minn emittenti mill-Istat Membru ospitanti u saldati mis-CSD jirrappreżenta mill-anqas 15 % tal-valur annwali totali tal-istruzzjonijiet ta' saldu kollha relatati ma' tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji maħruġa minn emittenti mill-Istat Membru ospitanti u saldati mis-CSDs kollha awtorizzati fl-Unjoni;

   (d) il-valur annwali tal-istruzzjonijiet ta' saldu saldati mis-CSD għall-parteċipanti u detenturi oħra ta' kontijiet ta' titoli mill-Istat Membru ospitanti jirrappreżenta mill-anqas 15 % tal-valur annwali totali tal-istruzzjonijiet ta' saldu saldati mis-

CSDs kollha awtorizzati fl-Unjoni, għall-parteċipanti u detenturi oħra ta' kontijiet ta' titoli mill-Istat Membru ospitanti;

(e) is-CSD jopera sistema ta' saldu tat-titoli rregolata mil-liġi tal-Istat Membru ospitanti ddeżinjat f'konformità mal-Artikolu 3 tar-[Regolament (UE) .../... dwar il-finalità tas-saldu].

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-valuri msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (b) u (d),

(a) fil-każ ta' segregazzjoni tal-klijenti individwali, il-pajjiż ta' inkorporazzjoni (għall-persuni ġuridiċi) jew il-pajjiż ta' residenza (għall-persuni fiżiċi) tad-detenturi ta' kontijiet tat-titoli, inklużi l-klijenti tal-parteċipanti, għandu jkun il-pajjiż rilevanti;

(b) fil-każ ta' segregazzjoni tal-klijenti omnibus, il-pajjiż tal-inkorporazzjoni tal-parteċipanti għandu jkun il-pajjiż rilevanti, ħlief jekk l-informazzjoni dwar il-pajjiż tal-inkorporazzjoni jew il-pajjiż tar-residenza tal-klijenti sottostanti tkun disponibbli għas-CSD.

3. L-ESMA għandha tiddetermina l-valur ta' istruzzjoni ta' saldu kif ġej:

(a) għal istruzzjoni ta' saldu b'pagament, il-valur ta' istruzzjoni ta' saldu għandu jkun il-valur tat-tranżazzjoni korrispondenti fi strumenti finanzjarji kif imdaħħla fis-sistema ta' saldu tat-titoli;

(b) għal istruzzjoni ta' saldu mingħajr pagament, il-valur ta' istruzzjoni ta' saldu għandu jkun il-valur tas-suq aggregat, jew meta mhux disponibbli, il-valur nominali aggregat tal-istrumenti finanzjarji rilevanti kif iddeterminat f'konformità mal-paragrafu 4.

4. L-ESMA għandha tiddetermina l-valur tas-suq tal-istrumenti finanzjarji, imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, kif ġej:

(a) għal ishma, riċevuti depożitarji, fondi nnegozjati fil-borża, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar fl-Unjoni, il-valur tas-suq tal-istrument finanzjarju kkonċernat għandu jkun il-prezz tal-għeluq tal-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità kif imsemmi fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32];

(b) għal strumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar fl-Unjoni, għajr dawk imsemmija fil-punt (a), il-valur tas-suq għandu jkun il-prezz tal-għeluq derivat miċ-ċentru tan-negozjar fl-Unjoni bl-ogħla fatturat;

(c) għal strumenti finanzjarji għajr dawk imsemmija fil-punti (a) u (b), il-valur tas-suq għandu jiġi ddeterminat abbażi ta' prezz ta' referenza kkalkulat skont metodoloġija predeterminata approvata mill-awtorità kompetenti li tirreferi għal kriterji relatati ma' data affidabbli tas-suq, inklużi l-prezzijiet tas-suq disponibbli fiċ-ċentri tan-negozjar jew fid-ditti tal-investiment.

5. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar id-dettalji u l-proċeduri

[32] Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/600/oj).

għall-kalkolu tal-kriterji msemmija f'dan l-Artikolu, inkluża d-data li għandha tiġi rrapportata mis-CSDs lill-ESMA għall-finijiet ta' tali kalkolu.

Meta tiżviluppa dawk l-istandards, l-ESMA għandha tiżgura li d-data li għandha tiġi rrapportata tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-kalkolu tal-kriterji msemmija f'dan l-Artikolu.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(11) jiddaħħal l-Artikolu 11b li ġej:

"Artikolu 11b

Setgħat tal-ESMA fuq CSDs sinifikanti skont dan ir-Regolament

1. L-ESMA għandha tkun responsabbli għat-twettiq ta' dmirijietha skont dan ir-Regolament għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' CSDs sinifikanti. Għal dawk il-finijiet hija għandha tieħu kwalunkwe deċiżjoni jew miżura oħra f'konformità mal-Artikolu 46a tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. L-ESMA għandha tiżgura fuq bażi kontinwa l-konformità minn CSDs sinifikanti mal-Artikolu 5, l-Artikolu 6, l-Artikolu 7, l-Artikoli 16 sa 20, l-Artikolu 22, l-Artikolu 22a, l-Artikolu 23, it-Titolu III, il-Kapitoli 2 u 3, u t-Titolu IV.

3. L-ESMA għandha tingħata s-setgħat meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha fuq CSDs sinifikanti skont dan ir-Regolament u skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-ESMA għandha tuża dawn is-setgħat fuq CSDs sinifikanti u, meta speċifikat skont dan ir-Regolament, fuq partijiet relatati, inkluż biex:

(a) tissorvelja l-konformità sinifikanti tas-CSDs mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(b) tadotta deċiżjonijiet, twettaq valutazzjonijiet superviżorji u tieħu miżuri fir-rigward tal-Artikolu 5, l-Artikolu 6, l-Artikolu 7, l-Artikoli 16 sa 20, l-Artikolu 22, l-Artikolu 22a, l-Artikolu 23, il-Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu III, u t-Titolu IV;

(c) titlob permezz tal-bażi tad-data ċentrali, CSDs sinifikanti u partijiet terzi relatati li lilhom dawk is-CSDs ikunu esternalizzaw servizzi, funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali, biex jipprovdu, fil-limitu ta' żmien previst fit-talba, l-informazzjoni jew id-data rilevanti kollha biex l-ESMA tkun tista' timmonitorja l-forniment ta' servizzi u attivitajiet ta' dawk is-CSDs u twettaq il-kompiti u d-dmirijiet tal-ESMA skont dan ir-Regolament. Ir-riċevitur ta' tali talba għandu jipprovdi lill-ESMA, permezz tal-bażi tad-data ċentrali, l-informazzjoni kollha mitluba mill-ESMA fil-limitu ta' żmien ipprovdut. It-talba għall-informazzjoni tista' tkun ta' natura perjodika jew ta' darba;

(d) tirrikjedi li l-awdituri ta' CSDs sinifikanti jipprovdu informazzjoni jew data;

(e) tadotta deċiżjoni li timponi multi, fejn CSD sinifikanti jkun wettaq, intenzjonalment jew b'negliġenza, wieħed mill-każijiet ta' ksur elenkati fl-Anness. Tali multi għandhom ikunu sad-doppju tal-ammont tal-profitti

miksuba jew tat-telf evitat minħabba l-ksur fejn dawn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati, jew sa 10 % tal-fatturat annwali totali ta' persuna ġuridika fis-sena kummerċjali preċedenti u jistgħu jqisu fatturi aggravanti jew ta' mitigazzjoni f'konformità mal-koeffiċjenti rilevanti stabbiliti fl-Anness;

(f) tadotta deċiżjoni li tirrikjedi li CSD sinifikanti jġib fi tmiemu ksur elenkat fl-Anness;

4. Barra minn hekk, għall-fini tat-twettiq tal-kompiti tagħha fir-rigward ta' CSDs sinifikanti, l-ESMA għandu jkollha s-setgħat li tieħu l-miżuri temporanji stabbiliti fit-tieni subparagrafu fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-ESMA tkun kisbet evidenza li tissuġġerixxi li l-entità tikser, jew x'aktarx tikser, ir-rekwiżiti li jirregolaw l-operazzjonijiet tagħha fit-3 xhur li ġejjin;

(b) l-ESMA jkollha evidenza li l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati mill-entità ma jiżgurawx l-immaniġġjar sod u l-kopertura tar-riskji tagħha.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-ESMA għandu jkollha, b'mod partikolari, is-setgħat li tieħu l-miżuri temporanji li ġejjin:

(a) tirrikjedi li l-arranġamenti, il-proċessi, il-mekkaniżmi u l-istrateġiji tal-entità jiġu aġġustati kif xieraq biex jiġu żgurati l-immaniġġjar sod u l-kopertura tar-riskji tagħha;

(b) tirrikjedi li s-CSD sinifikanti jsejjaħ laqgħa tal-azzjonisti tiegħu jew, jekk is-CSD sinifikanti jonqos milli jikkonforma ma' dak ir-rekwiżit, issejjaħ il-laqgħa hija stess. Fiż-żewġ każijiet l-ESMA għandha tistabbilixxi l-aġenda, inklużi d-deċiżjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati għall-adozzjoni mill-azzjonisti;

(c) tirrikjedi li l-entitajiet jippreżentaw pjan biex jirrestawraw il-konformità mar-rekwiżiti superviżorji u jistabbilixxu skadenza għall-implimentazzjoni tiegħu, inkluż titjib fl-ambitu u fl-iskadenza ta' dak il-pjan;

(d) tirrestrinġi jew tillimita n-negozju, l-operazzjonijiet jew in-network tal-entità, jew titlob iċ-ċessjoni ta' attivitajiet li joħolqu riskji eċċessivi għas-solidità tagħha;

(e) tirrikjedi li s-CSD jimmitiga r-riskju relatat mal-ksur jew il-ksur probabbli tar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament u r-riskji intrinsiċi relatati fl-attivitajiet, u s-sistemi tal-entità;

(f) timponi rekwiżiti ta' rapportar addizzjonali jew aktar frekwenti;

(g) tirrikjedi divulgazzjoni addizzjonali;

(h) tirrikjedi s-sospensjoni tal-membri mill-korp maniġerjali ta' entitajiet li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti li jirregolaw l-operazzjonijiet tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Id-deċiżjonijiet tal-ESMA għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom huma bbażati.

5. L-ESMA għandha tirrifjuta jew sussegwentement tirtira l-ħatra tal-persuna jew tal-persuni msemmija fl-Artikolu 27 jekk ma tkunx sodisfatta li l-persuna tkun ta' reputazzjoni tajba biżżejjed, jew jekk ikun hemm raġunijiet oġġettivi u dimostrabbli biex wieħed jemmen li l-ħatra jew il-bidliet proposti jkunu ta' theddida għall-

immaniġġjar sod u prudenti tal-entità, il-kunsiderazzjoni adegwata tal-interess tal-klijenti u l-integrità tas-suq.

6. L-ESMA għandha tikkunsidra, f'kooperazzjoni mal-EBA u mas-SEBĊ, kwalunkwe riskju transfruntier li jirriżulta mill-attivitajiet tas-CSDs, inkluż minħabba l-interkonnettività tas-CSDs maċ-ċentri tan-negozjar u mas-CCPs u r-riskji minħabba tali konnessjonijiet transfruntieri.

7. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 67 biex temenda l-lista ta' każijiet ta' ksur skont l-Anness, meta meħtieġ biex jitqiesu l-emendi għar-rekwiżiti dwar is-CSDs skont dan ir-Regolament u b'mod partikolari kif stabbilit fl-Artikolu 6, l-Artikolu 7, l-Artikoli 16 sa 20, l-Artikolu 22, l-Artikolu 22a, it-Titolu III, il-Kapitoli 2 u 3, u t-Titolu IV jew meta meħtieġ biex jiġi żgurat li l-każijiet ta' ksur skont l-Anness jikkorrispondi għar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament u b'mod partikolari kif stabbilit fl-Artikolu 6, l-Artikolu 7, l-Artikoli 16 sa 20, l-Artikolu 22, l-Artikolu 22a, it-Titolu III, il-Kapitoli 2 u 3, u t-Titolu IV.";

(12) jiddaħħal l-Artikolu 11c li ġej:

"Artikolu 11c

Dispożizzjonijiet speċifiċi għal CSDs sinifikanti

1. B'deroga mill-Artikolu 24a, ma għandu jiġi stabbilit l-ebda kulleġġ għal CSD sinifikanti. Meta, għal CSD li jsir sinifikanti, ikun ġie stabbilit kulleġġ skont l-Artikolu 24a, tali kulleġġ għandu jiġi xolt mhux aktar tard minn sena wara li s-CSD ikun ikkwalifika bħala CSD sinifikanti. Fir-rigward ta' CSD sinifikanti, il-proċeduri msemmija fl-Artikoli 15, 17, 19a, 21a, 22, 23, 24, 48b, 55 u 60 għandhom japplikaw mingħajr ma jiġi inkluż il-kulleġġ.

2. B'deroga mill-Artikoli 7, 13, 15, 17, 19a, 20, 21(1), 21a, 22, 22a, 23, 24, 27a, 27b, 33, 49, 52, 54a, 54b, 54c, 55, 57, 58 u 60 kwalunkwe rekwiżit għas-CSD, jew l-awtorità kompetenti, biex jinteraġixxi mal-ESMA, jew l-ESMA biex tinteraġixxi mas-CSD jew l-awtorità kompetenti, imsemmija f'dawk l-Artikoli, ma għandux japplika fir-rigward ta' CSD sinifikanti.

L-Artikolu 17a ma għandux japplika fir-rigward ta' CSDs sinifikanti.";

(13) fl-Artikolu 14, jiddaħħlu l-paragrafi 3 u 4 li ġejjin:

"3. Għal kull CSD sinifikanti, l-ESMA, l-awtorità nazzjonali kompetenti u l-awtoritajiet rilevanti għandhom jistabbilixxu arranġamenti ta' kooperazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 8a tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, inkluż fir-rigward tas-superviżjoni diretta mill-ESMA ta' kull CSD sinifikanti. Tali arranġamenti għandhom jirriflettu d-distribuzzjoni tal-kompetenzi u r-responsabbiltajiet skont dan ir-Regolament u jinkwadraw il-modalitajiet ta' kooperazzjoni prattika bil-ħsieb li l-ESMA teżerċita l-kompetenzi u r-responsabbiltajiet tagħha fir-rigward ta' CSDs sinifikanti. B'mod partikolari, tali arranġamenti jistgħu jkopru l-appoġġ u l-assistenza mill-awtoritajiet rilevanti u mill-awtorità nazzjonali kompetenti fir-rigward ta' dawn kollha li ġejjin:

(a) it-twettiq ta' kompiti superviżorji fuq CSD sinifikanti, inklużi investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post;

(b) it-tħejjija ta' awtorizzazzjonijiet, approvazzjonijiet, deċiżjonijiet, rapporti jew miżuri oħra li jappartjenu għas-CSD sinifikanti skont dan ir-Regolament,

inkluż fejn speċifikat skont l-Artikolu rilevanti u skont l-Artikoli 15, 16, 17, 19, 19a, 22, 27, 27a, 27b, 33(3), 48, 48a, 48b, 55, 56 u 60;

(c) kwalunkwe kompitu superviżorju biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja u biex jiġu mmonitorjati r-reżiljenza operazzjonali u l-imġiba fis-suq tas-CSD sinifikanti, inkluż l-ittestjar tal-istress;

(d) l-indirizzar ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza fir-rigward tas-CSD sinifikanti.

4. Għal kull CSD anqas sinifikanti, l-ESMA għandha tissodisfa rwol ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet rilevanti u l-kulleġġi biex:

(a) tiżgura prattiki superviżorji konsistenti b'mod partikolari fir-rigward ta' oqsma superviżorji li għandhom dimensjoni transfruntiera jew impatt transfruntier possibbli għas-CSDs li jipprovdu servizzi transfruntieri;

(b) issaħħaħ il-koordinazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza f'konformità mal-Artikolu 15;

(c) tivvaluta r-riskji meta tipprovdi opinjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti skont it-tieni subparagrafu dwar il-konformità tas-CSDs mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tar-riskji transfruntieri identifikati jew ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, u tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kif CSD għandu jimmitiga tali riskji;

(d) tippromwovi skambju u diskussjoni regolari dwar l-iżviluppi rilevanti tas-suq, inklużi sitwazzjonijiet jew avvenimenti li jħallu impatt jew li x'aktarx ikollhom impatt fuq is-soliditá prudenzjali jew finanzjarja jew ir-reżiljenza tas-CSDs.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu l-abbozzi ta' deċiżjonijiet, rapporti jew miżuri oħra tagħhom fir-rigward ta' CSDs anqas sinifikanti lill-ESMA għall-opinjoni tagħha qabel ma jadottaw kwalunkwe att jew miżura skont l-Artikoli 17, 22, 24(5), 27a, 27b u 55 u, ħlief meta tkun meħtieġa deċiżjoni b'mod urġenti, skont l-Artikolu 20.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissottomettu wkoll abbozzi ta' deċiżjonijiet lill-ESMA għall-opinjoni tagħha qabel ma jadottaw kwalunkwe att ieħor jew miżura oħra f'konformità mad-dmirijiet tagħhom skont l-Artikolu 10(1).

L-ESMA għandha tivvaluta l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha adottati mill-kulleġġi skont l-Artikolu 24a ta' dan ir-Regolament, sabiex tikkontribwixxi għall-funzjonament konsistenti u koerenti tal-kulleġġi u trawwem il-koerenza fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament bejniethom.

Għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-ESMA għandha tikkunsidra, f'kooperazzjoni mal-EBA u mas-SEBĊ, kwalunkwe riskju transfruntier li jirriżulta mill-attivitajiet tas-CSDs, inkluż minħabba l-interkonnettività tas-CSDs maċ-ċentri tan-negozjar u mas-CCPs u r-riskji minħabba tali konnessjonijiet transfruntieri.

Kwalunkwe opinjoni, deċiżjoni, input, jew miżura oħra meħuda mill-ESMA skont dan il-paragrafu, għandha tittieħed f'konformità mal-Artikolu 46a tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-ESMA għandha, fuq bażi annwali, tirrapporta lill-Kummissjoni dwar ir-riskji transfruntieri li jirriżultaw mill-attivitajiet tas-CSDs imsemmija fil-ħames subparagrafu.";

(14) fl-Artikolu 15, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"F'sitwazzjoni ta' emerġenza f'CSD wieħed jew aktar li jkollha jew li x'aktarx ikollha effetti destabbilizzanti fuq is-swieq transfruntieri, l-ESMA għandha tikkoordina mal-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet rilevanti, u, meta applikabbli, il-kulleġġi msemmija fl-Artikolu 24a biex tibni rispons ikkoordinat għas-sitwazzjoni ta' emerġenza u tiżgura l-kondiviżjoni effettiva tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet rilevanti u, meta applikabbli, il-kulleġġi msemmija fl-Artikolu 24a. Kwalunkwe kompitu mwettaq mill-ESMA skont dan is-subparagrafu għandu jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 46a tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(15) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Kwalunkwe persuna ġuridika li taqa' taħt id-definizzjoni ta' CSD għandha tikseb awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 qabel ma tibda l-attivitajiet tagħha.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Ladarba l-awtorizzazzjoni tkun ingħatat f'konformità mal-Artikolu 17, din għandha tkun effettiva għat-territorju kollu tal-Unjoni.";

(16) l-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11(5), CSD li japplika għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni inizjali skont l-Artikolu 16, applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' estensjoni ta' awtorizzazzjoni eżistenti skont l-Artikolu 19 jew applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tal-esternalizzazzjoni ta' servizz ewlieni skont l-Artikolu 19, lill-awtorità kompetenti tiegħu. L-applikazzjoni għandha tiġi kondiviża immedjatament mar-riċevituri rreġistrati msemmija fl-Artikolu 21a u, meta applikabbli, mal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 24a.";

(b) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Matul il-perjodu speċifikat fil-paragrafu 8, l-awtorità kompetenti, l-ESMA u l-awtoritajiet rilevanti jistgħu jitolbu lis-CSD li japplika jipprovdi dokumenti jew informazzjoni addizzjonali, fejn tali dokumenti jew informazzjoni jkunu meħtieġa biex jiġi vvalutat li s-CSD li japplika jissodisfa l-obbligi kollha tiegħu kif stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-awtorità kompetenti tista' tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni fin-nuqqas tat-tweġiba tas-CSD.

(c) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"Matul il-perjodu speċifikat skont il-paragrafu 8, l-awtorità kompetenti għandha twettaq valutazzjoni tar-riskju tal-konformità tas-CSD li japplika mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet rilevanti, lill-ESMA, u, meta applikabbli, lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 24a dwar il-karatteristiċi tas-sistema ta' saldu tat-titoli operata mis-CSD li japplika. Fi żmien 3 xhur mill-konferma li waslet l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 21a(2), meta s-CSD li japplika ikun applika għal awtorizzazzjoni inizjali skont l-Artikolu 16, jew fi żmien xahar mill-konferma li waslet l-applikazzjoni

msemmija fl-Artikolu 21a(2), meta CSD li japplika ikun applika għal estensjoni ta' awtorizzazzjoni eżistenti jew għall-esternalizzazzjoni ta' servizz ewlieni, skont l-Artikolu 19:

(a) l-ESMA għandha tadotta opinjoni skont l-Artikolu 14(4) li tiddetermina jekk is-CSD li japplika jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, u tibgħatha lir-riċevituri rreġistrati msemmija fl-Artikolu 21a; u

(b) kull awtorità rilevanti tista' toħroġ opinjoni fl-oqsma ta' kompetenza tagħha, li tiddetermina jekk is-CSD li japplika jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, u tibgħatha lir-riċevituri rreġistrati msemmija fl-Artikolu 21a.

Meta jipprovdu l-opinjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, l-ESMA u l-awtoritajiet rilevanti, fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom, għandhom jivvalutaw kwalunkwe riskju rilevanti fir-rigward tas-CSD li japplika, inkluż kwalunkwe riskju transfruntier jew riskju għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, u jistgħu jinkludu kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li jqisu meħtieġa biex jiġi mmitigat kwalunkwe nuqqas fl-immaniġġjar tar-riskji tas-CSD li japplika. L-ESMA tista' tinkludi wkoll fl-opinjoni tagħha kwalunkwe element meħtieġ għall-promozzjoni ta' applikazzjoni konsistenti u koerenti ta' Artikolu rilevanti ta' dan ir-Regolament. Opinjoni negattiva għandha tiddikjara bil-miktub ir-raġunijiet sħaħ u dettaljati għaliex ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jew rekwiżiti oħra tad-dritt tal-Unjoni ma ġewx issodisfati.

Meta kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet rilevanti jew l-ESMA tkun ħarġet opinjoni motivata negattiva, u l-awtorità kompetenti xorta waħda jkollha l-ħsieb li tagħti l-awtorizzazzjoni, dik l-awtorità kompetenti għandha, fi żmien 30 jum tax-xogħol minn meta tirċievi l-opinjoni negattiva, meta s-CSD li japplika ikun applika għal awtorizzazzjoni inizjali skont l-Artikolu 16, jew fi żmien 15-il jum tax-xogħol minn meta jirċievi l-opinjoni negattiva, meta CSD li japplika ikun applika għal estensjoni ta' awtorizzazzjoni eżistenti jew għall-esternalizzazzjoni ta' servizz ewlieni, skont l-Artikolu 19, tipprovdi lill-awtorità rilevanti kkonċernata jew lill-ESMA bir-raġunijiet għaliex beħsiebha tagħti l-awtorizzazzjoni minkejja l-opinjoni negattiva.";

(ii) is-seba' subparagrafu jitħassar;

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-awtorità kompetenti tista', qabel ma tagħti awtorizzazzjoni lis-CSD li japplika, tikkonsulta ma' awtoritajiet oħra li jagħmlu superviżjoni ta' entità li jkollha parteċipazzjoni kwalifikanti fis-CSD li japplika, jew li tikkontrollah, dwar kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-adegwatezza tal-azzjonisti u l-persuni msemmija fl-Artikolu 27(6) u r-reputazzjoni u l-esperjenza tal-persuni li effettivament jidderieġu n-negozju tas-CSD li japplika imsemmi fl-Artikolu 27(1) u (4), fejn dawk l-azzjonisti u l-persuni jkunu komuni għas-CSD li japplik u għall-entità li jkollha parteċipazzjoni kwalifikanti fis-CSD li japplika jew li tikkontrollah;

(b) jekk ir-relazzjonijiet korporattivi bejn is-CSD li japplika u l-entità li għandha parteċipazzjoni kwalifikanti fis-CSD li japplika jew li tikkontrollah ma jaffettwawx il-kapaċità tas-CSD li japplika li jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.";

(c) jitħassru l-paragrafi 7 u 7a;

(d) il-paragrafu 8 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"8. Fi żmien 6 xhur mill-konferma li waslet l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 21a(2), meta s-CSD li japplika ikun applika għal awtorizzazzjoni inizjali skont l-Artikolu 16, jew fi żmien 3 xhur mill-konferma li waslet l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 21a(2), meta CSD li japplika ikun applika għal estensjoni ta' awtorizzazzjoni eżistenti jew għall-esternalizzazzjoni ta' servizz ewlieni, skont l-Artikolu 19, l-awtorità kompetenti għandha tadotta d-deċiżjoni tagħha u tibgħatha lir-riċevituri rreġistrati msemmija fl-Artikolu 21a u lis-CSD li japplika. Id-Deċiżjoni għandha tinkludi spjegazzjoni motivata bis-sħiħ dwar jekk l-awtorizzazzjoni ngħatatx jew ġietx irrifjutata.

Meta d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti ma tirriflettix l-opinjoni tal-ESMA, jew ta' kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet rilevanti, inkluża kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tinsab fiha, din għandu jkun fiha spjegazzjoni motivata bis-sħiħ ta' kwalunkwe devjazzjoni sinifikanti minn dawk l-opinjonijiet jew il-kundizzjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet.

Meta l-awtorità kompetenti ma tikkonformax jew ma jkollhiex l-intenzjoni li tikkonforma ma' opinjoni tal-ESMA jew ma' kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni inkluża fiha, il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lill-Bord tas-Superviżuri. L-informazzjoni għandha tinkludi wkoll ir-raġunament mill-awtorità kompetenti għan-nuqqas ta' konformità jew għall-intenzjoni tagħha li ma tikkonformax.";

(e) il-paragrafu 8a huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"8a. L-awtorità kompetenti għandha, mingħajr dewmien żejjed, tinforma lill-awtoritajiet ikkonsultati skont il-paragrafi 4, 5 u 6 bir-riżultati tal-proċess ta' awtorizzazzjoni, inkluża kwalunkwe azzjoni ta' rimedju.";

(17) jiddaħħal l-Artikolu 17a li ġej:

"Artikolu 17a

Proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet, rapporti jew miżuri oħra

1. L-awtorità kompetenti għandha tissottometti talba għal opinjoni mill-ESMA, skont l-Artikolu 14(4), meta l-awtorità kompetenti tkun beħsiebha tadotta deċiżjoni, rapport jew miżura oħra skont l-Artikoli 22, 24(5), 27a, 27b, 55 u, ħlief meta tkun meħtieġa deċiżjoni b'mod urġenti, skont l-Artikolu 20.

It-talba għal opinjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha, għandha tiġi kondiviża immedjatament mal-ESMA.

2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor skont artikolu rilevanti, l-awtorità kompetenti għandha, fi żmien 30 jum tax-xogħol mis-sottomissjoni tat-talba msemmija fil-paragrafu 1, tivvaluta l-konformità tas-CSD mar-rekwiżiti rispettivi. Sa tmiem dak il-perjodu ta' valutazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat l-abbozz ta' deċiżjoni, ir-rapport jew miżura oħra tagħha lill-ESMA.

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor skont l-artikolu rilevanti, wara li tasal kemm it-talba għal opinjoni msemmija fil-paragrafu 1 kif ukoll l-abbozzi ta' deċiżjonijiet, rapporti jew miżuri oħra msemmija fil-paragrafu 2:

(a) l-ESMA għandha, fir-rigward tal-Artikoli 20, 22, 24(5), u 55 tadotta opinjoni li tivvaluta l-konformità tas-CSD mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament. Fl-opinjoni tagħha, l-ESMA tista' tinkludi kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tikkunsidra meħtieġa biex timmitiga kwalunkwe nuqqas fl-immaniġġjar tar-riskji tas-CSD, inkluż fir-rigward tar-riskji transfruntieri identifikati jew ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni; u

(b) l-ESMA tista', fir-rigward tal-Artikoli 27a u 27b tadotta opinjoni dwar dak l-abbozz ta' deċiżjoni, rapport jew miżura oħra meta meħtieġ biex tippromwovi applikazzjoni konsistenti u koerenti ta' artikolu rilevanti.

L-ESMA għandha tadotta l-opinjoni tagħha sal-iskadenza pprovduta mill-awtorità kompetenti, li għandha tkun mill-anqas 15-il jum tax-xogħol wara li tirċievi d-dokumenti rilevanti skont il-paragrafu 2, u tikkomunikaha lill-awtorità kompetenti. L-opinjonijiet għandhom jiġu kondiviżi wkoll mal-awtoritajiet rilevanti.

4. Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi l-opinjoni tal-ESMA adottata skont il-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), u, meta maħruġa, l-opinjoni tal-ESMA adottata skont il-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), jew fil-perjodu rilevanti meta speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha, wara li tikkunsidra kif xieraq l-opinjoni tal-ESMA, inkluża kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tinsab fiha, tadotta d-deċiżjoni, ir-rapport jew miżura oħra tagħha kif meħtieġ skont artikolu rilevanti u tibgħatha lill-ESMA.

Meta d-deċiżjoni, ir-rapport jew miżura oħra ma tirriflettix opinjoni tal-ESMA, din għandu jkun fiha spjegazzjoni motivata bis-sħiħ ta' kwalunkwe devjazzjoni sinifikanti minn dik l-opinjoni jew minn dawk il-kundizzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet.

Għall-finijiet tal-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), meta l-awtorità kompetenti tas-CSD ma tikkonformax jew ma jkollhiex l-intenzjoni li tikkonforma mal-opinjoni tal-ESMA jew ma' kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni inkluża fiha, il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lill-Bord tas-Superviżuri. L-informazzjoni għandha tinkludi wkoll ir-raġunament mill-awtorità kompetenti għan-nuqqas ta' konformità jew għall-intenzjoni tagħha li ma tikkonformax.";

(18) fl-Artikolu 18, il-paragrafi 1, 2 u 3 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. CSD awtorizzat ma għandu jipprovdi l-ebda servizz addizzjonali u lanqas ma għandu jwettaq b'xi mod ieħor kwalunkwe attività li għaliha ma jkunx awtorizzat, jew li ma jkunx innotifika lill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 19(8).

2. Is-sistemi ta' saldu tat-titoli jistgħu jitħaddmu biss minn CSDs awtorizzati jew minn banek ċentrali li jaġixxu bħala CSDs.

3. CSD awtorizzat jista' jkollu parteċipazzjoni biss f'persuna ġuridika li l-attivitajiet tagħha jkunu limitati għall-forniment ta' servizzi elenkati fit-Taqsimiet A u B tal-Anness, sakemm tali parteċipazzjoni ma tkunx approvata mill-awtorità kompetenti tiegħu fuq il-bażi li ma żżidx b'mod sinifikanti l-profil tar-riskju tas-CSD.";

(19) l-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem introduttorju huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"CSD awtorizzat għandu jippreżenta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni lill-awtorità kompetenti meta jkun jixtieq jesternalizza servizz ewlieni lil parti terza skont l-

Artikolu 30, għajr lil CSD fil-grupp tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 19a, jew jestendi l-attivitajiet tiegħu għal wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) it-tieni u t-tielet subparagrafi huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"L-għoti ta' awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu għandu jsegwi l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17(1), (2), (3), (5), (8) u (8a).

L-għoti ta' awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, il-punt (e), ta' dan l-Artikolu għandu jsegwi l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 fir-rigward ta' konnessjonijiet interoperabbli bejn CSD stabbilit fl-Unjoni u CSD ta' pajjiż terz, jew il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 48b fir-rigward ta' konnessjonijiet interoperabbli bejn CSDs stabbiliti fl-Unjoni.";

(ii) jitħassar ir-raba' subparagrafu;

(c) jitħassru l-paragrafi 3 sa 7;

(20) jiddaħħal l-Artikolu 19a li ġej:

"Artikolu 19a

Proċedura għall-approvazzjoni tal-esternalizzazzjoni ta' servizzi ewlenin fi ħdan grupp ta' CSD

1. CSD awtorizzat għandu jippreżenta applikazzjoni għall-approvazzjoni lill-ESMA meta jkun jixtieq jesternalizza servizz ewlieni lil CSD fi ħdan il-grupp tiegħu skont l-Artikolu 30. L-applikazzjoni għandha tiġi kondiviża immedjatament mar-riċevituri rreġistrati rispettivi msemmija fl-Artikolu 21a għaż-żewġ CSDs involuti fl-esternalizzazzjoni maħsuba u, meta applikabbli, il-kulleġġi rispettivi msemmija fl-Artikolu 24a taż-żewġ CSDs involuti fl-esternalizzazzjoni maħsuba.

2. Is-CSD li japplika għandu jinkludi fl-applikazzjoni d-dokumenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa biex juri li se jkun stabbilixxa, fiż-żmien tal-approvazzjoni tal-esternalizzazzjoni, l-arranġamenti kollha meħtieġa biex jissodisfa l-obbligi tiegħu kif stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward ta' tali esternalizzazzjoni. Is-CSD li japplika għandu jinkludi wkoll fl-applikazzjoni deskrizzjoni tas-servizzi ewlenin li għandhom jiġu esternalizzati u s-CSDs fi ħdan il-grupp li lilu dawk is-servizzi huma maħsuba li jiġu esternalizzati, kif ukoll l-organizzazzjoni strutturali tas-CSD li japplika.

3. Matul il-perjodu speċifikat fil-paragrafu 5, l-ESMA u l-awtoritajiet rilevanti jistgħu jitolbu lis-CSD li japplika jipprovdi dokumenti jew informazzjoni addizzjonali fejn tali dokumenti jew informazzjoni jkunu meħtieġa biex tiġi vvalutata l-konformità tas-CSD li japplika mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-esternalizzazzjoni maħsuba. L-ESMA tista' tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni fin-nuqqas tat-tweġiba tas-CSD. .

4. Matul il-perjodu speċifikat fil-paragrafu 5, l-ESMA għandha twettaq valutazzjoni tar-riskju tal-konformità tas-CSD li japplika mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-esternalizzazzjoni maħsuba u għandha, fir-rigward taż-żewġ CSDs involuti fl-esternalizzazzjoni maħsuba, tikkonsulta lill-awtoritajiet rilevanti, lill-kulleġġi msemmija fl-Artikolu 24a, fejn applikabbli, u lill-awtoritajiet kompetenti dwar jekk l-esternalizzazzjoni maħsuba tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u dwar kwalunkwe riskju potenzjali li jista' jirriżulta bħala konsegwenza ta' tali esternalizzazzjoni.

5. Fi żmien 3 xhur mill-konferma li rċeviet l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 21a(2), l-ESMA għandha tadotta d-deċiżjoni tagħha u tibgħatha lir-riċevituri rreġistrati rispettivi msemmija fl-Artikolu 21a li huma rilevanti għal kull CSD involut fl-esternalizzazzjoni, il-kulleġġi rispettivi msemmija fl-Artikolu 24a responsabbli għal kull CSD involut fl-esternalizzazzjoni, meta applikabbli, u s-CSD applikant. Id-Deċiżjoni għandha tinkludi spjegazzjoni motivata bis-sħiħ dwar jekk l-approvazzjoni ngħatatx jew ġietx irrifjutata.";

(21) l-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni jew miżura ta' rimedju skont it-Titolu V, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin, fejn is-CSD";

(b) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Qabel ma l-awtorità kompetenti tieħu deċiżjoni li tirtira l-awtorizzazzjoni tas-CSD hija għandha tagħmel dan kollu li ġej:

(a) għandha titlob opinjoni tal-awtoritajiet rilevanti dwar il-ħtieġa li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni tas-CSD;

(b) għandha tikkonsulta, meta applikabbli, mal-awtorità msemmija fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE dwar il-ħtieġa li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni tas-CSD;

(c) għal CSD anqas sinifikanti, hija għandha titlob l-opinjoni tal-ESMA, skont l-Artikolu 14(4) u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17a dwar il-ħtieġa li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni tas-CSD;

(d) għal CSD sinifikanti, hija għandha tikkonsulta lill-awtorità nazzjonali kompetenti dwar il-ħtieġa li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni tas-CSD.

Il-punti (b) sa (d) tal-ewwel subparagrafu ma għandhomx japplikaw meta tkun meħtieġa deċiżjoni b'mod urġenti.

3. Kwalunkwe awtorità rilevanti, l-awtorità msemmija fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE, meta applikabbli, u, għal CSD anqas sinifikanti, l-ESMA tista', fi kwalunkwe ħin, titlob li l-awtorità kompetenti teżamina jekk is-CSD għadux jikkonforma mal-kundizzjonijiet li taħthom ingħatat l-awtorizzazzjoni.";

(22) jiddaħħal l-Artikolu 21a li ġej:

"Artikolu 21a

Bażi tad-Data Ċentrali

1. L-ESMA għandha tistabbilixxi u żżomm bażi tad-data ċentrali f'konformità mal-Artikolu 35c tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. B'mod separat għal kull CSD, l-awtorità kompetenti tas-CSD, l-ESMA, l-awtoritajiet rilevanti tas-CSD, u l-awtorità kompetenti nazzjonali tas-CSD, kif ukoll il-membri tal-kulleġġ tas-CSD imsemmija fl-Artikolu 24a, meta applikabbli u meta meħtieġ skont Artikolu rilevanti, ("riċevituri rreġistrati") għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni u d-dokumenti kollha msemmija fil-paragrafu 2, irreġistrati fil-bażi tad-data ċentrali għal dak is-CSD, meta rilevanti jew meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom.

CSD għandu jkollu aċċess għall-bażi tad-data ċentrali fir-rigward tal-informazzjoni u d-dokumenti msemmija fil-paragrafu 2 li jkun issottometta lil dik il-bażi tad-data ċentrali jew l-informazzjoni u d-dokumenti msemmija fil-paragrafu 2 mibgħuta lilu

permezz ta' dik il-bażi tad-data ċentrali minn kwalunkwe wieħed mir-riċevituri rreġistrati. Riċevituri oħra għandhom ukoll jissottomettu u jkollhom aċċess għal ċerti dokumenti jew informazzjoni speċifiċi, fejn speċifikat skont dan ir-Regolament, li jkunu rreġistrati fil-bażi tad-data ċentrali. L-ESMA għandha tiżgura li l-bażi tad-data ċentrali twettaq il-funzjonijiet skont dan l-Artikolu.

L-ESMA għandha tagħmel disponibbli l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 kondiviża permezz tal-bażi tad-data ċentrali skont dan ir-Regolament lil kwalunkwe awtorità rilevanti għall-fini tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u tar-[Regolament (UE) .../... dwar il-finalità tas-saldu] meta rilevanti jew meħtieġ għat-twettiq ta' dmirijiethom.

L-ESMA għandha tħabbar l-istabbiliment tal-bażi tad-data ċentrali fuq is-sit web tagħha.

2. Is-CSDs u r-riċevituri rreġistrati għandhom itellgħu fil-bażi tad-data ċentrali, f'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumenti kollha, inklużi l-applikazzjonijiet, id-deċiżjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, l-informazzjoni, it-talbiet, il-mistoqsijiet, it-tweġibiet u n-notifiki msemmija f'dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

Konferma tar-riċevuta għandha tintbagħat permezz tal-bażi tad-data ċentrali fi żmien jumejn tax-xogħol mis-sottomissjoni tal-informazzjoni jew tad-dokumenti.

3. Il-bażi tad-data ċentrali għandha tkun imfassla biex tinforma awtomatikament lir-riċevituri rreġistrati meta jkunu saru bidliet fil-kontenut tagħha, inklużi l-applowjdar, it-tħassir jew is-sostituzzjoni ta' dokumenti, is-sottomissjoni ta' mistoqsijiet u talbiet għal informazzjoni.

L-ESMA għandha tiżgura li l-bażi tad-data tippermetti data rreġistrata tad-DLT, inkluż il-qari tad-data fil-katina u l-aċċess għal tali data.";

(23) l-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Is-CSD għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-finijiet tar-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, inkluża informazzjoni perjodika, kif speċifikat f'konformità mal-paragrafu 10. Din l-informazzjoni għandha tiġi kondiviża minnufih mar-riċevituri rreġistrati msemmija fl-Artikolu 21a.";

(b) il-paragrafu 5 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"5. L-awtorità kompetenti għandha tissoġġetta lis-CSD għal spezzjonijiet fuq il-post.

L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-ESMA u lill-awtoritajiet rilevanti bi kwalunkwe spezzjoni ppjanata fuq il-post xahar qabel ma tkun se ssir tali spezzjoni, sakemm id-deċiżjoni li titwettaq spezzjoni fuq il-post ma titteħidx f'emerġenza, f'liema każ l-awtorità kompetenti għandha tinforma lil dawk l-awtoritajiet hekk kif tittieħed dik id-deċiżjoni.

L-ESMA jew l-awtoritajiet rilevanti jistgħu jitolbu li jiġu mistiedna għal spezzjonijiet fuq il-post. Meta l-awtorità kompetenti tirrifjuta li tistieden lill-awtoritajiet li jkunu għamlu tali talba għal spezzjoni fuq il-post, hija għandha tipprovdi spjegazzjoni motivata għal tali rifjut.

L-awtorità kompetenti għandha tibgħat lill-ESMA, lill-awtoritajiet rilevanti, u, meta applikabbli, lill-membri tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 24a kwalunkwe

informazzjoni rilevanti riċevuta mis-CSD fir-rigward tal-ispezzjonijiet kollha fuq il-post li twettaq.";

(c) fil-paragrafu 6, l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Meta twettaq ir-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha tikkoopera mill-qrib mal-ESMA, u mal-awtoritajiet rilevanti. L-awtorità kompetenti għandha, fi stadju bikri, tibgħat l-informazzjoni meħtieġa lill-ESMA, lill-awtoritajiet rilevanti u, meta applikabbli, lill-awtorità msemmija fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE, u tikkonsultahom dwar jekk ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew rekwiżiti oħra tad-dritt tal-Unjoni humiex issodisfati mis-CSD fir-rigward tal-funzjonament tas-sistemi ta' saldu tat-titoli operati mis-CSD.

Fi żmien 90 jum tax-xogħol minn meta tasal l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu mingħand l-awtorità kompetenti:

(a) l-awtoritajiet rilevanti u, meta applikabbli, l-awtorità msemmija fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE jistgħu joħorġu opinjoni fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom; u

(b) l-ESMA tista' toħroġ opinjoni skont l-Artikolu 14(4) f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17a.";

(c) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. L-awtorità kompetenti għandha tinforma regolarment, u mill-anqas immedjatament wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' rieżami u evalwazzjoni, permezz tal-bażi tad-data ċentrali, lir-riċevituri rreġistrati msemmija fl-Artikolu 21a u, meta applikabbli, lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 24a u lill-awtorità msemmija fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE bir-riżultati, inkluż kwalunkwe azzjoni ta' rimedju jew penali, tar-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.";

(d) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Meta twettaq ir-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 17(6) dwar l-informazzjoni rilevanti kollha li x'aktarx tiffaċilita l-kompiti tal-awtorità kompetenti skont dan l-Artikolu.";

(24) l-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. CSD awtorizzat għandu jkun jista' jipprovdi s-servizzi msemmija fl-Anness, fit-territorju tal-Unjoni, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' fergħa biex tipprovdi tali servizzi, f'konformità mal-Artikolu 18.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. CSD awtorizzat li jipprovdi s-servizzi ewlenin imsemmija fit-Taqsima A, il-punti 1 u 2, tal-Anness fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji maħruġa minn emittenti inkorporati fi Stat Membru għajr dak li fih ikun stabbilit is-CSD jew li jkun stabbilixxa fergħa fi Stat Membru għajr dak li fih ikun stabbilit is-CSD biex jipprovdi dawk is-servizzi ewlenin, għandu jinnotifika dan lill-awtorità kompetenti tiegħu fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mill-bidu tal-forniment ta' tali servizzi, jew mill-istabbiliment ta' fergħa, kif applikabbli.

Bħala parti min-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, is-CSD għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha li ġejja, għal kull Stat Membru ospitanti:

(a) is-servizzi ewlenin imsemmija fl-ewwel subparagrafu pprovduti mis-CSD;

(b) jekk is-servizzi ewlenin imsemmija fl-ewwel subparagrafu humiex ipprovduti fir-rigward ta' ekwitajiet jew strumenti ta' dejn;

(c) il-valur tas-suq aggregat jew, meta mhux disponibbli, il-valur nominali tal-istrumenti finanzjarji li fir-rigward tagħhom is-CSD jipprovdi s-servizzi ewlenin imsemmija fl-ewwel subparagrafu;

(d) meta applikabbli, l-istruttura organizzattiva tal-fergħa u l-ismijiet tal-persuni responsabbli għall-immaniġġjar tal-fergħa.

Is-CSD għandu jaġġorna l-informazzjoni elenkata fit-tieni subparagrafu kull 6 xhur u jikkondividi l-informazzjoni aġġornata mal-awtorità kompetenti tiegħu.";

(c) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Wara li tirċievi n-notifika jew l-informazzjoni aġġornata msemmija fil-paragrafu 2, kif applikabbli, l-awtorità kompetenti għandha tikkondividiha minnufih mar-riċevituri rreġistrati msemmija fl-Artikolu 21a u, meta applikabbli, mal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 24a.

L-ESMA għandha tippubblika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), fuq is-sit web tagħha. ";

(d) jitħassru l-paragrafi 4 sa 10;

(25) l-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1, 2 u 3 huwa ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. Meta CSD awtorizzat ikun stabbilixxa fergħa fi Stat Membru ospitanti, f'konformità mal-Artikolu 23, l-awtorità kompetenti għandha tikkoopera mill-qrib mal-awtorità kompetenti nazzjonali tal-Istat Membru ospitanti fit-twettiq tad-dmirijiet tagħha previsti f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari meta twettaq spezzjonijiet fuq il-post f'dik il-fergħa. L-awtorità kompetenti tista' tistieden persunal mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri ospitanti u mill-ESMA biex jipparteċipaw fi spezzjonijiet fuq il-post. L-awtorità kompetenti għandha tibgħat lill-ESMA, lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u, meta applikabbli, lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 24a s-sejbiet tal-ispezzjonijiet fuq il-post u informazzjoni dwar kwalunkwe azzjoni ta' rimedju jew penali deċiżi minn dik l-awtorità kompetenti.

2. L-awtorità kompetenti tista' titlob lis-CSDs li jipprovdu servizzi skont l-Artikolu 23 biex jirrapportawlha perjodikament dwar l-attivitajiet tagħhom fi Stat Membru ospitanti, inkluż għall-fini tal-ġbir tal-istatistika. L-awtorità kompetenti għandha, fuq talba mill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, tipprovdi dawk ir-rapporti perjodiċi lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

3. L-awtorità kompetenti għandha, fuq talba tal-awtorità kompetenti nazzjonali tal-Istat Membru ospitanti u mingħajr dewmien, tikkomunika l-identità tal-emittenti stabbiliti fl-Istat Membru ospitanti u tal-parteċipanti li għandhom strumenti finanzjarji maħruġa minn emittenti inkorporati fl-Istat Membru ospitanti fis-sistemi ta' saldu tat-titoli operati mis-CSD li jipprovdi s-servizzi msemmija fl-Artikolu

23(2), u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra dwar l-attivitajiet ta' CSD li jipprovdi servizzi ewlenin fl-Istat Membru ospitanti permezz ta' fergħa.";

(b) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jkollha raġunijiet ċari u dimostrabbli biex temmen li CSD li jipprovdi servizzi fit-territorju tagħha f'konformità mal-Artikolu 23 ikun qiegħed jikser l-obbligi li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti ta' tali CSD, lill-ESMA u, meta applikabbli, lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 24a dwar dawk is-sejbiet. L-awtorità kompetenti għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura l-konformità mis-CSD mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Qabel ma tieħu deċiżjoni f'konformità mat-tieni sentenza ta' dan is-subparagrafu, l-awtorità kompetenti għandha tippreżenta l-abbozz ta' deċiżjoni tagħha lill-ESMA għal opinjoni skont l-Artikolu 14(4) f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17;";

(ii) jitħassar it-tieni subparagrafu;

(c) jitħassar il-paragrafu 6;

(26) l-Artikolu 24a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11(8), l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi kulleġġ ta' superviżuri biex iwettaq il-kompiti msemmija fil-paragrafu 8 fir-rigward ta' CSD li jissodisfa mill-anqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(a) is-CSD inizjalment ikun irreġistra fil-kontijiet tat-titoli tiegħu strumenti finanzjarji maħruġa minn emittenti inkorporati fi Stat Membru ospitanti;

(b) is-CSD iżomm ċentralment fil-kontijiet tat-titoli tiegħu strumenti finanzjarji maħruġa minn emittenti inkorporati fi Stat Membru ospitanti;

(c) is-CSD iżomm ċentralment fil-kontijiet tat-titoli tiegħu strumenti finanzjarji għall-parteċipanti u detenturi oħra ta' kontijiet tat-titoli minn Stat Membru ospitanti.

Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kriterju msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c), għandu japplika dan li ġej:

(a) fil-każ ta' segregazzjoni tal-klijenti individwali, il-pajjiż tal-inkorporazzjoni (għall-persuni ġuridiċi) jew il-pajjiż tar-residenza (għall-persuni fiżiċi) tad-detenturi tal-kontijiet tat-titoli, inklużi l-klijenti tal-parteċipanti, għandu jkun il-pajjiż rilevanti;

(b) fil-każ ta' segregazzjoni tal-klijenti omnibus, il-pajjiż tal-inkorporazzjoni tal-parteċipanti għandu jkun il-pajjiż rilevanti, sakemm l-informazzjoni dwar il-pajjiż tal-inkorporazzjoni jew il-pajjiż tar-residenza tal-klijenti sottostanti ma tkunx disponibbli għas-CSD.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. L-ESMA għandha tivvaluta, 6 xhur wara awtorizzazzjoni inizjali ta' CSD skont l-Artikolu 17, jekk CSD jissodisfax il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1.

L-ESMA għandha tivvaluta wkoll kull 12-il xahar jekk CSD awtorizzat jissodisfax, jew għadux jissodisfa, il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1.

L-ESMA għandha tikkomunika r-riżultati ta' din il-valutazzjoni lis-CSD u lir-riċevituri rreġistrati msemmija fl-Artikolu 21a.";

(c) il-paragrafi 2 u 3 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"2. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-kulleġġ fi żmien 6 xhur mid-data tal-komunikazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjoni magħmula mill-ESMA skont il-paragrafu 1a.

3. Il-kulleġġ għandu jkun ippresedut u ġestit mill-ESMA ("il-president").";

(d) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (b) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-awtorità kompetenti tas-CSD;";

(ii) il-punti (d) u (e) huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"(d) l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti li fihom is-CSD qiegħed joffri s-servizzi tiegħu f'konformità mal-Artikolu 23;

(e) l-EBA, meta s-CSD ikun ġie awtorizzat skont l-Artikolu 54; u";

(iii) jiżdied il-punt (f) li ġej:

"(f) l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (40), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn is-CSD ikun ġie awtorizzat skont l-Artikolu 54 ta' dan ir-Regolament.";

(e) jitħassar il-paragrafu 5;

(f) il-paragrafu 6 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Il-President għandu jinnotifika l-kompożizzjoni tal-kulleġġ lill-ESMA fi żmien xahar mill-istabbiliment tal-kulleġġ u kwalunkwe bidla fil-kompożizzjoni tiegħu fi żmien xahar minn dik il-bidla. L-ESMA għandha tippubblika fuq is-siti web tagħha mingħajr dewmien żejjed il-lista tal-membri ta' dak il-kulleġġ u żżomm dik il-lista aġġornata.";

(g) il-paragrafu 8 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-iskambju ta' informazzjoni, inklużi talbiet għal informazzjoni skont l-Artikoli 13, 14 u 15 u informazzjoni dwar il-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni skont l-Artikoli 22 u 60;";

(ii) il-punti (d) u (e) huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"(d) l-iskambju ta' informazzjoni dwar esternalizzazzjoni jew estensjoni awtorizzata ta' attivitajiet u servizzi skont l-Artikoli 19, 19a u 56;

(e) il-kooperazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni li tinqala' b'rabta mal-forniment ta' servizzi fi Stati Membri oħra f'konformità mal-Artikolu 23;";

(h) fil-paragrafu 9, it-tielet subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Il-President jista' jistieden parteċipanti addizzjonali għad-diskussjonijiet tal-kulleġġ fuq bażi *ad hoc* dwar suġġetti speċifiċi jew bħala osservaturi permanenti.";

(i) fil-paragrafu 10, il-punti (b) u (c) huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"(b) kwistjonijiet relatati ma' kwalunkwe esternalizzazzjoni jew estensjoni ta' attivitajiet u servizzi skont l-Artikolu 19, 19a jew 56; jew

(c) kwistjonijiet relatati ma' kwalunkwe ksur potenzjali ta' dan ir-Regolament li jirriżulta mill-forniment ta' servizzi fi Stat Membru ospitanti f'konformità mal-Artikolu 23.";

(j) jitħassar il-paragrafu 13;

(27) l-Artikolu 25 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. Minkejja l-paragrafu 1, CSD ta' pajjiż terz għandu jkun soġġett għall-proċedura msemmija fil-paragrafi 4 sa 11 ta' dan l-Artikolu fejn ikun beħsiebu jagħmel kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) jistabbilixxi fergħa fi Stat Membru;

(b) jipprovdi s-servizzi ewlenin imsemmija fit-Taqsima A, il-punti (1) u (2), tal-Anness fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji rregolati mil-liġi ta' Stat Membru.";

(b) il-paragrafu 2a huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2a. CSD ta' pajjiż terz li jkun beħsiebu jipprovdi s-servizz ewlieni msemmi fit-Taqsima A, il-punt 3, tal-Anness fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji rregolati mil-liġi ta' Stat Membru, għandu jinnotifika lill-ESMA b'dan. L-ESMA għandha tinforma lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru li skont il-liġi tiegħu l-istrumenti finanzjarji huma rregolati bin-notifika riċevuta.";

(c) fil-paragrafu 4, il-punt (d) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(d) meta rilevanti, is-CSD ta' pajjiż terz jieħu l-miżuri meħtieġa biex jippermetti lill-utenti tiegħu jikkonformaw mal-liġi nazzjonali rilevanti tal-Istat Membru li fih is-CSD ta' pajjiż terz ikun beħsiebu jipprovdi servizzi ta' CSD, u l-adegwatezza ta' dawk il-miżuri tkun ġiet ikkonfermata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih is-CSD ta' pajjiż terz ikun beħsiebu jipprovdi servizzi ta' CSD;"

(d) il-paragrafu 13 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-għadd u l-volum ta' tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji rregolati mil-liġi ta' Stat Membru saldati matul is-sena preċedenti;";

(ii) it-tieni subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].";

(28) jiddaħħal l-Artikolu 25a li ġej:

"Artikolu 25a

Tariffi għal CSDs ta' pajjiżi terzi

1. L-ESMA għandha timponi tariffi assoċjati mal-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent skont l-Artikolu 25 lis-CSDs stabbiliti f'pajjiż terz f'konformità ma' dan ir-Regolament u mal-att delegat adottat skont il-paragrafu 2.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 67 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika t-tariffi msemmija fil-paragrafu 1 billi tistabbilixxi:

(a) it-tipi ta' tariffi;

(b) l-ammont tat-tariffi;

(c) il-mod li bih għandhom jitħallsu t-tariffi.";

(29) fl-Artikolu 26(2), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta CSD ikun beħsiebu jipprovdi servizzi anċillari ta' tip bankarju lil CSDs oħra skont l-Artikolu 54a, dak is-CSD għandu jkollu fis-seħħ regoli u proċeduri ċari li jindirizzaw kunflitti ta' interess potenzjali u jimmitigaw ir-riskju ta' trattament diskriminatorju lejn dawk is-CSDs l-oħra u l-parteċipanti tagħhom";

(30) fl-Artikolu 27a(3), jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara t-tieni subparagrafu:

"Matul il-perjodu ta' valutazzjoni, l-ESMA għandha toħroġ opinjoni skont l-Artikolu 14(4), f'konformità mal-proċedura skont l-Artikolu 17a.";

(31) fl-Artikolu 27b(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

(32) "Il-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti dwar in-notifika prevista fl-Artikolu 27a(2) u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 27a(4) għandhom ikunu soġġetti għal opinjoni tal-ESMA skont l-Artikolu 14(4), maħruġa f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17a.";

(33) l-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-esternalizzazzjoni ta' servizz ewlieni lil parti terza għajr CSD fl-istess grupp għandha tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 19. L-esternalizzazzjoni ta' servizz ewlieni lil CSD ieħor fi ħdan il-grupp għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 19a.

CSD għandu jinnotifika l-esternalizzazzjoni tas-servizzi msemmija fit-Taqsima B tal-Anness lill-awtorità kompetenti tiegħu qabel ma jimplimenta l-esternalizzazzjoni. Bħala parti min-notifika, is-CSD għandu jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti lill-awtorità kompetenti tiegħu tivvaluta l-konformità mar-rekwiżiti previsti f'dan l-Artikolu.";

(b) jiżdiedu l-paragrafi 6 u 7 li ġejjin:

"6. L-użu tad-DLT minn CSD biex jipprovdi s-servizzi ewlenin ma għandux jitqies bħala esternalizzazzjoni, sakemm is-CSD ma jkunx qiegħed jidħol f'arranġament ma' parti terza biex jipprovdi s-servizzi ewlenin bl-użu tad-DLT.

7. L-ESMA, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika taħt liema ċirkostanzi speċifiċi arranġament ta' esternalizzazzjoni għandu jitqies bħala esternalizzazzjoni ta' servizzi ewlenin.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(34) fl-Artikolu 33, jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:

"7. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 67 biex tippermetti lis-CSDs jippermettu wkoll lil individwi privati jsiru parteċipanti f'CSD meta tali individwi privati jkunu tħallew jipparteċipaw f'sistema ta' saldu tat-titoli skont [ir-Regolament (UE) .../... dwar il-finalità tas-saldu]. L-atti delegati għandhom jispeċifikaw kwalunkwe rekwiżit addizzjonali meħtieġ biex jiġi mmitigat kwalunkwe riskju li jista' jinħoloq għas-CSDs li jaċċettaw individwi privati bħala parteċipanti.";

(35) fl-Artikolu 34, jiżdiedu l-paragrafi 9 u 10 li ġejjin:

"9. L-internalizzaturi tas-saldu għandhom jiddivulgaw lill-klijenti tagħhom il-prezzijiet u t-tariffi assoċjati mas-servizzi li jipprovdu u għandhom jiddifferenzjaw bejn il-prezzijiet li jappartjenu għas-saldu f'sistema ta' saldu tat-titoli u barra minnha. Huma għandhom jiddivulgaw il-prezzijiet u t-tariffi ta' kull servizz ipprovdut separatament, inklużi skontijiet, ribassi u l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dak it-tnaqqis.

10. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tiddetermina l-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għad-divulgazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 5 u 9.

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(36) fl-Artikolu 37, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. CSD għandu jieħu miżuri ta' rikonċiljazzjoni xierqa, li jistgħu jittieħdu bl-użu tad-DLT, biex jivverifika li l-għadd ta' titoli li jifformaw ħruġ tat-titoli jew parti minn ħruġ tat-titoli ppreżentat lis-CSD ikun ugwali għas-somma tat-titoli rreġistrati fil-kontijiet tat-titoli tal-parteċipanti tas-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD u, meta rilevanti, fil-kontijiet tas-sidien miżmuma mis-CSD. Tali miżuri ta' rikonċiljazzjoni għandhom jitwettqu mill-anqas kuljum.";

(37) l-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. CSD għandu jżomm rekords u kontijiet li jippermettu segregazzjoni tal-klijenti omnibus. Meta CSD ikun qiegħed jopera s-servizzi ewlenin tiegħu bl-użu tad-DLT, u meta s-CSD jippermetti lill-parteċipanti kollha u lill-klijenti tagħhom ikollhom segregazzjoni tal-klijenti individwali kif iddefinit fil-paragrafu 4, tali CSD jista', b'deroga mill-ewwel sentenza, jagħżel li ma joffrix segregazzjoni tal-klijenti omnibus. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-obbligi tas-CSD li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 48a għal mill-anqas waħda mis-sistemi ta' saldu tat-titoli li jopera.";

(b) fil-paragrafu 5, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara l-ewwel subparagrafu:

"Meta s-CSD ikun qiegħed jopera is-servizzi ewlenin tiegħu bl-użu tad-DLT u jkun għażel li joffri segregazzjoni tal-klijenti omnibus f'konformità mal-paragrafu 3, tali CSD għandu, b'deroga mill-ewwel subparagrafu, jieħu l-passi raġonevoli kollha biex jiżgura li parteċipant joffri lill-klijenti tiegħu mill-anqas l-għażla bejn segregazzjoni tal-klijenti omnibus u segregazzjoni tal-klijenti individwali u jinformahom dwar il-kostijiet u r-riskji assoċjati ma' kull opzjoni.";

(38) l-Artikolu 39 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 6 huwa ssotitwit b'dan li ġej:

"Meta s-CSD joffri s-servizzi msemmija fl-Artikolu 40(3), huwa għandu jiżgura li r-rikavati fi flus kontanti mis-saldi tat-titoli għandhom ikunu disponibbli għar-riċevituri biex jużawhom mhux aktar tard minn tmiem il-jum ta' negozju tad-data tas-saldu maħsuba."

(b) il-paragrafu 7 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"7. It-tranżazzjonijiet kollha tat-titoli bi ħlas fi flus kontanti jew f'tokens tal-flus elettroniċi bejn parteċipanti diretti f'sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD u saldati f'dik is-sistema ta' saldu tat-titoli għandhom jiġu saldati fuq bażi ta' kunsenja kontra ħlas (DVP, delivery versus payment).";

(39) l-Artikolu 40 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 40

Saldu ta' flus kontanti u token tal-flus elettroniċi

1. CSD għandu jsalda l-pagamenti fi flus kontanti tas-sistema ta' saldu tat-titoli tiegħu fi flus tal-bank ċentrali meta dan ikun prattiku u disponibbli.

2. Meta CSD joffri li jsalda l-pagamenti fi flus kontanti tas-sistema ta' saldu tat-titoli tiegħu f'munita disponibbli fuq infrastruttura ta' saldu komuni integrata mas-sistemi ta' saldu gross f'ħin reali tal-bank ċentrali mħaddma fl-Unjoni, dak is-CSD għandu jikkonnettja direttament ma' tali infrastruttura u joffri lill-parteċipanti tiegħu l-possibbiltà li jsaldaw it-tranżazzjonijiet tagħhom denominati f'muniti disponibbli fuq tali infrastruttura f'kontijiet miftuħa f'tali infrastruttura.

3. Meta CSD ma jsaldax fi flus tal-bank ċentrali kif previst fil-paragrafu 1, CSD għandu joffri biss li jsalda l-pagamenti fi flus kontanti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom:

(a) permezz tal-kontijiet tiegħu stess;

(b) permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/36/UE; jew

(c) permezz ta' kontijiet miftuħa ma' CSD ieħor kemm jekk fl-istess grupp ta' impriżi li fl-aħħar mill-aħħar huma kkontrollati mill-istess impriża prinċipali kif ukoll jekk le.

CSD li jixtieq isalda l-pagamenti fi flus kontanti kif speċifikat fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) sa (c), għandu jikseb awtorizzazzjoni biex jagħmel dan f'konformità mal-Artikoli 54, 54a jew 54b u, meta applikabbli, 54c, u l-Artikolu 55, u għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV.";

(40) jiddaħħal l-Artikolu 45a li ġej:

"Artikolu 45a

Riskji relatati mal-użu tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit barra minn arranġament ta' esternalizzazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 45, meta CSD jopera huwa stess servizz ewlieni elenkat fit-Taqsima A tal-Anness bl-użu tad-DLT, is-CSD għandu jiżgura li jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

   (a) l-użu tad-DLT ma jirriżultax fiċ-ċaħda tas-CSD mis-sistemi u l-kontrolli meħtieġa għall-immaniġġjar tar-riskji li jiffaċċja;

   (b) l-użu tad-DLT ma jaffettwax b'mod negattiv ir-relazzjoni u l-obbligi tas-CSD lejn il-parteċipanti jew l-emittenti tiegħu;

   (c) l-użu tad-DLT ma jipprevjenix l-eżerċizzju ta' funzjonijiet superviżorji u ta' sorveljanza, inkluż l-aċċess fuq il-post biex tinkiseb kwalunkwe informazzjoni rilevanti meħtieġa biex jiġu ssodisfati dawk il-funzjonijiet;

   (d) is-CSD iżomm l-għarfien espert u r-riżorsi meħtieġa biex jipprovdi s-servizzi tiegħu fuq id-DLT, biex jimmonitorja s-servizzi pprovduti bl-użu tad-DLT u biex jimmaniġġja b'mod effettiv ir-riskji assoċjati mal-użu tad-DLT fuq bażi kontinwa;

   (e) is-CSD għandu aċċess dirett għall-informazzjoni rilevanti fir-rigward tal-forniment ta' servizzi bl-użu tad-DLT.

2. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika r-riskji msemmija fil-paragrafu 1 u l-metodi ta' valutazzjoni tagħhom, u biex tispeċifika l-metodi biex is-CSD jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1.

   L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

   Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(41) fl-Artikolu 47a(3), it-tieni subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

   "L-ESMA għandha tissottometti dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ottubru 2027.";

(42) l-Artikolu 48 huwa emendat kif ġej:

   (a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

   "CSDs li beħsiebhom jistabbilixxu konnessjoni interoperabbli għandhom jipprovdu l-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' tali konnessjoni interoperabbli li għandha tiġi ppreżentata minn kull wieħed mis-CSDs ikkonċernati f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 48b.";

   (b) il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

   "2. CSDs stabbiliti fl-Unjoni li beħsiebhom jistabbilixxu konnessjonijiet interoperabbli ma' CSDs oħra stabbiliti fl-Unjoni għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal awtorizzazzjoni kif meħtieġ skont l-Artikolu 19.";

   (c) jiddaħħlu l-paragrafi 2a, 2b, 2c u 2d li ġejjin:

“2a. Il-konnessjonijiet interoperabbli tas-CSDs li jesternalizzaw xi wħud mis-servizzi tagħhom relatati ma’ dawk il-konnessjonijiet interoperabbli lil entità pubblika kif imsemmi fl-Artikolu 30(5) u l-konnessjonijiet tas-CSDs li ma humiex konnessjonijiet interoperabbli ma għandhomx ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni iżda għandhom jiġu nnotifikati mis-CSDs lill-awtoritajiet kompetenti u rilevanti tagħhom qabel l-implimentazzjoni tagħhom, billi tiġi pprovduta l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti lil dawk l-awtoritajiet jivvalutaw il-konformità mar-rekwiżiti previsti f’dan l-Artikolu.

2b. L-awtorità kompetenti tas-CSD li jagħmel it-talba għandha tirrikjedi li dak is-CSD iwaqqaf konnessjoni ta’ CSD li tkun ġiet innotifikata meta dik il-konnessjoni ma tissodisfax ir-rekwiżiti previsti f’dan l-Artikolu u b’hekk thedded il-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq finanzjarji jew tikkawża riskju sistemiku. Meta awtorità kompetenti tirrikjedi li s-CSD iwaqqaf konnessjoni ta’ CSD, hija għandha ssegwi l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20(2) u (3).

2c. CSD awtorizzat jista’ jistabbilixxi konnessjoni ta’ CSD ma’ CSD ta’ pajjiż terz. F’dak il-każ, għandu jikkonforma mal-kundizzjonijiet u l-proċedura previsti f’dan l-Artikolu. L-informazzjoni pprovduta mis-CSD li jagħmel it-talba għandha tippermetti lill-awtorità kompetenti tevalwa jekk tali konnessjonijiet jissodisfawx ir-rekwiżiti previsti f’dan l-Artikolu jew ir-rekwiżiti li huma ekwivalenti għal dawk previsti f’dan l-Artikolu.

2d. CSD awtorizzat li jkun beħsiebu jistabbilixxi konnessjoni interoperabbli ma’ CSD ta’ pajjiż terz għandu jippreżenta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni lill-awtorità kompetenti tiegħu, kif meħtieġ skont l-Artikolu 19. L-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta li tawtorizza tali konnessjoni ta’ CSD biss meta din thedded il-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq finanzjarji jew tikkawża riskji sistemiċi.”;

(d) fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b’dan li ġej:

“CSDs li jużaw infrastruttura ta’ saldu komuni, u sistemi ta’ saldu tat-titoli interoperabbli għandhom jistabbilixxu mumenti identiċi ta’:”;

(e) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“9. Il-konnessjonijiet interoperabbli kollha bejn CSDs awtorizzati għandhom ikunu, meta applikabbli, konnessjonijiet ta’ appoġġ għas-saldu tad-DVP.”;

(f) il-paragrafu 10 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“L-ESMA għandha, f’kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, tiżviluppa abbozz ta’ standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika dan kollu li ġej:

(a) l-ambitu tal-valutazzjonijiet tar-riskju msemmija fil-paragrafu 1;

(b) il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 3 li skonthom kull tip ta’ arranġament ta’ konnessjoni jipprevedi protezzjoni adegwata tas-CSDs konnessi u tal-parteċipanti tagħhom, b’mod partikolari meta CSD ikun beħsiebu jipparteċipa fis-sistema ta’ saldu tat-titoli mħaddma minn CSD ieħor;

(c) il-monitoraġġ u l-immaniġġjar tar-riskji addizzjonali msemmija fil-paragrafu 5 li jirriżultaw mill-użu ta’ intermedjarji;

(d) il-proċeduri ta' rikonċiljazzjoni msemmija fil-paragrafu 6;

(e) il-każijiet meta s-saldu DVP permezz tal-konnessjonijiet tas-CSD ikun prattiku u fattibbli kif previst fil-paragrafu 7 u l-metodi ta' valutazzjoni tiegħu;

(f) ir-regoli li jiżguraw l-applikazzjoni armonizzata tal-obbligu li jappartjeni għall-mumenti msemmija fil-paragrafu 8, speċifikament il-mumenti tad-dħul ta' ordnijiet ta' trasferiment f'sistema, l-irrevokabbiltà tal-ordnijiet ta' trasferiment u l-finalità tat-trasferimenti ta' titoli u flus kontanti.";

(ii) is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara l-ewwel subparagrafu:

"Meta tispeċifika l-elementi msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (d), l-ESMA għandha tqis il-prattiki attwali l-aktar mifruxa.";

(iii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].";

(43) jiddaħħlu l-Artikoli 48a u 48b li ġejjin:

"Artikolu 48a

Konnettività tas-CSDs

1. Meta CSD sinifikanti jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 11a(1) u ma jkunx parti minn grupp ta' CSDs, jew ikun l-uniku CSD sinifikanti fi grupp li jissodisfa l-kriterji tal-Artikolu 11a(1), tali CSD għandu jiġi kkunsidrat bħala ċentru ta' CSDs.

   Meta żewġ CSDs sinifikanti jew aktar fi grupp jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 11a(1), il-grupp għandu, mingħajr dewmien żejjed, jaħtar wieħed minn dawk is-CSDs bħala ċ-ċentru tas-CSDs tiegħu u jinnotifika lill-ESMA permezz tal-bażi tad-data ċentrali.

   L-ESMA għandha tiddivulga fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 21, iċ-ċentri tas-CSDs, mingħajr dewmien żejjed.

2. Kull ċentru tas-CSDs għandu jistabbilixxi u jżomm konnessjoni bilaterali ma' kull wieħed miċ-ċentri l-oħra tas-CSDs.

3. Kull CSD li ma huwiex ċentru tas-CSDs għandu jistabbilixxi u jżomm konnessjoni bilaterali ma' ċentru tas-CSDs.

4. Il-paragrafi 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għal SS tad-DLT jew TSS tad-DLT operati minn CSD kif iddefinit rispettivament fl-Artikolu (2), il-punti (7) u (10), tar-Regolament (UE) 2022/858.

5. Is-CSDs involuti f'konnessjoni bilaterali msemmija fil-paragrafi 2 jew 3, kif applikabbli, għandhom jiżguraw li l-istrumenti finanzjarji kollha maħruġa f'kull wieħed mis-CSDs involuti jkunu disponibbli għas-saldu permezz ta' dik il-konnessjoni bilaterali.

6. Is-CSDs riċeventi f'konnessjonijiet li jifformaw il-konnessjoni bilaterali stabbilita skont il-paragrafi 2 jew 3, kif applikabbli, jistgħu jitolbu tariffa kummerċjali raġonevoli lis-CSDs rikjedenti, biex jirkupraw il-kostijiet imġarrba mill-istabbiliment u l-użu ta' dawk il-konnessjonijiet mis-CSDs rikjedenti.

7. Is-CSDs għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 2 jew 3, kif applikabbli, sa mhux aktar tard minn [OP daħħal id-data = 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

8. Meta l-ESMA tiddetermina li CSD li qabel kien meqjus bħala ċentru tas-CSDs naqas milli jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 11a(1) għal 3 snin konsekuttivi, għandu japplika dan kollu li ġej:

   (a) dak is-CSD ma għandux jibqa' jitqies bħala ċentru tas-CSDs u l-ESMA għandha tinnotifika lis-CSD ikkonċernat b'tali determinazzjoni;

   (b) l-ESMA għandha tneħħi lis-CSD, mingħajr dewmien żejjed, mir-reġistru msemmi fil-paragrafu 1;

   (c) l-ESMA għandha tinnotifika lis-CSDs kollha li jkunu stabbilew konnessjonijiet bilaterali ma' dak is-CSD skont il-paragrafi 2 jew 3, u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom;

   (d) is-CSDs imsemmija fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu għandu jkollhom 18-il xahar biex jistabbilixxu mill-ġdid il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 jew 3, ma' ċentru ieħor tas-CSDs.

9. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 67 biex temenda l-kundizzjonijiet li skonthom CSD għandu jkun soġġett għall-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3.

   Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-adegwatezza li tagħmel kwalunkwe bidla bħal din. Meta temenda tali kundizzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rilevanza transfruntiera tas-CSDs stabbiliti fl-Unjoni u r-riskji li joħolqu għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni.

Artikolu 48b

Proċedura għall-awtorizzazzjoni ta' konnessjonijiet interoperabbli

1. Is-CSDs awtorizzati għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal awtorizzazzjoni lill-ESMA meta jkollhom l-intenzjoni li jistabbilixxu konnessjoni interoperabbli.

2. L-applikazzjonijiet biex tiġi stabbilita kull waħda mill-konnessjonijiet standard u interoperabbli li jifformaw il-konnessjonijiet bilaterali msemmija fl-Artikolu 48a(2) u (3) għandhom jiġu sottomessi kemm mis-CSDs riċeventi kif ukoll minn dawk rikjedenti u għandhom jiġu ttrattati bħala applikazzjoni waħda. B'deroga mill-ewwel sentenza, meta waħda mill-konnessjonijiet standard u interoperabbli li għandha tifforma l-konnessjoni bilaterali obbligatorja bejn żewġ CSDs skont l-Artikolu 48a(2) u (3) tkun diġà ġiet stabbilita, għandha tiġi sottomessa lill-ESMA biss applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-istandard nieqes u tal-konnessjoni interoperabbli li għandha tifforma l-konnessjoni bilaterali. Ladarba l-ESMA tkun awtorizzat il-konnessjonijiet neqsin, ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 48a(2) jew (3), kif applikabbli, għandhom jitqiesu li ġew issodisfati.

3. L-applikazzjoni għandha tiġi kondiviża immedjatament mar-riċevituri rreġistrati rispettivi msemmija fl-Artikolu 21a għaż-żewġ CSDs involuti fil-konnessjoni interoperabbli maħsuba u, meta applikabbli, il-kulleġġi rispettivi msemmija fl-Artikolu 24a taż-żewġ CSDs involuti fil-konnessjoni maħsuba.

   Is-CSDs li japplikaw għandhom jinkludu fl-applikazzjoni d-dokumenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa biex juru li se jkunu stabbilew, fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni tal-konnessjoni interoperabbli, l-arranġamenti kollha meħtieġa biex

jissodisfaw l-obbligi tagħhom kif stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward ta' tali konnessjoni interoperabbli.

4. Matul il-perjodu speċifikat fil-paragrafu 6, l-ESMA u l-awtoritajiet rilevanti jistgħu jitolbu lis-CSDs li japplikaw jipprovdu dokumenti jew informazzjoni addizzjonali meta tali dokumenti jew informazzjoni jkunu meħtieġa biex tiġi vvalutata l-konformità tas-CSDs applikanti mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-konnessjoni interoperabbli li beħsiebhom jistabbilixxu. L-ESMA tista' tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni fin-nuqqas tat-tweġiba tas-CSDs.

5. Matul il-perjodu speċifikat fil-paragrafu 6, l-ESMA għandha twettaq valutazzjoni tar-riskju tal-konformità tas-CSDs li japplikaw mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-konnessjoni interoperabbli li beħsiebhom jistabbilixxu u għandha, għaż-żewġ CSDs applikanti involuti, tikkonsulta lill-awtoritajiet rilevanti, lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 24a, meta applikabbli, u lill-awtorità kompetenti dwar jekk il-konnessjoni interoperabbli li s-CSDs li japplikaw beħsiebhom jistabbilixxu tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u dwar kwalunkwe riskju potenzjali li jista' jirriżulta bħala konsegwenza ta' tali konnessjoni interoperabbli.

6. Fi żmien 3 xhur mill-konferma li waslet l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 21a(2), l-ESMA għandha tadotta d-deċiżjoni tagħha u tibgħatha lir-riċevituri rreġistrati rispettivi msemmija fl-Artikolu 21a għaż-żewġ CSDs involuti fil-konnessjoni interoperabbli, il-kulleġġi rispettivi msemmija fl-Artikolu 24a taż-żewġ CSDs involuti fil-konnessjoni interoperabbli, meta applikabbli, u s-CSDs li japplikaw. Id-Deċiżjoni għandha tinkludi spjegazzjoni motivata bis-sħiħ dwar jekk l-awtorizzazzjoni ngħatatx jew ġietx irrifjutata.

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, l-ESMA għandha tirrifjuta li tawtorizza konnessjoni interoperabbli biss meta r-rabta tkun thedded il-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq finanzjarji jew tikkawża riskju sistemiku.";

(44) l-Artikolu 49 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Kwalunkwe emittent stabbilit fl-Unjoni li joħroġ jew ikun ħareġ titoli li jkunu fil-proċess li jiġu ammessi għan-negozjar, ammessi għan-negozjar jew innegozjati f'ċentri tan-negozjar, għandu jkollu d-dritt li jirranġa biex tali titoli jiġu rreġistrati inizjalment u d-dritt li jirranġa biex tali titoli jiġu rreġistrati sussegwentement għal reġistrazzjoni inizjali, f'forma ta' entrata fil-kotba fi kwalunkwe CSD stabbilit fi kwalunkwe Stat Membru.";

(b) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Meta emittent jissottometti talba għar-reġistrazzjoni tat-titoli tiegħu f'CSD, inizjalment jew sussegwentement għal reġistrazzjoni inizjali, tali CSD għandu jittratta tali talba minnufih u b'mod mhux diskriminatorju u jipprovdi tweġiba lill-emittent li jagħmel it-talba fi żmien 3 xhur.

3. CSD jista' jirrifjuta li jipprovdi servizzi lil emittent. Tali rifjut għandu jkun ibbażat biss fuq valutazzjoni komprensiva tar-riskju jew jekk dak is-CSD ma jipprovdix is-servizzi msemmija fit-Taqsima A, il-punt (1), tal-Anness fir-rigward tat-titoli li għalihom tali servizzi jintalbu mill-emittent.";

(45) l-Artikolu 50 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Soġġett għall-issodisfar tar-rekwiżiti għall-parteċipazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 33 għan-notifika minn qabel tal-konnessjoni tas-CSD prevista fl-Artikolu 48(2a), CSD għandu jkollu d-dritt li jsir parteċipant ta' CSD ieħor u jistabbilixxi konnessjoni standard ma' dak is-CSD f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 52.";

(46) jiddaħħal l-Artikolu 51a li ġej:

"Artikolu 51a

Konnessjonijiet trażmessi

"1. Meta CSD jitlob li ċentru tas-CSDs ikun il-parti terza għal konnessjoni trażmessa ma' CSD stabbilit fl-Unjoni, iċ-ċentru tas-CSDs u s-CSD li jirċievi t-talba għandhom jiċħdu tali talba biss abbażi ta' kunsiderazzjonijiet tar-riskji. Iċ-ċentru tas-CSDs u s-CSD li jirċievi t-talba ma għandhomx jiċħdu talba għal raġunijiet ta' telf tas-sehem mis-suq.

2. Iċ-ċentru tas-CSDs li jaġixxi bħala l-parti terza f'konnessjoni trażmessa u s-CSD li jirċievi t-talba jistgħu jitolbu tariffa kummerċjali raġonevoli lis-CSD li jagħmel it-talba biex jirkupraw il-kostijiet imġarrba mill-istabbiliment u l-użu tal-konnessjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.";

(47) l-Artikolu 52 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta CSD jippreżenta talba għal aċċess lil CSD ieħor skont l-Artikoli 48a(2) u (3), 50 u 51, is-CSD li jirċievi t-talba għandu jittratta t-talba fil-pront u għandu jipprovdi tweġiba lis-CSD li jagħmel it-talba fi żmien 3 xhur. Jekk is-CSD li jirċievi t-talba jaqbel mat-talba, il-konnessjoni mas-SCD għandha tiġi implimentata fi żmien raġonevoli, li ma għandux jaqbeż 12-il xahar.";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) it-tielet subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"F'każ ta' rifjut li jingħata aċċess permezz ta' konnessjoni mhux imsemmija fl-Artikolu 48a(2) jew (3), is-CSD li jagħmel it-talba għandu d-dritt li jilmenta permezz tal-bażi tad-data ċentrali lill-awtorità kompetenti tas-CSD li jkun irrifjuta l-aċċess.";

(ii) fil-ħames subparagrafu, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti tas-CSD li jirċievi t-talba għandha tikkonsulta, permezz tal-bażi tad-data ċentrali, lill-awtorità kompetenti tas-CSD li jagħmel it-talba u lill-awtorità rilevanti tas-CSD li jagħmel it-talba msemmija fl-Artikolu 12(1), il-punt (a), dwar il-valutazzjoni tagħha tal-ilment."

(c) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. F'każ ta' rifjut li jingħata aċċess permezz ta' konnessjoni msemmija fl-Artikolu 48a(2) jew (3), is-CSD li jirċievi t-talba għandu jipprovdi rifjut debitament iġġustifikat permezz tal-bażi tad-data ċentrali lill-ESMA u lis-CSD li jagħmel it-talba. Ir-rifjut għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni komprensiva tar-riskju.

Fi żmien 30 jum tax-xogħol min-notifika tar-rifjut lill-ESMA u lis-CSD li jagħmel it-talba, is-CSD li jirċievi t-talba u s-CSD li jagħmel it-talba għandhom jipprovdu lill-ESMA, permezz tal-bażi tad-data ċentrali, il-miżuri proposti tagħhom biex jiġu mmitigati r-riskji sottostanti għar-rifjut.

Fi żmien 90 jum tax-xogħol minn meta l-ESMA tirċievi s-sottomissjoni sħiħa tal-miżuri proposti mis-CSDs riċeventi u rikjedenti, l-ESMA, f'kooperazzjoni mal-awtorità kompetenti tas-CSD mhux meqjus bħala ċentru tas-CSDs, meta applikabbli, u filwaqt li tqis dawk il-miżuri proposti, għandha tidentifika l-miżuri meħtieġa li għandhom jittieħdu biex jiġu mmitigati r-riskji sottostanti għar-rifjut u għandha toħroġ ordni, permezz tal-bażi tad-data ċentrali, lis-CSDs riċeventi jew rikjedenti, kif applikabbli, biex jadottaw dawk il-miżuri meħtieġa u jistabbilixxu l-konnessjoni msemmija fl-Artikoli 48a(2) jew (3), kif applikabbli, sa ċerta data.";

(48) l-Artikolu 53 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) it-tieni u t-tielet subparagrafi huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"Parti li tirrifjuta l-aċċess għandha tipprovdi lill-parti rikjedenti r-raġunijiet sħaħ bil-miktub għal tali rifjut abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tar-riskju. Fil-każ ta' rifjut, il-parti rikjedenti għandha d-dritt li tilmenta mal-ESMA.

L-ESMA u l-awtorità rilevanti msemmija fl-Artikolu 12(1), il-punt (a), għandhom jeżaminaw kif xieraq l-ilment billi jivvalutaw ir-raġunijiet għar-rifjut u għandhom jipprovdu lill-parti rikjedenti bi tweġiba motivata.";

(ii) jitħassar ir-raba' subparagrafu;

(iii) il-ħames subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Meta r-rifjut minn parti li tagħti aċċess jitqies li ma jkunx iġġustifikat, l-ESMA għandha toħroġ ordni li tirrikjedi lil dik il-parti tagħti aċċess għas-servizzi tagħha fi żmien xahar.";

(b) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-ESMA għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika r-riskji li għandhom jitqiesu mis-CSDs meta jwettqu valutazzjoni komprensiva tar-riskju u l-elementi tal-proċedura msemmija fil-paragrafu 3.";

(49) l-Artikolu 54 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizzi anċillari ta' tip bankarju"

(b) il-paragrafi 1 u 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. CSD li jkun beħsiebu jsalda l-pagamenti fi flus kontanti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom permezz tal-kontijiet tiegħu stess kif imsemmi fl-Artikolu 40(3), jew li b'xi mod ieħor beħsiebu jipprovdi kwalunkwe servizz anċillari ieħor ta' tip bankarju stabbilit fit-Taqsima C tal-Anness, għandu jikseb awtorizzazzjoni biex jagħmel dan skont il-kundizzjonijiet speċifikati f'dan l-Artikolu u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 55.

2. CSD għandu jiżgura li kwalunkwe informazzjoni li jipprovdi lill-parteċipanti fis-suq dwar ir-riskji u l-kostijiet assoċjati mas-saldu permezz tal-kontijiet proprji tas-CSD tkun ċara, ġusta u mhux qarrieqa. CSD għandu jagħmel disponibbli biżżejjed informazzjoni lill-klijenti jew lill-klijenti potenzjali sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw u jevalwaw ir-riskji u l-kostijiet assoċjati mas-saldu permezz tal-kontijiet proprji tas-CSD u għandu jipprovdi tali informazzjoni fuq talba.";

(c) jitħassar il-paragrafu 2a;

(d) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) il-kliem introduttorju huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Meta CSD ifittex li jipprovdi kwalunkwe servizz imsemmi fil-paragrafu 1 mill-istess entità legali bħall-entità legali li topera s-sistema ta' saldu tat-titoli, l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:";

(ii) il-punt (c) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(c) is-CSD jipprovdi biss is-servizzi anċillari ta' tip bankarju msemmija fit-Taqsima C tal-Anness u ma jwettaq l-ebda attività oħra skont l-awtorizzazzjoni msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu;";

(e) il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4. CSD awtorizzat li jipprovdi kwalunkwe servizz anċillari ta' tip bankarju għandu jikkonforma f'kull ħin mal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament u għandu, mingħajr dewmien, jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bi kwalunkwe bidla sostantiva li taffettwa l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni.";

(f) jitħassar il-paragrafu 4a;

(g) il-paragrafu 5 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"5. Minbarra d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 55, meta CSD ikun beħsiebu jsalda f'tokens tal-flus elettroniċi permezz tal-kontijiet proprji tiegħu, għandhom japplikaw ukoll id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 54c.";

(h) il-paragrafi 6 u 7 jitħassru;

(i) fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-EBA għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u l-membri tas-SEBĊ, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddetermina s-surcharge addizzjonali fuq il-kapital ibbażata fuq ir-riskju msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (d), ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 54b(5), il-punt (d).";

(j) jitħassar il-paragrafu 9;

(50) jiddaħħlu l-Artikoli 54a, 54b u 54c li ġejjin:

"Artikolu 54a

Awtorizzazzjoni għan-nomina ta' CSD ieħor biex jipprovdi servizzi anċillari ta' tip bankarju

1. CSD li jkun beħsiebu jsalda l-pagamenti fi flus kontanti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom permezz ta' kontijiet miftuħa ma' CSD ieħor kif imsemmi fl-Artikolu 40(3) għandu jikseb awtorizzazzjoni biex jinnomina dak is-CSD l-ieħor skont il-kundizzjonijiet speċifikati f'dan l-Artikolu u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 55.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, CSD jista' jinnomina CSD wieħed jew aktar biss meta dawk is-CSDs ikunu awtorizzati jipprovdu servizzi anċillari ta' tip bankarju skont l-Artikolu 54.

2. CSD għandu jiżgura li l-informazzjoni pprovduta lill-parteċipanti fis-suq mis-CSD innifsu jew mis-CSD li jkun innomina dwar ir-riskji u l-kostijiet assoċjati mas-saldu permezz ta' kontijiet miftuħa mas-CSD innominat tkun ċara, ġusta u mhux qarrieqa. CSD għandu jagħmel disponibbli biżżejjed informazzjoni lill-klijenti jew lill-klijenti potenzjali sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw u jevalwaw ir-riskji u l-kostijiet assoċjati mas-saldu permezz ta' kontijiet miftuħa ma' CSD ieħor u għandu jipprovdi tali informazzjoni fuq talba.

3. Meta CSD ikun awtorizzat jinnomina CSD ieħor f'konformità mal-paragrafu 1, huwa jista' juża tali awtorizzazzjoni biss għall-finijiet tal-forniment tas-servizzi anċillari ta' tip bankarju msemmija fit-Taqsima C tal-Anness, jew tas-servizzi relatati mat-tokens tal-flus elettroniċi, meħtieġa għas-saldu tal-pagamenti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom u mhux biex iwettaq kwalunkwe attività oħra.

4. CSD innominat f'konformità mal-paragrafu 1 għandu jitqies bħala aġent tas-saldu.

5. Meta CSD ifittex li jinnomina CSD ieħor f'konformità mal-paragrafu 1 biex isalda l-pagamenti fi flus kontanti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom, tali pagamenti fi flus kontanti ma għandhomx ikunu f'munita tal-pajjiż fejn ikun stabbilit is-CSD li jinnomina.

   L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika jekk il-valur totali tas-saldu fi flus kontanti jew f'tokens tal-flus elettroniċi permezz ta' kontijiet miftuħa ma' CSD ieħor imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma jaqbiżx il-livell limitu ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 54b(12), il-punt (a).

   L-awtorità kompetenti għandha timmonitorja mill-anqas darba fis-sena li l-livell limitu msemmi fit-tieni subparagrafu jiġi rispettat. L-awtorità kompetenti għandha tibgħat is-sejbiet tagħha flimkien mad-data sottostanti lill-ESMA u lill-EBA. L-awtorità kompetenti għandha wkoll tittrażmetti s-sejbiet tagħha lill-membri tas-SEBĊ.

   Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 40, il-paragrafi 1 u 2, meta l-awtorità kompetenti tqis li l-livell limitu ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 54b(12), il-punt (a), għas-saldu fi flus kontanti jew f'tokens tal-flus elettroniċi jkun inqabeż, l-awtorità kompetenti għandha tirrikjedi li s-CSD ikkonċernat ifittex awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 54. Is-CSD kkonċernat għandu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għal awtorizzazzjoni fi żmien 6 xhur.

6. Meta l-awtorità kompetenti tikkunsidra li l-iskopertura ta' CSD iddeżinjat minn CSD ieħor f'konformità mal-paragrafu 1 għall-konċentrazzjoni tar-riskji skont l-Artikolu 59(3) u (4) ma tkunx mitigata biżżejjed, l-awtorità kompetenti tista' tirrikjedi li s-CSD jinnomina aktar minn CSD wieħed f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew jinnomina istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 54b, minbarra s-CSD iddeżinjat oriġinarjament.

7. Meta CSD ikun beħsiebu jinnomina CSD ieħor f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu biex isalda l-pagamenti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom fit-tokens tal-flus elettroniċi, minbarra d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 6 ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw ukoll id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 54c.

Artikolu 54b

Awtorizzazzjoni għan-nomina ta' istituzzjoni ta' kreditu biex tipprovdi servizzi anċillari ta' tip bankarju

1. CSD li jkun beħsiebu jsalda l-pagamenti fi flus kontanti jew f'tokens tal-flus elettroniċi għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/36/UE, kif imsemmi fl-Artikolu 40(3) ta' dan ir-Regolament, għandu jikseb awtorizzazzjoni biex jinnomina dik l-istituzzjoni ta' kreditu skont il-kundizzjonijiet speċifikati f'dan l-Artikolu u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 55 ta' dan ir-Regolament.

2. CSD għandu jiżgura li l-informazzjoni pprovduta lill-parteċipanti fis-suq mis-CSD jew mill-istituzzjoni ta' kreditu li jkun innomina dwar ir-riskji u l-kostijiet assoċjati mas-saldu permezz ta' kontijiet miftuħa ma' dik l-istituzzjoni ta' kreditu tkun ċara, ġusta u mhux qarrieqa. CSD għandu jagħmel disponibbli biżżejjed informazzjoni lill-klijenti jew lill-klijenti potenzjali sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw u jevalwaw ir-riskji u l-kostijiet assoċjati mas-saldu permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjoni ta' kreditu u għandu jipprovdi tali informazzjoni fuq talba.

3. Meta CSD ikun awtorizzat li jinnomina istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-paragrafu 1, huwa jista' juża tali awtorizzazzjoni biss għall-finijiet tal-forniment tas-servizzi anċillari ta' tip bankarju msemmija fit-Taqsima C tal-Anness jew tas-servizzi relatati mat-tokens tal-flus elettroniċi, meħtieġa għas-saldu tal-pagamenti fi flus kontanti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom, u mhux biex iwettaq kwalunkwe attività oħra.

4. Istituzzjoni ta' kreditu nnominata skont il-paragrafu 1 għandha titqies bħala aġent tas-saldu.

5. Meta CSD ifittex li jinnomina istituzzjoni ta' kreditu biex tipprovdi servizzi skont il-paragrafu 1, l-awtorizzazzjoni msemmija f'dak il-paragrafu għandha tingħata biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) l-istituzzjoni ta' kreditu tissodisfa r-rekwiżiti prudenzjali kif stabbiliti fl-Artikolu 59(1), (3) u (4) u r-rekwiżiti superviżorji stabbiliti fl-Artikolu 60;

   (b) l-istituzzjoni ta' kreditu ma twettaq l-ebda wieħed mis-servizzi ewlenin imsemmija fit-Taqsima A tal-Anness hija stess;

   (c) l-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/36/UE tintuża biss biex jiġu pprovduti s-servizzi anċillari ta' tip bankarju msemmija fit-Taqsima C tal-Anness, jew is-servizzi relatati mat-tokens tal-flus elettroniċi, meħtieġa għas-saldu tal-pagamenti fi flus kontanti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha jew parti minnhom tas-CSD li jkun qiegħed ifittex li juża s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 u mhux biex iwettaq kwalunkwe attività oħra;

   (d) l-istituzzjoni ta' kreditu hija soġġetta għal surcharge addizzjonali fuq il-kapital li tirrifletti r-riskji, inkluż ir-riskji għall-kreditu u l-likwidità, li jirriżultaw mill-għoti ta' kreditu ta' matul l-istess jum, *inter alia*, lill-parteċipanti f'sistema ta' saldu tat-titoli jew utenti oħra tas-servizzi tas-CSD;

   (e) l-istituzzjoni ta' kreditu tirrapporta mill-anqas kull xahar lill-awtorità kompetenti u tiddivulga lill-pubbliku kull sena bħala parti mid-divulgazzjoni pubblika tagħha kif meħtieġ skont il-Parti Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-portata u l-immaniġġjar tar-riskji ta' likwidità matul l-istess jum f'konformità mal-Artikolu 59(4), il-punt (j) ta' dan ir-Regolament;

   (f) l-istituzzjoni ta' kreditu tkun ippreżentat lill-awtorità kompetenti pjan adegwat ta' rkupru biex tiżgura l-kontinwità tal-operazzjonijiet kritiċi tagħha, inkluż

f'sitwazzjonijiet meta r-riskju tal-likwidità jew tal-kreditu jimmaterjalizza bħala riżultat tal-provvista ta' servizzi anċillari ta' tip bankarju mill-istess entità legali separata.

6. Meta CSD ifittex li jinnomina istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-paragrafu 1 biex isalda l-pagamenti fi flus kontanti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom, tali pagamenti fi flus kontanti ma għandhomx ikunu f'munita tal-pajjiż fejn ikun stabbilit is-CSD li jinnomina.

7. Il-paragrafu 5, il-punt (c), ma għandux japplika għal istituzzjoni ta' kreditu ddeżinjata skont il-paragrafu 1 meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) in-nomina tkun għall-fini tas-saldu ta' pagamenti fi flus kontanti f'muniti mhux tal-Unjoni;

   (b) in-nomina ssir biex tipprovdi biss wieħed jew aktar mis-servizzi anċillari ta' tip bankarju elenkati fit-Taqsima C, il-punti (a), (b) u (c), tal-Anness;

   (c) CSD jopera f'ħin reali saldu gross għal tali pagamenti fi flus kontanti.

8. Il-paragrafi 5 u 6 ma għandhomx japplikaw għal istituzzjoni ta' kreditu ddeżinjata skont il-paragrafu 1 meta l-valur totali tas-saldu fi flus kontanti u f'tokens tal-flus elettroniċi permezz tal-kontijiet miftuħa mal-istituzzjoni ta' kreditu, ikkalkolat fuq perjodu ta' sena, ma jaqbiżx il-livell limitu ddeterminat f'konformità mal-paragrafu 12.

   L-awtorità kompetenti għandha timmonitorja mill-anqas darba fis-sena li l-livell limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu jiġi rispettat. L-awtorità kompetenti għandha tibgħat is-sejbiet tagħha flimkien mad-data sottostanti lill-ESMA u lill-EBA. L-awtorità kompetenti għandha wkoll tittrażmetti s-sejbiet tagħha lill-membri tas-SEBĊ.

   Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 40(1) u (2), meta l-awtorità kompetenti tqis li jkun inqabeż il-livell limitu ddeterminat f'konformità mal-paragrafu 12 ta' dan l-Artikolu għas-saldu fi flus kontanti jew f'tokens tal-flus elettroniċi, l-awtorità kompetenti għandha tirrikjedi li s-CSD ikkonċernat ifittex awtorizzazzjoni ġdida f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 54 jew l-Artikolu 54a. Is-CSD kkonċernat għandu jissottometti l-applikazzjoni tiegħu għal awtorizzazzjoni fi żmien 6 xhur.

9. Meta l-awtorità kompetenti tikkunsidra li l-iskopertura ta' istituzzjoni ta' kreditu nnominata minn CSD f'konformità mal-paragrafu 1 għall-konċentrazzjoni tar-riskji skont l-Artikolu 59(3) u (4) ma tkunx mitigata biżżejjed, l-awtorità kompetenti tista' tirrikjedi li s-CSD jinnomina aktar minn istituzzjoni ta' kreditu waħda f'konformità mal-paragrafu 1, jew jinnomina CSD ieħor f'konformità mal-Artikolu 54a, minbarra l-istituzzjoni ta' kreditu ddeżinjata oriġinarjament.

10. Istituzzjoni ta' kreditu nnominata f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tikkonforma f'kull ħin mal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament u għandha, mingħajr dewmien, tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bi kwalunkwe bidla sostantiva li taffettwa l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni.

11. Meta CSD ikun beħsiebu jaħtar istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-paragrafu 1 biex issalda l-pagamenti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom fit-tokens tal-flus elettroniċi, minbarra d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 10 ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw ukoll id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 54c.

12. L-EBA għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ u l-ESMA, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw dan kollu li ġej:

(a) il-livell limitu msemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 54a(5) għas-saldu fi flus kontanti jew f'tokens tal-flus elettroniċi permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjoni ta' kreditu jew ma' CSD ieħor;

(b) l-immaniġġjar tar-riskji u r-rekwiżiti prudenzjali xierqa għall-mitigazzjoni tar-riskji fir-rigward tan-nomina ta' istituzzjonijiet ta' kreditu f'konformità ma' dan l-Artikolu jew CSDs f'konformità mal-Artikolu 54a;

(c) l-immaniġġjar tar-riskji u r-rekwiżiti prudenzjali xierqa għall-mitigazzjoni tar-riskji fir-rigward tal-forniment ta' saldu fi flus kontanti fit-tokens tal-flus elettroniċi kif imsemmi fl-Artikolu 54c;

(d) il-kriterji biex jiġi vvalutat jekk ir-rekwiżit skont l-Artikolu 54c(2), il-punt (c), jitqiesx issodisfat.

Meta tiżviluppa dawk l-istandards, l-EBA għandha tqis dan li ġej:

(a) l-implikazzjonijiet għall-istabbiltà tas-suq li jistgħu jirriżultaw minn bidla fil-profil tar-riskju tas-CSDs u l-parteċipanti tagħhom, inkluża l-importanza sistemika tas-CSDs għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli;

(b) l-implikazzjonijiet għar-riskji ta' kreditu u ta' likwidità għas-CSDs, għall-istituzzjonijiet ta' kreditu ddeżinjati involuti u għall-parteċipanti tas-CSD li jirriżultaw mis-saldu ta' pagamenti fi flus kontanti permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjonijiet ta' kreditu li ma humiex soġġetti għall-paragrafu 5, u mis-saldu ta' pagamenti fi flus kontanti f'tokens tal-flus elettroniċi;

(c) il-possibbiltà għas-CSDs li jsaldaw pagamenti fi flus kontanti f'diversi muniti;

(d) il-ħtieġa li jiġu evitati kemm bidla mhux intenzjonata mis-saldu fi flus tal-bank ċentrali għas-saldu fi flus tal-bank kummerċjali jew għas-saldu f'tokens tal-flus elettroniċi kif ukoll diżinċentivi għall-isforzi tas-CSDs biex isaldaw fi flus tal-bank ċentrali; u

(e) l-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost is-CSDs fl-Unjoni.

L-EBA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 54c

Rekwiżiti addizzjonali għas-saldu ta' pagamenti fi flus kontanti f'tokens tal-flus elettroniċi

1. CSD jista' joffri li jsalda l-pagamenti fi flus kontanti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom fit-tokens tal-flus elettroniċi. CSD għandu jkun jista' jagħmel dan biss permezz ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-kontijiet tiegħu stess f'konformità mal-Artikolu 54;

(b) kontijiet miftuħa ma' CSD ieħor f'konformità mal-Artikolu 54a;

(c) kontijiet miftuħa ma' istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 54b.

2. Meta CSD ikun beħsiebu jsalda l-pagamenti fi flus kontanti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom f'tokens tal-flus elettroniċi, huwa għandu jiżgura li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) it-token tal-flus elettroniċi maħsub biex jintuża għas-saldu tal-komponent ta' flus kontanti jkun elenkat fir-reġistru tal-ESMA stabbilit f'konformità mal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE) 2023/1114 u jkun ikklassifikat bħala token tal-flus elettroniċi sinifikanti mill-EBA f'konformità mal-Artikoli 56 jew 57 ta' dak ir-Regolament;

(b) is-saldu ta' tali pagamenti f'tokens tal-flus elettroniċi jseħħ permezz ta' kontijiet prefinanzjati;

(c) it-token tal-flus elettroniċi maħsub biex jintuża għas-saldu fis-CSD ikun aċċessibbli għall-parteċipanti tas-CSD f'ammont biżżejjed biex jissodisfa l-użu maħsub fis-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD;

(d) l-informazzjoni pprovduta mis-CSD innifsu, jew mill-istituzzjoni ta' kreditu jew mis-CSD li jkun innomina, lill-parteċipanti fis-suq dwar ir-riskji u l-kostijiet assoċjati mas-saldu fit-tokens tal-flus elettroniċi tkun ċara, ġusta u mhux qarrieqa;

(e) is-CSD jagħmel disponibbli biżżejjed informazzjoni lill-klijenti jew lill-klijenti potenzjali biex ikunu jistgħu jidentifikaw u jevalwaw ir-riskji u l-kostijiet assoċjati mas-saldu fit-tokens tal-flus elettroniċi u jipprovdi tali informazzjoni fuq talba.

3. L-awtorità kompetenti għandha timmonitorja mill-anqas darba fis-sena li l-użu tat-tokens tal-flus elettroniċi msemmija fil-paragrafu 1 ikun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2, u tirrapporta s-sejbiet tagħha, flimkien mad-data sottostanti, lill-ESMA u lill-EBA.";

(51) l-Artikolu 55 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. CSD li jkun beħsiebu jipprovdi kwalunkwe servizz anċillari ta' tip bankarju f'konformità mal-Artikolu 54 jew li jkun beħsiebu jinnomina CSD ieħor f'konformità mal-Artikolu 54a jew istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 54b għandu jippreżenta applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni kif meħtieġ skont l-Artikolu rilevanti, lill-awtorità kompetenti tiegħu. L-applikazzjoni għandha tiġi kondiviża minnufih mar-riċevituri rreġistrati msemmija fl-Artikolu 21a u mal-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 4 permezz tal-bażi tad-data ċentrali.";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) it-tieni sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Għandu jkun fih programm tal-operazzjonijiet li jistabbilixxi s-servizzi anċillari ta' tip bankarju previsti, l-organizzazzjoni strutturali tar-relazzjonijiet bejn is-CSD u, meta applikabbli, l-istituzzjoni ta' kreditu ddeżinjata jew is-CSD awtorizzat li jipprovdi servizzi anċillari ta' tip bankarju u kif dak is-CSD u, meta applikabbli, l-istituzzjoni ta' kreditu ddeżinjata jew is-CSD awtorizzat li jipprovdi servizzi anċillari ta' tip bankarju beħsiebhom jissodisfaw ir-rekwiżiti prudenzjali stabbiliti fl-Artikolu 59(1), (3), (4) u (4a) u l-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti fl-Artikolu 54, 54a jew 54b, u, meta applikabbli, 54c.";

(ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

Meta jkun maħsub li jintużaw tokens tal-flus elettroniċi, dan għandu jinkludi spjegazzjoni ta' kif is-CSD beħsiebu jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 54c(2) ta' dan ir-Regolament u l-aħħar verżjoni tal-white paper dwar il-kriptoassi kif ippubblikata mill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 109(4), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2023/1114 għal tali token tal-flus elettroniċi.";

(c) jitħassar il-paragrafu 3;

(d) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) il-kliem introduttorju huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti għandha tibgħat minnufih l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-awtoritajiet li ġejjin";

(ii) il-punt (c) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri fejn is-CSD ikun stabbilixxa konnessjonijiet interoperabbli ma' CSD ieħor ħlief meta s-CSD ikun stabbilixxa konnessjonijiet interoperabbli msemmija fl-Artikolu 48(2a);";

(iii) il-punt (d) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(d) meta applikabbli, il-membri tal-kulleġġ imsemmija fl-Artikolu 24a;";

(e) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 4 jistgħu joħorġu opinjoni motivata dwar l-awtorizzazzjoni fi żmien xahrejn minn meta jirċievu l-applikazzjoni kif imsemmi f'dak il-paragrafu.";

(ii) it-tieni, it-tielet u r-raba' subparagrafi huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"Meta awtorità msemmija fil-paragrafu 4 toħroġ opinjoni motivata negattiva, l-awtorità kompetenti li tkun beħsiebha tagħti l-awtorizzazzjoni għandha, fi żmien 30 jum tax-xogħol minn meta tirċievi dik l-opinjoni negattiva, tipprovdi lill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 4 bir-raġunijiet li jindirizzaw l-opinjoni negattiva.

Meta, fi żmien 30 jum tax-xogħol minn meta jiġu ppreżentati dawk ir-raġunijiet, kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 4 toħroġ opinjoni negattiva u l-awtorità kompetenti xorta waħda tkun beħsiebha tagħti l-awtorizzazzjoni, kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet li tkun ħarġet opinjoni negattiva tista' tirreferi l-kwistjoni lill-ESMA għall-assistenza skont l-Artikolu 31(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Meta 30 jum tax-xogħol wara r-riferiment lill-ESMA l-kwistjoni ma tiġix solvuta, l-awtorità kompetenti li tkun tixtieq tagħti l-awtorizzazzjoni għandha tieħu d-deċiżjoni finali u tipprovdi spjegazzjoni dettaljata tad-deċiżjoni tagħha bil-miktub lill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 4.";

(iii) jitħassar is-seba' subparagrafu.

(f) jiddaħħal il-paragrafu 5a li ġej:

"5a. Fi żmien 6 xhur mill-konferma li rċeviet l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 21a(2), l-awtorità kompetenti għandha tadotta d-deċiżjoni tagħha u tibgħatha lir-

riċevituri rreġistrati msemmija fl-Artikolu 21a, lill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 4 u lis-CSD li japplika permezz tal-bażi tad-data ċentrali. Id-Deċiżjoni għandha tinkludi spjegazzjoni motivata bis-sħiħ dwar jekk l-awtorizzazzjoni ngħatatx jew ġietx irrifjutata. Meta d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti ma tirriflettix l-opinjoni ta' xi waħda mill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 4, din għandu jkun fiha spjegazzjoni motivata bis-sħiħ ta' kwalunkwe devjazzjoni sinifikanti minn dawk l-opinjonijiet jew il-kundizzjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet.

Meta l-awtorità kompetenti ma tikkonformax jew ma jkollhiex l-intenzjoni li tikkonforma ma' opinjoni tal-ESMA jew ma' kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni inkluża fiha, il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lill-Bord tas-Superviżuri. L-informazzjoni għandha tinkludi wkoll ir-raġunament mill-awtorità kompetenti għan-nuqqas ta' konformità jew għall-intenzjoni tagħha li ma tikkonformax.";

(g) fil-paragrafu 7, it-tieni subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].";

(52) fl-Artikolu 56, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. CSD li jkun beħsiebu jestendi s-servizzi anċillari ta' tip bankarju li jipprovdi huwa stess jew li għalih jinnomina CSD jew istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-Artikoli 54, 54a jew 54b, kif applikabbli, għandu jippreżenta talba għal estensjoni lill-awtorità kompetenti tiegħu.";

(53) l-Artikolu 57 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem introduttorju huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni jew miżura ta' rimedju skont it-Titolu V, l-awtorità kompetenti tas-CSD għandha tirtira l-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 54, 54a jew 54b, kif applikabbli, fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:";

(b) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-ESMA, kwalunkwe awtorità rilevanti skont l-Artikolu 12(1), il-punt (a), u kwalunkwe awtorità msemmija fl-Artikolu 60(1) jew, rispettivament, l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 55(4) jistgħu, fi kwalunkwe ħin, jitolbu li l-awtorità kompetenti tas-CSD teżamina jekk is-CSD u, meta applikabbli, l-istituzzjoni ta' kreditu ddeżinjata jew is-CSD iddeżinjat għadhomx konformi mal-kundizzjonijiet li skonthom tingħata l-awtorizzazzjoni.";

(54) l-Artikolu 58 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikoli 54, 54a, 54b, 56 u 57 għandhom jiġu nnotifikati lill-ESMA.";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-isem ta' kull CSD li kien soġġett għal deċiżjoni skont l-Artikoli 54, 54a, 54b, 56 u 57;";

(ii) il-punt (c) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-lista ta' servizzi anċillari ta' tip bankarju li CSD, istituzzjoni ta' kreditu nnominata jew CSD innominat huwa awtorizzat jipprovdi għall-parteċipanti tas-CSD f'konformità mal-Artikoli 54, 54a, jew 54b, kif applikabbli.";

(55) l-Artikolu 59 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. CSD awtorizzat sabiex jipprovdi servizzi anċillari tat-tip bankarju f'konformità mal-Artikolu 54, CSD innominat biex jipprovdi dawk is-servizzi f'konformità mal-Artikolu 54a jew istituzzjoni ta' kreditu nnominata biex tipprovdi dawk is-servizzi f'konformità mal-Artikolu 54b għandha tipprovdi biss is-servizzi stabbiliti fit-Taqsima C tal-Anness li huma koperti mill-awtorizzazzjoni.

2. CSD awtorizzat sabiex jipprovdi servizzi anċillari tat-tip bankarju f'konformità mal-Artikolu 54, CSD iddeżinjat biex jipprovdi dawk is-servizzi f'konformità mal-Artikolu 54a jew istituzzjoni ta' kreditu iddeżinjata biex tipprovdi dawk is-servizzi f'konformità mal-Artikolu 54b għandha tikkonforma ma' kwalunkwe leġiżlazzjoni preżenti jew futura applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu.";

(b) fil-paragrafu 3, il-formulazzjoni introduttorja hija ssostitwita b'dan li ġej:

"CSD awtorizzat sabiex jipprovdi servizzi anċillari tat-tip bankarju f'konformità mal-Artikolu 54, CSD iddeżinjat biex jipprovdi dawk is-servizzi f'konformità mal-Artikolu 54a jew istituzzjoni ta' kreditu iddeżinjata biex tipprovdi dawk is-servizzi f'konformità mal-Artikolu 54b għandha tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi li ġejjin għar-riskji ta' kreditu relatati ma' dawk is-servizzi fir-rigward ta' kull sistema ta' saldu tat-titoli:";

(c) fil-paragrafu 4, il-formulazzjoni introduttorja hija ssostitwita b'dan li ġej:

"CSD awtorizzat sabiex jipprovdi servizzi anċillari tat-tip bankarju f'konformità mal-Artikolu 54, CSD iddeżinjat biex jipprovdi dawk is-servizzi f'konformità mal-Artikolu 54a, jew istituzzjoni ta' kreditu iddeżinjata biex tipprovdi dawk is-servizzi f'konformità mal-Artikolu 54b għandha tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi li ġejjin għar-riskji tal-likwidità relatati ma' dawk is-servizzi fir-rigward ta' kull sistema ta' saldu tat-titoli:";

(d) il-paragrafu 4a huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4a. Meta CSD ikun bħsiebu jipprovdi servizzi anċillari tat-tip bankarju lil CSDs oħra skont l-Artikolu 54a, is-CSD għandu jkollu fis-seħħ regoli u proċeduri ċari li jindirizzaw kwalunkwe riskju potenzjali ta' kreditu, ta' likwidità u ta' konċentrazzjoni li jirriżulta mill-forniment ta' dawk is-servizzi.";

(e) fil-paragrafu 5, it-tieni subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].";

(56) fl-Artikolu 60, il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b) huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"(a) fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 54a u 54b, jekk l-arranġamenti kollha meħtieġa bejn is-CSD u s-CSDs innominati jew l-istituzzjonijiet ta' kreditu nnominati

jippermettulhomx jissodisfaw l-obbligi rispettivi tagħhom kif stipulati f'dan ir-Regolament;

(b) fil-każ imsemmi fl-Artikolu 54, jekk l-arranġamenti dwar l-awtorizzazzjoni biex jingħataw servizzi anċillari tat-tip bankarju jippermettux lis-CSD jissodisfa l-obbligi tiegħu kif stipulati f'dan ir-Regolament.";

(b) it-tieni u t-tielet subparagrafi huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti tas-CSD għandha tinforma regolarment, u mill-inqas immedjatament wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' rieżami u evalwazzjoni, lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 55(4) u, fejn applikabbli, lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 24a, bir-riżultati, inkluż kwalunkwe azzjoni ta' rimedju jew penali, tar-rieżami u l-evalwazzjoni tagħha skont dan il-paragrafu.

Meta CSD jinnomina CSD ieħor f'konformità mal-Artikolu 54a, jew istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 54b, bil-ħsieb tal-protezzjoni tal-parteċipanti fis-sistemi ta' saldu tat-titoli li jopera, CSD għandu jiżgura li jkollu aċċess mis-CSD jew mill-istituzzjoni ta' kreditu li jinnomina għat-tagħrif meħtieġ kollu għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandu jirrapporta kwalunkwe ksur lill-awtorità kompetenti tas-CSD, lill-awtoritajiet rilevanti u lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.";

(57) fl-Artikolu 62(1), il-ħames subparagrafu, it-tielet u r-raba' sentenzi huma ssostitwiti b'dawn li ġejjin:

"L-ESMA għandha żżomm bażi tad-data ċentrali tas-sanzjonijiet ikkomunikati lilha għall-finijiet tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti biss. Dik l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli biss għall-awtoritajiet kompetenti.";

(58) l-Artikolu 67 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 2b li ġej:

"2b. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 9(5), 11(10), 11(11), 11a(6), 11b(3), 34(3) u 48a(9) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat ta' żmien minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].";

(b) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(2), l-Artikolu 7(5) u (9), l-Artikolu 9(5), l-Artikolu 11(10) u (11), u l-Artikoli 11a(6), 11b(3), 34(3) u 48a(9) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni tar-revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.";

(59) l-Artikolu 69 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4a huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma ssostitwiti b'dawn li ġejjin:

"4a. Ir-regoli nazzjonali dwar ir-rikonoxximent ta' CSDs ta' pajjiżi terzi għandhom ikomplu japplikaw sad-data meta tittieħed deċiżjoni skont dan ir-Regolament dwar ir-rikonoxximent tas-CSDs ta' pajjiżi terzi u tal-attivitajiet

tagħhom, jew sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], skont liema tiġi l-ewwel.

CSD ta' pajjiż terz li jipprovdi s-servizzi ewlenin imsemmija fit-Taqsima A, il-punti 1 u 2, tal-Anness fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji rregolati mil-liġi ta' Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 25(2), il-punt (b) skont ir-regoli nazzjonali applikabbli dwar ir-rikonoxximent ta' CSDs ta' pajjiż terz, għandu jinnotifika lill-ESMA dwarhom fi żmien [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].";

(ii) ir-raba' subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].";

(b) il-paragrafu 4b huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4b. CSD ta' pajjiż terz li pprovda s-servizz ewlieni msemmi fit-Taqsima A, il-punt 3, tal-Anness fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji rregolati skont il-liġi ta' Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 25(2a), qabel [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għandu jippreżenta n-notifika msemmija fl-Artikolu 25(2a) sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].";

(c) il-paragrafu 7 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"7. L-ESMA għandha twettaq l-ewwel valutazzjoni skont l-Artikolu 24a(1a), it-tieni subparagrafu, sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]";

(d) jiżdiedu l-paragrafi 9 u 10 li ġejjin:

"9. Sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] jew 30 jum wara t-tħabbira msemmija fl-Artikolu 21a(1), skont liema data tiġi l-ewwel, l-iskambju ta' informazzjoni, is-sottomissjoni ta' informazzjoni u dokumentazzjoni, u n-notifiki li huma meħtieġa biex tintuża l-bażi tad-data ċentrali għandhom jitwettqu permezz tal-użu ta' arranġamenti alternattivi.

10. CSDs li huma awtorizzati jesternalizzaw servizzi ewlenin lil CSDs oħra li jappartjenu għall-grupp tagħhom, u CSDs li huma awtorizzati jistabbilixxu konnessjonijiet interoperabbli inkluż ma' CSDs ta' pajjiżi terzi, mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tagħhom qabel [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], ma għandhomx ifittxu awtorizzazzjoni ġdida skont l-Artikoli 19(2), it-tielet subparagrafu, 19a, jew 48b, meta l-oġġett tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija qabel ma jkunx inbidel.";

(60) l-Artikolu 74 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (c) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-evoluzzjoni tal-iskala u l-ambitu tas-saldu internalizzat fl-UE, b'mod partikolari, tqabbil tal-għadd, il-volum u l-effiċjenza tas-saldu tat-tranżazzjonijiet saldati permezz ta' saldu internalizzat ma' tranżazzjonijiet saldati permezz tas-CSDs, kif ukoll l-evoluzzjoni tal-ipprezzar tas-CSDs u tal-internalizzaturi tas-saldu. Ir-rapport għandu jivvaluta wkoll l-istruttura tas-suq

u kwalunkwe riskju potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja minn saldu internalizzat;";

(ii) il-punt (i) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(i) il-proċeduri u l-kundizzjonijiet li skonthom is-CSDs ikunu ġew awtorizzati jiddeżinjaw istituzzjonijiet ta' kreditu jew CSDs oħra, jew ikunu ġew awtorizzati huma stess, biex jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju f'konformità mal-Artikoli 54, 54a, jew 54b, u 55, inkluża valutazzjoni tal-effetti li tali dispożizzjoni jista' jkollha fuq l-istabbiltà finanzjarja u l-kompetizzjoni għas-saldu u s-servizzi anċillari tat-tip bankarju fl-Unjoni;";

(b) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(i) it-tieni sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Dak ir-rapport għandu jqis is-sejbiet relatati mal-monitoraġġ tal-livell limitu mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 54a(5) u 54b(8) u l-implikazzjonijiet tal-kreditu u tal-likwidità għas-CSDs li jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju taħt tali livell limitu.";

(ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Fir-rapport annwali msemmi fl-ewwel subparagrafu, l-EBA għandha tivvaluta wkoll l-użu ta' tokens tal-flus elettroniċi għas-saldu f'CSDs awtorizzati, inkluż l-użu ta' tokens tal-flus elettroniċi denominati f'muniti mhux tal-Unjoni.";

(61) l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Emendi tar-Regolament (UE) 2015/2365

Ir-Regolament (UE) 2015/2365 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 9 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Is-setgħat mogħtija lill-ESMA f'konformità mal-Artikoli 39a sa 39m tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u l-Artikoli 64, 65, 73 u 74 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u, flimkien mal-Annessi I u II tiegħu, għandhom jiġu eżerċitati wkoll fir-rigward ta' dan ir-Regolament. Ir-referenzi għall-Artikolu 81(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fl-Anness I ta' dak ir-Regolament għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-Artikolu 12(1) u (2) ta' dan ir-Regolament rispettivament.";

(2) fl-Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-ESMA għandha timponi tariffi għar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 39n tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u l-atti delegati adottati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk it-tariffi għandhom ikunu proporzjonati għall-fatturat tar-repożitorju tat-transazzjonijiet ikkonċernat. Sakemm l-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament isemmi l-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, ir-referenzi għall-Artikolu 72(3) ta' dak ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala referenzi għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.".

Artikolu 6

Emendi tar-Regolament (UE) 2019/1156

Ir-Regolament (UE) 2019/1156 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' impriżi ta' investiment kollettiv madwar l-Unjoni, il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni indirizzati lill-investituri, kif ukoll prinċipji komuni rigward tariffi u ħlasijiet imposti fuq impriżi ta' investiment kollettiv fir-rigward tal-attivitajiet transfruntieri tagħhom. Jipprevedi wkoll l-istabbiliment ta' pjattaforma tad-data dwar il-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera ta' impriżi ta' investiment kollettiv.

L-Istati Membri ma għandhom iżidu l-ebda rekwiżit ulterjuri fil-qasam kopert minn dan ir-Regolament.";

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (b) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(b) kumpaniji maniġerjali tal-UCITS, inkluża kwalunkwe kumpanija ta' investiment li ma tkunx iddeżinjat kumpanija maniġerjali tal-UCITS, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 30 tad-Direttiva 2009/65/KE[33]";

(b) jiżdied il-punt (e) li ġej:

"(e) UCITS";

(3) fl-Artikolu 3 jiżdiedu l-punti (i) sa (p) li ġejjin:

"(i) "Stat Membru domiċiljari tal-UCITS" tfisser Stat Membru kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (e), tad-Direttiva 2009/65/KE;

(j) "Stat Membru ospitanti tal-UCITS" tfisser Stat Membru, għajr l-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS, li fih jiġu kkummerċjalizzati l-unitajiet tal-UCITS;

(k) "Stat Membru ospitanti tal-AIFM" tfisser Stat Membru, differenti mill-Istat Membru ta' domiċilju, li fih l-AIFM tal-UE jikkummerċjalizza l-unitajiet jew l-ishma ta' AIF tal-UE;

---

[33] Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32–96), ELI: Directive - 2009/65 - MT - UCITS - EUR-Lex

(l) “AIFM tal-UE” tfisser AIFM kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (l), tad-Direttiva 2011/61/UE[34];

(m) “AIF tal-UE” tfisser AIF kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (k), tad-Direttiva 2011/61/UE;

(n) “kummerċjalizzazzjoni” tfisser offerta jew pjazzament dirett jew indirett fuq l-inizjattiva tal-AIFM, tal-maniġer ta’ EuVECA, tal-maniġer ta’ EuSEF jew tal-UCITS jew f’isimhom ta’ unitajiet jew ishma ta’ AIF jew UCITS lil jew ma’ investituri domiċiljati jew li għandhom uffiċju reġistrat fl-Unjoni;

(o) “prekummerċjalizzazzjoni” tfisser għoti ta’ informazzjoni jew komunikazzjoni, diretta jew indiretta, dwar strateġiji ta’ investiment jew ideat ta’ investiment minn AIFM tal-UE jew f’ismu, lill-investituri professjonali potenzjali ddomiċiljati jew b’uffiċċju rreġistrat fl-Unjoni biex jittestja l-interess tagħhom f’AIF jew f’kompartiment li għadu ma huwiex stabbilit, jew li jkun stabbilit, iżda għadu mhux innotifikat għal kummerċjalizzazzjoni f’konformità mal-Artikolu 17f jew 17g, f’dak l-Istat Membru fejn l-investituri potenzjali jkunu ddomiċiljati jew ikollhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom, u li f’kull każ ma jirriżultax f’offerta jew fi pjazzament lill-investitur potenzjali biex jinvesti fl-unitajiet jew fl-ishma ta’ dak l-AIF jew kompartiment;

(p) “investitur professjonali” tfisser investitur li huwa meqjus bħala klijent professjonali jew jista’, fuq talba, jiġi ttrattat bħala klijent professjonali skont it-tifsira tal-Anness II tad-Direttiva 2014/65/KE.”;

(4) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. L-AIFMs, il-maniġers tal-EuVECA, il-maniġers tal-EuSEF u l-UCITS għandhom jiżguraw li l-komunikazzjonijiet ta’ kummerċjalizzazzjoni kollha li jħejju u jagħmlu disponibbli għall-investituri jkunu identifikabbli bħala tali u jiddeskrivu r-riskji u l-benefiċċji tax-xiri ta’ unitajiet jew ishma ta’ AIF jew unitajiet ta’ UCITS b’mod ugwalment prominenti, u li l-informazzjoni kollha inkluża fil-komunikazzjonijiet ta’ kummerċjalizzazzjoni tkun ġusta, ċara u mhux qarrieqa.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. L-UCITS għandha tiżgura li l-komunikazzjonijiet ta’ kummerċjalizzazzjoni li jkun fihom informazzjoni speċifika dwar UCITS ma jikkontradixxux jew ma jnaqqsux is-sinifikat tal-informazzjoni li tinsab fil-prospett imsemmi fl-Artikolu 68 tad-Direttiva 2009/65/KE jew fid-dokument bl-informazzjoni ewlenija msemmi fir-Regolament (UE) Nru 1286/2014. L-UCITS għandha tiżgura li l-komunikazzjonijiet kollha ta’ kummerċjalizzazzjoni jindikaw li jeżisti prospett u li d-dokument bl-informazzjoni ewlenija huwa disponibbli. Tali komunikazzjonijiet ta’ kummerċjalizzazzjoni għandhom jispeċifikaw fejn, kif u b’liema lingwa l-investituri jew l-investituri

[34] Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta’ Ġunju 2011 dwar Maniġers ta’ Fondi ta’ Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010, (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1–73), ELI: Direttiva - 2011/61 - MT - aifmd - EUR-Lex

potenzjali jistgħu jiksbu l-prospett u d-dokument bl-informazzjoni ewlenija u għandhom jipprovdu hyperlinks għal jew indirizzi ta' siti web għal dawk id-dokumenti.";

"Ir-rekwiżiti tal-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-AIFs li jippubblikaw prospett f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35], jew f'konformità mal-liġi nazzjonali, jew li huma meħtieġa jfasslu dokument bl-informazzjoni ewlenija f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1286/2014[36].";

(c) il-paragrafi 3, 4 u 5 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"3. Il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw fejn, kif u b'liema lingwa l-investituri jew l-investituri potenzjali jistgħu jiksbu sommarju tad-drittijiet tal-investitur u għandhom jipprovdu hyperlink għal tali sommarju, li għandu jinkludi, kif xieraq, informazzjoni dwar aċċess għall-mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali f'każ ta' tilwim.

Tali komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni għandu jkun fihom ukoll informazzjoni ċara li l-AIFM, il-maniġer tal-EuVECA, il-maniġer tal-EuSEF jew l-UCITS jistgħu jiddeċiedu li jitterminaw l-arranġamenti magħmula għall-kummerċjalizzazzjoni tal-AIFs u l-UCITS f'konformità mal-Artikoli 17d u 17h.

4. L-AIFMs, il-maniġers tal-EuVECA u l-maniġers tal-EuSEF għandhom jiżguraw li l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni li jinkludu stedina għax-xiri ta' unitajiet jew ishma ta' AIF li jkun fihom informazzjoni speċifika dwar dak l-AIF la jikkontradixxu u lanqas inaqqsu s-sinifikat tal-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata lill-investituri f'konformità mal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2011/61/UE, mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 jew mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 346/2013, jew, fejn rilevanti, l-informazzjoni li tinsab fid-dokument bl-informazzjoni ewlenija mfassal f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 jew fil-prospett imfassal f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37].

---

35 Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12, ELI: Regolament - 2017/1129 - MT - Regolament dwar il-Prospett - EUR-Lex).

36 Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs), *(ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1–23),* Regolament - 1286/2014 - MT - Regolament PRIIPs - EUR-Lex

37 Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12, ELI: Regolament - 2017/1129 - MT - Regolament dwar il-Prospett - EUR-Lex).

5. L-AIFMs, il-maniġers tal-EuVECA u tal-EuSEF u l-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw li r-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu jiġu ssodisfati meta l-funzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni tiġi ddelegata lil parti terza, skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2011/61/UE, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 345/2013, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 u l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/65/KE.

Meta l-funzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni titwettaq minn distributur wieħed jew aktar li jkunu qed jaġixxu f'isimhom stess skont l-Artikolu 20(6a) tad-Direttiva 2011/61/UE u l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 2009/65/KE, dawk id-distributuri għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw li l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni magħmula disponibbli għall-investituri jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.";

(d) jiddaħħal il-paragrafu 5a li ġej:

"5a. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti addizzjonali fuq il-kontenut u l-format tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni fir-rigward tal-AIFs u l-UCITS ikkummerċjalizzati fit-territorju tagħhom għajr dawk stabbiliti f'dan l-Artikolu u fl-atti delegati msemmija fil-paragrafu 6.";

(e) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18b, miżuri li jispeċifikaw il-kontenut u l-format tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti delegati għandhom jispeċifikaw dan li ġej:

(a) l-ambitu ta' dak li jitqies bħala komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni;

(b) prinċipji dwar informazzjoni li tkun ġusta, ċara u mhux qarrieqa;

(c) prinċipji ġenerali għall-abbozzar ta' komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni;

(d) id-deskrizzjoni tar-riskji u l-benefiċċji fil-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni;

(e) prinċipji dwar divulgazzjonijiet relatati mal-kostijiet u t-tariffi fil-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni;

(f) informazzjoni dwar il-prestazzjoni fil-passat u fil-futur fil-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni.";

(5) L-Artikoli 5 u 6 jitħassru;

(6) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

Verifika tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ma għandhomx jesiġu n-notifika minn qabel ta' komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni li l-AIFMs, il-maniġers tal-EuVECA, il-maniġers tal-EuSEF u l-UCITS ikollhom l-intenzjoni li jużaw

direttament jew indirettament fin-negozjati tagħhom mal-investituri bħala kundizzjoni minn qabel għall-kummerċjalizzazzjoni tal-AIFs u l-UCITS fit-territorju tagħhom.

2. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jkollhom raġunijiet validi biex jissuspettaw li l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4, huma jistgħu jaġixxu f'konformità mas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 14a(5) u (7) u fl-Artikolu 14b(5) u (7).";

(7) Jitħassar l-Artikolu 8;

(8) L-Artikolu 9 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

Prinċipji komuni rigward tariffi jew ħlasijiet

1. Meta jiġu imposti tariffi jew ħlasijiet mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-AIFs u tal-UCITS fit-territorju tagħhom, tali tariffi jew ħlasijiet għandhom ikunu konsistenti u ġustifikati mal-ispiża ġenerali relatata mat-twettiq tal-funzjonijiet ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti.

2. Sa [Jekk jogħġbok daħħal id-data = 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u kull sentejn wara dan, l-ESMA għandha twettaq rieżami tat-tariffi jew tal-ħlasijiet imsemmija fil-paragrafu 1 li huma imposti mill-awtoritajiet kompetenti ospitanti fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-AIFs u tal-UCITS fit-territorju tagħhom u għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jindika jekk tali tariffi jew ħlasijiet humiex konsistenti mal-ispiża ġenerali relatata mat-twettiq tal-funzjonijiet ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti.";

(9) l-Artikolu 10 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 10

Pubblikazzjoni tal-arranġamenti tal-awtoritajiet kompetenti dwar it-tariffi jew il-ħlasijiet fuq is-sit web tal-ESMA

1. Fir-rigward tat-tariffi jew il-ħlasijiet imsemmija fl-Artikolu 9(1), l-ESMA għandha tippubblika u żżomm informazzjoni aġġornata fuq is-sit web tagħha, li għandha tinkludi mill-inqas dan li ġej:

   (a) lista ta' awtoritajiet kompetenti akkumpanjata minn indikazzjoni ta' jekk it-tariffi jew il-ħlasijiet imsemmija fl-Artikolu 9(1) humiex imposti;

   (b) għal kull awtorità kompetenti li timponi tariffi jew ħlasijiet kif imsemmi fl-Artikolu 9(1), għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni li ġejja:

      (a) l-ammont ta' tariffi applikabbli, inkluża l-istruttura tat-tariffi applikata;

      (b) il-frekwenza u t-twaqqit ta' tali tariffi jew ħlasijiet;

      (c) il-mezzi u l-istruzzjonijiet tal-ħlas ta' tali tariffi jew ħlasijiet;

      (d) kwalunkwe informazzjoni oħra li AIFM, maniġer ta' EuVECA, maniġer ta' EuSEF u UCITS ikunu jeħtieġu sabiex jiżguraw il-ħlas

preċiż u f'waqtu tat-tariffi jew tal-ħlasijiet f'konformità mar-regoli u l-proċeduri nazzjonali ta' kull awtorità kompetenti.

2. Meta jiġu imposti tariffi jew ħlasijiet mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 9(1), l-AIFMs, il-maniġers tal-EuVECA, il-maniġers tal-EuSEF u l-UCITS għandhom jorganizzaw il-ħlas ta' tali tariffi jew ħlasijiet f'konformità mal-informazzjoni pprovduta fuq is-sit web tal-ESMA kif imsemmi fil-paragrafu 1.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu responsabbli biex jipprovdu lill-ESMA bl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, inkluż kwalunkwe aġġornament tagħha, fil-ħin u fuq bażi kontinwa.

4. L-ESMA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe informazzjoni mhux kompluta jew mhux akkurata fir-rigward tat-tariffi jew il-ħlasijiet fuq is-sit web tagħha.";

(10) Jitħassar l-Artikolu 11;

(11) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 12

Pjattaforma tad-data tal-ESMA għall-iskambju ta' informazzjoni u dokumentazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti

1. F'konformità mal-Artikolu 35c tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA għandha sa [Jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] tiżviluppa pjattaforma tad-data, li għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

   (a) fir-rigward tal-UCITS li jikkummerċjalizzaw l-unitajiet tagħhom fi Stat Membru għajr l-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom, l-Istati Membri domiċiljari u ospitanti tal-UCITS, il-kumpanija maniġerjali tal-UCITS, u d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 4 tal-Artikolu 17c;

   (b) fir-rigward tal-AIFMs li jikkummerċjalizzaw fl-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom unitajiet jew ishma tal-AIFs li huma stabbiliti fi Stati Membri oħra, l-Istati Membri domiċiljari tal-AIFM u l-AIFs li jikkummerċjalizzaw, u d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 5 tal-Artikolu 17f;

   (c) fir-rigward tal-AIFMs li jikkummerċjalizzaw unitajiet jew ishma tal-AIFs fi Stati Membri għajr l-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom, l-Istati Membri domiċiljari u ospitanti tal-AIFM u d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 4 tal-Artikolu 17g;

   (d) kwalunkwe bidla materjali fl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (c); u

   (e) d-denotifiki trażmessi f'konformità mal-Artikoli 17d u 17h.

2. L-ESMA għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jkollhom aċċess immedjat b'mezzi elettroniċi permezz tal-pjattaforma tad-data, għall-informazzjoni u d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u, fejn rilevanti, għal kwalunkwe traduzzjoni tagħhom.

3. L-ESMA għandha tiżgura li l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni trażmessi lill-pjattaforma tad-data jkunu jistgħu jiġu tradotti awtomatikament mill-awtoritajiet kompetenti bi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

L-ESMA ma għandhiex tinżamm responsabbli għal kwalunkwe żball, ommissjoni jew ineżattezza li tirriżultaa mit-traduzzjoni awtomatika tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu.

4. L-ESMA għandha sa [Jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] tippubblika fuq is-sit web tagħha u tagħmel disponibbli għall-pubbliku b'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali dan li ġej:

(a) l-AIFs kollha li huma kkummerċjalizzati fi Stat Membru għajr l-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM, l-AIFM tagħhom, il-maniġer ta' EuSEF jew il-maniġer ta' EuVECA, u l-Istati Membri li fihom huma kkummerċjalizzati; u

(b) l-UCITS kollha li jiġu kkummerċjalizzati fi Stat Membru għajr l-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS, il-kumpanija maniġerjali tal-UCITS tagħhom u l-Istati Membri li fihom jiġu kkummerċjalizzati.

5. L-obbligi f'dan l-Artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-obbligi relatati mal-lista msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2009/65/KE, għar-reġistru pubbliku ċentrali msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(5) tad-Direttiva 2011/61/UE, għall-bażi tad-data ċentrali msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 u għall-bażi tad-data ċentrali msemmija fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 346/2013.

(12) jiddaħħal l-Artikolu 12a li ġej:

"Artikolu 12a

Divulgazzjoni lill-investituri

1. Meta AIFM jew UCITS jikkummerċjalizzaw l-unitajiet ta' AIF jew ta' UCITS fi Stat Membru ospitanti, huma għandhom jipprovdu lill-investituri fit-territorju ta' tali Stat Membru l-informazzjoni u d-dokumenti kollha li huma meħtieġa jipprovdu lill-investituri fl-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom skont il-Kapitolu IX tad-Direttiva 2009/65/KE u l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2011/61/UE.

2. L-informazzjoni u d-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu pprovduti lill-investituri f'konformità ma' dan li ġej:

(a) id-dokument bl-informazzjoni ewlenija kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 għandu jiġi tradott f'konformità ma' dak ir-Regolament;

(b) informazzjoni jew dokumenti minbarra dawk imsemmija fil-punt (a) għandhom jiġu tradotti f'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali;

(c) fejn rilevanti, it-traduzzjonijiet ta' informazzjoni jew dokumenti skont il-paragrafu 1 għandhom isiru taħt ir-responsabbiltà tal-AIFM jew tal-UCITS u għandhom jirriflettu fedelment il-kontenut tal-informazzjoni oriġinali.

3. Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2, il-punti (a) sa (c) għandhom ikunu applikabbli wkoll għal kwalunkwe bidla materjali fl-informazzjoni u d-dokumenti msemmija fih.

4. Il-frekwenza tal-pubblikazzjoni tal-prezz tal-ħruġ, tal-bejgħ, tax-xiri mill-ġdid jew tat-tifdija ta' unitajiet ta' UCITS skont l-Artikolu 76 tad-Direttiva 2009/65/KE għandha tkun soġġetta għal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS.";

(13) Jitħassar l-Artikolu 13;

(14) l-Artikolu 14, il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

"2. Is-setgħat mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti skont id-Direttivi 2009/65/KE u 2011/61/UE, ir-Regolamenti (UE) Nru 345/2013, (UE) Nru 346/2013 u (UE) 2015/760, inklużi dawk relatati ma' penali jew miżuri oħra, għandhom jiġu eżerċitati wkoll fir-rigward tal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-qasam kopert minn dan ir-Regolament.";

(15) Jiddaħħlu l-Artikoli 14a sa 14e li ġejjin:

"*Artikolu 14a*

Setgħat tal-awtoritajiet kompetenti tal-UCITS

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS għandhom ikunu kompetenti biex jissorveljaw dik l-UCITS għall-kwistjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u, fejn rilevanti, fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2009/65/KE.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS għandhom ikunu kompetenti biex jissorveljaw il-konformità tal-UCITS ikkummerċjalizzati fit-territorju tagħhom mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 12a u 17b ta' dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet li jaqgħu barra mill-qasam irregolat minn dan ir-Regolament u mid-Direttiva 2009/65/KE.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS jistgħu jeħtieġu li UCITS ikkummerċjalizzata fit-territorju tagħhom tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għas-superviżjoni tal-konformità tal-UCITS mar-regoli applikabbli li għalihom huma responsabbli dawk l-awtoritajiet kompetenti, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS biss għandu jkollhom is-setgħa li jieħdu azzjoni kontra dik l-UCITS għall-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS jistgħu jieħdu azzjoni kontra dik l-UCITS jekk tikser il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 li jkunu fis-seħħ f'dak l-Istat Membru.

B'deroga mit-tieni subparagrafu, fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS ikunu tal-opinjoni li UCITS ma tikkonformax mar-rekwiżiti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 u li għal dik ir-raġuni huma għandhom jipprevjenu kwalunkwe kummerċjalizzazzjoni ulterjuri ta' dik l-UCITS fit-territorju tagħhom, huma għandhom jirreferu l-kwistjoni lill-ESMA li għandha taġixxi f'konformità mas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 14c(4), il-punt (b).

4. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS jiddeċiedu li jirtiraw l-awtorizzazzjoni, jew li jissospendu l-ħruġ, ix-xiri mill-ġdid jew it-tifdija tal-unitajiet ta' UCITS, f'konformità mal-kompetenzi stabbiliti fil-paragrafu 1, huma għandhom jikkomunikaw dawk id-deċiżjonijiet mingħajr dewmien lill-ESMA permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12.

   L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data li tindika d-deċiżjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu.

5. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS ikunu kompetenti biex jissorveljaw l-UCITS f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS li jkollhom raġunijiet ċari u dimostrabbli biex iqisu li UCITS, li l-unitajiet tagħha jkunu kkummerċjalizzati fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, tkun qed tikser l-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament jew id-dispożizzjonijiet adottati skont id-Direttiva 2009/65/KE, għandhom jirreferu dawk is-sejbiet lill-ESMA permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12.

   L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data li tindika s-sejbiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu u għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jieħdu miżuri xierqa biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni.

   L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS jistgħu, meta jkollhom raġunijiet raġonevoli biex jagħmlu dan, jitolbu speċifikament lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS biex jeżerċitaw, mingħajr dewmien, is-setgħat skont l-Artikolu 98(2) tad-Direttiva 2009/65/KE, għajr il-punt (j) ta' dak il-paragrafu, filwaqt li jispeċifikaw ir-raġunijiet għat-talba tagħhom b'mod kemm jista' jkun speċifiku u jinformaw lill-ESMA permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12 u, fejn ikun hemm riskji potenzjali għall-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja, lill-BERS dwar dan.

6. Malli jiġu infurmati f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-paragrafu 5, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jinformaw lill-ESMA permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12, u, jekk ikun hemm riskji potenzjali għall-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja, lill-BERS, dwar is-setgħat eżerċitati biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni identifikata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS u dwar is-sejbiet tagħhom.

   L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data li tindika dawk is-setgħat u s-sejbiet.

   L-ESMA tista' titlob lill-awtoritajiet kompetenti jippreżentawlha, mingħajr dewmien żejjed, spjegazzjonijiet fir-rigward ta' każijiet speċifiċi li joħolqu theddida serja għall-protezzjoni tal-investituri, għall-funzjonament ordnat u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew parti minnha fl-Unjoni.

7. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS iqisu li minkejja l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS jew minħabba n-nuqqas ta' miżuri meħuda minnhom, l-UCITS tippersisti li taġixxi b'mod li jkun ta' preġudizzju ċar għall-interessi tal-investituri tal-Istat

Membru ospitanti tal-UCITS, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS għandhom jinfurmaw lill-ESMA b'dan permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12 u jistgħu jitolbuha taġixxi f'konformità mas-setgħat imsemmija fir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data li tindika l-intenzjoni tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS li jitlob lill-ESMA ssolvi l-kwistjoni skont l-ewwel subparagrafu.

8. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS jistgħu jitolbu wkoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS jeżerċitaw is-setgħat skont l-Artikolu 84(2), il-punt (b) tad-Direttiva 2009/65/KE, filwaqt li jispeċifikaw ir-raġunijiet għat-talba u jinformaw lill-ESMA permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12 u, jekk ikun hemm riskji potenzjali għall-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja, lill-BERS dwarha.

9. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS ma jaqblux mat-talba msemmija fil-paragrafu 8, huma għandhom jinformaw lill-ESMA permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12, u, meta l-BERS ikun ġie infurmat b'dik it-talba skont il-paragrafu 8, lill-BERS b'dan, filwaqt li jiddikjaraw ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil.

L-awtoritajiet kompetenti li jagħmlu t-talba għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data li tindika n-nuqqas ta' qbil tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS u r-raġunijiet għal dan.

10. Abbażi tal-informazzjoni riċevuta skont il-paragrafi 8 u 9, l-ESMA għandha toħroġ mingħajr dewmien żejjed opinjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS dwar l-eżerċizzju tas-setgħat skont l-Artikolu 84(2), il-punt (b) tad-Direttiva 2009/65/KE.

L-ESMA għandha tikkomunika l-opinjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS.

11. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS ma jaqblux mal-opinjoni tal-ESMA msemmija fil-paragrafu 10, huma għandhom jinfurmaw lill-ESMA b'dan permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12 u għandhom jitolbu lill-ESMA ssolvi l-kwistjoni f'konformità mas-setgħat mogħtija lilha skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data li tindika l-intenzjoni tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS li jitlob lill-ESMA ssolvi l-kwistjoni skont l-ewwel subparagrafu.

12. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fit-territorji tagħhom ikun legalment possibbli li jiġu nnotifikati d-dokumenti legali meħtieġa għall-miżuri li jistgħu jittieħdu mill-Istat Membru ospitanti tal-UCITS fir-rigward tal-UCITS skont il-paragrafu 3.

Artikolu 14b

Setgħat tal-awtoritajiet kompetenti tal-AIFM

1. L-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom ikunu kompetenti biex jissorveljaw dak l-AIFM għal kwistjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament inkluż, fejn rilevanti, skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2011/61/UE.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM għandhom ikunu kompetenti biex jissorveljaw il-konformità tal-AIFs ikkummerċjalizzati fit-territorju tagħhom u tal-AIFMs li jimmaniġġjaw dawk l-AIFs mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 12a ta' dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet li jaqgħu barra mill-qasam irregolat minn dan ir-Regolament u d-Direttiva 2011/61/UE.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM jistgħu jeħtieġu li AIFM li jikkummerċjalizza AIFs fit-territorju tagħhom jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għas-superviżjoni tal-konformità tal-AIF u tal-AIFM mar-regoli applikabbli li għalihom huma responsabbli dawk l-awtoritajiet kompetenti, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM biss għandu jkollhom is-setgħa li jieħdu azzjoni kontra dak l-AIFM għall-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM jistgħu jieħdu azzjoni kontra dak l-AIFM jew kontra AIF ikkummerċjalizzat fit-territorju tagħhom jekk jikser il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 li jkunu fis-seħħ f'dak l-Istat Membru.

B'deroga mit-tieni subparagrafu, fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM ikunu tal-opinjoni li AIF ikkummerċjalizzat fit-territorju tagħhom jew l-AIFM li jimmaniġġjah ma jikkonformax mar-rekwiżiti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 u li għal dik ir-raġuni huma għandhom jipprevjenu kwalunkwe kummerċjalizzazzjoni ulterjuri ta' dak l-AIF fit-territorju tagħhom, huma għandhom jirreferu l-kwistjoni lill-ESMA li għandha taġixxi f'konformità mas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 14c(4), il-punt (b).

4. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM jiddeċiedu li jirtiraw l-awtorizzazzjoni, jew li jissospendu l-ħruġ, ix-xiri mill-ġdid jew it-tifdija tal-unitajiet jew tal-ishma tal-AIFs ikkummerċjalizzati fi Stat Membru ospitanti, f'konformità mal-kompetenzi stabbiliti fil-paragrafu 1, huma għandhom jikkomunikaw dawk id-deċiżjonijiet mingħajr dewmien lill-ESMA permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data li tindika d-deċiżjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu.

5. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM ikunu kompetenti biex jissorveljaw l-AIFM u l-AIFs ikkummerċjalizzati fit-territorju tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM li jkollhom raġunijiet ċari u dimostrabbli biex jemmnu li AIFM li jikkummerċjalizza unitajiet jew ishma tal-AIFs fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jkun qed jikser l-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament jew id-dispożizzjonijiet adottati skont id-Direttiva 2011/61/UE għandhom jirreferu dawk is-sejbiet lill-ESMA permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data li tindika s-sejbiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu u għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jieħdu l-miżuri xierqa biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM jistgħu, meta jkollhom raġunijiet raġonevoli biex jagħmlu dan, jitolbu speċifikament lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM biex jeżerċitaw, mingħajr dewmien, is-setgħat skont l-Artikolu 46(2) għajr il-punt (j) u l-Artikolu 48 tad-Direttiva 2011/61/UE, filwaqt li jispeċifikaw ir-raġunijiet għat-talba tagħhom b'mod kemm jista' jkun speċifiku u jinformaw lill-ESMA permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12 u, jekk ikun hemm riskji potenzjali għall-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja, lill-BERS dwarha.

6. Malli jiġu infurmati skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 5, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jinformaw lill-ESMA permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12, u, jekk ikun hemm riskji potenzjali għall-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja, lill-BERS, dwar is-setgħat eżerċitati biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni identifikata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM u dwar is-sejbiet tagħhom.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data li tindika dawk is-setgħat u s-sejbiet.

L-ESMA tista' titlob lill-awtoritajiet kompetenti jippreżentawlha, mingħajr dewmien żejjed, spjegazzjonijiet fir-rigward ta' każijiet speċifiċi li joħolqu theddida serja għall-protezzjoni tal-investituri, għall-funzjonament ordnat u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew parti minnha fl-Unjoni.

7. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM jemmnu li minkejja l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM jew minħabba n-nuqqas ta' miżuri meħuda minnu, l-AIFM li jikkummerċjalizza AIF fit-territorju tagħhom jew l-AIF jippersisti li jaġixxi b'mod li huwa ċarament ta' preġudizzju għall-interessi tal-investituri tal-Istat Membru ospitanti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM għandhom jinfurmaw lill-ESMA b'dan permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12 u jistgħu jitolbuha taġixxi f'konformità mas-setgħat mogħtija lilha skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data li tindika l-intenzjoni tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM li jitlob lill-ESMA ssolvi l-kwistjoni skont l-ewwel subparagrafu.

8. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM jistgħu jitolbu wkoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM jeżerċitaw is-setgħat skont l-Artikolu 46(2), il-punt (j) tad-Direttiva 2011/61/UE, filwaqt li jispeċifikaw ir-raġunijiet għat-talba u jinformaw lill-ESMA permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12 u, jekk ikun hemm riskji potenzjali għall-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja, lill-BERS dwarha.

9. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM ma jaqblux mat-talba msemmija fil-paragrafu 8, huma għandhom jinformaw lill-ESMA permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12, u, meta l-BERS ikun ġie infurmat b'dik it-talba skont il-paragrafu 8, lill-BERS dwar dan, filwaqt li jiddikjaraw ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil.

L-awtoritajiet kompetenti li jagħmlu t-talba għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data li tindika n-nuqqas ta' qbil tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM u r-raġunijiet għal dan.

10. Abbażi tal-informazzjoni riċevuta skont il-paragrafi 8 u 9, l-ESMA għandha toħroġ mingħajr dewmien żejjed opinjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM dwar l-eżerċizzju tas-setgħat skont l-Artikolu 46(2), il-punt (j) tad-Direttiva 2011/61/UE. L-ESMA għandha tikkomunika dik l-opinjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM.

11. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM ma jaqblux mal-opinjoni tal-ESMA msemmija fil-paragrafu 10, huma għandhom jinfurmaw lill-ESMA b'dan permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12 u għandhom jitolbu lill-ESMA ssolvi l-kwistjoni f'konformità mas-setgħat mogħtija lilha skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data li tindika l-intenzjoni tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM li jitlob lill-ESMA ssolvi l-kwistjoni skont l-ewwel subparagrafu.

12. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fit-territorji tagħhom ikun legalment possibbli li jiġu nnotifikati d-dokumenti legali meħtieġa għall-miżuri li jistgħu jittieħdu mill-Istat Membru ospitanti tal-AIFM fir-rigward tal-AIFMs jew l-AIFs ikkummerċjalizzati fit-territorju tagħhom, skont il-paragrafu 3.

Artikolu 14c

Setgħat tal-ESMA biex tindirizza kwistjonijiet transfruntieri

1. L-ESMA għandha, fuq bażi kontinwa, tidentifika azzjonijiet superviżorji diverġenti, duplikati, żejda u defiċjenti li jirriżultaw mill-awtoritajiet kompetenti ta' domiċilju jew ospitanti u li jfixklu l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' passaportar mill-UCITS u mill-AIFs ikkummerċjalizzati fuq bażi transfruntiera f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tinteraġixxi mal-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, u, fejn applikabbli, tiġbor informazzjoni addizzjonali biex tidentifika kwistjonijiet transfruntieri eżistenti jew potenzjali.

Meta, skont l-ewwel subparagrafu, l-ESMA tidentifika kwistjonijiet transfruntieri eżistenti jew potenzjali, hija għandha tipproponi azzjonijiet korrettivi lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti għat-tneħħija tagħhom.

3. Meta, minkejja l-azzjonijiet korrettivi msemmija fil-paragrafu 2 jew minħabba li l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jonqsu milli jimplimentaw dawk l-azzjonijiet korrettivi, il-kwistjonijiet identifikati skont il-paragrafu 2 jippersistu, l-ESMA għandha, mingħajr dewmien żejjed, teżerċita mill-inqas waħda mis-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikoli 17, 17aaa, 19 jew 19a tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 fil-każijiet li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS jew tal-AIFM, il-maniġer ta' EuVECA jew il-maniġer ta' EuSEF jipprevjenu jew ikollhom l-intenzjoni li jipprevjenu UCITS jew AIF milli jiġu kkummerċjalizzati fit-territorju tagħhom f'konformità mal-Artikoli 14a(2) u 14b(2) ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 18(3) tar-Regolament

(UE) Nru 345/2013 u l-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013, jew jimponu rekwiżiti fuq tali kummerċjalizzazzjoni li ma jkunux konformi mar-Regolament (UE) 2019/1156;

(b) UCITS jew AIF jiġi kkummerċjalizzat jew ikun maħsub li jiġi kkummerċjalizzat fuq bażi transfruntiera fil-waqt li ma jkunx konformi mad-dritt tal-Unjoni.

L-obbligu li tiġi eżerċitata mill-inqas waħda mis-setgħat imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kapaċità tal-ESMA li tuża kwalunkwe waħda mis-setgħat mogħtija lilha skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 barra mill-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.

4. Minkejja l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, l-ESMA tista' tissospendi UCITS milli tiġi kkummerċjalizzata fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew AIFM, maniġer ta' EuVECA jew maniġer ta' EuSEF milli jikkummerċjalizza AIF fi Stat Membru ieħor meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet kompetenti jew il-partijiet ikkonċernati jonqsu milli jimplimentaw deċiżjoni, opinjoni, rakkomandazzjoni jew azzjoni adottata jew meħtieġa mill-ESMA f'konformità mal-paragrafu 3 jew opinjoni maħruġa mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010;

(b) L-ESMA kkonkludiet li UCITS jew AIF ikkummerċjalizzat fuq bażi transfruntiera ma għadux jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, tad-Direttivi 2009/65/KE u 2011/61/UE jew tar-Regolamenti (UE) Nru 345/2013 u (UE) Nru 346/2013.

5. Qabel ma tissospendi l-kummerċjalizzazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 4, l-ESMA għandha tibgħat l-abbozz tas-sejbiet tagħha lill-UCITS, lill-AIFM, lill-maniġer tal-EuVECA jew lill-maniġer tal-EuSEF ikkonċernat u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' domiċilju tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jistgħu jippreżentaw lill-ESMA dikjarazzjoni motivata fi żmien 30 jum kalendarju minn meta jirċievu l-abbozz tas-sejbiet.

6. L-ESMA għandha tinnotifika minnufih lill-UCITS, lill-AIFM, lill-maniġer tal-EuVECA jew lill-maniġer tal-EuSEF, kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti tagħhom dwar is-sospensjoni tal-kapaċità li jikkummerċjalizzaw unitajiet jew ishma tal-UCITS jew tal-AIFs fuq bażi transfruntiera. Is-sospensjoni tista' tibda fid-data tan-notifika lill-UCITS, lill-AIFM, lill-maniġer tal-EuVECA jew lill-maniġer tal-EuSEF u għandha tibda mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara dik in-notifika.

7. L-ESMA għandha tippubblika rapport dwar l-attività tagħha f'konformità mal-paragrafi 1 sa 4 mill-inqas darba fis-sena.

Artikolu 14d

Soluzzjoni tat-tilwim

F'każ li l-awtoritajiet kompetenti ma jaqblux dwar valutazzjoni, azzjoni jew ommissjoni ta' awtorità kompetenti waħda f'oqsma fejn dan ir-Regolament jirrikjedi kooperazzjoni jew koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti minn aktar minn Stat Membru wieħed, awtorità kompetenti waħda jew aktar jistgħu jirreferu l-kwistjoni lill-ESMA li għandha taġixxi

f'konformità mas-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

(16) Jiddaħħlu l-Artikoli 17a sa 17i li ġejjin:

"Artikolu 17a

Kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tal-UCITS fl-Unjoni

1. L-UCITS għandhom jitħallew jikkummerċjalizzaw l-unitajiet tagħhom fl-Unjoni barra mill-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom b'awtorizzazzjoni miksuba mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17c.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-ebda rekwiżit jew proċedura amministrattiva addizzjonali ma għandha tiġi imposta fuq l-UCITS fir-rigward tal-oqsma rregolati minn dan ir-Regolament u mid-Direttiva 2009/65/KE.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u tal-Artikoli 17b, 17c u 17d, UCITS għandha tinkludi l-kompartimenti ta' investiment tagħha.

4. Għall-finijiet tat-twettiq tal-attivitajiet tagħha fi Stat Membru ospitanti, UCITS tista' tuża l-istess referenza għall-forma legali tagħha (bħal kumpanija ta' investiment jew fond komuni) fid-dežinjazzjoni tagħha fi Stat Membru ospitanti tal-UCITS bħalma tuża fl-Istat Membru ta' domiċilju tagħha.

Artikolu 17b

Faċilitajiet fl-Istat Membru ospitanti tal-UCITS

1. UCITS għandha tagħmel disponibbli, f'kull Stat Membru fejn ikollha l-ħsieb li tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha, faċilitajiet biex twettaq il-kompiti li ġejjin:

   (a) tipproċessa l-ordnijiet ta' sottoskrizzjoni, ta' riakkwist u ta' tifdija u tagħmel pagamenti oħrajn lit-titolari tal-unitajiet relatati mal-unitajiet tal-UCITS, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dokumenti meħtieġa skont il-Kapitolu IX tad-Direttiva 2009/65/KE;

   (b) tipprovdi lill-investituri b'informazzjoni dwar kif l-ordnijiet imsemmija fil-punt (a) jistgħu jsiru u kif jitħallas ir-rikavat mir-riakkwist u mit-tifdija;

   (c) tiffaċilita t-trattament tal-informazzjoni u l-aċċess għall-proċeduri u l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2009/65/KE dwar l-eżerċizzju mill-investituri tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw mill-investiment tagħhom fl-UCITS fl-Istat Membru fejn l-UCITS tiġi kkummerċjalizzata;

   (d) tagħmel l-informazzjoni u d-dokumenti meħtieġa skont il-Kapitolu IX tad-Direttiva 2009/65/KE disponibbli għall-investituri skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12a, għall-finijiet ta' spezzjoni u l-kisba ta' kopji tagħhom;

(e) tipprovdi lill-investituri informazzjoni rilevanti għall-kompiti li jwettqu l-faċilitajiet f'mezz durabbli; u

(f) taġixxi bħala punt ta' kuntatt għall-komunikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti.

2. L-Istati Membri ospitanti ma għandhomx jirrikjedu li UCITS ikollha preżenza fiżika fit-territorju tagħhom jew li taħtar parti terza f'dak l-Istat Membru ospitanti għall-finijiet tal-paragrafu 1 jew għal kwalunkwe fini ieħor relatat mal-attivitajiet tal-UCITS f'dak l-Istat Membru ospitanti.

3. L-UCITS għandha tiżgura li l-faċilitajiet għat-twettiq tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1, inkluż b'mod elettroniku, jiġu pprovduti:

(a) fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS, f'lingwa approvata mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru, jew f'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali;

(b) mill-UCITS stess, minn parti terza li hija soġġetta għal regolamentazzjoni u superviżjoni li jirregolaw il-kompiti li għandhom jitwettqu, jew mit-tnejn.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), meta l-kompiti għandhom jitwettqu minn parti terza, il-ħatra ta' dik il-parti terza għandha tkun evidenzjata minn kuntratt bil-miktub, li jispeċifika liema mill-kompiti msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx jitwettqu mill-UCITS u li l-parti terza għandha tirċievi l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti kollha mill-UCITS.

Ir-responsabbiltà tal-UCITS ma għandhiex tiġi affettwata mill-fatt li l-kompiti msemmija fil-paragrafu 1 jitwettqu minn parti terza f'konformità mat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Artikolu 17c

Passaportar ibbażat fuq l-awtorizzazzjoni ta' UCITS

1. Fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni ta' UCITS f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/65/KE, meta UCITS tipproponi li tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' domiċilju tagħha, għandha tindika dawk l-Istati Membri fl-applikazzjoni tagħha għall-awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħha.

L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-arranġamenti magħmula għall-kummerċjalizzazzjoni tal-unitajiet tal-UCITS fl-Istati Membri ospitanti, inkluż, fejn rilevanti, fir-rigward tal-klassijiet tal-ishma u indikazzjoni li l-UCITS hija kkummerċjalizzata mill-kumpanija maniġerjali li timmaniġġja l-UCITS.

L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandha tinkludi wkoll informazzjoni dwar il-faċilitajiet għat-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 17b.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, UCITS għandha tehmeż mal-applikazzjoni tagħha għall-awtorizzazzjoni dan li ġej:

(a) ir-regoli tal-fond tagħha jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tagħha;

(b) il-prospett tagħha u, fejn xieraq, l-aħħar rapport annwali tagħha;

(c) id-dokument bl-informazzjoni ewlenija tagħha kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tradott f'konformità ma' dak ir-Regolament; u

(d) fejn disponibbli, il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 4, akkumpanjati minn attestazzjoni mill-UCITS li din tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu.

L-informazzjoni msemmija fil-punti (a), u (b) u l-attestazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (d), għandhom jiġu pprovduti mill-inqas f'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS għandhom jivverifikaw jekk l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni mressqa mill-UCITS f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 humiex kompluti.

4. Mal-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS għandhom iħejju ittra ta' awtorizzazzjoni li jkun fiha Anness li jelenka l-Istati Membri ospitanti li fihom l-UCITS tkun biħsiebha tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha, flimkien ma' dikjarazzjoni li l-UCITS tissodisfa l-kundizzjonijiet imposti minn dan ir-Regolament u d-Direttiva 2009/65/KE.

5. Mal-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS għandhom jinnotifikaw lill-ESMA billi jittrażmettu d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 4 lill-ESMA permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12. .

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti tal-UCITS għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data li tindika li UCITS ġdida għandha tiġi kkummerċjalizzata fit-territorju tagħhom u għandu jkollhom aċċess immedjat u dirett għad-dokumentazzjoni trażmessa skont l-ewwel subparagrafu.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS għandhom jinnotifikaw minnufih lill-UCITS dwar it-trażmissjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu. Mid-data ta' dik it-trażmissjoni, l-UCITS jista' jkollha aċċess għas-swieq tal-Istati Membri ospitanti tal-UCITS.

6. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS għandhom jiżguraw li l-ittra ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 tiġi pprovduta mill-inqas f'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali.

7. Meta UCITS tkun diġà ġiet awtorizzata u tixtieq tikkummerċjalizza l-unitajiet jew l-ishma tagħha fi Stat Membru ġdid, għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħha tal-Istati Membri ospitanti l-ġodda li fihom ikollha l-ħsieb li tikkummerċjalizza l-unitajiet jew l-ishma tagħha u għandha tinkludi informazzjoni dwar l-arranġamenti magħmula għall-kummerċjalizzazzjoni u, fejn disponibbli, il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 4, akkumpanjati minn attestazzjoni mill-UCITS li hija tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS għandhom jaġġornaw l-Anness għall-ittra ta' awtorizzazzjoni, li telenka l-Istati Membri ospitanti l-ġodda li fihom l-UCITS ikollha l-ħsieb li tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha u jinnotifikaw lill-ESMA billi jittrażmettu l-ittra ta' awtorizzazzjoni aġġornata u fejn rilevanti l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni aġġornati permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti ġodda tal-UCITS għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data li tindika li UCITS ġdida għandha tiġi kkummerċjalizzata fit-territorju tagħhom u għandu jkollhom aċċess immedjat u dirett għad-dokumentazzjoni trażmessa skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS għandhom jinnotifikaw minnufih lill-UCITS dwar it-trażmissjoni msemmija fit-tieni subparagrafu. Mid-data ta' dik it-trażmissjoni, l-UCITS jista' jkollha aċċess għas-swieq tal-Istati Membri ospitanti l-ġodda.

8. Għall-finijiet tal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti li fih l-UCITS tipproponi li tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha ma għandhomx jitolbu jew jirrikjedu dokumenti, ċertifikati jew informazzjoni addizzjonali għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 4 ta' dan l-Artikolu.

9. Fil-każ ta' bidla materjali fl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ppreżentati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS skont il-paragrafi 1 u 2, l-UCITS għandha tagħti avviż bil-miktub dwar dan lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħha mill-inqas 15-il jum tax-xogħol qabel ma timplimenta dik il-bidla.

10. Meta, skont bidla kif imsemmi fil-paragrafu 9, l-UCITS ma tibqax konformi ma' dan ir-Regolament jew mad-Direttiva 2009/65/KE, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS għandhom jinfurmaw lill-UCITS fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta jirċievu l-informazzjoni li ma għandhiex timplimenta dik il-bidla. F'dak il-każ, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS għandhom jinnotifikaw lill-ESMA b'dan permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti tal-UCITS għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data bl-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu.

11. Meta bidla materjali msemmija fil-paragrafu 9 tiġi implimentata wara li tkun ġiet trażmessa l-informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 10 u meta skont dik il-bidla l-UCITS ma tibqax konformi ma' dan ir-Regolament jew mad-Direttiva 2009/65/KE, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha f'konformità mal-Artikolu 98 tad-Direttiva 2009/65/KE, inkluż, fejn meħtieġ, il-projbizzjoni espliċita tal-kummerċjalizzazzjoni tal-UCITS. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS għandhom jinnotifikaw lill-ESMA dwar tali miżuri mingħajr dewmien permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti tal-UCITS għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data, li tindika l-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu.

12. Jekk, minkejja l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS jew minħabba li tali miżuri jirriżultaw inadegwati, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jkollhom raġunijiet ċari u dimostrabbli biex iqisu li, wara l-bidliet imsemmija fil-paragrafu 9, l-UCITS tkompli tikser ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew tad-Direttiva 2009/65/KE b'mod li jkun ta' preġudizzju ċar għall-interessi tal-investituri tal-Istat Membru ospitanti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS, jistgħu jirreferu l-kwistjoni lill-ESMA, li tista'

taġixxi f'konformità mas-setgħat mogħtija lilha skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 17d

Arranġamenti biex tiġi denotifikata l-kummerċjalizzazzjoni tal-UCITS

1. Meta UCITS ikollha l-intenzjoni li ttemm il-kummerċjalizzazzjoni tal-unitajiet tagħha inkluż, fejn rilevanti, fir-rigward tal-klassijiet tal-ishma, fi Stat Membru li fir-rigward tiegħu tkun għamlet notifika f'konformità mal-Artikolu 17c, hija għandha tissottometti denotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħha, li għandha tinkludi l-intenzjoni li ttemm l-arranġamenti magħmula għall-kummerċjalizzazzjoni ta' tali unitajiet f'dak l-Istat Membru. Din l-intenzjoni għandha ssir pubblika b'mezzi elettroniċi, li hija użanza għall-kummerċjalizzazzjoni tal-UCITS u xierqa għal investitur tipiku tal-UCITS.

   L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi pprovduta mill-inqas f'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS għandhom jivverifikaw jekk id-denotifika ppreżentata mill-UCITS f'konformità mal-paragrafu 1 hijiex kompluta.

   L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS għandhom, mhux aktar tard minn 5 ijiem tax-xogħol minn meta jirċievu d-denotifika kompluta, jittrażmettu dik id-denotifika lill-ESMA permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12 u jinnotifikaw minnufih lill-UCITS dwar dik it-trażmissjoni.

   L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti identifikati fid-denotifika għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data, li tindika l-intenzjoni ta' UCITS li ttemm l-arranġamenti ta' kummerċjalizzazzjoni f'dak l-Istat Membru f'konformità mal-paragrafu 1.

   Mid-data tat-trażmissjoni msemmija fit-tieni subparagrafu, l-UCITS għandha twaqqaf kwalunkwe offerta jew pjazzament ġdid jew ulterjuri, dirett jew indirett, tal-unitajiet tagħha fl-Istat Membru li fir-rigward tiegħu tkun issottomettiet denotifika f'konformità mal-paragrafu 1.

Artikolu 17e

Prekummerċjalizzazzjoni fl-Unjoni minn AIFM tal-UE

1. AIFM tal-UE għandu jitħalla jagħmel prekummerċjalizzazzjoni fl-Unjoni.

2. L-AIFMs tal-UE għandhom jiżguraw li l-investituri ma jakkwistawx unitajiet jew ishma f'AIF permezz ta' prekummerċjalizzazzjoni u li l-investituri kkuntattjati bħala parti mill-prekummerċjalizzazzjoni jkunu jistgħu jakkwistaw biss unitajiet jew ishma f'dak l-AIF permezz ta' kummerċjalizzazzjoni permessa skont l-Artikoli 17f jew 17g.

3. Parti terza għandha tagħmel prekummerċjalizzazzjoni biss f'isem AIFM awtorizzat tal-UE meta tkun awtorizzata bħala ditta tal-investiment f'konformità mad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38], bħala istituzzjoni ta' kreditu

[38] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39], bħala kumpanija maniġerjali tal-UCITS f'konformità mad-Direttiva 2009/65/KE, bħala AIFM f'konformità mad-Direttiva 2011/61/UE, jew taġixxi bħala aġent marbut f'konformità mad-Direttiva 2014/65/UE. Tali parti terza għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

4. L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda rekwiżit addizzjonali fuq il-prekummerċjalizzazzjoni tal-UCITS u tal-AIFs fit-territorju tagħhom għajr dawk stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Artikolu 17f

Passaportar ibbażat fuq awtorizzazzjoni għal AIFM tal-UE li jikkummerċjalizza unitajiet jew ishma ta' AIFs tal-UE fl-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu

1. Meta fil-mument tal-awtorizzazzjoni ta' AIFM tal-UE f'konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2011/61/UE, dak l-AIFM jipproponi li jikkummerċjalizza ma' investituri professjonali fl-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu l-unitajiet jew l-ishma ta' AIF tal-UE li jkollu l-ħsieb li jimmaniġġja, huwa għandu jindika dan fl-applikazzjoni tiegħu għal awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu.

   Meta l-AIF tal-UE jkun AIF ta' alimentazzjoni, id-dritt għall-kummerżjalizzazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu huwa soġġett għall-kundizzjoni li l-AIF ewlieni jkun ukoll AIF tal-UE li jkun immaniġġjat minn AIFM tal-UE awtorizzat.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-AIFM għandu jehmeż mal-applikazzjoni tiegħu għall-awtorizzazzjoni, dan li ġej:

   (a) programm ta' operazzjonijiet li jidentifika l-AIF tal-UE li l-AIFM biħsiebu jikkummerċjalizza fl-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu u informazzjoni dwar fejn hu stabbilit l-AIF tal-UE;

   (b) ir-regoli jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-AIF tal-UE;

   (c) l-identifikazzjoni tad-depożitarju tal-AIF tal-UE;

   (d) informazzjoni dwar fejn hu stabbilit l-AIF ewlieni jekk l-AIF tal-UE huwa AIF ta' alimentazzjoni;

   (e) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali msemmija fl-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2011/61/UE għal kull AIF tal-UE li l-AIFM biħsiebu jikkummerċjalizza;

   (f) fejn rilevanti, għal kull AIF tal-UE li l-AIFM biħsiebu jikkummerċjalizza, il-prospett u d-dokumenti tal-offerta tiegħu;

   (g) fejn rilevanti, informazzjoni dwar l-arranġamenti stabbiliti biex jipprevjenu li l-unitajiet jew l-ishma tal-AIF tal-UE jiġu kkummerċjalizzati ma' investituri bl-imnut, inkluż fil-każ fejn l-AIFM

[39] Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

jiddependi fuq attivitajiet ta' entitajiet indipendenti biex jipprovdi servizzi ta' investiment fir-rigward tal-AIF tal-UE; u

(h) fejn disponibbli, għal kull AIF tal-UE li l-AIFM biħsiebu jikkummerċjalizza, il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 4, akkumpanjati minn attestazzjoni mill-AIFM li dan jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu.

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi pprovduta mill-inqas f'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jivverifikaw jekk l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ppreżentati mill-AIFM f'konformità mal-paragrafu 2 humiex kompluti.

4. Mid-data tal-awtorizzazzjoni tal-AIFM u dment li tiġi ssodisfata l-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 3, l-AIFM jista' jibda jikkummerċjalizza l-AIF tal-UE identifikat fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni fl-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu.

5. Meta l-AIF tal-UE identifikat fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni jkun stabbilit fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom, minbarra r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4, iħejju ittra ta' awtorizzazzjoni li jkun fiha Anness li jelenka l-AIFs tal-UE li l-AIFM biħsiebu jikkummerċjalizza fl-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu, kif ukoll l-Istati Membri ta' dawk l-AIFs tal-UE flimkien ma' dikjarazzjoni li l-AIFM jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u tad-Direttiva 2011/65/KE.

Mal-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jinnotifikaw lill-ESMA, billi jittrażmettu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 u fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIF tal-UE għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data, li tindika l-intenzjoni tal-AIFM li jikkummerċjalizza l-AIF tal-UE fl-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM u għandu jkollhom aċċess immedjat u dirett għad-dokumentazzjoni trażmessa skont it-tieni subparagrafu.

6. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jiżguraw li l-ittra ta' awtorizzazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5 tiġi pprovduta mill-inqas f'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali.

7. Meta l-AIFM jipproponi li jikkummerċjalizza ma' investituri professjonali fl-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu l-unitajiet jew l-ishma ta' AIF tal-UE li jkun biħsiebu jimmaniġġja, f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM u l-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIF tal-UE ma għandhomx jitolbu jew jirrikjedu dokumenti, ċertifikati jew informazzjoni addizzjonali għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 2 u 5.

8. Meta AIFM ikun diġà ġie awtorizzat u jixtieq jikkummerċjalizza ma' investituri professjonali fl-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu l-unitajiet jew l-ishma ta' AIFs ġodda tal-UE, minbarra dawk imsemmija fl-applikazzjoni tiegħu għall-awtorizzazzjoni, huwa għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu dwar l-AIFs il-ġodda tal-UE li biħsiebu

jikkummerċjalizza, f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, u għandu jipprovdi l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jivverifikaw jekk l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ppreżentati mill-AIFM f'konformità mal-ewwel subparagrafu humiex kompluti.

L-AIFM għandu jkun jista' jikkummerċjalizza l-AIFs il-ġodda tal-UE fl-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu mid-data tan-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, dment li tiġi ssodisfata l-kundizzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-AIFM ma għandux ikun meħtieġ jissottometti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu informazzjoni jew dokumentazzjoni li jkun diġà pprovda għall-fini tal-awtorizzazzjoni tiegħu u li ma tkunx ġiet emendata materjalment minn dak iż-żmien 'l hawn.

9. Meta l-AIFM ikollu l-intenzjoni li jikkummerċjalizza fl-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu AIFs ġodda tal-UE li huma stabbiliti fi Stati Membri għajr l-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM, minbarra l-proċedura msemmija fil-paragrafu 8, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jaġġornaw l-Anness għall-ittra ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 5, li telenka l-AIFs il-ġodda tal-UE li l-AIFM jikkummerċjalizza fl-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu, kif ukoll l-Istati Membri ta' dawk l-AIFs il-ġodda tal-UE u għandhom jinnotifikaw lill-ESMA billi jittrażmettu l-ittra ta' awtorizzazzjoni aġġornata permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-AIFs il-ġodda tal-UE għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data, li tindika l-intenzjoni tal-AIFM li jikkummerċjalizza dawk l-AIFs tal-UE fl-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu u għandu jkollhom aċċess immedjat u dirett għad-dokumentazzjoni trażmessa skont l-ewwel subparagrafu.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jinnotifikaw minnufih lill-AIFM dwar it-trażmissjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu. Mid-data ta' dik it-trażmissjoni, l-AIFM għandu jkun jista' jikkummerċjalizza l-AIFs il-ġodda tal-UE fl-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu.

10. Fil-każ ta' bidla materjali fl-informazzjoni u fid-dokumentazzjoni ppreżentati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-AIFM għandu jagħti avviż bil-miktub dwar dan lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu mill-inqas 15-il jum tax-xogħol qabel ma jimplimenta dik il-bidla.

11. Meta, wara bidla kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-AIFM ma jibqax jikkonforma ma' dan ir-Regolament jew mad-Direttiva 2011/61/UE, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jinformaw lill-AIFM fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta jirċievu l-informazzjoni li ma għandux jimplimenta dik il-bidla.

Meta l-AIFM jikkummerċjalizza fl-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu AIF tal-UE li jkun stabbilit fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jinnotifikaw lill-ESMA kif xieraq permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIF tal-UE għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data bl-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu.

12. Meta bidla msemmija fil-paragrafu 10 tiġi implimentata wara li l-informazzjoni tkun ġiet trażmessa f'konformità mal-paragrafu 11 u skont dik il-bidla, l-AIFM jew l-immaniġġjar mill-AIFM tal-AIF tal-UE ma jibqgħux jikkonformaw ma' dan ir-Regolament jew mad-Direttiva 2011/61/UE, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha f'konformità mal-Artikolu 46 tad-Direttiva 2011/61/UE, inkluża, fejn meħtieġ, il-projbizzjoni espliċita tal-kummerċjalizzazzjoni tal-AIF tal-UE.

Meta l-AIFM jikkummerċjalizza fl-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu AIF tal-UE li jkun stabbilit fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien lill-ESMA dwar tali miżuri permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIF tal-UE għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data, li tindika l-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu.

13. Meta l-AIFM jikkummerċjalizza fl-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu AIF tal-UE li jkun stabbilit fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIF tal-UE jkollhom raġunijiet ċari u dimostrabbli biex ma jaqblux mal-miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM skont il-paragrafu 12, jew mannuqqas ta' dawk il-miżuri, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIF tal-UE, jistgħu jirreferu l-kwistjoni lill-ESMA, li tista' taġixxi f'konformità mas-setgħat mogħtija lilha skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 17g

Passaportar ibbażat fuq awtorizzazzjoni għal AIFM tal-UE li jikkummerċjalizza unitajiet jew ishma ta' AIFs tal-UE fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM

1. Fil-mument tal-awtorizzazzjoni ta' AIFM tal-UE f'konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2011/61/UE, meta AIFM tal-UE jipproponi li jikkummerċjalizza ma' investituri professjonali fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM l-unitajiet jew l-ishma ta' AIF tal-UE li jkollu l-ħsieb li jimmaniġġja, huwa għandu jindika dan fl-applikazzjoni tiegħu għall-awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu.

Meta l-AIF tal-UE jkun AIF ta' alimentazzjoni, id-dritt għall-kummerżjalizzazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu jkun soġġett għall-kundizzjoni li l-AIF ewlieni jkun ukoll AIF tal-UE u jkun immaniġġjat minn AIFM tal-UE awtorizzat.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-AIFM għandu jehmeż mal-applikazzjoni tiegħu għall-awtorizzazzjoni, dan li ġej, fejn xieraq:

(a) programm ta' operazzjonijiet li jidentifika l-AIF tal-UE li l-AIFM biħsiebu jikkummerċjalizza u informazzjoni dwar fejn hu stabbilit l-AIF tal-UE;

(b) ir-regoli jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-AIF tal-UE;

(c) l-identifikazzjoni tad-depożitarju tal-AIF tal-UE;

(d) informazzjoni dwar il-post fejn l-AIF ewlieni huwa stabbilit jekk l-AIF huwa AIF ta' alimentazzjoni;

(e) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali msemmija fl-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2011/61/UE għal kull AIF tal-UE li l-AIFM biħsiebu jikkummerċjalizza;

(f) fejn rilevanti, għal kull AIF tal-UE li l-AIFM biħsiebu jikkummerċjalizza, il-prospett u d-dokumenti tal-offerta tiegħu;

(g) l-indikazzjoni tal-Istat Membru li fih għandu l-intenzjoni li jikkummerċjalizza l-unitajiet jew l-ishma tal-AIF tal-UE ma' investituri professjonali;

(h) informazzjoni dwar l-arranġamenti magħmula għall-kummerċjalizzazzjoni tal-AIFs tal-UE u, fejn rilevanti, informazzjoni dwar l-arranġamenti stabbiliti biex jipprevjenu li l-unitajiet jew l-ishma tal-AIF tal-UE jiġu kkummerċjalizzati ma' investituri bl-imnut, inkluż fil-każ fejn l-AIFM jiddependi fuq attivitajiet ta' entitajiet indipendenti biex jipprovdi servizzi ta' investiment fir-rigward tal-AIF tal-UE;

(i) id-dettalji meħtieġa, inkluż l-indirizz, għall-fatturazzjoni jew għall-komunikazzjoni ta' kwalunkwe tariffa jew ħlas regolatorji applikabbli mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti; u

(j) fejn disponibbli, għal kull AIF tal-UE li l-AIFM biħsiebu jikkummerċjalizza, il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 4, akkumpanjati minn attestazzjoni mill-AIFM li dan jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu.

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi pprovduta mill-inqas f'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jivverifikaw jekk l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ppreżentati mill-AIFM f'konformità mal-paragrafu 2 humiex kompluti.

4. Wara awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom iħejju ittra ta' awtorizzazzjoni li jkun fiha Anness li jelenka l-AIFs tal-UE li l-AIFM ikun biħsiebu jikkummerċjalizza, kif ukoll l-Istati Membri ospitanti fejn ikun maħsub li l-AIFs tal-UE jiġu kkummerċjalizzati, flimkien ma' dikjarazzjoni li l-AIFM jissodisfa l-kundizzjonijiet imposti minn dan ir-Regolament u mid-Direttiva 2011/61/UE.

5. Mal-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jinnotifikaw lill-ESMA billi jittrażmettu d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 4 permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data, li tindika l-intenzjoni tal-AIFM li jikkummerċjalizza AIF tal-UE fit-territorju tagħhom u għandu jkollhom aċċess immedjat u dirett għad-dokumentazzjoni trażmessa skont l-ewwel subparagrafu.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jinnotifikaw minnufih lill-AIFM dwar it-trażmissjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu. Mid-data ta' dik it-trażmissjoni, l-AIFM jista' jaċċessa s-swieq tal-Istati Membri ospitanti.

6. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jiżguraw li l-ittra ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 tiġi pprovduta mill-inqas f'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali.

7. Għall-finijiet tal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' domiċilju u ospitanti ma għandhomx jitolbu jew jirrikjedu xi dokument, ċertifikat jew informazzjoni addizzjonali għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 2 u 4 ta' dan l-Artikolu.

L-Istati Membri ospitanti ma għandhomx jeħtieġu li AIFM ikollu preżenza fiżika fit-territorju tagħhom jew li jaħtar parti terza f'dak l-Istat Membru ospitanti għall-finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni tal-AIFs tal-UE f'dak l-Istat Membru ospitanti jew għal kwalunkwe skop ieħor relatat mal-attivitajiet tal-AIFM f'dak l-Istat Membru ospitanti.

8. Meta AIFM ikun diġà ġie awtorizzat u jkun jixtieq jikkummerċjalizza lil investituri professjonali fi Stat Membru ospitanti ġdid li ma huwiex imsemmi fl-applikazzjoni tiegħu għall-awtorizzazzjoni l-unitajiet jew l-ishma ta' AIFs tal-UE, jew ikun jixtieq jikkummerċjalizza fi Stat Membru ospitanti li jkun diġà msemmi fl-applikazzjoni tiegħu għall-awtorizzazzjoni AIFs ġodda tal-UE li ma humiex imsemmija fl-applikazzjoni tiegħu għall-awtorizzazzjoni, huwa għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu dwar l-Istati Membri ospitanti l-ġodda li fihom ikun biħsiebu jikkummerċjalizza jew l-AIFs ġodda tal-UE li jkun biħsiebu jikkummerċjalizza, f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, u għandu jipprovdi l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jivverifikaw jekk l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ppreżentati mill-AIFM f'konformità mal-ewwel subparagrafu humiex kompluti.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jaġġornaw l-Anness għall-ittra ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, li telenka l-AIFs il-ġodda tal-UE li l-AIFM biħsiebu jikkummerċjalizza jew l-Istati Membri ospitanti l-ġodda li fihom l-AIFM biħsiebu jikkummerċjalizza u għandhom jinnotifikaw lill-ESMA billi jittrażmettu l-ittra ta' awtorizzazzjoni aġġornata u l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data, li tindika l-intenzjoni tal-AIFM li jikkumerċjalizza AIFs tal-UE fit-territorju tagħhom u għandu jkollhom aċċess immedjat u dirett għad-dokumentazzjoni trażmessa skont it-tielet subparagrafu.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jinnotifikaw minnufih lill-AIFM dwar it-trażmissjoni msemmija fit-tielet subparagrafu. Mid-data ta' dik it-trażmissjoni, l-AIFM għandu jkun jista'

jikkummerċjalizza l-AIFs il-ġodda tal-UE fl-Istati Membri ospitanti jew l-AIFs tal-UE fl-Istati Membri ospitanti l-ġodda.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-AIFM ma għandux ikun meħtieġ jissottometti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu informazzjoni jew dokumentazzjoni li jkun diġà pprovda għall-fini tal-awtorizzazzjoni tiegħu u li ma tkunx ġiet emendata materjalment minn dak iż-żmien 'l hawn.

9. Fil-każ ta' bidla materjali fl-informazzjoni u fid-dokumentazzjoni ppreżentati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM f'konformità mal-paragrafu 2, l-AIFM għandu jagħti avviż bil-miktub dwar dan lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu mill-inqas 15-il jum tax-xogħol qabel ma jimplimenta dik il-bidla.

10. Meta, skont bidla kif imsemmi fil-paragrafu 9, l-AIFM ma jibqax jikkonforma ma' dan ir-Regolament jew mad-Direttiva 2011/61/UE, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jinformaw lill-AIFM fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta jirċievu l-informazzjoni li ma għandux jimplimenta dik il-bidla. F'dak il-każ, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jinnotifikaw lill-ESMA kif xieraq permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data bl-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu.

11. Meta bidla msemmija fil-paragrafu 9 tiġi implimentata wara li l-informazzjoni tkun ġiet trażmessa f'konformità mal-paragrafu 10 u skont dik il-bidla, l-AIFM jew l-immaniġġjar mill-AIFM tal-AIF tal-UE ma jibqgħux jikkonformaw ma' dan ir-Regolament jew mad-Direttiva 2011/61/UE, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha f'konformità mal-Artikolu 46 tad-Direttiva 2011/61/UE, inkluża, fejn meħtieġ, il-projbizzjoni espliċita tal-kummerċjalizzazzjoni tal-AIF tal-UE. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jinnotifikaw lill-ESMA dwar tali miżuri mingħajr dewmien permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data, li tindika l-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu.

12. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM ikollhom raġunijiet ċari u dimostrabbli biex ma jaqblux mal-miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM skont il-paragrafu 11, jew mannuqqas ta' dawk il-miżuri, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM, jistgħu jirreferu l-kwistjoni lill-ESMA, li tista' taġixxi f'konformità mas-setgħat mogħtija lilha skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 17h

Arranġamenti biex tiġi denotifikata l-kummerċjalizzazzjoni tal-AIFs

1. Meta AIFM tal-UE jkollu l-intenzjoni li jittermina l-kummerċjalizzazzjoni tal-unitajiet jew tal-ishma ta' xi AIF tal-UE jew tal-AIFs kollha tal-UE li jimmaniġġja fi

Stat Membru li fir-rigward tiegħu jkun għamel notifika f'konformità mal-Artikolu 17g, huwa għandu jippreżenta denotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu, li għandha tinkludi l-intenzjoni li jittermina l-arranġamenti magħmula għall-kummerċjalizzazzjoni tal-unitajiet jew tal-ishma ta' xi AIF tal-UE jew tal-AIFs kollha tal-UE li jimmaniġġja f'dak l-Istat Membru. Tali intenzjoni għandha ssir pubblika b'mezzi elettroniċi.

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi pprovduta mill-inqas f'lingwa abitwali għall-isfera tal-finanzi internazzjonali.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jivverifikaw jekk id-denotifika ppreżentata mill-AIFM f'konformità mal-paragrafu 1 hijiex kompluta.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom, mhux aktar tard minn 5 ijiem tax-xogħol minn meta jirċievu d-denotifika kompluta, jittrażmettu d-denotifika lill-ESMA permezz tal-pjattaforma tad-data msemmija fl-Artikolu 12 u jinnotifikaw minnufih lill-AIFM dwar dik it-trażmissjoni.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membri ospitanti identifikati fid-denotifika għandhom jirċievu minnufih notifika mill-pjattaforma tad-data, li tindika l-intenzjoni ta' AIFM li jittermina l-arranġamenti ta' kummerċjalizzazzjoni f'dak l-Istat Membru f'konformità mal-paragrafu 1.

Mid-data tat-trażmissjoni msemmija fit-tieni subparagrafu, l-AIFM għandu jwaqqaf kwalunkwe offerta jew pjazzament ġdid jew ulterjuri, dirett jew indirett, ta' unitajiet jew ishma tal-AIFs tal-UE li jimmaniġġja fl-Istat Membru li fir-rigward tiegħu jkun issottometta denotifika f'konformità mal-paragrafu 1.

Artikolu 17i

Tariffi tal-ESMA

1. L-ESMA għandha timponi tariffi fuq l-AIFMs u l-UCITS għan-nefqa relatata mal-proċeduri ta' passaportar u ta' denotifika msemmija fl-Artikoli 17c sa 17h, inkluż sehem xieraq tal-kostijiet tal-manutenzjoni tal-pjattaforma tad-data użata għal dak l-għan, kif imsemmi fl-Artikolu 12(1).

It-tariffi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jitħallsu minn AIFM jew UCITS meta jipproponu li jikkummerċjalizzaw l-unitajiet jew l-ishma ta' AIFs jew UCITS fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 17c u 17g ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18b, miżuri li jispeċifikaw l-arranġamenti għall-imposta u l-ħlas tat-tariffi msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti delegati għandhom jispeċifikaw, b'mod partikolari:

(a) l-ammont ta' tariffi pagabbli lill-ESMA;

(b) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-ammont massimu ta' dawk it-tariffi f'konformità ma' struttura ta' imposti f'livelli bbażata fuq l-għadd ta' Stati Membri ospitanti fejn l-AIFM jew l-UCITS jipproponu li jikkummerċjalizzaw l-unitajiet jew l-ishma tal-AIFs jew l-UCITS;

(c) il-kwistjonijiet li fir-rigward tagħhom huma dovuti dawk it-tariffi;

(d) il-mod li bih għandhom jitħallsu dawk it-tariffi;

(e) il-frekwenza u t-twaqqit ta' dawk it-tariffi.";

(17) L-Artikolu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Sa [dħul fis-seħħ + 5 snin] il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' konsultazzjoni pubblika u fid-dawl tad-diskussjonijiet mal-ESMA u mal-awtoritajiet kompetenti, twettaq evalwazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament."

(18) Jiddaħħlu l-Artikoli 18a u 18b li ġejjin:

"Artikolu 18a

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

L-Artikoli 17f u 17g ma għandhomx japplikaw għall-kummerċjalizzazzjoni ta' unitajiet jew ishma tal-AIFs li huma soġġetti għal offerta attwali lill-pubbliku taħt prospett li tfassal u ġie ppubblikat f'konformità mad-Direttiva 2003/71/KE qabel it-22 ta' Lulju 2013 għat-tul ta' żmien tal-validità ta' dak il-prospett.

Artikolu 18b

Delega ta' setgħat

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4 u fl-Artikolu 17i hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

   Is-setgħat ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4 u fl-Artikolu 17i għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 4 snin minn [Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

   Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tas-setgħat delegati mhux aktar tard minn 6 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 4 snin. Id-delega ta' setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jirrevokawha f'konformità mal-paragrafu 5.

2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Att delegat adottat skont il-paragrafu 1 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien 3 xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi 3 xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

4. Id-delega ta' setgħa msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.";

Artikolu 7

Emendi tar-Regolament (UE) 2021/23

Ir-Regolament (UE) 2021/23 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 7 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(7) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità kompetenti ta' CCP kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (13a) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;";

(b) jiżdied il-punt 55 li ġej:

"(55) "CCP sinifikanti" tfisser CCP sinifikanti kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (1a), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;";

(2) fl-Artikolu 4(3), l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-ESMA, meta tkun membru tal-kulleġġ skont il-punt (n), l-EBA u l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti (d), (e), (k) u (l), ma għandux ikollhom drittijiet tal-vot fil-kulleġġi ta' riżoluzzjoni.";

(3) fl-Artikolu 5(1), l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-ESMA għandha toħloq kumitat tar-riżoluzzjoni (il-"Kumitat tar-Riżoluzzjoni tal-ESMA") skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 għall-finijiet tat-tħejjija tad-deċiżjonijiet fdati lill-ESMA f'dan ir-Regolament, ħlief għad-deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament jew adottati fl-eżerċizzju tal-funzjoni tagħha bħala l-awtorità kompetenti ta' CCP sinifikanti.";

(4) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. L-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-ESMA għandhom jikkooperaw mill-qrib għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, matul il-fażi ta' rkupru, l-awtorità kompetenti u l-membri tal-kulleġġ superviżorju jew l-awtoritajiet rilevanti kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (13c), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, kif applikabbli, jenħtieġ li jikkooperaw u jikkomunikaw b'mod effettiv mal-awtorità ta' riżoluzzjoni, sabiex l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun tista' taġixxi fil-ħin.";

(5) jiddaħħal l-Artikolu 6a li ġej:

"*Artikolu 6a*
CCPs sinifikanti

L-Artikoli 9 sa 20, 70 u 79 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għal CCPs sinifikanti kif ġej:

(a) għall-finijiet tal-Artikoli 9, 10, 13, 18, 19 u 70 ta' dan ir-Regolament, ir-referenzi għall-kulleġġi superviżorji għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-awtoritajiet rilevanti kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (13c), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(b) l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 18, 19 u 79 ta' dan ir-Regolament fuq l-awtorità kompetenti biex tinnotifika lill-ESMA ma għandhomx japplikaw;

(c) għall-finijiet tal-Artikolu 10(2), (7), (9) u (10) ta' dan ir-Regolament, u b'deroga mill-Artikolu 11, l-ESMA għandha tikkoordina mal-awtoritajiet rilevanti, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (13c), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 f'konformità mal-proċedura ta' koordinazzjoni li ġejja:

(a) l-awtoritajiet rilevanti kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (13c), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għandhom jeżaminaw il-pjan ta'

rkupru u, meta kwalunkwe awtorità tqis li hemm nuqqasijiet materjali fil-pjan ta' rkupru jew kwalunkwe impediment materjali għall-implimentazzjoni tiegħu, dik l-awtorità għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-ESMA fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet fi żmien xahrejn mit-trażmissjoni tal-pjan ta' rkupru mill-ESMA;

(b) L-ESMA għandha tieħu deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11(2), il-punti (a) u (b) filwaqt li tqis il-fehmiet tal-awtoritajiet rilevanti kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (13c), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(c) l-arranġament ta' kooperazzjoni msemmi fl-Artikolu 23(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jista' jispeċifika l-passi u l-arranġamenti proċedurali li jikkonċernaw il-koordinazzjoni bejn l-ESMA u l-awtoritajiet rilevanti kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (13c), ta' dak ir-Regolament.".

Artikolu 8

Emendi tar-Regolament (UE) Nru 2022/858

Ir-Regolament (UE) 2022/858 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti fir-rigward tal-infrastrutturi tas-suq tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit (DLT, distributed ledger technology) u l-operaturi tagħhom fir-rigward ta':

(a) l-għoti u l-irtirar ta' permessi speċifiċi biex joperaw infrastrutturi tas-suq tad-DLT u jipprovdu servizzi notarili tad-DLT u ta' manutenzjoni ċentrali tal-kontijiet tad-DLT f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(b) l-għoti, il-modifika u l-irtirar ta' eżenzjonijiet relatati ma' permessi speċifiċi;

(c) l-impożizzjoni, l-immodifikar u l-irtirar tal-kundizzjonijiet marbuta ma' eżenzjonijiet u fir-rigward tal-impożizzjoni, l-immodifikar u l-irtirar ta' miżuri ta' kumpens jew korrettivi;

(d) l-operat ta' infrastrutturi tas-suq tad-DLT u l-forniment ta' servizzi notarili tad-DLT u ta' manutenzjoni ċentrali tal-kontijiet tad-DLT;

(e) is-superviżjoni ta' infrastrutturi tas-suq tad-DLT u tal-forniturі ta' servizzi notarili tad-DLT u ta' manutenzjoni ċentrali tal-kontijiet tad-DLT; u

(f) l-kooperazzjoni bejn l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, l-awtoritajiet kompetenti u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 (ESMA).";

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (5) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(5) "infrastruttura tas-suq tad-DLT" tfisser ċentru tan-negozjar tad-DLT, sistema ta' saldu tad-DLT jew sistema ta' negozjar u saldu tad-DLT;",

(b) il-punt (6) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(6) "ċentru tan-negozjar tad-DLT" jew "TV tad-DLT" tfisser faċilità multilaterali tan-negozjar jew faċilità organizzata tan-negozjar li tammetti biss għan-negozjar strumenti finanzjarji tad-DLT;"

(c) il-punt (10) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(10) "sistema ta' negozjar u saldu tad-DLT" jew "TSS tad-DLT" tfisser TV tad-DLT jew SS tad-DLT li tikkombina servizzi mwettqa minn TV tad-DLT u SS tad-DLT;",

(d) il-punt (13) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(13) "faċilità multilaterali tan-negozjar" jew "MTF" tfisser faċilità multilaterali tan-negozjar kif definita fl-Artikolu 4(1), il-punt (22), tad-Direttiva 2014/65/UE;",

(e) jiddaħħal il-punt (13a) li ġej:

"(13a) "faċilità organizzata tan-negozjar" jew "OTF" tfisser faċilità organizzata tan-negozjar kif definita fl-Artikolu 4(1), il-punt (23) tad-Direttiva 2014/65/UE;"

(f) il-punt 20 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(20) "operatur tas-suq" tfisser operatur tas-suq kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (10), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;",

(g) il-punt (21) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(21) "awtorità kompetenti" tfisser:

(a) awtorità kompetenti waħda jew aktar kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (26), tad-Direttiva 2014/65/UE jew l-ESMA, fil-każijiet stabbiliti fl-Artikoli 2u(1), 2v(1), 2x(1) u l-Artikolu 38a tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;

(b) awtorità kompetenti waħda jew aktar ddeżinjati f'konformità mal-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014;

(c) l-ESMA għall-forniturи ta' servizzi tal-kriptoassi;

(d) awtorità kompetenti waħda jew aktar iddeżinjati b'xi mod ieħor minn Stat Membru biex jissorveljaw l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament."

(h) jiżdiedu l-punti (21a) sa (21n) li ġejjin:

"(21a) "fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi" jew "CASP" tfisser fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (15), tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([40]);

[40] Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40)

(21b) “pjattaforma ta’ negozjar ta’ CASP” tfisser CASP awtorizzat li jopera pjattaforma ta’ negozjar għall-kriptoassi kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (16), tar-Regolament (UE) 2023/1114;

(21c) “servizz notarili tad-DLT” tfisser is-servizz notarili kif imsemmi fit-Taqsima A, il-punt 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT;

(21d) “nutar tad-DLT” tfisser il-fornitur ta’ servizzi notarili tad-DLT, awtorizzat skont dan ir-Regolament jew bħala CSD skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014;

(21e) “servizz ta’ manutenzjoni ċentrali tad-DLT” tfisser is-servizz ta’ manutenzjoni ċentrali kif imsemmi fit-Taqsima A, il-punt 2 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT;

(21f) “detentur ta’ kont tad-DLT” tfisser il-fornitur ta’ servizzi ta’ manutenzjoni ċentrali tad-DLT, awtorizzat skont dan ir-Regolament jew bħala CSD skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014;

(21g) “skema ta’ saldu” tfisser is-sett ta’ regoli u proċeduri awtorizzati għall-finijiet tas-saldu ta’ strumenti finanzjarji tad-DLT f’konformità mal-Artikolu 10c bejn mill-inqas żewġ entitajiet awtorizzati biex jipprovdu servizzi ta’ manutenzjoni ċentrali tal-kontijiet tad-DLT;

(21h) “intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju” jew “SMEs” tfisser intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt 13 tad-Direttiva 2014/65/UE;

(21i) “Stat Membru tad-domiċilju” tfisser l-Istat Membru fejn nutar tad-DLT jew detentur ta’ kont tad-DLT ikollu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu;

(21j) “Stat Membru ospitanti” tfisser l-Istat Membru fejn nutar tad-DLT jew detentur ta’ kont tad-DLT jipprovdi s-servizzi tiegħu, meta jkun differenti mill-Istat Membru tad-domiċilju;

(21k) “reġim simplifikat” tfisser is-sett ta’ dispożizzjonijiet skont dan ir-Regolament applikabbli għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT li joperaw soġġett għal-livelli limiti stabbiliti fl-Artikolu 3(2b) u f’konformità mal-Artikolu 7a;

(21l) “reġim regolari” tfisser is-sett ta’ dispożizzjonijiet skont dan ir-Regolament applikabbli għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT li ma humiex eliġibbli biex jipparteċipaw fir-reġim simplifikat u joperaw soġġett għal-livelli limiti stabbiliti fl-Artikolu 3(2);

(21m)“konsenja kontra ħlas” jew “DVP” tfisser mekkaniżmu ta’ saldu tat-titoli kif imsemmi fl-Artikolu 2(1), il-punt (27), tar-Regolament (UE) Nru 909/2014;

(21n) “flus ta’ bank kummerċjali” tfisser flus ta’ bank kummerċjali kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (8b) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

(21o) “ordni ta’ trasferiment” tfisser ordni ta’ trasferiment kif definita fl-Artikolu 2(1), il-punt 20 tar-Regolament (UE) …/… dwar il-finalità tas-saldu u li jħassar id-Direttiva 98/26/KE u li jemenda d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali”;

(3) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jitħassar:

(b) il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“2. Il-valur tas-suq aggregat tal-istrumenti finanzjarji kollha tad-DLT li huma ammessi għan-negozjar f’infrastruttura tas-suq tad-DLT jew li huma rreġistrati f’infrastruttura tas-suq tad-DLT ma għandux jaqbeż EUR 100 biljun fil-mument tal-ammissjoni għan-negozjar, jew tar-reġistrazzjoni inizjali, ta’ strument finanzjarju ġdid tad-DLT.

Meta l-ammissjoni għan-negozjar jew ir-reġistrazzjoni inizjali ta’ strument finanzjarju ġdid tad-DLT twassal biex il-valur aggregat tas-suq imsemmi fl-ewwel subparagrafu jilħaq EUR 100 biljun, l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ma għandhiex tammetti dak l-istrument finanzjarju tad-DLT għan-negozjar u lanqas ma għandha tirreġistrah.

L-infrastrutturi tas-suq tad-DLT li joperaw fir-reġim regolari li huma parti mill-istess grupp għandhom jiżguraw li l-livell limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu ma jinqabiżx abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata tal-grupp.”;

(c) jiddaħħlu l-paragrafi 2a u 2b li ġejjin:

“2a. Meta l-valur tas-suq aggregat tal-istrumenti finanzjarji kollha tad-DLT li huma ammessi għan-negozjar jew irreġistrati f’infrastruttura tas-suq tad-DLT li topera taħt ir-reġim regolari jkun laħaq EUR 150 biljun, l-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jattiva l-istrateġija ta’ tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 7(7). L-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti dwar l-attivazzjoni tal-istrateġija ta’ tranżizzjoni tiegħu u dwar l-iskala temporali għat-tranżizzjoni fir-rapport ta’ kull xahar previst fil-paragrafu 5.

2b. Il-valur tas-suq aggregat tal-istrumenti finanzjarji kollha tad-DLT li huma ammessi għan-negozjar jew irreġistrati f’infrastruttura tas-suq tad-DLT li topera taħt ir-reġim simplifikat ma għandux jaqbeż EUR 10 biljun fil-mument tal-ammissjoni għan-negozjar jew tar-reġistrazzjoni inizjali ta’ strument finanzjarju ġdid tad-DLT.

Meta l-ammissjoni għan-negozjar jew ir-reġistrazzjoni inizjali ta’ strument finanzjarju ġdid tad-DLT twassal biex il-valur tas-suq aggregat imsemmi fl-ewwel subparagrafu jilħaq EUR 10 biljun, l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ma għandhiex tammetti dak l-istrument finanzjarju tad-DLT għan-negozjar jew għar-reġistrazzjoni tiegħu, sakemm l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ma tkunx għamlet tranżizzjoni għar-reġim regolari.

L-infrastrutturi tas-suq tad-DLT li joperaw fir-reġim simplifikat li huma parti mill-istess grupp għandhom jiżguraw li l-livell limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu ma jinqabiżx abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata tal-grupp.”

(d) Il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b’dan li gej:

“3. Meta l-valur tas-suq aggregat tal-istrumenti finanzjarji kollha tad-DLT li huma ammessi għan-negozjar jew irreġistrati f’infrastruttura tas-suq tad-DLT li topera taħt ir-reġim simplifikat ikun laħaq EUR [15-il] biljun, l-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jattiva l-istrateġija ta’ tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 7(7). L-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti dwar l-attivazzjoni tal-istrateġija ta’ tranżizzjoni tiegħu u dwar l-iskeda ta’ żmien għat-tranżizzjoni fir-rapport ta’ kull xahar previst fil-paragrafu 5.”

(e) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“Abbażi tal-medja ta’ kull xahar ikkalkolata f’konformità mal-ewwel subparagrafu, l-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu:

(a) jivvaluta, fuq bażi ta' kull xahar, jekk il-valur tas-suq aggregat tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT jilħaqx il-livell limitu msemmi fil-paragrafi 2, 2a, 2b jew 3 ta' dan l-Artikolu; u

(b) jattiva l-istrateġija ta' tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 7(7) f'konformità mal-paragrafu 2a jew 3 ta' dan l-Artikolu.",

(f) il-paragrafu 5 huwa ssositwit b'dan li ġej:

"5. L-operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jippreżenta rapporti ta' kull xahar lill-awtorità kompetenti tiegħu li juru li l-istrumenti finanzjarji kollha tad-DLT li huma ammessi għan-negozjar jew irreġistrati fl-infrastruttura tas-suq tad-DLT ma jaqbżux il-livelli limiti stabbiliti fil-paragrafi 2, 2a, 2b u 3."

(g) il-paragrafu 7 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"7. Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 japplika għall-istrumenti finanzjarji tad-DLT ammessi għan-negozjar fuq TV tad-DLT jew fuq TSS tad-DLT, inklużi dawk li jitħaddmu minn pjattaforma ta' negozjar ta' CASP f'konformità ma' dan ir-Regolament."

(h) jiżdied il-paragrafu 7a li ġej:

"7a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 15a biex temenda l-paragrafi 2 u 2b ta' dan l-Artikolu billi taġġusta l-livelli limiti speċifikati fih fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq.

Meta tikkunsidra l-aġġustament tal-livelli limiti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 2b, il-Kummissjoni għandha tqis dan li ġej:

(a) jekk aġġustament jew ommissjoni ta' aġġustament joħolqux riskji għall-istabbiltà finanzjarja;

(b) jekk aġġustament jinvolvix riskji materjali oħra għas-suq finanzjarju li jistgħu ma jkunux indirizzati biżżejjed minn miżuri ta' mitigazzjoni oħra previsti f'dan ir-Regolament jew regoli relatati;

(c) jekk il-kundizzjonijiet tas-suq u d-domanda murija tas-suq jiġġustifikawx aġġustament.";

(4) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) It-titolu tal-Artikolu huwa emendat kif ġej:

"**Rekwiżiti u eżenzjonijiet fir-rigward tat-TVs tad-DLT**";

(b) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"TV tad-DLT li huwa MTF jew OTF għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti li japplikaw għal faċilità multilaterali tan-negozjar jew faċilità organizzata tan-negozjar, skont ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE, rispettivament."

(b) fit-tieni subparagrafu, il-formulazzjoni introduttorja hija ssostitwita b'dan li ġej:

"L-ewwel subparagrafu ma japplikax fir-rigward ta' dawk ir-rekwiżiti li minnhom id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jopera it-TV tad-

DLT ikun ġie eżentat skont il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, dment li dik id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq jikkonformaw ma':";

(c) jiddaħħlu l-paragrafi 1a u 1b li ġejjin:

"1a. Pjattaforma ta' negozjar ta' CASP li topera TV tad-DLT għandha tkun soġġetta għal:

(a) *mutatis mutandis*, ir-rekwiżiti li japplikaw għal faċilità multilaterali tan-negozjar skont ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE meta topera t-TV tad-DLT bħala MTF, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 5 sa 13 u l-Artikolu 15 ta' dik id-Direttiva; jew

(b) *mutatis mutandis*, ir-rekwiżiti li japplikaw għal faċilità organizzata tan-negozjar skont ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE meta topera t-TV tad-DLT bħala OTF, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 5 sa 13 u l-Artikolu 15 ta' dik id-Direttiva.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika fir-rigward ta' dawk ir-rekwiżiti li minnhom il-pjattaforma ta' negozjar ta' CASP li topera TV tad-DLT tkun ġiet eżentata skont il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, dment li l-CASP jikkonforma ma':

(a) l-Artikolu 7;

(b) ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu; u

(c) kwalunkwe miżura ta' kumpens li l-awtorità kompetenti tqis xierqa sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-dispożizzjonijiet li fir-rigward tagħhom tkun intalbet eżenzjoni, jew bl-għan li jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq jew l-istabbiltà finanzjarja.

1b. L-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 u l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1a ma għandhomx japplikaw, rispettivament, fir-rigward ta' dawk ir-rekwiżiti li minnhom id-ditta tal-investiment, l-operatur tas-suq jew il-CASP li jopera TV tad-DLT ikunu ġew eżentati skont l-Artikolu 4a, dment li d-ditta tal-investiment, l-operatur tas-suq jew il-CASP jikkonformaw ma':

(a) l-Artikolu 7;

(b) kwalunkwe miżura ta' kumpens stabbilita f'konformità mal-Artikolu 4a.";

(d) il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. Minbarra l-persuni speċifikati fl-Artikolu 53(3) tad-Direttiva 2014/65/UE, jekk mitluba minn operatur ta' TV tad-DLT, l-awtorità kompetenti tista' tippermetti lil dak l-operatur jammetti persuni fiżiċi u ġuridiċi biex jinnegozjaw f'isimhom stess bħala membri jew parteċipanti, dment li tali persuni jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikollhom reputazzjoni tajba suffiċjenti;

(b) ikollhom livell suffiċjenti ta' kapaċità, kompetenza u esperjenza fin-negozjar, inkluż għarfien dwar il-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit;

(c) ma jkunux ġeneraturi tas-suq fuq it-TV tad-DLT;

(d) ma jużawx teknika ta' negozjar algoritmiku bi frekwenza għolja fuq it-TV tad-DLT;

(e) ma jipprovdux lil persuni oħra b'aċċess elettroniku dirett għat-TV tad-DLT;

(f) ma jinnegozjawx f'isimhom stess meta jeżegwixxu ordnijiet tal-klijenti fuq l-infrastruttura tas-suq tad-DLT; u

(g) jkunu taw kunsens infurmat għan-negozjar fuq it-TV tad-DLT bħala membri jew parteċipanti u jkunu ġew infurmati mit-TV tad-DLT dwar ir-riskji potenzjali tal-użu tas-sistemi tagħha għan-negozjar ta' strumenti finanzjarji tad-DLT.

Meta l-awtorità kompetenti tagħti l-eżenzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, hija tista' tirrikjedi miżuri addizzjonali għall-protezzjoni ta' persuni fiżiċi ammessi fit-TV tad-DLT bħala membri jew parteċipanti. Tali miżuri għandhom ikunu proporzjonati għall-profil tar-riskju ta' dawk il-membri jew il-parteċipanti."

(e) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Fuq talba ta' operatur ta' TV tad-DLT, l-awtorità kompetenti tista' teżenta lil dak l-operatur jew lill-membri jew lill-parteċipanti tiegħu mill-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

Meta l-awtorità kompetenti tagħti eżenzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, it-TV tad-DLT għandu jżomm rekords tat-tranżazzjonijiet kollha eżegwiti permezz tas-sistemi tiegħu. Dawk ir-rekords għandu jkun fihom id-dettalji kollha speċifikati fl-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 li huma rilevanti, filwaqt li titqies is-sistema użata mit-TV tad-DLT u l-membru jew il-parteċipant li jeżegwixxi t-tranżazzjoni. It-TV tad-DLT għandu jiżgura wkoll li l-awtoritajiet kompetenti intitolati li jirċievu d-data direttament miċ-ċentru tan-negozjar f'konformità mal-Artikolu 26 ta' dak ir-Regolament ikollhom aċċess dirett u immedjat għal dawk id-dettalji. Sabiex taċċessa dawk ir-rekords, tali awtorità kompetenti għandha tiġi ammessa fit-TV tad-DLT bħala parteċipant osservatur regolatorju.

L-awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli kwalunkwe informazzjoni li tkun aċċessat f'konformità ma' dan l-Artikolu lill-ESMA mingħajr dewmien żejjed."

(f) il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4. Meta operatur ta' TV tad-DLT jitlob eżenzjoni skont il-paragrafu 2 jew 3, huwa għandu juri li l-eżenzjoni mitluba hija:

(a) proporzjonata għall-użu tad-DLT u ġġustifikata minnu; u

(b) limitata għat-TV tad-DLT u ma testendi għall-ebda faċilità multilaterali tan-negozjar jew faċilità organizzata tan-negozjar oħra mħaddma minn dak l-operatur.";

(c) il-paragrafu 5 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 4a japplikaw, *mutatis mutandis*, għal CSD li jopera TSS tad-DLT f'konformità mal-Artikolu 6(2).";

(5) jiddaħħal l-Artikolu 4a li ġej:

“Artikolu 4a

Eżenzjonijiet oħra fir-rigward tat-TV tad-DLT

1. Fuq talba ta’ operatur tat-TV tad-DLT, l-awtorità kompetenti tista’ teżenta lil dak it-TV tad-DLT minn dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Titoli I u II tad-Direttiva 2014/65/UE jew it-Titoli Ia, II, IV, V u VI tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 għajr dawk koperti mill-Artikolu 4 dment li, għal kull dispożizzjoni li fir-rigward tagħha tkun intalbet eżenzjoni, jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) il-konformità mad-dispożizzjoni li fir-rigward tagħha tkun intalbet eżenzjoni tkun inkompatibbli jew sproporzjonata ħafna mal-użu tat-teknoloġija ta’ reġistru distribwit;

   (b) l-eżenzjoni mitluba tkun limitata għat-TV tad-DLT u ma testendix għal ċentru tan-negozjar li huwa operat mill-istess entità;

   (c) l-eżenzjoni mitluba, meta vvalutata flimkien mal-miżuri ta’ kumpens assoċjati, ma timminax l-objettivi li għalihom ġiet adottata d-dispożizzjoni;

   (d) l-eżenzjoni mitluba ma timminax l-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri;

   (e) l-operatur tat-TV tad-DLT jikkonforma mal-miżuri ta’ kumpens li l-awtorità kompetenti tqis xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tad-dispożizzjoni li fir-rigward tagħha tkun intalbet eżenzjoni.

2. L-operatur tat-TV tad-DLT għandu jippreżenta talba għal eżenzjonijiet bil-miktub għall-approvazzjoni lill-awtorità kompetenti. Dik it-talba għandha tinkludi:

   (a) lista ta’ eżenzjonijiet mitluba u kif l-eżenzjonijiet mitluba, meħuda individwalment u flimkien, jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 1, il-punti (a), (c) u (d); u

   (b) miżuri ta’ kumpens proposti biex jintlaħqu l-objettivi tad-dispożizzjonijiet li fir-rigward tagħhom tkun intalbet eżenzjoni.

   L-awtorità kompetenti tista’ titlob kwalunkwe informazzjoni ulterjuri li tkun meħtieġa biex tlesti l-valutazzjoni tagħha tat-talba.

   L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-applikant meta tqis li t-talba tkun kompluta.

3. Fi żmien xahrejn minn meta tiddikjara t-talba kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tippreżenta abbozz ta’ valutazzjoni tat-talba msemmija fil-paragrafu 2 lill-ESMA, flimkien mat-talba kompluta. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-abbozz ta’ valutazzjoni, l-ESMA għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b’opinjoni mhux vinkolanti dwar l-abbozz ta’ valutazzjoni u l-eżenzjonijiet mitluba, inkluż, fejn tqis meħtieġ, rakkomandazzjonijiet għal miżuri ta’ kumpens addizzjonali.

   L-awtorità kompetenti għandha tagħti kunsiderazzjoni xierqa lil dik l-opinjoni u għandha tipprovdi lill-ESMA b’dikjarazzjoni rigward kwalunkwe devjazzjoni sinifikanti minn dik l-opinjoni jekk l-ESMA titlob dan. L-opinjoni tal-ESMA u d-dikjarazzjoni tal-awtorità kompetenti ma għandhomx isiru pubbliċi.

   L-awtorità kompetenti għandha, fi żmien 5 xhur mid-dikjarazzjoni tat-talba kompluta tinforma lill-impriża bl-approvazzjoni jew iċ-ċaħda tagħha tat-talba u bil-miżuri ta’

kumpens li l-awtorità kompetenti tqis xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tad-dispożizzjonijiet li fir-rigward tagħhom ikunu ngħataw eżenzjonijiet."

(6) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafi 1 sa 8 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. Operatur ta' SS tad-DLT għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti li japplikaw għal CSD li jopera sistema ta' saldu tat-titoli skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014.

L-ewwel subparagrafu ma japplikax fir-rigward ta' dawk ir-rekwiżiti li minnhom l-operatur ta' SS tad-DLT ikun ġie eżentat skont il-paragrafi 2 sa 9 ta' dan l-Artikolu, dment li dik l-SS tad-DLT tikkonforma ma':

(a) l-Artikolu 7;

(b) il-paragrafi 2 sa 10 ta' dan l-Artikolu; u

(c) kwalunkwe miżura ta' kumpens li l-awtorità kompetenti tqis xierqa sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-dispożizzjonijiet li fir-rigward tagħhom tkun intalbet eżenzjoni, jew bl-għan li jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq jew l-istabbiltà finanzjarja.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika, rispettivament, fir-rigward ta' dawk ir-rekwiżiti li minnhom l-operatur ta' SS tad-DLT ikun ġie eżentat skont l-Artikolu 4a, dment li d-ditta tal-investiment, l-operatur tas-suq jew il-CASP jikkonforma ma':

(a) l-Artikolu 7;

(b) kwalunkwe miżura ta' kumpens stabbilita f'konformità mal-Artikolu 5a.

2. Fuq talba ta' operatur ta' SS tad-DLT, l-awtorità kompetenti tista' teżenta lil dak l-operatur mill-Artikolu 2(1), il-punti (4), (9) jew (28), jew mill-Artikolu 3, 37 jew 38 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, dment li l-operatur ta' SS tad-DLT:

(a) juri li l-użu ta' "kont ta' titoli" kif iddefinit fl-Artikolu 2(1), il-punt (28), ta' dak ir-Regolament jew l-użu tal-forma dematerjalizzata kif previst fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament ikun inkompatibbli mal-użu tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit partikolari;

(b) jipproponi miżuri ta' kumpens biex jintlaħqu l-objettivi tad-dispożizzjonijiet li minnhom tkun intalbet eżenzjoni, u jiżgura bħala minimu li:

(a) l-istrumenti finanzjarji tad-DLT jiġu rreġistrati fir-reġistru distribwit;

(b) l-għadd ta' strumenti finanzjarji tad-DLT f'ħarġa jew f'parti minn ħarġa rreġistrata mill-SS tad-DLT ikun ugwali għall-għadd totali ta' strumenti finanzjarji tad-DLT li jiffurmaw tali ħarġa jew parti minn ħarġa li jiġu rreġistrati fir-reġistru distribwit fi kwalunkwe ħin partikolari;

(c) iżomm rekords li jippermettu lill-operatur tal-SS tad-DLT fi kwalunkwe ħin partikolari jissegrega l-istrumenti finanzjarji tad-DLT ta' membru, parteċipant, emittent jew klijent minn dawk ta'

kwalunkwe membru, parteċipant, emittent jew klijent ieħor mingħajr dewmien; u

(d) ma jippermettix self attwali ta' titoli, bilanċi ta' debitu jew il-ħolqien jew it-tħassir mhux xieraq ta' titoli.

3. Fuq talba ta' operatur ta' SS tad-DLT, l-awtorità kompetenti tista' teżenta lil dak l-operatur mill-Artikolu 6 jew 7 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 dment li dak l-operatur jiżgura, bħala minimu, permezz ta' proċeduri u arranġamenti robusti, li l-SS tad-DLT:

(a) tippermetti konferma ċara, preċiża u f'waqtha tad-dettalji tat-tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji tad-DLT, inkluż kwalunkwe pagament li jsir fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT, kif ukoll ir-rilaxx ta' kwalunkwe kollateral rigward dawk l-istrumenti jew sejħiet għal kollateral fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT; u

(b) jew jipprevjeni l-fallimenti tas-saldu jew jindirizza l-fallimenti tas-saldu jekk ma jkunx possibbli li jiġu evitati.

4. Fuq talba ta' operatur ta' SS tad-DLT, l-awtorità kompetenti tista' teżenta lil dak l-operatur mill-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 fir-rigward biss tal-esternalizzazzjoni ta' servizz ewlieni lil parti terza, dment li l-applikazzjoni ta' dak l-Artikolu tkun inkompatibbli mal-użu tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit kif previst mill-operatur tal-SS tad-DLT.

5. Fuq talba ta' operatur ta' SS tad-DLT, l-awtorità kompetenti tista' tippermetti lil dak l-operatur ta' SS tad-DLT jammetti persuni fiżiċi u ġuridiċi minbarra dawk elenkati fl-Artikolu 2(1), il-punt (15), tar-Regolament (UE) …/… dwar il-finalità tas-saldu u li jħassar id-Direttiva 98/26/KE u li jemenda d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali bħala parteċipanti fl-SS tad-DLT, dment li tali persuni:

(a) ikunu ta' reputazzjoni tajba biżżejjed;

(b) ikollhom livell suffiċjenti ta' kapaċità, kompetenza, esperjenza u għarfien fir-rigward tas-saldu, il-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit, u tal-valutazzjoni tar-riskju; u

(c) jkunu taw kunsens infurmat biex jiġu inklużi fir-reġim pilota previst f'dan ir-Regolament u jkunu ġew infurmati b'mod adegwat dwar in-natura sperimentali tiegħu u r-riskji potenzjali assoċjati miegħu.

6. Fuq talba ta' operatur ta' SS tad-DLT, l-awtorità kompetenti tista' teżenta lil dak l-operatur mill-Artikolu 33, 34 jew 35 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, dment li dak l-operatur jipproponi miżuri ta' kumpens biex jintlaħqu l-objettivi ta' dawk l-Artikoli u, bħala minimu, jiżgura li:

(a) l-SS tad-DLT tiddivulga pubblikament il-kriterji tal-parteċipazzjoni li jippermettu aċċess ġust u miftuħ għall-persuni kollha li biħsiebhom isiru parteċipanti, u li dawk il-kriterji jkunu trasparenti, oġġettivi u nondiskriminatorji; u

(b) l-SS tad-DLT tiddivulga pubblikament il-prezzijiet u t-tariffi assoċjati mas-servizzi ta' saldu li tipprovdi.

7. Fuq talba ta' operatur ta' SS tad-DLT, l-awtorità kompetenti tista' teżenta lil dak l-operatur mill-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, dment li

dik l-SS tad-DLT tipproponi miżuri ta' kumpens biex jintlaħqu l-objettivi ta' dak l-Artikolu, u tiżgura bħala minimu, permezz ta' proċeduri u arranġamenti robusti, li:

(a) l-SS tad-DLT tissalda tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji tad-DLT kważi f'ħin reali jew dakinhar, u fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard mit-tieni jum ta' negozju wara l-konklużjoni tan-negozjar;

(b) l-SS tad-DLT tiddivulga pubblikament ir-regoli li jirregolaw is-sistema ta' saldu; u

(c) l-SS tad-DLT timmitiga kwalunkwe riskju li jirriżulta min-nuqqas ta' dożinjazzjoni tal-SS tad-DLT bħala sistema dożinjata skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) …/… dwar il-finalità tas-saldu u li jħassar id-Direttiva 98/26/KE u li jemenda d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali, b'mod partikolari fir-rigward ta' proċedimenti ta' insolvenza.

Għall-finijiet tal-operat ta' SS tad-DLT, id-definizzjoni ta' CSD fir-Regolament (UE) Nru 909/2014 bħala persuna ġuridika li topera sistema ta' saldu tat-titoli ma għandhiex twassal biex l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiddożinjaw SS tad-DLT bħala sistema dożinjata skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) …/… dwar il-finalità tas-saldu u li jħassar id-Direttiva 98/26/KE u li jemenda d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali. Madankollu, l-Istati Membri ma għandhomx jiġu prekluży milli jiddożinjaw SS tad-DLT bħala sistema dożinjata skont ir-Regolament (UE) …/… dwar il-finalità tas-saldu u li jħassar id-Direttiva 98/26/KE u li jemenda d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali meta l-SS tad-DLT tissodisfa r-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament.

Meta SS tad-DLT ma tkunx dożinjata bħala sistema dożinjata skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) …/… dwar il-finalità tas-saldu u li jħassar id-Direttiva 98/26/KE u li jemenda d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali, l-operatur ta' SS tad-DLT għandu jipproponi miżuri ta' kumpens biex jimmitiga r-riskji li jirriżultaw mill-insolvenza.

8. Fuq talba ta' operatur ta' SS tad-DLT, l-awtorità kompetenti tista' teżenta lil dak l-operatur mill-Artikolu 40 u mit-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, dment li dak l-operatur jissalda abbażi tal-konsenja kontra ħlas u jikkonforma mal-paragrafi 8a sa 8f.";

(b) Jiddaħħlu l-paragrafi 8a sa 8h li ġejjin:

"8a. Is-saldu tal-pagamenti għandu jitwettaq permezz ta' flus tal-bank ċentrali, inkluż f'forma tokenizzata, fejn ikun prattiku u disponibbli jew, fejn ma jkunx prattiku u disponibbli, permezz ta' flus tal-bank kummerċjali, inkluż f'forma tokenizzata, bl-użu tal-kontijiet ta' CSD jew istituzzjoni ta' kreditu, jew bl-użu ta' tokens tal-flus elettroniċi.

8b. Meta s-saldu tal-pagamenti jitwettaq fi flus ta' bank kummerċjali permezz tal-kontijiet ta' CSD, dan għandu jsir f'konformità mat-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

8c. Meta s-saldu tal-pagamenti jitwettaq fi flus ta' bank kummerċjali permezz tal-kontijiet ta' istituzzjoni ta' kreditu, it-Titolu IV tar-Regolament

(UE) Nru 909/2014 għandu japplika għall-operatur tal-SS tad-DLT u għall-istituzzjoni ta' kreditu ddeżinjata, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 54b(5), il-punt (c).

Meta l-istituzzjoni ta' kreditu ddeżinjata tipprovdi n-nutar tad-DLT u s-servizz ta' manutenzjoni ċentrali tal-kontijiet tad-DLT f'konformità mal-Artikoli 10b jew 10c, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tkun eżentata wkoll mill-Artikolu 54b(5), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, it-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 ma għandux japplika għal istituzzjoni ta' kreditu meta tipprovdi s-saldu ta' pagamenti bl-użu ta' flus tal-bank kummerċjali lil infrastruttura tas-suq tad-DLT operata taħt ir-reġim simplifikat.

Meta s-saldu tal-pagamenti jitwettaq bl-użu ta' rappreżentazzjonijiet fit-TSS tad-DLT ta' flus tal-bank kummerċjali prefinanzjati miżmuma f'kont wieħed jew aktar f'istituzzjoni ta' kreditu, dan għandu jitqies bħala saldu fil-kontijiet tal-istituzzjoni ta' kreditu, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) meta t-TSS tad-DLT tkun operata taħt ir-reġim simplifikat:

(1) l-operatur tat-TSS tad-DLT ikun awtorizzat bħala ditta tal-investiment; u

(2) l-operatur tat-TSS tad-DLT jidentifika, ikejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja u jimminimizza kwalunkwe riskju li jirriżulta minn dan il-mudell ta' saldu;

(b) meta t-TSS tad-DLT tkun operata taħt ir-reġim regolari:

(1) l-operatur tat-TSS tad-DLT ikun awtorizzat bħala ditta tal-investiment;

(2) l-operatur tat-TSS tad-DLT jidentifika, ikejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja u jimminimizza kwalunkwe riskju li jirriżulta minn dan il-mudell ta' saldu;

(3) l-istituzzjoni ta' kreditu li żżomm il-kontijiet bi flus tal-bank kummerċjali prefinanzjati hija soġġetta għat-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 54b(5), il-punt (c).

8d. Is-saldu tal-pagamenti f'tokens tal-flus elettroniċi għandu jitwettaq biss f'token tal-flus elettroniċi li jirreferenzja l-valur ta' munita uffiċjali tal-UE, ħlief meta jitwettaq għas-saldu ta' strument finanzjarju tad-DLT denominat f'munita mhux tal-UE.

8e. Meta s-saldu tal-pagamenti jitwettaq f'tokens tal-flus elettroniċi, is-servizz tal-forniment ta' kontijiet tal-flus kontanti għat-tokens tal-flus elettroniċi jista' jiġi pprovdut mill-operatur ta' SS tad-DLT, istituzzjoni ta' kreditu, CASP awtorizzat li jipprovdi kustodja tat-tokens tal-flus elettroniċi f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/1114 jew minn kwalunkwe entità finanzjarja oħra permessa li tipprovdi kustodja tat-tokens tal-flus elettroniċi f'konformità mal-Artikolu 60 ta' dak ir-Regolament, soġġett għall-proċedura ta' notifika speċifikata f'dak l-Artikolu.

Is-servizzi relatati mat-tokens tal-flus elettroniċi, għajr il-forniment ta' kontijiet tal-flus kontanti għat-tokens tal-flus elettroniċi u l-ipproċessar tal-pagamenti tat-tokens tal-flus elettroniċi, li jammontaw għal servizzi elenkati fit-Taqsima

C tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għandhom jiġu pprovduti minn istituzzjoni ta' kreditu li tikkonforma mat-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 54b(5), il-punt (c).

Meta l-istituzzjoni ta' kreditu tipprovdi n-nutar tad-DLT u s-servizz ta' manutenzjoni ċentrali tal-kontijiet tad-DLT f'konformità mal-Artikoli 10b jew 10c, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tkun eżentata wkoll mill-Artikolu 54b(5), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

B'deroga mit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, it-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 ma għandux japplika għal istituzzjoni ta' kreditu li tipprovdi servizzi elenkati fit-Taqsima C tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 lil infrastruttura tas-suq tad-DLT li topera fir-reġim simplifikat.

8f. Meta s-saldu jseħħ bl-użu ta' flus ta' bank kummerċjali pprovduti minn istituzzjoni ta' kreditu li għaliha ma japplikax it-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 bis-saħħa tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 8c, jew meta s-saldu tal-pagamenti jseħħ bl-użu ta' "tokens tal-flus elettroniċi", l-SS tad-DLT għandha tidentifika, tkejjel, timmonitorja, timmaniġġja u timminimizza kwalunkwe riskju li jirriżulta mill-użu ta' tali mezzi.

8g. Fuq it-talba ta' operatur ta' SS tad-DLT, l-awtorità kompetenti tista' teżenta lil dik l-SS tad-DLT mill-Artikolu 45a tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, dment li dik l-SS tad-DLT turi konformità mal-Artikolu 7.

8h. Fuq it-talba ta' operatur ta' SS tad-DLT, l-awtorità kompetenti tista' teżenta lil dik l-SS tad-DLT mill-Artikolu 48a tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, dment li dik l-SS tad-DLT timpenja ruħha għall-parteċipazzjoni fil-grupp tal-industrija msemmi fl-Artikolu 10g. L-awtorità kompetenti għandha żżomm l-eżenzjoni sakemm l-operatur tal-SS tad-DLT juri l-parteċipazzjoni tiegħu fil-grupp tal-industrija sakemm il-grupp jipprovdi l-istandards tekniċi msemmija fl-Artikolu 10g.";

(c) il-paragrafi 9 u 10 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"9. Fuq it-talba ta' operatur ta' SS tad-DLT, l-awtorità kompetenti tista' teżenta lil dik l-SS tad-DLT mill-Artikoli 50, 51 jew 53 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, dment li dik l-SS tad-DLT turi li l-użu tad-DLT huwa inkompatibbli mas-sistemi miruta ta' CSDs oħra jew infrastrutturi oħra tas-suq jew li l-għoti ta' aċċess lil CSD ieħor jew aċċess għal infrastruttura oħra tas-suq bl-użu ta' sistemi miruta jiskatta kostijiet sproporzjonati, minħabba l-iskala tal-attivitajiet tal-SS tad-DLT.

Meta SS tad-DLT tkun ġiet eżentata f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, din għandha tagħti lil operaturi oħra ta' SSs tad-DLT jew lil operaturi oħra ta' TSSs tad-DLT aċċess għall-SS tad-DLT tagħha. L-SS tad-DLT għandha tinforma lill-awtorità kompetenti bl-intenzjoni tagħha li tagħti tali aċċess. L-awtorità kompetenti tista' tipprojbixxi tali aċċess sal-punt li tali aċċess ikun jagħmel ħsara lill-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni, jew tas-sistema finanzjarja tal-Istat Membru kkonċernat.

10. Meta SS tad-DLT titlob eżenzjoni skont il-paragrafi 2 sa 9, din għandha turi li l-eżenzjoni mitluba hija:

(a) proporzjonata għall-użu tad-DLT u ġġustifikata minnu; u

(b) limitata għall-SS tad-DLT u ma testendix għal sistema ta' saldu tat-titoli li tkun operata mill-istess CSD.";

(7) Jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:

"Artikolu 5a

Eżenzjonijiet oħra fir-rigward tal-SS tad-DLT

1. Fuq it-talba ta' operatur ta' SS tad-DLT, l-awtorità kompetenti tista' teżenta lil dik l-SS tad-DLT minn dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Titoli II u III tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, għajr dawk koperti mill-Artikolu 5 dment li, għal kull dispożizzjoni li fir-rigward tagħha tkun intalbet eżenzjoni, jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) il-konformità mad-dispożizzjoni li fir-rigward tagħha tkun intalbet eżenzjoni tkun inkompatibbli jew sproporzjonata ħafna mal-użu tad-DLT:

   (b) l-eżenzjoni mitluba tkun limitata għall-SS tad-DLT u ma testendix għal sistema ta' saldu tat-titoli li tkun operata mill-istess CSD;

   (c) l-eżenzjoni mitluba ma timminax l-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri;

   (d) l-SS tad-DLT tikkonforma mal-miżuri ta' kumpens li l-awtorità kompetenti tqis xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tad-dispożizzjoni li fir-rigward tagħha tkun intalbet eżenzjoni.

2. L-operatur tal-SS tad-DLT għandu jippreżenta talba bil-miktub għall-approvazzjoni lill-awtorità kompetenti. Dik it-talba għandha tinkludi:

   (a) il-lista ta' eżenzjonijiet mitluba u kif l-eżenzjonijiet mitluba, meħuda individwalment u flimkien, jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafi 1(a) u 1(c); u

   (b) miżuri ta' kumpens proposti biex jintlaħqu l-objettivi tad-dispożizzjonijiet li fir-rigward tagħhom tkun intalbet eżenzjoni.

   L-awtorità kompetenti tista' titlob kwalunkwe informazzjoni ulterjuri li tkun meħtieġa biex tlesti l-valutazzjoni tagħha tat-talba.

   L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-applikant meta tqis li t-talba tkun kompluta.

3. Fi żmien xahrejn minn meta tiddikjara t-talba kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tippreżenta abbozz ta' valutazzjoni tat-talba msemmija fil-paragrafu 2 lill-ESMA, flimkien mal-applikazzjoni kompluta. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-abbozz ta' valutazzjoni, l-ESMA għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'opinjoni mhux vinkolanti dwar l-abbozz ta' valutazzjoni u l-eżenzjonijiet mitluba, inkluż, fejn tqis meħtieġ, rakkomandazzjonijiet għal miżuri ta' kumpens addizzjonali.

   L-awtorità kompetenti għandha tagħti kunsiderazzjoni xierqa lil dik l-opinjoni u għandha tipprovdi lill-ESMA b'dikjarazzjoni rigward kwalunkwe devjazzjoni sinifikanti minn dik l-opinjoni jekk l-ESMA titlob dan. L-opinjoni tal-ESMA u d-dikjarazzjoni tal-awtorità kompetenti ma għandhomx isiru pubbliċi.

L-awtorità kompetenti għandha, fi żmien 4 xhur minn meta tiddikjara t-talba kompluta tinforma lill-impriża bl-approvazzjoni jew iċ-ċaħda tagħha tat-talba u bil-miżuri ta' kumpens li l-awtorità kompetenti tqis xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tad-dispożizzjonijiet li fir-rigward tagħhom ikunu ngħataw eżenzjonijiet.";

(8) L-Artikolu 6 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 6

Rekwiżiti u eżenzjonijiet fir-rigward tat-TSSs tad-DLT

4. Ditta tal-investiment, operatur tas-suq jew CASP li jopera TSS tad-DLT għandu jkun soġġett għal:

(a) ir-rekwiżiti li japplikaw għal faċilità multilaterali tan-negozjar skont ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE meta topera t-TSS tad-DLT bħala MTF; jew

(b) ir-rekwiżiti li japplikaw għal faċilità organizzata tan-negozjar skont ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE meta topera t-TSS tad-DLT bħala OTF; u

(c) *mutatis mutandis*, ir-rekwiżiti li japplikaw għal CSD skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 9, 16, 17, 18, 20, 26, 27, 28, 31, 42, 43 u 44, ta' dak ir-Regolament.

B'deroga mill-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu, CASPs li jħaddmu TSS tad-DLT ma għandhomx ikunu soġġetti għall-Artikoli 5 sa 13 u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/65/UE.

Il-kapital miżmum f'konformità mar-rekwiżiti kapitali applikabbli għal ditta tal-investiment, operatur tas-suq jew CASP li jopera TSS tad-DLT skont id-Direttiva 2014/65/UE jew ir-Regolament (UE) 2023/1114, rispettivament, jista' jgħodd għall-kapital meħtieġ skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

L-ewwel subparagrafu ma japplikax fir-rigward ta' dawk ir-rekwiżiti li minnhom id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jopera t-TSS tad-DLT ikun ġie eżentat skont l-Artikolu 4(2) u (3) u l-Artikolu 5(2) sa (9), dment li dik id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq jew il-CASP jikkonformaw ma':

(a) l-Artikolu 7;

(b) l-Artikolu 4(2), (3) u (4) u l-Artikolu 5(2) sa (10); u

(c) kwalunkwe miżura ta' kumpens li l-awtorità kompetenti tqis xierqa sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-dispożizzjonijiet li fir-rigward tagħhom tkun intalbet eżenzjoni, jew sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq jew l-istabbiltà finanzjarja.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika fir-rigward ta' dawk ir-rekwiżiti li minnhom id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jopera t-TSS tad-DLT ikun ġie eżentat skont l-Artikoli 4a jew 5a, dment li d-ditta tal-investiment, l-operatur tas-suq jew il-CASP jikkonformaw ma':

(a) l-Artikolu 7; u

(b) kwalunkwe miżura ta' kumpens stabbilita f'konformità mal-Artikoli 4a jew 5a.

5. CSD li jopera TSS tad-DLT għandu jkun soġġett għal:

(a) ir-rekwiżiti li japplikaw għal CSD skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014; u

(b) *mutatis mutandis*, ir-rekwiżiti li japplikaw għal faċilità multilaterali tan-negozjar skont ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 5 sa 13 ta' dik id-Direttiva, meta topera t-TSS tad-DLT bħala MTF; jew

(c) *mutatis mutandis*, ir-rekwiżiti li japplikaw għal faċilità organizzata tan-negozjar skont ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 5 sa 13 ta' dik id-Direttiva, meta topera t-TSS tad-DLT bħala OTF.

L-ewwel subparagrafu ma japplikax fir-rigward ta' dawk ir-rekwiżiti li minnhom is-CSD li jopera t-TSS tad-DLT ikun ġie eżentat skont l-Artikolu 4(3) u (4), l-Artikolu 5(2) sa (9) u l-Artikolu 5a, dment li dak is-CSD jikkonforma ma':

(a) l-Artikolu 7;

(b) kwalunkwe miżura ta' kumpens li l-awtorità kompetenti tqis xierqa sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-dispożizzjonijiet li fir-rigward tagħhom tkun intalbet eżenzjoni, jew bl-għan li jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq jew l-istabbiltà finanzjarja.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika fir-rigward ta' dawk ir-rekwiżiti li minnhom is-CSD li jopera t-TSS tad-DLT ikun ġie eżentat skont l-Artikoli 4a jew 5a, dment li d-ditta tal-investiment, l-operatur tas-suq jew il-CASP jikkonformaw ma':

(a) l-Artikolu 7; u

(b) kwalunkwe miżura ta' kumpens stabbilita f'konformità mal-Artikoli 4a jew 5a.";

(9) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 6, it-tielet subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi, fuq bażi ta' każ b'każ, li jintalbu salvagwardji prudenzjali addizzjonali mill-operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT fil-forma ta' fondi proprji jew polza tal-assigurazzjoni jekk l-awtorità kompetenti tiddetermina li obbligazzjonijiet potenzjali għad-danni lill-klijenti tal-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT bħala riżultat ta' kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma humiex koperti b'mod adegwat mir-rekwiżiti prudenzjali previsti fir-Regolament (UE) Nru 909/2014, ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([41]), ir-Regolament (UE) 2023/1113 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2014/65/UE jew id-Direttiva (UE)

[41] Ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014 (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 1).

2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([42]), sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investituri.";

(b) il-paragrafu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) li l-livell limitu msemmi fl-Artikolu 3(2a) jew (3), kif applikabbli, ikun inqabeż;";

(b) ir-raba' subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-istrateġija ta' tranżizzjoni għandha tispeċifika x'għandu jsir f'każ li jinqabeż il-livell limitu msemmi fl-Artikolu 3(2a) jew 3(3), kif applikabbli.";

(c) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-konformità mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għandha tifforma parti mill-istrateġija ta' tranżizzjoni ta' operatur ta' SS tad-DLT jew TSS tad-DLT. B'deroga mill-Artikolu 20(5) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-operatur ta' SS tad-DLT jew TSS tad-DLT jista', minbarra CSD ieħor, jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm proċeduri adegwati li jiżguraw is-saldu u t-trasferiment f'waqthom u ordnati tal-assi tal-klijenti u tal-parteċipanti wkoll lil operatur ieħor ta' SS tad-DLT, TSS tad-DLT jew skema ta' saldu.";

(c) il-paragrafi 8, 9 u 10 jitħassru;

(10) jiddaħħal l-Artikolu 7a li ġej:

"Artikolu 7a

Reġim simplifikat

1. Meta l-valur tas-suq tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT irreġistrati ma' TSS tad-DLT ikun mistenni li jibqa' taħt il-livell limitu stabbilit fl-Artikolu 3(2b) ta' dan ir-Regolament, ditta tal-investiment, operatur tas-suq jew CASP li japplikaw għal permess speċifiku biex joperaw TSS tad-DLT f'konformità mal-Artikolu 10, għandhom jitħallew jipparteċipaw fir-reġim simplifikat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Meta l-valur tas-suq tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT irreġistrati ma' SS tad-DLT jew TSS tad-DLT ikun mistenni li jibqa' taħt il-livell limitu stabbilit fl-Artikolu 3(2b) ta' dan ir-Regolament, CSD li japplika għal permess speċifiku biex jopera SS tad-DLT f'konformità mal-Artikolu 9 jew TSS tad-DLT f'konformità mal-Artikolu 10, kif applikabbli, għandu jkun jista' jipparteċipa fir-reġim simplifikat kif stabbilit f'dan l-Artikolu.

3. Meta persuna ġuridika tapplika għal awtorizzazzjoni ta' CSD skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 għall-finijiet tal-parteċipazzjoni fir-reġim simplifikat bħala SS tad-DLT jew TSS tad-DLT, l-awtorità kompetenti ma għandhiex tivvaluta jekk dik il-persuna ġuridika tissodisfax dawk ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li ma japplikawx għall-SS tad-DLT jew għal TSS tad-DLT f'konformità mal-paragrafu 5.

[42] Id-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li temenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/59/UE u 2014/65/UE (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 64).

B’deroga mill-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, meta l-awtorità rilevanti tiddeċiedi li toħroġ opinjoni motivata fil-qasam ta’ kompetenza tagħha, hija għandha tagħmel dan fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-informazzjoni mill-awtorità rilevanti.

B’deroga mill-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-applikant dwar l-eżitu tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni fi żmien 4 xhur mis-sottomissjoni ta’ applikazzjoni kompluta.

L-awtorizzazzjoni mogħtija skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 f’konformità ma’ dan il-paragrafu għandha tkopri biss is-servizzi ta’ CSD ipprovduti skont dan ir-Regolament fil-kapaċità ta’ SS tad-DLT jew ta’ operatur tat-TSS tad-DLT.

4. CSD awtorizzat għall-finijiet ta’ parteċipazzjoni fir-reġim simplifikat għandu jkollu biżżejjed salvagwardji prudenzjali biex jiżgura li jkun protett b’mod adegwat kontra riskji operazzjonali, legali, ta’ kustodja, ta’ investiment u ta’ negozju sabiex ikun jista’ jkompli jipprovdi servizzi bħala negozju avvjat, u b’kont meħud tal-iskala limitata tal-operazzjonijiet tiegħu.

L-Awtorità Bankarja Ewropea għandha, f’kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u mal-membri tas-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali, tiżviluppa abbozz ta’ standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti kapitali rigward is-salvagwardji prudenzjali msemmija fl-ewwel subparagrafu, filwaqt li tqis l-iskala limitata ta’ attivitajiet imwettqa minn dawk l-entitajiet.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data li tikkorrispondi għal 8 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu permezz ta’ att delegat skont l-Artikolu 290 tat-TFUE f’konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

5. B’deroga mir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li japplikaw għal SS tad-DLT jew TSS tad-DLT bis-saħħa tal-Artikolu 5(1), l-ewwel subparagrafu 6(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), u l-Artikolu 6(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ta’ dan ir-Regolament, l-entitajiet li joperaw fir-reġim simplifikat ma għandhomx ikunu soġġetti għall-partijiet li ġejjin tar-Regolament (UE) Nru 909/2014:

   (a) it-Titolu II, il-Kapitolu III u l-Kapitolu IV, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 6(3) u 6(4), 7(1) u 7(7) u 8;

   (b) l-Artikolu 22a(2) sa (7) u 24a;

   (c) it-Titolu III, il-Kapitolu II, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 26(1) sa 26(3), 26(5), 26(7), 27(1), 27(3), 27(5) sa 27(7), 27a(1), 29(1) sa 29(2), 30(1) sa 30(3), 30(5), 32, 33(1), 36, 37, 38(1), 38(2), 39(3), 39(5), 40(1), 40(3), 41(1), 42 sa 44, 45(1) sa (3), 45(6); u

   (d) t-Titolu VI.

Dawk l-entitajiet għandhom ikunu jistgħu jitolbu eżenzjonijiet skont l-Artikoli 4, 4a, 5, 5a jew 6, kif applikabbli għat-tip ta’ infrastruttura tas-suq tad-DLT li joperaw. Huma għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti speċifikati f’dawk l-Artikoli.

6. Biex tispeċifika aktar ir-rekwiżiti applikabbli għall-entitajiet li joperaw fir-reġim simplifikat stabbilit fil-paragrafu 5, l-ESMA għandha, f’kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozz ta’ standards tekniċi regolatorji biex temenda, fejn meħtieġ,

l-istandards tekniċi regolatorji adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 fir-rigward tal-entitajiet li joperaw fir-reġim simplifikat sabiex:

(a) tadattahom għar-rekwiżiti applikabbli għal dawk l-entitajiet f'konformità mal-paragrafu 5; u

(b) tiżgura li l-istandards tekniċi regolatorji applikabbli għal dawk l-entitajiet ikunu proporzjonati għad-daqs, għar-riskju u għan-natura tal-attivitajiet imwettqa minn dawk l-entitajiet.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data li tikkorrispondi għal 8 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

7. Meta entità li topera fir-reġim simplifikat ikollha l-ħsieb li tagħmel tranżizzjoni għar-reġim regolari, din għandha tikkonforma mal-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 kif ġej:

(a) sa mhux aktar tard minn meta tilħaq il-livell limitu stabbilit fl-Artikolu 3(2b), hija għandha tikkonforma ma' 50 % tar-rekwiżiti kapitali kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, kif speċifikat skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/390([43]).

(b) sa mhux aktar tard minn meta tilħaq il-livell limitu stabbilit fl-Artikolu 3(3), hija għandha tikkonforma ma' 100 % tar-rekwiżiti kapitali kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, kif speċifikat fir-Regolament Delegat (UE) 2017/390.

8. Meta jitolbu permess speċifiku biex joperaw SS tad-DLT skont l-Artikolu 9 jew biex joperaw TSS tad-DLT skont l-Artikolu 10, l-entitajiet li beħsiebhom joperaw fir-reġim simplifikat għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti bl-intenzjoni tagħhom li jibbenefikaw mir-reġim simplifikat u jipprovdu pjan ta' direzzjoni tan-negozju li juri li l-attivitajiet tal-SS tad-DLT jew tat-TSS tad-DLT huma mistennija li jibqgħu taħt il-livell limitu stabbilit fl-Artikolu 3(2b).

L-awtorità kompetenti għandha tapprova jew tirrifjuta t-talba biex tibbenefika mir-reġim simplifikat bħala parti mill-proċeduri biex jinkiseb il-permess speċifiku biex tiġi operata SS tad-DLT stabbilit fl-Artikolu 9 u fl-Artikolu 10, rispettivament.

9. Meta l-kalkolu skont l-Artikolu 3(4) ta' dan ir-Regolament juri li l-attività tal-operatur tkun laħqet EUR 8 biljun, l-operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jakkumpanja r-rapport ta' kull xahar lill-awtorità kompetenti tiegħu ppreżentat f'konformità mal-Artikolu 3(5) ta' dan ir-Regolament b'notifika dwar jekk l-operatur għandux l-intenzjoni li jagħmel tranżizzjoni għar-reġim regolari.

---

[43] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/390 tal-11 ta' Novembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar ċerti rekwiżiti prudenzjali għal depożitorji ċentrali tat-titoli u istituzzjonijiet ta' kreditu ddeżinjati li joffru servizzi anċillari ta' tip bankarju (ĠU L 65, 10.3.2017, p. 9–43)

10. Meta l-operatur ma jkollux l-intenzjoni li jagħmel tranżizzjoni għar-reġim regolari, huwa għandu juri lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn xahrejn mid-data tan-notifika skont il-paragrafu 9 il-miżuri li se jimplimenta biex jiżgura li l-operazzjonijiet kummerċjali tiegħu ma jaqbżux il-livell limitu msemmi fl-Artikolu 3(2b).

Meta l-operatur jinnotifika lill-awtorità kompetenti bl-intenzjoni tiegħu li jagħmel tranżizzjoni għar-reġim regolari, l-operatur għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tar-reġim regolari fi żmien xahrejn mid-data meta jilħaq il-livell limitu stabbilit fl-Artikolu 3(2b), ħlief għar-rekwiżiti li fir-rigward tagħhom l-operatur ikun ingħata eżenzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament.

L-operatur għandu jissottometti pjan għat-tranżizzjoni għar-reġim regolari lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn xahrejn mid-data tas-sottomissjoni tan-notifika skont il-paragrafu 10. Dan il-pjan għandu jinkludi l-informazzjoni meħtieġa biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tivvaluta jekk l-operatur huwiex se jkun jista' jikkonforma mar-rekwiżiti tar-reġim regolari fil-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu. L-operatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe bidla materjali fil-pjan ta' tranżizzjoni għar-reġim regolari.

Meta jkun hemm indikazzjonijiet qawwija li l-operatur mhux se jkun jista' jlesti t-tranżizzjoni fil-perjodu msemmi fit-tieni subparagrafu, l-awtorità kompetenti tista' tirrikjedi l-waqfien temporanju tal-attivitajiet tal-operatur sa meta l-operatur juri konformità mar-rekwiżiti rilevanti. L-awtorità kompetenti għandha teżerċita din is-setgħa biss meta l-waqfien temporanju jkun proporzjonat biex jiżgura l-funzjonament ordnat tan-negozju u jżomm l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri.

11. Sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 8 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida biex tistabbilixxi formoli, formati u mudelli standard għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni skont ir-reġim simplifikat imsemmi fil-paragrafu 4.

12. L-operatur ta' SS tad-DLT jew ta' TSS tad-DLT li jkun ġie awtorizzat skont dan ir-Regolament qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Artikolu għandu jitqies, fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tas-CSD, li jopera skont ir-reġim simplifikat sakemm jibqa' taħt il-livell limitu stabbilit fl-Artikolu 3(2b) u l-Artikolu 3(3) ta' dan ir-Regolament, kif applikabbli.

Meta l-operatur ta' SS tad-DLT jew ta' TSS tad-DLT imsemmi fl-ewwel subparagrafu jkollu l-ħsieb li jagħmel tranżizzjoni fir-reġim regolari, huwa għandu jagħmel dan f'konformità ma' dan l-Artikolu.";

(11) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu tal-Artikolu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"**Permess speċifiku għall-operat tat-TV tad-DLT**"

(b) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Persuna ġuridika li tkun awtorizzata bħala ditta tal-investiment, awtorizzata biex topera suq regolat, skont id-Direttiva 2014/65/UE, jew awtorizzata bħala pjattaforma ta' negozjar ta' CASP tista' tapplika għal permess speċifiku biex topera TV tad-DLT skont dan ir-Regolament.";

(c) il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(2) Meta persuna ġuridika tapplika għal awtorizzazzjoni bħala ditta tal-investiment jew għal awtorizzazzjoni biex topera suq regolat skont id-Direttiva 2014/65/UE u, simultanjament, tapplika għal permess speċifiku skont dan l-Artikolu, għall-iskop uniku li topera TV tad-DLT, l-awtorità kompetenti ma għandhiex tivvaluta jekk l-applikant jissodisfax ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2014/65/UE li fir-rigward tagħhom l-applikant ikun talab eżenzjoni f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.";

(d) jiddaħħal il-paragrafu 3a:

"3a. Meta persuna ġuridika tapplika simultanjament għal awtorizzazzjoni bħala CASP u għal permess speċifiku, fl-applikazzjoni tagħha għandha tissottometti l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2023/1114.";

(e) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) il-formulazzjoni introduttorja hija ssostitwita b'dan li ġej:

"4. Applikazzjoni għal permess speċifiku biex jiġi operat TV tad-DLT skont dan ir-Regolament għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:";

(ii) il-punti (a) sa (g) jinbidlu b'dan li ġej:

"(a) il-pjan tan-negozju tal-applikant, ir-regoli tat-TV tad-DLT u kwalunkwe terminu legali kif imsemmi fl-Artikolu 7(1), kif ukoll informazzjoni dwar il-funzjonament, is-servizzi u l-attivitajiet tat-TV tad-DLT kif imsemmi fl-Artikolu 7(3);

(b) deskrizzjoni tal-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit użata, kif imsemmi fl-Artikolu 7(2);

(c) deskrizzjoni tal-arranġamenti ġenerali tal-IT u dawk ċibernetiċi tal-applikant kif imsemmi fl-Artikolu 7(4);

(d) evidenza li l-applikant għandu fis-seħħ salvagwardji prudenzjali suffiċjenti biex jissodisfa l-obbligazzjonijiet tiegħu u biex jikkumpensa lill-klijenti tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 7(6), it-tielet subparagrafu;

(e) fejn applikabbli, deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' salvagwardja għall-istrumenti finanzjarji tad-DLT tal-klijenti kif imsemmi fl-Artikolu 7(5);

(f) deskrizzjoni tal-arranġamenti għall-iżgurar tal-protezzjoni tal-investituri u deskrizzjoni tal-mekkaniżmi għat-trattament tal-ilmenti u r-rimedju tal-klijenti, kif imsemmi fl-Artikolu 7(6), it-tieni subparagrafu;

(g) l-eżenzjonijiet li l-applikant qed jitlob skont l-Artikolu 4, il-ġustifikazzjoni għal kull eżenzjoni mitluba u kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta u l-mezzi li bihom biħsiebu jikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawk l-eżenzjonijiet.";

(f) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, applikant li jkun beħsiebu jopera TV tad-DLT bħala pjattaforma ta' negozjar tal-CASP għandu jissottometti l-informazzjoni dwar kif biħsiebu jikkonforma

mar-rekwiżiti applikabbli tad-Direttiva 2014/65/UE u tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 kif imsemmi fl-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament, ħlief għall-informazzjoni li tkun meħtieġa biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti li fir-rigward tagħhom l-applikant ikun talab eżenzjoni f'konformità mal-Artikolu 4 jew ikun ingħata eżenzjoni f'konformità mal-Artikolu 4a.";

(g) fil-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fi żmien 30 jum tax-xogħol mid-data tal-wasla ta' applikazzjoni għal permess speċifiku biex jiġi operat TV tad-DLT, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni hijiex kompluta. Jekk l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih l-applikant għandu jipprovdi l-informazzjoni nieqsa jew kwalunkwe informazzjoni addizzjonali. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-applikant meta l-awtorità kompetenti tqis li l-applikazzjoni tkun kompluta.";

(h) fil-paragrafu 8, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) eżenzjonijiet mogħtija lill-operaturi ta' TVs tad-DLT madwar l-Unjoni, inkluż fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-adegwatezza ta' tipi differenti ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit użati mill-operaturi ta' TVs tad-DLT għall-finijiet ta' dan ir-Regolament; u";

(i) il-paragrafi minn 9 sa 13 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"9. Fi żmien 90 jum tax-xogħol mid-data tal-wasla ta' applikazzjoni kompluta għal permess speċifiku biex jiġi operat TV tad-DLT, l-awtorità kompetenti għandha twettaq valutazzjoni tal-applikazzjoni u tiddeċiedi jekk tagħtix il-permess speċifiku. Meta applikant japplika simultanjament għal awtorizzazzjoni skont id-Direttiva 2014/65/UE jew ir-Regolament (UE) 2023/1114 u għal permess speċifiku skont dan ir-Regolament, il-perjodu ta' valutazzjoni jista' jiġi estiż għal perjodu ulterjuri sa dak speċifikat fl-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2014/65/UE jew l-Artikolu 63(9) tar-Regolament (UE) 2023/1114, rispettivament.

10. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7 u 44 tad-Direttiva 2014/65/UE, l-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta li tagħti permess speċifiku biex jiġi operat TV tad-DLT jekk ikun hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li:

(a) hemm riskji sinifikanti għall-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq jew l-istabbiltà finanzjarja li ma humiex indirizzati u mitigati kif xieraq mill-applikant;

(b) il-permess speċifiku biex jiġi operat TV tad-DLT u l-eżenzjonijiet mitluba qed jintalbu bl-għan li jiġu evitati r-rekwiżiti legali jew regolatorji; jew

(c) l-operatur tat-TV tad-DLT mhux se jkun jista' jikkonforma, jew mhux se jippermetti lill-utenti tiegħu jikkonformaw, mad-dispożizzjonijiet applikabbli tad-dritt tal-Unjoni.

11. Il-permess speċifiku għandu jispeċifika l-eżenzjonijiet li jingħataw f'konformità mal-Artikolu 4, kwalunkwe miżura ta' kumpens u kwalunkwe livell limitu aktar baxx stabbilit mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 3(6).

L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-ESMA dwar l-għoti, ir-rifjut jew l-irtirar ta' permess speċifiku skont dan l-Artikolu mingħajr dewmien, inkluża kwalunkwe informazzjoni speċifikata skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

L-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha:

(a) il-lista ta' TVs tad-DLT, id-dati tal-bidu tal-permessi speċifiċi tagħhom, il-lista ta' eżenzjonijiet mogħtija lil kull wieħed minnhom, u kwalunkwe livell limitu aktar baxx stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti għal kull wieħed minnhom; u

(b) l-għadd totali ta' talbiet għal eżenzjonijiet li saru skont l-Artikolu 4, li jindikaw l-għadd u t-tipi ta' eżenzjonijiet mogħtija jew irrifjutati, flimkien mal-ġustifikazzjonijiet għal kwalunkwe rifjut.

L-informazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu, il-punt (b), għandha tkun ippubblikata fuq bażi anonima.

12. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 8 u 44 tad-Direttiva 2014/65/UE, l-awtorità kompetenti għandha tirtira permess speċifiku jew kwalunkwe waħda mill-eżenzjonijiet relatati meta:

(a) ikun ġie skopert difett fil-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit użata, jew fis-servizzi u fl-attivitajiet ipprovduti mill-operatur tat-TV tad-DLT, li joħloq riskju għall-protezzjoni tal-investituri, għall-integrità tas-suq jew għall-istabbiltà finanzjarja, u r-riskju jegħleb il-benefiċċji tas-servizzi u tal-attivitajiet taħt esperimentazzjoni;

(b) l-operatur tat-TV tad-DLT ikun kiser il-kundizzjonijiet marbuta mal-eżenzjonijiet;

(c) l-operatur tat-TV tad-DLT ikun ammetta għan-negozjar strumenti finanzjarji li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1);

(d) l-operatur tat-TV tad-DLT ikun qabeż il-livell limitu msemmi fl-Artikolu 3(2) jew 3(2b), kif applikabbli;

(e) l-operatur tat-TV tad-DLT ikun qabeż il-livell limitu msemmi fl-Artikolu 3(2a) jew 3(3) u ma jkunx attiva l-istrateġija ta' tranżizzjoni; jew

(f) l-operatur tat-TV tad-DLT ikun kiseb il-permess speċifiku jew l-eżenzjonijiet relatati abbażi ta' informazzjoni qarrieqa jew ommissjoni materjali.

13. Meta operatur ta' TV tad-DLT ikollu l-ħsieb li jintroduċi bidla materjali fil-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit użata, jew fis-servizzi jew fl-attivitajiet ta' dak l-operatur, u dik il-bidla materjali tkun teħtieġ permess speċifiku ġdid, eżenzjoni ġdida, jew il-modifika ta' waħda jew aktar mill-eżenzjonijiet eżistenti tal-operatur jew ta' kwalunkwe kundizzjoni marbuta ma' eżenzjoni, l-operatur tat-TV tad-DLT għandu jitlob permess speċifiku ġdid, eżenzjoni jew modifika.

Meta operatur ta' TV tad-DLT jitlob permess speċifiku ġdid, eżenzjoni jew modifika, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 4. Dik it-talba għandha tiġi pproċessata mill-awtorità kompetenti f'konformità ma' dan l-Artikolu.";

(12) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"2. Meta persuna ġuridika tapplika għal awtorizzazzjoni bħala CSD skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 u fl-istess ħin tapplika għal permess speċifiku skont dan l-Artikolu, għall-iskop uniku li topera SS tad-DLT, l-awtorità kompetenti ma għandhiex tivvaluta jekk l-applikant jissodisfax dawk ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li fir-rigward tagħhom l-applikant ikun talab eżenzjoni f'konformità mal-Artikolu 5 jew ikun ingħata eżenzjoni f'konformità mal-Artikolu 5a ta' dan ir-Regolament.

3. Meta, kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, persuna ġuridika tapplika simultanjament għal awtorizzazzjoni bħala CSD u għal permess speċifiku, hija għandha tippreżenta fl-applikazzjoni tagħha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, ħlief għall-informazzjoni li tkun meħtieġa biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti li fir-rigward tagħhom l-applikant ikun talab eżenzjoni f'konformità mal-Artikolu 5 jew ikun ingħata eżenzjoni f'konformità mal-Artikolu 5a ta' dan ir-Regolament.";

(b) fil-paragrafu 4, il-punt (h) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(h) l-eżenzjonijiet li l-applikant qed jitlob skont l-Artikolu 4 jew 5a, il-ġustifikazzjoni għal kull eżenzjoni mitluba u kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta u l-mezzi li bihom biħsiebu jikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawk l-eżenzjonijiet.";

(c) fil-paragrafu 10, il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) l-SS tad-DLT mhux se tkun tista' tikkonforma, jew mhux se tippermetti lill-utenti tagħha jikkonformaw, mad-dispożizzjonijiet applikabbli tad-dritt tal-Unjoni jew mad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.";

(d) il-paragrafu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'li ġej:

"Il-permess speċifiku għandu jispeċifika l-eżenzjonijiet li jingħataw f'konformità mal-Artikolu 5, kwalunkwe miżura ta' kumpens, kwalunkwe livell limitu aktar baxx stabbilit mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 3(6) u jekk l-SS tad-DLT toperax skont ir-reġim simplifikat."

(b) fit-tielet subparagrafu, il-punt a huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-lista tal-SSs tad-DLT, id-data tal-bidu tal-permessi speċifiċi tagħhom, il-lista ta' eżenzjonijiet mogħtija lil kull waħda minnhom, u kwalunkwe livell limitu aktar baxx stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti għal kull waħda minnhom; u";

(e) il-paragrafi 12 u 13 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"12. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-awtorità kompetenti għandha tirtira permess speċifiku jew kwalunkwe waħda mill-eżenzjonijiet relatati meta:

(a) ikun ġie skopert difett fil-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit użata, jew fis-servizzi u fl-attivitajiet ipprovduti mill-SS tad-

DLT, li joħloq riskju għall-protezzjoni tal-investituri, għall-integrità tas-suq jew għall-istabbiltà finanzjarja, u r-riskju jegħleb il-benefiċċji tas-servizzi u tal-attivitajiet taħt esperimentazzjoni;

(b) l-SS tad-DLT tkun kisret il-kundizzjonijiet marbuta mal-eżenzjonijiet;

(c) l-SS tad-DLT tkun irreġistrat strumenti finanzjarji li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1);

(d) l-SS tad-DLT tkun qabżet il-livell limitu msemmi fl-Artikolu 3(2) jew 3(2b) kif applikabbli;

(e) l-SS tad-DLT tkun qabżet il-livell limitu msemmi fl-Artikolu 3(2a) jew 3(3), kif applikabbli, u ma tkunx attivat l-istrateġija ta' tranżizzjoni; jew

(f) l-SS tad-DLT kisbet il-permess speċifiku jew l-eżenzjonijiet relatati abbażi ta' informazzjoni qarrieqa jew ommissjoni materjali.

13. Meta SS tad-DLT ikollha l-ħsieb li tintroduċi bidla materjali fil-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit użata, jew fis-servizzi jew fl-attivitajiet ta' dik l-SS tad-DLT, u dik il-bidla materjali tkun teħtieġ permess speċifiku ġdid, eżenzjoni ġdida, jew il-modifika ta' waħda jew aktar mill-eżenzjonijiet eżistenti tagħha jew ta' kwalunkwe kundizzjoni marbuta ma' eżenzjoni, l-SS tad-DLT għandha titlob permess speċifiku ġdid, eżenzjoni jew modifika.

Meta SS tad-DLT titlob permess speċifiku ġdid, eżenzjoni jew modifika, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5. Dik it-talba għandha tiġi pproċessata mill-awtorità kompetenti f'konformità ma' dan l-Artikolu.";

(13) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1, 2 u 3 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. Id-ditta tal-investiment, jew l-operatur tas-suq, jew bħala pjattaforma ta' negozjar ta' CASP skont ir-Regolament (UE) 2023/1114, jew awtorizzat bħala CSD skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014, jista' japplika għal permess speċifiku biex jopera TSS tad-DLT skont dan ir-Regolament.

2. Meta persuna ġuridika tapplika għal awtorizzazzjoni bħala ditta tal-investiment jew għall-awtorizzazzjoni biex topera suq regolat skont id-Direttiva 2014/65/UE, jew ir-Regolament (UE) Nru 600/2014, jew bħala CSD skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014, jew bħala pjattaforma ta' negozjar ta' CASP skont ir-Regolament 2023/1114 u, simultanjament, tapplika għal permess speċifiku skont dan l-Artikolu, għall-iskop uniku li topera TSS tad-DLT, l-awtorità kompetenti ma għandhiex tivvaluta jekk l-applikant jissodisfax dawk ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2014/65/UE jew tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, jew dawk tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li fir-rigward tagħhom l-applikant ikun talab eżenzjoni f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

3. Meta, kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, persuna ġuridika tapplika simultanjament għall-awtorizzazzjoni bħala ditta tal-investiment jew għall-awtorizzazzjoni biex topera suq regolat, jew għall-awtorizzazzjoni bħala CSD, jew għall-awtorizzazzjoni ta' CASP, u għal permess speċifiku, hija għandha tissottometti fl-applikazzjoni tagħha l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/65/UE jew l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE)

Nru 909/2014 jew l-Artikolu 7a ta' dan ir-Regolament jew l-Artikolu 62 tar-Regolament 2023/1114 rispettivament, ħlief għall-informazzjoni li tkun meħtieġa biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti li fir-rigward tagħhom l-applikant ikun talab eżenzjoni f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.";

(b) il-paragrafu 5 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"5. Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, applikant li jkun beħsiebu jopera TSS tad-DLT bħala ditta tal-investiment, operatur tas-suq jew CASP għandu jissottometti l-informazzjoni dwar kif biħsiebu jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament, jew fejn applikabbli, ir-rekwiżiti skont ir-reġim simplifikat, ħlief għall-informazzjoni li tkun meħtieġa biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti li fir-rigward tagħhom l-applikant ikun talab eżenzjoni f'konformità ma' dak l-Artikolu.

Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, applikant li jkun biħsiebu jopera TSS tad-DLT bħala CSD għandu jippreżenta l-informazzjoni dwar kif biħsiebu jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli tad-Direttiva 2014/65/UE jew tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 kif imsemmi fl-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament, ħlief għall-informazzjoni li tkun meħtieġa biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti li fir-rigward tagħhom l-applikant ikun talab eżenzjoni f'konformità ma' dak l-Artikolu.";

(c) il-paragrafu 9 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"9. Fi żmien 90 jum tax-xogħol mid-data tal-wasla ta' applikazzjoni kompluta għal permess speċifiku biex jiġi operat TSS tad-DLT, l-awtorità kompetenti għandha twettaq valutazzjoni tal-applikazzjoni u tiddeċiedi jekk tagħtix il-permess speċifiku. Meta l-applikant japplika simultanjament għal awtorizzazzjoni skont id-Direttiva 2014/65/UE, ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jew ir-Regolament (UE) 2023/1114 u għal permess speċifiku skont dan l-Artikolu, il-perjodu ta' valutazzjoni jista' jiġi estiż għal perjodu ulterjuri sa dak speċifikat fl-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2014/65/UE, l-Artikolu 17(8) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jew l-Artikolu 63(9) tar-Regolament 2023/1114 rispettivament.";

(d) Fil-paragrafu 10, l-ewwel subparagrafu, is-sentenza introduttorja hija ssostitwita b'dan li ġej:

"10. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/65/UE u għall-Artikolu 2a tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, u l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u l-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2023/1114, l-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta li tagħti permess speċifiku biex tiġi operata TSS tad-DLT jekk ikun hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li:";

(e) il-paragrafu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"11. Il-permess speċifiku għandu jispeċifika l-eżenzjonijiet li jingħataw f'konformità mal-Artikolu 6, kwalunkwe miżura ta' kumpens u kwalunkwe livell limitu aktar baxx stabbilit mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 3(6) u jekk it-TSS tad-DLT toperax skont ir-reġim simplifikat.";

(b) fit-tielet subparagrafu, il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-lista tat-TSSs tad-DLT, il-bidu tal-permessi speċifiċi tagħhom, il-lista ta' eżenzjonijiet mogħtija lil kull waħda minnhom, u kwalunkwe livell limitu aktar baxx stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti għal kull waħda minnhom; u";

(f) il-paragrafu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) il-kliem introduttorju tal-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"12. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/65/UE, l-Artikolu 2c tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u l-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2023/1114, l-awtorità kompetenti għandha tirtira permess speċifiku jew kwalunkwe eżenzjoni relatata meta:"

(b) il-punti (d) u (e) huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"(d) l-operatur tat-TSS tad-DLT ikun qabeż il-livell limitu msemmi fl-Artikolu 3(2) jew 3(2b), kif applikabbli;"

"(e) l-operatur tat-TSS tad-DLT ikun qabeż il-livell limitu msemmi fl-Artikolu 3(2a) jew 3(3), kif applikabbli, u ma jkunx attiva l-istrateġija ta' tranżizzjoni; jew";

(14) Jiddaħħlu l-Artikoli 10a sa 10g li ġejjin:

"Artikolu 10a

Permess speċifiku biex jiġu pprovduti servizzi individwali tas-CSD

1. Ditta tal-investiment awtorizzata, suq regolat, istituzzjoni ta' kreditu, CSD, jew CASP jistgħu japplikaw mal-awtorità kompetenti tagħhom għal permess speċifiku biex jipprovdu, fuq bażi individwali, is-servizz notarili tad-DLT jew is-servizz ta' manutenzjoni ċentrali tad-DLT u s-servizzi anċillari tat-tip mhux bankarju tas-CSDs assoċjati ma' dawk is-servizzi kif speċifikat fit-Taqsima B tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

2. Applikazzjoni għal permess speċifiku biex jiġi pprovdut is-servizz notarili tad-DLT jew il-manutenzjoni ċentrali tad-DLT għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-pjan tan-negozju tal-applikant, inkluża deskrizzjoni tar-relazzjonijiet ta' negozju ppjanati ma' fornituri oħra ta' servizzi tas-CSD jew infrastrutturi tas-suq, inklużi ċentri tan-negozjar, CCPs, CSDs li joperaw biss skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014, infrastrutturi tas-suq tad-DLT u entitajiet finanzjarji oħra ta' importanza għall-forniment ta' servizzi tas-CSD;

(b) deskrizzjoni tal-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit użata, kif imsemmi fl-Artikolu 7(2);

(c) deskrizzjoni tal-arranġamenti ġenerali tal-IT u dawk ċibernetiċi tal-applikant, kif imsemmi fl-Artikolu 7(4);

L-applikazzjoni għandu jkun fiha wkoll l-informazzjoni kollha meħtieġa biex l-awtorità kompetenti tivvaluta l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 applikabbli għan-nutar tad-DLT jew għad-detentur ta' kont tad-DLT f'konformità mal-Artikolu 10b(1).

3. Fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta tirċievi l-applikazzjoni għal permess speċifiku, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni hijiex kompluta. Jekk l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih l-applikant għandu jipprovdi l-informazzjoni nieqsa jew kwalunkwe informazzjoni addizzjonali. Meta l-awtorità kompetenti tqis li l-applikazzjoni hija kompluta, għandha tinforma b'dan lill-applikant.

4. Fi żmien 40 jum tax-xogħol mid-data tal-wasla ta' applikazzjoni kompluta għal permess speċifiku biex jiġi operat SS tad-DLT, l-awtorità kompetenti għandha twettaq valutazzjoni tal-applikazzjoni u tiddeċiedi jekk tagħtix il-permess speċifiku.

   Meta l-awtorità kompetenti tagħti l-permess speċifiku, hija għandha tikkondividi l-applikazzjoni kompluta għall-permess speċifiku u l-informazzjoni relatata mal-permess mal-bank ċentrali fl-Unjoni li joħroġ il-munita li fiha huma denominati l-istrumenti finanzjarji tad-DLT li huma maħsuba li jiġu servizzjati min-nutar tad-DLT jew mid-detentur ta' kont tad-DLT.

5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirtiraw il-permess speċifiku meta n-nutar tad-DLT jew id-detentur ta' kont tad-DLT jikser b'mod sistematiku d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

6. L-ESMA tista' tiżviluppa linji gwida biex tistabbilixxi formoli, formati u mudelli standard għall-finijiet tal-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 10b

Forniment ta' servizzi individwali tas-CSD

1. In-nutar tad-DLT u d-detentur ta' kont tad-DLT għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li jirregolaw l-applikazzjoni tas-servizz notarili u ta' manutenzjoni ċentrali msemmi fit-Taqsima A tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, rispettivament, kif speċifikat u ssupplimentat f'konformità mal-paragrafu 10.

2. In-nutar tad-DLT u d-detentur ta' kont tad-DLT għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 7(2), (4) u (5) u l-Artikolu 7(6), l-ewwel u t-tieni subparagrafi.

3. Emittent stabbilit fl-Unjoni li joħroġ jew li jkun ħareġ strumenti finanzjarji tad-DLT li huma ammessi għan-negozjar jew innegozjati f'ċentri tan-negozjar għandu jitqies li jikkonforma mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, meta t-titoli jkunu rappreżentati f'reġistru distribwit użat minn nutar tad-DLT għar-reġistrazzjoni inizjali ta' dawk it-titoli.

   B'deroga mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, meta t-tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji tad-DLT maħruġa skont dan ir-Regolament isiru f'ċentru tan-negozjar, dawn għandhom jiġu rreġistrati fid-data tas-saldu maħsuba jew qabel minn nutar tad-DLT, SS tad-DLT, TSS tad-DLT jew CSD li jopera biss skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014.

4. It-tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji tad-DLT miżmuma f'kontijiet tat-titoli ġestiti minn detenturi tal-kontijiet tad-DLT f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom jiġu saldati permezz ta' SS tad-DLT, TSS tad-DLT, CSD li jopera biss skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014.

5. SS tad-DLT, TSS tad-DLT jew CSD li jopera biss skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jista' jammetti għas-saldu strumenti finanzjarji tad-DLT miżmuma

f'kontijiet tat-titoli ġestiti minn detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jkollhom valur tas-suq aggregat li jammonta għal mhux aktar mill-ammont speċifikat skont l-Artikolu 3(2b) fil-ħin tas-saldu tal-ewwel tranżazzjoni.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, SS tad-DLT, TSS tad-DLT jew CSD li jopera biss skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jista' jammetti għas-saldu strumenti finanzjarji tad-DLT miżmuma f'kontijiet tat-titoli ġestiti minn detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jkollhom valur tas-suq aggregat li jammonta għal mhux aktar minn EUR 30 biljun fiż-żmien tas-saldu tal-ewwel tranżazzjoni, meta tali strumenti finanzjarji tad-DLT ikunu titoli trasferibbli maħruġa minn SMEs.

6. B'deroga mill-paragrafu 4, id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT jistgħu jsaldaw strumenti finanzjarji tad-DLT barra minn SS tad-DLT, TSS tad-DLT, jew CSD li jopera biss skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014, meta jikkonformaw mar-rekwiżiti għal tali saldu stabbiliti fl-Artikolu 10c.

7. Meta nutar tad-DLT jew detentur ta' kont tad-DLT jipprovdi servizzi ewlenin ta' CSD b'mod konġunt ma' SS tad-DLT, TSS tad-DLT jew CSD li jopera biss skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-SS tad-DLT, it-TSS tad-DLT jew is-CSD li jopera biss skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 ma għandux ikun responsabbli għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li għandhom japplikaw għal nutar tad-DLT jew għal detentur ta' kont tad-DLT f'konformità mal-paragrafu 1.

Id-diviżjoni tal-obbligazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun applikabbli biss fir-rigward ta' dawk l-istrumenti finanzjarji tad-DLT li jiġu servizzjati minn nutar tad-DLT jew minn detentur ta' kont tad-DLT f'konformità mal-paragrafu 1.

8. In-nutar tad-DLT, id-detentur ta' kont tad-DLT u l-SS tad-DLT, it-TSS tad-DLT jew is-CSD li jopera biss skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014, li jipprovdu servizzi ewlenin ta' CSD b'mod konġunt, għandhom jispeċifikaw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom fil-forniment ta' dawk is-servizzi fi ftehim bil-miktub legalment vinkolanti. Kull wieħed minnhom għandu jinnotifika dak il-ftehim bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti rispettivi tiegħu, flimkien ma' informazzjoni ċara dwar liema entità tipprovdi servizzi ewlenin ta' CSD għal liema strumenti finanzjarji tad-DLT, jew kategoriji ta' strumenti finanzjarji tad-DLT.

9. L-ESMA għandha ddaħħal l-informazzjoni dwar in-nutara tad-DLT u d-detenturi tal-kontijiet tad-DLT fir-reġistru tas-CSD miżmum skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

10. L-ESMA għandha tiżviluppa standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika d-dispożizzjonijiet tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li japplikaw għal kull nutar tad-DLT u għas-servizz ta' manutenzjoni ċentrali tad-DLT, u, fejn meħtieġ, tissupplimenta l-elementi mhux essenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' dak it-titolu u temenda l-istandards tekniċi regolatorji biex tadattahom għall-użu tad-DLT u l-ispeċifiċitajiet tal-mudelli ta' negozju li jinvolvu l-forniment distribwit ta' servizzi ewlenin tas-CSD.

F'konformità mal-ewwel subparagrafu, l-ESMA għandha tiżgura li r-regoli applikabbli għal servizzi individwali jkunu:

(a) konsistenti mal-objettivi u l-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 909/2014 applikabbli għas-servizzi notarili u ta' manutenzjoni ċentrali tal-kontijiet;

(b) proporzjonati għall-profil tar-riskju tan-nutar tad-DLT u tas-servizz ta' manutenzjoni ċentrali tal-kontijiet tad-DLT.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP: jekk jogħġbok żid id-data li tikkorrispondi għal 8 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 10c

Saldu fi ħdan skema ta' saldu

1. Id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT għandhom jissaldaw tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji tad-DLT skont l-Artikolu 10b(5) biss fi ħdan skema ta' saldu awtorizzata skont l-Artikolu 10d.

   Id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT għandhom jissaldaw biss tranżazzjonijiet ma' detenturi tal-kontijiet tad-DLT oħrajn li huma parti mill-istess skema ta' saldu.

2. Id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jsaldaw tranżazzjonijiet fi skema ta' saldu għandhom jiżguraw li:

   (a) it-tranżazzjonijiet kollha jiġu saldati biss b'depożiti tal-bank ċentrali li d-detenturi tal-kontijiet tad-DLT ikollhom mal-bank ċentrali tal-ħruġ tal-munita rilevanti;

   (b) it-tranżazzjonijiet kollha fl-istrumenti finanzjarji tad-DLT li jinvolvu parti ta' flus kontanti jiġu saldati fuq bażi ta' DVP;

   (c) l-iskema ta' saldu tipprovdi finalità ta' saldu adegwata ta' trasferimenti ta' flus u ta' strumenti finanzjarji tad-DLT, filwaqt li tiżgura:

      (i) li l-finalità tas-saldu tinkiseb mill-inqas fil-jum tad-data tas-saldu;

      (ii) li l-mumenti tad-dħul u l-irrevokabbiltà tal-ordnijiet ta' trasferiment ikunu ddefiniti b'mod ċar

   (d) li l-iskema ta' saldu timmaniġġja b'mod effettiv ir-riskji legali, kummerċjali u operazzjonali tagħha.

3. Id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jsaldaw tranżazzjonijiet fi skema ta' saldu għandhom jiżguraw li l-iskema ta' saldu li huma parti minnha, u kull detentur ta' kont tad-DLT li jipparteċipa fl-iskema ta' saldu, jikkonforma mal-prinċipji li ġejjin:

   (a) jiġi żgurat saldu sikur, effiċjenti u bla xkiel;

   (b) jiġi żgurat l-immaniġġjar tar-riskju robust tal-operazzjonijiet, inkluż l-immaniġġjar tar-riskji tal-kreditu u tal-likwidità kif speċifikat fil-paragrafi 5 u 6; u

   (c) tiġi żgurata l-protezzjoni tal-assi tal-klijenti tad-detenturi tal-kontijiet tad-DLT.

4. Id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jipparteċipaw fi skema ta' saldu għandhom jidentifikaw is-sorsi ta' riskju operazzjonali għall-funzjonament tal-iskema ta' saldu, kemm interni kif ukoll esterni, u jimminimizzaw l-impatt tagħhom permezz tal-użu ta' għodod, proċessi u politiki xierqa tal-ICT stabbiliti u ġestiti f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll permezz

ta’ kwalunkwe għodda, kontroll u proċedura xierqa rilevanti oħra għal tipi oħra ta’ riskju operazzjonali.

5. Id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jipparteċipaw fi skema ta’ saldu għandhom jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu politika adegwata għall-kontinwità tal-operat u pjan ta’ rkupru minn diżastri, inkluża politika għall-kontinwità tal-operat tal-ICT u pjanijiet ta’ rispons u rkupru tal-ICT stabbiliti f’konformità mar-Regolament (UE) 2022/2554, biex jiżguraw il-preservazzjoni tal-attivitajiet ta’ saldu fi ħdan l-iskema ta’ saldu u l-irkupru f’waqtu tal-operazzjonijiet tagħha.

   Id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jipparteċipaw fi skema ta’ saldu għandhom jidentifikaw, jimmonitorjaw u jimmaniġġjaw ir-riskji li l-fornituri ta’ servizzi u ta’ utilitajiet jistgħu joħolqu għall-operazzjonijiet tagħha.

6. Kull detentur ta’ kont tad-DLT li jipprovdi servizzi bankarji lill-klijenti tiegħu, relatati mal-attività ta’ saldu fi ħdan l-iskema ta’ saldu, għandu jikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi li ġejjin għar-riskji ta’ kreditu relatati ma’ dawk is-servizzi:

   (a) għandu jistabbilixxi qafas robust biex jimmaniġġja r-riskji ta’ kreditu korrispondenti;

   (b) għandu jidentifika regolarment is-sorsi ta’ tali riskji ta’ kreditu, ikejjel u jimmonitorja l-iskoperturi ta’ kreditu korrispondenti u juża għodod xierqa għall-immaniġġjar tar-riskji biex jikkontrolla dawk ir-riskji;

   (c) għandu jkopri b’mod sħiħ l-iskoperturi ta’ kreditu korrispondenti għal parteċipanti individwali li jissellfu bl-użu ta’ kollateral likwidu ħafna, jew kollateral ieħor li għalih għandu japplika haircuts xierqa, u riżorsi finanzjarji ekwivalenti oħra;

   (d) għandu jistabbilixxi limiti xierqa fuq skoperturi ta’ kreditu għal klijenti individwali;

   (e) għandu jipprovdi kreditu biss lil parteċipanti li għandhom kontijiet tal-flus miegħu; u

   (f) għandu jipprevedi proċeduri effettivi ta’ rimborż ta’ kreditu intraġurnata.

7. Kull detentur ta’ kont tad-DLT li jipprovdi servizzi bankarji lill-klijenti tiegħu, relatati mal-attività ta’ saldu fi ħdan l-iskema ta’ saldu, għandu jikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi li ġejjin għar-riskji ta’ likwidità relatati ma’ dawk is-servizzi:

   (a) għandu jkollu qafas u għodod robusti biex ikejjel, jimmonitorja u jimmaniġġja r-riskji ta’ likwidità tiegħu, inklużi r-riskji ta’ likwidità intraġurnata, għal kull munita tal-iskema ta’ saldu li fiha jissalda t-tranżazzjonijiet;

   (b) għandu jkejjel u jimmonitorja fuq bażi kontinwa l-ħtiġijiet ta’ likwidità tiegħu u l-livell ta’ assi likwidi li jżomm;

   (c) għandu jkollu biżżejjed riżorsi likwidi fil-muniti rilevanti kollha għas-saldu f’waqtu tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT f’firxa wiesgħa ta’ xenarji ta’ stress potenzjali inkluż, iżda mhux limitat għar-riskju ta’ likwidità ġġenerat mill-inadempjenza ta’ mill-inqas parteċipant wieħed, inklużi l-impriżi prinċipali u s-sussidjarji tiegħu, li għalihom ikollu l-akbar skoperturi;

(d) meta jintużaw arranġamenti ta' finanzjament prestabbiliti, għandu jagħżel biss istituzzjonijiet finanzjarji b'affidabbiltà kreditizja bħala fornituri tal-likwidità u jistabbilixxi u japplika limiti ta' konċentrazzjoni xierqa għal kull wieħed mill-fornituri tal-likwidità korrispondenti inklużi l-impriża prinċipali u s-sussidjarji tiegħu;

(e) għandu jkollu arranġamenti prestabbiliti biex jiżgura li jkun jista' jillikwida fil-ħin il-kollateral ipprovdut lilu minn klijent inadempjenti.

8. Id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jipparteċipaw fi skema ta' saldu għandhom jidħlu fi ftehim bil-miktub legalment vinkolanti li jispeċifika b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tad-detenturi tal-kontijiet tad-DLT fi ħdan l-iskema ta' saldu.

Detentur ta' kont tad-DLT għandu jkun membru ta' mhux aktar minn żewġ skemi ta' saldu.

Skema ta' saldu għandha tinkludi mill-inqas żewġ detenturi tal-kontijiet tad-DLT.

9. Kull skema ta' saldu tista' tammetti għas-saldu strumenti finanzjarji tad-DLT miżmuma f'kontijiet tat-titoli ġestiti mid-detenturi tal-kontijiet tad-DLT parteċipanti tagħha li jkollhom valur tas-suq aggregat li jammonta għal mhux aktar mill-ammont speċifikat fl-Artikolu 3(2b) fil-ħin tas-saldu tal-ewwel tranżazzjoni.

Meta l-valur tas-suq aggregat tal-istrumenti finanzjarji kollha tad-DLT li huma ammessi għas-saldu minn skema ta' saldu jkun laħaq l-ammont speċifikat skont l-Artikolu 3(3), id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT għandhom jattivaw l-istrateġija ta' tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 10(e). Id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT għandhom jinnotifikaw lill-ESMA dwar l-attivazzjoni tal-istrateġija ta' tranżizzjoni tagħhom u dwar l-iskeda ta' żmien għat-tranżizzjoni.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, kull skema ta' saldu tista' tammetti għas-saldu strumenti finanzjarji tad-DLT miżmuma f'kontijiet tat-titoli ġestiti minn detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jkollhom valur tas-suq aggregat li jammonta għal mhux aktar minn EUR 30 biljun fiż-żmien tas-saldu tal-ewwel tranżazzjoni, meta tali strumenti finanzjarji tad-DLT ikunu titoli trasferibbli maħruġa minn SMEs. Id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT għandhom jattivaw l-istrateġija ta' tranżizzjoni tagħhom meta l-valur tas-suq ta' dawk it-titoli trasferibbli jilħaq EUR 45 biljun.

10. Id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT għandhom jirrapportaw lill-ESMA fuq bażi ta' kull xahar l-informazzjoni li ġejja:

(a) trasferimenti li jseħħu mal-iskema ta' saldu li jipparteċipaw fiha, inklużi volumi aggregati;

(b) il-valur tas-suq aggregat tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT ammessi għas-saldu, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 3(4);

(c) l-aktar kwistjonijiet komuni li jirriżultaw f'fallimenti tas-saldu;

(d) il-firxa u l-immaniġġjar tar-riskji ta' likwidità intraġurnata minn kull detentur ta' kont tad-DLT;

(e) ir-rapportar dwar l-ogħla skoperturi ta' kreditu għall-klijenti tagħhom, it-tip ta' kollateral aċċettat, il-haircuts applikati u l-konċentrazzjoni tal-kollateral.

Id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT għandhom jirrapportaw informazzjoni dettaljata biżżejjed biex l-ESMA tivverifika l-konformità tal-iskema ta' saldu u tad-detenturi tal-kontijiet tad-DLT parteċipanti ma' dan l-Artikolu.

Ir-rekwiżit ta' rapportar jista' jiġi ssodisfat minn kwalunkwe detentur ta' kont tad-DLT li jipparteċipa fl-iskema ta' saldu f'isem parteċipanti oħra. Il-parteċipanti kollha jibqgħu individwalment responsabbli għall-kompletezza u l-veraċità tal-informazzjoni rrapportata f'isimhom.

11. L-ESMA tista' tiżviluppa linji gwida biex tistabbilixxi formoli, formati u mudelli standard għall-finijiet li ġejjin:

(a) biex tistabbilixxi formoli, formati u mudelli standard għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 10d;

(b) biex jiġu stabbiliti formoli, formati u mudelli standard għall-finijiet tal-paragrafu 10.

Artikolu 10d

Awtorizzazzjoni u superviżjoni tal-iskema ta' saldu

1. Id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jkollhom l-intenzjoni li jsaldaw tranżazzjonijiet fi skema ta' saldu għandhom jissottomettu l-iskema ta' saldu għall-awtorizzazzjoni lill-ESMA f'konformità ma' dan l-Artikolu qabel ma jsaldaw kwalunkwe tranżazzjoni f'dik l-iskema ta' saldu.

Id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jieħdu sehem fl-iskema ta' saldu għandhom jissottomettu lill-ESMA l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-programm tal-operazzjonijiet tal-iskema ta' saldu, li jistabbilixxi b'mod partikolari informazzjoni dwar id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT parteċipanti, in-nutara tad-DLT u entitajiet finanzjarji jew mhux finanzjarji oħra li jipprovdu servizzi importanti għall-iskema ta' saldu u r-relazzjonijiet tagħhom fi ħdan l-iskema;

(b) il-ftehim bil-miktub imsemmi fl-Artikolu 10c(7);

(c) informazzjoni dwar ċentri tan-negozjar, CCPs u infrastrutturi ewlenin oħra tas-suq konnessi mal-iskema ta' saldu;

(d) kif kull wieħed mid-detenturi tal-kontijiet tad-DLT parteċipanti, u l-iskema ta' saldu kollha kemm hi, beħsiebhom jikkonformaw mal-Artikolu 10(2) sa (5);

(e) deskrizzjoni tal-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit użata, kif imsemmi fl-Artikolu 7(2);

(f) deskrizzjoni tal-arranġamenti ġenerali tal-IT u dawk ċibernetiċi tal-applikant, kif imsemmi fl-Artikolu 7(4);

(g) strateġija ta' tranżizzjoni tal-iskema ta' saldu.

Id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT għandhom jinnotifikaw lill-ESMA mingħajr dewmien żejjed bi kwalunkwe bidla materjali fl-informazzjoni nnotifikata qabel dwar l-iskema ta' saldu.

Meta detenturi tal-kontijiet tad-DLT addizzjonali jissieħbu fl-iskema ta' saldu wara l-bidu tal-operazzjonijiet tagħha, huma għandhom jissottomettu lill-ESMA

informazzjoni dwar il-kompożizzjoni l-ġdida tal-iskema ta' saldu mill-inqas xahar qabel ma jibdew is-saldu tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT.

2. Fi żmien 30 jum tax-xogħol minn meta tirċievi l-applikazzjoni, l-ESMA għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-iskema ta' saldu hijiex kompluta. Jekk l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-ESMA għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien sa meta d-detenturi tal-kontijiet tad-DLT parteċipanti jridu jipprovdu informazzjoni addizzjonali.

3. Mingħajr dewmien żejjed wara li tiddikjara l-applikazzjoni kompluta, l-ESMA għandha tibgħat l-applikazzjoni lil kull bank ċentrali tal-ħruġ tal-munita użata għas-saldu fi ħdan skema ta' saldu.

Il-Bank ċentrali tal-ħruġ jista' joħroġ opinjoni motivata fil-qasam ta' kompetenza tiegħu lill-AETS fi żmien xahrejn minn meta jirċievi l-applikazzjoni mill-AETS.

4. Fi żmien 5 xhur mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni kompluta, l-ESMA għandha tinforma lid-detenturi tal-kontijiet tad-DLT applikanti bil-miktub b'deċiżjoni motivata bis-sħiħ dwar jekk l-awtorizzazzjoni tkunx ingħatat jew ġietx rifjutata.

5. L-ESMA għandha tirrifjuta l-awtorizzazzjoni meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tikkonċerna skema ta' saldu ġdida li tkun sostanzjalment simili għal skema ta' saldu li tkun diġà ġiet awtorizzata u meta jkun hemm dubji raġonevoli li l-applikazzjoni ġiet sottomessa biex jiġi evitat il-livell limitu skont l-Artikolu 10c(6).

6. L-ESMA għandha tirtira l-awtorizzazzjoni tal-iskema ta' saldu jekk l-iskema ta' saldu:

(a) ma tkunx saldat tranżazzjonijiet għal 9 xhur konsekuttivi;

(b) tkun ġiet awtorizzata b'mezzi irregolari, pereżempju billi għamlet dikjarazzjonijiet foloz fil-proċess tal-awtorizzazzjoni tagħha;

(c) ma tkunx għadha tissodisfa l-kundizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni u l-parteċipanti tagħha ma jkunux ħadu azzjoni ta' rimedju mitluba mill-ESMA;

(d) tonqos milli taderixxi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10c(4) jew id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT parteċipanti tiegħu jwettqu ksur ripetut ta' dan ir-Regolament.

7. Fir-rigward tal-iskemi ta' saldu, l-ESMA għandha tkun responsabbli għat-twettiq tal-funzjonijiet u d-dmirijiet previsti f'dan l-Artikolu u biex:

(a) tissorvelja l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(b) tadotta deċiżjonijiet, twettaq valutazzjonijiet superviżorji u tieħu miżuri oħra fir-rigward tal-Artikoli 10(c) sa 10(e); u

(c) tiżgura konformità kontinwa mal-Artikoli 10(c) sa 10(e).

Sabiex twettaq dmirijietha skont dan l-Artikolu, l-ESMA għandu jkollha s-setgħat superviżorji u investigattivi fuq id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jipparteċipaw fl-iskema ta' saldu prevista fil-Kapitolu IIa tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u f'dan ir-Regolament.

Minbarra l-miżuri superviżorji msemmija fl-Artikolu 39h tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA tista' tieħu l-miżuri li ġejjin:

(a) tissospendi l-parteċipazzjoni ta' detentur ta' kont tad-DLT fl-iskema ta' saldu meta jikser ir-rekwiżiti tal-Artikolu 10c;

(b) tirrikjedi li detentur ta' kont tad-DLT jieħu azzjoni ta' rimedju biex iġib lura l-parteċipazzjoni tiegħu fl-iskema ta' saldu f'konformità mal-Artikolu 10c;

(c) tissospendi l-parteċipazzjoni ta' detentur ta' kont tad-DLT fl-iskema ta' saldu meta jikser ir-rekwiżiti tal-Artikolu 10c;

(d) tirrikjedi li detentur ta' kont tad-DLT jippreżenta pjan biex jirrestawra l-konformità mar-rekwiżiti superviżorji u jistabbilixxi skadenza għall-implimentazzjoni tiegħu;

(e) tissospendi l-awtorizzazzjoni tal-iskema ta' saldu jew il-parteċipazzjoni ta' detentur ta' kont tad-DLT individwali li jipparteċipa fl-iskema għal massimu ta' 30 jum tax-xogħol konsekuttivi fi kwalunkwe okkażjoni unika, meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li jkun inkiser serjament l-Artikolu 10c;

(f) teskludi detentur ta' kont tad-DLT milli jipparteċipa fi skema ta' saldu meta dak id-detentur ta' kont tad-DLT ripetutament jikser ir-rekwiżiti tal-Artikolu 10c;

(g) tadotta deċiżjoni li tirrikjedi li detentur ta' kont tad-DLT itemm ksur elenkat fl-Anness;

(h) timponi rekwiżiti ta' rapportar addizzjonali jew aktar frekwenti jew tirrikjedi divulgazzjonijiet addizzjonali, f'każijiet fejn l-ESMA jkollha evidenza li l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati mill-iskema ta' saldu jew mill-parteċipanti tagħha ma jiżgurawx l-immaniġġjar sod u l-kopertura tar-riskji tagħha.

8. L-ESMA għandha timponi tariffi fuq id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jipparteċipaw fihom f'konformità ma' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 39n tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u f'konformità mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 10.

9. L-ammont ta' kwalunkwe tariffa imposta fuq detentur ta' kont tad-DLT li jipparteċipa fl-iskema ta' saldu għandu jkun proporzjonat għall-fatturat tal-iskema ta' saldu kkonċernata u għat-tip ta' awtorizzazzjoni u superviżjoni eżerċitati mill-ESMA.

10. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 15a biex tispeċifika aktar it-tip ta' tariffi, il-kwistjonijiet li għalihom huma dovuti t-tariffi, l-ammont tat-tariffi u l-mod kif għandhom jitħallsu.

Artikolu 10e

Strateġija ta' tranżizzjoni għall-iskema ta' saldu

1. Id-detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jipparteċipaw fi skema ta' saldu għandhom jistabbilixxu u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku strateġija ta' tranżizzjoni ċara u dettaljata għat-tnaqqis tal-attività ta' skema ta' saldu partikolari, fil-każ:

(a) li jkun inqabeż il-livell limitu msemmi fl-Artikolu 3(3);

(b) li l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-iskema ta' saldu skont dan ir-Regolament tiġi rtirata jew titwaqqaf b'xi mod ieħor; jew

(c) ta’ kwalunkwe waqfien volontarju jew involontarju tan-negozju tal-iskema ta’ saldu.

L-istrateġija ta’ tranżizzjoni għandha tkun lesta biex tintuża fil-ħin.

2. L-istrateġija ta’ tranżizzjoni għandha tistabbilixxi kif il-parteċipanti, l-emittenti u l-klijenti tal-parteċipanti għandhom jiġu ttrattati f’każ ta’ rtirar jew waqfien tal-awtorizzazzjoni tal-iskema ta’ saldu jew il-waqfien tan-negozju. L-istrateġija ta’ tranżizzjoni għandha tistabbilixxi kif il-klijenti, b’mod partikolari l-investituri fil-livell tal-konsumatur, għandhom jiġu protetti minn kwalunkwe impatt sproporzjonat mill-irtirar jew mill-waqfien ta’ awtorizzazzjoni jew mill-waqfien tan-negozju tal-iskema ta’ saldu. L-istrateġija ta’ tranżizzjoni għandha tiġi aġġornata fuq bażi kontinwa soġġetta għall-approvazzjoni minn qabel tal-ESMA.

3. L-iskema ta’ saldu għandha tistabbilixxi, timplimenta u żżomm proċeduri adegwati li jiżguraw is-saldu f’waqtu u ordnat tal-assi tal-klijenti u tal-parteċipanti fi skema ta’ saldu oħra, SS tad-DLT, TSS tad-DLT jew CSD li joperaw biss skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 fil-każ ta’ rtirar tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Dawk il-proċeduri għandhom jiffurmaw parti mill-istrateġija ta’ tranżizzjoni.

Artikolu 10f

Forniment transfruntier ta’ servizzi individwali tas-CSD

1. In-nutara tad-DLT u d-detenturi ta’ kontijiet tad-DLT jistgħu jipprovdu nutar tad-DLT u servizzi ta’ manutenzjoni ċentrali tad-DLT madwar l-Unjoni, jew permezz tad-dritt ta’ stabbiliment, inkluż permezz ta’ fergħa, jew permezz tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. In-nutara tad-DLT u d-detenturi ta’ kontijiet tad-DLT li jipprovdu servizzi fuq bażi transfruntiera ma għandhomx ikunu meħtieġa jkollhom preżenza fiżika fit-territorju ta’ Stat Membru ospitanti.

2. Nutar tad-DLT jew detentur ta’ kont tad-DLT li jkun beħsiebu jipprovdi s-servizz tiegħu f’aktar minn Stat Membru wieħed għandu jissottometti l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ domiċilju:

(a) lista tal-Istati Membri li fihom in-nutar tad-DLT jew id-detentur ta’ kont tad-DLT beħsiebu jipprovdi servizzi ta’ CSD;

(b) servizzi li n-nutar tad-DLT jew id-detentur ta’ kont tad-DLT beħsiebu jipprovdi fuq bażi transfruntiera;

(c) id-data tal-bidu tal-forniment maħsub ta’ servizzi;

(d) L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ domiċilju għandha, fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, tikkomunika dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ domiċilju għandha tinforma lin-nutar tad-DLT jew lid-detentur tal-kont tad-DLT ikkonċernat dwar il-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, mingħajr dewmien.

4. Nutar tad-DLT jew detentur ta’ kont tad-DLT jista’ jibda jipprovdi s-servizzi tiegħu fi Stat Membru għajr l-Istat Membru ta’ domiċilju tiegħu mid-data tal-wasla tal-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu jew mhux aktar tard mill-15-il jum kalendarju wara li jkun issottometta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

5. Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ospitanti jkollha raġunijiet ċari u dimostrabbli biex tissuspetta li hemm irregolaritajiet fl-attivitajiet ta' detentur ta' kont tad-DLT jew nutar tad-DLT, hija għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju u lill-ESMA b'dan.

6. Meta, minkejja l-miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, l-irregolaritajiet imsemmija fil-paragrafu 5 jippersistu, u jammontaw għal ksur ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, wara li tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju u lill-ESMA għandha tieħu miżuri xierqa sabiex tipproteġi lill-klijenti ta' fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi u lid-detenturi ta' kriptoassi, b'mod partikolari lid-detenturi fil-livell tal-konsumatur. Tali miżuri jinkludu l-prevenzjoni tad-detentur ta' kont tad-DLT jew tan-nutar tad-DLT milli jwettaq aktar attivitajiet fl-Istat Membru ospitanti. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-ESMA b'dan mingħajr dewmien żejjed. L-ESMA għandha tinforma lill-Kummissjoni kif xieraq mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 10g

Interoperabbiltà bejn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT

1. L-operaturi ta' SS tad-DLT, ta' TSS tad-DLT u ta' detenturi ta' kontijiet tad-DLT li jipparteċipaw fi skemi ta' saldu għandhom jiffurmaw grupp tal-industrija u jiżviluppaw standards tal-industrija li jiffaċilitaw is-saldu finanzjarju tad-DLT bejn il-membri tal-grupp, inklużi standards għall-istabbiliment ta' rabtiet bejn dawk l-entitajiet skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1), il-punt (29) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

   CSDs li joperaw biss skont ir-Regolament (UE) 2023/1114 li jipprovdu servizzi ewlenin ta' CSD fuq id-DLT, detenturi ta' kontijiet tad-DLT u nutara tad-DLT li ma humiex parti minn skemi ta' saldu jistgħu jitolbu li jkunu parti mill-grupp imsemmi fl-ewwel subparagrafu. L-operaturi ta' SS tad-DLT, ta' TSS tad-DLT u ta' detenturi ta' kontijiet tad-DLT li jipparteċipaw fi skemi ta' saldu għandhom idaħħlu entitajiet eliġibbli fil-grupp.

   Ir-regoli proċedurali tal-grupp tal-industrija għandhom jiżguraw li:

   (a) il-grupp ikun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' kwalunkwe entità b'interess muri fit-tfassil tal-istandards tal-industrija msemmija fl-ewwel subparagrafu;

   (b) ir-riskju ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni huwa mitigat biżżejjed.

   Fl-iżvilupp tal-istandards tal-industrija, il-grupp tal-industrija għandu jikkonsulta perjodikament lill-ECSB u lill-ESMA, u jqis il-fehmiet tagħhom.

   Il-membri tal-grupp tal-industrija għandhom jimplimentaw l-istandards tal-industrija fis-segmenti xierqa tal-operazzjonijiet tagħhom, sakemm ma jkollhomx ġustifikazzjoni ċara biex ma jagħmlux dan.

2. L-entitajiet li jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' standards tal-industrija skont il-paragrafu 1 għandhom jissottomettu lill-ESMA dan li ġej:

   (a) sa mhux aktar tard minn 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, deskrizzjoni dettaljata tat-tipi ta' standards tal-industrija li jrid jintlaħaq qbil dwarhom għall-fini tal-paragrafu 1, l-isfidi biex jintlaħaq qbil dwarhom u modi potenzjali biex jiġu solvuti dawk l-isfidi;

(b) mhux aktar tard minn 30 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-istandards tekniċi msemmija fil-paragrafu 1 u l-progress.

3. Fi żmien 40 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-ESMA għandha tippreżenta lill-Kummissjoni parir tekniku dwar l-appoġġ għall-interoperabbiltà bejn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, b'mod partikolari billi tivvaluta:

(a) ir-rwol tal-istandardizzazzjoni tad-data fl-appoġġ tal-interoperabbiltà bejn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, speċjalment fid-dawl ta' każijiet ta' użu finanzjarju li jattiraw il-biċċa l-kbira tal-interess u l-attività tas-suq u l-istandards tal-industrija msemmija fil-paragrafu 1;

(b) ir-rwol tal-entitajiet regolati u mhux regolati fl-iżgurar tal-interoperabbiltà bejn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.";

(15) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 909/2014, ir-Regolament (UE) 2023/1114 u d-Direttiva 2014/65/UE, l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti.";

(b) fil-paragrafu 4, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-għadd u l-valur tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT ammessi għan-negozjar fit-TV tad-DLT jew fit-TSS tad-DLT u l-għadd u l-valur tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT irreġistrati mill-operatur tal-SS tad-DLT jew tat-TSS tad-DLT;";

(c) fil-paragrafu 4, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-għadd u l-valur tat-tranżazzjonijiet innegozjati fit-TV tad-DLT jew fit-TSS tad-DLT u saldati mill-operatur tal-SS tad-DLT jew tat-TSS tad-DLT;";

(16) Jiddaħħlu l-Artikoli 11a u 11b li ġejjin:

"Artikolu 11a

Kulleġġ ta' superviżuri għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT

1. Għandu jiġi stabbilit kulleġġ ta' superviżuri f'konformità mal-Artikolu 24a tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għall-attivitajiet ta' CSD ta' SS tad-DLT jew TSS tad-DLT li fir-rigward tagħhom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu.

2. Minbarra l-awtoritajiet li huma membri tal-kulleġġ ta' superviżuri skont l-Artikolu 24a(4), l-awtoritajiet li ġejjin jistgħu jitolbu li jkunu membri tal-kulleġġ ta' superviżuri stabbilit f'konformità mas-subparagrafu 1 għandhom:

(a) l-awtoritajiet kompetenti tad-detenturi ta' kontijiet tad-DLT u tan-nutara tad-DLT li jipprovdu s-servizz ta' manutenzjoni ċentrali tad-DLT u s-servizz notarili tad-DLT fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT saldati mill-SS tad-DLT jew mit-TSS tad-DLT;

(b) L-EBA, meta jintużaw tokens tal-flus elettroniċi għas-saldu tal-pagamenti.

Artikolu 11b

Kulleġġ ta' superviżuri għal skemi ta' saldu

1. L-ESMA għandha tistabbilixxi kulleġġ ta' superviżuri biex iwettaq il-kompiti msemmija fil-paragrafu 10d(7) fir-rigward ta' detenturi ta' kontijiet tad-DLT li huma parti minn skema ta' saldu.

2. Il-kulleġġ għandu jiġi stabbilit fi żmien xahar mid-data meta l-iskema ta' saldu tkun ġiet awtorizzata skont l-Artikolu 10d.

3. L-ESMA għandha timmaniġġja u tippresjedi l-kulleġġ.

4. Il-kulleġġ għandu jkun magħmul minn:

   (a) l-ESMA;

   (b) l-awtorità kompetenti ta' detentur ta' kont tad-DLT li jipparteċipa fl-iskema ta' saldu;

   (c) il-bank ċentrali fl-Unjoni tal-munita li tintuża jew li se tintuża għas-saldu ta' pagamenti fi flus kontanti fl-iskema ta' saldu

5. L-awtoritajiet kompetenti tan-nutara tad-DLT li jipparteċipaw fl-iskema ta' saldu għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-kulleġġ fuq talba tagħhom.

6. L-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha mingħajr dewmien żejjed il-lista tal-membri tal-kulleġġ u għandha żżomm dik il-lista aġġornata.

7. Awtorità kompetenti li ma tkunx membru tal-kulleġġ tista' titlob mill-kulleġġ kwalunkwe informazzjoni rilevanti għat-twettiq tad-dmirijiet superviżorji tagħha.

8. Il-kulleġġ għandu, mingħajr preġudizzju għar-responsabilitajiet tal-awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament, jiżgura:

   (a) l-iskambju ta' informazzjoni;

   (b) superviżjoni effiċjenti billi jiġu evitati azzjonijiet superviżorji duplikati bla bżonn, bħal talbiet għal informazzjoni;

   (c) ftehim dwar l-inkarigu volontarju ta' kompiti fost il-membri tiegħu;

   (d) l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-istruttura organizzazzjonali ta' kwalunkwe membru tal-iskema ta' saldu, inkluża informazzjoni dwar l-istruttura tal-grupp, il-maniġment u l-azzjonisti;

   (e) l-iskambju ta' informazzjoni dwar proċessi jew arranġamenti li għandhom impatt sinifikanti fuq l-istandards ta' governanza jew tal-immaniġġjar tar-riskji fl-iskema ta' saldu;

9. L-ESMA tista' tistieden parteċipanti addizzjonali għad-diskussjonijiet tal-kulleġġ fuq bażi *ad hoc* dwar suġġetti speċifiċi.

   Il-membri ta' kulleġġ għajr l-ESMA jistgħu jiddeċiedu li ma jipparteċipawx f'laqgħa tal-kulleġġ.

10. Il-funzjonament tal-kulleġġ għandu jkun ibbażat fuq ftehim bil-miktub bejn il-membri kollha tiegħu.

    Dak il-ftehim għandu jiddetermina l-arranġamenti prattiċi għall-funzjonament tal-kulleġġ, inkluża l-kadenza tal-laqgħat tal-kulleġġ, il-modalitajiet ta' komunikazzjoni fost il-membri tal-kulleġġ, u jista' jiddetermina l-kompiti li għandhom jiġu fdati lilhom.";

(17) l-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. L-awtorità kompetenti għal ditta tal-investiment li topera TV tad-DLT jew TSS tad-DLT għandha tkun l-awtorità kompetenti ddeżinjata mill-Istat Membru ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punti (55)(a)(ii) u (iii), tad-Direttiva 2014/65/UE.";

(b) jiżdied il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. L-awtorità kompetenti għal CASP li jopera TV tad-DLT jew TSS tad-DLT għandha tkun l-awtorità kompetenti ddeżinjata mill-Istat Membru ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 3(1), il-punt (33)(f) tar-Regolament (UE) 2023/1114.";

(c) il-paragrafu 2 li ġej huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. L-awtorità kompetenti għal operatur tas-suq li jopera TV tad-DLT jew TSS tad-DLT għandha tkun l-awtorità kompetenti ddeżinjata mill-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju reġistrat tal-operatur tas-suq li jopera t-TV tad-DLT jew it-TSS tad-DLT jew, jekk f'konformità mal-liġi ta' dak l-Istat Membru l-operatur tas-suq ma jkollu l-ebda uffiċċju reġistrat, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju prinċipali tal-operatur tas-suq li jopera t-TV tad-DLT jew it-TSS tad-DLT.";

(d) jiżdied il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. L-awtorità kompetenti għal nutar tad-DLT u għad-detentur ta' kont tad-DLT għandha tkun l-awtorità kompetenti għas-superviżjoni tal-entità li tkun applikat għall-permess speċifiku f'konformità mal-Artikolu 10a.";

(18) l-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(1) il-kliem introduttorju huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Sal-24 ta' Marzu 2030, l-ESMA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar:";

(2) il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-funzjonament tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT madwar l-Unjoni u metriċi xierqa li jiddeskrivu l-attivitajiet tagħhom;";

(3) il-punti (b), (d) u (e) jitħassru;

(4) il-punt (h) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(h) kwalunkwe riskju, vulnerabbiltà jew ineffiċjenza maħluqa mill-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit għall-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq jew l-istabbiltà finanzjarja;"

(5) il-punt (j) jitħassar;

(6) il-punt (k) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(k) kwalunkwe benefiċċju u kost li jirriżulta mill-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit fis-swieq finanzjarji;"

(7) il-punt (n) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(n) l-adegwatezza tal-livelli limiti msemmija fl-Artikolu 3, inklużi l-implikazzjonijiet potenzjali li jirriżultaw minn żieda ta' dawk il-livelli limiti, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-kunsiderazzjonijiet sistemiċi u t-tipi differenti ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit;";

(8) il-punt (o) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“(o) valutazzjoni ġenerali tal-kostijiet u l-benefiċċji tar-reġim pilota previst f’dan ir-Regolament;”;

(b) il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“2. Abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk ir-reġim pilota previst f’dan ir-Regolament għandux jiġi integrat f’leġiżlazzjoni settorjali oħra u tippreżenta, fejn xieraq, proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.”;

(19) L-Artikolu 15 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 15

Rapporti interim

Kull sentejn, l-ESMA għandha tippubblika rapporti interim sabiex tipprovdi lill-parteċipanti fis-suq b’informazzjoni dwar il-funzjonament tas-swieq, tindirizza l-imġiba skorretta tal-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, tipprovdi kjarifiki dwar l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament u taġġorna l-indikazzjonijiet preċedenti abbażi tal-evoluzzjoni tat-teknoloġija ta’ reġistru distribwit. Dawk ir-rapporti għandhom jipprovdu wkoll deskrizzjoni ġenerali tal-applikazzjoni tar-reġim pilota previst f’dan ir-Regolament, li jiffoka fuq ix-xejriet u r-riskji emerġenti, u għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. L-ewwel rapport bħal dan għandu jiġi ppubblikat sal-24 ta’ Marzu 2028.”;

(20) il-paragrafu 15a jiddaħħal:

“Artikolu 15a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemmija fl-Artikoli 3(7) u 10(d)(10) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat minn [l-OP għandu jdaħħal id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendatorju].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(7) u 10(d)(10) tista’ tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni tar-revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f’data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta’ kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti ddeżinjati minn kull Stat Membru f’konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta’ April 2016 dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 3(7) u 10(d)(10) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien 3 xhur min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi 3 xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”;

(21) L-Anness IV ta’ dan ir-Regolament jiżdied bħala Anness tar-Regolament (UE) 2022/858.

Artikolu 9

Emendi tar-Regolament (UE) Nru 2023/1114

Ir-Regolament (UE) 2023/1114 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3(1), il-punt (35) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) iddeżinjata minn kull Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 93 dwar offerenti, persuni li jkunu qed ifittxu l-ammissjoni għan-negozjar ta' kriptoassi għajr it-tokens irreferenzjati ma' assi jew it-tokens tal-flus elettroniċi, u emittenti ta' tokens irreferenzjati ma' assi;"

(b) Jiżdied il-punt (c) li ġej:

"(c) l-ESMA għal:

(i) fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi awtorizzati skont l-Artikolu 63;

(ii) entitajiet li jitħallew jipprovdu servizzi tal-kriptoassi skont l-Artikolu 60(2) sa (6), li l-attività ewlenija tagħhom tkun il-provvediment ta' servizzi tal-kriptoassi kif imsemmi fl-Artikolu 138a(2)."

(2) l-Artikolu 59 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 6 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"6. L-awtorizzazzjoni mogħtija f'konformità mal-Artikolu 63 għandha tispeċifika s-servizzi tal-kriptoassi li l-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi jkunu awtorizzati jipprovdu."

(b) il-paragrafu 7 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"7. Il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi għandhom ikunu permessi jipprovdu servizzi tal-kriptoassi madwar l-Unjoni, jew permezz tad-dritt ta' stabbiliment, inkluż permezz ta' fergħa, jew permezz tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi li jipprovdu servizzi tal-kriptoassi fi Stati Membri għajr l-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom, ma għandhomx ikunu meħtieġa jkollhom preżenza fiżika fit-territorju ta' Stat Membru ospitanti."

(c) Il-paragrafu 8 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi li jfittxu li jżidu servizzi tal-kriptoassi mal-awtorizzazzjoni tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 63 għandhom jitolbu lill-ESMA għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni tagħhom billi jikkomplementaw u jaġġornaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 62. It-talba għal estensjoni għandha tiġi pproċessata f'konformità mal-Artikolu 63."

(3) fl-Artikolu 60, jiddaħħal il-paragrafu 6a li ġej:

"6a. L-entitajiet imsemmija fil-paragrafi 2 sa 6 għandhom ikunu meħtieġa jissottomettu kull sena lill-awtorità kompetenti tagħhom u lill-ESMA informazzjoni dwar il-fatturat annwali totali tagħhom, b'mod partikolari, il-perċentwal tal-fatturat annwali totali tagħhom skont l-aħħar rapporti finanzjarji disponibbli approvati mill-korp maniġerjali tagħhom, li jiġi ġġenerat mill-forniment ta' servizzi tal-kriptoassi."

(4) l-Artikolu 62 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-persuni ġuridiċi jew impriżi oħra li jkun biħsiebhom jipprovdu servizzi tal-kriptoassi għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi lill-EMS."

(b) il-paragrafu 4 jitħassar.

(5) l-Artikolu 63 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Valutazzjoni tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni u l-għoti jew iċ-ċaħda tal-awtorizzazzjoni mill-ESMA";

(b) il-paragrafi minn 1 sa 9 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

1. L-ESMA għandha minnufih, u fi kwalunkwe każ fi żmien 5 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi applikazzjoni skont l-Artikolu 62(1), tikkonferma bil-miktub li rċeviet l-applikazzjoni lill-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi applikant.

2. L-ESMA għandha, fi żmien 25 jum tax-xogħol minn meta tirċievi applikazzjoni skont l-Artikolu 62(1), tivvaluta jekk dik l-applikazzjoni hijiex kompluta billi tivverifika li tkun ġiet sottomessa l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 62(2).

Meta l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-ESMA għandha tistabbilixxi skadenza sa meta l-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi applikant jeħtieġ jipprovdi kwalunkwe informazzjoni nieqsa.

3. L-ESMA tista' tirrifjuta li tirrieżamina applikazzjonijiet meta tali applikazzjonijiet jibqgħu inkompluti wara li tkun għaddiet l-iskadenza stabbilita minnha f'konformità mal-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu.

4. Ladarba applikazzjoni tkun kompluta, l-ESMA għandha tinnotifika minnufih lill-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi applikant dwar dan.

5. Qabel ma tagħti jew tirrifjuta awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru meta l-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi applikant ikun jinsab f'wieħed mill-pożizzjonijiet li ġejjin fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu, depożitorju ċentrali tat-titoli, ditta ta' investiment, operatur tas-suq, kumpanija tal-maniġment ta' UCITS, maniġer ta' fondi ta' investiment alternattivi, istituzzjoni ta' pagament, impriża tal-assigurazzjoni, istituzzjoni tal-flus elettroniċi jew istituzzjoni għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali, awtorizzati f'dak l-Istat Membru:

(a) ikun s-sussidjarju tiegħu;

(b) ikun sussidjarju tal-impriża omm ta' dik l-entità; jew

(c) ikun ikkontrollat mill-istess persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jikkontrollaw dik l-entità.

6. Qabel ma tagħti jew tirrifjuta awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi, l-ESMA:

(a) tista' tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u lill-unitajiet tal-intelligence finanzjarja tal-Istat Membru ta' domiċilju, sabiex tivverifika li l-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi applikant ma kienx

is-suġġett ta' investigazzjoni dwar imġiba relatata mal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu;

(b) tista' tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu tal-Istat Membru ta' domiċilju, biex tiżgura li l-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi applikant li jopera stabbilimenti jew jiddependi fuq partijiet terzi stabbiliti f'pajjiżi terzi b'riskju għoli identifikati skont [l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849 jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jittrasponu l-Artikoli 26(2), 45(3) u 45(5) ta' dik id-Direttiva];

(c) għandha, fejn xieraq, tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu tal-Istat Membru ta' domiċilju biex tiżgura li l-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi applikant ikun stabbilixxa proċeduri xierqa biex jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jittrasponu [l-Artikolu 18a(1) u (3) tad-Direttiva (UE) 2015/849].

7. Meta jkunu jeżistu rabtiet mill-qrib bejn il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi applikant u persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra, l-ESMA għandha tagħti awtorizzazzjoni biss jekk dawk ir-rabtiet ma jipprevjenux l-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet superviżorji tagħha.

8. L-ESMA għandha tiċħad l-awtorizzazzjoni jekk il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' pajjiż terz li jirregolaw persuna fiżika jew ġuridika waħda jew aktar li magħhom il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi applikant ikollu rabtiet mill-qrib, jew diffikultajiet marbuta mal-infurzar tagħhom, jipprevjenu l-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet superviżorji tagħha.

9. L-ESMA għandha, fi żmien 40 jum tax-xogħol mid-data meta tirċievi applikazzjoni kompluta, tivvaluta jekk il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi applikant jikkonformax ma' dan it-Titolu u għandha tadotta deċiżjoni motivata bis-sħiħ li biha tagħti jew tiċħad awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi. L-ESMA għandha tinnotifika lill-applikant bid-deċiżjoni tagħha fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mid-data ta' dik id-deċiżjoni. Dik il-valutazzjoni għandha tqis in-natura, l-iskala u l-kumplessità tas-servizzi tal-kriptoassi li l-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi applikant jkun biħsiebu jipprovdi.";

(c) Jiddaħħal il-paragrafu 9a li ġej:

"9a. L-ESMA tista', matul il-perjodu ta' valutazzjoni previst fil-paragrafu 9, u mhux aktar tard mill-20 jum tax-xogħol ta' dak il-perjodu, titlob kwalunkwe informazzjoni ulterjuri li tkun meħtieġa biex titlesta l-valutazzjoni. Tali talba għandha ssir bil-miktub lill-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi applikant u għandha tispeċifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

Il-perjodu ta' valutazzjoni skont il-paragrafu 9 għandu jiġi sospiż għall-perjodu bejn id-data tat-talba għall-informazzjoni nieqsa mill-ESMA u l-irċevuta mill-ESMA ta' tweġiba għaliha mill-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi applikant. Is-sospensjoni ma għandhiex teċċedi 20 jum tax-xogħol. Kwalunkwe talba ulterjuri mill-ESMA għat-tlestija jew il-kjarifika tal-informazzjoni għandha

tkun fid-diskrezzjoni tagħha iżda ma għandhiex tirriżulta f'sospensjoni tal-perjodu ta' valutazzjoni skont il-paragrafu 9.";

(d) fil-paragrafu 10, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-ESMA għandha tirrifjuta l-awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi fejn ikun hemm raġunijiet oġġettivi u dimostrabbli li:";

(e) il-paragrafi 11 u 12 jitħassru;

(f) fil-paragrafu 13, jitħassru l-ewwel żewġ sentenzi;

(6) l-Artikolu 64 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1, 2, 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

1. "L-ESMA għandha tirtira l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 63 ta' fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu [39h(2)] tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u barra minn hekk, jekk il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jagħmel xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) ma jkunx uża l-awtorizzazzjoni tiegħu fi żmien 12-il xahar mid-data tal-awtorizzazzjoni;

(b) ma jkunx ipprovda servizzi tal-kriptoassi għal 9 xhur konsekuttivi;

(c) jonqos milli jkollu fis-seħħ sistemi, proċeduri u arranġamenti effettivi għad-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu f'konformità mad-[Direttiva (UE) 2015/849];

2. L-ESMA tista' tirtira l-awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) tkun ġiet infurmata mill-awtorità kompetenti rilevanti għas-superviżjoni tad-[Direttiva (UE) 2015/849] li l-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi kiser id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jittrasponu d-[Direttiva (UE) 2015/849];

(b) il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jkun tilef l-awtorizzazzjoni tiegħu bħala istituzzjoni ta' pagament jew l-awtorizzazzjoni tiegħu bħala istituzzjoni tal-flus elettroniċi, u dak il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jkun naqas milli jirrimedja s-sitwazzjoni fi żmien 40 jum kalendarju.

3. Meta l-ESMA tirtira awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi, din għandha tagħmel tali informazzjoni disponibbli fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 109.

4. L-ESMA tista' tillimita l-irtirar ta' awtorizzazzjoni għal servizz partikolari tal-kriptoassi."

(b) il-paragrafu 5 jitħassar.

(c) il-paragrafi 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"6. Qabel ma tirtira awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi, l-ESMA tista' tikkonsulta lill-awtorità kompetenti għas-superviżjoni tal-konformità tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi mar-regoli dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

7. L-EBA u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jipprovdi servizzi tal-kriptoassi jistgħu fi kwalunkwe ħin jitolbu li l-ESMA teżamina jekk il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi għadux jikkonforma mal-kundizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 63, fejn ikun hemm raġunijiet biex wieħed jissuspetta li dan jista' ma jibqax il-każ."

(7) l-Artikolu 65 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Il-forniment ta' servizzi tal-kriptoassi fi Stati Membri għajr l-Istat Membru ta' domiċilju"

(b) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-kliem introduttorju huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi awtorizzat skont l-Artikolu 63 li jkun biħsiebu jipprovdi servizzi tal-kriptoassi fl-Unjoni għandu jissottometti l-informazzjoni li ġejja lill-ESMA:";

(ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi għandu jinforma lill-ESMA bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-ewwel subparagrafu.";

(c) il-paragrafi 2, 3 u 4 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"2. L-ESMA għandha, fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, tikkomunika dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jkun biħsiebu jipprovdi servizzi tal-kriptoassi u lill-EBA.

3. L-ESMA għandha tinforma lill-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi kkonċernat dwar il-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 mingħajr dewmien.

4. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jista' jibda jipprovdi servizzi tal-kriptoassi mid-data meta jirċievi l-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 jew mhux aktar tard mill-15-il jum kalendarju wara li jkun issottometta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.";

(8) l-Artikolu 68 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta l-influwenza eżerċitata mill-azzjonisti jew membri, kemm diretti kif ukoll indiretti, li jkollhom parteċipazzjonijiet kwalifikanti f'fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi x'aktarx li tkun ta' preġudizzju għall-immaniġġjar sod u prudenti ta' dak il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi, l-ESMA għandha tieħu l-miżuri xierqa sabiex tindirizza dawk ir-riskji.";

(b) fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"8. Il-forniturs ta' servizzi tal-kriptoassi għandu jkollhom stabbiliti mekkaniżmi, sistemi u proċeduri kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2022/2554, kif ukoll proċeduri u arranġamenti effettivi għall-valutazzjoni tar-riskju, biex jikkonformaw mad-

dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jittrasponu d-[Direttiva (UE) 2015/849] fl-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom.";

(c) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. Il-forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi għandhom jaraw li jinżammu rekords tas-servizzi, tal-attivitajiet, tal-ordnijiet, u tat-tranżazzjonijiet tal-kriptoassi kollha mwettqa minnhom. Dawk ir-rekords għandhom ikunu biżżejjed biex jippermettu lill-ESMA twettaq il-kompiti superviżorji tagħhom u jieħdu l-miżuri ta' infurzar, u b'mod partikolari biex jaċċertaw jekk il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi ikunux ikkonformaw mal-obbligi kollha inklużi dawk fir-rigward tal-klijenti jew tal-klijenti prospettivi u tal-integrità tas-suq.

Ir-rekords miżmuma skont l-ewwel subparagrafu għandhom jiġu pprovduti lill-klijenti meta jitolbuhom u għandhom jinżammu għal perjodu ta' 5 snin u, meta jintalbu minn awtoritajiet kompetenti jew l-ESMA għall-forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi awtorizzati skont l-Artikolu 63, qabel ma jkunu għaddew 5 snin, għal perjodu massimu ta' 7 snin."

(9) It-titolu u l-Artikolu 69 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**Informazzjoni lill-ESMA**

Il-forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi għandhom jinnotifikaw lill-ESMA mingħajr dewmien bi kwalunkwe bidla fil-korp maniġerjali tagħhom, qabel l-eżerċizzju tal-attivitajiet minn kwalunkwe membru ġdid, u għandhom jipprovdu lill-ESMA bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex tivvaluta l-konformità mal-Artikolu 68."

(10) L-Artikolu 73 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) partijiet terzi involuti fl-esternalizzazzjoni jikkooperaw mal-ESMA u l-esternalizzazzjoni ma tipprevjenix l-eżerċizzju tal-funzjonijiet superviżorji tal-ESMA inkluż l-aċċess fuq il-post biex tinkiseb kwalunkwe informazzjoni rilevanti meħtieġa sabiex jitwettqu dawk il-funzjonijiet;"

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi u l-partijiet terzi għandhom, fuq talba, jagħmlu disponibbli l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-ESMA u għal awtoritajiet rilevanti oħra biex dawk l-awtoritajiet ikunu jistgħu jivvalutaw il-konformità tal-attivitajiet esternalizzati mar-rekwiżiti ta' dan it-Titolu.";

(11) l-Artikolu 76 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi li joperaw pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi għandhom jinformaw lill-ESMA u lill-awtorità kompetenti tagħhom, jekk differenti mill-ESMA, meta jidentifikaw każijiet ta' abbuż tas-suq jew tentattiv ta' abbuż tas-suq li jseħħu fis-sistemi tagħhom jew permezz tas-sistemi tagħhom.";

(b) il-paragrafu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"15. Il-forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi li joperaw pjattaforma ta' negozjar għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-ESMA u tal-awtorità kompetenti tagħhom, jekk differenti mill-ESMA, għal tal-anqas 5 snin, id-data rilevanti relatata mal-ordnijiet kollha fil-kriptoassi li jiġu rreklamati permezz tas-sistemi

tagħhom, jew jagħtu lill-ESMA u lill-awtorità kompetenti tagħhom, jekk differenti mill-ESMA aċċess għall-ktieb tal-ordnijiet sabiex l-ESMA u l-awtorità kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jimmonitorjaw l-attività ta' negozjar. Dik id-data rilevanti għandu jkun fiha l-karatteristiċi tal-ordni, inklużi dawk li jorbtu ordni mat-tranżazzjonijiet eżegwiti li jirriżultaw minn dik l-ordni.";

(12) Fl-Artikolu 81(7), it-tieni sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

L-ESMA għandha tippubblika l-kriterji li għandha jintużaw għall-valutazzjoni ta' tali għarfien u kompetenza.";

(13) Fl-Artikolu 84, il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. L-ESMA ma għandhiex timponi kundizzjonijiet minn qabel fir-rigward tal-livell ta' parteċipazzjoni kwalifikanti li jeħtieġ li jiġi akkwistat skont dan ir-Regolament u lanqas ma għandha teżamina l-akkwiżizzjoni proposta f'termini tal-ħtiġijiet ekonomiċi tas-suq.";

(14) L-Artikolu 85 jitħassar;

(15) L-Artikolu 92 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa ssostitwit kif ġej:

"1. Kwalunkwe persuna li professjonalment tirranġa jew teżegwixxi tranżazzjonijiet fil-kriptoassi għandu jkollha fis-seħħ arranġamenti, sistemi u proċeduri effettivi biex tipprevjeni u tindividwa l-abbuż tas-suq. Dik il-persuna għandha tirrapporta mingħajr dewmien lill-ESMA kwalunkwe suspett raġonevoli rigward ordni jew tranżazzjoni, inkluża kwalunkwe kanċellazzjoni jew modifika tagħhom, u aspetti oħra tal-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit bħall-mekkaniżmu ta' kunsens, fejn jistgħu jeżistu ċirkostanzi li jindikaw li jkun twettaq, qed jitwettaq jew x'aktarx li jitwettaq abbuż tas-suq.

L-ESMA għandha tittrażmetti tali informazzjoni minnufih lil kwalunkwe awtorità kompetenti rilevanti oħra.";

(b) il-paragrafu 3 jitħassar;

(16) fl-Artikolu 93, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għat-twettiq tal-funzjonijiet u tad-dmirijiet previsti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-offerenti, tal-persuni li jkunu qed ifittxu l-ammissjoni għall-kummerċ ta' kriptoassi għajr tokens irreferenzjati ma' assi u tokens tal-flus elettroniċi, tal-emittenti ta' tokens irreferenzjati ma' assi u tal-emittenti ta' tokens tal-flus elettroniċi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk l-awtoritajiet kompetenti lill-EBA u lill-ESMA.";

(17) fl-Artikolu 94, il-paragrafu 3 jitħassar;

(18) l-Artikolu 102 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ospitanti jkollha raġunijiet ċari u dimostrabbli biex tissuspetta li hemm irregolaritajiet fl-attivitajiet ta' offerent jew persuna li tkun qed tfittex l-ammissjoni għan-negozjar fil-kriptoassi,

emittent ta’ token irreferenzjat ma’ assi jew token tal-flus elettroniċi, jew fornitur ta’ servizzi tal-kriptoassi, hija għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ domiċilju u lill-ESMA dwar dan.

Meta l-ESMA tkun responsabbli għat-twettiq tal-funzjonijiet u d-dmirijiet previsti fir-Regolament fir-rigward tal-forniturі ta’ servizzi tal-kriptoassi, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ domiċilju jew ospitanti li jkollha raġunijiet ċari u dimostrabbli biex tissuspetta li hemm irregolaritajiet fl-attivitajiet ta’ tali fornitur ta’ servizzi tal-kriptoassi, għandha tinforma lill-ESMA.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“2. Meta, minkejja l-miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ domiċilju, jew l-ESMA, fejn applikabbli, l-irregolaritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jippersistu, u jammontaw għal ksur ta’ dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, jew l-Istat Membru ta’ domiċilju, skont il-każ, wara li tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ domiċilju, lill-ESMA u, meta xieraq, lill-EBA, għandha tieħu miżuri xierqa sabiex tipproteġi lill-klijenti ta’ forniturі ta’ servizzi tal-kriptoassi u lid-detenturi ta’ kriptoassi, b’mod partikolari lid-detenturi fil-livell tal-konsumatur. Tali miżuri għandhom jittieħdu bħala l-aħħar alternattiva u jinkludu l-prevenzjoni li l-offerent, il-persuna li tkun qed tfittex l-ammissjoni għan-negozjar, l-emittent ta’ token irreferenzjat ma’ assi jew token tal-flus elettroniċi jew il-fornitur ta’ servizzi tal-kriptoassi ma jitħallewx iwettqu aktar attivitajiet fl-Istat Membru ospitanti. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-ESMA u, meta xieraq, lill-EBA dwar dan, mingħajr dewmien żejjed. L-ESMA, u, meta tkun involuta, l-EBA, għandhom jinformaw lill-Kummissjoni skont dan mingħajr dewmien żejjed.”;

(c) fil-paragrafu 3, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Meta l-ESMA ma taqbilx ma’ kwalunkwe waħda mill-miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti ta’ Stat Membru domiċiljari jew ospitanti fir-rigward ta’ fornitur ta’ servizzi tal-kriptoassi skont il-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu, hija tista’ tressaq il-kwistjoni għall-attenzjoni tal-Kummissjoni.”;

(19) fl-Artikolu 109(5), il-punt (c) jitħassar;

(20) fl-Artikolu 111(1), il-punti (e) u (f) jitħassru;

(21) fl-Artikolu 119, il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (d) huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“(d) l-awtoritajiet kompetenti tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu jew tad-ditti ta’ investiment l-aktar rilevanti li jiżguraw il-kustodja tal-assi ta’ riżerva f’konformità mal-Artikolu 37 jew tal-fondi riċevuti bi skambju tat-tokens tal-flus elettroniċi sinifikanti;”;

(b) il-punt (e) jitħassar;

(22) fit-Titolu VII, jiddaħħal il-Kapitolu 6 li ġej:

“KAPITOLU 6
Responsabbiltajiet superviżorji, setgħat u kompetenzi tal-ESMA fir-rigward tal-forniturи ta’ servizzi tal-kriptoassi

Artikolu 138a

Responsabbiltajiet superviżorji tal-ESMA fir-rigward tal-forniturи ta’ servizzi tal-kriptoassi

1. L-ESMA għandha tkun responsabbli għat-twettiq tal-funzjonijiet u tad-dmirijiet previsti fir-Regolament fir-rigward tal-forniturи ta’ servizzi tal-kriptoassi awtorizzati skont l-Artikolu 63.

2. L-ESMA għandha tkun responsabbli għas-superviżjoni kontinwa u għat-twettiq tal-funzjonijiet u d-dmirijiet superviżorji previsti f’dan ir-Regolament, kif ukoll il-funzjonijiet u d-dmirijiet superviżorji previsti f’atti leġiżlattivi oħra tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji għal entitajiet li jistgħu jipprovdu servizzi tal-kriptoassi skont l-Artikolu 60(2) sa (6), li l-attività ewlenija tagħhom hija l-forniment ta’ servizzi tal-kriptoassi.

   Entità għandha titqies li tkun qed tipprovdi servizzi tal-kriptoassi bħala l-attività ewlenija tagħha meta aktar minn 50 % tal-fatturat annwali totali tagħha skont l-aħħar rapporti finanzjarji disponibbli approvati mill-korp maniġerjali, jiġi ġġenerat mill-forniment ta’ servizzi tal-kriptoassi, għal mill-inqas sentejn konsekuttivi.

   Fil-każ tal-entitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, l-ESMA għandha tidħol fi ftehimiet ta’ kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti li awtorizzaw lil dawk l-entitajiet skont atti leġiżlattivi oħra tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji. Abbażi tal-ftehim ta’ kooperazzjoni, dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu appoġġ u assistenza lill-ESMA fis-superviżjoni tal-attivitajiet li ma humiex koperti minn dan ir-Regolament.

3. Għall-finijiet tal-iżgurar tas-superviżjoni tal-attivitajiet skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014, id-Direttiva 2014/65/UE, id-Direttiva (UE) 2009/110/KE, id-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2011/61/UE kif previst fil-paragrafu 2, l-ESMA għandha tingħata s-setgħat mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014, id-Direttiva 2014/65/UE, id-Direttiva (UE) 2009/110/KE, id-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2011/61/UE, rispettivament.

Artikolu 138b

Talba għall-informazzjoni mill-ESMA

F’konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu [39b] tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA tista’, b’talba sempliċi jew b’deċiżjoni, titlob lill-persuni msemmija fl-Artikolu [39b(1)] tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, jew lill-persuni li ġejjin biex jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex l-ESMA tkun tista’ twettaq dmirijietha skont dan ir-Regolament:

(a) fornitur ta’ servizzi tal-kriptoassi jew persuna li tikkontrolla jew li tkun ikkontrollata direttament jew indirettament minn fornitur ta’ servizzi tal-kriptoassi;

(b) rappreżentanti legali u impjegati ta’ entitajiet li lilhom fornitur ta’ servizzi tal-kriptoassi jkollu arranġament ta’ esternalizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 73;

(c) persuni li jiżguraw il-kustodja tal-assi tal-klijenti;

(d) kwalunkwe persuna involuta direttament fl-attivitajiet tal-kriptoassi tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi;

(e) il-korp maniġerjali tal-persuni msemmija fil-punti (a) sa (d).

Artikolu 138c

Skambju ta' informazzjoni mal-ESMA

1. Sabiex iwettqu r-responsabbiltajiet superviżorji tal-ESMA skont l-Artikolu 138a mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 96, l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti l-oħra għandhom, fuq talba, jipprovdu lil xulxin l-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet tal-qadi ta' dmirijiethom skont dan ir-Regolament mingħajr dewmien żejjed. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet kompetenti l-oħra u l-ESMA għandhom jiskambjaw, kif xieraq, informazzjoni relatata ma':

(a) fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jew persuna li tikkontrolla jew li tkun ikkontrollata direttament jew indirettament minn fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi;

(b) rappreżentanti legali u impjegati ta' entitajiet li lilhom fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jkollu arranġament ta' esternalizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 73;

(c) persuni li jiżguraw il-kustodja tal-assi tal-klijenti;

(d) kwalunkwe persuna involuta direttament fl-attivitajiet tal-kriptoassi tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi;

(e) il-korp maniġerjali tal-persuni msemmija fil-punti (a) sa (d).

2. Awtorità kompetenti tista' tirrifjuta li taġixxi fuq talba għall-iskambju ta' informazzjoni kif prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew talba għal kooperazzjoni fit-twettiq ta' investigazzjoni jew spezzjoni fuq il-post kif previst fl-Artikoli 138d u 138e, rispettivament, biss meta:

(a) il-konformità mat-talba x'aktarx li taffettwa fin-negattiv l-investigazzjoni, l-attivitajiet ta' infurzar jew, meta applikabbli, l-investigazzjoni kriminali tagħha stess;

(b) il-proċedimenti ġudizzjarji jkunu diġà nbdew fir-rigward tal-istess azzjonijiet u kontra l-istess persuni fiżiċi jew ġuridiċi quddiem il-qrati tal-Istat Membru indirizzat;

(c) diġà tkun inqatgħet sentenza finali fir-rigward ta' tali persuna fiżika jew ġuridika għall-istess azzjonijiet fl-Istat Membru indirizzat.

Artikolu 138d

Ftehimiet amministrattivi dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-ESMA u pajjiżi terzi

1. Sabiex twettaq ir-responsabbiltajiet superviżorji tagħha skont l-Artikolu 138a, l-ESMA tista' tikkonkludi ftehimiet amministrattivi dwar l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi biss jekk l-informazzjoni żvelata tkun soġġetta għal garanziji ta' segretezza professjonali li jkunu mill-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jkun maħsub biss għat-twettiq tal-kompiti tal-ESMA jew tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1.

3. Fir-rigward tat-trasferimenti ta' data personali lil pajjiż terz, l-ESMA għandha tapplika r-Regolament (UE) 2018/1725.

Artikolu 138e

Żvelar ta' informazzjoni minn pajjiżi terzi mill-ESMA

1. L-ESMA tista' tiżvela informazzjoni riċevuta mingħand awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi biss jekk l-ESMA jew l-awtorità kompetenti li provdiet l-informazzjoni lill-ESMA tkun kisbet il-qbil espliċitu tal-awtorità superviżorja ta' pajjiż terz li tkun bagħtet l-informazzjoni u, meta applikabbli, l-informazzjoni tkun żvelata biss għall-finijiet li għalihom dik l-awtorità superviżorja tkun tat il-qbil tagħha jew meta tali żvelar ikun meħtieġ għal proċedimenti ġudizzjarji.

2. Ir-rekwiżit għal ftehim espliċitu kif imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-awtoritajiet superviżorji oħra tal-Unjoni meta l-informazzjoni mitluba minnhom tkun meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom u ma għandhiex tapplika għall-qrati meta l-informazzjoni mitluba minnhom tkun meħtieġa għal investigazzjonijiet jew proċedimenti fir-rigward ta' każijiet ta' ksur soġġetti għal penali kriminali.

Artikolu 138f

Kooperazzjoni tal-ESMA ma' awtoritajiet oħra

Meta fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jinvolvi ruħu f'attivitajiet għajr dawk koperti minn dan ir-Regolament, l-ESMA għandha tikkoopera mal-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni ta' tali attivitajiet oħra kif previst fil-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali, inklużi l-awtoritajiet tat-taxxa u l-awtoritajiet superviżorji rilevanti ta' pajjiżi terzi.

Artikolu 138g

Miżuri superviżorji mill-ESMA

1. Sabiex twettaq dmirijietha skont it-Titoli V u VI ta' dan ir-Regolament, l-ESMA għandha tkun tista', minbarra s-setgħat previsti fl-Artikolu [39h] tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, tieħu l-miżuri superviżorji li ġejjin:

   (a) tissospendi jew tipprojbixxi komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli li dan ir-Regolament qed jinkiser;

   (b) tirrikjedi li l-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi rilevanti jwaqqfu jew jissospendu komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni għal massimu ta' 30 jum tax-xogħol konsekuttivi fi kwalunkwe okkażjoni unika meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li nkiser dan ir-Regolament;

   (c) tipprojbixxi l-forniment ta' servizzi tal-kriptoassi meta l-ESMA ssib li dan ir-Regolament inkiser;

   (d) tiżvela, jew tirrikjedi li fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jiżvela, l-informazzjoni materjali kollha li jista' jkollha effett fuq il-forniment tas-servizzi tal-kriptoassi kkonċernati, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi tal-klijenti, b'mod partikolari l-klijenti bl-imnut, jew l-operat bla xkiel tas-suq;

(e) tissospendi, jew tirrikjedi lill-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi rilevanti li jopera l-pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi jissospendi l-kriptoassi min-negozjar meta l-ESMA tqis li s-sitwazzjoni tal-offerent, tal-persuna li tkun qed tfittex l-ammissjoni għan-negozjar ta' kriptoassi jew tal-emittent ta' token irreferenzjat ma' assi jew ta' token tal-flus elettroniċi tkun tali li n-negozjar ikun ta' detriment għall-interessi tad-detenturi tal-kriptoassi, b'mod partikolari d-detenturi bl-imnut;

(f) tissospendi, jew tirrikjedi li fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jissospendi, il-forniment ta' servizzi tal-kriptoassi meta l-ESMA tqis li s-sitwazzjoni tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi tkun tali li l-forniment tas-servizz tal-kriptoassi jkun ta' detriment għall-interessi tal-klijenti, b'mod partikolari l-klijenti bl-imnut;

(g) tirrikjedi t-trasferiment ta' kuntratti eżistenti lil fornitur ieħor ta' servizzi tal-kriptoassi meta l-awtorizzazzjoni ta' fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi tiġi rtirata f'konformità mal-Artikolu 64, soġġett għall-qbil tal-klijenti u tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li lilu jkunu se jiġu ttrasferiti l-kuntratti;

(h) meta jkun hemm raġuni biex wieħed jassumi li persuna tkun qed tipprovdi servizzi tal-kriptoassi mingħajr awtorizzazzjoni, li tordna l-waqfien immedjat tal-attività mingħajr avviż minn qabel jew l-impożizzjoni ta' skadenza;

(i) meta ma jkunx hemm mezzi effettivi disponibbli oħra biex jiġi żgurat il-waqfien tal-ksur ta' dan ir-Regolament u sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' dannu serju għall-interessi tal-klijenti ta' kriptoassi li jieħdu l-miżuri kollha neċessarji, inkluż billi parti terza jew awtorità pubblika tintalab timplimenta tali miżuri, sabiex:

(i) tneħħi l-kontenut jew tirrestringi l-aċċess għal interfaċċa online jew tordna l-wiri espliċitu ta' twissija għall-klijenti u għad-detenturi ta' kriptoassi meta jaċċessaw interfaċċa online;

(ii) tordna lil fornitur ta' servizzi ta' hosting biex ineħħi, jiddiżattiva jew jirrestringi l-aċċess għal interfaċċa online; jew

(iii) tordna lir-reġistri jew lir-reġistraturi tad-dominji jħassru isem ta' dominju kompletament ikkwalifikat u tippermetti lill-awtorità kompetenti kkonċernata tirreġistrah;

2. Sabiex taqdi dmirijietha skont it-Titolu VI, l-ESMA għandu jkollha tal-anqas is-setgħat superviżorji u investigattivi li ġejjin minbarra s-setgħat imsemmija fil-paragrafu 1:

(a) li tirreferi kwistjonijiet għall-prosekuzzjoni kriminali;

(b) li tirrikjedi, sa fejn ikun permess mil-liġi nazzjonali fl-Istat Membru fejn issir l-investigazzjoni, rekords eżistenti tat-traffiku tad-data miżmuma minn operatur tat-telekomunikazzjoni, meta jkun jeżisti suspett raġonevoli ta' ksur u meta tali rekords jistgħu jkunu rilevanti għall-investigazzjoni ta' ksur tal-Artikoli 88 sa 91;

(c) li timponi projbizzjoni temporanja fuq l-eżerċizzju ta' attività professjonali;

(d) li tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li l-pubbliku jkun infurmat b'mod korrett, *inter alia*, billi tiġi kkoreġuta informazzjoni żvelata falza jew qarrieqa, inkluż billi tirrikedji li offerent, persuna li tkun qed tfittex l-ammissjoni għan-

negozjar, emittent, fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jew persuna oħra li tkun ippubblikat jew xerrdet informazzjoni falza jew qarrieqa tippubblika dikjarazzjoni korrettiva.

Artikolu 138h
Multi imposti mill-ESMA

1. L-ESMA għandha tadotta deċiżjoni li timponi multa f'konformità mal-paragrafi 3 jew 4 ta' dan l-Artikolu fejn, f'konformità mal-proċedura fl-Artikolu [39e] tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, issib li fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jew membru tal-korp maniġerjali tiegħu, jew kwalunkwe persuna oħra tkun wettqet, intenzjonalment jew b'negliġenza, ksur kif elenkat fl-Anness VII.

   Ksur għandu jitqies li twettaq intenzjonalment jekk l-ESMA ssib fatturi oġġettivi li juru li tali fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jew membru tal-korp maniġerjali tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra aġixxiet deliberatament biex twettaq il-ksur.

2. Meta tadotta deċiżjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-ESMA għandha tqis iċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż, fejn xieraq:

   (a) il-gravità, it-tul ta' żmien u l-frekwenza tal-ksur;

   (b) jekk reat kriminali twettaqx, ġiex iffaċilitat jew huwiex atribwibbli b'xi mod ieħor għall-ksur;

   (c) jekk il-ksur żvelax dgħufijiet serji jew sistemiċi fil-proċeduri, fil-politiki u fil-miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi;

   (d) jekk il-ksur twettaqx intenzjonalment jew b'negliġenza;

   (e) il-grad ta' responsabbiltà tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur;

   (f) is-saħħa finanzjarja tal-persuna fiżika jew ġuridika, responsabbli għall-ksur, kif indikat mill-fatturat totali tal-persuna ġuridika responsabbli jew mid-dħul annwali u l-assi netti tal-persuna fiżika responsabbli;

   (g) l-impatt tal-ksur fuq l-interessi ta' klijenti tal-forniturи ta' servizzi tal-kriptoassi;

   (h) l-importanza tal-profitti miksuba, it-telf evitat mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur jew għat-telf għall-partijiet terzi kkawżat mill-ksur, sa fejn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati;

   (i) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur mal-ESMA, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li tiġi żgurata ir-restituzzjoni tal-profitti miksuba jew tat-telf evitat minn dik il-persuna;

   (j) każijiet ta' ksur preċedenti ta' dan ir-Regolament mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur;

   (k) miżuri meħuda mill-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi wara l-ksur biex tiġi evitata r-ripetizzjoni ta' tali ksur.

3. L-ESMA għandu jkollha s-setgħa li timponi, fir-rigward ta' każijiet ta' ksur imwettqa minn persuni ġuridiċi, multi amministrattivi massimi ta' mill-inqas:

   (a) EUR 5 000 000, jew, fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita uffiċjali fi [XX data tad-dħul fis-seħħ

tar-Regolament] għall-każijiet ta' ksur imsemmija fl-Anness VII, il-paragrafi 1 sa 78, jew 5 % tal-fatturat annwali totali tal-persuna ġuridika skont l-aħħar rapporti finanzjarji disponibbli approvati mill-korp maniġerjali, għall-każijiet ta' ksur imsemmija fl-Anness VII, il-paragrafi 1 sa 78, skont liema huwa l-ogħla;

(b) EUR 2 500 000 għall-każijiet ta' ksur imsemmija fl-Anness VII, il-paragrafu 79, jew 2 % tal-fatturat annwali totali tal-persuna ġuridika skont l-aħħar kontijiet disponibbli approvati mill-korp maniġerjali, jew fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita uffiċjali fi [XX data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], skont liema huwa l-ogħla;

(c) EUR 15 000 000 għall-każijiet ta' ksur imsemmija fl-Anness VII, il-paragrafi 80 sa 86, jew 15 % tal-fatturat annwali totali tal-persuna ġuridika skont l-aħħar kontijiet disponibbli approvati mill-korp maniġerjali, jew fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita uffiċjali fi [XX data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], skont liema huwa l-ogħla.

Meta l-persuna ġuridika tkun impriża omm jew sussidjarja ta' impriża omm li tkun meħtieġa tħejji rapporti finanzjarji konsolidati f'konformità mad-Direttiva 2013/34/UE, il-fatturat annwali totali rilevanti msemmi fil-punti (a) u (b) għandu jkun il-fatturat annwali totali jew it-tip korrispondenti ta' introjtu f'konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni fil-qasam tal-kontabbiltà skont l-aħħar kontijiet konsolidati disponibbli approvati mill-korp maniġerjali tal-impriża omm apikali.

4. L-ESMA għandu jkollha s-setgħa li timponi, fir-rigward ta' każijiet ta' ksur imwettqa minn persuni fiżiċi, multi amministrattivi massimi ta' mill-inqas:

(a) EUR 700 000, jew, fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita uffiċjali fi [XX data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], għall-każijiet ta' ksur imsemmija fl-Anness VII, il-paragrafi 1 sa 78;

(b) EUR 1 000 000 għall-każijiet ta' ksur imsemmija fl-Anness VII, il-paragrafu 79 jew fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita uffiċjali fi [XX data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament]; u

(c) EUR 5 000 000 għall-każijiet ta' ksur imsemmija fl-Anness VII, il-paragrafi 80 sa 86 jew fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita uffiċjali fi [XX data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament].

Artikolu 138i

Żvelar, natura, infurzar u allokazzjoni tal-multi u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali tal-ESMA

1. L-ESMA għandha tiżvela lill-pubbliku kull multa li tkun ġiet imposta skont l-Artikoli 138l, sakemm tali żvelar lill-pubbliku ma jkunx jippreġudika b'mod serju l-istabbiltà finanzjarja jew jikkawża dannu sproporzjonat lill-partijiet involuti. Tali żvelar ma għandux jinkludi data personali.

2. Multi imposti skont l-Artikolu 138l għandhom ikunu ta' natura amministrattiva.

3. Il-multi imposti skont l-Artikolu 138l għandhom ikunu infurzabbli f'konformità mar-regoli tal-proċedura ċivili fis-seħħ fl-Istat li fit-territorju tiegħu l-multa jew il-pagament perjodiku ta' penali jiġi infurzat.

4. L-ammonti tal-multi għandhom jiġu allokati lill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

5. Meta, minkejja l-Artikoli 138l, l-ESMA tiddeċiedi li ma timponix multi jew pagamenti ta' penali, hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat u għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

Artikolu 138j
Tariffi superviżorji għall-ESMA

1. L-ESMA għandha timponi tariffi fuq il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi f'konformità mal-Artikolu 39n tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u mal-att delegat tal-Kummissjoni msemmi fil-paragrafu 3. It-tariffi għandhom ikopru r-rimborż tal-kostijiet li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jġarrbu fit-twettiq tax-xogħol skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari bħala riżultat tal-appoġġ lill-ESMA fis-superviżjoni tal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 138a(2).

2. L-ammont tat-tariffa imposta fuq fornitur individwali ta' servizzi tal-kriptoassi għandu jkun proporzjonat għall-fatturat tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi u għandu jkopri l-ispejjeż kollha mġarrba mill-ESMA għat-twettiq tal-kompiti superviżorji tagħha skont dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 139 sa [12-il xahar qabel id-dħul fis-seħħ] biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika b'mod ulterjuri t-tip ta' tariffi, il-kwisjonijiet li għalihom huma dovuti t-tariffi, l-ammont tat-tariffi u l-mod li bih għandhom jitħallsu u l-metodoloġija sabiex jiġi kkalkolat l-ammont massimu għal kull entità imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li jista' jintalab mill-ESMA.

(23) l-Artikolu 139 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 3(2), 43(11), 103(8), 104(8), 105(7), 134(10), 137(3) u 138j(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 12-il xahar minn [dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 36 xahar. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-3(2), 43(11), 103(8), 104(8), 105(7), 134(10), 137(3) u 138j(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.";

(c) il-paragrafu 6 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"6. Att delegat adottat skont l-Artikoli3(2), 43(11), 103(8), 104(8), 105(7), 134(10), 137(3) u 138j(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien 3 xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi 3 xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(24) Jiddaħħal l-Artikolu 143a li ġej:

"Artikolu 143a

Miżuri tranżizzjonali relatati mal-ESMA

1. Ir-responsabbiltajiet, il-kompetenzi u d-dmirijiet kollha relatati mal-attività ta' superviżjoni u infurzar fir-rigward tal-forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi msemmija fl-Artikolu 138a, li ngħataw lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 93 qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ], jew rispettivament, qabel id-data meta entità tiġi identifikata bħala li tipprovdi servizzi tal-kriptoassi bħala l-attività ewlenija tagħha, kemm jekk taġixxi bħala awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju kif ukoll jekk le, għandhom jiġu terminati fi [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] jew, rispettivament, wara li dik l-entità tiġi identifikata bħala li tipprovdi servizzi tal-kriptoassi bħala l-attività ewlenija tagħha. Il-kompetenzi u d-dmirijiet mogħtija lill-ESMA skont l-Artikolu 138a għandhom jittieħdu mill-ESMA f'dik id-data.

   Madankollu, applikazzjoni għal awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi skont l-Artikolu 62 li tkun waslet għand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ] ma għandhiex tiġi ttrasferita lill-ESMA, u d-deċiżjoni li tingħata jew tiġi rrifjutata dik l-awtorizzazzjoni għandha tittieħed minn dawk l-awtoritajiet kompetenti.

2. Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, kwalunkwe fajl u dokument ta' ħidma relatati mal-attività ta' superviżjoni u infurzar, inkluż kwalunkwe eżami, investigazzjoni u azzjoni ta' infurzar li jkunu għaddejjin, jew kopji ċertifikati tagħhom, għandhom jittieħdu mill-ESMA fi [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu għandhom jiżguraw li kwalunkwe rekord u dokument ta' ħidma eżistenti, jew kopji ċertifikati tagħhom, għandhom jiġu ttrasferiti lill-ESMA mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ sa [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu wkoll l-assistenza u l-pariri kollha meħtieġa lill-ESMA biex jiffaċilitaw it-trasferiment u l-bidu effettiv u effiċjenti tal-attività ta' superviżjoni u infurzar.

4. Minn [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-ESMA għandha taġixxi bħala s-suċċessur legali tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu fi kwalunkwe proċediment amministrattiv jew ġudizzjarju li jirriżulta minn attività ta' superviżjoni u infurzar segwita minn dawk l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt dan ir-Regolament.

5. Kwalunkwe awtorizzazzjoni ta' fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi, f'konformità mal-Kapitolu I tat-Titolu V, minn awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel

subparagrafu ta' dan l-Artikolu għandha tibqa' valida wara t-trasferiment tal-kompetenzi lill-ESMA.";

(25) L-Anness V ta' dan ir-Regolament jiżdied bħala l-Anness VII tar-Regolament (UE) 2023/1114.

Artikolu 10

Emendi tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 19, il-paragrafu 1 u l-ewwel żewġ subparagrafi tal-paragrafu 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-ESMA għandha timponi tariffi fuq l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, l-Artikolu 39n tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u mar-regolament tal-Kummissjoni msemmi fil-paragrafu 2.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta regolament dwar it-tariffi. Dak ir-regolament għandu jiddetermina b'mod partikolari t-tip ta' tariffi u l-kwistjonijiet li għalihom huma dovuti t-tariffi, l-ammont tat-tariffi u l-mod li bih għandhom jitħallsu.

L-ammont ta' tariffa imposta fuq aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għandu jkun proporzjonat għall-introjtu tal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu kkonċernata.";

(2) fl-Artikolu 21, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. L-ESMA għandha tingħata s-setgħat meħtieġa biex teżerċita l-funzjonijiet tagħha fuq l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 u skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-ESMA għandha tuża dawn is-setgħat fuq l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u, fejn speċifikat skont dan ir-Regolament, partijiet relatati.";

(3) L-Artikolu 23a, l-Artikolu 23b, l-Artikolu 23c, l-Artikolu 23d, l-Artikolu 23e jitħassru;

(4) L-Artikolu 24 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Sabiex twettaq dmirijietha skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009, l-ESMA għandha taġixxi skont l-Artikolu 39h tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u barra minn hekk tingħata s-setgħa li tieħu d-deċiżjoni li ġejja:

(a) tissospendi l-użu, għal finijiet regolatorji, tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu maħruġa mill-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu b'effett fl-Unjoni kollha, sakemm jintemm il-ksur;

2. Qabel ma tieħu d-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u fl-Artikolu 39h, il-paragrafu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-Awtorità għandha tinforma lill-EBA u lill-EIOPA b'dan. Kwalunkwe deċiżjoni adottata skont il-paragrafu 1 u fl-Artikolu 39h, il-paragrafu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 għandha tiġi kkomunikata lill-EBA u lill-EIOPA.

3. Il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu jistgħu jkomplu jintużaw għal finijiet regolatorji wara l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jew skont l-Artikolu 39h(1), il-punti (a) u (b) jew l-Artikolu 39h(2) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 matul perjodu li ma jaqbiżx:

(a) 10 ijiem ta' xogħol mid-data meta d-deċiżjoni tal-ESMA tkun saret pubblika, jekk ikun hemm klassifikazzjonijiet tal-kreditu tal-istess strument finanzjarju jew entità finanzjarja maħruġin minn aġenziji oħrajn ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati skont dan ir-Regolament; jew

(b) 3 xhur mid-data meta d-deċiżjoni tal-ESMA tkun saret pubblika, jekk ma jkun hemm l-ebda klassifikazzjoni tal-kreditu tal-istess strument finanzjarju jew entità finanzjarja maħruġa minn aġenziji oħrajn ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati skont dan ir-Regolament.

L-ESMA tista' testendi, inkluż wara talba mill-EBA jew mill-EIOPA, il-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), bi 3 xhur f'ċirkostanzi eċċezzjonali relatati mal-potenzjal għal tfixkil fis-suq jew instabbiltà finanzjarja.";

(5) l-Artikolu 25 jitħassar;

(6) fl-Artikolu 36a, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta, f'konformità mal-Artikolu 39e(5) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, il-Bord Eżekuttiv tal-ESMA jsib li aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tkun wettqet, intenzjonalment jew b'negliġenza, wieħed mill-każijiet ta' ksur elenkati fl-Anness III, huwa għandu jadotta deċiżjoni li timponi multa f'konformità mal-paragrafu 2.";

(7) l-Artikoli 36b, 36c, 36d u 36e jitħassru.

Artikolu 11

Emendi tar-Regolament (UE) 2016/1011

Ir-Regolament (UE) 2016/1011 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikoli 48a u 48e jitħassru;

(2) l-Artikolu 48f huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 1;

(b) il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Minkejja l-Artikolu 39f tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ammont massimu tal-multa għall-ksur tal-Artikolu 11(1), il-punt (d), jew tal-Artikolu 11(4) għandu jkun ta' EUR 250 000 jew, fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali skont ir-rata tal-kambju ta' referenza tal-euro ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew li tapplika fid-data meta ġiet imposta l-multa jew 2 % tal-fatturat annwali totali ta' dik il-persuna ġuridika skont l-aħħar rapporti finanzjarji disponibbli approvati mill-korp maniġerjali, skont liema huwa l-ogħla għall-persuni ġuridiċi, u EUR 100 000 jew, fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali skont ir-rata tal-kambju ta' referenza tal-euro ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew li tapplika fid-data meta ġiet imposta l-multa għall-persuni fiżiċi.

Għall-finijiet tal-Artikolu 39f, il-paragrafu 2, il-punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, meta l-persuna ġuridika tkun impriża prinċipali jew sussidjarja ta' impriża prinċipali li tkun meħtieġa tħejji kontijiet finanzjarji konsolidati f'konformità mad-Direttiva 2013/34/UE, il-fatturat annwali totali rilevanti għandu jkun il-fatturat annwali totali jew it-tip korrispondenti ta' introjtu f'konformità mal-liġi rilevanti tal-

Unjoni fil-qasam tal-kontabbiltà skont l-aħħar kontijiet konsolidati disponibbli approvati mill-korp maniġerjali tal-impriża omm apikali.";

(c) il-paragrafi 3 u 4 jitħassru;

(d) il-paragrafu 5 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

Fejn att jew ommissjoni ta' persuna jikkostitwixxu aktar minn wieħed mit-tipi ta' ksur elenkati fl-Artikolu 42(1), il-punt (a), għandha tapplika biss l-ogħla multa kkalkolata f'konformità mal-Artikolu 39f tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u ma' dan l-Artikolu u relatata ma' wieħed minn dawk il-każijiet ta' ksur.";

(3) l-Artikoli 48g sa 48k jitħassru;

(4) fl-Artikolu 48l, il-paragrafi 1 u 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-ESMA għandha timponi tariffi lill-amministraturi msemmija fl-Artikolu 40(1) f'konformità mal-Artikolu 39n tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

2. L-ammont ta' tariffa individwali imposta lil amministratur għandu jkun proporzjonat mal-fatturat tal-amministratur.";

Artikolu 12

Emendi tar-Regolament (UE) 2017/2402

Ir-Regolament (UE) 2017/2402 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Is-setgħat mogħtija lill-ESMA f'konformità mal-Artikoli [39a sa 39m] tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-Artikoli 64, 65, 73 u 74 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, flimkien mal-Annessi I u II tagħhom għandhom jiġu eżerċitati wkoll fir-rigward ta' dan ir-Regolament. Referenzi għall-Artikolu 81(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fl-Anness I għal dak ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala referenzi għall-Artikolu 17(1) ta' dan ir-Regolament.";

(b) il-paragrafu 2 jitħassar.

(2) fl-Artikolu 16, il-paragrafu 1, l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-ESMA għandha timponi tariffi għar-repożitorji tat-titolizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 39n tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Dawk it-tariffi għandhom ikunu proporzjonati għall-fatturat tar-repożitorju tat-titolizzazzjoni kkonċernat. Safejn l-Artikolu 14(1) ta' dan ir-Regolament jirreferi għall-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, ir-referenzi għall-Artikolu 72(3) ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.";

Artikolu 13

Emendi tar-Regolament (UE) Nru 2023/2631

Ir-Regolament (UE) 2023/2631 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 42, il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. Rieżaminatur estern ta' pajjiż terz li jkun beħsiebu jikseb rikonoxximent minn qabel kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu (ir-"rieżaminatur estern ta' pajjiż terz li qed ifittex rikonoxximent") għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 23 sa 38 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikoli 39b sa 39d tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(2) fil-Kapitolu II, jiddaħħal l-Artikolu 53a:

"*Artikolu 53a*

Setgħat tal-ESMA

L-ESMA għandha tingħata s-setgħat meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha fuq ir-rieżaminaturi esterni għall-Bonds Ekoloġiċi Ewropej skont ir-Regolament (UE) 2023/2631 u skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-ESMA għandha tuża dawn is-setgħat fuq ir-rieżaminaturi esterni u, fejn speċifikat skont ir-Regolament 2023/2631, partijiet relatati.";

(3) l-Artikoli 54 sa 57 jitħassru;

(4) l-Artikolu 59 jitħassar;

(5) fl-Artikolu 60, il-paragrafi 1 u 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-ESMA għandha tadotta deċiżjoni li timponi multa f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu meta, f'konformità mal-Artikolu 63(8), issib li rieżaminatur estern jew kwalunkwe waħda mill-persuni msemmija fl-Artikolu 39b(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tkun wettqet, b'intenzjoni jew b'negliġenza, wieħed jew aktar mill-każijiet ta' ksur li ġejjin:

(a) nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 24(1) jew ma' kwalunkwe dispożizzjoni tat-Titolu IV, il-Kapitoli 2 u 3;

(b) it-tressiq ta' dikjarazzjonijiet foloz meta ssir applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala rieżaminatur estern, jew l-użu ta' kwalunkwe mezz irregolari ieħor biex tinkiseb din ir-reġistrazzjoni;

(c) nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni bi tweġiba għal deċiżjoni li tirrikjedi informazzjoni skont l-Artikolu 39b tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 jew l-għoti ta' informazzjoni skorretta jew qarrieqa bi tweġiba għal talba għall-informazzjoni jew għal deċiżjoni;

(d) l-ostakolar ta' investigazzjoni jew in-nuqqas ta' konformità ma' investigazzjoni skont l-Artikolu 39c tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010;

(e) nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 39d tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, billi ma tingħatax spjegazzjoni dwar fatti jew dokumenti relatati mas-suġġett u mal-fini ta' spezzjoni, jew billi tingħata spjegazzjoni skorretta jew qarrieqa;

(f) il-bidu tal-attività tar-rieżaminaturi esterni jew li wieħed jagħmilha ta' rieżaminatur estern, mingħajr ma tkun saret reġistrazzjoni bħala rieżaminatur estern.

Ksur għandu jitqies li twettaq intenzjonalment jekk l-ESMA ssib fatturi oġġettivi li juru li persuna aġixxiet deliberatament biex twettaq il-ksur.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, l-ammont minimu tal-multa msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun ta' EUR 20 000. L-ammont massimu għandu jkun ta' EUR 200 000.

Meta tiddetermina l-livell ta' multa skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 39h tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(6) l-Artikoli 61 sa 65 jitħassru;

(7) fl-Artikolu 66, il-paragrafu 1 u l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 jiġu ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-ESMA għandha timponi tariffi fuq ir-rieżaminaturi esterni għan-nefqa relatata mar-reġistrazzjoni, mar-rikonoxximent u mas-superviżjoni tagħhom u għal kwalunkwe kost li l-ESMA tista' ġġarrab fit-twettiq tal-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 39n tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. Kwalunkwe tariffa għandha tkun proporzjonata għall-fatturat tar-rieżaminatur estern ikkonċernat.";

(8) fl-Artikolu 67, il-paragrafu 1, il-punti (b) u (c) huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"(b) ir-rieżaminaturi esterni li jkunu temporanjament ipprojbiti milli jkomplu jwettqu l-attivitajiet tagħhom f'konformità mal-Artikolu 39h tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010;

(c) ir-rieżaminaturi esterni li kellhom ir-reġistrazzjoni tagħhom irtirata f'konformità mal-Artikolu 39h tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010;".

Artikolu 14

Emenda tar-Regolament (UE) 2024/3005

Ir-Regolament (UE) 2024/3005 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 29, jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. L-ESMA għandha tingħata s-setgħat meħtieġa biex teżerċita l-funzjonijiet tagħha skont ir-Regolament (UE) 2024/3005 u skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-ESMA għandha tuża dawn is-setgħat fuq il-forniturі ta' klassifikazzjonijiet ESG u, fejn speċifikat skont ir-Regolament (UE) 2024/3005, partijiet relatati.";

(2) l-Artikoli 31 sa 34 jitħassru;

(3) l-Artikolu 35 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 u l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. Sabiex twettaq dmirijietha skont ir-Regolament (UE) 2024/3005, l-ESMA għandha tingħata s-setgħa li tieħu d-deċiżjonijiet f'konformità mal-Artikolu 39h(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. L-ESMA tista' tieħu wkoll miżura superviżorja waħda jew aktar minn dawk imsemmija fl-Artikolu 39h(1), il-punti (b) sa (l) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 fir-rigward ta' kwalunkwe fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG li jopera fl-Unjoni skont l-Artikolu 2(1):";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. L-ESMA tista' toħroġ ukoll avviż pubbliku msemmi fl-Artikolu 39h(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 fil-każ li attività ta' klassifikazzjoni ESG ta' fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG li jopera fl-Unjoni tkun ta' theddida serja għall-integrità tas-suq jew għall-protezzjoni tal-investituri fl-Unjoni.

Sabiex tivverifika jekk persuna tkunx qed topera fl-Unjoni skont l-Artikolu 2(1), l-ESMA tista' tuża s-setgħat mogħtija lilha bl-Artikoli 39b, 39c u 39d tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 fir-rigward tal-persuna kkonċernata jew kwalunkwe parti terza li tippermetti lill-persuna kkonċernata twettaq l-attività ta' klassifikazzjoni ESG.";

(c) il-paragrafi 3 sa 6 jitħassru.

(4) l-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. Meta l-ESMA ssib li fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG, jew, fejn applikabbli, ir-rappreżentant legali tiegħu, ikun kiser dan ir-Regolament intenzjonalment jew b'negliġenza skont dan ir-Regolament jew ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010, hija għandha tadotta deċiżjoni li timponi multa f'konformità mal-Artikolu 39f tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. Meta l-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jkun impriża prinċipali jew sussidjarja ta' impriża prinċipali li tkun meħtieġa tħejji kontijiet finanzjarji kkonsolidati f'konformità mad-Direttiva 2013/34/UE, il-kalkolu tal-multa għandu jkun ibbażat fuq il-fatturat nett annwali totali rilevanti li għandu jkun il-fatturat nett annwali totali, jew it-tip korrispondenti ta' introjtu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni applikabbli fil-qasam tal-kontabilità, skont l-aktar kontijiet ikkonsolidati disponibbli reċenti approvati mill-korp maniġerjali tal-impriża omm apikali.";

(b) il-paragrafi 3 u 4 jitħassru;

(c) il-paragrafu 5 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"5. Meta att jew ommissjoni ta' fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG tkun tikkostitwixxi aktar minn ksur wieħed ta' dan ir-Regolament, għandha tapplika biss l-ogħla multa kkalkolata f'konformità ma' dan l-Artkolu u l-Artikolu 39f tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u li tkun relatata ma' wieħed minn dawk il-każijiet ta' ksur.";

(5) l-Artikoli 37 sa 41 jitħassru.

(6) l-Artikolu 42 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ESMA għandha titlob tariffi proporzjonati fuq il-forniturі ta' klassifikazzjonijiet ESG f'konformità mal-Artikolu 39n tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u l-atti delegati adottati skont il-paragrafu 2.";

(b) it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

Sat-2 ta' Jannar 2026, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 47 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi tispeċifika t-tip ta' tariffi, il-kwistjonijiet li għalihom huma dovuti t-tariffi, l-ammont tat-tariffi u l-ġustifikazzjoni rispettiva u l-mod li bih għandhom jitħallsu. Dawk l-atti delegati għandhom jistabbilixxu tariffi li jkunu proporzjonati u xierqa għad-daqs tal-forniturі

ta’ klassifikazzjonijiet ESG u sal-punt tas-superviżjoni tagħhom, b’mod partikolari meta jiġu kkategorizzati bħala fornituri ta’ klassifikazzjonijiet ESG żgħar.”.

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 għandu japplika minn [OP daħħal id-data = 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament] bl-eċċezzjoni tal-punt (33).

L-Artikolu 2 għandu japplika minn [OP daħħal id-data = 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], bl-eċċezzjoni tal-punt (15) fir-rigward tal-Artikoli 22a(2) u 22a(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

L-Artikolu 3, il-punti2(a)(xiii), (15) u (16) għandhom japplikaw minn [*OP daħħal id-data = il-jum wara l-iskadenza tal-ewwel perjodu ta’ 5 snin imsemmi fl-Artikolu 27da tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 fir-rigward tas-CTP għall-ishma u l-ETFs.*

L-Artikolu 3, il-punti (29) u (32) sa (37) għandhom japplikaw minn [*OP daħħal id-data = 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament]*.

L-Artikolu 3, il-punt (30) għandu japplika minn [*OP daħħal id-data = 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament]*.

L-Artikolu 4, il-punt (2)(a), (j) u (k), il-punt (8), il-punt (9) fir-rigward tal-Artikolu 11(1) u (4) sa (10) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, u l-punti (11), (12), (13), (21) u (26) għandhom japplikaw minn [*OP daħħal id-data = 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju*].

L-Artikoli 5 sa 14 għandhom japplikaw minn [*OP daħħal id-data = 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament]*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 3

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva 3

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) 3

1.3. Objettiv(i) 3

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali 3

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi 3

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija 3

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni 3

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': 4

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva 4

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva 4

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. 4

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi 4

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra 5

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni 5

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha 6

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) 6

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI 8

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar 8

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll 8

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta 8

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom 8

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) 8

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet 9

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 10

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i 10
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet 12
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali 12
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat 12
3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern 17
3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali 22
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi 24
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat 24
3.2.3.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern 24
3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet 24
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani 25
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat 25
3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern 26
3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani 26
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali 28
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali 28
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi 28
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul 29
4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI 29
4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali 30
4.2. Data 30
4.3. Soluzzjonijiet diġitali 31
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà 31
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali 32

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Din id-dikjarazzjoni finanzjarja u diġitali leġiżlattiva tkopri l-proposti li ġejjin:

- proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 1095/2010, 648/2012, 600/2014, 909/2014, 2019/1156, 2022/858 u 2023/1114 fir-rigward tal-iżvilupp ulterjuri tal-integrazzjoni u s-superviżjoni tas-suq fl-Unjoni ("ir-Regolament Prinċipali")

- proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2009/65/KE, 2011/61/UE u 2014/65/UE fir-rigward tal-iżvilupp ulterjuri tal-integrazzjoni u s-superviżjoni tas-suq fl-Unjoni ("id-Direttiva Prinċipali")

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Suq intern – servizzi finanzjarji

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

L-objettivi ġenerali tal-inizjattiva huma li jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku fis-servizzi finanzjarji billi tiġi indirizzata l-frammentazzjoni persistenti kemm fis-setturi rilevanti kif ukoll bejniethom (in-negozjar, il-postnegozjar, l-immaniġġjar tal-assi u s-servizzi tal-kriptoassi). Il-bidliet proposti għandhom l-għan li jrawmu integrazzjoni tas-suq aktar b'saħħitha u jippermettu titjib fl-effiċjenza billi jneħħu l-ostakli għall-attività transfruntiera u jsaħħu l-konverġenza regolatorja u superviżorja kif ukoll il-kapaċità superviżorja fis-setturi rilevanti.

Dan il-pakkett ta' miżuri jindirizza żewġ pilastri ewlenin tal-istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investiment (SIU, Savings and Investment Union): "integrazzjoni u skala", u "superviżjoni effiċjenti fis-suq uniku". Għandu ambitu wiesa' ħafna u jinkludi setturi ewlenin li jiffurmaw is-sinsla tas-swieq kapitali, filwaqt li jipprovdi infrastruttura essenzjali għall-offerta u għall-investiment fi strumenti u assi finanzjarji, u jippermetti intermedjazzjoni kruċjali bejn l-investituri u l-entitajiet li jfittxu finanzjament.

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

L-objettivi speċifiċi ta' din l-inizjattiva huma kif ġej:

• Tippermetti aktar integrazzjoni tas-suq u effetti ta' skala billi żżid l-attività transfruntiera – l-inizjattiva għandha l-għan li ttejjeb il-kapaċità tal-atturi tas-suq biex joperaw mingħajr xkiel madwar l-Istati Membri, u b'hekk iżżid l-integrazzjoni tas-suq. Dan imbagħad għandu jixpruna kemm il-konsolidazzjoni kif ukoll l-ispeċjalizzazzjoni fis-setturi individwali.

• Ittejjeb is-superviżjoni billi tnaqqas il-frammentazzjoni – l-inizjattiva tfittex li tindirizza n-nuqqasijiet u l-ineffiċjenzi fil-qafas superviżorju attwali, billi tindirizza l-inkonsistenzi u l-kumplessitajiet li jirriżultaw minn approċċi superviżorji nazzjonali frammentati. Għandha l-għan li tagħmel is-superviżjoni aktar effettiva, aktar favorevoli għall-attivitajiet transfruntieri, u aktar reattiva għar-riskji emerġenti, filwaqt li tnaqqas il-piżijiet bla bżonn fuq id-ditti. Dan għandu jżid ukoll il-fiduċja tal-investituri. It-tisħiħ tas-setgħat u tal-kapaċitajiet superviżorji fil-livell tal-UE, inkluż bit-trasferiment ta' responsabbiltajiet superviżorji aktar diretti lill-ESMA,

għandu l-għan li jisfrutta r-relazzjoni ta' tisħiħ reċiproka bejn l-integrazzjoni tas-suq u l-allinjament superviżorju.

• Tiffaċilita l-innovazzjoni billi tneħħi ostakli regolatorji – l-inizjattiva għandha l-għan li tneħħi l-ostakli regolatorji għall-innovazzjoni bil-għan li toħloq qafas li jippermetti teknoloġiji ġodda fil-forniment ta' servizzi finanzjarji. Sabiex l-innovazzjoni tirnexxi, kemm ir-Reġim Pilota tad-DLT (DLTPR, DLT Pilot Regime) kif ukoll il-ġabra ta' regoli standard għandhom jippermettu lill-industrija tuża t-teknoloġija ta' reġistru distribwit (DLT, distributed ledger technology) biex iġġib soluzzjonijiet effiċjenti fis-suq filwaqt li tiżgura li jiġu mmitigati r-riskji assoċjati.

L-objettivi speċifiċi se jiġu segwiti mingħajr ma jiġu kompromessi l-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq jew il-protezzjoni tal-investituri, u b'hekk jiġi żgurat li s-suq finanzjarju tal-UE jibqa' sikur u attraenti globalment.

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Din l-inizjattiva taffettwa b'mod partikolari l-gruppi ta' partijiet ikkonċernati li ġejjin: ċentri tan-negozjar, ditti ta' investiment (b'mod partikolari sensara), depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs, central securities depositories), kontropartijiet ċentrali (CCPs, central counterparties), maniġers tal-assi, fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi (CASPs, crypto asset service providers), strutturi bbażati fuq id-DLT, investituri (inklużi investituri aħħarin fil-livell tal-konsumatur), awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs, national competent authorities), l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority) u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

F'termini ta' benefiċċji, iċ-ċentri tan-negozjar u d-ditti ta' investiment jibbenefikaw mir-razzjonalizzazzjoni tal-operazzjonijiet intragrupp, tal-operazzjonijiet transfruntieri u l-iffrankar marbut mal-kostijiet tal-governanza lokali. It-titjib fl-effiċjenza operazzjonali għal operaturi tal-iskambju għandu jgħaddi parzjalment lill-intermedjarji downstream u lill-investituri fil-livell tal-konsumatur u istituzzjonali. Is-CSDs jibbenefikaw mill-faċilitazzjoni tal-forniment transfruntier tas-servizzi u minn aktar ċarezza u ċertezza legali. Barra minn hekk, il-kostijiet għal kull tranżazzjoni ta' saldu jistgħu jitnaqqsu permezz ta' użu akbar ta' TARGET2-Securities (T2S). Is-CSDs, id-ditti ta' investiment, il-CASPS u l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw strutturi bbażati fuq id-DLT jibbenefikaw ukoll minn definizzjonijiet u kunċetti armonizzati. Il-maniġers tal-assi jibbenefikaw minn tnaqqis fil-piż regolatorju u fl-ispejjeż legali kif ukoll minn aktar ċarezza legali meta jinvolvu ruħhom f'attivitajiet transfruntieri.

Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji taħt superviżjoni msaħħa tal-UE (jiġifieri ċentri tan-negozjar sinifikanti transfruntiera, CSDs, CCPs, ditti tal-immaniġġjar ta' assi u CASPs) għandhom jibbenefikaw minn: 1) tnaqqis fil-kost tal-konformità u fil-piż amministrattiv għal entitajiet li bħalissa huma taħt superviżjoni minn diversi NCAs; 2) iffrankar li jirriżulta minn inqas duplikazzjonijiet, differenzi fl-istruzzjonijiet u dewmien proċedurali; 3) tnaqqis fit-tariffi superviżorji għal entitajiet li bħalissa jinsabu taħt superviżjoni minn diversi NCAs u 4) iffrankar minħabba sinerġiji u żieda fl-esternalizzazzjoni/fid-delega intragrupp.

L-inizjattiva hija mistennija li twassal għal swieq finanzjarji aktar profondi u integrati u fiduċja akbar fis-swieq finanzjarji, li huwa ta' benefiċċju għall-utenti finali u għall-ekonomija usa'. L-investituri istituzzjonali u bl-imnut huma mistennija

li jiffaċċjaw kostijiet tan-negozjar aktar baxxi u għażla akbar ta' prodotti u servizzi finanzjarji. Superviżjoni aktar aġli u komprensiva tas-swieq kapitali se żżid il-fiduċja tal-investituri u l-fiduċja ġenerali fil-governanza u s-superviżjoni tas-swieq kapitali. Dan jista' jżid l-investimenti transfruntieri fis-suq uniku, u jrendi benefiċċji għall-kumpaniji permezz ta' aċċess usa' għall-finanzjament u kostijiet ta' finanzjament aktar baxxi mistennija.

Min-naħa tal-kostijiet, iċ-ċentri tan-negozjar, is-sensara, is-CSDs, il-maniġers tal-assi, il-CASPs u l-istrutturi bbażati fuq id-DLT jiffaċċjaw kostijiet ta' implimentazzjoni biex jallinjaw l-operazzjonijiet tagħhom mal-bidliet legali. Pereżempju, is-CSDs ikollhom jinvestu fl-istabbiliment ta' konnessjonijiet ġodda ma' CSDs oħra, jekk ma jkunux diġà daħlu fis-seħħ, u jissieħbu fit-T2S, jekk ma jkunux diġà membri. Il-BĊE x'aktarx ikollu jinvesti fit-T2S biex jakkomoda għadd akbar ta' CSDs konnessi kif ukoll volumi ogħla ta' saldu tat-titoli, flimkien ma' kwalunkwe bidla oħra fil-funzjonalità tal-pjattaforma. L-ESMA jkollha timpjega persunal addizzjonali biex twettaq kompiti ġodda (iffinanzjati permezz ta' tariffi) filwaqt li l-NCAs jiksbu lok għal tnaqqis fil-persunal minħabba ċ-ċentralizzazzjoni ta' ċerti kompiti.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Lista mhux eżawrjenti ta' indikaturi potenzjali:

Għadd ta' operaturi tas-suq Pan-Ewropej

Għadd medju ta' konnessjonijiet bejn sensara u postijiet

Għadd ta' każijiet ta' suq regolat li jistabbilixxi fergħa fi Stat Membru ieħor

Għadd ta' ċentri tan-negozjar li huma parti minn grupp li jistgħu jiddependu fuq persunal/riżorsi ta' entitajiet oħra li huma parti mill-istess grupp li huma bbażati fl-Unjoni

Għadd ta' sensara li joffru negozjar transfruntier

Diskrepanza medja fit-tariffi imposti bejn il-kummerċ domestiku u dak transfruntier fl-UE

Volum ta' tranżazzjonijiet transfruntieri fl-UE

Kostijiet medji tat-tranżazzjoni (għal kull klassi ta' assi; domestiċi/transfruntieri)

Għadd ta' arranġamenti/applikazzjonijiet ta' aċċess miftuħ skont id-dispożizzjonijiet ta' aċċess miftuħ

Attività totali ta' saldu transfruntier (volum/valur skont l-istrument)

Ħruġ transfruntier totali (valur/volum)

Għadd u tipi ta' każijiet ta' forniment transfruntier ta' servizzi minn swieq regolati

Għadd u tipi ta' każijiet ta' forniment transfruntier ta' servizzi mis-CSDs

Għadd ta' każijiet ta' CSD li jistabbilixxi fergħa fi Stat Membru ieħor

Għadd ta' CSDs li huma parti minn grupp li jinvolvu ruħhom f'esternalizzazzjoni intragrupp ta' attivitajiet ewlenin tas-CSDs

Għadd ta' CSDs li jesperimentaw b'teknoloġiji ġodda

Volum u valur tas-saldu mwettaq mill-internalizzaturi tas-saldu
Għadd ta’ CSDs li jiddeżinjaw istituzzjonijiet ta’ kreditu biex jipprovdu servizzi anċillari ta’ tip bankarju
Volum u valur ta’ attività ta’ saldu li sseħħ fit-T2S
Għadd totali ta’ konnessjonijiet tas-CSD
Attività ta’ saldu (f’termini ta’ volum u ta’ valur) imwettqa bl-użu ta’ teknoloġiji ġodda (żieda)
Ammont totali ta’ saldu ta’ parti ta’ flus imwettaq b’forom diġitali ta’ flus
Għadd ta’ fondi transfruntieri (ikkummerċjalizzati b’mod transfruntier)
Daqs medju tal-fondi
Kost medju tal-immaniġġjar tal-fondi (għal kull settur/speċjalizzazzjoni)
Ħolqien/waqfien ta’ fondi (indikazzjoni ta’ ostakli għad-dħul fis-suq)
Għadd u daqs medju tal-maniġers tal-assi
Għadd ta’ gruppi ta’ maniġers tal-assi u għadd ta’ Stati Membri fejn joperaw
Għadd ta’ awtorizzazzjonijiet ibbażati fuq id-DLT
L-għadd ta’ Stati Membri b’oqfsa legali biex jippermettu t-trasferiment tas-sjieda bbażat fuq id-DLT
Għadd ta’ kulleġġi bil-parteċipazzjoni tal-ESMA
Għadd ta’ verifiki konġunti fuq il-post
Għadd ta’ reviżjonijiet bejn il-pari mwettqa
Għadd ta’ ostakli għall-konverġenza identifikati u mneħħija
Għadd ta’ pjattaformi ta’ kollaborazzjoni
Għadd ta’ investigazzjonijiet ta’ ksur tad-dritt tal-UE magħluqa b’suċċess
Għadd ta’ twissijiet dwar ksur manifest tad-dritt tal-UE
L-għadd ta’ verifiki fuq il-post u investigazzjonijiet iddedikati

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma’:

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b’segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[44]

☒ l-estensjoni ta’ azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta’ azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

L-inizjattiva hija mistennija li ssegwi implimentazzjoni gradwali. Fuq terminu qasir (fi żmien sentejn wara l-adozzjoni), l-azzjonijiet preparatorji jkunu jinkludu l-

[44] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

iżvilupp ta' leġiżlazzjoni sekondarja, l-istabbiliment ta' standards tekniċi, u (fi żmien sena wara l-adozzjoni) miżuri preparatorji għat-tranżizzjonijiet superviżorji. Sentejn wara l-adozzjoni, isiru operattivi strutturi u proċessi superviżorji ġodda, li jippermettu lill-ESMA tassumi r-responsabbiltajiet estiżi tagħha. Sentejn wara d-dħul fis-seħħ, l-istrutturi u l-proċessi superviżorji ġodda jsiru operazzjonali, li jippermettu lill-ESMA tassumi r-responsabbiltajiet estiżi tagħha.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Raġunijiet għal azzjoni fil-livell tal-UE (*ex ante*)

In-natura transfruntiera tal-attivitajiet fl-ambitu ta' din l-inizjattiva u l-implikazzjonijiet sistemiċi tad-deċiżjonijiet superviżorji relatati jmorru lil hinn mill-kapaċità ta' kwalunkwe Stat Membru uniku li jindirizza l-ostakli identifikati b'mod effettiv. L-azzjoni fil-livell tal-UE hija ġġustifikata peress li għandha l-għan tnaqqas l-inċertezzi legali u operazzjonali għan-negozji u għall-investituri, tħeġġeġ l-investimenti transfruntieri, ittejjeb l-effiċjenza, il-konsistenza u l-koerenza tas-suq fl-Istati Membri kollha. Huwa ġġustifikat ukoll li tiġi żgurata superviżjoni konsistenti, tiġi salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja, u tiġi ppreservata l-integrità tas-suq intern. Barra minn hekk, inizjattivi bħal dawn fil-livell tal-UE jippromwovu kundizzjonijiet ekwi u jżidu l-attraenza u l-kompetittività tas-suq uniku għas-servizzi finanzjarji u l-effiċjenza ekonomika tagħhom, li jistgħu jinkisbu biss permezz ta' sforzi kkoordinati fil-livell tal-UE. L-inizjattiva tibqa' proporzjonata peress li tiżgura l-bilanċ bejn il-kompetenza tal-UE u dik nazzjonali, fir-rigward ta' entitajiet u attivitajiet b'rilevanza transfruntiera materjali u dawk ta' importanza primarjament domestika.

Valur miżjud tal-UE li huwa mistenni li jiġi ġġenerat (*ex post*)

L-inizjattiva toħloq benefiċċji ċari fl-UE kollha billi tneħħi l-ostakli għall-attività transfruntiera, tnaqqas id-duplikazzjoni u l-kostijiet tal-konformità, u ttejjeb il-konsistenza superviżorja. Dan jippermetti swieq finanzjarji aktar integrati u effiċjenti, jitnaqqsu l-kostijiet operazzjonali u ta' governanza għaċ-ċentri tan-negozjar, għas-CSDs, għall-maniġers tal-assi u għall-forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi, filwaqt li l-investituri aħħarin jiġu pprovduti b'fiduċja akbar, kostijiet tan-negozjar aktar baxxi u għażla usa' ta' prodotti. Is-superviżjoni aktar b'saħħitha u aktar koerenti fil-livell tal-UE tnaqqas il-frammentazzjoni, ittejjeb iċ-ċertezza legali u tippromwovi l-investiment transfruntier, u fl-aħħar mill-aħħar tappoġġa l-aċċess tal-kumpaniji għal finanzjament u l-kompetittività tas-swieq kapitali tal-UE.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta leġiżlattiva vvalutat kif l-oqfsa eżistenti wettqu u identifikaw għadd ta' nuqqasijiet, b'mod partikolari fir-rigward ta' (i) ostakli għal operazzjonijiet u innovazzjoni transfruntieri, u (ii) prattiki superviżorji mhux allinjati madwar l-Istati Membri u għodod u setgħat dgħajfa fil-livell tal-UE biex tiġi infurzata l-konverġenza u jiġi adottat approċċ superviżorju komprensiv tas-suq uniku/transfruntier.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

L-inizjattiva se tirrikjedi riżorsi u infrastruttura addizzjonali fl-ESMA biex tappoġġa rwoli estiżi ta' superviżjoni u koordinazzjoni diretti. Il-ħtiġijiet tal-persunal huma spjegati fl-Appendiċi.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Kompiti addizzjonali mogħtija mil-leġiżlaturi ma setgħux jiġu koperti minn riallokazzjoni.

Il-proposta tirrikjedi firxa ta' attivitajiet u kompiti ġodda, li għalihom se jiġi ffinanzjat proporzjon għoli ta' spejjeż, inklużi l-persunal ta' appoġġ ġenerali u s-sistemi tal-IT, permezz ta' tariffi imposti fuq parteċipanti fis-swieq finanzjarji taħt is-superviżjoni tal-ESMA. Eċċezzjoni għal dan hija li fil-fażi preparatorja, l-UE tiffinanzja kompletament lill-ESMA għall-istabbiliment tal-operazzjonijiet tagħha, sabiex tkun tista' tibni l-funzjoni matul din il-fażi bikrija ewlenija, fejn it-tariffi għadhom – s'issa – ma jistgħux jiġu imposti filwaqt li jiġġarrbu l-kostijiet. Fir-rigward tal-kostijiet tal-iżvilupp tal-IT relatati ma' attivitajiet iffinanzjati permezz tat-tariffi, dawn inizjalment jitħallsu mill-baġit tal-UE iżda mbagħad jiġu rkuprati fuq perjodu ta' 5 snin permezz ta' tariffi. Huwa antiċipat li t-tħejjija għas-superviżjoni se ssir minn nofs l-2028 sa nofs l-2029 u l-kostijiet tal-iżvilupp tal-IT huma mifruxa bejn l-2028/2029 u l-2030/31.

Mhux il-kompiti l-ġodda kollha huma adattati għal finanzjament ibbażat fuq tariffi. Attivitajiet relatati mal-konverġenza superviżorja fl-oqsma fejn l-ESMA ma għandhiex għodod tal-IT b'mandati superviżorji diretti għall-oqsma fejn l-ESMA ma għandhiex mandati superviżorji diretti, u d-DLT minflok se tiġi kofinanzjata mill-UE u mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs), u dan jirrifletti l-objettivi usa' tagħhom fis-sistema kollha. Peress li dawn il-funzjonijiet huma mfassla biex jippromwovu l-konsistenza u l-kooperazzjoni fin-network superviżorju kollu, ma jistgħux jiġu ffinanzjati b'mod xieraq permezz ta' tariffi imposti direttament fuq entitajiet issorveljati mill-NCAs.

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' negozju ġdid minn nofs 2027 sa nofs l-2029,

– segwita minn operat fuq skala sħiħa minn nofs l-2029.

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi ddeżinjati minnhom

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)

– ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment

– ☒ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju

– ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-politika estera u ta' sigurtà komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

– ☐ lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

L-inizjattiva tirrikjedi riżorsi addizzjonali kemm taħt ġestjoni diretta fi ħdan id-dipartimenti tal-Kummissjoni li jittrattaw is-servizzi finanzjarji, kif ukoll taħt ġestjoni indiretta fi ħdan l-aġenzija tal-ESMA.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Bħala aġenzija deċentralizzata, l-ESMA hija soġġetta għar-rekwiżiti legali u operazzjonali tal-liġijiet tal-Unjoni f'termini ta' regoli ta' monitoraġġ u rapportar. Skont l-arranġamenti li diġà jeżistu, l-ESMA tħejji rapporti regolari dwar l-attività tagħha (inkluż ir-rapportar intern lill-Maniġment Superjuri, ir-rapportar lill-Bordijiet u l-produzzjoni tar-rapport annwali) u hija soġġetta għal awditi mill-Qorti tal-Awdituri u mis-Servizz tal-Awditjar Intern tagħha stess (Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni) dwar l-użu tar-riżorsi u l-prestazzjoni tagħha. Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-azzjonijiet inklużi fil-proposta se jikkonformaw mar-rekwiżiti li diġà jeżistu, kif ukoll ma' kwalunkwe rekwiżit ġdid li jirriżulta minn din il-proposta.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Il-kompiti se jiġu implimentati essenzjalment mill-ESMA taħt ġestjoni indiretta, b'finanzjament kopert mill-baġit tal-UE kofinanzjat parzjalment permezz ta' kontribuzzjonijiet tal-NCAs, u minn tariffi imposti fuq entitajiet taħt superviżjoni.

F'konformità mal-Artikolu 30 tar-Regolamenti Finanzjarji tagħhq, l-ESMA għandha timplimenta l-baġits tagħha f'konformità ma' kontroll intern effettiv u effiċjenti, li għandu jkun ibbażat fuq l-aħjar prattiki internazzjonali u fuq il-Qafas ta' Kontroll Intern stabbilit mill-Kummissjoni għad-dipartimenti tagħha stess.

F'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Finanzjarju tal-ESMA, id-Direttur Eżekuttiv tal-ESMA huwa l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni li f'konformità mal-Artikolu 45(1) ta' dak ir-Regolament Finanzjarju huwa "*responsabbli għall-implimentazzjoni tad-dħul u tan-nefqa b'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, inkluż billi jiżgura r-rapportar dwar il-prestazzjoni u billi jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tal-legalità u r-regolarità u t-trattament indaqs ta' benefiċjarji ta' fondi tal-Unjoni.*" Kif huwa speċifikat fl-Artikolu 45(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-ESMA, huwa d-dmir tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni li jistabbilixxi l-istruttura organizzazzjonali u s-sistemi ta' kontroll intern adattati għat-twettiq ta' dmirijiethom.

F'konformità mal-Artikolu 70(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament Finanzjarju), l-Awditur Intern tal-Kummissjoni huwa wkoll l-Awditur Intern tal-ESMA. B'mod partikolari, f'konformità mal-Artikolu 78(3) tar-Regolamenti Finanzjarji tal-ESMA, l-Awditur Intern tal-Kummissjoni (jiġifieri s-Servizz tal-Awditjar Intern) huwa responsabbli għal:

(a) il-valutazzjoni tal-idoneità u l-effittività tas-sistemi interni ta' ġestjoni u l-prestazzjoni tad-dipartimenti fl-implimentazzjoni tal-programmi u tal-azzjonijiet b'referenza għar-riskji marbuta magħhom;

(b) il-valutazzjoni tal-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi ta' kontroll u ta' awditjar intern applikabbli għal kull operat għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-korp tal-Unjoni.

Dawn ir-responsabbiltajiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern se jestendu wkoll għall-kompiti implimentati mill-ESMA f'konformità mal-leġiżlazzjoni proposta.

Minbarra l-ħidma tas-Servizz tal-Awditjar Intern, l-ESMA hija soġġetta għal awditjar estern inkluż mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li f'konformità mal-Artikolu 104 tar-Regolamenti Finanzjarji tal-ESMA, kull sena għandha tħejji rapporti annwali speċifiċi dwar l-ESMA f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 287(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

F'konformità mal-Artikolu 45(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-ESMA, id-Direttur Eżekuttiv tal-ESMA, fir-rwol tiegħu bħala l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni tal-ESMA, għandu jqis kif xieraq ir-riskji assoċjati mal-ambjent tal-ġestjoni u r-riskji speċifiċi assoċjati man-natura tal-azzjonijiet iffinanzjati meta jistabbilixxi s-sistemi ta' kontroll intern adattati għat-twettiq tad-dmirijiet tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni. Kif huwa indikat fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 45(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-ESMA "*L-istabbiliment ta' tali struttura u sistemi għandu jkun appoġġat minn analiżi komprensiva tar-riskju, li tqis il-kosteffettività tagħhom u konsiderazzjonijiet ta' prestazzjoni.*"

L-ESMA kkooperat mill-qrib mal-awditur intern tagħha (li huwa s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni) biex tiżgura li l-istandards xierqa jiġu osservati fl-oqsma kollha tal-qafas ta' kontroll intern. Kull sena, il-Parlament Ewropew, wara rakkomandazzjoni mill-Kunsill, jagħti kwittanza lill-ESMA għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha. Din l-inizjattiva ma ġġibx magħha riskji sinifikanti ġodda li ma jkunux koperti minn qafas ta' kontroll intern eżistenti.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

Is-sistemi ta' kontroll intern kif previsti fir-Regolament Finanzjarju tal-ESMA diġà huma implimentati u ma nstabux li ma humiex kosteffettivi mill-awditur intern tal-ESMA. Abbażi tas-sejbiet fl-imgħoddi mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-riskju ta' żbalji huwa mistenni li jkun baxx.

Storikament, il-kostijiet imġarrba mill-Kummissjoni għall-kooperazzjoni ġenerali ġew stmati għal 0,5 % tal-kontribuzzjonijiet annwali mħallsa lilhom. Tali kostijiet jinkludu, pereżempju, iżda mhux esklużivament, il-kostijiet relatati mal-valutazzjoni tal-programmazzjoni u tal-baġit annwali, mal-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tad-DĠ FISMA fil-Bordijiet Maniġerjali, fil-Bordijiet tas-Superviżuri, fil-kumitati interni u fil-ħidma preparatorja relatata. L-inizjattiva hija mistennija li toħloq ħidma addizzjonali għall-Kummissjoni.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Għall-fini tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF, Office européen de lutte antifraude) japplikaw għall-ASE mingħajr ebda restrizzjoni. L-ESMA għandha strateġija ddedikata kontra l-frodi u pjan ta' azzjoni li jirriżulta minnha. L-azzjonijiet tal-ESMA fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi għandhom ikunu konformi mar-Regolament Finanzjarju tagħha, mal-politiki ta' prevenzjoni tal-frodi tal-OLAF, mad-dispożizzjonijiet ipprovduti mill-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi

(COM(2019)196), kif ukoll mill-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE (Lulju 2012) u l-pjan direzzjonali relatat. Barra minn hekk, ir-Regolamenti li jistabbilixxu l-ESMA, kif ukoll ir-Regolamenti Finanzjarji tal-ESMA jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni u l-kontroll tal-baġits u tar-regoli finanzjarji applikabbli tal-ASE, inklużi dawk immirati biex jipprevjenu l-frodi u l-irregolaritajiet.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff[45].	mill-pajjiżi tal-EFTA[46]	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali[47]	Minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
2	03.10.04.00 - ESMA	Diff.	LE	LE	LE	LE
4	20 01 02 01 - Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor

[45] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[46] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[47] Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif huwa spjegat hawn taħt

3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	M/A

DĠ: FISMA			Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034	**TOTAL QFP 2028-2034**
Approprjazzjonijiet operazzjonali										
Linja baġitarja	Impenji	(1a)								**0**
	Pagamenti	(2a)								**0**
Linja baġitarja	Impenji	(1b)								**0**
	Pagamenti	(2b)								**0**
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[48]										
Linja baġitarja		(3)								**0**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet	Impenji	=1a+1b+3	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**

[48] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

għad-DĠ FISMA	Pagamenti	=2a+2b+3	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Aġenzija: L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)	Sena **2027**(#)	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL 2027+ QFP 2028-2034**
Linja baġitarja: 03 10 04 00/Kontribuzzjoni tal-Baġit tal-UE lill-aġenzija	**0,149**	**15,972**	**8,373**	**8,708**	**8,930**	**2,962**	**3,070**	**4,387**	**52,551**

(#) Fir-rigward tal-estensjoni tar-riżorsi għall-2027 (żewġ FTEs) għar-reġim pilota attwali tad-DLT stabbilit bir-Regolament (UE) 2022/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 909/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE (li r-riżorsi għalih inizjalment kienu previsti biss fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva (LFS, legislative financial statement) relatata għall-perjodu mill-2022 sal-2026 (filwaqt li skont il-QFP attwali u mhux skont il-QFP il-ġdid 2028-2034, dan il-kost huwa identifikat għat-trasparenza u għall-konsistenza).

			Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL QFP 2028-2034**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (inkluża l-kontribuzzjoni lill-aġenzija deċentralizzata)	Impenji	(4)	15,972	8,373	8,708	8,930	2,962	3,070	4,387	**52,402**
	Pagamenti	(5)	15,972	8,373	8,708	8,930	2,962	3,070	4,387	**52,402**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	-	-	-	-	-	-	-	-

TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	**15,972**	**8,373**	**8,708**	**8,930**	**2,962**	**3,070**	**4,387**	**52,402**
	Pagamenti	=5+6	**15,972**	**8,373**	**8,708**	**8,930**	**2,962**	**3,070**	**4,387**	**52,402**

			Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL QFP 2028-2034**
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)	15,972	8,373	8,708	8,930	2,962	3,070	4,387	**52,402**
	Pagamenti	(5)	15,972	8,373	8,708	8,930	2,962	3,070	4,387	**52,402**
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)	-	-	-	-	-	-	-	-
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-Intestaturi 1 sa 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+6	**15,972**	**8,373**	**8,708**	**8,930**	**2,962**	**3,070**	**4,387**	**52,402**
	Pagamenti	=5+6	**15,972**	**8,373**	**8,708**	**8,930**	**2,962**	**3,070**	**4,387**	**52,402**

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	4	"Nefqa amministrattiva"[49]

DĠ: FISMA		Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL QFP 2028-2034**
•Riżorsi umani		0,752	0,752	0,752	0,752	0,752	0,752	0,752	**5,264**
•Nefqa amministrattiva oħra		0,010	0,010	0,088	0,010	0,010	0,010	0,010	**0,148**
TOTAL DĠ FISMA	Approprjazzjonijiet	**0,762**	**0,762**	**0,840**	**0,762**	**0,762**	**0,762**	**0,762**	**5,412**

TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)	0,762	0,762	0,840	0,762	0,762	0,762	0,762	**5,412**

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL QFP 2028-2034**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 4	Impenji	**16,734**	**9,135**	**9,548**	**9,692**	**3,724**	**3,832**	**5,149**	**57,814**
tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	**16,734**	**9,135**	**9,548**	**9,692**	**3,724**	**3,832**	**5,149**	**57,814**

[49] Sabiex jiġu ddeterminati l-approprjazzjonijiet meħtieġa għandhom jintużaw iċ-ċifri relatati mal-kostijiet medji annwali, disponibbli fuq il-paġna web rilevanti tal-BUDGpedia.

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif huwa spjegat hawn taħt

3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL 2028 - 2034**
INTESTATURA 4								
Riżorsi umani	0,752	0,752	0,752	0,752	0,752	0,752	0,752	**5,264**
Nefqa amministrattiva oħra	0,010	0,010	0,088	0,010	0,010	0,010	0,010	**0,148**
Subtotal tal-INTESTATURA 4	**0,762**	**0,762**	**0,840**	**0,762**	**0,762**	**0,762**	**0,762**	**5,412**
Barra mill-INTESTATURA 4								
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Subtotal barra mill-INTESTATURA 4	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**
TOTAL	**0,762**	**0,762**	**0,840**	**0,762**	**0,762**	**0,762**	**0,762**	**5,412**

Meta titqies is-sitwazzjoni ġenerali diffiċli fl-Intestatura 4, kemm f'termini ta' persunal kif ukoll f'termini tal-livell ta' approprjazzjonijiet, ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu ssodisfati sa fejn ikun possibbli minn persunal mid-DĠ li diġà huwa assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ġie riallokat fid-DĠ jew f'servizzi oħra tal-Kummissjoni.

3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' riżorsi umani

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' riżorsi umani, kif huwa spjegat hawn taħt

3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs, Full-Time Equivalent)

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**
•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)							
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	4	4	4	4	4	4	4
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	0	0	0
(Riċerka indiretta)	0	0	0	0	0	0	0
(Riċerka diretta)	0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)	0	0	0	0	0	0	0

• Persunal estern (f'FTEs)								
20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali")		0	0	0	0	0	0	0
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)		0	0	0	0	0	0	0
Ammin. Linja ta' appoġġ	- fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0	0	0	0
[XX.01.YY.YY]	- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0	0	0	0
(AC, END - Riċerka indiretta)		0	0	0	0	0	0	0
(AC, END - Riċerka diretta)		0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - l-Intestatura 4		0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 4		0	0	0	0	0	0	0
TOTAL		**4**	**4**	**4**	**4**	**4**	**4**	**4**

Meta titqies is-sitwazzjoni ġenerali diffiċli fl-Intestatura 4, kemm f'termini ta' persunal kif ukoll f'termini tal-livell ta' approprjazzjonijiet, ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu ssodisfati sa fejn ikun possibbli minn persunal mid-DĠ li diġà huwa assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ġie riallokat fid-DĠ jew f'servizzi oħra tal-Kummissjoni.

3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali

TOTAL tal-approprjazzjonijiet diġitali u tal-IT	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL QFP 2028-2034**
INTESTATURA 4								
Nefqa tal-IT (korporattiva)	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Subtotal tal-INTESTATURA 4	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**
Barra mill-INTESTATURA 4								
Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Subtotal barra mill-INTESTATURA 4	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**
TOTAL	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**

3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Il-proposta/L-inizjattiva:

– ☐ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP

– ☒ teħtieġ reviżjoni tal-QFP

Huma meħtieġa erba' FTE addizzjonali għad-Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (FISMA) biex jakkumpanjaw ir-responsabbiltajiet settorjali u orizzontali addizzjonali tal-ESMA.

3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/L-inizjattiva:

– ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.2.8. Riżorsi umani stmati u l-użu tal-approprjazzjonijiet meħtieġa f'aġenzija deċentralizzata

Rekwiżiti totali tal-persunal (unitajiet ekwivalenti għall-full-time)

Aġenzija: L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq	Sena **2027**	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**
Aġenti temporanji (Gradi AD)	2	38	182	212	248	248	248	248
Aġenti temporanji (gradi AST)	0	7	34	40	45	45	45	45
Subtotal tal-aġenti temporanji (AD+AST)	***2***	***45***	***216***	***252***	***293***	***293***	***293***	***293***
Aġenti kuntrattwali	0	18	103	121	142	142	142	142

Esperti nazzjonali sekondati	0	7	33	39	45	45	45	45
Subtotal tal-aġenti kuntrattwali u tal-esperti nazzjonali sekondati	***0***	***25***	***136***	***160***	***187***	***187***	***187***	***187***
TOTAL tal-persunal	**2**	**70**	**352**	**412**	**480**	**480**	**480**	**480**

Li minnu: rekwiżiti tal-persunal iffinanzjati mit-tariffi (unitajiet ekwivalenti għal full-time)

Aġenzija: L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq	Sena **2027**	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**
Aġenti temporanji (Gradi AD)	-	-	166	196	232	232	232	232
Aġenti temporanji (gradi AST)	-	-	32	38	43	43	43	43
Subtotal tal-aġenti temporanji (AD+AST)	***0***	***-***	***198***	***234***	***275***	***275***	***275***	***275***
Aġenti kuntrattwali	-	-	97	115	136	136	136	136
Esperti nazzjonali sekondati	-	-	31	37	43	43	43	43
Subtotal tal-aġenti kuntrattwali u tal-esperti nazzjonali sekondati	***0***	***-***	***128***	***152***	***179***	***179***	***179***	***179***
TOTAL tal-persunal	**0**	**-**	**326**	**386**	**454**	**454**	**454**	**454**

Approprjazzjonijiet koperti mill-kontribuzzjoni tal-bagit tal-UE f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali) (*)

Aġenzija: L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq	Sena **2027**	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL 2027+QFP 2028-2034**
Titolu 1: Nefqa tal-persunal	0,128	7,451	2,126	2,168	2,210	2,254	2,299	2,345	**20,981**
Titolu 2: Nefqa infrastrutturali u operatorja	0,021	1,561	0,423	0,432	0,441	0,449	0,458	0,467	**4,252**
Titolu 3: Nefqa operazzjonali	-	6,960	5,824	6,108	6,279	0,259	0,313	1,575	**27,318**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet koperti mill-bagit tal-UE	**0,149**	**15,972**	**8,373**	**8,708**	**8,930**	**2,962**	**3,070**	**4,387**	**52,551**

Approprjazzjonijiet koperti minn tariffi, jekk applikabbli, f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Aġenzija: L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq	Sena **2027**	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL 2027+QFP 2028-2034**
Titolu 1: Nefqa tal-persunal	-	-	48,887	59,017	70,798	72,214	73,658	75,131	**399,705**
Titolu 2: Nefqa infrastrutturali u operatorja	-	-	10,360	12,515	15,018	15,318	15,624	15,937	**84,772**
Titolu 3: Nefqa operazzjonali	-	-	1,818	9,302	9,572	9,714	9,860	8,801	**49,067**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet koperti mit-tariffi	**-**	**-**	**61,065**	**80,834**	**95,388**	**97,246**	**99,142**	**99,869**	**533,544**

Approprjazzjonijiet koperti minn kofinanzjament, jekk applikabbli, f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Kontribuzzjoni mill-NCAs

Aġenzija: L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq	Sena **2027**	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL 2027+QFP 2028-2034**
Titolu 1: Nefqa tal-persunal	0,192	0,577	2,126	2,168	2,210	2,254	2,299	2,345	**14,171**
Titolu 2: Nefqa infrastrutturali u operatorja	0,032	0,116	0,423	0,432	0,441	0,449	0,458	0,467	**2,818**

Titolu 3: Nefqa operazzjonali	-	0,007	0,027	0,428	0,436	2,697	2,751	2,806	**9,152**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet koperti kofinanzjament	**0,224**	**0,700**	**2,576**	**3,028**	**3,087**	**5,400**	**5,508**	**5,618**	**26,141**

Ħarsa ġenerali/sommarju tar-riżorsi umani u l-approprjazzjonijiet (f'miljuni ta' EUR) meħtieġa mill-proposta/inizjattiva f'aġenzija deċentralizzata

Aġenzija: L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq	Sena **2027**	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL 2027+QFP 2028-2034**
Aġenti temporanji (AD+AST)	2	45	216	252	293	293	293	293	**-**
Aġenti kuntrattwali	-	18	103	121	142	142	142	142	**-**
Esperti nazzjonali sekondati	-	7	33	39	45	45	45	45	**-**
Total tal-persunal	**2**	**70**	**352**	**412**	**480**	**480**	**480**	**480**	**-**
Approprjazzjonijiet koperti mill-baġit tal-UE	0,149	15,972	8,373	8,708	8,930	2,962	3,070	4,387	**52,551**
Approprjazzjonijiet koperti minn tariffi (jekk applikabbli)	-	-	61,065	80,834	95,388	97,246	99,142	99,869	**533,544**
Approprjazzjonijiet kofinanzjati (jekk applikabbli)	0,224	0,700	2,576	3,028	3,087	5,400	5,508	5,618	**26,141**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet	**0,373**	**16,672**	**72,014**	**92,570**	**107,405**	**105,608**	**107,720**	**109,874**	**612,236**

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq dħul ieħor

  – ☐ jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[50]						
		Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**
Artikolu …….								

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (pereż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[50] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

It-tabella li ġejja tipprovdi deskrizzjoni ta' livell għoli tar-rekwiżiti ta' rilevanza diġitali u l-kategoriji relatati (id-data, id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tal-proċess, is-soluzzjonijiet diġitali u/jew is-servizzi pubbliċi diġitali)

Referenza għar-rekwiżit	**Deskrizzjoni tar-rekwiżit**	**Atturi affettwati jew ikkonċernati mir-rekwiżit**	**Proċessi ta' Livell Għoli**	**Kategoriji**
Emendi għar-Regolament (UE) Nru 2019/1156 (CBDR)				
Artikolu 12	Portal ċentrali (pjattaforma tad-data) għan-notifiki transfruntieri ta' fondi u interazzjoni bejn l-NCAs domiċiljari u ospitanti dwar kwistjonijiet transfruntieri. Il-pjattaforma ta' punt uniku ta' servizz tal-ESMA li se tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u dokumentazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti domiċiljari u dawk ospitanti dwar ir-rekwiżiti ta'	L-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, in-negozji, il-pubbliku ġenerali.	Skambju ta' informazzjoni u dokumenti Kollaborazzjoni transfruntiera	Data; Diġitali; soluzzjonijiet Servizzi pubbliċi diġitali

	kummerċjalizzazzjoni tal-AIFs u tal-UCITS.			
Emendi tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 (ESMA)				

Artikolu 35c	Pjattaforma tad-data/infrastruttura tal-IT L-Awtorità għandha tistabbilixxi u żżomm pjattaforma tad-data biex tiffaċilita l-preżentazzjoni, l-iskambju u l-aċċess għall-informazzjoni kif previst f'atti oħra tal-Unjoni.	L-awtoritajiet tal-Istati Membri	Stabbiliment ta' soluzzjonijiet diġitali Skambju ta' informazzjoni	Soluzzjonijiet diġitali;
Artikolu 8*(ia), (iaa)*	"(ia) li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' strateġija komuni tal-Unjoni dwar data finanzjarj u tiżgura skambju effiċjenti ta' informazzjoni fl-UE;" "(iaa) li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' għodod tat-teknoloġija superviżorja f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti;"	L-ESMA, l-awtoritajiet tal-Istati Membri	Stabbiliment ta' strateġija komuni tal-Unjoni tad-data finanzjarja	Data; Soluzzjonijiet diġitali;

Emendi tar-Regolament (UE) 2022/858 (Reġim pilota tad-DLT)				
Artikoli 4 u 4a	Rekwiżiti u applikazzjoni għal eżenzjonijiet rigward iċ-ċentri tan-negozjar tad-DLT inkluż l-obbligi taż-żamma ta' rekords.	Ditta ta' investiment/operatur tas-suq li jopera ċ-ċentru tan-negozjar tad-DLT; NCAs, ESMA, KE	Talba għal eżenzjoni;	Data
Artikoli 5 u 5a	Rekwiżiti u applikazzjoni għal eżenzjonijiet rigward is-sistema ta' saldu tad-DLT inkluża ż-żamma ta' rekords.	Ditta ta' investiment/operatur tas-suq li jopera ċ-ċentru tan-negozjar tad-DLT; NCAs, ESMA; Stati Membri, KE	Talba għal eżenzjoni;	Data
Artikolu 7a	Rekwiżiti addizzjonali għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT li jipparteċipaw fir-reġim simplifikat, inkluż ir-rapportar, id-dokumentazzjoni disponibbli għall-pubbliku, it-trasparenza, is-sigurtà, l-awditjar, ir-responsabbiltà.	Operaturi ta' infrastrutturi tas-suq tad-DLT; awtoritajiet kompetenti, ESMA	Talba għal permess għal reġim simplifikat;	Data; Servizz pubbliku diġitali
Artikolu 8	Permess speċifiku biex jiġi operat ċentru tan-	Operaturi ta' ċentri tan-negozjar tad-	Talba għal awtorizzazzjoni;	Data; Servizz pubbliku diġitali

	negozjar tad-DLT inkluż ir-rapportar; l-għoti ta' evidenza ta' salvagwardji.	DLT; awtoritajiet kompetenti, ESMA;		
Artikoli 10, 10a, 10b, 10c, 10d, 10e	Permess speċifiku biex tiġi operata s-sistema ta' negozjar u ta' saldu tad-DLT; Permess speċifiku għall-forniment ta' servizzi ta' CSD individwali; Saldu bejn id-detenturi tal-kontijiet ċentrali tad-DLT; Awtorizzazzjoni u superviżjoni tal-iskema ta' saldu; L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida u formoli/mudell;	Operaturi ta' sistemi ta' negozjar u ta' saldu tad-DLT; awtoritajiet kompetenti, ESMA; Detenturi tal-kontijiet ċentrali tad-DLT;	Talba għal permess speċifiku biex tiġi operata TSS tad-DLT; Rapportar lill-ESMA;	Data; Servizz pubbliku diġitali;
Artikolu 10g	Standardizzazzjoni tad-data fl-appoġġ tal-interoperabbiltà bejn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT	Operaturi ta' SS tad-DLT, TSS tad-DLT u detenturi tal-kontijiet tad-DLT li jipparteċipaw fi skema ta' saldu ESMA	Standardizzazzjoni tad-data	Data

		Kummissjoni Ewropea		
Artikolu 11, 11a	L-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jinnotifikaw lill-NCAs u jirrapportaw dwar il-parametri bażiċi tal-attivitajiet tagħhom kull 6 xhur. L-NCAs għandhom jippreżentaw ir-rapporti lill-ESMA; Rekwiżiti għal rapportar u għal żamma ta' rekords.	Operaturi ta' infrastrutturi tas-suq tad-DLT; awtoritajiet kompetenti, ESMA;	L-operaturi tas-suq tad-DLT għandhom jinnotifikaw u jirrapportaw lill-NCAs	Data; Servizz pubbliku diġitali;
Artikolu 13	Notifika tal-awtoritajiet kompetenti	Stati Membri; NCAs; ESMA; KE	L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-NCAs; l-ESMA għandha tippubblika lista ta' NCAs.	Data; Servizz pubbliku diġitali;
Emendi tar-Regolament 909/2014 (CSDR)				
Artikolu 6	Awtomatizzazzjoni sħiħa tal-ipproċessar tal-istruzzjonijiet ta' saldu Armonizzazzjoni tal-proċeduri u tal-istandards għall-	Il-parteċipanti fis-suq tal-UE u d-depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs).	L-ipproċessar tal-istruzzjonijiet ta' saldu, il-komunikazzjoni tal-allokazzjoni u l-konferma	Id-data, id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tal-proċess

	komunikazzjoni			
Artikolu 9	Rapportar tad-data dwar is-saldu internalizzat fir-rigward tal-effiċjenza tas-saldu	L-internalizzaturi tas-saldu, inkluż ditti ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu	Rapportar regolari	Data
Artikolu 16	Dežinjazzjoni tal-awtorità kompetenti għas-superviżjoni tas-CSDs li għandha tiġi kkomunikata fil-bażi ta' data ċentrali	CSDs, Stati Membri u ESMA	Dežinjazzjoni tal-awtorità kompetenti	Data; Diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni tal-proċess
Artikolu 17	Proċeduri li jappartjenu għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni biex jiġu pprovduti servizzi tas-CSD li għandhom jiġu ppreżentati fil-bażi ta' data ċentrali	CSDs, Stati Membri u ESMA	Ġestjoni tal-awtorizzazzjoni	Data; Diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni tal-proċess
Artikolu 17a	Proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet, rapporti jew miżuri oħra	Stati Membri u ESMA	Proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet	Diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni tal-proċess
Artikolu 19a	Proċeduri li jappartjenu għall-applikazzjonijiet għall-esternalizzazzjoni	CSDs, Stati Membri u ESMA	Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex jiġu	Data; Diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni tal-

	tas-servizzi tas-CSD li għandhom jiġu ppreżentati fil-bażi ta' data ċentrali		esternalizzati s-servizzi	proċess
Artikolu 21a	Aċċess għas-CSDs awtorizzati kollha għal bażi ta' data għall-preżentazzjoni tad-data li tappartjeni għall-awtorizzazzjonijiet u għall-approvazzjonijiet stabbiliti fis-CSDR.	CSDs, Stati Membri u ESMA	Stabbiliment ta' Servizz Pubbliku Diġitali	Soluzzjoni diġitali
Artikolu 22	Opinjoni mill-awtoritajiet kompetenti u rilevanti dwar l-evalwazzjoni tar-rieżami li għandha tiġi kkomunikata fuq il-bażi ta' data ċentrali	CSDs, Stati Membri u ESMA	Stabbiliment ta' Servizz Pubbliku Diġitali	Data; Soluzzjoni diġitali
Artikolu 23	Rekwiżit għan-notifika lill-passaport ta' servizzi dwar strumenti finanzjarji rregolati mil-liġi ta' Stat Membru ieħor li għandu jiġi kkomunikat fil-bażi ta' data ċentrali	CSDs, Stati Membri u ESMA	Innotifikat	Data

Artikolu 48	Proċedura li tappartjeni għall-applikazzjonijiet għal konnessjonijiet tas-CSDs li għandhom jiġu kkomunikati fil-bażi ta' data ċentrali	CSDs, Stati Membri u ESMA	Ġestjoni tal-awtorizzazzjoni	Data
Artikolu 48a	Rekwiżit għan-notifika ta' ċentru tas-CSD, Rekwiżit li tiġi stabbilita konnessjoni bilaterali li t-tnejn għandhom jiġi ppreżentati permezz tal-bażi ta' data ċentrali	CSDs, Stati Membri u ESMA	Notifika u awtorizzazzjoni	Data
Artikolu 48b	Proċedura għall-awtorizzazzjoni għall-istabbiliment ta' konnessjoni interoperabbli li għandha tiġi ppreżentata fil-bażi ta' data ċentrali	CSDs, Stati Membri u ESMA	Awtorizzazzjoni u notifika	Data
Artikolu 52	Proċeduri għall-istabbiliment/għar-rifjut ta' konnessjoni li għandha tiġi kkomunikata fil-bażi ta' data ċentrali	CSDs, Stati Membri u ESMA	Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni	Data
Artikolu 55	Proċeduri li jappartjenu	Is-CSDs, l-	Awtorizzazzjoni biex jiġu	Data

	għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni biex jiġu pprovduti servizzi anċillari ta' tip bankarju li għandhom jiġu kkomunikati fil-bażi ta' data ċentrali	istituzzjonijiet ta' kreditu ddeżinjati, l-Istati Membri u l-ESMA	pprovduti servizzi anċillari ta' tip bankarju	
Emendi tar-Regolament (UE) Nru 2023/1114 (MICA)				
Artikolu 59, paragrafu 6, paragrafu 8	L-ESMA tivverifika l-awtorizzazzjonijiet, l-estensjoni tal-awtorizzazzjoni, u tista' titlob aġġornament u komplement mill-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi.	Fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi, l-ESMA	Ġestjoni tal-awtorizzazzjoni għall-CASPs	Data
Artikolu 60, paragrafu 8, paragrafu 11, paragrafu 12	L-NCA tirċievi notifika biex tivvaluta l-informazzjoni pprovduta u tinnotifika lill-ESMA. L-NCA tirrevoka d-dritt li jiġu pprovduti servizzi tal-kriptoassi minn entità. L-ESMA għandha tagħmel in-notifika disponibbli fir-reġistru.	L-NCAs, l-ESMA, l-entità notifikanti	Valutazzjoni tar-rekwiżiti u ħruġ ta' notifiki;	Data;

Artikolu 62, Artikolu 63	Ġestjoni tal-awtorizzazzjoni - Preżentazzjoni tal-applikazzjoni ta' fornituri prospettivi ta' servizzi tal-kriptoassi, rikonoxximent, valutazzjoni u awtorizzazzjoni tal-għoti/tar-rifjut; konsultazzjoni mal-NCAs; talba għall-informazzjoni addizzjonali; aġġornament tar-reġistru)	Persuni/impriżi ġuridiċi, l-ESMA;	Ġestjoni tal-awtorizzazzjoni tas-CASP	Data; Soluzzjoni diġitali; Servizz pubbliku diġitali;
Artikolu 63	L-ESMA u l-EBA joħorġu b'mod konġunt linji gwida dwar l-idoneità tal-korp maniġerjali;	Fornituri prospettivi tal-kriptoassi; ESMA; EBA; NCAs	Ħruġ ta' linji gwida; -	Data; Servizz pubbliku diġitali
Artikolu 64	L-ESMA għandha tivvaluta jekk il-kriterji għall-irtirar tal-applikazzjoni humiex	Fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi; ESMA; EBA; NCAs	Ġestjoni tal-awtorizzazzjoni tas-CASP	Data; Servizz pubbliku diġitali

	issodisfati; tippubblika l-informazzjoni fir-reġistru; tikkonsulta mal-NCAs; l-EBA u l-NCAs jistgħu jikkonsultaw lill-ESMA; fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi għandu jistabbilixxi proċeduri għat-trasferiment ordnat ta' kriptoassi/fondi			
Artikolu 65	Il-forniment ta' servizzi tal-kriptoassi transfruntieri: il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi għandu jinnotifika l-intenzjoni li jipprovdi servizzi transfruntieri; l-ESMA għandha tinforma lill-NCA u lill-EBA	Fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi; awtorità nazzjonali kompetenti, ESMA; EBA	Ġestjoni tal-awtorizzazzjoni tas-CASP	Data;
Artikolu 68	Il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi għandhom jivvalutaw ir-riskju tas-sistemi tagħhom; żamma ta' rekords; l-ESMA għandha tissorvelja; ir-rekords disponibbli għall-klijenti	Fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi, l-ESMA; klijenti	Valutazzjoni tar-riskju	Data;

	fuq talba			
Artikolu 73	Il-partijiet terzi għandhom jipprovdu informazzjoni dwar arranġamenti ta' esternalizzazzjoni	Partijiet terzi; fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi; ESMA; awtoritajiet kompetenti	Il-partijiet terzi għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-esternalizzazzjoni	Data;
Artikolu 76	Fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi li joperaw pjattaforma ta' negozjar biex jinfurmaw lill-ESMA dwar każijiet potenzjali ta' abbuż tas-suq, data dwar tranżazzjonijiet u ordnijiet	Fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi; ESMA;	il-monitoraġġ tal-abbuż tas-suq u tranżazzjonijiet/ordnijiet fuq pjattaformi ta' negozjar	Data;
Artikolu 81	Il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi għandhom juru għarfien biex jipprovdu pariri dwar il-kriptoassi, skont kriterji ppubblikati tal-ESMA	Fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi; klijenti; ESMA	Il-ġestjoni tal-awtorizzazzjoni tal-CASP	Data;
Artikolu 85, Artikolu 85a,	Klassifikazzjoni tal-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi bħala sinifikanti Klassifikazzjoni	Fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi; ESMA; EBA; NCAs	Ġestjoni tal-awtorizzazzjoni tal-CASP	Data;

	volontarja tal-forniturи ta' servizzi tal-kriptoassi bħala sinifikanti			
Artikolu 92	Notifika lill-NCAs jew lill-ESMA dwar suspett ta' abbuż tas-suq;	Persuni li professjonalment jirranġaw jew iwettqu tranżazzjonijiet; ESMA; NCAs; KE	Prevenzjoni u detezzjoni ta' abbuż tas-suq	Data
Artikolu 93	L-Istat Membru għandu jaħtar NCA responsabbli għal dan ir-Regolament u biex jassisti lill-ESMA	Stati Membri; NCA; ESMA	Governanza	Data
Artikolu 102	Miżuri kawtelatorji mill-NCA ospitanti filwaqt li tinforma lill-NCA domiċiljari u lill-ESMA	NCA ospitanti, NCA domiċiljari, ESMA	Jintbagħtu notifiki	Data
Artikolu 138c	L-ESMA għandha titlob informazzjoni minn forniturи ta' servizzi tal-kriptoassi u persuni relatati.	ESMA; forniturи ta' servizzi tal-kriptoassi; persuna involuta f'attivitajiet tal-kriptoassi; persuna kontrollanti	l-ESMA għandha titlob informazzjoni mingħand persuni ġuridiċi u fiżiċi rilevanti; Għoti ta' informazzjoni	Data
Artikolu 138f	L-ESMA u l-NCA	ESMA; NCAs		Data

	għandhom jipprovdu informazzjoni lil xulxin		Skambju ta' informazzjoni	
Artikolu 138g, 138h, 138i	L-ESMA għandha tikkonkludi ftehimiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni; l-ESMA għandha tikseb ftehim espliċitu mill-NCAs ta' pajjiżi terzi għad-divulgazzjonijiet; l-ESMA għandha tikkoopera ma' awtoritajiet oħra	ESMA; NCAs; awtoritajiet oħra	Skambju ta' informazzjoni	Data
Artikolu 138n	Divulgazzjoni ta' ħlasijiet ta' penali tal-ESMA	ESMA; pubbliku; Parlament Ewropew; KE; Kunsill; NCAs	L-ESMA għandha tiddivulga multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali lill-pubbliku. Jekk l-ESMA tiddeċiedi li ma timponix multi jew ħlasijiet ta' penali, hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-KE, u lill-NCAs	Data; Servizz pubbliku diġitali
Artikolu 138k	It-trattament ta' data fir-rigward ta' miżuri superviżorji (il-ġbir ta' informazzjoni minn entitajiet taħt superviżjoni u t-tixrid	ESMA; fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi; persuna fiżika jew ġuridika; NCAs; KE	Miżuri superviżorji	Data; Servizz pubbliku diġitali

	ta' informazzjoni fejn meħtieġ)			
Emendi għar-Regolament 648/2012 (EMIR)				
Artikolu 5	Proċedura tal-obbligu tal-ikklirjar ikkomunikata fil-bażi ta' data ċentrali	NCAs; ESMA	Notifika	Data
Artikolu 6a, 6b	Proċeduri li jappartjenu għas-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklirjar li għandhom jitwettqu fuq il-bażi ta' data ċentrali.	NCAs; ESMA; KE; awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP	Sospensjoni tal-obbligu tal-ikklirjar	Data Diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni tal-proċess
Artikolu 7	Proċedura relatata mal-aċċess għal CCP li għandha titwettaq fil-bażi ta' data ċentrali	TV; CCP; ESMA	It-TV għandu jibgħat talba lis-CCP; It-TV għandu jinforma lill-ESMA dwar it-talba	Data
Artikolu 8	Proċedura relatata mal-aċċess għal ċentru tan-negozjar li għandha titwettaq fil-bażi ta' data ċentrali	CCP; TV; ESMA	Is-CCP għandu jibgħat talba lit-TV; is-CCP għandu jinforma lill-ESMA	Data Diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni tal-proċess
Artikoli 14, 17, 17a, 17b, 22a, 88	L-applikazzjoni tas-CCP għal awtorizzazzjoni lill-awtorità ta' ċertifikazzjoni (CA, certifying authority), l-	ESMA; CAs; Kulleġġ tas-CCP	Ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet	Data; Diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni tal-proċess

	ESMA; L-ESMA għandha tabbozza opinjoni għas-CA; L-ESMA għandha tippubblika lista ta' CCPs sinifikanti u lista ta' awtorizzazzjonijiet tas-CCPs			
Artikolu 17c	L-ESMA għandha tistabbilixxi u żżomm bażi ta' data ċentrali	ESMA; NCAs; awtoritajiet rilevanti; Kulleġġ tas-CCP; CCP	Ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet	Diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni tal-proċess; Soluzzjonijiet diġitali; Servizz pubbliku diġitali
Artikolu 17c	L-ESMA għandha tistabbilixxi u żżomm bażi ta' data ċentrali	ESMA; NCAs; awtoritajiet rilevanti; Kulleġġ tas-CCP; CCP	Ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet	Diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni tal-proċess; Soluzzjonijiet diġitali; Servizz pubbliku diġitali
Artikolu 76	L-awtoritajiet xierqa ta' pajjiżi terzi li ma għandhom l-ebda repożitorju tat-tranżazzjonijiet stabbilit fil-ġuriżdizzjoni tagħhom jistgħu jikkuntattjaw lill-ESMA bl-għan li jistabbilixxu arranġamenti ta' kooperazzjoni biex	ESMA; Awtoritajiet ta' pajjiżi terzi; repożitorji tat-tranżazzjonijiet tal-Unjoni	Aċċess għall-informazzjoni	Data

	jaċċessaw l-informazzjoni dwar il-kuntratti tad-derivattivi miżmuma fir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet tal-Unjoni. L-ESMA tista' tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni ma' dawk l-awtoritajiet xierqa rigward l-aċċess għall-informazzjoni dwar kuntratti tad-derivattivi miżmuma fir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet tal-Unjoni li dawn l-awtoritajiet jeħtieġ li jissodisfaw ir-responsabbiltajiet u l-mandati rispettivi tagħhom, dment li jkunu jeżistu garanziji ta' segretezza professjonali, inkluża l-protezzjoni ta' sigrieti kummerċjali kondiviżi mill-awtoritajiet ma' partijiet terzi.			
Artikolu 76a	Fejn ikun meħtieġ għall-	Awtoritajiet ta'	Aċċess għall-informazzjoni	Data

	eżerċizzju tad-dmirijiet tagħhom, l-awtoritajiet xierqa ta' pajjiżi terzi li fihom ikun stabbilit repożitorju tat-tranżazzjonijiet wieħed jew aktar għandu jkollhom aċċess dirett għall-informazzjoni fir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet stabbiliti fl-Unjoni, dment li l-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-paragrafu 2 għal dak l-għan.	pajjiżi terzi; il-Kummissjoni Ewropea; repożitorji tat-tranżazzjonijiet tal-Unjoni		
Emendi tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 (MiFIR)				
Artikolu 22b	Id-data trażmessa lis-CTP skont l-Artikolu 22a(1) u d-data disseminata mis-CTP skont l-Artikolu 27h(1), il-punt (d), għandhom jikkonformaw mal-istandards tekniċi regolatorji adottati skont l-Artikolu 4(6), il-punt (a), l-Artikolu 7(2), il-	Internalizzaturi sistematiċi u fornitur tat-tape konsolidat għall-ishma u l-ETFs	Trażmissjoni ta' data	Data, diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni tal-proċess

	punt (a), l-Artikolu 11(4), il-punt (a), l-Artikolu 11a(3), il-punt (a), u l-Artikolu 14(7), sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-istandards tekniċi regolatorji adottati skont il-paragrafu 3, il-punti (b) u (d), ta' dan l-Artikolu.			
Artikolu 25	Ħila għall-ESMA li titlob aċċess għad-data relatata mal-ordnijiet kollha fl-istrumenti finanzjarji lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza	L-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza u l-ESMA; operaturi ta' ċentri tan-negozjar	Aċċess għad-data	Data, diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni tal-proċess
Artikolu 26	Rekwiżiti ta' rappurtar għall-operaturi ta' ċentri tan-negozjar.	L-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza u l-ESMA; operaturi ta' ċentri tan-negozjar	Obbligi ta' rapportar	Data
Artikolu 34b	L-ESMA tista' tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tiddetermina l-format tar-rapporti msemmija	Operaturi tas-suq; ESMA	Obbligi ta' rapportar	Data

	fil-paragrafu 1, il-punt (a). L-ESMA tista' tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-miżuri li jirrikjedu li r-rapporti kollha msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jintbagħtu lill-ESMA fi żmien speċifikat ta' kull ġimgħa, għall-pubblikazzjoni ċentralizzata tagħhom minn din tal-aħħar.			
Artikolu 38fd	L-ESMA għandha tistabbilixxi u żżomm bażi ta' data ċentrali biex tiżgura li l-entitajiet u l-awtoritajiet li ġejjin ikunu jistgħu jippreżentaw id-dokumenti tagħhom u jaċċessaw id-dokumenti tagħhom u d-dokumenti indirizzati lilhom, kif irreġistrati f'dik il-bażi ta' data:	PEMO; Operaturi tas-Suq; Ditti ta' investiment; Ċentru tan-negozjar; Awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza; l-ESMA; Awtoritajiet nazzjonali kompetenti	Stabbiliment ta' Servizz Pubbliku Diġitali	Data; Soluzzjoni diġitali

	(a) il-PEMO; (b) operaturi tas-suq li joperaw mill-inqas ċentru tan-negozjar sinifikanti wieħed; (c) ditti ta' investiment li joperaw mill-inqas ċentru tan-negozjar sinifikanti wieħed fir-rigward tal-operat tal-MTFs jew tal-OTFs; (d) ċentri tan-negozjar oħra li jappartjenu għall-istess grupp bħall-operaturi tas-suq u d-ditti ta' investiment imsemmija fil-punti (b) u (c); (e) l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza rilevanti tal-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (d); (f) l-ESMA; (g) l-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti msemmija fl-Artikolu 2q sal-Artikolu 2t ta'			

	dan ir-Regolament; (h) kwalunkwe riċevitur ieħor, kif speċifikat skont dan ir-Regolament.			
Artikolu 38fd	Il-preżentazzjoni ta' informazzjoni/ta' dokumenti, il-ħżin tagħhom u l-aċċess sussegwenti għad-data superviżorja rilevanti għall-operaturi tas-suq u d-ditti ta' investiment li joperaw ċentri tan-negozjar soġġetti għas-superviżjoni tal-ESMA, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti, l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza rilevanti u l-ESMA.	L-operaturi tas-suq u d-ditti ta' investiment li joperaw ċentri tan-negozjar soġġetti għas-superviżjoni tal-ESMA, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza u l-ESMA	Stabbiliment ta' Servizz Pubbliku Diġitali	Data, diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni tal-proċess

4.2. Data

Deskrizzjoni ta' livell għoli tad-data fl-ambitu

Tip ta' data	Referenza għar-rekwiżit(i)	Standard u/jew speċifikazzjoni (jekk applikabbli)
Emendi tar-Regolament (UE) Nru 2019/1156(CBDR)		
Data u informazzjoni li tintalab mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti minn fondi fir-rigward tal-awtorizzazzjoni u n-notifika għall-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-fondi. Din l-informazzjoni tinkludi notifiki ta' intensjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni, dokumenti ta' divulgazzjoni obbligatorja tal-fondi u dokumenti ta' kummerċjalizzazzjoni, deċiżjonijiet, miżuri proċedurali u attestazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti.	Emenda għar-Regolament (UE) 2019/1156, Artikolu 12 ġdid	L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida biex tistabbilixxi formoli, formati u mudelli standard
Emendi tar-Regolament (UE) 2022/858 (Reġim pilota tad-DLT)		
Informazzjoni dwar il-konformità għal talba ta' eżenzjonijiet speċifiċi rigward iċ-ċentri tan-negozjar tad-DLT	Artikolu 4(a)	L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida biex tistabbilixxi formoli, formati u mudelli standard għall-preżentazzjoni tat-talbiet imsemmija fil-paragrafu 1.
Informazzjoni dwar il-konformità għal talba ta' eżenzjonijiet speċifiċi rigward is-sistema ta' saldu tad-DLT	Artikolu 5(a)	L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida biex tistabbilixxi formoli, formati u mudelli standard għall-preżentazzjoni tat-talbiet imsemmija fil-paragrafu 1.

Informazzjoni dwar il-konformità għal awtorizzazzjoni biex isir operat taħt ir-reġim simplifikat	Artikolu 7(a)	L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida biex tistabbilixxi formoli, formati u mudelli standard għall-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni skont ir-reġim simplifikat imsemmi fil-paragrafu 3.
Notifika dwar jekk l-operatur għandux l-intenzjoni li jagħmel tranżizzjoni għar-reġim regolari	Artikolu 7(a)	
Informazzjoni li tappoġġa l-applikazzjoni għal permess speċifiku għall-operat tat-TV tad-DLT	Artikolu 8	
Informazzjoni li tappoġġa l-applikazzjoni għal permess speċifiku biex jiġi pprovdut is-servizz notarili tad-DLT jew il-manutenzjoni ċentrali tad-DLT	Artikolu 10a	L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida biex tistabbilixxi formoli, formati u mudelli standard għall-fini tal-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.
Informazzjoni dwar in-nutara tad-DLT u l-maniġers tal-kontijiet ċentrali tad-DLT	Artikolu 10b	
Informazzjoni dwar it-trasferimenti li jsiru bl-iskema ta' saldu li jipparteċipaw fiha	Artikolu 10c	L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida biex tistabbilixxi formoli, formati u mudelli standard
Informazzjoni li tappoġġa l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-iskema ta' saldu	Artikolu 10d	

Informazzjoni dwar is-servizzi transfruntieri tas-CSD tad-DLT	Artikolu 10e	
Standardizzazzjoni tad-data fl-appoġġ tal-interoperabbiltà bejn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT	Artikolu 10g	L-ESMA għandha tippreżenta lill-Kummissjoni parir tekniku dwar l-appoġġ għall-interoperabbiltà bejn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT
Rapport dwar il-parametri bażiċi tal-attivitajiet tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT	Artikolu 11, Artikolu 11a	
Ir-Regolament (UE) 648/2012 (EMIR)		
Informazzjoni dwar il-konformità għal awtorizzazzjoni tas-CCP biex tikklerja klassi ta' derivattivi OTC	Artikolu 5	L-ESMA għandha tiżviluppa standards tekniċi
Talba għas-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklirjar	Artikolu 6a, 6b	L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida biex tistabbilixxi formoli, formati u mudelli standard
Talba għal aċċess għal CCP	Artikolu 7	L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida biex tistabbilixxi formoli, formati u mudelli standard
Talba għal aċċess għal TV	Artikolu 8	L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida biex tistabbilixxi formoli, formati u mudelli standard
Talba tas-CCP għal awtorizzazzjoni; data kwantitattiva biex jiġi ddeterminat is-sinifikat	Artikoli 14, 17, 17a, 17b, 22a, 88	L-ESMA għandha tiżviluppa standards tekniċi (l-Artikoli 14 u 17a); l-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida biex tistabbilixxi formoli, formati u mudelli standard (l-Artikoli 17 u 17b); il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat (l-Artikolu 22a); l-ESMA għandha żżomm sit web (l-Artikolu 88)

		L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida biex tistabbilixxi formoli, formati u mudelli standard
Deċiżjonijiet, dokumenti, notifiki	Artikolu 17c	L-ESMA għandha tistabbilixxi u żżomm
Lista ta' awtoritajiet kompetenti ddeżinjati mill-Istati Membri	Artikolu 22	L-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha
Informazzjoni dwar kuntratti tad-derivattivi miżmuma f'repożitorji tat-tranżazzjonijiet tal-Unjoni	Artikolu 76	L-ESMA tista' tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni
Emendi tar-Regolament 909/2014 (CSDR)		
Konferma tal-Allokazzjoni u struzzjonijiet ta' saldu	Artikolu 6	L-istandards internazzjonali speċifikati mill-ESMA fl-RTS rilevanti
Rapportar dwar l-effiċjenza tas-saldu	Artikolu 9	L-informazzjoni speċifikata mill-ESMA fl-RTS skont l-Artikolu 9(4)
Informazzjoni dwar is-CSD li japplika	Artikoli 16, 17	L-informazzjoni stabbilita fl-RTS abbozzata mill-ESMA skont l-Artikoli 16 u 17
Opinjoni	Artikolu 17a	M/A
Informazzjoni dwar is-servizzi ta' esternalizzazzjoni	Artikolu 19a	L-informazzjoni speċifikata fl-RTS abbozzata mill-ESMA skont l-Artikolu 19a
Informazzjoni relatata mal-applikazzjonijiet tas-CSD għall-	L-Artikoli 16, 19, 19a, 21a, 48b, 54, 54a, 54b, 56	

awtorizzazzjonijiet		
Opinjoni	Artikolu 22	M/A
Informazzjoni dwar is-servizzi b'passaport	Artikolu 23	L-informazzjoni stabbilita fl-RTS abbozzata mill-ESMA skont l-Artikolu 23
Informazzjoni dwar l-istrumenti u s-servizzi pprovduti permezz tal-link	Artikolu 48, Artikolu 48b, Artikolu 52	L-informazzjoni speċifikata fl-RTS rilevanti abbozzata mill-ESMA
Informazzjoni dwar is-servizz anċillari ta' tip bankarju	Artikolu 55	L-informazzjoni stabbilita fl-RTS abbozzata mill-EBA skont l-Artikolu 55
Emendi għar-Regolament (UE) Nru 2023/1114 (MICA)		
Divulgazzjoni ta' ħlasijiet ta' penali tal-ESMA	Artikolu 138j	Divulgazzjoni ta' multi ta' penali.
Skambju ta' informazzjoni bejn l-ESMA u pajjiżi terzi Divulgazzjoni ta' informazzjoni minn pajjiżi terzi	Artikolu 138d, e	L-ESMA għandha tikkonkludi ftehimiet ma' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi
Data rilevanti għall-awtorizzazzjoni tal-CASP fl-UE	Artikolu 60, Artikolu 62, Artikolu 63, Artikolu 64, Artikolu 65	Persuni ġuridiċi jew impriżi oħra li jkun beħsiebhom jipprovdu servizzi tal-kriptoassi għandhom jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom għal awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi lill-ESMA
Emendi tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 (MiFIR)		
Kwotazzjonijiet (prezz u volum) fir-	Artikolu 22b	M/A

rigward ta’ ishma u ETFs		
Dettalji tal-ordnijiet fl-istrumenti finanzjarji	Artikolu 25	L-informazzjoni speċifikata mill-ESMA fl-RTS skont l-Artikolu 25(3)
Informazzjoni dwar l-awtorizzazzjoni taċ-ċentri tan-negozjar soġġetti għas-superviżjoni tal-ESMA, għat-talbiet superviżorji formali indirizzati lill-entitajiet taħt superviżjoni u għat-tweġibiet għal dawk it-talbiet.	Artikolu 38fd	

Allinjament mal-Istrateġija Ewropea għad-Data

Spjegazzjoni ta’ kif ir-rekwiżit(i) huma allinjati mal-Istrateġija Ewropea għad-Data

Ir-rekwiżiti jippromwovu t-trasparenza u l-aċċessibbiltà għall-informazzjoni (bħal reġistri pubbliċi, pubblikazzjoni ta’ rapporti fuq is-siti web tal-ESMA, divulgazzjonijiet). Dawn jappoġġaw il-ħolqien ta’ flussi ta’ data bejn l-operaturi tan-negozju tas-suq finanzjarju, l-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE. Ir-rekwiżiti jippromwovu wkoll il-kondiviżjoni orizzontali tad-data fost l-amministrazzjonijiet pubbliċi, li hija fokus ewlieni tal-istrateġija Ewropea

għad-data.

Allinjament mal-prinċipju ta' darba biss

Spjegazzjoni ta' kif ġie kkunsidrat il-prinċipju ta' darba biss u kif ġiet esplorata l-possibbiltà li d-data eżistenti terġa' tintuża

L-inizjattiva tippromwovi approċċ ta' "iġbor darba biss, aqsam ħafna drabi", fejn id-data tingħabar darba biss u mbagħad issir disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet tal-UE. Dan għalhekk jiżgura li l-inizjatur jippreżenta biss l-informazzjoni darba biss u li ma jkun hemm l-ebda duplikazzjoni.

L-inizjattiva tippromwovi l-allinjament u l-proċeduri ċentralizzati għall-istess servizzi transfruntieri.

Emendi tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 (MiFIR)

Għall-Artikolu 22b, il-kwotazzjonijiet iġġenerati mill-internalizzaturi sistematiċi jiġu preżentati darba fuq bażi kontinwa, b'din l-informazzjoni terġa' tintuża jew tiġi aċċessata mill-utenti tal-konsolidazzjonijiet jew għal finijiet regolatorji.

Għall-Artikolu 25, id-dettalji tal-ordnijiet fi strumenti finanzjarji diġà jinżammu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (jew tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza futuri). Ir-rekwiżit il-ġdid se jipprovdi lill-ESMA bil-possibbiltà li titlob mingħand l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza d-data diġà miġbura mingħajr ma jinħoloq obbligu ġdid ta' rapportar għall-parteċipanti fis-suq.

Għall-Artikolu 38fd, id-data tiġi ppreżentata darba mill-applikant (eż. ċentru tan-negozjar) li jfittex awtorizzazzjoni mill-ESMA. Dik l-informazzjoni mbagħad tkun tista' tiġi aċċessata mill-applikant innifsu, mill-ESMA, mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti jew mill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza, fejn applikabbli.

Spjegazzjoni ta' kif id-data ġdida hija traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli, u tissodisfa standards ta' kwalità għolja

L-inizjattiva tippromwovi l-ġbir ta' data darba biss li mbagħad tiġi kondiviża mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE permezz ta' bażijiet ta' data ċentrali.

Ir-rekwiżiti jippromwovu t-trasparenza u l-aċċessibbiltà għall-informazzjoni bl-użu ta' reġistri pubbliċi, il-pubblikazzjoni ta' rapporti u d-divulgazzjonijiet fuq is-siti web tal-ESMA.

Emendi tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 (MiFIR)

Għall-Artikolu 22b u l-Artikolu 25, ma hemm l-ebda data maħluqa ġdida. Tali data diġà hija soġġetta għal formati armonizzati tad-data u f'format li

jinqara mill-magni, u b'hekk diġà tiżgura l-konsistenza u l-kompletezza, u dan jiffaċilita l-interoperabbiltà u l-użu mill-ġdid bla xkiel.

Għall-Artikolu 38fd, id-data se tkun faċilment aċċessibbli permezz tal-bażi ta' data ċentrali. Se tinħażen hemmhekk, u għalhekk tista' terġa' tintuża. Peress li l-format għall-forniment tad-data obbligatorja se jiġi armonizzat, id-data se tkun interoperabbli wkoll.

Emendi tar-Regolament (UE) Nru 684/2012 (EMIR)

L-informazzjoni, id-data, il-komunikazzjonijiet u t-talbiet kollha trażmessi skont l-EMIR isiru permezz tal-bażi ta' data ċentrali u jinħażnu fiha. Il-partijiet ikkonċernati kollha bi drittijiet legali li jaċċessaw tali trażmissjonijiet jistgħu jagħmlu dan billi jikkonnettjaw mal-bażi ta' data ċentrali. Għalhekk huwa żgurat l-użu mill-ġdid u l-kondiviżjoni sħaħ tat-trażmissjonijiet rilevanti.

Emendi tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (CSDR)

L-informazzjoni, id-data, il-komunikazzjonijiet u t-talbiet kollha trażmessi skont is-CSDR isiru permezz tal-bażi ta' data ċentrali u jinħażnu fiha. Il-partijiet ikkonċernati kollha bi drittijiet legali li jaċċessaw tali trażmissjonijiet jistgħu jagħmlu dan billi jikkonnettjaw mal-bażi ta' data ċentrali. Għalhekk huwa żgurat l-użu mill-ġdid u l-kondiviżjoni sħaħ tat-trażmissjonijiet rilevanti.

Flussi ta' data

It-tabella li ġejja tippreżenta d-deskrizzjoni ta' livell għoli tal-flussi ta' data

Tip ta' data	**Referenza/i għar-rekwiżit(i)**	**Atturi li jipprovdu d-data**	**Atturi li jirċievu d-data**	**Skattatur għall-iskambju tad-data**	**Frekwenza (jekk applikabbli)**
Emenda tar-Regolament (UE) Nru 2019/1156 (CBDR)					
Trasferiment kontinwu ta' data mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti lill-ESMA, li mbagħad tagħmel id-data disponibbli.	Artikolu 12 ġdid	Awtoritajiet Nazzjonali kompetenti	ESMA	Irċevuta ta' data mill-awtorità nazzjonali kompetenti minn entitajiet taħt superviżjoni; deċiżjonijiet, miżuri proċedurali, jew	Għadha għaddejja, hekk kif l-NCAs jirċievu d-data, din għandha tiġi pprovduta lill-ESMA.

				attestazzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.	
Emendi tar-Regolament (UE) 2022/858 (Reġim pilota tad-DLT)					
Informazzjoni dwar il-konformità għal talba ta' eżenzjonijiet speċifiċi rigward iċ-ċentri tan-negozjar tad-DLT	Artikolu (4a)	Operatur tat-TV tad-DLT	NCAs, KE, ESMA,	Talba għal eżenzjoni	
Informazzjoni dwar il-konformità għal talba ta' eżenzjonijiet speċifiċi rigward is-sistema ta' saldu tad-DLT	Artikolu (5a)	Operatur tat-SS tad-DLT	NCAs, KE, ESMA,	Talba għal eżenzjoni	
Informazzjoni dwar il-konformità għal awtorizzazzjoni biex isir operat taħt ir-reġim simplifikat	Artikolu 7(a)	Operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT	NCA	Talba għal awtorizzazzjoni	
Applikazzjoni għal permess speċifiku għall-operat tat-TV tad-DLT	Artikolu 8	Persuna ġuridika awtorizzata	NCA, ESMA	Talba għal awtorizzazzjoni	
Applikazzjoni għal permess speċifiku biex jiġi pprovdut servizz notarili tad-DLT jew il-manutenzjoni ċentrali tad-DLT	Artikolu 10a	Persuna ġuridika awtorizzata	NCA	Talba għal awtorizzazzjoni	
Informazzjoni dwar it-trasferimenti li jsiru bl-iskema ta' saldu li jipparteċipaw fiha	Artikolu 10c	Detenturi tal-kontijiet ċentrali tad-DLT	ESMA, u kondiviżjoni ulterjuri mal-NCAs	Obbligu tar-rapportar	Kull xahar

Informazzjoni li tappoġġa l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-iskema ta' saldu	Artikolu 10d	Detenturi tal-kontijiet ċentrali tad-DLT	ESMA	Talba għal awtorizzazzjoni	
Informazzjoni dwar is-servizzi transfruntieri tas-CSD tad-DLT	Artikolu 10e	Nutar tad-DLT jew detentur ta' kont ċentrali tad-DLT	NCA domiċiljari, u kondiviżjoni ulterjuri mal-NCAs ospitanti	Preżentazzjoni tal-intenzjoni li jiġu pprovduti servizzi f'aktar minn Stat Membru wieħed	
Emendi tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 (EMIR)					
Awtorizzazzjoni għal CCP biex tikklirja klassi ta' derivattivi OTC	Artikolu 5	NCA	ESMA	Awtorizzazzjoni	M/A
Talba għas-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklirjar	Artikolu 6a tar-Regolament	NCA; ESMA; awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP	ESMA; KE, PE, Kunsill; KE	Talba għas-sospensjoni tal-obbligu	M/A
Talba għal aċċess għal CCP	Artikolu 7 ta'	TV	CCP; ESMA	Talba għal aċċess għas-CCP	M/A
Talba għal aċċess għal TV	Artikolu 8 ta'	CCP	TV; ESMA	Talba għal aċċess għaċ-ċentru tan-negozjar	M/A
Divulgazzjoni pubblika ta' penali	Artikoli 12, 66	ESMA	Pubbliku	Divulgazzjoni ta' penali lill-pubbliku	Intervalli regolari

It-talba tas-CCP għall-awtorizzazzjoni ta' estensjoni ta' awtorizzazzjoni; Data kwantitattiva biex jiġi determinat is-sinifikat; Lista ta' CCPs sinifikanti u awtorizzazzjonijiet tas-CCP	Artikoli 14, 17, 17a, 17b, 22a, 88	CCP; ESMA	CA; ESMA; Pubbliku	Talba tas-CCP għall-awtorizzazzjoni; Informazzjoni dwar l-imgħax miftuħ medju, l-ammont nozzjonali gross medju pendenti, ir-rekwiżiti aggregati medji ta' marġni inizjali, l-istruttura tal-grupp, l-arranġamenti tal-interoperabbiltà; L-ESMA għandha tippubblika lista ta' CCPs u awtorizzazzjonijiet tas-CCPs sinifikanti	M/A
Deċiżjonijiet, dokumenti, notifiki	Artikolu 17c	ESMA; NCAs; Awtoritajiet rilevanti; Kulleġġ tas-CCP; CCP	ESMA; NCAs; Awtoritajiet rilevanti; Kulleġġ tas-CCP; CCP	Kwalunkwe ħtieġa għat-trażmissjoni ta' dokumenti, deċiżjonijiet, notifiki, informazzjoni	M/A
Lista ta' awtoritajiet kompetenti ddeżinjati mill-Istati Membri	Artikolu 22	ESMA	Pubbliku	Lista ta' CAs tas-CCP	M/A
Talba minn pajjiż terz biex jiġu stabbiliti arranġamenti ta' kooperazzjoni għall-aċċess għall-informazzjoni fir-repożitorji	Artikolu 76	Awtorità ta' pajjiż terz	ESMA; Awtorità ta' pajjiż terz	Talba minn awtorità ta' pajjiż terz; Awtoritajiet ta'	M/A

tat-tranżazzjonijiet tal-Unjoni				pajjiżi terzi biex jaċċessaw l-informazzjoni fir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet tal-Unjoni	
Emendi tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (CSDR)					
Konferma tal-Allokazzjoni u struzzjonijiet ta' saldu	Artikolu 6	CSDs u parteċipanti fis-suq	CSDs u parteċipanti fis-suq	Operazzjonijiet tas-suq	M/A
Rapportar dwar l-effiċjenza tas-saldu	Artikolu 9	Internalizzaturi tas-saldu	Awtoritajiet kompetenti	Rapportar regolari	Trimestrali
Informazzjoni dwar is-CSD tal-applikant	Artikolu 16, 17	CSDs	Awtoritajiet kompetenti	Talba għal awtorizzazzjoni	M/A
Opinjoni	Artikoli 17a, 22	Awtoritajiet kompetenti u rilevanti	CSDs	Rieżami u evalwazzjoni regolari	Mill-inqas kull 3 snin
Informazzjoni dwar is-servizzi b'passaport	Artikolu 23	CSDs	Awtoritajiet kompetenti	Forniment tas-servizzi	M/A
Informazzjoni dwar l-istrumenti u s-servizzi pprovduti permezz tal-link	Artikoli 48, 48a, 48b, 52	CSDs, awtoritajiet kompetenti u rilevanti	Awtoritajiet kompetenti	Talba għal awtorizzazzjoni	M/A
Informazzjoni dwar is-servizz anċillari	Artikolu 55	CSDs,	Awtoritajiet	Talba għal	M/A

ta’ tip bankarju		awtoritajiet superviżorji bankarji	superviżorji bankarji, awtoritajiet kompetenti	awtorizzazzjoni	
Emendi tar-Regolament (UE) Nru 2023/1114 (MICA)					
Data rilevanti għall-awtorizzazzjoni tal-CASP fl-UE	L-Artikolu 62, 63 tar-Regolament (UE) 2023/1114 (MICA)	Persuni ġuridiċi jew impriżi oħra li beħsiebhom jipprovdu servizzi tal-kriptoassi	ESMA	Talba għal awtorizzazzjoni jew bidliet	
Emendi tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 (MiFIR)					
Kwotazzjonijiet fir-rigward ta’ ishma u ETFs	Artikolu 22b	Internalizzaturi sistematiċi	Fornitur ta’ tape konsolidat għall-ishma u l-ETFs	Operazzjonijiet tas-suq	Għadu għaddej
Dettalji tal-ordnijiet fl-istrumenti finanzjarji	Artikolu 25	Ċentru tan-negozjar	L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-awtoritajiet nazzjonali ta’ sorveljanza, l-ESMA	Rapportar regolari jew rapportar fuq talba	Għadu għaddej jew fuq talba
Informazzjoni dwar l-awtorizzazzjoni taċ-ċentri tan-negozjar soġġetti għas-superviżjoni tal-ESMA, kif ukoll talbiet superviżorji formali indirizzati lill-entitajiet taħt superviżjoni u tweġibiet	Artikolu 38fd	L-ESMA, l-awtoritajiet nazzjonali ta’ sorveljanza, l-awtoritajiet	ESMA	Talba għal awtorizzazzjoni, talba għall-informazzjoni għal finijiet superviżorji,	M/A

għal dawk it-talbiet.		nazzjonali kompetenti jew l-operaturi tas-suq u d-ditti ta' investiment li joperaw ċentri tan-negozjar soġġetti għas-superviżjoni tal-ESMA		tweġibiet għal dawk it-talbiet	

4.3. Soluzzjonijiet diġitali

Deskrizzjoni ta' livell għoli tas-soluzzjonijiet diġitali

Jekk jogħġbok innota li d-deskrizzjoni ta' hawn taħt tal-bażi ta' data ċentrali li għandha tiġi stabbilita mill-ESMA ma fihiex l-informazzjoni dwar il-forniment tal-kapaċitajiet addizzjonali meħtieġa għar-Regolament dwar il-Finalità tas-Saldu. Jekk jogħġbok irreferi għad-dikjarazzjoni diġitali tar-Regolament dwar il-Finalità tas-Saldu għal aktar informazzjoni dwar dan tal-aħħar.

Soluzzjoni diġitali	Referenza/i għar-rekwiżit(i)	Funzjonalitajiet obbligatorji prinċipali	Korp responsabbli	Kif tiġi koperta l-aċċessibbiltà?	Kif jitqies l-użu mill-ġdid?	Użu tat-teknoloġiji tal-IA (jekk applikabbli)
Bażi ta' Data Ċentrali tal-ESMA u kopertura tal-pjattaforma tad-data superviżorja tas-CCPs, tas-CSDs u tat-TVs	Emendi għar-Regolament 648/2012 (EMIR), Artikolu 17c Emendi għar-Regolament 909/2014 (CSDR), Artikolu 19a Emendi għar-Regolament (UE) Nru 600/2014 (MiFIR), Artikolu 38eb Proposta għal Regolament dwar il-Finalità tas-Saldu, Artikolu 22	Pjattaforma tad-data ċentrali tipprovdi funzjonalitajiet għall-ġbir ta' data, skambju ta' informazzjoni bejn l-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi (CSDs, CCPs, sistemi ta' pagamenti, operaturi tas-suq u ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar), l-awtoritajiet ta' reġistrazzjoni, fost l-oħrajn, u tawtomatizza l-flussi tax-xogħol u l-proċeduri superviżorji	ESMA	Aċċessibbli kompletament għal dawk l-entitajiet (l-ESMA jeħtieġ li tiżgura l-aċċess)	Il-pjattaforma superviżorja tal-ESMA se tiġi estiża biex tinkludi rekwiżiti addizzjonali	

Pjattaforma tad-data tal-ESMA għal notifiki transfruntieri tal-fondi u l-interazzjoni bejn l-NCAs domiċiljari u dawk ospitanti dwar kwistjonijiet transfruntieri	Emenda għar-Regolament (UE) 2019/1156, Artikolu 12 ġdid	Funzjonijiet għall-ġbir, l-ipproċessar, il-ġenerazzjoni, u l-iskambju jew il-kondiviżjoni ta' data/dokumenti u l-iffaċilitar ta' komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Servizzi tat-traduzzjoni Interfaċċa pubblika biex id-data rilevanti ssir disponibbli għall-pubbliku ġenerali (il-portal ta' punt uniku ta' servizz tal-ESMA)	ESMA		Il-pjattaforma se tuża mill-ġdid ir-riżorsi u d-data eżistenti fejn diġà teżisti (eż. il-bażi ta' data ċentrali kif stabbilita fl-Artikolu 17c tal-EMIR)	Mhux applikabbli
Reġistru ċentrali tal-ESMA għas-sorveljanza tas-swieq tal-CASPs	Emendi għar-Regolament (UE) Nru 2023/1114 (MICA)	Reġistru pubbliku ċentrali u pjattaforma superviżorja	ESMA		Il-pjattaforma se tuża mill-ġdid ir-riżorsi u d-data eżistenti (eż. il-bażi ta' data ċentrali kif stabbilita fl-Artikolu 17c tal-EMIR)	
Data u analitika	Emendi tar-	Jiġu pprovduti għodod	ESMA			

ċentralizzati	Regolament (UE) 1095/2010 (ESMA) l-Artikolu 35, l-Artikolu 8	komuni għas-superviżjoni u għall-analiżi tad-data tas-suq, f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti; Tkun permessa l-kondiviżjoni f'waqtha tal-għarfien superviżorju mal-awtoritajiet kompetenti; u Jiġu ffaċilitati aċċess u skambju siguri u standardizzati tad-data fil-qafas superviżorju kollu tal-UE.				

Għal kull soluzzjoni diġitali, spjegazzjoni ta' kif is-soluzzjoni diġitali tikkonforma mal-politiki diġitali u l-promulgazzjonijiet leġiżlattivi applikabbli

Pjattaformi tad-data u superviżorji tal-ESMA

Politika diġitali u/jew settorjali (meta dawn ikunu applikabbli)	**Spjegazzjoni dwar kif tallinja**
Att dwar l-IA	
Qafas taċ-Ċibersigurtà tal-UE	L-Istati Membri u l-ESMA huma meħtieġa jiżguraw is-sigurtà, l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-data miġbura u maħżuna għall-fini tar-Regolament.
eIDAS	
Gateway Diġitali Unika u IMI	
Oħrajn	

4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà

Deskrizzjoni ġenerika tas-servizz(i) pubbliku/pubbliċi diġitali affettwat(i) mir-rekwiżiti

Servizz pubbliku diġitali jew kategorija ta' servizzi pubbliċi diġitali	**Deskrizzjoni**	**Referenza/i għar-rekwiżit(i)**	**Soluzzjoni(jiet) għall-Ewropa Interoperabbli (MHUX APPLIKABBLI)**	**Soluzzjoni(jiet) oħra ta' interoperabbiltà**
Pjattaforma tad-data tal-ESMA għal notifika transfruntiera ta' fondi u l-interazzjoni bejn l-NCAs domiċiljari u dawk ospitanti dwar kwistjonijiet transfruntieri	Il-proċess mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għal notifiki ta' kummerċjalizzazzjoni transfruntiera ta' fondi.	Emenda għar-Regolament (UE) 2019/1156, Artikolu 12 ġdid	//	Is-soluzzjonijiet eżistenti fis-seħħ fl-ESMA se jerġgħu jintużaw (eż. il-bażi ta' data ċentrali kif stabbilita fl-Artikolu 17c tal-EMIR)
Kopertura tal-pjattaforma tad-data superviżorja tas-CCPs, CSDs, TV	Għoti ta' awtorizzazzjoni Skambju ta' informazzjoni bejn l-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-operaturi, Flussi tax-xogħol u proċeduri superviżorji	Emendi tar-Regolament 648/2012 (EMIR) Emendi tar-Regolament 909/2014 (CSDR)		Is-soluzzjonijiet eżistenti fis-seħħ fl-ESMA se jiġu estiżi u użati mill-ġdid (eż. il-bażi ta' data ċentrali kif stabbilita fl-Artikolu 17c tal-EMIR)
Reġistru ċentrali għas-sorveljanza tas-swieq tal-	Stabbiliment tas-sistema ċentrali għall-awtorizzazzjoni u l-monitoraġġ tal-CASPs, skambju ta' informazzjoni,	Emendi tar-Regolament (UE) Nru 2023/1114 (MICA)		Is-soluzzjonijiet eżistenti fis-seħħ fl-ESMA se jerġgħu jintużaw u jiġu estiżi bil-funzjonalitajiet il-ġodda (eż. il-bażi ta' data ċentrali kif

CASPs	żamma ta' reġistru pubbliku			stabbilita fl-Artikolu 17c tal-EMIR)
Bażi ta' data ċentrali -	Bażi ta' data ċentrali għall-ħżin tal-informazzjoni/tad-dokumenti u għall-aċċess għall-operaturi tas-suq u għad-ditti ta' investiment li joperaw ċentri tan-negozjar soġġetti għas-superviżjoni tal-ESMA, għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, għall-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza u għall-ESMA, għal bażi ta' data għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni li tappartjeni għall-awtorizzazzjonijiet skont il-MiFIR, kif ukoll informazzjoni oħra relatata mas-superviżjoni (inkluži talbiet superviżorji u tweġibiet għal dawk it-talbiet).	Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 (MiFIR) Artikolu 38eb		Is-soluzzjonijiet eżistenti fis-seħħ fl-ESMA se jerġgħu jintużaw fejn diġà joħorġu (eż. il-bażi ta' data ċentrali kif stabbilita fl-Artikolu 17c tal-EMIR)
Kategorija ta' servizzi pubbliċi diġitali skont il-COFOG #1	01.1.2		//	

Impatt tar-rekwiżit(i) skont is-servizz pubbliku diġitali dwar l-interoperabbiltà transfruntiera

Bażi ta’ data ċentrali tal-MiFIR

Valutazzjoni	Miżura/i	Ostakli potenzjali li jifdal (jekk applikabbli)
Allinjament mal-politiki diġitali u settorjali eżistenti **Jekk jogħġbok elenka l-politiki diġitali u settorjali applikabbli identifikati**	- Il-bażi tad-data ċentrali hija implimentata f’diversi setturi finanzjarji (negozjar, postnegozjar, eċċ.) b’mod konsistenti u koerenti biex jiġi żgurat li l-istess soluzzjoni diġitali tkun tista’ sservi għall-fini tal-ħżin u tal-aċċess tad-dokumenti/tal-informazzjoni fis-setturi finanzjarji rilevanti kollha.	- *M/A*
Miżuri organizzattivi għal forniment transfruntier bla xkiel ta’ servizzi pubbliċi diġitali **Elenka l-miżuri ta’ governanza previsti**	- Peress li l-bażi ta’ data ċentrali se titmexxa minn awtorità Ewropea (l-ESMA), din se tiżgura li d-data tiġi ppreżentata u aċċessata b’mod ġust u mhux sproporzjonat mill-awtoritajiet rilevanti u mill-parteċipanti fis-suq kollha.	- *M/A*
Miżuri meħuda biex jiġi żgurat fehim komuni tad-data **Jekk jogħġbok elenka dawn il-miżuri**	- Peress li l-bażi ta’ data ċentrali se titmexxa minn awtorità Ewropea (l-ESMA), din se tiżgura li l-format tad-data jiġi applikat b’mod universali għall-informazzjoni/għad-dokumenti kollha ppreżentati mill-awtoritajiet rilevanti u mill-parteċipanti fis-suq. Barra minn hekk, l-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata (b’mod partikolari għall-awtorizzazzjonijiet) hija stabbilita fil-	- *M/A*

	leġiżlazzjoni.	
Użu ta' speċifikazzjonijiet u standards tekniċi miftuħa maqbula b'mod komuni **Jekk jogħġbok elenka dawn il-miżuri**	- Peress li l-bażi ta' data ċentrali se titmexxa minn awtorità Ewropea (l-ESMA), din se tiżgura li l-format tad-data jiġi applikat b'mod universali għall-informazzjoni/għad-dokumenti kollha ppreżentati mill-awtoritajiet rilevanti u mill-parteċipanti fis-suq. Barra minn hekk, l-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata (b'mod partikolari għall-awtorizzazzjonijiet) hija stabbilita fil-leġiżlazzjoni.	- *M/A*

4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

Deskrizzjoni ta' livell għoli ta' miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

Deskrizzjoni tal-miżura	**Referenza/i għar-rekwiżit(i)**	**Rwol tal-Kummissjoni** (jekk applikabbli)	**Atturi li għandhom jiġu involuti** (jekk applikabbli)	**Kronoloġija mistennija** (jekk applikabbli)
Emendi tar-Regolament (UE) 2022/858 (Reġim pilota tad-DLT)				
L-ESMA għandha tippreżenta parir tekniku lill-Kummissjoni dwar l-appoġġ għall-interoperabbiltà bejn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT	Artikolu 15	Rieżami; Jinbdew aktar inizjattivi	ESMA	
L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida biex tistabbilixxi formoli, formati u	Artikolu 4a, 5a, 7a, 10a, 10c		ESMA	Skont l-iskadenzi speċifikati fl-Artikoli

mudelli standard għall-preżentazzjoni tat-talbiet skont l-Artikolu 4a, 5a, 7a, 10a, 10c				4a, 5a, 7a, 10a, 10c-CJ relatati
Emendi tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 (EMIR)				
L-ESMA għandha tiżviluppa standards tekniċi u/jew linji gwida skont l-Artikoli 5, 14, 17, 17a, 17b	Artikoli 5, 14, 17, 17a, 17b		ESMA	Skont l-iskadenzi speċifikati fl-Artikoli 5, 14, 17, 17a, 17b
Emendi tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (CSDR)				
L-ESMA għandha tiżviluppa standards tekniċi skont l-Artikoli 6, 9, 16, 17, 19a, 23, 48, 48b, 52	Artikoli 6, 9, 16, 17, 19a, 23, 48, 48b, 52		ESMA	Skont l-iskadenzi speċifikati fl-Artikoli 6, 9, 16, 17, 19a, 23, 48, 48b, 52
L-EBA għandha tiżviluppa standards tekniċi skont l-Artikolu 55	Artikolu 55		EBA	Skont l-iskadenza speċifikata fl-Artikolu 55

APPENDIĊI

Suppożizzjonijiet Ġenerali fir-rigward tal-FTE u l-kostijiet

Titolu I – Nefqa fuq il-Persunal

Is-suppożizzjonijiet speċifiċi li ġejjin ġew applikati fil-kalkolu tan-nefqa tal-persunal abbażi tal-ħtiġijiet tal-persunal identifikati spjegati hawn taħt:

- In-negozjati dwar il-pakkett jintemmu sa nofs l-2027 u jkun hemm sena sa sentejn sakemm il-leġiżlazzjoni tidħol fis-seħħ (għal xi regolamenti hija sena u għal atti oħra sentejn), li minnhom 6 xhur sa sena huma maħsuba għall-fażi preparatorja għal mandati ġodda. Matul din il-fażi, għandu jiġi reklutat persunal biex iħejji għal mandati ġodda. Huwa mistenni li 10 FTEs, flimkien ma' żewġ FTEs għal persunal ta' appoġġ ġenerali għal kull settur se jkunu meħtieġa għal din il-ħidma. Is-suppożizzjoni miżmuma hija li l-ESMA se jkollha ż-żmien biex tirrekluta FTEs addizzjonali sabiex ikunu operazzjonali mill-2028 sa nofs l-2028.
- Il-Bord Eżekuttiv se jiġi installat, sena wara d-dħul fis-seħħ, f'nofs l-2028 biex jibda jwitti t-triq għal superviżjoni diretta u jħejji arranġamenti ta' kooperazzjoni. Minn nofs l-2029 tibda s-superviżjoni diretta – sa din id-data għandu jinkiseb persunal komplut għan-negozjar u għal postnegozjar. Madankollu, il-persunal komplut għas-superviżjoni tal-forniturи ta' servizzi tal-kriptoassi għandu jinkiseb gradwalment sal-2031. Il-kost annwali standard miżmum (2025 attwali) għal Aġent Temporanju huwa ta' EUR 188 000, għal Aġent Kuntrattwali, huwa ta' EUR 101 000 u għal Espert Nazzjonali Sekondat huwa ta' EUR 103 000, li kollha jinkludu EUR 30 000 ta' kostijiet ta' "habillage".
- Il-koeffiċjent tal-korrezzjoni applikabbli għas-salarji tal-persunal f'Pariġi (l-ESMA) huwa ta' 114,2 (bażi tal-2025);
- Il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tal-impjegatur għall-Aġenti Temporanji u għall-Aġenti Kuntrattwali ma ġewx inklużi fl-istimi. Għal kompiti superviżorji diretti ffinanzjati permezz tat-tariffi, 100 % tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tal-impjegatur jiġu inklużi fit-tariffi imposti fuq l-entitajiet taħt superviżjoni. Għal kompiti superviżorji mhux diretti, li l-kost tagħhom jiġġarrab mill-UE u mill-NCAs, is-sehem tal-NCA ta' tali kontribuzzjonijiet, kif inhu l-każ issa, jitħallas mill-NCAs lill-ESMA (is-sehem tal-UE jiġġarrab direttament mill-baġit tal-Unjoni u ma jgħaddix mill-baġit tal-ESMA).
- Il-persunal ta' appoġġ ġenerali huma aġenti kuntrattwali, aġenti temporanji inkluż assistenti, u esperti nazzjonali sekondati.
- Mill-2027, ġiet applikata rata tal-inflazzjoni ta' 2 % fuq ir-rati standard tal-2025.

Titolu II – Nefqa infrastrutturali u operatorja

Il-kostijiet huma bbażati fuq il-multiplikazzjoni tal-għadd ta' persunal bil-proporzjon tas-sena impjegata bil-kost standard għall-"habillage", jiġifieri EUR 30 000 (li jkopru l-bini, l-appoġġ bażiku tal-IT, eċċ.). Tiġi applikata rata tal-inflazzjoni ta' 2 %.

Titolu III – Nefqa operazzjonali

Il-kostijiet jiġu stmati soġġetti għas-suppożizzjonijiet li ġejjin:

- Il-kostijiet tal-IT ta' darba stabbiliti fit-taqsima D huma preżunti li jiġu implimentati b'mod ugwali fuq sentejn (2028-2029 għall-Pjattaforma Superviżorja, is-sistema ta' sorveljanza tas-suq tas-CASP u l-bażi ta' data tal-fondi; 2030-2031 għad-data u għall-analitika ċentralizzati), filwaqt li jitqies iż-żmien meħtieġ għat-tħejjija, għall-ippjanar u għall-ikkuntrattar.
- Il-kostijiet tal-IT (żvilupp u manutenzjoni) huma bbażati fuq l-aħjar stimi tal-ispejjeż supplimentari marġinali li għandhom effettivament jiġġarrbu matul is-snin 2028 sa 2034 u allokati jew għal superviżjoni diretta jew għal attivitajiet superviżorji u għall-iskema ta' finanzjament rispettiva tagħhom.
- Bħala eċċezzjoni għall-iskema ta' finanzjament applikabbli,
- il-kostijiet tal-iżvilupp tal-IT li huwa marbut mas-superviżjoni diretta se jitħallsu mill-UE fl-istadju tal-iżvilupp u jiġu rkuprati matul il-5 snin sussegwenti permezz ta' tnaqqis tal-kontribuzzjoni tal-UE, u dan jikkorrispondi għall-kostijiet deprezzati tal-infrastruttura tal-IT għal ammont ta' EUR 12,2 miljun. Il-kostijiet annwali sussegwenti tal-manutenzjoni (u kwalunkwe żvilupp evoluzzjonarju) se jkunu ffinanzjati kompletament permezz tat-tariffi u se jiġġarrbu mill-2030.
- il-kost inizjali tal-iżvilupp tas-sistemi l-ġodda tal-IT li ma humiex marbuta mas-superviżjoni diretta, li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din il-proposta, se jitħallas 100 % mill-UE (sa EUR 18,1 miljun wara l-inflazzjoni). Minn hemm 'il quddiem, il-kostijiet tal-manutenzjoni u tal-iżvilupp evoluzzjonarju ta' dawn is-sistemi jiġġarrbu b'mod ugwali mill-UE u mill-NCAs.
- Mill-2027, ġiet applikata rata tal-inflazzjoni ta' 2 % fuq il-prezzijiet attwali tal-2025.
- L-ispejjeż tal-missjonijiet, l-ispejjeż tas-servizzi tal-komunikazzjoni u tal-laqgħat ġenerali huma inklużi bħala 1,25 % tan-nefqa tal-persunal (it-Titolu 1), abbażi tal-kostijiet effettivi mġarrba mill-ESMA. Dan jirriżulta fl-ispejjeż addizzjonali li ġejjin:

Miljuni ta' EUR	**2028**	**2029**	**2030**	**2031**	**2032**	**2033**	**2034**
Sehem tal-UE	0,008	0,027	0,027	0,028	0,028	0,029	0,029
Sehem tal-NCA	0,008	0,027	0,027	0,028	0,028	0,029	0,029
Tariffa ffinanzjata	0,094	0,611	0,737	0,885	0,902	0,920	0,939
Total	**0,110**	**0,664**	**0,792**	**0,940**	**0,959**	**0,978**	**0,997**

It-Titoli kollha – kofinanzjament

Il-kofinanzjament miżmum, mill-2028 'il quddiem, huwa kontribuzzjoni ta' 50 % mill-UE u 50 % mill-NCAs għall-attivitajiet supplimentari kollha introdotti minn din l-inizjattiva, li huma kofinanzjati mill-ESMA. Dawn ir-rati jvarjaw ftit mir-rati ta' 40 % u 60 %, rispettivament, li normalment jinżammu għall-kofinanzjament abbażi tal-Premessa 68 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi l-ESMA. Din il-modifika ma tinvolvi l-ebda bidla fir-rigward tal-mod kif jiġu kkalkulati l-kontribuzzjonijiet għall-attivitajiet introdotti qabel din l-inizjattiva li huma kofinanzjati mill-ESMA (dawn ikomplu jiġu ffinanzjati

permezz ta' kontribuzzjoni ta' 40 % mill-UE u 60 % mill-NCAs) u fir-rigward tal-mod kif isiru l-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri f'konformità mal-ippeżar tal-voti[51]. Ir-raġunament huwa li, fid-dawl tat-tisħiħ konsiderevoli tal-mandat tal-ESMA u n-natura dejjem akbar fl-Unjoni kollha tar-responsabbiltajiet superviżorji tagħha, il-finanzjament tal-attivitajiet tagħha għandu jirrifletti b'mod aktar preċiż l-interess tal-Unjoni moqdi mill-ħidma tagħha. It-tisħiħ tar-rwol tal-ESMA fl-iżgurar ta' superviżjoni konsistenti u effettiva fis-suq intern iwassal għal benefiċċji li jakkumulaw għall-ekonomija tal-Unjoni kollha kemm hi, u għalhekk huwa xieraq li sehem akbar tal-kostijiet assoċjati jiġġarrab mill-baġit tal-UE, filwaqt li tittaffa l-pressjoni fuq l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti filwaqt li jiġi ppreżervat arranġament ibbilanċjat u proporzjonat ta' kondiviżjoni tal-kostijiet. Dan l-aġġustament jappoġġa distribuzzjoni aktar ġusta tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, itejjeb il-prevedibbiltà baġitarja għall-Istati Membri, u jippromwovi qafas superviżorju effiċjenti u reżiljenti li kapaċi jiżgura l-funzjonament xieraq u l-integrazzjoni ulterjuri tas-swieq kapitali tal-Unjoni.

Suppożizzjonijiet Speċifiċi

Din l-inizjattiva leġiżlattiva se jkollha impatt fuq il-kostijiet imġarrba minħabba l-bidliet miġjuba (A) biex tissaħħaħ il-konverġenza superviżorja, (B) biex jiġu pprovduti setgħat superviżorji diretti lill-ESMA, (C) il-persunal ta' appoġġ ġenerali, (D) l-għodod tal-IT meħtieġa għal superviżjoni diretta u konverġenza superviżorja, (E) biex jiġi stabbilit Bord Eżekuttiv indipendenti ġdid. Fl-aħħar nett, ġew esplorati possibbiltajiet ta' riallokazzjoni u titjib fl-effiċjenza (F).

Ħarsa ġenerali lejn il-ħtiġijiet tal-persunal tal-ESMA b'ritmu kostanti (mill-2031):

	Superviżjoni diretta u attivitajiet ta' konverġenza relatati	**Konverġenza superviżorja oħra u DLT**	**Total**
	tariffa ffinanzjata	*kofinanzjament*	
Bord eżekuttiv	5		5
CCPs	47		47
CSDs	39		39
Ċentri tan-Negozjar	104		104
CASPs	158		158
Koordinazzjoni tal-immaniġġjar tal-Assi u Sorveljanza transfruntiera	15	15	30
Pilota tad-DLT		7	7

[51] Skont il-Premessa 68, l-ESMA għandha tiġi ffinanzjata b'mod xieraq u, tal-anqas inizjalment, għandha tiġi ffinanzjata 40 % mill-fondi tal-Unjoni u 60 % permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, magħmula f'konformità mal-ippeżar tal-voti stabbilita fl-Artikolu 3(3) tal-Protokoll (Nru 36) dwar id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali.

Konverġenza superviżorja		10	10
(*)	10	-10	-
Persunal ta' appoġġ ġenerali	76	4	80
Total	**454**	**26**	**480**

(*) 10 FTEs fid-dipartiment attwali tal-ESMA li jittrattaw il-konverġenza superviżorja jiġu ttrasferiti għall-attivitajiet iffinanzjati permezz tat-tariffi, u b'hekk jikkumpensaw 10 FTEs addizzjonali maħluqa minn dan il-pakkett għall-konverġenza superviżorja.

Barra minn hekk, min-naħa tal-Kummissjoni, hemm bżonn ta' riżorsa li takkumpanja r-responsabbiltajiet settorjali u orizzontali addizzjonali tal-ESMA. Sabiex jiġu żgurati sorveljanza, koordinazzjoni u infurzar effettivi tal-politika tal-qafas superviżorju l-ġdid, se jkunu meħtieġa erba' uffiċjali AD fi ħdan il-Kummissjoni. Kull uffiċjal isaħħaħ qasam ta' politika ewlieni affettwat mill-inizjattiva: il-finanzi diġitali, l-infrastruttura tas-suq, l-immaniġġjar tal-assi, u s-superviżjoni u l-konverġenza. Dan il-persunal se jkun responsabbli għall-monitoraġġ kontinwu tal-mandati estiżi tal-ESMA, għall-valutazzjoni tal-impatt ta' arranġamenti superviżorji ġodda, għall-iżgurar tal-koerenza tal-politika fis-setturi kollha, u għaż-żamma ta' involviment strutturat mal-ESMA, mal-NCAs, u mal-partijiet ikkonċernati. Minħabba l-firxa u l-profondità teknika tar-riformi, dan il-livell ta' persunal huwa meqjus bħala l-minimu meħtieġ biex jiġu żgurati l-kontinwità, is-segwitu f'waqtu, u l-allinjament effettiv tal-iżviluppi superviżorji u leġiżlattivi fil-qafas kollu tas-swieq kapitali.

A. Konverġenza superviżorja msaħħa

Fil-qasam tal-immaniġġjar tal-assi, l-ESMA tiżgura approċċ ikkoordinat għas-sorveljanza ta' gruppi transfruntieri kbar tal-immaniġġjar tal-assi permezz ta' mandat biex twettaq, flimkien mal-NCAs, rieżamijiet perjodiċi għall-grupp kollu tal-approċċ superviżorju għall-kumpaniji tal-immaniġġjar tal-assi, li għandhom irawmu superviżjoni konverġenti tal-NCA tal-attivitajiet tal-gruppi tal-immaniġġjar tal-assi. Dan potenzjalment jinkludi operazzjonijiet, immaniġġjar, monitoraġġ tar-riskju, jew l-istruttura korporattiva tal-akbar maniġers tal-assi. Lil hinn minn dawk ir-rieżamijiet perjodiċi ta' gruppi kbar ta' maniġers tal-assi, il-koordinazzjoni skont l-ESMA tinkludi l-monitoraġġ tar-riskji fuq bażi kontinwa, l-użu ta' dashboards derivati minn data superviżorja u indikaturi tar-riskju biex jiġu identifikati vulnerabbiltajiet emerġenti, u l-bidu ta' investigazzjonijiet minn timijiet konġunti, jekk ikun meħtieġ. Għal din is-sorveljanza, għandhom jintgħażlu sa 15 mill-akbar gruppi tal-immaniġġjar tal-assi transfruntieri. Għal kull grupp għandu jiġi ppjanat FTE wieħed. B'kollox, ikunu meħtieġa 15-il FTE. Dawn ikunu kofinanzjati mill-UE u mill-NCAs.

L-ESMA tkun involuta b'mod attiv fil-passaportar bla xkiel tal-fondi tal-UCITS u tal-AIFs billi tiċċentralizza n-notifiki, topera pjattaformi ta' kollaborazzjoni, u b'hekk tindirizza n-nuqqas ta' qbil tal-NCAs jew tittratta l-ilmenti tal-partijiet ikkonċernati. L-ESMA teżerċita setgħat vinkolanti ta' medjazzjoni. L-ESMA tikkoordina s-superviżjoni tas-suq uniku tal-UCITS u tal-AIFs permezz tal-istabbiliment ta' pjattaformi ta' kollaborazzjoni. L-ESMA għandha: (i) tistabbilixxi l-aġenda għal tali pjattaformi ta' kollaborazzjoni; (ii) tospita pjattaformi ta' kollaborazzjoni regolari, timmaniġġja l-flussi tax-xogħol, u taqsam informazzjoni rilevanti dwar għodda tal-IT iddedikata (pjattaforma tad-data, aċċessibbli għall-NCAs) għall-fondi tal-UCITS u tal-AIFs li joperaw fis-suq uniku; (iii) tibda pjattaformi ta'

kollaborazzjoni *ad hoc* ibbażati fuq ilmenti mill-NCAs, mill-parteċipanti fis-suq jew mill-konsumaturi; u (iv) tiffaċilita bejn l-NCAs fil-pjattaforma ta' kollaborazzjoni. Il-Bord Eżekuttiv u l-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA jkollhom rwoli importanti f'dan ir-rigward. Għal din is-sorveljanza transfruntiera, għandhom jiġu ppjanati 15-il FTE. Wara perjodu tranżizzjonali fl-2028 b'ħames FTEs iffinanzjati kompletament mill-UE biex tiġi stabbilita l-funzjoni, l-ESMA tkopri l-kost ta' dawn il-kompiti permezz ta' tariffi applikabbli għan-nefqa relatata mal-proċeduri ta' passaportar.

Il-proposta tipprevedi wkoll bidliet fl-għodod ta' konverġenza superviżorja orizzontali li jtejbu u jinċentivaw l-użu tagħhom, kif ukoll l-istabbiliment ta' oħrajn ġodda. Huwa mistenni li l-ESMA se tuża medjazzjoni vinkolanti, reviżjonijiet bejn il-pari u ksur tal-għodod tad-dritt tal-Unjoni aktar ta' spiss. Barra minn hekk, għodod ġodda li wrew l-effettività tagħhom fil-leġiżlazzjoni settorjali, bħall-pjattaformi ta' kollaborazzjoni, jiġu inklużi fis-sett ta' għodod superviżorji. Il-pjattaformi ta' kollaborazzjoni bi rwol b'saħħtu għall-ESMA, jiffaċilitaw il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji domiċiljari u dawk ospitanti għal attivitajiet transfruntieri sinifikanti. Għal dawn il-kompiti għandhom jiġu previsti 10 FTEs addizzjonali. Barra minn hekk, 10 FTEs eżistenti se jitmexxew internament għal attivitajiet ta' konverġenza relatati ma' superviżjoni diretta. Minn issa 'l quddiem dawn l-FTEs se jkunu ffinanzjati permezz tat-tariffi.

Ir-rwol ta' koordinazzjoni b'saħħtu tal-ESMA fir-Regolament Pilota tad-DLT ikompli, u se jirrikjedi aktar riżorsi, peress li l-livell limitu tal-Pilota jiżdied. Dan se jwassal biex aktar negozji jirreġistraw fir-Regolament Pilota u aktar xogħol għall-ESMA. Barra minn hekk, l-ESMA se tkun is-superviżur dirett għal mudell distribwit ġdid għas-saldu tal-istrumenti finanzjarji ("skema ta' saldu"). Għalhekk, iż-żewġ FTEs li bħalissa huma allokati fl-ESMA għandhom jissaħħu b'persunal addizzjonali, sabiex jilħqu total ta' seba' FTEs. Għalhekk hemm bżonn li jitkomplew iż-żewġ FTEs previsti għal dan il-qasam fil-kuntest tar-regolament pilota inizjali tad-DLT u għal ħames FTEs addizzjonali (iż-żewġ FTEs li l-ESMA ġiet allokata għall-perjodu mill-2022 sal-2026 biex timplimenta r-Regolament 2022/858 li jistabbilixxi r-reġim pilota tad-DLT[52] se jiġu estiżi sal-2027 u minn hemm 'il quddiem, mill-2028 l-ESMA se tiġi allokata ħames FTEs addizzjonali). Barra minn hekk, biex jiġu kofinanzjati ż-żewġ FTEs għall-Proġett Pilota tad-DLT fl-2027 skont l-istandard attwali 60:40 NCA:mudell ta' finanzjament tal-UE, l-ESMA se tiġi allokata EUR 149 376 tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni minbarra l-ipprogrammar finanzjarju għall-finanzjament tal-2027).

B. Setgħat superviżorji diretti

Bħala rimarka preliminari, ta' min ifakkar li l-entitajiet soġġetti għal superviżjoni diretta mill-ESMA jħallsu tariffi lill-ESMA (kostijiet ta' darba għar-reġistrazzjoni u kostijiet rikorrenti għas-superviżjoni kontinwa). Bħalissa dan huwa l-każ għal aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, għal repożitorji tat-tranżazzjonijiet, għal repożitorji tat-titolizzazzjoni, għal fornituri ta' servizzi ta' rapportar ta' data, eċċ.

Skont din il-proposta leġiżlattiva, l-ESMA se tkun inkarigata mis-superviżjoni diretta ta' CCPs transfruntieri kbar (sa madwar tmienja), CSDs (sa madwar 14) u ċentri tan-negozjar (madwar 10 gruppi li jfisser 150-200 ċentru tan-negozjar). Fir-rigward tal-CASPs, l-ESMA għandha tissorvelja l-CASPs kollha (sa 615) u ssir l-uniku superviżur ta' dan is-settur fl-UE.

[52] Ir-Regolament (UE) 2022/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 909/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE.

Aħna wettaqna analiżi biex niddeterminaw ir-rekwiżiti meħtieġa tal-persunal. Bgħatna kwestjonarji lill-NCAs, fejn staqsejna dwar l-FTEs iddedikati għas-superviżjoni ta' dawn is-setturi. L-għadd għal kull settur ippreżentati hawn taħt, huwa bbażat fuq il-kontribut riċevut mill-NCAs, li jiddependi wkoll fuq l-għarfien espert mill-ESMA u l-valutazzjonijiet proprji tal-Kummissjoni.

Ikkalkulajna li 104 kariga FTE fl-ESMA se jkunu meħtieġa biex tiġi żgurata superviżjoni effettiva tal-akbar gruppi ta' ċentri tan-negozjar transfruntier. Konsultazzjoni tal-NCAs fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-FTE għas-superviżjoni taċ-ċentri tan-negozjar indikat medja ta' madwar żewġ FTEs għal kull entità taħt superviżjoni fid-19-il NCA li pparteċipaw fl-istħarriġ. Huwa preżunt li dan l-għadd ta' persunal jirrifletti r-riżorsa medja meħtieġa fil-livell ta' kull operatur tas-suq. L-ambitu tal-proposta huwa mmirat lejn madwar 30-40 operatur, li jimmaniġġjaw l-akbar ċentri tan-negozjar fl-Unjoni (hemm bidliet kontinwi fis-suq li jagħmluha diffiċli li jkun hemm l-istima preċiża). Meta jitqies il-limitu superjuri tal-firxa proposta ta' operaturi fl-ambitu u filwaqt li jitqies il-fatt li l-ESMA se tirċievi kompetenzi ġodda rigward is-sorveljanza tal-konformità miċ-ċentri tan-negozjar mar-rekwiżiti organizzazzjonali li jappartjenu għas-sorveljanza tas-suq, din l-istima tiġi kkoreġuta 'l fuq għal 2,5 FTEs għal kull operatur tas-suq. Erba' FTEs huma meqjusa meħtieġa biex issir ħidma fuq il-konverġenza superviżorja f'dan il-qasam.

Iċ-ċentri tan-negozjar li jaqgħu taħt is-superviżjoni tal-ESMA ntgħażlu abbażi tal-ishma sostanzjali mis-suq tagħhom u, f'xi każijiet, id-dimensjoni tal-UE/transfruntiera, li jeħtieġu struttura superviżorja robusta. Peress li sa issa l-ESMA ma kellha l-ebda setgħa superviżorja fuq iċ-ċentri tan-negozjar, huwa essenzjali li tiġi stabbilita struttura ġdida biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv ta' dawn ir-responsabbiltajiet. Il-livell ta' persunal mitlub ta' 104 kariga FTE jitqies meħtieġ biex jiġi żgurat li l-ESMA tkun tista' twettaq b'mod adegwat id-dmirijiet superviżorji l-ġodda tagħha u żżomm l-istandards għoljin ta' sorveljanza mistennija minnha.

Fir-rigward tas-CCPs, l-ESMA tassumi r-responsabbiltà għas-superviżjoni diretta sa tmienja mis-CCPs l-aktar sinifikanti tal-UE. L-ESMA taġixxi bħala l-aħħar entità li tieħu d-deċiżjonijiet għal kwistjonijiet superviżorji, filwaqt li tiżgura l-konsistenza u l-konverġenza bejn il-ġuriżdizzjonijiet. Skont id-data li rċevejna, l-istima tagħna hija li s-superviżjoni diretta ta' CCP tkun teħtieġ, bħala medja, sitt FTEs. L-applikazzjoni ta' din l-istima għal tmien CCPs tirriżulta f'rekwiżit totali ta' 48 FTE. Meta jitqies li l-ESMA diġà twettaq ċerti kompiti relatati mas-CCP, b'mod partikolari fil-qasam tal-validazzjoni tal-mudell, jista' jinkiseb grad ta' effiċjenza, u l-istima tista' titnaqqas b'madwar 10 %. Erba' FTEs huma meqjusa meħtieġa biex issir ħidma fuq il-konverġenza superviżorja f'dan il-qasam. Konsegwentement, il-ħtieġa addizzjonali netta ta' persunal għas-superviżjoni tas-CCPs hija vvalutata għal madwar 47 FTE.

Fir-rigward tas-CSDs, l-ESMA tissorvelja direttament is-CSDs li jappartjenu għall-akbar gruppi Ewropej li flimkien jinkludu sa 14-il CSD. Għall-fini ta' din il-valutazzjoni, is-CSDs għandhom jiġu kklassifikati b'mod wiesa' skont l-importanza sistemika u l-iskala tal-attività tagħhom. Iż-żewġ CSDs internazzjonali huma mistennija li jeħtieġu involviment superviżorju aktar estensiv minn CSDs ta' daqs medju jew żgħar. Għaldaqstant, l-istima tar-riżorsi tqis il-ħtieġa għall-proporzjonalità bejn it-tipi differenti ta' istituzzjonijiet. Għalhekk huwa preżunt li s-superviżjoni tas-CSDs internazzjonali tkun teħtieġ madwar sitt FTEs, tliet FTEs tas-CSDs ta' daqs medju, u żewġ FTEs tas-CSDs iżgħar kull wieħed. Abbażi ta' dan, ir-riżorsi superviżorji totali meħtieġa għall-14-il CSD li jappartjenu għall-gruppi ewlenin tal-UE huma vvalutati għal madwar 41 FTE.

Minħabba s-sinerġiji mistennija li jirriżultaw mill-istruttura tal-grupp ta' dawn l-entitajiet, huwa raġonevoli li wieħed jistenna li dawn il-ħtiġijiet tal-FTE jistgħu jitnaqqsu b'madwar

kwart. Dan ipoġġi l-limitu inferjuri tal-istima għal madwar 31 FTE. Barra minn hekk, ikunu meħtieġa minn tliet sa erba' FTEs għall-kompiti ta' kooperazzjoni u ta' sorveljanza relatati mal-pjattaforma TARGET2-Securities. Erba' FTEs huma meqjusa meħtieġa biex issir ħidma fuq il-konverġenza superviżorja f'dan il-qasam. Meta jitqiesu dawn il-fatturi flimkien, ir-rekwiżit ġenerali tal-FTE għas-superviżjoni diretta tas-CSDs huwa stmat li jilħaq 39 FTE.

Il-kriptoassi huma qasam ġdid u l-NCAs qed jibnu biss il-kapaċità u l-għarfien tagħhom. Għalhekk, ma huwiex possibbli li wieħed jiddependi fuq il-prattika attwali. Għall-fini ta' din il-valutazzjoni, il-CASPs għandhom jiġu kklassifikati b'mod wiesa' skont l-importanza sistemika u l-iskala tal-attività tagħhom. Għalhekk, nistgħu niġbruhom bħala CASPs sinifikanti u mhux sinifikanti. Għal CASPs sinifikanti, ikun hemm 2,5 FTEs/CASPs, għal dawk mhux sinifikanti – ħames CASPs/FTEs. FTE wieħed jitqies meħtieġ biex issir ħidma fuq il-konverġenza superviżorja f'dan il-qasam. B'kollox ikun hemm 158 FTE għal madwar 600 CASP.

C. Persunal ta' appoġġ ġenerali

L-ispejjeż ġenerali f'termini ta' appoġġ għar-riżorsi fil-livell tal-aġenzija tal-ESMA jkopru r-Riżorsi Umani, il-Finanzi, id-Dipartiment Legali, l-Immaniġġjar tal-Faċilità, il-Koordinazzjoni u s-Sostenn tal-IT. Abbażi tas-sistema ta' Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività tal-ESMA, 30 % tar-riżorsi huma ddedikati għal servizzi orizzontali. Meta jitqies li l-ESMA, filwaqt li qed tikber, tista' tkompli tiżviluppa ekonomiji ta' skala, f'din id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva assumejna li l-ispejjeż ġenerali f'termini ta' riżorsi u appoġġ legali jirrappreżentaw 20 % tal-persunal totali.

D. Għodod tal-IT meħtieġa għas-superviżjoni diretta u l-konverġenza superviżorja

Kopertura tal-pjattaforma tad-data superviżorja tas-CCPs, tas-CSDs, tat-TV u għad-dežinjazzjoni u r-reġistrazzjoni tas-sistemi skont ir-Regolament dwar il-Finalità tas-Saldu (SFR, Settlement Finality Regulation)

Stima tal-kostijiet: EUR 8 miljun għall-iżvilupp u EUR 3,7 miljun għall-manutenzjoni annwali. Abbażi tal-użu proprju fil-mandati kollha ta' superviżjoni, il-pjattaforma tkopri sa 80 % tal-ħtiġijiet superviżorji diretti u sa 20 % ta' attivitajiet oħra permezz ta' funzjonalitajiet li jappoġġaw il-kollaborazzjoni u n-notifiki tad-dokumenti bejn l-awtoritajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Abbażi tal-approċċ ta' finanzjament adottat għall-iżvilupp tas-sistemi tal-IT, l-UE tiffinanzja 100 % tal-kost tal-iżvilupp. Minn hemm 'il quddiem, is-sehem tal-kost deprezzat applikabbli għal mandati ta' superviżjoni diretta jiġi rkuprat permezz tat-tariffi. Abbażi ta' kostijiet ibbażati fuq l-attività, il-kost tal-manutenzjoni (u tal-iżvilupp evoluzzjonarju) tas-sistema/i jinqasam bejn it-tariffi imposti fuq entitajiet taħt superviżjoni diretta minn naħa waħda u bejn l-UE u l-NCAs min-naħa l-oħra għal kompiti ta' superviżjoni mhux diretta (b'dik il-parti tal-kost tinqasam b'mod ugwali bejn l-UE u l-NCAs).

L-ESMA għandha diversi mandati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni biex tiżviluppa u żżomm bażijiet ta' data u għodod għall-preżentazzjoni, għall-iskambju u għall-aċċess għall-informazzjoni superviżorja. Sabiex jiġi żgurat li dawn is-sistemi jiġu żviluppati u miżmuma b'mod effiċjenti, biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-investimenti tal-IT, u biex jiġu żgurati l-preċiżjoni u l-interoperabbiltà tad-data, il-pjattaforma tad-data superviżorja għandha tintegra l-bażijiet ta' data superviżorji eżistenti tal-ESMA u l-għodod relatati fi ħdan arkitettura unika.

Għaldaqstant, il-pjattaforma superviżorja tal-ESMA, inizjalment imfassla biex tappoġġa l-kompiti superviżorji skont l-EMIR 3, għandha għalhekk tiġi estiża biex tinkludi l-ġbir u l-ġestjoni tad-data għas-sorveljanza superviżorja tas-CSDs, tas-CCPs u tat-TVs u biex tipprovdi l-kapaċitajiet addizzjonali meħtieġa għar-Regolament dwar il-Finalità tas-Saldu, filwaqt li tibni fuq din l-arkitettura teknika integrata. Il-Kummissjoni tistma li l-integrazzjoni tal-

ġestjoni tal-mandati ta' superviżjoni tal-ESMA fi ħdan pjattaforma unika tad-data superviżorja tippermetti soluzzjoni aktar effiċjenti u tirriżulta f'kost ġenerali aktar baxx meta mqabbel mal-iżvilupp ta' sistemi separati għall-mandati superviżorji l-ġodda individwalment.

Il-manutenzjoni għandha tkopri l-kost kollu tal-operat tal-pjattaforma, inkluż appoġġ ta' kwalità għolja lill-partijiet ikkonċernati kollha — persunal mill-ASE u minn istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni, awtoritajiet kompetenti u entitajiet taħt superviżjoni — kif ukoll operazzjonijiet tas-sistema u tas-sigurtà, manutenzjoni korrettiva, preventiva u adattiva bħal titjib obbligatorju fiċ-ċiklu tal-ħajja u fis-sigurtà u titjib funzjonali inkrementali. Għandha tinkludi wkoll l-infrastruttura meħtieġa biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-prestazzjoni kontinwi tal-pjattaforma, b'mod partikolari l-komputazzjoni u l-kapaċità ta' ħżin suffiċjenti meħtieġa għall-ġbir, għall-ipproċessar u għaż-żamma kemm ta' informazzjoni mhux strutturata (eż. dokumenti) kif ukoll ta' informazzjoni strutturata (eż. prudenzjali) użata għall-valutazzjonijiet tar-riskju superviżorji.

L-awtoritajiet u l-korpi kompetenti rilevanti kollha għandu jkollhom aċċess għal tali pjattaforma għall-informazzjoni pertinenti għall-kompiti u għar-responsabbiltajiet tagħhom. Bl-istess mod, l-entitajiet soġġetti għar-rekwiżiti tar-regolamenti korrispondenti għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumentazzjoni li jkunu ppreżentaw, u għal kwalunkwe informazzjoni u dokumentazzjoni indirizzata lilhom. Il-pjattaforma tad-data għandha tintuża għall-kondiviżjoni rapida u effiċjenti ta' kemm jista' jkun informazzjoni u dokumentazzjoni.

Reġistru ċentrali għas-sorveljanza tas-swieq tal-CASPs

Stima tal-kostijiet: EUR 4,2 miljun għall-iżvilupp u EUR 2,5 miljun għall-manutenzjoni annwali. Il-kostijiet tal-iżvilupp se jitħallsu mill-UE u jiġu rkuprati matul il-5 snin sussegwenti permezz ta' tnaqqis tal-kontribuzzjoni tal-UE, u dan jikkorrispondi għall-kostijiet deprezzati tal-infrastruttura tal-IT. Il-kostijiet annwali tal-manutenzjoni se jkunu ffinanzjati kompletament permezz tat-tariffi.

L-ESMA hija mistennija tiżviluppa u topera sistema ċentralizzata ta' data u ta' sorveljanza tas-suq għall-CASPs, filwaqt li tibni fuq il-ħidma li għaddejja fuq il-MIDAS (Sistema ta' Analiżi tad-Data dwar l-Integrità tas-Swieq). Is-sistema sservi bħala ċentru tad-data pan-UE għall-ġbir, għall-aggregazzjoni u għall-analiżi tad-data dwar it-tranżazzjonijiet u l-ordnijiet irrapportata mill-CASPs skont il-MiCA u atti ta' implimentazzjoni relatati. L-għan ewlieni tagħha jkun li ttejjeb l-integrità tas-suq, tidentifika l-abbuż tas-suq, u tappoġġa kemm is-superviżjoni diretta kif ukoll dik indiretta tas-swieq tal-kriptoassi.

Is-sistema tintegra l-flussi tad-data regolatorja u tas-suq miġbura direttament mill-CASPs, filwaqt li tiżgura aċċess konsistenti u armonizzat għad-data madwar l-UE, u tippermetti l-identifikazzjoni f'waqtha tar-riskji potenzjali. L-ESMA għandha topera bħala ċentru ċentrali ta' analitika u ta' monitoraġġ, responsabbli għal:

– Il-ġbir u l-istandardizzazzjoni tad-data mill-CASPs u mill-pjattaformi tan-negozjar madwar l-Istati Membri;

– It-tħaddim ta' analitika tad-data avvanzata u algoritmi ta' sorveljanza biex tiġi identifikata mġiba ta' negozjar suspettuża jew abbużiva, manipulazzjoni tal-prezzijiet, jew abbuż minn informazzjoni privileġġata;

– L-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet jew anomaliji potenzjali għall-investigazzjoni u għall-infurzar;

– Il-forniment ta’ għarfien aggregat biex tiġi appoġġata s-superviżjoni diretta tal-ESMA stess tal-CASPs u biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni ma’ awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Il-Kummissjoni tistma li s-sistema attwali żviluppata mill-ESMA għall-monitoraġġ tal-MiCA mill-NCAs se tiġi adattata għal mudell ċentralizzat, b’kostijiet proporzjonati għall-għadd ta’ CASPs li għandhom jiġu integrati fis-sistema.

Il-manutenzjoni għandha tkopri l-kost operazzjonali kollu tat-tħaddim tas-sistema, inkluż appoġġ ta’ kwalità għolja għall-partijiet ikkonċernati kollha — persunal mill-ASE u minn entitajiet oħra tal-Unjoni, awtoritajiet kompetenti, u entitajiet taħt superviżjoni — kif ukoll operazzjonijiet tas-sistema u tas-sigurtà u manutenzjoni korrettiva, preventiva u adattiva, bħal titjib obbligatorju fiċ-ċiklu tal-ħajja u fis-sigurtà u titjib inkrementali fil-kapaċità. Għandha tiffinanzja wkoll l-infrastruttura meħtieġa, inkluża kapaċità suffiċjenti ta’ kalkolu u ta’ ħżin għall-ġbir, għall-ipproċessar u għaż-żamma ta’ informazzjoni mhux strutturata (eż. dokumenti) u strutturata (eż. data prudenzjali) użata għall-valutazzjonijiet tar-riskju superviżorji. Għalhekk, is-sistema għandha tiżgura d-disponibbiltà kontinwa, l-integrità u s-sigurtà tad-data, u tappoġġa l-eżekuzzjoni effiċjenti tal-funzjonijiet superviżorji tal-ESMA.

Pjattaforma tad-data għan-notifiki transfruntieri tal-fondi u l-interazzjoni bejn l-NCAs domiċiljari u dawk ospitanti dwar kwistjonijiet transfruntieri

Stima tal-kostijiet: EUR 1 000 000 għall-iżvilupp u EUR 200 000 għall-manutenzjoni annwali. Il-kostijiet tal-iżvilupp se jitħallsu mill-UE u jiġu rkuprati matul il-5 snin sussegwenti permezz ta’ tnaqqis tal-kontribuzzjoni tal-UE, u dan jikkorrispondi għall-kostijiet deprezzati tal-infrastruttura tal-IT. Il-kostijiet annwali tal-manutenzjoni (u kwalunkwe kost tal-iżvilupp evoluzzjonarju) se jkunu ffinanzjati kompletament permezz tat-tariffi.

Dan il-kost jirrifletti aġġornament tar-reġistru eżistenti fis-sistema tal-ESAP, li bħalissa taħżen informazzjoni dwar attivitajiet ta’ fondi transfruntieri, sabiex tiġi inkluża informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex tiġi appoġġata l-kooperazzjoni superviżorja msaħħa skont l-oqfsa tal-AIFMD u tal-UCITS, filwaqt li jinżamm il-ġbir ta’ data permezz tal-NCAs. L-objettiv huwa li tiġi żviluppata sistema ta’ punt uniku ta’ servizz li tnaqqas il-ħtieġa għal skambji bilaterali multipli attwalment meħtieġa bejn l-awtoritajiet kompetenti domiċiljari u dawk ospitanti u l-partijiet ikkonċernati fil-kuntest tan-notifika tal-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-fondi. Din is-sistema se sservi bħala interfaċċa ċentrali għall-ESMA u għas-27 NCAs, filwaqt li tipprovdi mezz sigur għall-aċċess għad-dokumentazzjoni domiċiljari u ospitanti u l-komunikazzjoni ta’ passi proċedurali. Se tipprovdi fondi u maniġers b’punt uniku għal aċċess għall-informazzjoni għal attivitajiet transfruntieri b’mod aktar ġenerali. Biex twassal dawn il-kapaċitajiet, is-sistema trid taħżen u tipprovdi funzjonalitajiet ta’ preżentazzjoni għal dokumentazzjoni affidabbli, dejjem aġġornata u verifikata tal-kwalità, inklużi servizzi ta’ traduzzjoni awtomatizzata għad-dokumenti ppreżentati.

Il-pjattaforma tad-data trid tkun aġġornata l-ħin kollu sabiex l-informazzjoni tkun preċiża u affidabbli u tippermetti aċċess immedjat kemm għall-NCAs kif ukoll għall-partijiet ikkonċernati.

Il-funzjonalitajiet ewlenin jinkludu:

– l-interkonnettività bejn l-ESMA u s-27 NCA kollha, filwaqt li jiġi żgurat skambju sigur u f’waqtu tad-data,

– it-traduzzjoni awtomatika bil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, li tappoġġa l-użu direttfl-Istati Membri kollha,

– portal pubbliku għat-trasparenza,

– interfaċċi faċli għall-utent, kemm għal informazzjoni pubblika kif ukoll mhux pubblika biex tiġi kondiviża, aċċessata u rkuprata l-informazzjoni b'mod sigur u effiċjenti.

Data u analitika ċentralizzati

Stima tal-kostijiet: EUR 15-il miljun għall-iżvilupp u EUR 4 miljun għall-manutenzjoni annwali. L-UE tappoġġa 100 % tal-kostijiet tal-iżvilupp ta' dik il-pjattaforma matul l-2030 u l-2031. Għal dan, l-UE żżid il-kontribuzzjoni tagħha sabiex tkompli tiffinanzja dan l-iżvilupp, billi żżid ammont ta' EUR 8,2 miljun mal-ammont li jkun mistenni abbażi ta' kontribuzzjoni ta' 50 % lill-ESMA għal dak l-iżvilupp, u b'hekk tnaqqas il-kontribuzzjoni tal-NCAs bl-istess ammont. Il-manutenzjoni annwali (u kwalunkwe żvilupp evoluzzjonarju ulterjuri) tiġi kofinanzjata b'mod ugwali mill-UE u mill-NCAs.

Din l-inizjattiva se tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' għodod tat-teknoloġija superviżorja u għall-iskambju effiċjenti ta' informazzjoni fl-UE bħala parti minn strateġija komuni tal-Unjoni dwar id-data finanzjarja.

Il-finanzjament se jappoġġa t-titjib progressiv tas-sistemi ċentrali tal-ESMA biex jiġu pprovduti l-funzjonalitajiet elenkati hawn taħt li jkopru l-mandati rilevanti kollha skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni:

– jiġu pprovduti għodod komuni għall-analiżi u għas-superviżjoni tas-suq, f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti;

– tkun permessa l-kondiviżjoni f'waqtha tal-għarfien superviżorju mal-awtoritajiet kompetenti; u

– jiġu ffaċilitati l-aċċess u l-iskambju siguri u standardizzati tad-data fil-qafas superviżorju kollu tal-UE.

Dawn is-soluzzjonijiet komuni huma mistennija joħolqu effiċjenzi għall-awtoritajiet kompetenti u jappoġġaw prattiki superviżorji konsistenti fl-Unjoni.

Tabella fil-Qosor dwar il-ħtiġijiet tal-ICT ***(*)***

	Kostijiet ta' żvilupp ta' darba (2028–2029)	**Kostijiet ta' żvilupp ta' darba (2030–2031)**	**Manutenzjoni annwali (2030–2034)**	**Manutenzjoni annwali (2032–2034)**
	EUR	*EUR*	*EUR*	*EUR*
Kopertura tal-pjattaforma tad-data superviżorja tas-CCPs, tas-CSDs, tat-TV, tal-SFR	8 000 000		3 700 000	
Reġistru ċentrali għas-sorveljanza tas-suq tal-CASPs	4 200 000		2 500 000	
Pjattaforma tad-data għan-notifiki transfruntieri tal-fondi	1 000 000		200 000	
Data u analitika ċentralizzati		15 000 000		4 000 000

Total	**28 200 000**	**10 400 000**

(*) l-ammonti huma fi prezzijiet attwali tal-2025, qabel l-inflazzjoni

E. Bord Eżekuttiv Ġdid

Bord Eżekuttiv ġdid ikun magħmul mill-President tal-ESMA u ħames membri indipendenti full-time, b'kompożizzjoni diversa, li jġibu tipi differenti ta' għarfien espert superviżorju (eż. CCPs, CSD, ċentri tan-negozjar, maniġers/fondi tal-assi, prudenzjali, banek ċentrali, eċċ.). Dawn għandhom jiġu esperjenzati u għandhom jiġu rreklutati bħala aġenti temporanji AD ta' grad AD 14. Id-Direttur Eżekuttiv jiġi rreklutat bl-istess mod bħala aġent temporanju AD 14. Il-Bord Eżekuttiv ikun il-korp ewlieni tat-teħid tad-deċiżjonijiet għas-superviżjoni diretta u l-miżuri ta' konverġenza superviżorja li jkollhom fil-mira entitajiet individwali. Il-Bord Eżekuttiv jieħu f'idejh ukoll il-kompiti tal-Bord Maniġerjali attwali. Il-Bord Eżekuttiv se jkun operattiv minn nofs l-2028. Il-kompiti marbuta mas-superviżjoni diretta jiġu ffinanzjati permezz ta' tariffi, u l-kompiti marbuta mal-konverġenza superviżorja (sa 10 % tal-kompiti totali) jiġu kofinanzjati mill-baġit tal-Unjoni u mill-kontribuzzjonijiet tal-NCA.

F. Riallokazzjoni u titjib fl-effiċjenza

L-ambitu għar-riallokazzjoni huwa limitat, meta wieħed iqis in-natura u l-ambitu ta' din l-inizjattiva. Madankollu, it-titjib fl-effiċjenza ġie eżaminat bir-reqqa sabiex jiġu limitati l-kostijiet, kull fejn huwa possibbli. Pereżempju, kif huwa spjegat hawn fuq, l-ekonomiji ta' skala huma antiċipati sal-grad ta' persunal ta' appoġġ ġenerali addizzjonali meħtieġ.

Effiċjenza ewlenija hija li l-kapaċità attwali tal-ESMA li timponi tariffi tkun fil-biċċa l-kbira tagħha fdata biex jiġi indirizzat l-għadd akbar ta' entitajiet li jintalbu jħallsu tariffa. B'mod partikolari, ma huwa inkluż l-ebda żvilupp speċifiku tal-IT fir-rigward tal-ġestjoni tat-tariffi, peress li huwa mistenni li l-ESMA se tiddependi fuq is-sistemi attwali tal-IT tagħha biex tittratta l-ambitu estiż.

Sabiex ikomplu jitnaqqsu l-kostijiet imġarrba mill-ESMA, jistgħu jiġu impjegati għadd kbir ta' FTEs ġodda bħala Aġenti Kuntrattwali (Cas, Contract Agents), Assistenti (AST, Assistants) jew Esperti Nazzjonali Sekondati (SNEs, Seconded National Experts). Madankollu, l-għadd ta' SNEs ma għandux jiġi sopravalutat. L-ESMA tista' tiffaċċja diffikultajiet biex tirrekluta tali esperti minħabba l-kostijiet li dawn jirrappreżentaw għall-Istati Membri u għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Minbarra dawn id-diffikultajiet relatati mad-disponibbiltà tagħhom, fil-qasam tas-superviżjoni diretta, għandu jkun mistenni li dawn jipprovdu esperjenza essenzjali meta l-ESMA tibda dawk il-kompiti, iżda fuq żmien itwal lil hinn mill-fażi tal-bidu se jkun aktar importanti għall-ESMA li żżomm l-għarfien espert internament u tiddependi relattivament aktar fuq il-persunal tal-Aġenti Temporanji.

It-tabella li ġejja tipprevedi qasma indikattiva tal-persunal f'dawk il-kategoriji.

	Superviżjoni diretta u attivitajiet ta' konverġenza relatati	**Konverġenza superviżorja oħra u DLT**	**Persunal ta' appoġġ ġenerali**	**Total**

Aġenti Temporanji - Grad AD	194	14	40	**248**
Assistenti	35	2	8	**45**
Aġenti Kuntrattwali	112	5	25	**142**
Esperti Nazzjonali Sekondati	36	1	7	**45**
Total	**378**	**22**	**80**	**480**

Fl-istess ħin, jista' jkun mistenni xi tnaqqis fil-kostijiet fl-NCAs ladarba l-ESMA tieħu f'idejha ċerti kompiti superviżorji u l-NCAs inaqqsu jew jallokaw mill-ġdid il-kapaċità superviżorja.